ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 127

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 54

14 ta' Mejju 2011

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

2011/265/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2010 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra** ..... 1

**Dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni** ..... 4

**Ftehim ta' kummerċ ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra** ..... 6

**Protokoll dwar id-definizzjoni ta' "prodotti li joriġinaw" u metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva** 1344

**Protokoll assistenza amministrattiva reċiproka fi kwistjonijiet doganali** ..... 1415

**Protokoll dwar il-kooperazzjoni kulturali** ..... 1418

**Prezz: EUR 15**

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

14.5.2011 MT Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 127/1

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tas-16 ta' Settembru 2010**

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra**

(2011/265/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 91, 100(2), 167(3) u 207, flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fit-23 ta' April 2007 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tinnegozja Ftehim ta' Kummerċ Ħieles mar-Repubblika tal-Korea, minn issa 'l quddiem imsejħa "il-Korea", f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha.

(2) Dawn in-negozjati ġew konklużi u Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", ġie inizjalat fil-15 ta' Ottubru 2009.

(3) L-Artikolu 15.10.5 tal-Ftehim jipprevedi l-applikazzjoni provviżorja tiegħu.

(4) Il-Ftehim għandu jkun iffirmat f'isem l-Unjoni u applikat fuq bażi provviżorja, pendenti l-kompletament tal-proċeduri għall-konklużjoni tiegħu.

(5) Il-Ftehim ma jaffettwax id-drittijiet tal-investituri tal-Istati Membri tal-Unjoni milli jibbenefikaw minn kwalunkwe trattament aktar favorevoli previst fi kwalunkwe ftehim marbut mal-investiment li għalih Stat Membru u l-Korea huma parti.

(6) Skont l-Artikolu 218(7) tat-Trattat, huwa opportun li l-Kunsill jawtorizza lill-Kummissjoni biex tapprova ċerti modifiki limitati għall-Ftehim. Il-Kummissjoni għandha tkun awtorizzata ttemm l-intitolament tal-koproduzzjonijiet kif previst fl-Artikolu 5 tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni Kulturali dment li l-Kummissjoni ma tiddeterminax li l-intitolament għandu jissokta u dan jiġi approvat mill-Kunsill skont proċedura speċifika meħtieġa kemm minħabba n-natura sensittiva ta' dan l-element tal-Ftehim kif ukoll għall-fatt li l-Ftehim ser jiġi konkluż mill-Unjoni u mill-Istati Membri tagħha. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tkun awtorizzata tapprova modifiki li jridu jiġu adottati mill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi skont l-Artikolu 10.25 tal-Ftehim.

(7) Huwa opportun li jiġu stabbiliti l-proċeduri rilevanti għall-ħarsien tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi li jingħataw ħarsien skont il-Ftehim.

(8) L-Unjoni għandha tattiva l-proċeduri relatati mal-limitazzjonijiet dwar ir-rifużjoni, is-salvagwardja u r-riżoluzzjoni tat-tilwim kull meta l-kondizzjonijiet stabbiliti fid-dispożizzjonijiet rilevanti huma sodisfatti. Id-drittijiet tal-Unjoni previsti fl-Artikolu 14 (Rifużjoni ta' jew Eżenzjoni mid-Dazji tad-Dwana) tal-Protokoll Dwar id-Definizzjoni ta' 'Prodotti li Joriġinaw' u Metodi ta' Kooperazzjoni Amministrattiva tal-Ftehim għandhom ikunu eżerċitati skont id-dispożizzjonijiet rilevanti li jinsabu fir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jimplimenta l-klawsola ta' salvagwardja bilaterali tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-UE u l-Korea.

(9) L-applikazzjoni provviżorja prevista f'din id-Deċiżjoni ma tippreġudikax l-allokazzjoni tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha f'konformità mat-Trattati.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-iffirmar tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra, huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tal-Ftehim imsemmi.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar il-persuna(i) mogħtija l-poter li tiffirma/jiffirmaw il-Ftehim f'isem l-Unjoni soġġett għall-konklużjoni tiegħu.

*Artikolu 3*

1. Il-Ftehim għandu jiġi applikat fuq bażi provviżorja mill-Unjoni kif previst fl-Artikolu 15.10.5 tal-Ftehim, sakemm jitlestew il-proċeduri għall-konklużjoni tiegħu. Id-dispożizzjonijiet li ġejjin m'għandhomx ikunu applikati provviżorjament:

— l-Artikoli 10.54 sa 10.61 (infurzar kriminali tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali;

— l-Artikoli 4(3), 5(2), 6(1), 6(2), 6(4), 6(5), 8, 9 u 10 tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni Kulturali.

2. Sabiex jiddetermina d-data tal-applikazzjoni provviżorja il-Kunsill għandu jiffissa d-data sa liema n-notifika msemmija fl-Artikolu 15.10.5 tal-Ftehim għandha tintbagħat lill-Korea. Dik in-notifika għandha tinkludi referenzi għal dawk id-dispożizzjonijiet li ma jistgħux ikunu applikati provviżorjament.

Il-Kunsill għandu jikkoordina d-data effettiva tal-applikazzjoni provviżorja mad-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament propost tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-klawsola ta' salvagwardja bilaterali tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-UE u l-Korea.

3. Id-data minn meta l-Ftehim ser jiġi applikat provviżorjament ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

*Artikolu 4*

1. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Korea bil-ħsieb tal-Unjoni li ma testendix il-perijodu ta' intitolament ta' koproduzzjoni skont l-Artikolu 5 tal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni Kulturali skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 5(8) tiegħu dment li, fuq proposta mill-Kummissjoni, il-Kunsill, erba' xhur qabel tmiem dan il-perijodu ta' intitolament, ma jaqbilx li jissokta bl-intitolament. Jekk il-Kunsill jaqbel li jissokta b'dan l-intitolament, din id-dispożizzjoni għandha terġa' ssir applikabbli fi tmiem il-perijodu mġedded tal-intitolament. Għall-għan speċifiku biex jiddeċiedi dwar l-issoktar tal-perijodu ta' intitolament, il-Kunsill għandu jaġixxi b'unanimità.

2. Għall-finijiet tal-Artikolu 10.25 tal-Ftehim, il-modifiki tal-Ftehim permezz ta' deċiżjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi għandhom jiġu approvati mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni. Fejn il-partijiet interessati ma jistgħux jilħqu ftehim wara oġġezzjonijiet marbuta mal-Indikazzjoni Ġeografika, il-Kummissjoni għandha tadotta tali pożizzjoni abbażi tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal- 20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ([1]). Il-perijodu msemmi fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni ([2]) għandu jkun ta' xahar.

*Artikolu 5*

1. Isem protett taħt is-Subtaqsima C 'Indikazzjonijiet Ġeografiċi' tal-Kapitolu Għaxra tal-Ftehim jista' jintuża minn kwalunkwe operatur li jikkummerċjalizza prodotti agrikoli, prodotti tal-ikel, inbejjed, inbejjed aromatizzati jew spirti li jikkonformaw mal-ispeċifikazzjoni korrispondenti.

2. L-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom jinfurzaw il-protezzjoni prevista fl-Artikoli 10.18 sa 10.23 tal-Ftehim inkluż fuq it-talba ta' parti interessata.

*Artikolu 6*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni fil-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Kulturali dwar deċiżjonijiet li jkollhom effetti legali għandha tiġi ddeterminata mill-Kunsill li jaġixxi skont it-Trattat. Ir-rappreżentanti tal-Unjoni Ewropea fil-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Kulturali għandhom jinkludu uffiċjali għoljin mill-amministrazzjoni kemm tal-Kummissjoni kif ukoll tal-Istati Membri li għandhom għarfien espert u esperjenza f'affarijiet kulturali u prattiċi, u li għandhom jippreżentaw il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea skont it-Trattat.

*Artikolu 7*

Id-dispożizzjoni applikabbli għall-finijiet tal-adozzjoni tar-regoli ta' implimentazzjoni meħtieġa għall-applikazzjoni tar-regoli li jinsabu fl-Anness II(a) tal-Protokoll Dwar id-Definizzjoni ta' "Prodotti li Joriġinaw" u Metodi ta' Kooperazzjoni Amministrattiva tal-Ftehim hija l-Artikolu 247a tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità ([3]).

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.
([2]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.
([3]) ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

*Artikolu 8*

Il-Ftehim ma għandux jiġi interpretat bħala li jagħti xi drittijiet jew jimponi xi obbligi li jistgħu jiġu invokati direttament quddiem il-qrati u t-tribunali tal-Unjoni jew tal-Istati Membri.

*Artikolu 9*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Settembru 2010.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
S. VANACKERE

## Dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni

### 1. Dikjarazzjoni dwar ir-regoli tal-oriġini

Il-Kummissjoni tikkonferma n-natura eċċezzjonali tad-derogi għal xi prodotti tessili u s-surimi li jinsabu fil-Protokoll tal-Oriġini. Il-Kummissjoni tikkonferma wkoll l-impenn tagħha għar-regoli ta' oriġini preferenzjali standard tal-UE bħala l-bażi għal negozjati ta' FTA oħrajn, u l-importanza li tkompli tirrikjedi fir-regoli ta' oriġini tagħha livell adegwat ta' trasformazzjoni u proċessar fil-pajjiż ta' oriġini ta' prodotti biex jibbenefikaw minn trattament preferenzjali.

F'negozjati FTA attwali u futuri, il-Kummissjoni bi ħsiebha tiffavorixxi l-projbizzjoni ta' rifużjoni tad-dazju. Kwalunkwe bdil għal din il-politika f'xi FTA partikolari jkollu jkun preċedut minn diskussjoni mal-Istati Membri.

### 2. Dikjarazzjoni dwar il-prezzijiet tad-dħul

Il-Kummissjoni tikkonferma n-natura eċċezzjonali tad-dispożizzjonijiet fl-FTA li jeliminaw il-prezzijiet tad-dħul għal ċerti frott u ħxejjex, li kienu maqbula mal-Korea fil-perspettiva taċ-ċirkostanzi speċjali ta' dawk in-negozjati u ma jirrappreżentawx preċedent għal negozjati bilaterali jew multilaterali oħrajn.

### 3. Dikjarazzjoni dwar il-protokoll dwar il-kooperazzjoni kulturali

Il-Kummissjoni tindika li hija tibqa' turi impenn kbir għall-prinċipji u d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tal-Unesco tal-2005 dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjoni Kulturali. Il-protokoll dwar il-kooperazzjoni kulturali, anness għall-ftehim ta' kummerċ ħieles mal-Korea, u li d-dispożizzjonijiet tiegħu fil-qasam tal-koproduzzjoni awdjoviżiva ser ikunu fis-seħħ għal perijodu inizjali ta' tliet snin, jitqiegħed direttament taħt l-awspiċi ta' dik il-Konvenzjoni, u huwa mingħajr preġudizzju għall-politika tal-UE li n-negozjati kummerċjali dwar is-servizzi kulturali u awdjoviżivi m'għandhomx jaffettwaw id-diversità kulturali u lingwistika tal-Unjoni.

Il-protokoll tfassal u ġie nnegozjat b'referenza għall-politika kulturali speċifika tal-Korea, b'mod partikolari l-appoġġ tagħha għas-settur awdjoviżiv. Għaldaqstant huwa ma jistax jittieħed bħala preċedent fin-negozjati futuri ma' msieħba oħrajn.

Il-Kummissjoni tirriafferma l-impenn tagħha li tippromwovi r-ratifika u l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Unesco u li tistabbilixxi strateġija komprensiva tal-UE dwar il-politika kulturali esterna, f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Novembru 2008.

### 4. Dikjarazzjoni dwar l-Implimentazzjoni tal-FTA

Il-Kummissjoni hija impenjata li tattiva l-proċeduri relatati mal-limitazzjonijiet dwar ir-rifużjoni tad-dazju, is-salvagwardja u s-soluzzjoni tat-tilwim kull meta l-kondizzjonijiet stabbiliti fid-dispożizzjonijiet rilevanti jkunu sodisfatti.

Sabiex jiġi żgurat monitoraġġ mill-qrib tal-impenji Koreani u l-kooperazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-FTA bejn il-Kummissjoni u l-partijiet interessati, għandhom jittieħdu l-passi li ġejjin:

— Il-Kummissjoni ser tikkondividi b'mod regolari mal-impriżi tal-UE, l-Istati Membri u l-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (INTA) statistika dwar l-importazzjonijiet Koreani f'setturi sensittivi, kif ukoll l-istatistika dwar l-importazzjoni u l-esportazzjoni li tkun rilevanti għall-invokazzjoni tal-klawsola ta' salvagwardja u l-klawsola speċjali dwar ir-rifużjoni tad-dazju. Statistika rilevanti għall-karozzi, il-prodotti ta' elettronika għall-konsumatur u t-tessili għandha tkun kondiviża fuq bażi ta' darbtejn fix-xahar, u tibda mid-data tal-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-ftehim.

— Sabiex jiġi ffaċilitat il-kontribut għat-tħejjija tal-laqgħat relatati mal-FTA, il-Kummissjoni kmieni matul is-sena ser tiċċirkola lill-partijiet interessati, lill-Istati Membri u lill-Kumitat INTA, aġenda tentattiva tal-laqgħat relatati mal-FTA.

— Il-Kummissjoni ser tqis bir-reqqa kwalunkwe informazzjoni sostanzjata pprovduta mill-impriżi tal-UE rigward l-ostakoli għall-aċċess għas-suq. Hija ser tiddiskuti tali informazzjoni mal-impriżi u ser iżżommhom informati dwar is-segwitu li jsir għall-ilmenti dwar l-aċċess għas-suq. Għal dan l-għan għandu jsir użu tal-fora differenti li diġà huma stabbiliti skont l-istrateġija dwar l-aċċess għas-suq kemm fi Brussell kif ukoll f'Seoul.

Bil-ħsieb li tiġi żgurata l-implimentazzjoni tajba tal-Kapitolu dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli, għandu jinħoloq Grupp Konsultattiv Domestiku. Dan il-grupp ser jinkludi rappreżentanza indaqs ta' impriżi, trade unions u l-organizzazzjonijiet non-governattivi. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali għandu jkun ukoll rappreżentat adegwatament. Id-dettalji partikolari għall-funzjonament tal-grupp ser ikunu maqbula mal-partijiet interessati kkonċernati.

5. **Dikjarazzjoni dwar dispożizzjonijiet speċjali dwar il-kooperazzjoni amministrattiva**

Il-Kummissjoni tikkonferma n-natura eċċezzjonali tal-formulazzjoni ta' kompromess tal-Artikolu 2.17 'Dispożizzjonijiet speċjali dwar il-kooperazzjoni amministrattiva' li ma tirrappreżentax preċedent għal negozjati bilaterali jew multilaterali oħrajn.

F'negozjati attwali u futuri dwar l-FTA, il-Kummissjoni bi ħsiebha tiffavorixxi dispożizzjonijiet kontra l-frodi mmirati għall-infurzar tal-applikazzjoni korretta tal-preferenzi tariffarji mill-pajjiż imsieħeb, billi tipprevedi s-sospensjoni possibbli tal-preferenzi kummerċjali f'każ ta' nonkooperazzjoni u/jew frodi/irregolarità.

L 127/6 MT Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea 14.5.2011

# FTEHIM TA' KUMMERĊ ĦIELES

## bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

IR-REPUBBLIKA TAL-UNGERIJA,

MALTA,

IR-RENJU TAL-OLANDA,

IR-REPUBBLIKA TAL-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-RUMANIJA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TAL-ISVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ,

Partijiet Kontraenti għat-Trattat dwar Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea minn hawn 'il quddiem "l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea",

u

L-UNJONI EWROPEA,

min-naħa waħda, u

IR-REPUBBLIKA TAL-KOREA, minn hawn 'il quddiem 'il-Korea',

min-naħa l-oħra,

WAQT LI JIRRIKONOXXU s-sħubija antika u b'saħħitha ta' bejniethom ibbażata fuq il-prinċipji u l-valuri komuni riflessi fil-Ftehim Qafas;

XEWQANA li jsaħħu aktar ir-relazzjoni ekonomika mill-qrib ta' bejniethom bħala parti minn, u b'mod koerenti mar-relazzjonijiet ġenerali tagħhom, u konvinti li dan il-Ftehim se joħloq klima ġdida għall-iżvilupp tal-kummerċ u l-investiment bejn il-Partijiet;

KONVINTI li dan il-Ftehim se joħloq suq akbar u sikur għall-prodotti u s-servizzi u ambjent stabbli u prevedibbli għall-investiment, u b'hekk iżid il-kompetittività tal-kumpaniji tagħhom fis-swieq globali;

WAQT LI JAFFERMAW MILL-ĠDID l-impenn tagħhom lejn il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti ffirmata f'San Francisco fis-26 ta' Ġunju 1945 u d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fl-10 ta' Diċembru 1948;

WAQT LI JAFFERMAW MILL-ĠDID l-impenn tagħhom favur żvilupp sostenibbli u konvinti mill-kontribut tal-kummerċ internazzjonali għall-iżvilupp sostenibbli fid-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali tiegħu, li jinkludu l-iżvilupp ekonomiku, it-tnaqqis tal-faqar, impjieg sħiħ u xogħol diċenti għal kulħadd kif ukoll il-ħarsien u l-preżervazzjoni tal-ambjent u r-riżorsi naturali;

WAQT LI JIRRIKONOXXU d-dritt tal-Partijiet li jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jilħqu l-miri leġittimi tal-politika pubblika abbażi tal-livell ta' protezzjoni li huma jqisu bħala xierqa, bil-kundizzjoni li tali miżuri ma jikkostitwux mezz ta' diskriminazzjoni mhux ġustifikata jew restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ internazzjonali, kif rifless f'dan il-Ftehim;

DEĊIŻI li jippromwovu t-trasparenza fir-rigward tal-partijiet kollha interessati, inklużi s-settur privat u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;

XEWQANA li jgħollu l-istandards tal-għajxien, jippromwovu t-tkabbir u l-istabilità ekonomika, joħolqu opportunitajiet ġodda ta' impjieg u jtejbu l-benesseri ġenerali billi jilliberalizzaw u jespandu l-kummerċ u l-investiment reċiproku;

WAQT LI JFITTXU illi jistabbilixxu regoli ċari u vantaġġużi għaż-żewġ naħat li jirregolaw il-kummerċ u l-investiment tagħhom u jeliminaw l-ostakoli għall-kummerċ u l-investiment reċiproku;

DEĊIŻI li jikkontribwixxu għall-iżvilupp u l-espansjoni armonjuża tal-kummerċ dinji billi jneħħu l-ostakoli għall-kummerċ permezz ta' dan il-Ftehim u jevitaw illi joħolqu ostakoli ġodda għall-kummerċ u l-investiment bejn it-territorji tagħhom li jistgħu jnaqqsu l-benefiċċji ta' dan il-Ftehim;

XEWQANA li jsaħħu l-iżvilupp u l-infurzar tal-liġijiet u l-politiki dwar ix-xogħol u l-ambjent, li jippromwovu d-drittijiet bażiċi tal-ħaddiema u l-iżvilupp sostenibbli u li jimplimentaw dan il-Ftehim b'mod konsistenti ma' dawn il-miri; u

WAQT LI JIBNU fuq id-drittijiet u l-obbligi rispettivi tagħhom taħt il-Ftehim ta' Marrakexx li Jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, li sar fil-15 ta' April 1994 (minn hawn 'il quddiem il-"Ftehim dwar id-WTO" u ftehimiet u arranġamenti multilaterali, reġjonali u bilaterali oħra li tagħhom huma parti;

QABLU KIF ĠEJ:

L-EWWEL KAPITOLU

**GĦANIJIET U DEFINIZZJONIJIET ĠENERALI**

*Artikolu 1.1*

**Għanijiet**

1. Il-Partijiet b'dan jistabbilixxu żona ta' kummerċ ħieles dwar prodotti, servizzi, l-istabbiliment u regoli assoċjati skont dan il-Ftehim.

2. L-għanijiet ta' dan il-Ftehim huma:

(a) li jilliberalizza u jiffaċilita l-kummerċ fi prodotti bejn il-Partijiet, b'mod konformi mal-Artikolu XXIV tal-*Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ 1994* (minn hawn 'il quddiem "GATT 1994");

(b) li jilliberalizza l-kummerċ fis-servizzi u l-investiment bejn il-Partijiet, b'mod konformi mal-Artikolu V tal-*Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi* (minn hawn 'il quddiem "GATS");

(c) li jippromwovi l-kompetizzjoni fl-ekonomiji tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tar-relazzjonijiet ekonomiċi bejn il-Partijiet;

(d) li jilliberalizza aktar, fuq bażi reċiproka, is-swieq tal-akkwisti governattivi tal-Partijiet;

(e) li jipproteġi b'mod adegwat u effettiv id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali;

(f) li jikkontribwixxi, billi jneħħi l-ostakoli għall-kummerċ u billi jiżviluppa ambjent li jwassal għal żieda fil-flussi ta' investiment, għall-iżvilupp u l-espansjoni armonjuża tal-kummerċ dinji;

(g) li jkun impenjat, fl-għarfien li l-iżvilupp sostenibbli huwa għan komprensiv, lejn l-iżvilupp tal-kummerċ internazzjonali b'mod li jikkontribwixxi għall-għan tal-iżvilupp sostenibbli u jaħdem sabiex jassigura li dan l-għan ikun integrat u rifless f'kull livell tar-relazzjoni kummerċjali tal-Partijiet; u

(h) li jippromwovi l-investiment barrani dirett mingħajr ma jbaxxi jew inaqqas l-istandards ambjentali, tax-xogħol, tas-SAħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, fl-applikazzjoni u l-infurzar tal-liġijiet ambjentali u dwar ix-xogħol, tal-Partijiet.

*Artikolu 1.2*

**Definizzjonijiet Ġenerali**

F'dan il-Ftehim, ir-referenzi għal:

il-Partijiet ifissru, min-naħa waħda, l-Unjoni Ewropea jew l-Istati Membri tagħha jew l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha fl-oqsma ta' kompetenza rispettivi tagħhom kif derivati mit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem il-"Parti tal-UE), u min-naħa l-oħra, il-Korea;

il-Ftehim Qafas ifisser il-Ftehim Qafas dwar Kummerċ u Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra, iffirmat il-Lussemburgu fit-28 ta' Ottubru 1996 jew kwalunkwe ftehim li jaġġornah, jemendah jew jissostitwih; u

il-Ftehim Doganali jfisser il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Korea dwar il-Kooperazzjoni u l-Assistenza Amministrattiva Reċiproka fi Kwistjonijiet Doganali, iffirmat fi Brussell fl-10 ta' April 1997.

KAPITOLU TNEJN

**IT-TRATTAMENT NAZZJONALI U L-AĊĊESS TAS-SUQ GĦALL-PRODOTTI**

TAQSIMA A

***Dispożizzjonijiet ġenerali***

*Artikolu 2.1*

**L-Għan**

Il-Partijiet għandhom, b'mod progressiv u reċiproku, jilliberalizzaw il-kummerċ fi prodotti fuq perjodu tranżitorju li jibda mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, skont dan il-Ftehim u f'konformità mal-Artikolu XXIV tal-GATT 1994.

*Artikolu 2.2*

**L-Ambitu u l-Kopertura**

Dan il-Kapitolu għandu japplika għall-kummerċ fi prodotti ([1]) bejn il-Partijiet.

*Artikolu 2.3*

**Id-Dazju Doganali**

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, dazju doganali jinkludi kwalunkwe dazju jew ħlas ta' kwalunkwe tip impost fuq, jew marbut, mal-importazzjoni ta' prodott, fosthom kwalunkwe forma ta' soprataxxa jew ħlas addizzjonali imposti fuq, jew marbuta, ma' tali importazzjoni ([2]) Dazju doganali ma jinkludi l-ebda:

(a) ħlas ekwivalenti għal taxxa interna imposta b'mod konsistenti mal-Artikolu 2.8 fir-rigward tal-prodott domestiku simili jew fir-rigward ta' artikolu li minnu l-prodott impurtat ġie mmanifatturat jew prodott b'mod sħiħ jew parzjali;

(b) dazju impost skont il-liġi ta' Parti b'mod konsistenti mal-Kapitolu Tlieta (Rimedji Kummerċjali);

(c) tariffa jew ħlas ieħor imposti skont il-liġi ta' Parti b'mod konsistenti mal-Artikolu 2.10; jew

([1]) Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, prodotti jfissru prodotti kif mifhuma fil-GATT 1994 sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor f'dan il-Ftehim.

([2]) Il-Partijiet jifhmu li din id-definizzjoni hija mingħajr preġudizzju għat-trattament li l-Partijiet, bi qbil mal-Ftehim tad-WTO, jistgħu jagħtu lill-kummerċ li jsir fuq bażi tal-pajjiż l-aktar favorit.

(d) dazju impost skont il-liġi ta' Parti b'mod konsistenti mal-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura, li jinsab fl-Anness 1A għall-Ftehim tad-WTO (minn hawn 'il quddiem il-"Ftehim dwar l-Agrikoltura").

*Artikolu 2.4*

**Il-Klassifikazzjoni tal-Prodotti**

Il-klassifikazzjoni tal-prodotti fil-kummerċ bejn il-Partijiet għandha tkun dik stipulata fin-nomenklatura tat-tariffi rispettiva ta' kull Parti, interpretata f'konformità mas-Sistema Armonizzata tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-Sistema Armonizzata ta' Deskrizzjoni u Kodifikazzjoni tal-Merkanzija, magħmula fi Brussell fl-14 ta' Ġunju 1983 (minn hawn 'il quddiem l-"HS").

TAQSIMA B

***It-tneħħija tad-dazji doganali***

*Artikolu 2.5*

**It-Tneħħija tad-Dazji Doganali**

1. Ħlief kif ipprovdut mod ieħor f'dan il-Ftehim, kull Parti għandha tneħħi d-dazji doganali fuq il-prodotti li joriġinaw mill-Parti l-oħra skont l-Iskeda inkluża fl-Anness 2-A.

2. Għal kull prodott, ir-rata bażi tad-dazji doganali, li għaliha għandu jiġi applikat it-tnaqqis suċċessiv skont il-paragrafu 1, għandha tkun dik speċifikata fl-Iskedi inklużi fl-Anness 2-A.

3. Jekk f'xi mument, Parti tnaqqas ir-rata tad-dazju doganali tal-pajjiż l-aktar favorit (minn issa "MFN") li hija tapplika wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, dik ir-rata tad-dazju għandha tapplika għall-kummerċ kopert minn dan il-Ftehim jekk u sakemm dan ikun iżjed baxx mid-dazju doganali kkalkulat skont l-Iskeda inkluża fl-Anness 2-A.

4. Tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, fuq talba ta' xi waħda mill-Partijiet, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw sabiex jikkunsidraw l-aċċellerazzjoni u t-twessigħ tal-ambitu tat-tneħħija tad-dazji doganali fuq l-importazzjonijiet bejniethom. Deċiżjoni mill-Partijiet fil-Kumitat għall-Kummerċ, wara tali konsultazzjonijiet, dwar l-aċċellerazzjoni jew it-twessigħ tal-ambitu tat-tneħħija ta' dazju doganali fuq prodott għandha tissostitwixxi kwalunkwe rata tad-dazju jew kategorija tal-fażi determinata skont l-Iskedi tagħhom inklużi fl-Anness 2-A għal dak il-prodott.

*Artikolu 2.6*

**Waqfien**

Ħlief kif ipprovdut mod ieħor f'dan il-Ftehim, inkluż kif stipulat b'mod espliċitu fl-Iskeda ta' kull Parti inkluża fl-Anness 2-A, l-ebda Parti ma tista' żżid xi dazju doganali eżistenti, jew jadotta xi dazju doganali ġdid, fuq prodott li joriġina mill-Parti l-oħra. Dan m'għandux jeskludi li xi waħda mill-Partijiet tista' tgħolli dazju doganali għal-livell stabbilit fl-Iskeda tagħha inkluża fl-Anness 2-A wara tnaqqis unilaterali.

*Artikolu 2.7*

**L-Amministrazzjoni u l-Implimentazzjoni tal-Kwoti tar-Rata Tariffarja**

1. Kull Parti għandha tamministra u timplimenta l-kwoti tar-rata tariffarja (minn hawn 'il quddiem "TRQs") speċifikati fl-Anness 2-A-1 tal-Iskeda tagħha inkluża fl-Anness 2-A skont l-Artikolu XIII tal-GATT 1994, inklużi n-noti interpretattivi tiegħu u l-*Ftehim dwar il-Proċeduri għal-Liċenzjar tal-Importazzjonijiet*, li jinsab fl-Anness 1A għall-Ftehim tad-WTO.

2. Kull Parti għandha tassigura li:

(a) il-proċeduri tagħha għall-amministrazzjoni tat-TRQs tagħha jkunu trasparenti, magħmula disponibbli għall-pubbliku, f'waqthom, mhux diskriminatorji, jirrispondu għall-kundizzjonijiet tas-suq, ta' piż minimu għall-kummerċ, u jirriflettu l-preferenzi tal-utent finali;

(b) kwalunkwe persuna li tissodisfa r-rekwiżiti legali u amministrattivi tal-Parti importatriċi għandha tkun eliġibbli biex tapplika u tkun ikkunsidrata għal allokazzjoni ta' TRQ mill-Parti. Sakemm il-Partijiet ma jiftehmux mod ieħor b'deċiżjoni tal-Kumitat dwar il-Kummerċ fi Prodotti, kwalunkwe proċessur, bejjiegħ bl-imnut, ristorant, lukanda, distributur jew istituzzjoni ta' servizz tal-ikel, jew kwalunkwe persuna oħra hija eliġibbli biex tapplika għal, u tkun ikkunsidrata sabiex tirċievi, allokazzjoni ta' TRQ. Kwalunkwe tariffi imposti għal servizzi relatati ma' applikazzjoni għal allokazzjoni ta' TRQ għandhom ikunu limitati għall-prezz attwali tas-servizzi mogħtija;

(c) ħlief kif speċifikat fl-Appendiċi 2-A-1 tal-Iskeda inkluża fl-Anness 2-A, hija ma talloka l-ebda porzjon ta' TRQ lil grupp produttur, ma tikkundizzjonax l-aċċess għal allokazzjoni ta' TRQ fuq ix-xiri ta' produzzjoni domestika, jew ma tillimitax l-aċċess għal allokazzjoni ta' TRQ għall-proċessuri; u

(d) hija talloka t-TRQs fi kwantitajiet ta' konsenja kummerċjalment vijabbli u, safejn huwa l-aktar possibbli, fl-ammonti li jitolbu l-importaturi. Ħlief kif stipulat mod ieħor fid-dispożizzjonijiet għal kull TRQ u l-linja ta' tariffi applikabbli fl-Appendiċi 2-A-1 tal-Iskeda ta' Parti inkluża fl-Anness 2-A, kull allokazzjoni ta' TRQ għandha tkun valida għal kwalunkwe oġġett jew taħlita ta' oġġetti li jkunu suġġetti għal TRQ partikolari, irrispettivament mill-ispeċifikazzjoni jew grad tal-oġġett jew tat-taħlita, u m'għandhiex tkun kundizzjonata fuq l-użu finali maħsub jew id-daqs tal-pakkett tal-oġġett jew tat-taħlita ta' oġġetti.

3. Kull Parti għandha tidentifika l-entitajiet responsabbli sabiex jamministraw it-TRQs tagħha.

4. Kull Parti għandha tagħmel kull sforz sabiex tamministra t-TRQs tagħha b'mod li jippermetti lill-importaturi li jutilizzaw b'mod sħiħ il-kwantitajiet tat-TRQs.

5. L-ebda Parti ma tista' tikkundizzjona l-applikazzjoni għal, jew l-użu ta', l-allokazzjonijiet ta' TRQs fuq l-esportazzjoni mill-ġdid ta' prodott.

6. Fuq talba bil-miktub ta' xi waħda mill-Partijiet, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw rigward l-amministrazzjoni tat-TRQs min-naħa ta' Parti.

7. Ħlief kif ipprovdut mod ieħor fl-Appendiċi 2-A-1 tal-Iskeda tagħha inkluża fl-Anness 2-A, kull Parti għandha tagħmel il-kwantità sħiħa tat-TRQ stabbilita f'dak l-Appendiċi disponibbli għall-applikanti, bil-bidu jkun mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim matul l-ewwel sena, u fl-anniversarju tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim ta' kull sena wara. Matul il-kors ta' kull sena, l-awtorità amministrattiva tal-Parti importatriċi għandha tippubblika, mingħajr dewmien fuq is-sit magħżul tagħha disponibbli pubblikament fuq l-Internet, ir-rati tal-użu u l-kwantitajiet li jifdal disponibbli għal kull TRQ.

TAQSIMA C

***Miżuri mhux tariffarji***

*Artikolu 2.8*

**It-Trattament Nazzjonali**

Kull Parti għandha tagħti trattament nazzjonali lill-prodotti tal-Parti l-oħra skont l-Artikolu III tal-GATT 1994, inklużi n-noti interpretattivi tiegħu. Għal dan il-għan, l-Artikolu III tal-GATT 1994 u n-noti interpretattivi tiegħu huma inkorporati fi u magħmula parti minn dan il-Ftehim, *mutatis mutandis*.

*Artikolu 2.9*

**Restrizzjonijiet fuq l-Importazzjoni u l-Esportazzjoni**

L-ebda Parti ma tista' tadotta jew iżżomm xi projbizzjoni jew restrizzjoni ħlief dazji, taxxi jew ħlasijiet oħra fuq l-importazzjoni ta' xi prodott tal-Parti l-oħra jew fuq l-esportazzjoni jew il-bejgħ għall-esportazzjoni ta' kwalunkwe prodott destinat għat-territorju tal-Parti l-oħra, b'mod konformi mal-Artikolu XI tal-GATT 1994 u n-noti interpretattivi tiegħu. Għal dan il-għan, l-Artikolu XI tal-GATT 1994 u n-noti interpretattivi tiegħu huma inkorporati fi u magħmula parti minn dan il-Ftehim, *mutatis mutandis*.

*Artikolu 2.10*

**Tariffi u Ħlasijiet Oħra fuq l-Importazzjonijiet**

Kull Parti għandha tassigura li t-tariffi u l-ħlasijiet kollha ta' kwalunkwe tip (ħlief id-dazji doganali u l-oġġetti li huma esklużi mid-definizzjoni ta' dazju doganali skont l-Artikolu 2.3(a), (b) u (d)) imposti fuq, jew marbuta ma', l-importazzjoni jkunu limitati għall-prezz approssimattiv tas-servizzi mogħtija, ma jiġux ikkalkulati fuq bażi *ad valorem*, u ma jirrappreżentawx protezzjoni indiretta għall-prodotti domestiċi jew tassazzjoni tal-importazzjonijiet għal skopijiet fiskali.

*Artikolu 2.11*

**Dazji, Taxxi jew Tariffi u Ħlasijiet Oħra fuq l-Esportazzjonijiet**

L-ebda Parti ma tista' żżomm jew iddaħħal dazji, taxxi jew tariffi u ħlasijiet oħra imposti fuq, jew marbuta mal-esportazzjonijiet ta' prodotti lill-Parti l-oħra, jew taxxi, tariffi jew ħlasijiet interni fuq prodotti esportati lill-Parti l-oħra li jkunu iżjed minn dawk imposti fuq prodotti simili destinati għall-bejgħ intern.

*Artikolu 2.12*

**L-evalwazzjoni Doganali**

Il-Ftehim dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VII tal-GATT 1994 li jinsab fl-Anness 1A għall-Ftehim tad-WTO (minn hawn 'il quddiem il-"Ftehim dwar l-Evalwazzjoni Doganali"), huwa inkorporat fi u magħmul parti minn dan il-Ftehim, *mutatis mutandis*. Ir-riżervi u l-opzjonijiet ipprovduti fl-Artikolu 20 u l-paragrafi 2 sa 4 tal-Anness III tal-Ftehim dwar l-Evalwazzjoni Doganali ma għandhomx japplikaw.

*Artikolu 2.13*

**L-Impriżi Kummerċjali Statali**

1. Il-Partijiet jaffermaw id-drittijiet u l-obbligi eżistenti tagħhom skont l-Artikolu XVII tal-GATT 1994, in-noti interpretattivi tiegħu u l-*Ftehim dwar l-Interpretazzjoni tal-Artikolu XVII tal-GATT 1994*, li jinsab fl-Anness 1A għall-Ftehim tad-WTO li huma inkorporati fi u magħmula parti minn dan il-Ftehim, *mutatis mutandis*.

2. Meta Parti titlob informazzjoni mingħand il-Parti l-oħra dwar każijiet individwali ta' impriżi kummerċjali statali, il-mod ta' ħidma tagħhom u l-effett tal-operazzjonijiet tagħhom fuq il-kummerċ bilaterali, il-Parti li ssirilha t-talba għandha tikkunsidra l-ħtieġa li tiġi assigurata l-akbar trasparenza possibbli mingħajr preġudizzju għall-Artikolu XVII.4(d) tal-GATT 1994 dwar l-informazzjoni kunfidenzjali.

*Artikolu 2.14*

**It-Tneħħija ta' Miżuri Mhux Tariffarji Settorjali**

1. Il-Partijiet għandhom jimplimentaw l-impenji tagħhom dwar il-miżuri mhux tariffarji speċifiċi għas-settur fuq il-prodotti skont l-impenji stipulati fl-Annessi 2-B sa 2-E.

2. Tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim u fuq talba ta' xi Parti, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw sabiex iqisu t-twessigħ tal-ambitu tal-impenji tagħhom fuq il-miżuri mhux tariffarji speċifiċi għas-settur fuq il-prodotti.

TAQSIMA D

***Eċċezzjonijiet speċifiċi relatati mal-prodotti***

*Artikolu 2.15*

**Eċċezzjonijiet Ġenerali**

1. Il-Partijiet jaffermaw li d-drittijiet u l-obbligi tagħhom skont l-Artikolu XX tal-GATT 1994 u n-noti interpretattivi tiegħu, li huma inkorporati fi u magħmula parti minn dan il-Ftehim, għandhom japplikaw għall-kummerċ fi prodotti koperti minn dan il-Ftehim, *mutatis mutandis*.

2. Il-Partijiet jifhmu li qabel ma jieħdu xi miżura prevista fis-sottoparagrafi (i) u (j) tal-Artikolu XX tal-GATT 1994, il-Parti li tkun beħsiebha tieħu l-miżuri għandha tipprovdi lill-Parti l-oħra l-informazzjoni kollha relevanti, bl-iskop li tinstab soluzzjoni aċċettabbli għall-Partijiet. Il-Partijiet jistgħu jiftiehmu fuq kwalunkwe mezz li jkun meħtieġ sabiex itemmu d-diffikultajiet. Jekk ma jintlaħaq l-ebda ftehim fi żmien 30 jum li tiġi pprovduta tali informazzjoni, il-Parti tista' tapplika miżuri skont dan

l-Artikolu fuq il-prodotti kkonċernati. Fejn ċirkustanzi eċċezzjonali u kritiċi li jkunu jeħtieġu azzjoni immedjata jagħmlu informazzjoni jew eżami minn qabel impossibbli, il-Parti li tkun beħsiebha tieħu l-miżuri tista' tapplika minnufih il-miżuri kawtelatorji neċessarji sabiex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni u għandha tgħarraf immedjatament lill-Parti l-oħra dwarhom.

TAQSIMA E

***Dispożizzjonijiet istituzzjonali***

*Artikolu 2.16*

**Il-Kumitat dwar il-Kummerċ fi Prodotti**

1. Il-Kumitat dwar il-Kummerċ fil-Prodotti stabbilit skont l-Artikolu 15.2.1 (Kumitati Speċjalizzati) għandu jiltaqa' fuq talba ta' Parti jew tal-Kumitat għall-Kummerċ biex jikkunsidra kwalunkwe kwistjoni li tinqala' taħt dan il-Kapitolu u għandu jinkludi rappreżentanti tal-Partijiet.

2. Il-funzjonijiet tal-Kumitat għandhom jinkludu:

(a) li jippromwovi l-kummerċ fi prodotti bejn il-Partijiet, fosthom permezz ta' konsultazzjonijiet dwar l-aċċellerazzjoni u t-twessigħ tal-ambitu tat-tneħħija tat-tariffi u t-twessigħ tal-ambitu tal-impenji dwar miżuri mhux tariffarji taħt dan il-Ftehim u kwistjonijiet oħra kif xierqa; u

(b) li jindirizza miżuri tariffarji u mhux tariffarji għall-kummerċ fi prodotti bejn il-Partijiet u, jekk ikun xieraq, jirreferi dawn il-kwistjonijiet lill-Kumitat għall-Kummerċ għall-konsiderazzjoni tiegħu,

safejn dawn il-kompiti ma jkunux ġew fdati lill-Gruppi ta' Ħidma relevanti stabbiliti skont l-Artikolu 15.3.1 (Gruppi ta' Ħidma).

*Artikolu 2.17*

**Dispożizzjonijiet Speċjali dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva**

1. Il-Partijiet jaqblu li l-kooperazzjoni amministrattiva hija essenzjali għall-implimentazzjoni u l-kontroll tat-trattament tariffarju preferenzjali mogħti skont dan il-Kapitolu u jisħqu dwar l-impenji tagħhom sabiex jikkumbattu l-irregolaritajiet u l-frodi fid-dwana u kwistjonijiet relatati.

2. Meta Parti tkun għamlet sejba, fuq il-bażi ta' informazzjoni oġġettiva, ta' nuqqas li tiġi pprovduta kooperazzjoni amministrattiva u/jew irregolaritajiet jew frodi, fuq talba ta' dik il-Parti, il-Kumitat Doganali għandu jiltaqa' fi żmien 20 jum minn tali talba sabiex ifittex, bħala kwistjoni ta' urġenza, li jsolvi s-sitwazzjoni. Il-konsultazzjonijiet li jsiru fil-qafas tal-Kumitat Doganali għandhom jitqiesu li jaqdu l-istess funzjoni bħal konsultazzjoni skont l-Artikolu 14.3 (Konsultazzjonijiet).

KAPITOLU TLIETA

**RIMEDJI KUMMERĊJALI**

*TAQSIMA A*

***Miżuri bilaterali ta' salvagwardja***

*Artikolu 3.1*

**L-Applikazzjoni ta' Miżura ta' Salvagwardja Bilaterali**

1. Jekk, b'riżultat tat-tnaqqis jew it-tneħħija ta' dazju doganali skont dan il-Ftehim, prodotti li joriġinaw minn Parti li jkunu qegħdin jiġu impurtati fit-territorju tal-Parti l-oħra f'tali kwantitajiet miżjuda, f'termini assoluti jew relattivi mal-produzzjoni domestika, u b'kundizzjonijiet li jikkawżaw jew li jheddu li jikkawżaw dannu serju lil industrija domestika li tipproduċi prodotti simili jew direttament kompetituri, il-Parti importatriċi tista' tadotta miżuri previsti fil-paragrafu 2 b'mod konformi mal-kundizzjonijiet u l-proċeduri stipulati f'din it-Taqsima.

2. Il-Parti importatriċi tista' tieħu miżura ta' salvagwardja bilaterali li:

(a) tissospendi aktar tnaqqis fir-rata tad-dazju doganali fuq il-prodott ikkonċernat ipprovduta taħt dan il-Ftehim; jew

(b) iżżid ir-rata tad-dazju doganali fuq il-prodott għal livell li ma jaqbiżx l-inqas waħda minn:

(i) ir-rata tad-dazju doganali MFN fuq il-prodott li tkun fisseħħ fiż-żmien li tittieħed il-miżura; jew

(ii) ir-rata bażi tad-dazju doganali speċifikat fl-Iskedi inklużi fl-Anness 2-A (Tneħħija tad-Dazji Doganali) skont l-Artikolu 2.5.2 (Tneħħija tad-Dazji Doganali).

*Artikolu 3.2*

**Kundizzjonijiet u Limitazzjonijiet**

1. Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra bil-miktub dwar il-ftuħ ta' investigazzjoni kif deskritt fil-paragrafu 2 u tikkonsulta mal-Parti l-oħra sa fejn ikun prattiku qabel ma tapplika miżura ta' salvagwardja bilaterali, bil-għan li tirrevedi l-informazzjoni li toħroġ mill-investigazzjoni u tiskambja opinjonijiet dwar il-miżura.

2. Parti għandha tapplika miżura ta' salvagwardja bilaterali biss wara investigazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tagħha skont l-Artikoli 3 u 4.2(c) tal-*Ftehim dwar is-Salvagwardji* li jinsab fl-Anness 1A għall-Ftehim tad-WTO (minn hawn 'il quddiem il-"Ftehim dwar is-Salvagwardji") u għal dan il-għan, l-Artikoli 3 u 4.2(c) tal-Ftehim dwar is-Salvagwardji huma inkorporati fi u magħmula parti minn dan il-Ftehim, *mutatis mutandis*.

3. Fl-investigazzjoni deskritta fil-paragrafu 2, il-Parti għandha tikkonforma mar-rekwiżiti tal-Artikolu 4.2(a) tal-Ftehim dwar is-Salvagwardji u għal dan il-għan, l-Artikolu 4.2(a) tal-Ftehim dwar is-Salvagwardji huwa inkorporat fi u magħmul parti minn dan il-Ftehim, *mutatis mutandis*.

4. Kull Parti għandha tassigura li l-awtoritajiet kompetenti tagħha jtemmu kwalunkwe investigazzjoni bħal din fi żmien sena mill-bidu tagħha.

5. L-ebda Parti ma tista' tapplika miżura ta' salvagwardja bilaterali:

(a) ħlief safejn, u għal dak iż-żmien, li jista' jkun meħtieġ sabiex jiġi evitat jew rimedjat dannu serju u biex jiġi faċilitat l-aġġustament;

(b) għal perjodu ta' aktar minn sentejn, ħlief li l-perjodu jista' jiġi estiż b'sa sentejn jekk l-awtoritajiet kompetenti tal-Parti importatriċi jistabbilixxu, f'konformità mal-proċeduri speċifikati f'dan l-Artikolu, li l-miżura tkun għadha neċessarja sabiex timpedixxi jew tirrimedja dannu serju u biex tiffaċilita l-aġġustament u li jkun hemm evidenza li l-industrija tkun qiegħda taġġusta, bil-kundizzjoni li l-perjodu totali tal-applikazzjoni ta' miżura ta' salvagwardja, inkluż il-perjodu tal-applikazzjoni inizjali u kwalunkwe estensjoni tiegħu, m'għandux jaqbeż l-erba' snin; jew

(c) lil hinn mill-iskadenza tal-perjodu ta' tranżizzjoni, ħlief bil-kunsens tal-Parti l-oħra.

6. Meta Parti ttemm miżura ta' salvagwardja bilaterali, ir-rata tad-dazju doganali għandha tkun ir-rata li, skont l-Iskeda tagħha inkluża fl-Anness 2-A (Tneħħija tad-Dazji Doganali), kienet tkun fis-seħħ li ma kienx għall-miżura.

*Artikolu 3.3*

**Miżuri Provviżorji**

F'ċirkustanzi kritiċi fejn id-dewmien jista' jikkawża dannu li jkun diffiċli sabiex jissewwa, Parti tista' tapplika miżura ta' salvagwardja bilaterali fuq bażi provviżorja fuq konstatazzjoni preliminari li teżisti evidenza ċara li l-importazzjonijiet ta' prodott li joriġina mill-Parti l-oħra żdiedu b'riżultat tat-tnaqqis jew it-tneħħija ta' dazju doganali skont dan il-Ftehim, u dawn l-importazzjonijiet jikkawżaw dannu serju, jew theddida ta' dannu serju, għall-industrija domestika. Il-perjodu ta' kwalunkwe miżura provviżorja m'għandux jaqbeż il-200 jum, li matulhom il-Parti għandha tikkonforma mar-rekwiżiti tal-Artikoli 3.2.2 u 3.2.3. Il-Parti għandha tħallas lura kwalunkwe żieda fit-tariffi jekk l-investigazzjoni deskritta fl-Artikolu 3.2.2 ma tirriżultax f'sejba li r-rekwiżiti tal-Artikolu 3.1 ġew sodisfatti. Il-perjodu ta' kwalunkwe miżura provviżorja għandu jingħadd bħala parti mill-perjodu preskritt mill-Artikolu 3.2.5(b).

*Artikolu 3.4*

**Kumpens**

1. Parti li tapplika miżura ta' salvagwardja bilaterali għandha tikkonsulta mal-Parti l-oħra sabiex jiftiehmu reċiprokament dwar kumpens xieraq għal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ fil-forma ta' konċessjonijiet li jkollhom effetti kummerċjali sostanzjalment ekwivalenti jew ekwivalenti għall-valur tad-dazji addizzjonali li jkunu mistennijin li jirriżultaw mill-miżura ta' salvagwardja. Il-Parti għandha tipprovdi opportunità għal tali konsultazzjonijiet sa mhux aktar tard minn 30 jum wara l-applikazzjoni tal-miżura ta' salvagwardja bilaterali.

2. Jekk il-konsultazzjonijiet skont il-paragrafu 1 ma jwasslux għal ftehim dwar kumpens għal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ fi żmien 30 jum wara li jibdew il-konsultazzjonijiet, il-Parti li l-prodotti tagħha jkunu suġġetti għall-miżura ta' salvagwardja tista' tissospendi l-applikazzjoni ta' konċessjonijiet sostanzjalment ekwivalenti lill-Parti li tkun qiegħda tapplika l-miżura ta' salvagwardja.

3. Id-dritt tas-sospensjoni li saret referenza għalih fil-paragrafu 2 m'għandux jiġi eżerċitat għall-ewwel 24 xahar li matulhom tkun fis-seħħ miżura ta' salvagwardja bilaterali, bil-kundizzjoni li l-miżura ta' salvagwardja tkun tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim.

*Artikolu 3.5*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din is-Taqsima:

dannu serju u theddida ta' dannu serju għandhom jinftiehmu skont l-Artikolu 4.1(a) u (b) tal-Ftehim dwar is-Salvagwardji. Għal dan il-għan, l-Artikolu 4.1(a) u (b) huwa inkorporat fi u magħmul parti minn dan il-Ftehim, *mutatis mutandis*; u

perjodu ta' tranżizzjoni jfisser perjodu għal prodott mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim sa 10 snin mid-data tat-tlestija tat-tnaqqis jew it-tneħħija tat-tariffi, skont kif ikun il-każ għal kull prodott.

TAQSIMA B

***Miżuri ta' salvagwardja agrikola***

*Artikolu 3.6*

**Miżuri ta' Salvagwardja Agrikola**

1. Parti tista' tapplika miżura fil-forma ta' dazju ogħla tal-importazzjoni fuq prodott agrikolu li joriġina elenkat fl-Iskeda tagħha inkluża fl-Anness 3, b'mod konsistenti mal-paragrafu 2 sa 8, jekk il-volum totali ta' importazzjonijiet ta' dak il-prodott fi kwalunkwe sena jaqbeż il-livell ta' bidu kif speċifikat fl-Iskeda tagħha inkluża fl-Anness 3.

2. Id-dazju skont il-paragrafu 1 m'għandux jaqbeż l-inqas mir-rata prevalenti applikata tal-MFN, jew ir-rata ta' dazju applikata tal-MFN li tkun fis-seħħ fil-ġurnata li tiġi eżattament qabel id-data li fiha jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim, jew ir-rata tariffarja stipulata fl-Iskeda tal-Parti inkluża fl-Anness 3.

3. Id-dazji li kull Parti tapplika skont il-paragrafu 1 għandhom jiġu stipulati skont l-Iskedi tagħha inklużi fl-Anness 3.

4. L-ebda Parti ma tista' tapplika jew iżżomm miżura ta' salvagwardja agrikola skont dan l-Artikolu u fl-istess ħin tapplika jew iżżomm fir-rigward tal-istess prodott:

(a) miżura ta' salvagwardja bilaterali skont l-Artikolu 3.1;

(b) miżura skont l-Artikolu XIX tal-GATT 1994 u l-Ftehim dwar is-Salvagwardji; jew

(c) miżura speċjali ta' salvagwardja skont l-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura.

5. Parti għandha timplimenta kwalunkwe miżura ta' salvagwardja agrikola b'mod trasparenti. Fi żmien 60 jum wara li timponi miżura ta' salvagwardja agrikola, il-Parti li tkun qiegħda tapplika l-miżura għandha tinnotifika bil-miktub lill-Parti l-oħra u tipprovdi lill-Parti l-oħra t-tagħrif relevanti dwar il-miżura. Fuq talba bil-miktub tal-Parti li tesporta, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw ma' xulxin rigward l-applikazzjoni tal-miżura.

6. L-implimentazzjoni u t-tħaddim ta' dan l-Artikolu jistgħu jkunu s-suġġett ta' diskussjoni u evalwazzjoni fil-Kumitat dwar il-Kummerċ fi Prodotti li saret referenza għalih fl-Artikolu 2.16 (Kumitat dwar il-Kummerċ fi Prodotti).

7. L-ebda Parti ma tista' tapplika jew iżżomm miżura ta' salvagwardja agrikola fuq prodott agrikolu li joriġina:

(a) jekk ikun għadda l-perjodu speċifikat fid-dispożizzjonijiet dwar is-salvagwardja agrikola tal-Iskeda tagħha inkluża fl-Anness 3; jew

(b) jekk il-miżura żżid id-dazju *in-quota* fuq prodott suġġett għal TRQ speċifikat fl-Appendiċi 2-A-1 tal-Iskeda tagħha inkluża fl-Anness 2-A (Tneħħija tad-Dazji Doganali).

8. Kwalunkwe provvista tal-prodotti inkwistjoni li jkunu jinsabu għaddejjin fuq il-bażi ta' kuntratt li kien sar qabel ma ġie impost id-dazju addizzjonali skont il-paragrafi 1 sa 4 għandha tkun eżenti minn kwalunkwe dazju addizzjonali bħal dan, bil-kundizzjoni li dawn jistgħu jingħaddu mal-volum ta' importazzjonijiet tal-prodotti inkwistjoni matul is-sena ta' wara għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-paragrafu 1 f'dik is-sena.

*TAQSIMA C*

***Miżuri ta' salvagwardja globali***

*Artikolu 3.7*

**Miżuri ta' Salvagwardja Globali**

1. Kull Parti żżomm id-drittijiet u l-obbligi tagħha skont l-Artikolu XIX tal-GATT 1994 u l-Ftehim dwar is-Salvagwardji. Sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor f'dan l-Artikolu, dan il-Ftehim ma jagħti l-ebda drittijiet addizzjonali u ma jimponi ebda obbligi addizzjonali fuq il-Partijiet fir-rigward tal-miżuri meħuda skont l-Artikolu XIX tal-GATT 1994 u l-Ftehim dwar is-Salvagwardji.

2. Fuq talba tal-Parti l-oħra, u bil-kundizzjoni li jkollha interess sostanzjali, il-Parti li jkun beħsiebha tieħu miżuri ta' salvagwardja għandha tipprovdi immedjatament notifika *ad hoc* bil-miktub tal-informazzjoni relevanti kollha dwar il-ftuħ ta' investigazzjoni ta' salvagwardja, is-sejbiet provviżorji u s-sejbiet finali tal-investigazzjoni.

3. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, huwa kkunsidrat li Parti jkollha interess sostanzjali meta tkun fost l-akbar ħames fornituri tal-prodotti impurtati matul l-aktar perjodu reċenti ta' tliet snin, imkejla f'termini tal-volum assolut jew tal-valur.

4. L-ebda Parti ma tista' tapplika, fir-rigward tal-istess prodott, fl-istess ħin:

(a) miżura ta' salvagwardja bilaterali skont l-Artikolu 3.1; u

(b) miżura skont l-Artikolu XIX tal-GATT 1994 u l-Ftehim dwar is-Salvagwardji.

5. L-ebda Parti ma tista' tirrikorri għall-Kapitolu Erbatax (Soluzzjoni ta' tilwim) għal xi kwistjoni li tinqala' taħt din it-Taqsima.

*TAQSIMA D*

***Dazji anti-dumping u kumpensatorji***

*Artikolu 3.8*

**Dispożizzjonijiet Ġenerali**

1. Ħlief kif ipprovdut mod ieħor f'dan il-Kapitolu, il-Partijiet iżommu d-drittijiet u l-obbligi tagħhom skont l-Artikolu VI tal-GATT 1994, u l-*Ftehim dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-GATT 1994*, li jinsab fl-Anness 1A għall-Ftehim tad-WTO (minn hawn 'il quddiem il-"Ftehim Anti-Dumping") u l-*Ftehim dwar is-Sussidji u l-Miżuri Kumpensatorji*, li jinsab fl-Anness 1A għall-Ftehim tad-WTO (minn hawn 'il quddiem il-"Ftehim dwar is-SCM").

2. Il-Partijiet jaqblu li l-dazji anti-dumping u kumpensatorji għandhom jintużaw f'konformità sħiħa mar-rekwiżiti relevanti tad-WTO u għandhom ikunu bbażati fuq sistema ġusta u trasparenti fir-rigward tal-proċeduri li jaffettwaw prodotti li joriġinaw mill-Parti l-oħra. Għal dan il-għan il-Partijiet għandhom jassiguraw, immedjatament wara kwalunkwe impożizzjoni ta' miżuri provviżorji u fi kwalunkwe każ qabel l-istabbiliment finali, l-iżvelar sħiħ u sinifikanti tal-fatti u l-konsiderazzjonijiet essenzjali kollha li jiffurmaw il-bażi għad-deċiżjoni li jiġu applikati l-miżuri, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6.5 tal-Ftehim Anti-Dumping u l-Artikolu 12.4 tal-Ftehim dwar is-SCM. L-iżvelar għandu jsir bil-miktub u jippermetti lill-partijiet interessati żmien suffiċjenti sabiex jagħmlu l-kummenti tagħhom.

3. Sabiex tkun assigurata l-akbar effiċjenza fl-immaniġġjar tal-investigazzjonijiet dwar dazji anti-dumping jew kumpensatorji, u b'mod partikolari minħabba d-dritt adegwat ta' difiża, l-użu tal-Ingliż għandu jiġi aċċettat mill-Partijiet għad-dokumenti ppreżentati fl-investigazzjonijiet dwar dazji anti-dumping jew kumpensatorji. Xejn f'dan il-paragrafu ma għandu jimpedixxi lill-Korea milli titlob kjarifika bil-miktub bil-lingwa Koreana jekk:

(a) it-tifsira tad-dokumenti ppreżentati ma tkunx ikkunsidrata raġonevolment ċara mill-awtoritajiet investigaturi tal-Korea għall-finijiet tal-investigazzjoni dwar id-dazji anti-dumping jew kumpensatorji; u

(b) it-talba tkun strettament limitata għall-parti li ma tkunx raġonevolment ċara għall-finijiet tal-investigazzjoni dwar id-dazji anti-dumping jew kumpensatorji.

4. Sakemm dan ma jittardjax bla bżonn l-andament tal-investigazzjoni, il-partijiet interessati għandhom jingħataw l-opportunità ta' smigħ sabiex jesprimu l-opinjonijiet tagħhom waqt l-investigazzjonijiet dwar id-dazji anti-dumping jew kumpensatorji.

*Artikolu 3.9*

**Notifika**

1. Wara li l-awtoritajiet kompetenti ta' Parti jirċievu applikazzjoni dokumentata sewwa għal anti-dumping fir-rigward ta' importazzjonijiet mill-Parti l-oħra, u mhux iżjed tard minn 15-il jum qabel tinbeda investigazzjoni, il-Parti għandha tipprovdi notifika bil-miktub lill-Parti l-oħra li hija tkun irċeviet l-applikazzjoni.

2. Wara li l-awtoritajiet kompetenti ta' Parti jirċievu applikazzjoni dokumentata sewwa għal dazju kumpensatorju fir-rigward ta' importazzjonijiet mill-Parti l-oħra, u qabel ma tibda investigazzjoni, il-Parti għandha tipprovdi notifika bil-miktub lill-Parti l-oħra li hija tkun irċeviet l-applikazzjoni u tipprovdi lill-Parti l-oħra laqgħa sabiex tikkonsulta mal-awtoritajiet kompetenti tagħha dwar l-applikazzjoni.

*Artikolu 3.10*

**Konsiderazzjoni tal-Interessi Pubbliċi**

Il-Partijiet għandhom ifittxu li jikkunsidraw l-interessi pubbliċi qabel ma jimponu xi dazju anti-dumping jew kumpensatorju.

*Artikolu 3.11*

**Investigazzjoni wara Terminazzjoni li Tirriżulta minn Eżami**

Il-Partijiet jaqblu li jeżaminaw, b'attenzjoni speċjali, kwalunkwe applikazzjoni għall-ftuħ ta' investigazzjoni anti-dumping fuq prodott li joriġina mill-Parti l-oħra u li l-miżuri anti-dumping fuqu jkunu ġew itterminati fit-12-il xahar ta' qabel b'riżultat ta' eżami. Sakemm dan l-eżami ta' qabel il-bidu ma jindikax li ċ-ċirkustanzi jkunu nbidlu, l-investigazzjoni m'għandhiex tipproċedi.

*Artikolu 3.12*

**Evalwazzjoni Kumulattiva**

Meta importazzjonijiet minn iżjed minn pajjiż wieħed ikunu suġġetti fl-istess ħin għal investigazzjoni ta' dazju anti-dumping jew kumpensatorju, Parti għandha teżamina, b'attenzjoni speċjali, jekk l-evalwazzjoni kumulattiva tal-effett tal-importazzjonijiet tal-Parti l-oħra tkunx adegwata fid-dawl tal-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni bejn il-prodotti impurtati u l-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni bejn il-prodotti impurtati u l-prodotti domestiċi simili.

*Artikolu 3.13*

**L-Istandard *De-minimis* Applikabbli għal Eżami**

1. Kwalunkwe miżura suġġetta għal eżami skont l-Artikolu 11 tal-Ftehim Anti-Dumping għandha tiġi mitmuma meta jiġi stabbilit li l-marġni probabbli ta' dumping rikorrenti jkun inqas mil-limitu de-minimis stipulat fl-Artikolu 5.8 tal-Ftehim Anti-Dumping.

2. Meta jiġu stabbiliti marġni individwali skont l-Artikolu 9.5 tal-Ftehim Anti-Dumping, ma għandu jiġi impost l-ebda dazju fuq esportaturi jew produtturi fil-Parti esportatriċi li għaliha jiġi stabbilit, fuq il-bażi ta' bejgħ rappreżentattiv għall-esportazzjoni, li l-marġni ta' dumping ikun inqas mil-livell de-minimis stipulat fl-Artikolu 5.8 tal-Ftehim Anti-Dumping.

*Artikolu 3.14*

**Ir-Regola ta' Inqas Dazju**

Jekk Parti tiddeċiedi li timponi dazju anti-dumping jew kumpensatorju, l-ammont ta' dan id-dazju m'għandux jaqbeż il-marġni ta' dumping jew is-sussidji kumpensatorji, u għandu jkun inqas jekk il-marġni ta' tali dazju inqas ikun biżżejjed sabiex ineħħi d-dannu għall-industrija domestika.

*Artikolu 3.15*

**Soluzzjoni ta' tilwim**

L-ebda Parti ma tista' tirrikorri għall-Kapitolu Erbatax (Soluzzjoni ta' tilwim) għal kwalunkwe kwistjoni li tinqala' taħt din it-Taqsima.

TAQSIMA E

***Dispożizzjonijiet istituzzjonali***

*Artikolu 3.16*

**Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kooperazzjoni fir-Rimedju Kummerċjali**

1. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kooperazzjoni fir-Rimedji Kummerċjali, stabbilit skont l-Artikolu 15.3.1 (Gruppi ta' Ħidma) huwa forum għad-djalogu dwar il-kooperazzjoni fir-rimedji kummerċjali.

2. Il-funzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma għandhom ikunu li:

(a) ikabbru l-għarfien u l-fehim ta' Parti dwar il-liġijiet, il-linji politiċi u l-prattiċi ta' rimedju kummerċjali tal-Parti l-oħra;

(b) jissorvelja l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu;

(c) itejjeb il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Partijiet li jkollhom ir-responsabbiltà għall-kwistjonijiet dwar ir-rimedji kummerċjali;

(d) jipprovdi forum għall-Partijiet sabiex jiskambjaw informazzjoni dwar kwistjonijiet relatati mal-anti-dumping, is-sussidji u l-miżuri kumpensatorji u s-salvagwardji;

(e) jipprovdi forum għall-Partijiet sabiex jiddiskutu suġġetti relevanti oħra ta' interess reċiproku bejniethom:

(i) kwistjonijiet internazzjonali relatati mar-rimedji kummerċjali, inklużi kwistjonijiet relatati man-negozjati dwar ir-Regoli tas-Sessjoni ta' Doha tad-WTO; u

(ii) prattiċi mill-awtoritajiet kompetenti tal-Partijiet firrigward tal-investigazzjonijiet ta' dazji anti-dumping u kumpensatorji bħall-applikazzjoni tal-"fatti disponibbli" u l-proċeduri ta' verifika; u

(f) jikkoopera fuq kwalunkwe kwistjoni oħra li l-Partijiet jaqblu li hija meħtieġa.

3. Il-Grupp ta' Ħidma normalment għandu jiltaqa' darba fissena u, jekk ikun meħtieġ, jistgħu jiġu organizzati laqgħat addizzjonali fuq talba ta' kwalunkwe Parti.

KAPITOLU ERBGĦA

## OSTAKOLI TEKNIĊI GĦALL-KUMMERĊ

*Artikolu 4.1*

### Affermazzjoni tal-Ftehim dwar it-TBT

Il-Partijiet jaffermaw id-drittijiet u l-obbligi eżistenti tagħhom fir-rigward ta' xulxin taħt il-Ftehim dwar l-Ostakoli Tekniċi għall-Kummerċ, li jinsab fl-Anness 1A għall-Ftehim tad-WTO (minn hawn 'il quddiem il-"Ftehim dwar it-TBT") li huwa inkorporat u magħmul parti minn dan il-Ftehim, *mutatis mutandis*.

*Artikolu 4.2*

### Ambitu u Definizzjonijiet

1. Dan il-Kapitolu japplika għat-tħejjija, l-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' standards, regolamenti tekniċi u proċeduri għallevalwazzjoni tal-konformità kif definiti fil-Ftehim dwar it-TBT li jistgħu jaffettwaw il-kummerċ fi prodotti bejn il-Partijiet.

2. Minkejja l-paragrafu 1, dan il-Kapitolu ma japplikax għal:

(a) speċifikazzjonijiet tekniċi ppreparati minn korpi governattivi għar-rekwiżiti tal-produzzjoni jew il-konsum ta' dawn il-korpi; jew

(b) miżuri sanitarji u fitosanitarji kif definiti fl-Anness A tal-Ftehim dwar l-Applikazzjoni ta' Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji, li jinsab fl-Anness 1A għall-Ftehim tad-WTO (minn hawn 'il quddiem il-"Ftehim dwar l-SPS").

3. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, għandhom japplikaw iddefinizzjonijiet tal-Anness 1 għall-Ftehim dwar it-TBT.

*Artikolu 4.3*

### Kooperazzjoni Konġunta

1. Il-Partijiet għandhom isaħħu l-kooperazzjoni ta' bejniethom fil-qasam tal-istandards, ir-regolamenti tekniċi u l-proċeduri għall-evalwazzjoni tal-konformità bil-għan li jżidu l-fehim reċiproku tas-sistemi rispettivi tagħhom u jiffaċilitaw l-aċċess għas-swieq rispettivi tagħhom. Għal dan il-għan, huma jistgħu jistabbilixxu djalogi regolatorji kemm fil-livelli orizzontali kif ukoll f'dawk settorjali.

2. Fil-kooperazzjoni bilaterali tagħhom, il-Partijiet għandhom ifittxu li jidentifikaw, jiżviluppaw u jippromwovu inizjattivi li jiffaċilitaw il-kummerċ li jistgħu jinkludu, iżda mhumiex limitati għal:

(a) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni regolatorja, pereżempju permezz tal-iskambju ta' informazzjoni, esperjenzi u dejta u kooperazzjoni xjentifika u teknika bil-ħsieb li jtejbu l-kwalità u l-livell tar-regolamenti tekniċi tagħhom u jsir użu effiċjenti mir-riżorsi regolatorji;

(b) fejn ikun xieraq, is-simplifikazzjoni tar-regolamenti tekniċi, l-istandards u l-proċeduri għall-evalwazzjoni tal-konformità;

(c) fejn jaqblu l-Partijiet, u fejn ikun xieraq, pereżempju fejn ma jkun jeżisti l-ebda standard internazzjonali, l-evitar ta' diverġenza bla ħtieġa fl-aproċċ għar-regolamenti u l-proċeduri għall-evalwazzjoni tal-konformità, u ħidma favur il-possibbiltà ta' konverġenza jew allinjament tar-rekwiżiti tekniċi; u

(d) il-promozzjoni u l-inkoraġġiment ta' kooperazzjoni bilaterali bejn l-organizzazzjonijiet rispettivi tagħhom, pubbliċi jew privati, responsabbli għall-metroloġija, l-istandardizzazzjoni, l-ittestjar, iċ-ċertifikazzjoni u l-akkreditazzjoni.

3. Meta tiġi mitluba, Parti għandha tagħti l-konsiderazzjoni xierqa għall-proposti li l-Parti l-oħra tagħmel għal kooperazzjoni skont it-termini ta' dan il-Kapitolu.

*Artikolu 4.4*

### Regolamenti Tekniċi

1. Il-Partijiet jaqblu li jagħmlu l-aħjar użu ta' prattika regolatorja tajba, kif ipprovdut fil-Ftehim dwar it-TBT. B'mod partikolari, il-Partijiet jaqblu:

(a) li jissodisfaw l-obbligi tal-Partijiet fir-rigward tat-trasparenza kif indikat fil-Ftehim dwar it-TBT;

(b) li jużaw standards internazzjonali relevanti bħala bażi għarregolamenti tekniċi fosthom il-proċeduri għall-evalwazzjoni tal-konformità, ħlief meta dawn l-istandards internazzjonali ma jkunux mezz effettiv jew xieraq sabiex jintlaħqu l-għanijiet leġittimi segwiti, u fejn ma jkunux intużaw standards internazzjonali bħala bażi, li jispjegaw meta mitluba lill-Parti l-oħra r-raġunijiet għaliex dawk l-istandards tqiesu bħala mhux xierqa jew effettivi għall-għan segwit;

(c) meta Parti tkun adottat jew tkun qiegħda tipproponi li tadotta regolament tekniku, li tipprovdi lill-Parti l-oħra meta tintalab, l-informazzjoni disponibbli dwar l-għan, il-bażi legali u l-ħsieb wara r-regolament tekniku;

(d) li jistabbilixxu mekkaniżmi sabiex jipprovdu informazzjoni aħjar dwar ir-regolamenti tekniċi (fosthom permezz ta' websajt pubblika) lill-operaturi ekonomiċi tal-Parti l-oħra, u b'mod partikolari sabiex jipprovdu informazzjoni bil-miktub, u kif ikun xieraq u disponibbli, gwida bil-miktub dwar l-osservanza tar-regolamenti tekniċi tagħhom lill-Parti l-oħra jew lill-operaturi ekonomiċi tagħha meta dawn jitolbuha, mingħajr dewmien bla bżonn;

(e) li jagħtu konsiderazzjoni xierqa lill-opinjonijiet tal-Parti l-oħra meta parti mill-proċess tal-iżvilupp ta' regolament tekniku tkun miftuħa għal konsultazzjoni pubblika, u meta jiġu mitluba, li jipprovdu tweġibiet bil-miktub għall-kummenti li tagħmel il-Parti l-oħra;

(f) meta jagħmlu notifiki skont il-Ftehim dwar it-TBT, li jippermettu mill-anqas 60 jum wara n-notifika sabiex il-Parti l-oħra tipprovdi kummenti bil-miktub dwar il-proposta; u

(g) li jħallu żmien suffiċjenti bejn il-pubblikazzjoni tar-regolamenti tekniċi u d-dħul fis-seħħ tagħhom għall-operaturi ekonomiċi tal-Parti l-oħra sabiex jadattaw, ħlief meta jinqalgħu jew ikun hemm theddida li ser jinqalgħu problemi urġenti ta' sigurtà, saħħa, protezzjoni ambjentali jew sikurezza nazzjonali, u fejn ikun prattikabbli, li jagħtu konsiderazzjoni xierqa lil talbiet raġonevoli sabiex jiġi estiż il-perjodu biex isiru kummenti.

2. Kull Parti għandha tassigura li l-operaturi ekonomiċi u persuni interessati oħra tal-Parti l-oħra jitħallew jipparteċipaw fi kwalunkwe proċess formali ta' konsultazzjoni pubblika dwar l-iżvilupp ta' regolamenti tekniċi, b'termini mhux inqas favorevoli minn dawk mogħtija lill-persuni ġuridiċi jew fiżiċi tagħha stess.

3. Kull Parti għandha tfittex li tapplika r-regolamenti tekniċi b'mod uniformi u konsistenti madwar it-territorju tagħha kollu. Jekk il-Korea tinnotifika lill-Parti tal-UE dwar kwistjoni ta' kummerċ li tidher li tirriżulta minn varjazzjonijiet fil-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li l-Korea tqis li mhumiex kompatibbli mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Parti tal-UE għandha tagħmel l-aħjar sforzi tagħha sabiex tindirizza l-kwistjoni mingħajr dewmien.

*Artikolu 4.5*

**L-Istandards**

1. Il-Partijiet jikkonfermaw mill-ġdid l-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 4.1 tal-Ftehim dwar it-TBT sabiex jassiguraw li l-korpi tagħhom tal-istandardizzazzjoni jaċċettaw u josservaw il-Kodiċi ta' Prattika Tajba għat-Tħejjija u l-Adozzjoni tal-Istandards fl-Anness 3 għall-Ftehim dwar it-TBT, u jikkunsidraw ukoll il-prinċipji stipulati fid-Deċiżjonijiet u r-Rakkomandazzjonijiet adottati mill-Kumitat mill-1 ta' Jannar 1995, G/TBT/1/rev.8, 23 ta' Mejju 2002, Taqsima IX (Deċiżjoni tal-Kumitat dwar il-Prinċipji għall-Iżvilupp ta' Standards Internazzjonali, Gwidi u Rakkomandazzjonijiet fir-rigward tal-Artikoli 2, 5 u l-Anness 3 tal-Ftehim), maħruġa mill-Kumitat tad-WTO dwar l-Ostakoli Tekniċi għall-Kummerċ.

2. Il-Partijiet jintrabtu li jiskambjaw informazzjoni dwar:

(a) l-użu tagħhom tal-istandards b'rabta mar-regolamenti tekniċi;

(b) il-proċessi ta' standardizzazzjoni ta' xulxin, u l-livell ta' użu tal-istandards internazzjonali bħala bażi għall-istandards nazzjonali u reġjonali tagħhom; u

(c) il-ftehimiet ta' kooperazzjoni implimentati minn kull Parti dwar l-istandardizzazzjoni, pereżempju informazzjoni dwar kwistjonijiet ta' standardizzazzjoni fi ftehimiet ta' kummerċ ħieles ma' partijiet terzi.

*Artikolu 4.6*

**L-evalwazzjoni tal-Konformità u l-Akkreditazzjoni**

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li teżisti firxa wiesgħa ta' mekkaniżmi sabiex jiffaċilitaw l-aċċettazzjoni tar-riżultati tal-proċeduri għall-evalwazzjoni tal-konformità li jsiru fit-territorju tal-Parti l-oħra, fosthom:

(a) ftehimiet dwar l-aċċettazzjoni reċiproka tar-riżultati ta' proċeduri għall-evalwazzjoni tal-konformità fir-rigward ta' regolamenti tekniċi speċifiċi li jitwettqu minn korpi li jinsabu fit-territorju tal-Parti l-oħra;

(b) proċeduri ta' akkreditazzjoni għall-kwalifika ta' korpi għall-evalwazzjoni tal-konformità li jinsabu fit-territorju tal-Parti l-oħra;

(c) denominazzjoni governattiva tal-korpi għall-evalwazzjoni tal-konformità li jinsabu fit-territorju tal-Parti l-oħra;

(d) rikonoxximent min-naħa ta' Parti, tar-riżultati ta' proċeduri għall-evalwazzjoni tal-konformità mwettqa fit-territorju tal-Parti l-oħra;

(e) arranġamenti volontarji bejn korpi għall-evalwazzjoni tal-konformità fit-territorju ta' kull Parti; u

(f) l-aċċettazzjoni ta' dikjarazzjoni tal-konformità ta' fornitur min-naħa tal-Parti importatriċi.

2. Wara li kkunsidraw b'mod partikolari dawk il-konsiderazzjonijiet, il-Partijiet jintrabtu li:

(a) jintensifikaw l-iskambju tagħhom ta' informazzjoni dwar dawn il-mekkaniżmi u mekkaniżmi simili bil-għan li jiffaċilitaw l-aċċettazzjoni tar-riżultati tal-evalwazzjonijiet tal-konformità;

(b) jiskambjaw informazzjoni dwar il-proċeduri għall-evalwazzjoni tal-konformità, u b'mod partikolari dwar il-kriterji użati sabiex jintgħażlu proċeduri xierqa għall-evalwazzjoni tal-konformità għal prodotti speċifiċi;

(c) jiskambjaw informazzjoni dwar il-politika tal-akkreditazzjoni, u li jikkunsidraw kif jagħmlu l-aħjar użu mill-istandards internazzjonali għall-akkreditazzjoni, u ftehimiet internazzjonali li jinvolvu l-korpi ta' akkreditazzjoni tal-Partijiet, pereżempju, permezz tal-mekkaniżmi tal-Kooperazzjoni Internazzjonali għall-Akkreditazzjoni tal-Laboratorji u l-Forum Internazzjonali għall-Akkreditazzjoni; u

(d) bi qbil mal-Artikolu 5.1.2 tal-Ftehim dwar it-TBT, li jitolbu proċeduri għall-evalwazzjoni tal-konformità li ma jkunux aktar stretti milli meħtieġ.

3. Il-prinċipji u l-proċeduri stabbiliti fir-rigward tal-iżvilupp u l-adozzjoni ta' regolamenti tekniċi skont l-Artikolu 4.4 bil-għan li jiġu evitati ostakoli bla bżonn għall-kummerċ u jiġu assigurati t-trasparenza u n-nuqqas ta' diskriminazzjoni għandhom japplikaw ukoll fir-rigward tal-proċeduri obbligatorji għall-evalwazzjoni tal-konformità.

*Artikolu 4.7*

**Sorveljanza tas-Suq**

Il-Partijiet jintrabtu li jiskambjaw opinjonijiet dwar is-sorveljanza tas-suq u l-attivitajiet ta' infurzar.

*Artikolu 4.8*

**Tariffi għall-Evalwazzjoni tal-Konformità**

Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-obbligu tagħhom skont l-Artikolu 5.2.5 tal-Ftehim dwar it-TBT, li t-tariffi għall-evalwazzjoni obbligatorja tal-konformità tal-prodotti impurtati għandhom ikunu ġusti meta mqabbla mat-tariffi imposti għall-evalwazzjoni tal-konformità ta' prodotti simili ta' oriġini nazzjonali jew li joriġinaw f'pajjiżi oħra, meta wieħed jikkunsidra l-ispejjeż tal-komunikazzjoni, tat-trasport u spejjeż oħra li jirriżultaw mid-differenzi bejn il-post tal-faċilitajiet tal-applikant u l-korp għall-evalwazzjoni tal-konformità, u jintrabtu li japplikaw dan il-prinċipju fl-oqsma koperti minn dan il-Kapitolu.

*Artikolu 4.9*

**L-Immarkar u l-Ittikkettjar**

1. Il-Partijiet jinnotaw id-dispożizzjoni tal-paragrafu 1 tal-Anness 1 tal-Ftehim dwar it-TBT, li regolament tekniku jista' jinkludi jew jittratta esklussivament ir-rekwiżiti tal-immarkar jew tal-ittikkettjar, u jaqblu li fejn ir-regolamenti tekniċi tagħhom jinkludu mmarkar jew ittikkettjar obbligatorju, huma għandhom josservaw il-prinċipji tal-Artikolu 2.2 tal-Ftehim dwar it-TBT, li r-regolamenti tekniċi m'għandhomx jiġu ppreparati bil-għan, jew bl-effett li joħolqu ostakoli bla bżonn għall-kummerċ internazzjonali, u m'għandhomx ikunu restrittivi għall-kummerċ aktar milli meħtieġ sabiex jaqdu għan leġittimu.

2. B'mod partikolari, il-Partijiet jaqblu li meta Parti tkun teħtieġ immarkar jew ittikkettjar obbligatorju tal-prodotti:

(a) il-Parti għandha tipprova tnaqqas ir-rekwiżiti tagħha għall-immarkar jew l-ittikkettjar ħlief l-immarkar jew l-ittikkettjar relevanti għall-konsumaturi jew l-utenti tal-prodott. Fejn ikun meħtieġ ittikkettjar għal skopijiet oħra, pereżempju għal skop fiskali, tali rekwiżit għandu jiġi fformulat b'mod li ma jkunx restrittiv għall-kummerċ aktar milli jkun meħtieġ sabiex jaqdi għan leġittimu;

(b) il-Parti tista' tispeċifika l-forma tat-tikketti jew tal-marki, iżda m'għandhiex teħtieġ approvazzjoni, reġistrazzjoni jew ċertifikazzjoni bil-quddiem f'dan ir-rigward. Din id-dispożizzjoni hija mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Parti li titlob l-approvazzjoni bil-quddiem tal-informazzjoni speċifika li għandha tiġi pprovduta fuq it-tikketta jew l-immarkar fid-dawl tar-regolament domestiku relevanti;

(c) meta l-Parti teżiġi l-użu ta' numru ta' identifikazzjoni uniku mill-operaturi ekonomiċi, il-Parti għandha toħroġ tali numru lill-operaturi ekonomiċi tal-Parti l-oħra mingħajr dewmien bla bżonn u fuq bażi mhux diskriminatorja;

(d) il-Parti għandha tibqa' libera li teħtieġ li l-informazzjoni fuq il-marki jew it-tikketti tkun b'lingwa speċifikata. Fejn ikun hemm sistema internazzjonali ta' nomenklatura aċċettata mill-Partijiet, din tista' tintuża wkoll. L-użu simultanju ta' lingwi oħra m'għandux jiġi pprojbit, bil-kundizzjoni li, jew l-informazzjoni pprovduta fil-lingwi l-oħra għandha tkun identika għal dik ipprovduta fil-lingwa speċifikata, jew li l-informazzjoni pprovduta fil-lingwa addizzjonali m'għandhiex tikkostitwixxi dikjarazzjoni qarrieqa dwar il-prodott; u

(e) fil-każijiet fejn huma jqisu li l-għanijiet leġittimi skont il-Ftehim dwar it-TBT ma jiġux kompromessi b'dan, Parti għandha tfittex li taċċetta tikketti mhux permanenti jew li jistgħu jinqalgħu, jew immarkar jew ittikkettjar fid-dokumentazzjoni li takkumpanja pjuttost milli mwaħħla fiżikament mal-prodott.

*Artikolu 4.10*

**Mekkaniżmu ta' Koordinament**

1. Il-Partijiet jaqblu li jinnominaw Koordinaturi dwar it-TBT u li jagħtu informazzjoni xierqa lill-Parti l-oħra meta l-Koordinatur tagħhom dwar it-TBT jinbidel. Il-Koordinaturi dwar it-TBT għandhom jaħdmu flimkien sabiex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu u l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet fil-kwistjonijiet kollha relatati ma' dan il-Kapitolu.

2. Il-funzjonijiet tal-Koordinatur għandhom jinkludu:

(a) li jimmonitorja l-implimentazzjoni u l-amministrazzjoni ta' dan il-Kapitolu, li jindirizza fil-pront kwalunkwe kwistjoni li xi Parti tqajjem b'rabta mal-iżvilupp, l-adozzjoni, l-applikazzjoni jew l-infurzar ta' standards, regolamenti tekniċi u proċeduri għall-evalwazzjoni tal-konformità, u meta jintalab minn xi waħda mill-Partijiet, li jikkonsulta fuq kwalunkwe kwistjoni li tinqala' taħt dan il-Kapitolu;

(b) li jżid il-kooperazzjoni fl-iżvilupp u t-titjib tal-istandards, ir-regolamenti tekniċi u l-proċeduri għall-evalwazzjoni tal-konformità;

(c) li jirranġa l-istabbiliment ta' djalogi regolatorji kif jixraq skont l-Artikolu 4.3;

(d) li jirranġa l-istabbiliment ta' gruppi ta' ħidma, li jistgħu jinkludu jew jikkonsultaw ma' esperti u partijiet interessati mhux governattivi kif maqbul reċiprokament mill-Partijiet;

(e) li jiskambja informazzjoni dwar żviluppi f'fora mhux governattivi, reġjonali u multilaterali relatati mal-istandards, ir-regolamenti tekniċi u l-proċeduri għall-evalwazzjoni tal-konformità; u

(f) jeżamina dan il-Kapitolu fid-dawl ta' kwalunkwe żviluppi taħt il-Ftehim dwar it-TBT.

3. Il-Koordinaturi għandhom jikkomunikaw ma' xulxin bi kwalunkwe metodu maqbul li jkun adattat għat-twettiq effiċjenti u effettiv tal-funzjonijiet tagħhom.

KAPITOLU ĦAMSA

## MIŻURI SANITARJI U FITOSANITARJI

*Artikolu 5.1*

### Għan

1. L-għan ta' dan il-Kapitolu huwa li jnaqqas l-effetti negattivi tal-miżuri sanitarji u fitosanitarji fuq il-kummerċ waqt li jipproteġi l-ħajja jew is-saħħa tal-bnedmin, tal-annimali jew tal-pjanti fit-territorji tal-Partijiet.

2. Barra minn hekk, dan il-Kapitolu jfittex li jżid il-kooperazzjoni bejn il-Partijiet fuq kwistjonijiet ta' benesseri tal-annimali, billi jikkunsidra diversi fatturi bħalma huma l-kundizzjonijiet tal-industrija tal-bhejjem tal-Partijiet.

*Artikolu 5.2*

### L-Ambitu

Dan il-Kapitolu japplika għall-miżuri sanitarji u fitosanitarji kollha ta' Parti li jistgħu, direttament jew indirettament, jaffettwaw il-kummerċ bejn il-Partijiet.

*Artikolu 5.3*

### Definizzjoni

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, miżura sanitarja jew fitosanitarja tfisser kwalunkwe miżura definita fil-paragrafu 1 tal-Anness A tal-Ftehim dwar l-SPS.

*Artikolu 5.4*

### Id-Drittijiet u l-Obbligi

Il-Partijiet jaffermaw id-drittijiet u l-obbligi eżistenti tagħhom skont il-Ftehim dwar l-SPS.

*Artikolu 5.5*

### It-Trasparenza u l-Iskambju ta' Informazzjoni

Il-Partijiet għandhom:

(a) ifittxu t-trasparenza fir-rigward tal-miżuri sanitarji u fitosanitarji applikabbli għall-kummerċ;

(b) itejbu l-fehim reċiproku tal-miżuri sanitarji u fitosanitarji ta' kull Parti u l-applikazzjoni tagħhom;

(c) jiskambjaw informazzjoni dwar kwistjonijiet relatati mal-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' miżuri sanitarji u fitosanitarji li jaffettwaw, jew li jistgħu jaffettwaw, il-kummerċ bejn il-Partijiet bil-għan li jitnaqqsu l-effetti kummerċjali negattivi tagħhom; u

(d) jikkomunikaw, meta jintalbu minn xi waħda mill-Partijiet, ir-rekwiżiti li japplikaw għall-importazzjoni ta' prodotti speċifiċi.

*Artikolu 5.6*

### Standards Internazzjonali

Il-Partijiet għandhom:

(a) jikkomunikaw, meta jintalbu minn xi waħda mill-Partijiet, sabiex jiżviluppaw fehim komuni dwar l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali fl-oqsma li jaffettwaw, jew li jistgħu jaffettwaw il-kummerċ bejniethom bil-għan li jnaqqsu l-effetti negattivi fuq il-kummerċ bejniethom; u

(b) jikkooperaw fl-iżvilupp ta' standards internazzjonali, linji gwida u rakkomandazzjonijiet.

*Artikolu 5.7*

### Rekwiżiti dwar l-Importazzjoni

1. Ir-rekwiżiti ġenerali dwar l-importazzjoni ta' Parti għandhom japplikaw għat-territorju sħiħ tal-Parti l-oħra.

2. Jistgħu jiġu imposti rekwiżiti speċifiċi addizzjonali dwar l-importazzjoni fuq il-Parti esportatriċi jew partijiet minnhom ibbażati fuq l-istabbiliment tal-istat ta' saħħa tal-annimali jew tal-pjanti tal-Parti esportatriċi jew partijiet minnhom ibbażati fuq l-istabbiliment tal-istatus tas-SAħħa tal-annimali jew tal-pjanti tal-Parti esportatriċi jew partijiet minnhom magħmula mill-Parti importatriċi skont il-Ftehim dwar l-SPS, il-linji gwida u l-istandards tal-Kummissjoni Codex Alimentarius, l-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (minn hawn 'il quddiem l-"OIE") u l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Protezzjoni tal-Pjanti (minn hawn 'il quddiem l-"IPPC").

*Artikolu 5.8*

**Miżuri Marbuta mas-Saħħa tal-Annimali u tal-Pjanti**

1. Il-Partijiet għandhom jirrikonoxxu l-kunċett ta' żoni ħielsa minn pesti jew mard u żoni bi prevalenza baxxa ta' pesti jew mard, skont il-Ftehim dwar l-SPS, l-istandards tal-OIE u l-IPPC, u għandhom jistabbilixxu proċedura xierqa għall-għarfien ta' dawn iż-żoni, billi jqisu kwalunkwe standard internazzjonali, linja gwida jew rakkomandazzjoni relevanti.

2. Fl-istabbiliment ta' dawn iż-żoni, il-Partijiet għandhom jikkunsidraw fatturi bħall-post ġeografiku, l-ekosistemi, is-sorveljanza epidemjoloġika u l-effikaċja tal-kontrolli sanitarji jew fitosanitarji f'dawn iż-żoni.

3. Il-Partijiet għandhom jistabbilixxu kooperazzjoni mill-qrib dwar id-determinazzjoni ta' żoni ħielsa minn pesti jew mard u żoni bi prevalenza baxxa ta' pesti jew mard bil-għan li jiksbu kunfidenza fil-proċeduri segwiti minn kull Parti sabiex jiġu ddeterminati dawn iż-żoni. Il-Partijiet għandhom jippruvaw ilestu din l-attività ta' żvilupp ta' fiduċja fi żmien madwar sentejn mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. It-tlestija b'suċċess tal-kooperazzjoni fl-iżvilupp ta' fiduċja għandha tiġi kkonfermata mill-Kumitat dwar il-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji li saret referenza għalih fl-Artikolu 5.10.

4. Sabiex jiġu ddeterminati dawn iż-żoni, il-Parti importatriċi għandha fil-prinċipju tibbaża d-determinazzjoni tagħha tal-istatus tas-SAħħa tal-annimali jew tal-pjanti tal-Parti esportatriċi jew partijiet minnha fuq l-informazzjoni pprovduta mill-Parti esportatriċi skont il-Ftehim dwar l-SPS, l-istandards tal-OIE u l-IPPC, u tikkunsidra dak li tkun iddeterminat il-Parti esportatriċi. F'dan ir-rigward, jekk Parti ma dak li tkun iddeterminat il-Parti l-oħra, il-Parti li ma taċċettax dik id-determinazzjoni għandha tispjega r-raġunijiet u għandha tkun lesta li tidħol f'konsultazzjonijiet.

5. Il-Parti esportatriċi għandha tipprovdi l-evidenza neċessarja sabiex turi b'mod oġġettiv lill-Parti importatriċi li dawk iż-żoni huma, u huma probabbli li jibqgħu, żoni ħielsa minn pesti jew mard u żoni bi prevalenza baxxa ta' pesti jew mard, rispettivament. Għal dan il-għan, għandu jingħata aċċess raġonevoli, meta jintalab, lill-Parti importatriċi sabiex tagħmel spezzjonijiet, testijiet u proċeduri oħra relevanti.

*Artikolu 5.9*

**Kooperazzjoni dwar il-Benesseri tal-Annimali**

Il-Partijiet għandhom:

(a) jiskambjaw informazzjoni, ħila esperta u esperjenzi fil-qasam tal-benesseri tal-annimali u jadottaw pjan ta' ħidma għal dawn l-attivitajiet; u

(b) jikkooperaw fl-iżvilupp ta' standards dwar il-benesseri tal-annimali f'fora internazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-istordament u l-qtil tal-annimali.

*Artikolu 5.10*

**Il-Kumitat dwar il-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji**

1. Il-Kumitat dwar il-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji stabbilit skont l-Artikolu 15.2.1 (Kumitati Speċjalizzati) jista':

(a) jiżviluppa l-proċeduri jew l-arranġamenti neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu;

(b) jimmonitorja l-progress tal-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu;

(c) jikkonferma t-tlestija b'suċċess tal-attività ta' żvilupp tal-fiduċja msemmija fl-Artikolu 5.8.3;

(d) jiżviluppa proċeduri għall-approvazzjoni ta' stabbilimenti għal prodotti li ġejjin mill-annimali u, fejn ikun xieraq, ta' siti ta' produzzjoni għal prodotti li ġejjin mill-pjanti; u

(e) jipprovdi forum għad-diskussjoni ta' problemi li jinħolqu mill-applikazzjoni ta' ċerti miżuri sanitarji jew fitosanitarji bl-iskop li jintlaħqu alternattivi aċċettabbli għaż-żewġ naħat. F'dan ir-rigward, il-Kumitat għandu jitlaqqa' bħala kwistjoni ta' urġenza, sabiex jagħmel konsultazzjonijiet.

2. Il-Kumitat għandu jkun iffurmat minn rappreżentanti tal-Partijiet u għandu jiltaqa' darba fis-sena f'data maqbula miż-żewġ naħat. Il-post tal-laqgħat għandu jkun ukoll maqbul miż-żewġ naħat. L-aġenda għandha tiġi miftiehma qabel il-laqgħat. Il-presidenza għandha talterna bejn il-Partijiet.

*Artikolu 5.11*

**Soluzzjoni ta' tilwim**

L-ebda Parti ma tista' tirrikorri għall-Kapitolu Erbatax (Soluzzjoni ta' tilwim) għal kwalunkwe kwistjoni li tinqala' taħt dan il-Kapitolu.

KAPITOLU SITTA

**ID-DWANA U L-IFFAĊILITAR TAL-KUMMERĊ**

*Artikolu 6.1*

**Għanijiet u Prinċipji**

Bil-miri li jiffaċilitaw il-kummerċ u jippromwovu l-kooperazzjoni fuq bażi bilaterali u multilaterali, il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw u li jadottaw u japplikaw ir-rekwiżiti u l-proċeduri tagħhom dwar l-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-tranżitu għall-prodotti fuq il-bażi tal-għanijiet u l-prinċipji li ġejjin:

(a) sabiex jassiguraw li r-rekwiżiti u l-proċeduri tagħhom dwar l-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-tranżitu għall-prodotti jkunu effiċjenti u proporzjonati;

(i) kull Parti għandha tadotta jew iżżomm proċeduri doganali mħaffa filwaqt li żżomm kontrolli doganali u proċeduri tal-għażla xierqa;

(ii) ir-rekwiżiti u l-proċeduri tal-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-tranżitu m'għandhomx ikunu ta' piż amministrattiv jew jillimitaw il-kummerċ aktar milli jkunu hemm bżonn sabiex jintlaħqu għanijiet leġittimi;

(iii) kull Parti għandha tipprovdi għar-rilaxx tal-prodotti bl-anqas dokumentazzjoni u tagħmel sistemi elettroniċi aċċessibbli għall-utenti tad-dwana;

(iv) kull Parti għandha tuża teknoloġija tal-informazzjoni li tħaffef il-proċeduri għar-rilaxx tal-prodotti;

(v) kull Parti għandha tassigura li l-awtoritajiet doganali tagħha u l-aġenziji involuti f'kontrolli tal-fruntieri li jinkludu kwistjonijiet ta' importazzjoni, esportazzjoni u tranżitu, jikkooperaw u jikkoordinaw l-attivitajiet tagħhom; u

(vi) kull Parti għandha tipprovdi li l-użu tas-sensara tad-dwana ma jkunx obbligatorju.

(b) ir-rekwiżiti u l-proċeduri tal-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-tranżitu għandhom ikunu bbażati fuq strumenti u standards kummerċjali u doganali internazzjonali li l-Partijiet ikunu aċċettaw;

(i) fejn dawn ikunu jeżistu, l-istrumenti u l-istandards kummerċjali u doganali internazzjonali għandhom ikunu l-bażi għar-rekwiżiti u l-proċeduri tal-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-tranżitu, ħlief meta dawn ikunu mezzi inadegwati jew mhux effettivi għat-twettiq tal-għanijiet imfittxa; u

(ii) ir-rekwiżiti u l-proċessi tad-dejta għandhom jintużaw u jiġu applikati progressivament skont il-Mudell ta' Dejta Doganali tal-Organizzazzjoni Dinjija tad-Dwana (minn hawn 'il quddiem id-"WCO") u r-rakkomandazzjonijiet u l-linji gwida relatati tad-WCO;

(c) ir-rekwiżiti u l-proċeduri għandhom ikunu trasparenti u prevedibbli għall-importaturi, l-esportaturi u partijiet oħra interessati;

(d) kull Parti għandha tikkonsulta mingħajr dewmien ma' rappreżentanti tal-komunità kummerċjali u partijiet oħra interessati, inkluż dwar rekwiżiti u proċeduri sinifikanti ġodda jew emendati qabel ma jiġu adottati;

(e) għandhom jiġu applikati prinċipji jew proċeduri ta' ġestjoni tar-riskju sabiex l-isforzi dwar il-konformità jiġu ffukati fuq tranżazzjonijiet li jixirqilhom attenzjoni;

(f) kull Parti għandha tikkoopera u tiskambja informazzjoni dwar l-għan tal-promozzjoni tal-applikazzjoni ta', u l-osservanza tal-miżuri għall-faċilitazzjoni tal-kummerċ miftiehma skont dan il-Ftehim; u

(g) il-miżuri sabiex jiġi faċilitat il-kummerċ m'għandhomx jippreġudikaw it-twettiq tal-għanijiet leġittimi ta' politika, bħall-protezzjoni tas-sigurtà nazzjonali, is-saħħa u l-ambjent.

*Artikolu 6.2*

**Rilaxx tal-Prodotti**

1. Kull Parti għandha tadotta u tapplika rekwiżiti u proċeduri doganali u oħrajn relatati mal-kummerċ, simplifikati u effiċjenti, sabiex jiffaċilitaw il-kummerċ bejn il-Partijiet.

2. Skont il-paragrafu 1, kull Parti għandha tassigura li l-awtoritajiet tad-dwana tagħha, l-aġenziji tal-fruntiera jew awtoritajiet kompetenti oħra japplikaw rekwiżiti u proċeduri li:

(a) jipprovdu għar-rilaxx tal-prodotti sa perjodu li ma jkunx itwal milli meħtieġ sabiex tiġi assigurata l-konformità mal-liġijiet u l-formalitajiet doganali tagħha u oħrajn relatati mal-kummerċ. Kull Parti għandha taħdem sabiex tnaqqas aktar iż-żmien tar-rilaxx;

(b) jipprovdu għas-sottomissjoni elettronika avvanzata u l-ipproċessar eventwali tal-informazzjoni qabel il-wasla tal-prodotti, "ipproċessar qabel il-wasla", sabiex jippermettu r-rilaxx tal-prodotti malli jaslu;

(c) jippermettu lill-importaturi li jiksbu r-rilaxx tal-merkanzija mid-dwana qabel, u mingħajr preġudizzju għal, l-istabbiliment finali tad-dazji doganali, it-taxxi u t-tariffi applikabbli mill-awtorità tad-dwana; [3] u

(d) jippermettu lill-merkanzija li tinħareġ għaċ-ċirkolazzjoni libera fil-punt tal-wasla, mingħajr trasferiment temporanju għal imħażen jew faċilitajiet oħra.

*Artikolu 6.3*

**Proċedura Doganali Simplifikata**

Il-Partijiet għandhom jippruvaw japplikaw proċeduri simplifikati tal-importazzjoni u l-esportazzjoni għal kummerċjanti jew operaturi ekonomiċi li jissodisfaw kriterji speċifiċi deċiżi minn Parti, li jipprovdu b'mod partikolari rilaxx u ħruġ aktar rapidu tal-merkanzija, li jinkludu s-sottomissjoni elettronika avanzata u l-ipproċessar tal-informazzjoni qabel il-wasla fiżika tal-konsenji, inċidenza aktar baxxa ta' spezzjonijiet fiżiċi, u faċilitar tal-kummerċ fir-rigward ta', pereżempju, dikjarazzjonijiet simplifikati b'dokumentazzjoni minima.

[3] Parti tista' titlob importatur sabiex jipprovdi garanzija suffiċjenti fil-forma ta' garanzija, depożitu jew xi strument ieħor xieraq, li tkopri l-ħlas finali tad-dazji doganali, it-taxxi u t-tariffi marbuta mal-importazzjoni tal-prodotti.

*Artikolu 6.4*

**Ġestjoni tar-Riskji**

Kull Parti għandha tapplika sistemi ta' ġestjoni tar-riskji, kemm jista' jkun b'mod elettroniku, għall-analiżi u l-indirizzar tar-riskji li jippermettu lill-awtoritajiet doganali tagħha jiffukaw l-attivitajiet ta' spezzjoni fuq prodotti ta' riskju għoli u li jissimplifikaw ir-rilaxx u l-moviment ta' prodotti ta' riskju baxx. Kull Parti għandha tibbaża fuq il-Konvenzjoni Internazzjonali riveduta tal-1999 dwar is-Simplifikazzjoni u l-Armonizzazzjoni tal-Proċeduri tad-Dwana (minn hawn 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Kyoto") u l-Linji gwida tad-WCO dwar il-ġestjoni tar-riskji għall-proċeduri tagħha ta' ġestjoni tar-riskji.

*Artikolu 6.5*

**Trasparenza**

1. Kull Parti għandha tassigura li l-liġijiet, ir-regolamenti, il-proċeduri amministrattivi ġenerali u rekwiżiti oħra dwar id-dwana u oħrajn relatati mal-kummerċ, inklużi t-tariffi u l-ħlasijiet, ikunu faċilment disponibbli għall-partijiet interessati kollha, b'mezz magħżul uffiċjalment, u fejn ikun vijabbli u possibbli, permezz ta' websajt uffiċjali.

2. Kull Parti għandha taħtar jew iżżomm punt wieħed jew aktar ta' inkjesta jew informazzjoni sabiex tindirizza l-mistoqsijiet mill-persuni interessati dwar kwistjonijiet doganali u oħrajn relatati mal-kummerċ.

3. Kull Parti għandha tikkonsulta ma', u tipprovdi informazzjoni lil rappreżentanti tal-komunità kummerċjali u partijiet interessati oħra. Dawn il-konsultazzjonijiet u l-informazzjoni għandhom ikopru rekwiżiti u proċeduri sinfikanti ġodda jew emendati u l-opportunità li jikkummentaw għandha tingħata qabel l-adozzjoni tagħhom.

*Artikolu 6.6*

**Deċiżjonijiet bil-Quddiem**

1. Fuq talba bil-miktub mill-kummerċjanti, kull Parti għandha toħroġ deċiżjonijiet minn qabel bil-miktub, permezz tal-awtoritajiet doganali tagħha, qabel l-importazzjoni ta' prodott fit-territorju tagħha b'mod konformi mal-liġijiet u r-regolamenti tagħha, dwar il-klassifikazzjoni tat-tariffi, l-oriġini jew tali kwistjonijiet oħra li l-Parti tista' tiddeċiedi.

2. Suġġett għal kwalunkwe rekwiżit dwar il-kunfidenzjalità fil-liġijiet u r-regolamenti tagħha, kull Parti għandha tippubblika, pereżempju fuq l-Internet, id-deċiżjonijiet bil-quddiem tagħha dwar il-klassifikazzjoni tat-tariffi u kwalunkwe kwistjoni oħra li l-Parti tista' tiddeċiedi.

3. Sabiex jiffaċilitaw il-kummerċ, il-Partijiet għandhom jinkludu fid-djalogu bilaterali tagħhom, aġġornamenti regolari dwar il-bidliet fil-leġiżlazzjoni rispettiva tagħhom dwar il-kwistjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2.

*Artikolu 6.7*

**Proċeduri tal-Appell**

1. Kull Parti għandha tassigura li fir-rigward tad-deċiżjoni tagħha dwar kwistjonijiet doganali u rekwiżiti u proċeduri oħra tal-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-tranżitu, il-persuni kkonċernati li jkunu s-suġġett ta' dawn id-deċiżjonijiet għandhom ikollhom aċċess għal eżami jew appell minn tali deċiżjonijiet. Parti tista' titlob li appell għall-ewwel jinstema' mill-istess aġenzija, l-awtorità superviżorja tagħha jew awtorità ġudizzjarja qabel eżami minn korp indipendenti ogħla, li jista' jkun awtorità ġudizzjarja jew tribunal amministrattiv.

2. Il-produttur jew l-esportatur jista' jipprovdi, fuq talba tal-awtorità eżaminatriċi lill-produttur jew lill-esportatur, informazzjoni direttament lill-Parti li tkun qiegħda tagħmel l-eżami amministrattiv. L-esportatur jew il-produttur li jkun qiegħed jipprovdi l-informazzjoni jista' jitlob lill-Parti li tkun qiegħda tagħmel l-eżami amministrattiv sabiex tittratta dik l-informazzjoni bħala kunfidenzjali skont il-liġijiet u r-regolamenti tagħha.

*Artikolu 6.8*

**Il-Kunfidenzjalità**

1. Kwalunkwe informazzjoni pprovduta minn persuni jew awtoritajiet ta' Parti lill-awtoritajiet tal-Parti l-oħra skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu għandha, meta mitlub skont l-Arikolu 6.7, tiġi ttrattata bħala kunfidenzjali jew ta' natura ristretta, skont il-liġijiet u r-regolamenti applikabbli f'kull Parti. Hija għandha tkun koperta bl-obbligu tas-segretezza uffiċjali u għandha tgawdi l-protezzjoni estiża għal informazzjoni simili skont il-liġijiet u r-regolamenti relevanti tal-Parti li tkun irċevietha.

2. Informazzjoni personali tista' tiġi skambjata biss meta l-Parti li tirċievi l-informazzjoni tintrabat li tipproteġi dik l-informazzjoni b'mod tal-anqas ekwivalenti għal dak li japplika għal dak il-każ partikolari fil-Parti li tista' tipprovdiha. Il-persuna li tipprovdi l-informazzjoni m'għandhiex tistipula rekwiżiti li jkunu aktar onerużi minn dawk applikabbli għaliha fil-ġuriżdizzjoni tagħha.

3. L-informazzjoni li saret referenza għaliha fil-paragrafu 1 m'għandhiex tintuża mill-awtoritajiet tal-Parti li tkun irċevietha għal skopijiet oħra ħlief għal dawk li għalihom tkun ġiet ipprovduta mingħajr il-permess espliċitu tal-persuna jew l-awtorità li tkun ipprovdietha.

4. Ħlief bil-permess ċar tal-persuna jew tal-awtorità li tkun ipprovdietha, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 m'għandhiex tiġi ppubblikata jew żvelata mod ieħor lil xi persuni, ħlief fejn ikun hemm obbligu jew awtorizzazzjoni biex isir dan skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-Parti li tkun irċevietha b'rabta ma' proċeduri legali. Kull fejn ikun possibbli, il-persuna li tkun ipprovdiet l-informazzjoni għandha tiġi nnotifikata b'tali żvelar, minn qabel.

5. Fejn l-awtorità ta' xi Parti titlob informazzjoni skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu, hija għandha tinnotifika lill-persuni mitluba, dwar il-possibiltà ta' żvelar konness ma' proċeduri legali.

6. Sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor mill-persuna li tkun ipprovdiet l-informazzjoni, il-Parti li tagħmel it-talba għandha, kull fejn ikun xieraq, tuża l-miżuri kollha disponibbli skont il-liġijiet u r-regolamenti ta' dik il-Parti, sabiex iżżomm il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni u biex tipproteġi l-informazzjoni personali fil-każ ta' applikazzjonijiet minn terza parti jew awtoritajiet oħra għall-iżvelar tal-informazzjoni kkonċernata.

*Artikolu 6.9*

**Tariffi u Ħlasijiet**

Fir-rigward tat-tariffi u l-ħlasijiet kollha ta' kwalunkwe natura ħlief id-dazji doganali u l-partiti li huma esklużi mid-definizzjoni ta' dazju doganali skont l-Artikolu 2.3 (Dazju doganali) imposti b'rabta mal-importazzjoni jew l-esportazzjoni:

(a) għandhom jiġu imposti tariffi u ħlasijiet biss għal servizzi pprovduti b'rabta mal-importazzjoni jew l-esportazzjoni inkwistjoni jew għal kwalunkwe formalità meħtieġa sabiex titwettaq tali importazzjoni jew esportazzjoni;

(b) it-tariffi u l-ħlasijiet m'għandhomx jaqbżu l-prezz approssimattiv tas-servizz ipprovdut;

(c) it-tariffi u l-ħlasijiet m'għandhomx jiġu kkalkulati fuq bażi ad valorem;

(d) m'għandhomx jiġu imposti tariffi u ħlasijiet fir-rigward ta' servizzi konsulari;

(e) l-informazzjoni dwar it-tariffi u l-ħlasijiet għandha tiġi ppubblikata fuq mezz magħżul b'mod uffiċjali, u fejn ikun vijabbli u possibbli, fuq websajt uffiċjali. Din l-informazzjoni għandha tinkludi r-raġuni għat-tariffi jew il-ħlas għas-servizz ipprovdut, l-awtorità responsabbli, it-tariffi u l-ħlasijiet li għandhom jiġu applikati, u meta u kif għandu jsir il-ħlas; u

(f) m'għandhomx jiġu imposti tariffi u ħlasijiet ġodda jew emendati sakemm tiġi ppubblikata u magħmula faċilment disponibbli informazzjoni skont is-subparagrafu (e).

*Artikolu 6.10*

**Spezzjonijiet ta' Qabel il-Konsenja**

L-ebda waħda mill-Partijiet m'għandha teħtieġ l-użu ta' spezzjonijiet ta' qabel il-konsenja jew l-ekwivalenti tagħhom.

*Artikolu 6.11*

**Verifika ta' Wara r-Rilaxx**

Kull Parti għandha tipprovdi lill-kummerċjanti l-opportunità li jibbenefikaw mill-applikazzjoni ta' verifiki effiċjenti ta' wara r-rilaxx. L-applikazzjoni tal-verifiki ta' wara r-rilaxx m'għandhiex timponi rekwiżiti jew piżijiet mhux meħtieġa jew mhux ġustifikati fuq il-kummerċjanti.

*Artikolu 6.12*

**Evalwazzjoni Doganali**

Il-Ftehim dwar l-Evalwazzjoni Doganali mingħajr ir-riżervi u l-opzjonijiet previsti fl-Artikolu 20 u l-paragrafi 2 sa 4 tal-Anness III tal-Ftehim dwar l-Evalwazzjoni Doganali, għandu jiġi inkorporat u magħmul parti minn dan il-Ftehim, *mutatis mutandis*.

*Artikolu 6.13*

**Kooperazzjoni Doganali**

1. Il-Partijiet għandhom itejbu l-kooperazzjoni ta' bejniethom fi kwistjonijiet doganali u relatati mad-dwana.

2. Il-Partijiet jintrabtu li jiżviluppaw azzjonijiet ta' faċilitar tal-kummerċ fi kwistjonijiet doganali filwaqt li jqisu x-xogħol magħmul f'dan ir-rigward minn organizzazzjonijiet internazzjonali. Dan jista' jinkludi l-ittestjar ta' proċeduri doganali ġodda.

3. Il-Partijiet jaffermaw l-impenn tagħhom li jiffaċilitaw il-moviment leġittimu ta' merkanzija u għandhom jiskambjaw kompetenza esperta dwar miżuri sabiex jittejbu l-metodi u l-proċeduri tad-dwana u dwar sistemi kompjuterizzati skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

4. Il-Partijiet għandhom jintrabtu li:

(a) ifittxu l-armonizzazzjoni tad-dokumentazzjoni u tal-elementi ta' informazzjoni li jintużaw fil-kummerċ skont standards internazzjonali sabiex jiffaċilitaw il-fluss tal-kummerċ bejniethom fi kwistjonijiet relatati mad-dwana fir-rigward tal-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-tranżitu ta' prodotti;

(b) jintensifikaw il-kooperazzjoni bejn il-laboratorji doganali u d-dipartimenti xjentifiċi tagħhom u li jaħdmu lejn l-armonizzazzjoni tal-metodi tal-laboratorji doganali tagħhom;

(c) jiskambjaw persunal tad-dwana;

(d) jorganizzaw flimkien programmi ta' taħriġ dwar kwistjonijiet relatati mad-dwana, għall-uffiċjali li jipparteċipaw direttament fi proċeduri doganali;

(e) jiżviluppaw mekkaniżmi effettivi sabiex jikkomunikaw mal-komunitajiet kummerċjali u tan-negozju;

(f) jassistu safejn ikun prattikabbli lil xulxin fil-klassifikazzjoni tat-tariffi, l-evalwazzjoni u l-istabbiliment tal-oriġini għal trattament b'tariffi preferenzjali tal-prodotti impurtati;

(g) jippromwovu infurzar b'saħħtu u effiċjenti tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali mill-awtoritajiet tad-dwana, fir-rigward tal-importazzjonijiet, l-esportazzjonijiet, l-esportazzjonijiet mill-ġdid, it-tranżitu, it-trasbord u proċeduri doganali oħra, u b'mod partikolari fir-rigward tal-prodotti foloz; u

(h) itejbu s-sigurtà, waqt li jiffaċilitaw il-kummerċ, ta' kontejners bil-baħar u kunsinni oħra minn kull post li jiġu impurtati fi, trasbordati minn ġo, jew li jittranżitaw il-Partijiet. Il-Partijiet jaqblu li l-għanijiet tal-kooperazzjoni msaħħa u mwessgħa jinkludu, iżda mhumiex limitati għal:

(i) li jaħdmu flimkien sabiex isaħħu l-aspetti relatati mad-dwana sabiex jassiguraw il-katina loġistika tal-kummerċ internazzjonali; u

(ii) li jikkoordinaw il-pożizzjonijiet, safejn huwa l-aktar prattikabbli, fi kwalunkwe forum multilaterali fejn jistgħu jiġu mqajma u diskussi b'mod xieraq kwistjonijiet relatati mas-sigurtà tal-kontejners.

5. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-kooperazzjoni teknika bejniethom hija fundamentali sabiex tiġi faċilitata l-osservanza tal-obbligi stipulati f'dan il-Ftehim u sabiex jinkisbu livelli għoljin ta' faċilitazzjoni tal-kummerċ. Il-Partijiet, permezz tal-amministrazzjonijiet doganali tagħhom, jaqblu li jiżviluppaw programm ta' kooperazzjoni teknika skont termini maqbula reċiprokament dwar l-ambitu, il-mument u l-prezz tal-miżuri ta' kooperazzjoni f'oqsma doganali u relatati mad-dwana.

6. Permezz tal-amministrazzjonijiet doganali rispettivi tal-Partijiet u awtoritajiet oħra relatati mal-fruntieri, il-Partijiet għandhom jeżaminaw inizjattivi internazzjonali relevanti dwar l-iffaċilitar tal-kummerċ, inkluż, *inter alia*, il-ħidma relevanti fid-WTO u fid-WCO, sabiex jiġu identifikati oqsma fejn aktar azzjoni konġunta tista' tiffaċilita l-kummerċ bejn il-Partijiet u tippromwovi għanijiet multilaterali kondiviżi. Il-Partijiet għandhom jaħdmu flimkien sabiex jistabbilixxu, sa fejn ikun possibbli, pożizzjonijiet komuni f'organizzazzjonijiet internazzjonali fil-qasam tal-iffaċilitar doganali u kummerċjali, b'mod partikolari fid-WTO u fid-WCO.

7. Il-Partijiet għandhom jassistu lil xulxin fl-implimentazzjoni u l-infurzar ta' dan il-Kapitolu, il-Protokoll dwar id-Definizzjoni tal-'Prodotti li Joriġinaw' u Metodi ta' Kooperazzjoni Amministrattiva u l-liġijiet u r-regolamenti doganali rispettivi tagħhom.

*Artikolu 6.14*

**Assistenza Amministrattiva Reċiproka fi Kwistjonijiet Doganali**

1. Il-Partijiet għandhom jipprovdu assistenza amministrattiva reċiproka fi kwistjonijiet doganali b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet stipulati fil-Protokoll dwar l-Assistenza Amministrattiva Reċiproka fi Kwistjonijiet Doganali.

2. L-ebda Parti ma tista' tirrikorri għall-Kapitolu Erbatax (Soluzzjoni ta' tilwim) taħt dan il-Ftehim għal kwistjonijiet koperti mill-Artikolu 9.1 tal-Protokoll dwar l-Assistenza Amministrattiva Reċiproka fi Kwistjonijiet Doganali.

*Artikolu 6.15*

**Punti ta' Kuntatt Doganali**

1. Il-Partijiet għandhom jiskambjaw listi ta' punti ta' kuntatt maħtura għal kwistjonijiet li jinqalgħu taħt dan il-Kapitolu u l-Protokoll dwar id-Definizzjoni ta' 'Prodotti li Joriġinaw' u Metodi ta' Kooperazzjoni Amministrattiva.

2. Il-punti ta' kuntatt għandhom jippruvaw isolvu kwistjonijiet operattivi koperti b'dan il-Kapitolu permezz ta' konsultazzjonijiet. Jekk xi kwistjoni ma tkunx tista' tiġi solvuta permezz tal-punti ta' kuntatt, din għandha tiġi referuta lill-Kumitat Doganali msemmi f'dan il-Kapitolu.

*Artikolu 6.16*

**Kumitat Doganali**

1. Il-Kumitat Doganali stabbilit skont l-Artikolu 15.2.1 (Kumitati Speċjalizzati) għandu jassigura l-operat tajjeb ta' dan il-Kapitolu u l-Protokoll dwar id-Definizzjoni ta' 'Prodotti li Joriġinaw' u Metodi ta' Kooperazzjoni Amministrattiva u l-Protokoll dwar l-Assistenza Amministrattiva Reċiproka fi Kwistjonijiet Doganali u jeżamina l-kwistjonijiet kollha li jinqalgħu mill-applikazzjoni tagħhom. Għall-kwistjonijiet koperti minn dan il-Ftehim, huwa għandu jirrapporta lill-Kumitat għall-Kummerċ stabbilit skont l-Artikolu 15.1.1. (Kumitat għall-Kummerċ).

2. Il-Kumitat Doganali għandu jkun iffurmat minn rappreżentanti tal-awtoritajiet tad-dwana u awtoritajiet kompetenti oħra tal-Partijiet responsabbli għad-dwana u kwistjonijiet ta' faċilitar tal-kummerċ, għall-ġestjoni tal-Protokoll dwar id-Definizzjoni ta' 'Prodotti li Joriġinaw' u Metodi ta' Kooperazzjoni Amministrattiva u l-Protokoll dwar l-Assistenza Amministrattiva Reċiproka fi Kwistjonijiet Doganali.

3. Il-Kumitat Doganali għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu u jiltaqa' darba fis-sena, bil-lok tal-laqgħa jalterna bejn il-Partijiet.

4. Fuq talba ta' xi Parti, il-Kumitat Doganali għandu jiltaqa' biex jiddiskuti u jipprova jsolvi kwalunkwe differenza li tista' tinqala' bejn il-Partijiet fuq kwistjonijiet kif inklużi f'dan il-Kapitolu u l-Protokoll dwar id-Definizzjoni ta' 'Prodotti li Joriġinaw' u Metodi ta' Kooperazzjoni Amministrattiva u l-Protokoll dwar l-Assistenza Amministrattiva Reċiproka fi Kwistjonijiet Doganali, fosthom il-faċilitazzjoni tal-kummerċ, il-klassifikazzjoni tat-tariffi, l-oriġini tal-prodotti u assistenza amministrattiva reċiproka fi kwistjonijiet doganali, b'mod partikolari marbuta mal-Artikoli 7 u 8 tal-Protokoll dwar l-Assistenza Amministrattiva Reċiproka fi Kwistjonijiet Doganali.

5. Il-Kumitat Doganali jista' jifformula riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet jew opinjonijiet li huwa jqis neċessarji għall-kisba tal-għanijiet komuni u l-operat sewwa tal-mekkaniżmi stabbiliti f'dan il-Kapitolu u l-Protokoll dwar id-Definizzjoni ta' 'Prodotti li Joriġinaw' u Metodi ta' Kooperazzjoni Amministrattiva u l-Protokoll dwar l-Assistenza Amministrattiva Reċiproka fi Kwistjonijiet Doganali.

KAPITOLU SEBGĦA

**IL-KUMMERĊ FIS-SERVIZZI, L-ISTABBILIMENT U L-KUMMERĊ ELETTRONIKU**

*TAQSIMA A*

***Dispożizzjonijiet ġenerali***

*Artikolu 7.1*

**Għan, Ambitu u Kopertura**

1. Il-Partijiet, waqt li jaffermaw mill-ġdid id-drittijiet u l-obbligi rispettivi tagħhom skont il-Ftehim tad-WTO, b'dan jistabbilixxu l-arranġamenti meħtieġa għal-liberalizzazzjoni progressiva reċiproka tal-kummerċ fis-servizzi u l-istabbiliment u għall-kooperazzjoni fil-kummerċ elettroniku.

2. Xejn f'dan il-Kapitolu ma għandu jinftiehem li jimponi xi obbligu fir-rigward tal-akkwisti mill-gvern.

3. Dan il-Kapitolu m'għandux japplika għal sussidji jew għotjiet ipprovduti minn xi Parti, inkluż self, garanziji u assigurazzjoni appoġġjati mill-gvern.

4. Konsistenti ma' dan il-Kapitolu, kull Parti żżomm id-dritt tagħha li tirregola u li ddaħħal regolamenti ġodda sabiex tilħaq għanijiet leġittimi ta' politika.

5. Dan il-Kapitolu m'għandux japplika għal miżuri li jaffettwaw persuni fiżiċi li jkunu qegħdin ifittxu aċċess għas-suq tax-xogħol ta' xi Parti, u lanqas ma għandu japplika għal miżuri fir-rigward taċ-ċittadinanza, ir-residenza jew l-impjieg fuq bażi permanenti.

6. Xejn f'dan il-Kapitolu ma għandu jimpedixxi Parti milli tapplika miżuri sabiex tirregola d-dħul ta' persuni fiżiċi, jew is-soġġorn temporanju tagħhom, fit-territorju tagħha, inklużi dawk il-miżuri li jkunu meħtieġa sabiex iħarsu l-integrità, u jassiguraw il-moviment ordinat ta' persuni fiżiċi bejn il-fruntieri tagħha, bil-kundizzjoni li tali miżuri ma jkunux applikati b'mod li jħassru jew idgħajfu il-benefiċċji li jingħataw lill-Parti l-oħra skont it-termini ta' impenn speċifiku f'dan il-Kapitolu u l-Annessi tiegħu. ([4])

*Artikolu 7.2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

(a) miżura tfisser kwalunkwe miżura minn xi Parti, sew jekk fil-forma ta' liġi, regolament, regola, proċedura, deċiżjoni, azzjoni amministrattiva jew kwalunkwe forma oħra;

(b) miżuri adottati jew miżmuma minn Parti tfisser miżuri meħuda minn:

(i) gvernijiet u awtoritajiet ċentrali, reġjonali jew lokali; u

(ii) korpi mhux governattivi fl-eżerċizzju ta' poteri ddelegati minn gvernijiet jew awtoritajiet ċentrali, reġjonali jew lokali;

(c) persuna tfisser persuna fiżika jew persuna ġuridika;

(d) persuna fiżika tfisser ċittadin tal-Korea jew ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea skont il-leġiżlazzjoni rispettiva tiegħu/tagħha;

(e) persuna ġuridika tfisser kwalunkwe entità legali debitament kostitwita jew organizzata mod ieħor skont il-liġi applikabbli, sew jekk tkun għal skopijiet ta' profitt jew mod ieħor, u sew jekk tkun proprjetà privata jew governattiva, fosthom kwalunkwe korporazzjoni, fond, sħubija, impriża konġunta, proprjetà ta' persuna waħda jew assoċjazzjoni;

(f) persuna ġuridika ta' Parti tfisser:

(i) persuna ġuridika stabbilita skont il-liġijiet ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jew tal-Korea rispettivament, u li jkollha l-uffiċċju rreġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali ([5]) jew il-post prinċipali tan-negozju tagħha fit-territorju li għalih japplikaw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jew tal-Korea rispettivament. Jekk il-persuna ġuridika jkollha biss l-uffiċċju rreġistrat jew l-amministrazzjoni ċentrali tagħha fit-territorju li għalih japplikaw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jew tal-Korea, din m'għandhiex titqies bħala persuna ġuridika tal-Unjoni Ewropea jew tal-Korea rispettivament, sakemm ma tkunx involuta f'operazzjonijiet kummerċjali sostantivi ([6]) fit-territorju li għaliha japplikaw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jew tal-Korea rispettivament; jew

([4]) Il-fatt biss li tkun meħtieġa viża għall-persuni fiżiċi ta' ċerti pajjiżi u mhux għal dawk ta' pajjiżi oħra ma għandux jitqies bħala li jħassar jew idgħajjef il-benefiċċji skont it-termini ta' impenn speċifiku f'dan il-Kapitolu u l-Annessi tiegħu.

([5]) Amministrazzjoni ċentrali tfisser l-uffiċċju prinċipali fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet finali.

([6]) Bi qbil man-notifika tagħha tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea lid-WTO (WT/REG39/1), il-Parti tal-UE tifhem il-kunċett ta' "rabta effettiva u kontinwa" mal-ekonomija ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, inkorporat fl-Artikolu 48 tat-Trattat, bħala ekwivalenti għall-kunċett ta' "operazzjonijiet kummerċjali sostantivi" pprovdut fil-paragrafu 6 tal-Artikolu V tal-GATS. Għalhekk, għal persuna ġuridika stabbilita skont il-liġijiet tal-Korea u li jkollha biss l-uffiċċju rreġistrat jew l-amministrazzjoni ċentrali tagħha fit-territorju tal-Korea, il-Parti tal-KE għandha testendi biss il-benefiċċji ta' dan il-Ftehim jekk dik il-persuna ġuridika jkollha rabta effettiva u kontinwa mal-ekonomija tal-Korea.

(ii) fil-każ ta' stabbiliment skont l-Artikolu 7.9(a), persuna ġuridika li tkun proprjetà ta' jew ikkontrollata minn persuni fiżiċi tal-Parti tal-UE jew tal-Korea rispettivament, jew minn persuna ġuridika tal-Unjoni Ewropea jew tal-Korea identifikata taħt is-subparagrafu (i) rispettivament.

Persuna ġuridika tkun:

(i) proprjetà ta' persuni tal-Parti tal-UE jew tal-Korea jekk iżjed minn 50 fil-mija tal-interess azzjonarju fiha jkun l-proprjetà benefiċjali tal-Parti tal-UE jew tal-Korea rispettivament;

(ii) ikkontrollata minn persuni tal-Parti UE jew tal-Korea jekk dawn il-persuni jkollhom is-setgħa li jaħtru l-maġġoranza tad-diretturi tagħha jew li jmexxu legalment b'xi mod ieħor l-azzjonijiet tagħha;

(iii) affiljata ma' persuna oħra meta hija tikkontrolla, jew tkun ikkontrollata, minn dik il-persuna; jew meta hija u l-persuna l-oħra jkunu t-tnejn ikkontrollatai mill-istess persuna;

(g) Minkejja s-subparagrafu (f), il-kumpaniji tat-tbaħħir stabbiliti barra l-Parti tal-UE jew il-Korea u kkontrollati minn ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew tal-Korea, rispettivament, għandhom ikunu koperti wkoll b'dan il-Ftehim, jekk il-bastimenti tagħhom ikunu rreġistrati skont il-leġiżlazzjoni rispettiva ta' dak l-Istat Membru tal-Unjoni Ewropea jew tal-Korea u jtajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew tal-Korea; (7)

(h) ftehim ta' integrazzjoni ekonomika jfisser ftehim li jilliberalizza b'mod sostanzjali l-kummerċ fis-servizzi u l-istabbiliment skont il-Ftehim tad-WTO, b'mod partikolari l-Artikoli V u V *bis* tal-GATS;

(i) servizzi ta' tiswija u manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru jfissru tali attivitajiet meta jitwettqu fuq inġenju tal-ajru jew parti minnu waqt li jkun qiegħed jiġi irtirat mis-servizz u ma jinkludux l-hekk imsejħa manutenzjoni tal-linja;

(j) servizzi ta' sistemi ta' riżervazzjoni kompjuterizzata (minn hawn 'il quddiem "CRS") ifissru servizzi pprovduti minn sistemi kompjuterizzati li jinkludu informazzjoni dwar l-iskedi tat-trasportaturi bl-ajru, id-disponibbiltà, in-nollijiet u r-regoli dwar in-nollijiet, li permezz tagħhom jistgħu jsiru riżervazzjonijiet jew jinħarġu biljetti;

(k) servizzi ta' bejgħ u promozzjoni tat-trasport bl-ajru jfissru opportunitajiet għat-trasportatur bl-ajru kkonċernat sabiex ibigħ u jirreklama liberament is-servizzi tat-trasport bl-ajru tiegħu fosthom kull aspett tal-promozzjoni bħalma huma r-riċerka tas-suq, ir-reklamar u d-distribuzzjoni. Dawn l-attivitajiet ma jinkludux l-ipprezzar tas-servizzi tat-trasport bl-ajru, u lanqas il-kundizzjonijiet applikabbli; u

(l) fornitur ta' servizz ifisser kwalunkwe persuna li tforni jew tfittex li tforni servizz, inkluż bħala investitur.

(7) Dan is-subparagrafu m'għandux japplika għall-istabbiliment.

*Artikolu 7.3*

**Kumitat dwar il-Kummerċ fis-Servizzi, l-Istabbiliment u l-Kummerċ Elettroniku**

1. Il-Kumitat dwar il-Kummerċ fis-Servizzi, l-Istabbiliment u l-Kummerċ Elettroniku stabbilit skont l-Artikolu 15.2.1 (Kumitati Speċjalizzati) għandu jinkludi rappreżentanti tal-Partijiet. Ir-rappreżentant prinċipali tal-Partijiet għall-Kumitat għandu jkun uffiċjal tal-awtorità tagħha responsabbli għall-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu.

2. Il-Kumitat għandu:

(a) jissorvelja u jivvaluta l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu;

(b) jikkunsidra kwistjonijiet li tirreferilu xi Parti fir-rigward ta' dan il-Kapitolu; u

(c) jipprovdi opportunitajiet għall-awtoritajiet relevanti sabiex jiskambjaw informazzjoni dwar miżuri prudenzjali fir-rigward tal-Artikolu 7.46.

TAQSIMA B

***Forniment transkonfinali ta' servizzi***

*Artikolu 7.4*

**Ambitu u Definizzjonijiet**

1. Din it-Taqsima tapplika għal miżuri tal-Partijiet li jaffettwaw il-forniment transkonfinali tas-setturi tas-servizzi kollha bl-eċċezzjoni ta':

(a) is-servizzi awdjoviżwali (8);

(b) il-kabotaġġ marittimu nazzjonali; u

(c) is-servizzi tat-trasport bl-ajru domestiku u internazzjonali, sew jekk skedat kif ukoll jekk mhux skedat, u s-servizzi direttament marbuta mal-eżerċizzju tad-drittijiet tat-traffiku, ħlief:

(8) L-esklużjoni tas-servizzi awdjoviżwali mill-ambitu ta' din is-Sezzjoni hija mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi li joħorġu mill-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni Kulturali.

(i) servizzi ta' tiswija u manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru;

(ii) il-bejgħ u l-promozzjoni ta' servizzi tat-trasport bl-ajru;

(iii) servizzi CRS; u

(iv) servizzi oħra awżiljari għas-servizzi tat-trasport bl-ajru, bħal servizzi ta' ground handling, servizzi ta' kiri ta' inġenji tal-ajru bl-ekwipaġġ u servizzi ta' ġestjoni tal-ajruporti.

2. Il-miżuri li jaffettwaw il-forniment transkonfinali ta' servizzi jinkludu miżuri li jaffettwaw:

(a) il-produzzjoni, distribuzzjoni, reklamar, bejgħ u konsenja ta' servizz;

(b) ix-xiri, ħlas jew użu ta' servizz;

(c) l-aċċess għal u l-użu, b'rabta mal-forniment ta' servizz, ta' netwerks jew servizzi li jkunu meħtieġa mill-Partijiet li jiġu offruti lill-pubbliku b'mod ġenerali; u

(d) il-preżenza fit-territorju ta' waħda mill-Partijiet, ta' fornitur ta' servizz tal-Parti l-oħra.

3. Għall-finijiet ta' din it-Taqsima:

(a) forniment transkonfinali ta' servizzi huwa definit bħala l-forniment ta' servizz:

(i) mit-territorju ta' Parti għat-territorju tal-Parti l-oħra; u

(ii) fit-territorju ta' Parti lill-konsumatur tas-servizz tal-Parti l-oħra;

(b) servizzi jinkludu kwalunkwe servizzi fi kwalunkwe settur ħlief is-servizzi pprovduti fl-eżerċizzju tal-awtorità governattiva; u

(c) servizz ipprovdut fl-eżerċizzju tal-awtorità governattiva jfisser kwalunkwe servizz li la jiġi pprovdut fuq bażi kummerċjali, u lanqas f'kompetizzjoni ma' fornitur wieħed jew aktar ta' servizz.

*Artikolu 7.5*

**Aċċess għas-Suq**

1. Fir-rigward tal-aċċess għas-suq permezz tal-forniment transkonfinali ta' servizzi, kull Parti għandha tagħti lis-servizzi u lill-fornituri tas-servizzi tal-Parti l-oħra trattament li ma jkunx inqas favorevoli minn dak previst skont it-termini, il-limitazzjonijiet u l-kundizzjonijiet maqbula u speċifikati fl-impenji speċifiċi li jinsabu fl-Anness 7-A.

2. Fis-setturi fejn jittieħdu impenji dwar l-aċċess għas-suq, il-miżuri li ma għandhiex tadotta jew iżżomm Parti fuq il-bażi ta' sottodiviżjoni reġjonali jew fuq il-bażi tat-territorju sħiħ tagħha, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fl-Anness 7-A, huma definiti bħala:

(a) limitazzjonijiet fuq in-numru ta' fornituri tas-servizz, sew jekk ikunu fil-forma ta' kwoti numeriċi, monopolji, li ma jinkludux il-fornituri ta' servizzi jew ir-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi; ([9])

(b) limitazzjonijiet fuq il-valur totali ta' tranżazzjonijiet ta' servizzi jew assi fil-forma ta' kwoti numeriċi jew ir-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi; u

(c) limitazzjonijiet fuq in-numru totali ta' operazzjonijiet ta' servizz jew fuq il-kwantità totali ta' produzzjoni ta' servizz imfissra f'termini tal-unitajiet numeriċi magħżula fil-forma ta' kwoti jew ir-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. ([10])

*Artikolu 7.6*

**Trattament Nazzjonali**

1. Fis-setturi fejn l-impenji dwar l-aċċess għas-suq ikunu stabbiliti fl-Anness 7-A u suġġetti għal kwalunkwe kundizzjoni jew kwalifika stipulata fih, kull Parti għandha tagħti lis-servizzi u lill-fornituri tas-servizzi tal-Parti l-oħra, fir-rigward tal-miżuri kollha li jaffettwaw il-forniment transkonfinali ta' servizzi, trattament mhux inqas favorevoli minn dak li tagħti lis-servizzi u lill-fornituri tas-servizzi simili tagħha stess.

2. Parti tista' tissodisfa r-rekwiżit tal-paragrafu 1 billi tagħti lis-servizzi u lill-fornituri ta' servizzi tal-Parti l-oħra, trattament formalment l-istess jew trattament formalment differenti għal dak li tagħti lis-servizzi u lill-fornituri tas-servizzi simili tagħha stess.

([9]) Dan is-subparagrafu jinkludi miżuri li jeħtieġu li fornitur ta' servizz tal-Parti l-oħra jkollu stabbiliment fit-tifsira tal-Artikolu 7.9(a) jew li jkun residenti fit-territorju ta' Parti bħala kundizzjoni għall-forniment transkonfinali ta' servizzi.

([10]) Dan is-subparagrafu ma jkoprix miżuri ta' Parti li jillimitaw l-inputs għall-forniment transkonfinali ta' servizzi.

3. Trattament formalment l-istess jew formalment differenti għandu jitqies bħala inqas favorevoli jekk huwa jbiddel il-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni favur is-servizzi jew il-fornituri ta' servizzi ta' Parti meta pparagunat mas-servizzi jew il-fornituri ta' servizzi simili tal-Parti l-oħra.

4. L-impenji speċifiċi meħuda taħt dan l-Artikolu m'għandhomx jiġu interpretati li jeħtieġu li xi Parti tikkumpensa għal kwalunkwe żvantaġġ kompetittiv inerenti li jirriżulta mill-karattru barrani tas-servizzi jew il-fornituri tas-servizzi relevanti.

*Artikolu 7.7*

**Listi ta' Impenji**

1. Is-setturi liberalizzati minn kull Parti skont din it-Taqsima u, permezz ta' riżervi, il-limitazzjonijiet tal-aċċess għas-suq u t-trattament nazzjonali applikabbli għas-servizzi u għall-fornituri ta' servizzi tal-Parti l-oħra f'dawk is-setturi huma stabbiliti fil-listi ta' impenji inklużi fl-Anness 7-A.

2. L-ebda Parti ma tista' tadotta miżuri ġodda, jew iżjed diskriminatorji, fir-rigward ta' servizzi jew fornituri ta' servizzi tal-Parti l-oħra, meta mqabbla mat-trattament mogħti skont l-impenji speċifiċi meħuda f'konformità mal-paragrafu 1.

*Artikolu 7.8*

**Trattament ta' MFN** ([11])

1. Fir-rigward ta' kwalunkwe miżura koperta minn din it-Taqsima li taffettwa l-forniment transkonfinali ta' servizzi, sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor f'dan l-Artikolu, kull Parti għandha tagħti lis-servizzi u lill-fornituri ta' servizzi tal-Parti l-oħra trattament mhux inqas favorevoli minn dak li tagħti lil servizzi u fornituri ta' servizzi simili ta' kwalunkwe pajjiż terz fil-kuntest ta' ftehim ta' integrazzjoni ekonomika ffirmat wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

2. It-trattament li jirriżulta minn ftehim ta' integrazzjoni ekonomika reġjonali, li jingħata minn xi Parti lis-servizzi u l-fornituri ta' servizzi ta' pajjiż terz, għandu jiġi eskluż mill-obbligu tal-paragrafu 1, jekk dan it-trattament jingħata biss taħt impenji settorjali jew orizzontali li għalihom il-ftehim ta' integrazzjoni ekonomika reġjonali jistipula livell konsiderevolment ogħla ta' obbligi minn dawk meħuda fil-kuntest ta' din it-Taqsima kif stipulat fl-Anness 7-B.

3. Minkejja l-paragrafu 2, l-obbligi li joħorġu mill-paragrafu 1 m'għandhomx japplikaw għal trattament mogħti:

([11]) Xejn f'dan l-Artikolu ma għandu jiġi interpretat bħala li jestendi l-ambitu ta' din is-Sezzjoni.

(a) taħt miżuri li jipprovdu għar-rikonoxximent ta' kwalifiki, liċenzji jew miżuri prudenzjali skont l-Artikolu VII tal-GATS jew l-Anness tiegħu dwar is-Servizzi Finanzjarji;

(b) taħt kwalunkwe ftehim jew arranġament internazzjonali li jirrigwarda kompletament jew fil-parti l-kbira t-tassazzjoni; jew

(c) taħt miżuri koperti mill-eżenzjonijiet ta' MFN elenkati fl-Anness 7-C.

4. Dan il-Kapitolu m'għandux jiġi interpretat bħala li jimpedixxi lil kwalunkwe Parti milli tagħti vantaġġi lil pajjiżi li jmissu magħha bil-għan li tiffaċilita skambji ta' servizzi li jkunu magħmula kif ukoll ikkunsmati lokalment, limitati għaż-żona tal-fruntiera kontigwa.

TAQSIMA C

***L-istabbiliment***

*Artikolu 7.9*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din it-Taqsima:

(a) stabbiliment ifisser:

(i) il-kostituzzjoni, l-akkwist jew iż-żamma ta' persuna ġuridika; ([12]) jew

(ii) il-ħolqien jew iż-żamma ta' fergħa jew uffiċċju rappreżentattiv

fit-territorju ta' Parti għall-iskop li titwettaq attività ekonomika.

(b) investitur ifisser kwalunkwe persuna li tfittex li twettaq jew li twettaq attività ekonomika permezz tat-twaqqif ta' stabbiliment; ([13])

(c) attività ekonomika tinkludi kwalunkwe attività ta' natura ekonomika ħlief l-attivitajiet imwettqa fl-eżerċizzju ta' awtorità governattiva, jiġifieri attivitajiet li la jitwettqu fuq bażi kummerċjali u lanqas f'kompetizzjoni ma' operatur ekonomiku wieħed jew aktar;

(d) sussidjarju ta' persuna ġuridika ta' Parti tfisser persuna ġuridika li tkun effettivament ikkontrollata minn persuna ġuridika oħra ta' dik il-Parti; u

([12]) It-termini "kostituzzjoni" u "akkwist" ta' persuna ġuridika għandu jinftiehem bħala li jinkludi l-parteċipazzjoni kapitali f'persuna ġuridika bl-iskop li jiġu stabbiliti jew miżmuma rabtiet ekonomiċi fit-tul.

([13]) Fejn l-attività ekonomika ma titwettaqx direttament minn persuna ġuridika iżda permezz ta' forom oħra ta' stabbiliment bħal fergħa jew uffiċċju rappreżentattiv, l-investitur inkluż il-persuna ġuridika għandu, xorta waħda, permezz ta' tali stabbiliment jingħata t-trattament mogħti lill-investitur taħt dan il-Ftehim. Trattament bħal dan għandu jiġi estiż għall-istabbiliment li permezz tiegħu titwettaq l-attività ekonomika u m'għandux għalfejn jiġi estiż għal xi partijiet oħra tal-investitur li jinsabu barra t-territorju fejn titwettaq l-attività ekonomika.

(e) fergħa ta' persuna ġuridika tfisser post tan-negozju li ma jkollux personalità ġuridika li jkollha d-dehra ta' permanenza, bħalma hija l-estensjoni ta' korp prinċipali, li jkollu maniġment u jkun materjalment mgħammar sabiex jinnegozja negozju ma' partijiet terzi sabiex dawn tal-aħħar, għalkemm ikunu jafu li, jekk ikun meħtieġ, se jkun hemm rabta legali mal-korp prinċipali, li l-uffiċċju prinċipali tiegħu jkun f'pajjiż ieħor, ma jkollhomx għalfejn jittrattaw direttament ma' dan l-korp prinċipali iżda jistgħu jagħmlu n-negozju fil-post tan-negozju li jikkostitwixxi l-estensjoni.

*Artikolu 7.10*

**Ambitu**

Bil-ħsieb li jittejjeb l-ambjent tal-investiment, u b'mod partikolari l-kundizzjonijiet ta' stabbiliment bejn il-Partijiet, din it-Taqsima tapplika għall-miżuri mill-Partijiet li jaffettwaw l-istabbiliment ([14]) għall-attivitajiet ekonomiċi kollha bl-eċċezzjoni ta':

(a) il-ħruġ, il-manifattura u l-ipproċessar ([15]) ta' materjal nukleari;

(b) il-produzzjoni ta', u l-kummerċ f'armi, munizzjon u materjal tal-gwerra; ([16])

(c) is-servizzi awdjoviżwali; ([17])

(d) il-kabotaġġ marittimu nazzjonali; u

(e) is-servizzi tat-trasport bl-ajru domestiċi u internazzjonali, sew jekk skedati kif ukoll jekk mhux skedati, u s-servizzi direttament marbuta mal-eżerċizzju tad-drittijiet tat-traffiku, ħlief:

(i) servizzi ta' tiswija u manutenzjoni ta' inġenji tal-ajru;

(ii) il-bejgħ u l-promozzjoni ta' servizzi tat-trasport bl-ajru;

(iii) servizzi CRS; u

(iv) servizzi oħra awżiljari għas-servizzi tat-trasport bl-ajru, bħal servizzi ta' ground handling, servizzi ta' kiri ta' inġenji tal-ajru bl-ekwipaġġ u servizzi ta' ġestjoni tal-ajruporti.

*Artikolu 7.11*

**Aċċess għas-Suq**

1. Fir-rigward tal-aċċess għas-suq permezz ta' stabbiliment, kull Parti għandha tagħti lill-istabbilimenti u lill-investituri tal-Parti l-oħra trattament mhux inqas favorevoli minn dak previst skont it-termini, il-limitazzjonijiet u l-kundizzjonijiet maqbula u speċifikati fl-impenji speċifiċi li jinsabu fl-Anness 7-A.

2. Fis-setturi fejn ikunu meħuda impenji dwar l-aċċess għas-suq, il-miżuri li Parti m'għandhiex tadotta jew iżżomm fuq il-bażi ta' sottodiviżjoni reġjonali jew fuq il-bażi tat-territorju sħiħ tagħha, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fl-Anness 7-A, huma definiti bħala:

(a) limitazzjonijiet fuq in-numru ta' stabbilimenti kemm jekk fil-forma ta' kwoti numeriċi, monopolji, drittijiet esklussivi jew rekwiżiti oħra ta' stabbiliment bħal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi;

(b) limitazzjonijiet fuq il-valur totali tat-tranżazzjonijiet jew l-assi fil-forma ta' kwoti numeriċi jew ir-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi;

(c) limitazzjonijiet fuq in-numru totali ta' operazzjonijiet jew fuq il-kwantità totali ta' produzzjoni mfissra f'termini ta' unitajiet numeriċi magħżula fil-forma ta' kwoti jew ir-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi; ([18])

(d) limitazzjonijiet fuq il-parteċipazzjoni ta' kapital barrani f'termini tal-limitu perċentwali massimu fuq l-ishma barranin jew il-valur totali tal-investiment barrani individwali jew kollettiv;

(e) miżuri li jillimitaw jew li jeħtieġu tipi speċifiċi ta' entitajiet legali jew impriżi konġunti li permezz tagħhom investitur tal-Parti l-oħra jista' jwettaq attività ekonomika; u

(f) limitazzjonijiet fuq in-numru totali ta' persuni fiżiċi, ħlief persunal ewlieni u apprendisti gradwati kif definiti fl-Artikolu 7.17, li jistgħu jiġu impjegati f'settur partikolari jew li investitur jista' jimpjega u li jkunu neċessarji, jew direttament marbuta, mat-twettiq tal-attività ekonomika fil-forma ta' kwoti numeriċi jew ir-rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.

*Artikolu 7.12*

**Trattament Nazzjonali** ([19])

1. Fis-setturi inklużi fl-Anness 7-A, u suġġett għal kwalunkwe kundizzjonijiet jew kwalifiki speċifikati fih, fir-rigward tal-miżuri kollha li jaffettwaw l-istabbiliment, kull Parti għandha tagħti lill-istabbilimenti u lill-investituri tal-Parti l-oħra trattament mhux inqas favorevoli minn dak li tagħti lill-istabbilimenti u lill-investituri simili tagħha stess.

([14]) Il-protezzjoni tal-investimenti, ħlief it-trattament li joħroġ mill-Artikolu 7.12, fosthom il-proċeduri għas-soluzzjonijiet ta' tilwimiet bejn l-investitur u l-istat, mhijiex koperta minn dan il-Kapitolu.

([15]) Għal aktar ċertezza, l-ipproċessar ta' materjali nukleari jkopri l-attivitajiet kollha inklużi fil-Klassifikazzjoni Industrijali Standard Internazzjonali tal-Attivitajiet Ekonomiċi kollha kif speċifikati fl-Uffiċċju Statistiku tan-Nazzjonijiet Uniti, Karti Statistiċi, Serje M, Nru 4, ISIC REV 3.1, 2002 kodiċi 2330.

([16]) Il-materjal tal-gwerra huwa limitat għal kwalunkwe prodott li jkun intenzjonat u magħmul esklussivament għall-użu militari b'rabta mat-twettiq ta' attivitajiet tal-gwerra jew ta' difiża.

([17]) L-esklużjoni tas-servizzi awdjoviżwali mill-ambitu ta' din is-Sezzjoni hija mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi li joħorġu mill-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni Kulturali.

([18]) Is-subparagrafi (a) sa (c) ma jkoprux miżuri meħuda sabiex jillimitaw il-produzzjoni ta' prodott agrikolu.

([19]) Dan l-Artikolu japplika għal miżuri li jirregolaw il-kompożizzjoni tal-bordijiet tad-diretturi ta' stabbiliment, bħalma huma r-rekwiżiti dwar iċ-ċittadinanza u r-residenza.

2. Parti tista' tissodisfa r-rekwiżit tal-paragrafu 1 billi tagħti lill-istabbilimenti u lill-investituri tal-Parti l-oħra, jew trattament formalment l-istess jew trattament formalment differenti għal dak li tagħti lill-istabbilimenti u lill-investituri simili tagħha stess.

3. Trattament formalment l-istess jew formalment differenti għandu jitqies li jkun inqas favorevoli jekk jimmodifika l-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni favur l-istabbilimenti jew l-investituri ta' Parti meta mqabbel mal-istabbilimenti jew l-investituri simili tal-Parti l-oħra.

4. L-impenji speċifiċi meħuda taħt dan l-Artikolu m'għandhomx jiġu interpretati li jeħtieġu lil kwalunkwe Parti tikkumpensa għal xi żvantaġġi kompetittivi inerenti li jirriżultaw minnatura barranija tal-istabbilimenti jew tal-investituri relevanti.

*Artikolu 7.13*

**Listi ta' Impenji**

1. Is-setturi liberalizzati minn kull Parti skont din it-Taqsima u, permezz ta' riżervi, il-limitazzjonijiet tal-aċċess għas-suq u t-trattament nazzjonali applikabbli għall-istabbilimenti u l-investituri tal-Parti l-oħra f'dawk is-setturi huma speċifikati fil-listi ta' impenji inklużi fl-Anness 7-A.

2. L-ebda Parti ma tista' tadotta miżuri ġodda, jew aktar diskriminatorji, fir-rigward ta' stabbilimenti u investituri tal-Parti l-oħra meta mqabbel mat-trattament mogħti skont l-impenji speċifiċi meħuda f'konformità mal-paragrafu 1.

*Artikolu 7.14*

**Trattament ta' MFN** ([20])

1. Fir-rigward ta' kwalunkwe miżura koperta minn din it-Taqsima li taffettwa stabbiliment, sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor f'dan l-Artikolu, kull Parti għandha tagħti lill-istabbilimenti u lill-investituri tal-Parti l-oħra trattament mhux inqas favorevoli minn dak li tagħti lil stabbilimenti u investituri simili ta' kwalunkwe pajjiż terz fil-kuntest ta' ftehim ta' integrazzjoni ekonomika ffirmat wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. ([21])

2. It-trattament li jirriżulta minn ftehim ta' integrazzjoni ekonomika reġjonali mogħti minn xi waħda mill-Partijiet lil stabbilimenti u investituri ta' pajjiż terz għandu jiġi eskluż mill-obbligu fil-paragrafu 1, jekk dan it-trattament jingħata biss taħt impenji settorjali jew orizzontali li għalihom il-ftehim ta' integrazzjoni ekonomika reġjonali jistipula livell konsiderevolment ogħla ta' obbligi minn dawk meħuda fil-kuntest ta' din it-Taqsima kif stipulat fl-Anness 7-B.

3. Minkejja l-paragrafu 2, l-obbligi li joħorġu mill-paragrafu 2 m'għandhomx japplikaw għal trattament mogħti:

(a) taħt miżuri li jipprovdu għar-rikonoxximent ta' kwalifiki, liċenzji jew miżuri prudenzjali skont l-Artikolu VII tal-GATS jew l-Anness tiegħu dwar is-Servizzi Finanzjarji;

(b) taħt kwalunkwe ftehim jew arranġament internazzjonali li jirrigwarda kompletament jew prinċipalment it-tassazzjoni; jew

(c) taħt miżuri koperti b'eżenzjoni ta' MFN elenkata fl-Anness 7-C.

4. Dan il-Kapitolu m'għandux jiġi interpretat li jimpedixxi lil kwalunkwe Parti milli tagħti vantaġġi lill-pajjiżi li jmissu magħha bil-għan li tiffaċilita skambji ta' servizzi magħmula u kkunsmati lokament, limitati għaż-żona tal-fruntiera kontigwa.

*Artikolu 7.15*

**Ftehimiet Oħra**

Xejn f'dan il-Kapitolu m'għandu jitqies li:

(a) jillimita d-drittijiet tal-investituri tal-Partijiet sabiex igawdu minn kwalunkwe trattament iżjed favorevoli li jkun previst fi kwalunkwe ftehim internazzjonali eżistenti jew ġejjieni relatat ma' investiment li għalih ikunu parti wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-Korea; u

(b) jidderoga mill-obbligi legali internazzjonali tal-Partijiet skont dawk il-ftehimiet li jipprovdu lill-investituri tal-Partijiet bi trattament iżjed favorevoli minn dak ipprovdut taħt dan il-Ftehim.

*Artikolu 7.16*

**Eżami tal-Qafas Legali tal-Investimenti**

1. Bil-ħsieb li jilliberalizzaw progressivament l-investimenti, il-Partijiet għandhom jeżaminaw il-qafas legali tal-investimenti ([22]), l-ambjent tal-investiment u l-fluss tal-investiment bejniethom b'mod konsistenti mal-impenji tagħhom fi ftehimiet internazzjonali sa mhux aktar tard minn tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim u suċċessivament f'intervalli regolari.

([20]) Xejn f'dan l-Artikolu ma għandu jiġi interpretat bħala li jestendi l-ambitu ta' din is-Sezzjoni.

([21]) L-obbligu li jinsab f'dan il-paragrafu ma jestendix għad-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-investiment li mhumiex koperti minn dan il-Kapitolu, inklużi d-dispożizzjonijiet relatati mal-proċeduri għas-soluzzjonijiet ta' tilwimiet bejn l-investitur u l-istat.

([22]) Dan jinkludi dan il-Kapitolu u l-Annessi 7-A u 7-C.

2. Fil-kuntest tal-eżami msemmi fil-paragrafu 1, il-Partijiet għandhom jivvalutaw kwalunkwe ostakoli għall-investiment li jkunu nqalgħu u għandhom jibdew negozjati sabiex jindirizzaw dawk l-ostakoli, bil-għan li jsaħħu d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu, fosthom fir-rigward tal-prinċipji ġenerali tal-protezzjoni tal-investiment.

*TAQSIMA D*

***Preżenza temporanja ta' persuni fiżiċi għan-negozju***

*Artikolu 7.17*

**Ambitu u Definizzjonijiet**

1. Din it-Taqsima tapplika għal miżuri tal-Partijiet li jirrigwardaw id-dħul u s-soġġorn temportanju fit-territorji tagħhom, ta' persunal ewlieni, apprendisti gradwati, bejjiegħa ta' servizzi kummerċjali, fornituri ta' servizzi kuntrattwali u professjonisti indipendenti soġġetti għall-Artikolu 7.1.5.

2. Għall-finijiet ta' din it-Taqsima:

(a) persunal ewlieni jfisser persuni fiżiċi impjegati fi ħdan persuna ġuridika ta' Parti li ma tkunx organizzazzjoni mhux għall-profitt u li jkunu responsabbli għat-twaqqif jew il-kontroll, l-amministrazzjoni u l-operat xieraq ta' stabbiliment. Il-persunal ewlieni jinkludi viżitaturi kummerċjali responsabbli għat-twaqqif ta' stabbiliment u dawk li jiġu trasferiti intrakorporattivament;

(i) viżitaturi kummerċjali jfissru persuni fiżiċi li jaħdmu f'pożizzjoni għolja li jkunu responsabbli għat-twaqqif ta' stabbiliment. Huma ma jipparteċipawx fi tranżazzjonijiet diretti mal-pubbliku ġenerali u ma jirċevux remunerazzjoni minn sors li jkun jinsab fil-Parti ospitanti; u

(ii) trasferiti intrakorporattivi jfissru persuni fiżiċi li jkunu ġew impjegati minn persuna ġuridika ta' Parti jew li kienu soċji fiha (ħlief bħala azzjonisti maġġoritarji) għal mill-anqas sena u li jiġu trasferiti temporanjament għal stabbiliment (fosthom sussidjarji, affiljati jew fergħat) fit-territorju tal-Parti l-oħra. Il-persuna fiżika kkonċernata għandha tappartjeni għal waħda mill-kategoriji li ġejjin.

Maniġers

Persuni fiżiċi li jkunu qegħdin jaħdmu f'pożizzjoni għolja fi ħdan persuna ġuridika, li jmexxu prinċipalment il-ġestjoni tal-istabbiliment, jirċievu s-superviżjoni jew id-direzzjoni ġenerali prinċipalment mill-bord tad-diretturi jew l-azzjonisti tan-negozju jew l-ekwivalenti tagħhom, inkluż:

(A) billi jmexxu l-istabbiliment jew dipartiment jew sottodiviżjoni tiegħu;

(B) billi jissorveljaw u jikkontrollaw ix-xogħol ta' impjegati superviżorji, professjonali jew maniġerjali oħra; u

(C) billi jkollhom l-awtorità biex personalment jirreklutaw u jkeċċu jew jirrikkmandaw, ikeċċu jew azzjonijiet oħra relatati mal-persunal.

Speċjalisti

Persuni fiżiċi li jaħdmu fi ħdan persuna ġuridika u li jkollhom għarfien mhux komuni essenzjali għall-produzzjoni, it-tagħmir tar-riċerka, il-metodi jew it-tmexxija tal-istabbiliment. Fl-evalwazzjoni ta' dan l-għarfien, għandu jitqies mhux biss l-għarfien speċifiku għall-istabbiliment, iżda wkoll jekk il-persuna jkollhiex livell għoli ta' kwalifika b'referenza għal tip ta' xogħol jew negozju li jeħtieġ għarfien tekniku speċifiku, inkluża sħubija fi professjoni akkreditata.

(b) apprendisti gradwati jfissru persuni fiżiċi li jkunu ġew impjegati minn persuna ġuridika ta' Parti għal mill-anqas sena, li jkollhom grad universitarju u li jkunu trasferiti temporanjament għal stabbiliment fit-territorju tal-Parti l-oħra għal skopijiet ta' żvilupp tal-karriera jew biex jiksbu taħriġ dwar tekniki jew metodi tan-negozju; ([23])

(c) bejjiegħa ta' servizzi kummerċjali jfissru persuni fiżiċi li jkunu rappreżentanti ta' fornitur ta' servizz ta' Parti li jkunu qegħdin ifittxu dħul temporanju fit-territorju tal-Parti l-oħra sabiex jinnegozjaw il-bejgħ ta' servizzi jew jidħlu fi ftehimiet biex ibigħu servizzi għal dak il-fornitur ta' servizz. Huma ma jinvolvux ruħhom f'bejgħ lill-pubbliku ġenerali u ma jirċevux remunerazzjoni minn sors li jkun jinsab fil-Parti ospitanti;

(d) fornituri ta' servizzi kuntrattwali jfissru persuni fiżiċi impjegati minn persuna ġuridika ta' Parti li ma jkollhiex stabbiliment fit-territorju tal-Parti l-oħra u li tkun ikkonkludiet kuntratt *bona fide* biex tipprovdi servizzi ma' konsumatur finali fil-Parti tal-aħħar li jeħtieġ il-preżenza fuq bażi temporanja tal-impjegati tagħha f'dik il-Parti sabiex tkun tista' twettaq il-kuntratt għall-forniment ta' servizzi ([24]); u

([23]) L-istabbiliment riċevitur jista' jkun meħtieġ li jissottometti programm ta' taħriġ li jkopri l-perjodu tas-soġġorn għal approvazzjoni bil-quddiem, fejn juri li l-iskop tas-soġġorn ikun għal taħriġ li jikkorrispondi għal-livell ta' grad universitarju.

([24]) Il-kuntratt ta' servizz imsemmi taħt dan is-subparagrafu għandu jikkonforma mal-liġijiet, ir-regolamenti u r-rekwiżiti tal-Parti fejn jitwettaq il-kuntratt.

(e) professjonisti indipendenti jfissru persuni fiżiċi involuti fil-forniment ta' servizz u stabbiliti bħala impjegati għal rashom fit-territorju ta' Parti li ma jkollhom l-ebda stabbiliment fit-territorju tal-Parti l-oħra u li jkunu kkonkludew kuntratt *bona fide* biex jipprovdu servizzi ma' konsumatur finali fil-Parti tal-aħħar li jeħtieġ il-preżenza tagħhom fuq bażi temporanja f'dik il-parti sabiex twettaq il-kuntratt għall-forniment ta' servizzi ([25]).

*Artikolu 7.18*

**Persunal Ewlieni u Apprendisti Gradwati**

1. Għal kull settur liberalizzat skont it-Taqsima C u suġġett għal kwalunkwe riżerva elenkata fl-Anness 7-A, kull Parti għandha tippermetti investituri tal-Parti l-oħra jittrasferixxu għall-istabbiliment tagħhom persuni fiżiċi ta' dik il-Parti l-oħra, bil-kundizzjoni li tali impjegati jkunu persunal ewlieni jew apprendisti gradwati kif definiti fl-Artikolu 7.17. Id-dħul u s-soġġorn temporanju ta' persunal ewlieni u apprendisti gradwati għandu jkun permess għal perjodu sa tliet snin fil-każ ta' trasferiti intrakorporattivi ([26]), 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 12-il xahar fil-każ tal-viżitaturi għan-negozju ([27]), u sena fil-każ tal-apprendisti gradwati.

2. Għal kull settur liberalizzat skont it-Taqsima C, il-miżuri li Parti m'għandhiex iżżomm jew tadotta, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fl-Anness 7-A, huma definiti bħala limitazzjonijiet fuq in-numru totali ta' persuni fiżiċi li investitur jista' jittrasferixxi bħala persunal ewlieni jew apprendisti gradwati f'settur speċifiku fil-forma ta' kwoti numeriċi jew rekwiżit ta' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi u bħala limitazzjonijiet diskriminatorji. ([28])

*Artikolu 7.19*

**Bejjiegħa ta' Servizzi Kummerċjali**

Għal kull settur liberalizzat skont it-Taqsima B jew C u suġġett għal kwalunkwe riżerva elenkata fl-Anness 7-A, kull Parti għandha tippermetti d-dħul u s-soġġorn temporanju ta' bejjiegħa ta' servizzi kummerċjali għal perjodu massimu ta' 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 12-il xahar. ([29])

*Artikolu 7.20*

**Fornitur ta' Servizz Kuntrattwali u Professjonisti Indipendenti**

1. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-obbligi rispettivi tagħhom li joħorġu mill-impenji tagħhom skont il-GATS fir-rigward tad-dħul u s-soġġorn temporanju ta' fornituri ta' servizz b'kuntratt u professjonisti indipendenti.

2. Mhux aktar tard minn sentejn wara l-konklużjoni tan-negozjati skont l-Artikolu XIX tal-GATS u d-Dikjarazzjoni Ministerjali tal-Konferenza Ministerjali tad-WTO adottata fl-14 ta' Novembru 2001, il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jadotta deċiżjoni li tinkludi lista ta' impenji rigward l-aċċess tal-fornituri ta' servizz b'kuntratt u l-professjonisti indipendenti ta' Parti għat-territorju tal-Parti l-oħra. Fid-dawl tar-riżultati ta' dawk in-negozjati skont il-GATS, l-impenji għandhom ikunu benefiċjali u siewja kummerċjalment għaż-żewġ naħat.

*TAQSIMA E*

***Qafas regolatorju***

Subtaqsima A

**Dispożizzjonijiet ta' applikazzjoni ġenerali**

*Artikolu 7.21*

**Rikonoxximent Reċiproku**

1. Xejn f'dan il-Kapitolu ma għandu jimpedixxi lil xi Parti milli teħtieġ li l-persuni fiżiċi jkollhom il-kwalifiki u/jew l-esperjenza professjonali neċessarja speċifikata fit-territorju fejn jiġi pprovdut is-servizz, għas-settur tal-attività kkonċernat.

2. Il-Partijiet għandhom jinkoraġġixxu lill-korpi professjonali rappreżentattivi relevanti fit-territorji rispettivi tagħhom sabiex jiżviluppaw u jipprovdu flimkien rakkomandazzjonijiet dwar ir-rikonoxximent reċiproku lill-Kumitat għall-Kummerċ, għall-iskop li jiġu sodisfatti, b'mod sħiħ jew parzjali, mill-fornituri ta' servizzi u l-investituri fis-setturi tas-servizzi, il-kriterji applikati minn kull Parti għall-awtorizzazzjoni, il-liċenzjar, it-tħaddim u ċ-ċertifikazzjoni ta' fornituri ta' servizzi u investituri fis-setturi finanzjarji u, b'mod partikolari, servizzi professjonali, inkluż l-għoti ta' liċenzji temporanji.

3. Malli tasal rakkomandazzjoni kif imsemmija fil-paragrafu 2, il-Kumitat għall-Kummerċ għandu, fi żmien raġonevoli, jeżamina r-rakkomandazzjoni bil-ħsieb li jistabbilixxi jekk hijiex konsistenti ma' dan il-Ftehim.

4. Meta, f'konformità mal-proċedura stipulata fil-paragrafu 3, rakkomandazzjoni kif imsemmija fil-paragrafu 2 tinstab li hija konsistenti ma' dan il-Ftehim u jkun hemm livell suffiċjenti ta' korrispondenza bejn ir-regolamenti relevanti tal-Partijiet, il-Partijiet għandhom, bil-ħsieb li jimplimentaw dik ir-rakkomandazzjoni, jinnegozjaw, permezz tal-awtoritajiet kompetenti tagħhom, ftehim dwar ir-rikonoxximent reċiproku (minn hawn 'il quddiem "MRA") tar-rekwiżiti, kwalifiki, liċenzji u regolamenti oħra.

([25]) Il-kuntratt ta' servizz imsemmi taħt dan is-subparagrafu għandu jikkonforma mal-liġijiet, ir-regolamenti u r-rekwiżiti tal-Parti fejn jitwettaq il-kuntratt.

([26]) Parti tista' tawtorizza estensjoni għall-perjodu permess skont il-liġijiet u r-regolamenti fis-seħħ fit-territorju tagħha.

([27]) Dan il-paragrafu huwa mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi li joħorġu minn ftehimiet bilaterali ta' rinunzja tal-viża bejn il-Korea u wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

([28]) Sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor fl-Anness 7-A, l-ebda Parti ma tista' titlob li stabbiliment jaħtar f'pożizzjonijiet amministrattivi għolja, persuni fiżiċi ta' xi nazzjonalità partikolari jew li jkollhom residenza fit-territorju tagħha.

([29]) Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi li joħorġu minn ftehimiet bilaterali ta' rinunzja tal-viża bejn il-Korea u wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

5. Kwalunkwe ftehim bħal dan għandu jkun konformi mad-dispożizzjonijiet relevanti tal-Ftehim tad-WTO u, b'mod partikolari, l-Artikolu VII tal-GATS.

6. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-MRA stabbilit skont l-Artikolu 15.3.1 (Gruppi ta' Ħidma) għandu jopera taħt il-Kumitat għall-Kummerċ u għandu jinkludi rappreżentanti tal-Partijiet. Bil-għan li jiffaċilita l-attivitajiet tal-paragrafu 2, il-Grupp ta' Ħidma għandu jiltaqa' fi żmien sena mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, sakemm il-Partijiet ma jiftehmux mod ieħor.

(a) Il-Grupp ta' Ħidma għandu jikkunsidra, għas-servizzi b'mod ġenerali, u kif xieraq għal servizzi individwali, il-kwistjonijiet li ġejjin:

(i) proċeduri sabiex jinkoraġġixxu lill-korpi rappreżentattivi relevanti fit-territorji respettivi tagħhom iqisu l-interess tagħhom fir-rikonoxximent reċiproku; u

(ii) proċeduri sabiex jippromwovu l-iżvilupp ta' rakkomandazzjonijiet dwar ir-rikonoxximent reċiproku mill-korpi rappreżentattivi relevanti.

(b) Il-Grupp ta' Ħidma għandu jiffunzjona bħala punt ta' kuntatt għal kwistjonijiet relatati mar-rikonoxximent reċiproku li jiġu mqajma minn korpi professjonali relevanti ta' kwalunkwe waħda mill-Partijiet.

*Artikolu 7.22*

**Trasparenza u Informazzjoni Kunfidenzjali**

1. Permezz tal-mekkaniżmi stabbiliti skont il-Kapitolu Tnax (Trasparenza), il-Partijiet għandhom jirrispondu fil-pront għat-talbiet kollha mill-Parti l-oħra għal informazzjoni speċifika dwar:

(a) ftehimiet jew arranġamenti internazzjonali, fosthom dwar ir-rikonoxximent reċiproku, li jirrigwardaw jew li jaffettwaw kwistjonijiet li jaqgħu taħt dan il-Kapitolu; u

(b) standards u kriterji għal-liċenzjar u ċ-ċertifikazzjoni ta' fornituri ta' servizzi, fosthom informazzjoni dwar l-korp regolatorju jew l-korp ieħor xieraq li għandu jiġi kkonsultat dwar tali standards u kriterji. Tali standards u kriterji jinkludu r-rekwiżiti rigward l-edukazzjoni, l-eżami, l-esperjenza, il-kondotta u l-etika, l-iżvilupp professjonali u ċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid, l-ambitu tal-prattika, l-għarfien lokali u l-protezzjoni tal-konsumatur.

2. Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jeħtieġ li xi Parti tipprovdi informazzjoni kunfidenzjali, li l-iżvelar tagħha jista' jxekkel l-infurzar tal-liġi, jew li jkun kuntrarju mod ieħor għall-interessi pubbliċi, jew li jippreġudika l-interessi kummerċjali leġittimi ta' impriżi partikolari, pubbliċi jew privati.

3. L-awtoritajiet regolatorji ta' kull Parti għandhom jagħmlu pubblikament disponibbli r-rekwiżiti, fosthom kwalunkwe dokumentazzjoni meħtieġa, sabiex jimtlew l-applikazzjonijiet relatati mal-forniment ta' servizzi.

4. Fuq talba ta' applikant, l-awtorità regolatorja ta' Parti għandha tinforma lill-applikant dwar l-istatus tal-applikazzjoni. Jekk l-awtorità jkollha bżonn informazzjoni addizzjonali mingħand l-applikant, hija għandha tinforma lill-applikant mingħajr dewmien bla bżonn.

5. Meta tiġi mitluba minn applikant li ma jkunx intgħażel, awtorità regolatorja li tkun ċaħdet applikazzjoni għandha, safejn ikun possibbli, tinforma lill-applikant dwar ir-raġunijiet għaċ-ċaħda tal-applikazzjoni.

6. L-awtorità regolatorja ta' Parti għandha tieħu deċiżjoni amministrattiva dwar applikazzjoni kompluta ta' investitur jew fornitur ta' servizz transkonfinali tal-Parti l-oħra rigward il-forniment ta' servizz, fi żmien 120 jum, u għandha tinforma immedjatament lill-applikant dwar id-deċiżjoni. Applikazzjoni m'għandhiex titqies kompluta sakemm isiru s-seduti ta' smigħ kollha relevanti u tasal l-informazzjoni kollha neċessarja. Fejn ma jkunx possibbli li tittieħed deċiżjoni fi żmien 120 jum, l-awtorità regolatorja għandha tinforma lill-applikant mingħajr dewmien bla bżonn u wara għandha tipprova tieħu d-deċiżjoni fi żmien raġonevoli.

*Artikolu 7.23*

**Regolazzjoni Domestika**

1. Fejn tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għall-forniment ta' servizz jew għal stabbiliment li fuqu jkun sar impenn speċifiku, l-awtoritajiet kompetenti ta' Parti għandhom, fi żmien raġonevoli wara s-sottomissjoni ta' applikazzjoni meqjusa kompluta skont il-liġijiet u r-regolamenti domestiċi, tinforma lill-applikant bid-deċiżjoni rigward l-applikazzjoni. Fuq talba tal-applikant, l-awtoritajiet kompetenti tal-Parti għandhom jipprovdu, mingħajr dewmien bla bżonn, informazzjoni rigward l-istatus tal-applikazzjoni.

2. Kull Parti għandha tistabbilixxi jew iżżomm tribunali ġudizzjarji, arbitrali jew amministrattivi li, fuq talba ta' investitur jew ta' fornitur ta' servizz affettwat, jipprovdu għal eżami fil-pront u, fejn ikun ġustifikat, rimedji xierqa għal, deċiżjonijiet amministrattivi li jaffettwaw l-istabbiliment, il-forniment transkonfinali ta' servizzi jew il-preżenza temporanja ta' persuni fiżiċi għal skop ta' negozju. Fejn dawn il-proċeduri ma jkunux indipendenti mill-aġenzija fdata bid-deċiżjoni amministrattiva kkonċernata, il-Partijiet għandhom jassiguraw li l-proċeduri fil-fatt jipprovdu għal eżami oġġettiv u imparzjali.

3. Sabiex ikun assigurat li l-miżuri relatati mar-rekwiżiti u l-proċeduri ta' kwalifika, l-istandards tekniċi u r-rekwiżiti dwar il-liċenzjar ma jikkostitwux ostakoli bħala bżonn għall-kummerċ fis-servizzi, filwaqt li jiġi rikonoxxut id-dritt ta' regolazzjoni u ta' introduzzjoni ta' regolamenti ġodda dwar il-forniment ta' servizzi sabiex jintlaħqu għanijiet pubbliċi ta' politika, kull Parti għandha tfittex li tassigura, kif jixraq għal setturi individwali, li tali miżuri jkunu:

(a) ibbażati fuq kriterji oġġettivi u trasparenti, bħalma huma l-kompetenza u l-ħila li jingħata s-servizz; u

(b) fil-każ tal-proċeduri għall-ħruġ tal-liċenzji, fihom infushom ma jkunux restrizzjoni fuq il-forniment tas-servizz.

4. Dan l-Artikolu għandu jiġi emendat, kif meħtieġ, wara konsultazzjonijiet bejn il-Partijiet, sabiex jiddaħħlu taħt dan il-Ftehim ir-riżultati tan-negozjati skont il-paragrafu 4 tal-Artikolu VI tal-GATS jew ir-riżultati ta' kwalunkwe negozjati simili li jsiru ġewwa fora multilaterali oħra li fihom jipparteċipaw iż-żewġ Partijiet ladarba jsiru effettivi.

*Artikolu 7.24*

**Governanza**

Kull Parti għandha, safejn ikun prattikabbli, tassigura li l-istandards maqbula internazzjonalment għar-regolazzjoni u s-superviżjoni fis-settur tas-servizi finanzjarji u għall-ġlieda kontra l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa, jiġu implimentati u applikati fit-territorju tagħha. Tali standards maqbula internazzjonalment huma, inter alia, il-Prinċipji Bażiċi għal Superviżjoni Bankarja Effettiva tal-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja, il-Prinċipji u l-Metodoloġija Bażika tal-Assigurazzjoni, approvati f'Singapor fit-3 ta' Ottubru 2003 tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tas-Superviżuri tal-Assigurazzjoni, l-Għanijiet u l-Prinċipji tar-Regolazzjoni tat-Titoli tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet dwar it-Titoli, il-Ftehim dwar l-Iskambju ta' Informazzjoni dwar Kwistjonijiet relatati mat-Taxxa tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (minn hawn 'il quddiem l-"OECD"), id-Dikjarazzjoni dwar it-Trasparenza u l-Iskambju ta' Informazzjoni għal Finijiet ta' Taxxa tal-G20, u l-Erbgħin Rakkomandazzjoni dwar il-Ħasil tal-Flus u Disa' Rakkomandazzjonijiet Speċjali dwar l-Iffinanzjar tat-Terroriżmu tal-Forza tax-Xogħol dwar Azzjoni Finanzjarja.

Subtaqsima B

**Servizzi tal-kompjuter**

*Artikolu 7.25*

**Servizzi tal-Kompjuter**

1. Fil-liberalizzazzjoni tal-kummerċ fis-servizzi tal-kompjuter skont it-Taqsimiet B sa D, il-Partijiet jaqblu mal-fehim stabbilit fil-paragrafi li ġejjin.

2. CPC [30] 84, il-kodiċi tan-Nazzjonijiet Uniti li jintuża sabiex jiddeskrivi servizzi tal-kompjuter oħrajn relatati, ikopri l-funzjonijiet bażiċi użati sabiex jiġu pprovduti s-servizzi kollha tal-kompjuter u oħrajn relatati fosthom il-programmi tal-kompjter definiti bħala s-settijiet tal-istruzzjonijiet meħtieġa sabiex il-kompjuters jaħdmu u jikkomunikaw (inkluż l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tagħhom), l-ipproċessar u l-ħażna tal-informazzjoni, u servizzi relatati, bħalma huma s-servizzi ta' konsulenza u taħriġ għall-persunal tal-klijenti. L-iżviluppi teknoloġiċi wasslu għal żieda fl-offerta ta' dawn is-servizzi bħala grupp jew pakkett ta' servizzi relatati li jistgħu jinkludu dawn il-funzjonijiet kollha jew xi wħud minnhom. Pereżempju, is-servizzi bħal *web* jew *domain hosting*, is-servizzi ta' *data mining* u l-*grid computing* jikkonsistu f'taħlita ta' funzjonijiet bażiċi ta' servizzi tal-kompjuter rispettivament.

3. Is-servizzi tal-kompjuter u oħrajn relatati, irrispettivament minn jekk jitwasslux permezz ta' netwerk, fosthom l-Internet, jinkludu s-servizzi kollha li jipprovdu:

(a) konsulenza, strateġija, analiżi, ippjanar, speċifikazzjoni, tfassil, żvilupp, installazzjoni, implimentazzjoni, integrazzjoni, ittestjar, *debugging*, aġġornar, appoġġ, assistenza teknika jew ġestjoni ta' jew għall-kompjuters jew għas-sistemi tal-kompjuter;

(b) programmi tal-kompjuter flimkien ma' konsulenza, strateġija, analiżi, ippjanar, speċifikazzjoni, tfassil, żvilupp, installazzjoni, implimentazzjoni, integrazzjoni, ittestjar, *debugging*, aġġornar, adattament, manutenzjoni, appoġġ, assistenza teknika, ġestjoni jew użu ta' jew għall-programmi tal-kompjuter;

(c) ipproċessar tal-informazzjoni, ħażna tal-informazzjoni, żamma tal-informazzjoni jew servizzi ta' database;

(d) servizzi ta' manutenzjoni u tiswija għal makkinarju u tagħmir tal-uffiċċju, fosthom il-kompjuters; jew

(e) servizzi ta' taħriġ għall-persunal tal-klijenti, b'rabta ma' programmi tal-kompjuter, kompjuters jew sistemi tal-kompjuter, u li ma jkunux ikklassifikati xi mkien ieħor.

4. Il-kompjuters u s-servizzi relatati jippermettu l-forniment ta' servizzi oħra bħal dawk bankarji b'mezzi kemm elettroniċi kif ukoll oħrajn. Il-Partijiet jirrikonoxxu li hemm distinzjoni importanti bejn is-servizz ta' faċilitazzjoni bħalma huwa l-*web hosting* jew l-*application hosting* u l-kontenut jew is-servizz ċentrali li jkun qiegħed jitwassal b'mod elettroniku bħal servizzi bankarji, u li f'każijiet bħal dawn, il-kontenut jew is-servizz ċentrali mhuwiex kopert mill-CPC 84.

[30] CPC tfisser il-Klassifikazzjoni ta' Prodotti Ċentrali kif speċifikata fl-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, Karti Statistiċi, Serje M, Nru 77, CPC *Prov*, 1991.

Subtaqsima C

**Is-servizzi postali u tal-kurrier**

*Artikolu 7.26*

**Prinċipji Regolatorji**

Mhux aktar tard minn tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, bil-għan li jassigura l-kompetizzjoni f'servizzi postali u tal-kurrier mhux riżervati għal monopolju f'kull Parti, il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jistabbilixxi l-prinċipji tal-qafas regolatorju applikabbli għal dawk is-servizzi. Dawk il-prinċipji għandhom ikunu mmirati sabiex jindirizzaw kwistjonijiet bħall-prattiċi anti-kompetittivi, is-servizz universali, il-liċenzji individwali u n-natura tal-awtorità regolatorja. ([31])

Subtaqsima D

**Servizzi tat-telekomunikazzjoni**

*Artikolu 7.27*

**Ambitu u Definizzjonijiet**

1. Din is-Subtaqsima tistabbilixxi l-prinċipji tal-qafas regolatorju għas-servizzi bażiċi ta' telekomunikazzjoni ([32]), ħlief ix-xandir, liberalizzati skont it-Taqsimiet B sa D ta' dan il-Kapitolu.

2. Għall-finijiet ta' din is-Subtaqsima:

(a) servizzi ta' telekomunikazzjoni jfissru s-servizzi kollha li jikkonsistu fit-trażmissjoni u r-riċeviment ta' sinjali elettromanjetiċi u ma jkoprux l-attività ekonomika li tikkonsisti fil-provvediment ta' kontenut li jeħtieġ it-telekomunikazzjoni għat-trasport tiegħu;

(b) servizzi ta' trasport tat-telekomunikazzjoni pubblika jfissru kwalunkwe servizz ta' telekomunikazzjoni li Parti tkun teħtieġ, b'mod espliċitu jew effettivament, li jiġi offrut lill-pubbliku b'mod ġenerali;

(c) netwerk ta' trasport tat-telekomunikazzjoni pubblika tfisser l-infrastruttura pubblika tat-telekomunikazzjoni li tippermetti t-telekomunikazzjoni bejn u fost punti ta' terminazzjoni definiti fin-netwerk;

(d) awtorità regolatorja fis-settur tat-telekomunikazzjoni tfisser l-korp jew l-organi responsabbli għar-regolazzjoni tat-telekomunikazzjoni msemmija f'din is-Subtaqsima;

(e) faċilitajiet essenzjali jfissru l-faċilitajiet ta' netwerk jew servizz ta' trasport tat-telekomunikazzjoni pubblika li:

(i) jkunu pprovduti esklussivament jew fil-parti l-kbira minn fornitur wieħed jew numru limitat ta' fornituri; u

(ii) ma jkunux jistgħu jiġu sostitwiti ekonomikament jew teknikament b'mod vijabbli sabiex jiġi pprovdut servizz;

(f) fornitur maġġuri fis-settur tat-telekomunikazzjoni jfisser fornitur li jkollu l-abbiltà li jaffettwa materjalment it-termini ta' parteċipazzjoni (fir-rigward tal-prezz u l-provvista) fis-suq relevanti għas-servizzi ta' telekomunikazzjoni b'riżultat tal-kontroll tiegħu fuq faċilitajiet essenzjali jew l-użu tal-pożizzjoni tiegħu fis-suq;

(g) interkonnessjoni tfisser li tikkollega ma' fornituri li jipprovdu netwerks jew servizzi ta' trasport tat-telekomunikazzjoni pubblika bil-għan li tippermetti lill-utenti ta' fornitur wieħed jikkomunikaw mal-utenti ta' fornitur ieħor u li jkollhom aċċess għas-servizzi pprovduti minn fornitur ieħor, fejn ikunu meħuda impenji speċifiċi;

(h) servizz universali jfisser is-sett ta' servizzi li jridu jitpoġġew għad-dispożizzjoni tal-utenti kollha fit-territorju ta' Parti irrispettivament mill-post ġeografiku tagħhom u bi prezz affordabbli; ([33])

(i) utent finali jfisser konsumatur aħħari jew abbonat għal servizz ta' trasport tat-telekomunikazzjoni pubblika, inkluż fornitur ta' servizz li ma jkunx fornitur ta' servizzi ta' trasport tat-telekomunikazzjoni pubblika;

(j) mhux diskriminatorju jfisser trattament mhux inqas favorevoli minn dak mogħti lil kwalunkwe utent ieħor ta' netwerks jew servizzi ta' trasport tat-telekomunikazzjoni pubblika f'ċirkustanzi simili; u

(k) portabilità tan-numri tfisser il-ħila tal-utenti finali tas-servizzi ta' trasport tat-telekomunikazzjoni pubblika li jżommu, fl-istess post, l-istess numri tat-telefon mingħajr indeboliment tal-kwalità, l-affidabilità jew il-konvenjenza meta jaqilbu bejn l-istess kategorija ta' fornituri ta' servizzi ta' trasport tat-telekomunikazzjoni pubblika.

*Artikolu 7.28*

**Awtorità Regolatorja**

1. Awtorità regolatorja għas-servizzi tat-telekomunikazzjoni għandha tkun legalment distinta u funzjonalment indipendenti minn kwalunkwe fornitur ta' servizzi tat-telekomunikazzjoni.

2. L-awtorità regolatorja għandha tingħata setgħa suffiċjenti sabiex tirregola s-settur tas-servizzi tat-telekomunikazzjoni. Il-kompiti li għandhom jitwettqu minn awtorità regolatorja għandhom isiru pubbliċi f'forma faċilment aċċessibbli u ċara, b'mod partikolari meta dawk il-kompiti jiġu assenjati lil aktar minn korp wieħed.

3. Id-deċiżjonijiet ta', u l-proċeduri użati mill-awtorità regolatorja għandhom ikunu imparzjali fir-rigward tal-parteċipanti kollha tas-suq.

([31]) Għal ċertezza akbar, xejn f'dan il-Kapitolu ma għandu jiġi interpretat bħala li huwa intenzjonat li jibdel il-qafas regolatorju tal-organu regolatorju eżistenti fil-Korea li jirregola l-fornituri privati ta' servizzi ta' konsenja mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

([32]) Dawn jinkludu s-servizzi elenkati fil-partiti a sa g taħt Ċ. Servizzi ta' Telekomunikazzjoni ta' 2. Servizzi ta' Komunikazzjoni fil-MTN/GNS/W/120.

([33]) L-ambitu u l-implimentazzjoni tas-servizzi universali għandhom jiġu deċiżi minn kull Parti.

*Artikolu 7.29*

**Awtorizzazzjoni sabiex Jiġu Fornuti Servizzi tat-Telekomunikazzjoni**

1. Il-forniment tas-servizzi għandu, safejn ikun prattikabbli, jiġi awtorizzat wara proċedura simplifikata ta' awtorizzazzjoni.

2. Tista' tkun meħtieġa liċenzja sabiex jiġu indirizzati kwistjonijiet tal-attribuzzjoni tal-frekwenzi, in-numri u d-drittijiet ta' passaġġ. It-termini u l-kundizzjonijiet għal tali liċenzja għandhom isiru disponibbli pubblikament.

3. Meta tkun meħtieġa liċenzja:

(a) il-kriterji kollha għall-ħruġ tal-liċenzja u l-perjodu ta' żmien raġonevoli li normalment ikun meħtieġ sabiex tittieħed deċiżjoni dwar applikazzjoni għal liċenzja għandhom jitpoġġew għad-dispożizzjoni tal-pubbliku;

(b) ir-raġunijiet għar-rifjut ta' liċenzja għandhom isiru magħrufa bil-miktub lill-applikant meta dan jitlobhom; u

(c) it-tariffi tal-liċenzji ([34]) mitluba minn kwalunkwe Parti sabiex tagħti liċenzja m'għandhomx jaqbżu l-ispejjeż amministrattivi li normalment isiru fl-immaniġġjar, il-kontroll u l-infurzar tal-liċenzji applikabbli. ([35])

*Artikolu 7.30*

**Salvagwardji Kompetittivi fuq Fornituri Maġġuri**

Għandu jkun hemm miżuri xierqa sabiex jiġi evitat li fornituri li, waħedhom jew flimkien, ikunu fornitur maġġuri, jipparteċipaw fi jew ikomplu prattiċi anti-kompetittivi. B'mod partikolari, dawn il-prattiċi anti-kompetittivi għandhom jinkludu:

(a) l-involviment f'kontro-sussidjar anti-kompetittiv ([36]);

(b) l-użu ta' informazzjoni miksuba mingħand il-kompetituri b'riżultati anti-kompetittivi; u

(c) li ma titpoġġiex fil-ħin għad-dispożizzjoni ta' fornituri oħra ta' servizz, informazzjoni teknika dwar il-faċilitajiet essenzjali u informazzjoni kummerċjalment relevanti li huma jkollhom bżonn sabiex jipprovdu s-servizzi.

*Artikolu 7.31*

**Interkonnessjoni**

1. Kull Parti għandha tassigura li l-fornituri ta' netwerks jew servizzi ta' trasport tat-telekomunikazzjoni pubblika fit-territorju tagħha jipprovdu, direttament jew indirettament ġewwa l-istess territorju, lill-fornituri ta' servizzi ta' trasport tat-telekomunikazzjoni pubblika tal-Parti l-oħra, il-possibbiltà li jinnegozjaw l-interkonnessjoni. L-interkonnessjoni għandha fil-prinċipju tiġi miftiehma fuq il-bażi ta' negozjati kummerċjali bejn il-kumpaniji kkonċernati.

2. L-awtoritajiet regolatorji għandhom jassiguraw li l-fornituri li jiksbu informazzjoni mingħand impriża oħra waqt il-proċess tan-negozjar tal-arranġamenti dwar l-interkonnessjoni, jużaw dik l-informazzjoni biss għal-iskop li għalih tkun ingħatat u jirrispettaw dejjem il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni mibgħuta jew miżmuma.

3. L-interkonnessjoni ma' fornitur maġġuri għandha tiġi assigurata fi kwalunkwe punt teknikament vijabbli fin-netwerk. Tali interkonnessjoni għandha tiġi pprovduta:

(a) b'termini, kundizzjonijiet (inklużi l-istandards u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi) u rati mhux diskriminatorji, u bi kwalità mhux inqas favorevoli minn dik ipprovduta għas-servizzi simili tagħha stess, għas-servizzi simili ta' fornituri ta' servizz mhux affiljati jew għas-servizzi simili tas-sussidjarji tagħha jew affiljati oħra;

(b) fil-ħin, b'termini u kundizzjonijiet (inklużi l-istandards u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi) u b'rati orjentati lejn il-prezz li jkunu trasparenti, raġonevoli, iqisu l-vijabilità ekonomika, u suffiċjentement separata sabiex il-fornitur ma jkollux għalfejn iħallas għal komponenti jew faċilitajiet tan-netwerk li huwa ma jkollux bżonn għas-servizz li jrid jipprovdi; u

(c) meta tintalab, f'punti miżjuda mal-punti ta' terminazzjoni tan-netwerk offruti lill-maġġoranza tal-utenti, suġġetta għal ħlasijiet li jirriflettu l-prezz għall-bini tal-faċilitajiet addizzjonali meħtieġa.

4. Il-proċeduri applikabbli għall-interkonnessjoni ma' fornitur maġġuri għandhom ikunu disponibbli pubblikament.

5. Il-fornituri maġġuri għandhom jagħmlu pubblikament disponibbli l-ftehimiet ta' interkonnessjoni tagħhom jew l-offerti ta' interkonnessjoni tagħhom ta' referenza. ([37])

*Artikolu 7.32*

**Portabilità tan-Numri**

Kull Parti għandha tassigura li l-fornituri tas-servizzi ta' trasport tat-telekomunikazzjoni pubblika fit-territorju tagħha, ħlief il-fornituri ta' servizzi ta' protokoll ta' vuċi fuq l-internet, jipprovdu portabilità tan-numri safejn huwa teknikament vijabbli, u b'termini u kundizzjonijiet raġonevoli.

([34]) It-tariffi tal-liċenzji ma jinkludux ħlasijiet għall-irkant, it-tfigħ ta' offerti jew mezzi oħra mhux diskriminatorji għall-għoti ta' konċessjonijiet, jew kontribuzzjonijiet ordnati għall-forniment ta' servizz universali.

([35]) Dan is-subparagrafu għandu jsir effettiv mhux aktar tard minn ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Kull Parti għandha tassigura li t-tariffi tal-liċenzji jiġu imposti u applikati b'mod mhux diskriminatorju mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

([36]) Jew restrizzjoni tal-marġni għall-Parti tal-UE.

([37]) Kull Parti għandha timplimenta dan l-obbligu skont il-leġiżlazzjoni rilevanti tagħha.

*Artikolu 7.33*

**Allokazzjoni u Użu ta' Riżorsi Skarsi**

1. Kwalunkwe proċedura għall-allokazzjoni u l-użu ta' riżorsi skarsi, fosthom il-frekwenzi, in-numri u d-drittijiet ta' passaġġ, għandha titwettaq b'mod oġġettiv, fil-ħin, b'mod trasparenti u mhux diskriminatorju.

2. L-istat preżenti tal-faxex ta' frekwenzi allokati għandu jkun disponibbli b'mod pubbliku, iżda m'hemmx bżonn ta' identifikazzjoni dettaljata tal-frekwenzi allokati għal użi governattivi speċifiċi.

*Artikolu 7.34*

**Servizz Universali**

1. Kull Parti għandha d-dritt li tiddefinixxi t-tip ta' obbligi ta' servizz universali li tixtieq iżżomm.

2. Fihom infushom dawn l-obbligi mhux ser jitqiesu antikompetittivi, sakemm jiġu amministrati b'mod trasparenti, oġġettiv u mhux diskriminatorju. L-amministrazzjoni ta' dawn l-obbligi għandha tkun newtrali wkoll fir-rigward tal-kompetizzjoni u m'għandhiex tkun ta' piż aktar milli meħtieġ għat-tip ta' servizz universali definit minn kull Parti.

*Artikolu 7.35*

**Kunfidenzjalità tal-Informazzjoni**

Kull Parti għandha tassigura l-kunfidenzjalità tad-dejta tat-telekomunikazzjoni u tat-traffiku relatat permezz ta' netwerk ta' trasport tat-telekomunikazzjoni pubblika u servizzi ta' telekomunikazzjoni pubblikament disponibbli mingħajr ma tillimita l-kummerċ fis-servizzi.

*Artikolu 7.36*

**Soluzzjoni ta' tilwimiet dwar it-Telekomunikazzjoni**

Rimedju

1. Kull Parti għandha tassigura li:

(a) il-fornituri ta' servizz jistgħu jirrikorru quddiem awtorità regolatorja jew korp relevanti ieħor tal-Parti sabiex isolvu tilwimiet bejn il-fornituri ta' servizz jew bejn il-fornituri ta' servizz u l-utenti rigward kwistjonijiet stipulati f'din is-Subtaqsima; u

(b) f'każ ta' tilwima li tinqala' bejn fornituri ta' netwerks jew servizzi ta' trasport tat-telekomunikazzjoni pubblika b'rabta mad-drittijiet u l-obbligi li joħorġu minn din is-Subtaqsima, awtorità regolatorja kkonċernata għandha, meta tintalab minn xi parti fit-tilwima, toħroġ deċiżjoni vinkolanti sabiex issolvi t-tilwima fl-iqsar żmien possibbli u fi kwalunkwe każ, f'perjodu ta' żmien raġonevoli.

Appell u Stħarriġ Ġudizzjarju

2. Kwalunkwe fornitur ta' servizz li l-interessi legali protetti tiegħu jiġu affettwati b'konstatazzjoni jew deċiżjoni ta' awtorità regolatorja:

(a) għandu jkollu d-dritt li jappella kontra dik il-konstatazzjoni jew deċiżjoni quddiem korp ta' appell. ([38]) Meta l-korp ta' appell ma jkunx ta' natura ġudizzjarja, għandhom dejjem jingħataw raġunijiet bil-miktub għall-konstatazzjoni jew id-deċiżjoni tiegħu u l-konstatazzjoni jew id-deċiżjoni tiegħu għandhom ikunu suġġetti wkoll għal eżami minn awtorità ġudizzjarja imparzjali u indipendenti. Id-determinazzjonijiet jew id-deċiżjonijiet meħuda minn organi tal-appell għandhom jiġu infurzati b'mod effettiv; u

(b) jista' jikseb eżami tad-determinazzjoni jew tad-deċiżjoni minn awtorità ġudizzjarja imparzjali u indipendenti tal-Parti. L-ebda Parti ma tista' tippermetti applikazzjoni għal eżami ġudizzjarju sabiex tikkostitwixxi bażi għal nuqqas ta' konformità mad-determinazzjoni jew id-deċiżjoni tal-awtorità regolatorja sakemm l-korp ġudizzjarju relevanti ma jżommx tali determinazzjoni jew deċiżjoni.

Subtaqsima E

**Servizzi finanzjarji**

*Artikolu 7.37*

**Ambitu u Definizzjonijiet**

1. Din is-Subtaqsima tistabbilixxi l-prinċipji tal-qafas regolatorju għas-servizzi finanzjarji kollha liberalizzati skont it-Taqsimiet B sa D.

2. Għall-finijiet ta' din is-Subtaqsima:

servizzi finanzjarji jfisser kwalunkwe servizz ta' natura finanzjarja offrut minn fornitur ta' servizz finanzjarju ta' Parti. Is-servizzi finanzjarji jinkludu l-attivitajiet li ġejjin:

(a) Assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni:

(i) assigurazzjoni diretta (fosthom ko-assigurazzjoni):

(A) fuq il-ħajja;

(B) mhux fuq il-ħajja;

(ii) assigurazzjoni mill-ġdid u retroċessjoni;

(iii) intermedjazzjoni tal-assigurazzjoni, bħal senserija u aġenzija; u

(iv) servizzi awżiljari għall-assigurazzjoni, bħas-servizzi ta' konsulenza, attwarjali, evalwazzjoni tar-riskju u saldu ta' klejms; u

(b) Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (eskluża l-assigurazzjoni):

(i) aċċettar ta' depożiti u fondi oħra ripagabbli mill-pubbliku;

([38]) Għal tilwimiet bejn fornituri ta' servizz jew bejn fornituri ta' servizz u l-utenti, l-organu tal-appell għandu jkun indipendenti mill-partijiet involuti fit-tilwima.

(ii) kull tip ta' self, fosthom kreditu għall-konsumatur, kreditu ipotekarju, bejgħ u ffinanzjar ta' tranżazzjonijiet kummerċjali;

(iii) kiri finanzjarju;

(iv) is-servizzi kollha ta' ħlas u ta' mogħdija tal-flus, fosthom il-kards ta' kreditu, ta' ħlas u ta' debitu, it-*travellers cheques* u l-*bankers drafts*;

(v) garanziji u impenji;

(vi) negozjar għall-kont proprju jew għall-kont tal-klijenti, kemm jekk fuq skambju, f'suq *over-the-counter* jew mod ieħor, dawn li ġejjin:

(A) strumenti tas-suq tal-flus (fosthom ċekkijiet, kambjali u ċertifikati ta' depożiti);

(B) kambju;

(C) prodotti derivattivi li jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, *futures* u opzjonijiet;

(D) ir-rata tal-kambju u strumenti tar-rata tal-imgħax, fosthom prodotti bħal tpartit, ftehim dwar ir-rata bil-quddiem;

(E) titoli trasferibbli; u

(F) strumenti u assi finanzjarji oħra negozjabbli, fosthom id-deheb;

(vii) parteċipazzjoni fil-ħruġ ta' kull tip ta' titoli, fosthom sottoskrizzjoni u tqegħid bħala aġent (b'mod pubbliku jew privat) u l-provvediment ta' servizzi relatati ma' dawn il-kwistjonijiet;

(viii) senserija tal-kambju;

(ix) ġestjoni tal-assi, bħalma huwa ġestjoni ta' flus jew portafolji, kull forma ta' ġestjoni ta' investiment kollettiv, il-ġestjoni ta' fondi tal-pensjonijiet, servizzi ta' kustodja, depożitarji u fiduċjarji;

(x) servizzi ta' saldu u rilaxx għal assi finanzjarji, fosthom titoli, prodotti derivattivi u strumenti oħra negozjabbli;

(xi) għoti u trasferiment ta' tagħrif finanzjarju, u pproċessar ta' dejta finanzjarja u softwer relatat; u

(xii) servizzi ta' konsulenza, ta' intermedjazzjoni u servizzi finanzjarji awżiljari oħra fuq l-attivitajiet kollha elenkati fis-sottoparagrafi (i) sa (xi), fosthom referenza u analiżi tal-kreditu, riċerka u parir dwar l-investiment u l-portafolji, parir dwar l-akkwisti u dwar ir-ristrutturar u l-istrateġija korporattiva.

fornitur ta' servizzi finanzjarji jfisser kwalunkwe persuna fiżika jew persuna ġuridika ta' Parti li tfittex li tipprovdi jew tipprovdi servizzi finanzjarji u ma tinkludix entità pubblika.

entità pubblika tfisser:

(a) gvern, bank ċentrali jew awtorità monetarja ta' Parti jew entità proprjetà ta' jew ikkontrollata minn Parti, li tkun involuta prinċipalment fit-twettiq ta' funzjonijiet governattivi jew attivitajiet għal skopijiet governattivi, li ma tinkludix entità involuta prinċipalment fil-forniment ta' servizzi finanzjarji fuq termini kummerċjali; jew

(b) entità privata, li twettaq funzjonijiet li normalment jitwettqu minn bank ċentrali jew awtorità monetarja, meta tkun qiegħda teżerċita dawk il-funzjonijiet.

servizz finanzjarju ġdid ifisser servizz ta' natura finanzjarja, fosthom servizzi marbuta ma' prodotti eżistenti u prodotti ġodda jew il-mod li bih jitwassal prodott, li ma jkunx ipprovdut minn xi fornitur ta' servizz finanzjarju fit-territorju ta' waħda mill-Partijiet iżda li jiġi fornut fit-territorju tal-Parti l-oħra.

*Artikolu 7.38*

**Carve-out Prudenzjali** ([39])

1. Kull Parti tista' tadotta jew iżżomm miżuri għal raġunijiet prudenzjali ([40]), fosthom:

(a) il-protezzjoni ta' investituri, depożituri, detenturi ta' polza jew persuni li lihom ikun dovut obbligu ta' fiduċja mill-fornitur ta' servizz finanzjarju; u

(b) li tassigura l-integrità u l-istabilità tas-sistema finanzjarja tal-Parti.

2. Dawn il-miżuri m'għandhomx ikunu ta' piż aktar milli meħtieġ sabiex jilħqu l-għan tagħhom, u fejn ma jikkonformawx mad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan il-Ftehim, m'għandhomx jintużaw bħala mezz sabiex jiġu evitati l-impenji jew l-obbligi ta' kull Parti skont dawk id-dispożizzjonijiet.

3. Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jiġi interpretat li jeħtieġ li xi Parti tiżvela informazzjoni relatata mal-affarijiet u l-kontijiet ta' konsumaturi individwali jew xi informazzjoni kunfidenzjali jew proprjetarja fil-pussess ta' entitajiet pubbliċi.

([39]) Kwalunkwe miżura li tiġi applikata għal fornituri ta' servizzi finanzjarji stabbiliti fit-territorju ta' Parti li ma jkunux irregolati u ssorveljati mill-awtorità superviżorja ta' dik il-Parti għandha titqies li hija miżura prudenzjali għall-finijiet ta' dan l-Artikolu. Għal aktar ċertezza, kwalunkwe miżura bħal din għandha tittieħed bi qbil ma' dan l-Artikolu.

([40]) Huwa mifhum li t-terminu "raġunijiet prudenzjali" jista' jinkludi ż-żamma tas-sigurtà, is-solidità, l-integrità jew ir-responsabbiltà finanzjarja ta' fornituri ta' servizzi finanzjarji individwali.

4. Mingħajr preġudizzju għal mezzi oħra ta' regolazzjoni prudenzjali tal-kummerċ transkonfinali fis-servizzi finanzjarji, Parti tista' titlob ir-reġistrazzjoni tal-fornituri ta' servizzi finanzjarji transkonfinali tal-Parti l-oħra u tal-istrumenti finanzjarji.

*Artikolu 7.39*

**Trasparenza**

Il-Partijiet jirrikonoxxu li regolamenti u linji politiċi trasparenti li jirregolaw l-attivitajiet tal-fornituri tas-servizzi finanzjarji huma importanti sabiex jiffaċilitaw l-aċċess tal-fornituri ta' servizzi finanzjarji barranin għal, u l-operazzjonijiet tagħhom, fis-swieq ta' xulxin. Kull Parti timpenja ruħha sabiex tippromwovi t-trasparenza regolatorja fis-servizzi finanzjarji.

*Artikolu 7.40*

**Organizzazzjonijiet Awto-Regolatorji**

Meta Parti titlob sħubija jew parteċipazzjoni fi, jew aċċess għal, kwalunkwe organizzazzjoni awto-regolatorja, kambju jew suq ta' titoli jew futures, aġenzija ta' rilaxx jew kwalunkwe organizzazzjoni jew assoċjazzjoni oħra, sabiex fornituri ta' servizzi finanzjarji tal-Parti l-oħra jkunu jistgħu jipprovdu servizzi finanzjarji fuq bażi ugwali lil fornituri ta' servizzi finanzjarji ta' dik il-Parti, jew meta l-Parti tipprovdi direttament jew indirettament lil tali entitajiet, privileġġi jew vantaġġi fil-forniment ta' servizzi finanzjarji, il-Parti għandha tassigura l-osservanza tal-obbligi tal-Artikoli 7.6, 7.8, 7.12 u 7.14 minn tali organizzazzjoni awto-regolatorja.

*Artikolu 7.41*

**Sistemi ta' Ħlas u Rilaxx**

Skont it-termini u l-kundizzjonijiet li jagħtu trattament nazzjonali, kull Parti għandha tagħti lill-fornituri ta' servizzi tal-Parti l-oħra stabbiliti fit-territorju tagħha, aċċess għal sistemi ta' ħlas u rilaxx operati minn entitajiet pubbliċi u għal faċilitajiet uffiċjali ta' finanzjament u finanzjament mill-ġdid li huma disponibbli fl-andament normali ta' negozju ordinarju. Dan l-Artikolu mhuwiex maħsub sabiex jagħti aċċess għall-faċilitajiet tas-sellief tal-aħħar alternattiva ta' xi Parti.

*Artikolu 7.42*

**Servizzi Finanzjarji Ġodda**

Kull Parti għandha tippermetti fornitur ta' servizzi finanzjarji tal-Parti l-oħra stabbilit fit-territorju tagħha li jipprovdi kwalunkwe servizz finanzjarju ġdid li hija tippermetti lill-fornituri ta' servizzi finanzjarji tagħha stess li jipprovdu, f'ċirkustanzi simili, taħt il-liġi domestika tagħha, bil-kundizzjoni li l-introduzzjoni tas-servizz finanzjarju l-ġdid ma tkunx teħtieġ liġi ġdida jew modifika ta' xi liġi eżistenti. Parti tista' tiddeċiedi l-forma istituzzjonali u ġuridika li biha jista' jiġi pprovdut is-servizz u tista' teħtieġ l-awtorizzazzjoni għall-għoti tas-servizz. Meta tkun meħtieġa awtorizzazzjoni bħal din, id-deċiżjoni għandha tittieħed fi żmien raġonevoli u l-awtorizzazzjoni tista' tiġi rifjutata biss għal raġunijiet prudenzjali.

*Artikolu 7.43*

**Proċessar tal-Informazzjoni**

Mhux aktar tard minn sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, u fl-ebda każ wara d-data effettiva ta' impenji simili li joħorġu minn ftehimiet oħra ta' integrazzjoni ekonomika:

(a) kull Parti għandha tippermetti fornitur ta' servizzi finanzjarji tal-Parti l-oħra stabbilit fit-territorju tagħha li jittrasferixxi informazzjoni f'forma elettronika jew forma oħra, ġewwa u barra mit-territorju tagħha, għal skopijiet ta' pproċessar tal-informazzjoni meta tali pproċessar ikun meħtieġ fl-andament ordinarju tan-negozju ta' dak il-fornitur ta' servizzi finanzjarji; u

(b) kull Parti, waqt li tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha ([41]) sabiex tipproteġi d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-individwi, għandha tadotta salvagwardji adegwati għall-ħarsien tal-privatezza, b'mod partikolari fir-rigward tat-trasferiment ta' informazzjoni personali.

*Artikolu 7.44*

**Eċċezzjonijiet Speċifiċi**

1. Xejn f'dan il-Kapitolu ma għandu jinftiehem li jimpedixxi Parti, inklużi l-entitajiet pubbliċi tagħha, milli twettaq jew tipprovdi b'mod esklussiv fit-territorju tagħha attivitajiet jew servizzi li jiffurmaw parti minn pjan pubbliku dwar l-irtirar jew sistema statutorja tas-sigurtà soċjali, ħlief meta dawk l-attivitajiet jistgħu jitwettqu, kif ipprovdut mir-regolamenti domestiċi tagħha, minn fornituri ta' servizzi finanzjarji f'kompetizzjoni ma' entitajiet pubbliċi jew istituzzjonijiet privati.

2. Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu japplika għal attivitajiet imwettqa minn bank ċentrali jew awtorità monetarja jew minn kwalunkwe awtorità pubblika oħra fit-twettiq tal-politiki monetarji jew dwar ir-rati tal-kambju.

3. Xejn f'dan il-Kapitolu ma għandu jinftiehem li jimpedixxi Parti, inklużi l-entitajiet pubbliċi tagħha, milli twettaq jew tipprovdi b'mod esklussiv fit-territorju tagħha attivitajiet jew servizzi għall-kont jew bil-garanzija jew billi tuża r-riżorsi finanzjarji tagħha, fosthom l-entitajiet pubbliċi tagħha, ħlief meta dawk l-attivitajiet jistgħu jitwettqu, kif ipprovdut bir-regolamenti domestiċi tagħha, minn fornituri ta' servizzi finanzjarji f'kompetizzjoni ma' entitajiet pubbliċi jew istituzzjonijiet privati.

([41]) Għal iżjed ċertezza, dan l-impenn jindika d-drittijiet u l-libertajiet stabbiliti fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Linji gwida għar-Regolazzjoni tal-Fajls b'Informazzjoni Personali Kompjuterizzata (adottati bir-Riżoluzzjoni 45/95 tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti tal-14 ta' Diċembru 1990) u l-Linji gwida tal-OECD dwar il-Protezzjoni tal-Privatezza u l-Fluss Bejn il-Fruntieri ta' Informazzjoni Personali (adottata mill-Kunsill fit-23 ta' Settembru 1980).

*Artikolu 7.45*

**Soluzzjoni ta' tilwim**

1. Il-Kapitolu Erbatax (Soluzzjoni ta' tilwim) għandu japplika għas-soluzzjoni tat-tilwimiet dwar is-servizzi finanzjarji li jinqalgħu esklussivament taħt dan il-Kapitolu, ħlief kif ipprovdut mod ieħor f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kumitat għall-Kummerċ, sa mhux aktar tard minn sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, għandu jistabbilixxi lista ta' 15-il individwu. Kull Parti għandha tipproponi ħames individwi rispettivament u l-Partijiet għandhom jagħżlu wkoll ħames individwi li ma jkunux ċittadini ta' xi waħda mill-Partijiet u li għandhom iservu bħala chairperson tal-bord tal-arbitraġġ. Dawn l-individwi għandhom ikollhom għarfien espert jew esperjenza fil-liġi jew il-prattika tas-servizzi finanzjarji, li tista' tinkludi r-regolazzjoni tal-forrnituri ta' servizzi finanzjarji, u għandhom jikkonformaw mal-Anness 14-C (Kodiċi ta' Mġiba għall-Membri tal-Bordijiet tal-Arbitraġġ u l-Medjaturi).

3. Meta l-membri tal-bord jiġu magħżula bix-xorti skont l-Artikolu 14.5.3 (Stabbiliment tal-Bord tal-Arbitraġġ), l-Artikolu 14.9.3 (Perjodu ta' Żmien Raġonevoli għall-Konformità), l-Artikolu 14.10.3 (Eżami ta' Kwalunkwe Miżura Meħuda sabiex Tikkonforma mad-Deċiżjoni tal-Bord tal-Arbitraġġ), l-Artikolu 14.11.4 (Rimedji Temporanji f'każ ta' Nuqqas ta' konformità), l-Artikolu 14.12.3 (Eżami ta' Kwalunkwe Miżura Meħuda sabiex Tikkonforma wara s-Sospensjoni tal-Obbligi), l-Artikoli 6.1, 6.3 u 6.4 (Sostituzzjoni) tal-Anness 14-B (Regoli ta' Proċedura għall-Arbitraġġ), l-għażla għandha ssir fil-lista stabbilita skont il-paragrafu 2.

4. Minkejja l-Artikolu 14.11, meta bord isib li miżura tkun inkonsistenti ma' dan il-Ftehim u l-miżura inkwistjoni taffettwa s-settur tas-servizzi finanzjarji u kwalunkwe settur ieħor, il-Parti li tagħmel l-ilment tista' tissospendi l-benefiċċji fis-settur tas-servizzi finanzjarji li jkollhom effett ekwivalenti għall-effett tal-miżura fis-servizzi finanzjarji tagħha. Meta tali miżura taffettwa biss settur li ma jkunx is-settur tas-servizzi finanzjarji, il-Parti li tagħmel l-ilment ma tistax tissospendi l-benefiċċji fis-settur tas-servizzi finanzjarji.

*Artikolu 7.46*

**Rikonoxximent**

1. Parti tista' tirrikonoxxi l-miżuri prudenzjali tal-Parti l-oħra meta tistabbilixxi kif għandhom jiġu applikati l-miżuri tal-Parti fir-rigward tas-servizzi finanzjarji. Tali rikonoxximent, li jista' jinkiseb permezz ta' armonizzazzjoni jew mod ieħor, jista' jkun ibbażat fuq ftehim jew arranġament bejn il-Partijiet, jew jista' jingħata b'mod awtonomu.

2. Parti li tkun parti fi ftehim jew arranġament tat-tip imsemmi fil-paragrafu 1 ma' terza parti, kemm jekk fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim jew wara, għandha tagħti opportunità adegwata lill-Parti l-oħra sabiex tinnegozja l-adeżjoni tagħha ma' tali ftehimiet jew arranġamenti, jew biex tinnegozja oħrajn paragunabbli miegħu, taħt ċirkustanzi li fihom ikun hemm regolazzjoni, superviżjoni u implimentazzjoni ekwivalenti ta' tali regolament, u, jekk ikun xieraq, proċeduri li jirrigwardaw il-qsim ta' informazzjoni bejn il-partijiet għall-ftehim jew l-arranġament. Meta Parti tagħti r-rikonoxximent b'mod awtonomu, hija għandha tagħti opportunità adegwata lill-Parti l-oħra sabiex turi li tali ċirkustanzi jeżistu.

Subtaqsima F

**Servizzi tat-trasport marittimu internazzjonali**

*Artikolu 7.47*

**Ambitu, Definizzjonijiet u Prinċipji**

1. Din is-Subtaqsima tistabbilixxi l-prinċipji li jirrigwardaw il-liberalizzazzjoni tas-servizzi tat-trasport marittimu internazzjonali skont it-Taqsimiet B sa D.

2. Għall-finijiet ta' din is-Subtaqsima:

(a) trasport marittimu internazzjonali jinkludi l-operazzjonijiet ta' trasport minn bieb għal bieb, li huwa l-ġarr ta' merkanzija bl-użu ta' aktar minn mod wieħed ta' trasport, li jinvolvi fażi fuq il-baħar, taħt dokument ta' trasport wieħed, u f'dan is-sens jinkludi d-dritt ta' kuntratt dirett ma' fornituri ta' modi oħra ta' trasport;

(b) servizzi ta' mmaniġġjar tal-merkanzija marittima tfisser l-attivitajiet imwettqa minn kumpaniji tal-burdnara, li jinkludu l-operaturi tat-terminals, iżda li ma jinkludux l-attivitajiet diretti tat-tarznara, meta din il-forza tax-xogħol tkun organizzata b'mod indipendenti mill-kumpaniji tal-burdnara jew tal-operaturi tat-terminals. L-attivitajiet koperti jinkludu l-organizzazzjoni u s-superviżjoni ta':

(i) it-tagħbija/ħatt ta' merkanzija fuq/minn vapur;

(ii) l-irbit/ħall tal-merkanzija; u

(iii) ir-riċeviment/kunsinna u ż-żamma sigura tal-merkanzija qabel ma tintbagħat jew wara r-rilaxx;

(c) servizzi ta' żdoganar (b'mod alternattiv 'servizzi ta' sensara tad-dwana') tfisser attivitajiet li jikkonsistu fit-twettiq f'isem parti oħra tal-formalitajiet doganali fir-rigward tal-importazzjoni, l-esportazzjoni jew it-trasport tal-merkanzija, kemm jekk dan is-servizz ikun l-attività prinċipali tal-fornitur tas-servizz jew akkumpanjament normali tal-attività prinċipali tiegħu;

(d) servizzi ta' stazzjon u depot tal-kontejners tfisser attivitajiet li jikkonsistu fil-ħażna ta' kontejners fiż-żoni tal-port bil-għan li jimtlew/jitbattlu, jissewwew u jitpoġġew disponibbli għat-tbaħħir; u

(e) servizzi ta' aġenzija marittima tfisser attivitajiet li jikkonsistu fir-rappreżentanza, f'żona ġeografika partikolari, bħala aġent, tal-interessi kummerċjali ta' linja jew kumpanija tat-tbaħħir waħda jew aktar, għall-iskopijiet li ġejjin:

(i) promozzjoni u bejgħ ta' servizzi ta' trasport marittimu u servizzi relatati, mill-ħruġ ta' stimi għall-ħruġ ta' fatturi, u l-ħruġ ta' poloz tat-tagħbija f'isem il-kumpaniji, l-akkwist u l-bejgħ mill-ġdid tas-servizzi meħtieġa relatati, it-tħejjija tad-dokumentazzjoni, u l-provvediment ta' informazzjoni kummerċjali; u

(ii) taġixxi f'isem il-kumpaniji billi torganizza s-sejħa tal-vapur jew tieħu l-merkanziji meta jkun meħtieġ.

3. Fid-dawl tal-livelli eżistenti ta' liberalizzazzjoni bejn il-Partijiet fit-trasport marittimu internazzjonali:

(a) il-Partijiet għandhom japplikaw b'mod effettiv il-prinċipju tal-aċċess mingħajr restrizzjonijiet għas-swieq u n-negozji marittimi internazzjonali fuq bażi kummerċjali u mhux diskriminatorja; u

(b) kull Parti għandha tagħti lill-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Parti l-oħra jew imħaddma minn fornituri ta' servizz tal-Parti l-oħra, trattament mhux inqas favorevoli minn dak mogħti lill-bastimenti tagħha stess fir-rigward, *inter alia*, tal-aċċess għall-portijiet, l-użu tal-infrastruttura u s-servizzi marittimi awżiljari tal-portijiet, kif ukoll it-tariffi u l-ħlasijiet relatati, il-faċilitajiet tad-dwana u l-allokazzjoni ta' rmiġġi u faċilitajiet għat-tagħbija u l-ħatt.

4. Fl-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji, il-Partijiet għandhom:

(a) ma jintroduċux arranġamenti ta' qsim tal-merkanzija fi ftehimiet bilaterali futuri ma' partijiet terzi dwar servizzi ta' trasport marittimu, fosthom kummerċ niexef u likwidu bl-ingrossa u b'lajners, u ma jattivawx tali arranġamenti ta' qsim tal-merkanzija jekk dawn ikunu jeżistu fi ftehimiet bilaterali preċedenti; u

(b) mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, jabolixxu u ma jdaħħlu l-ebda miżura unilaterali jew ostakoli amministrattivi, tekniċi u oħrajn li jistgħu jillimitaw il-kompetizzjoni libera u ġusta jew jikkostitwixxu restrizzjoni moħbija jew ikollhom effetti diskriminatorji fuq il-forniment liberu ta' servizzi fit-trasport marittimu internazzjonali.

5. Kull Parti għandha tippermetti lill-fornituri ta' servizzi marittimi internazzjonali tal-Parti l-oħra li jkollhom stabbiliment fit-territorju tagħha b'kundizzjonijiet ta' stabbiliment u operat mhux inqas favorevoli minn dawk mogħtija lill-fornituri ta' servizzi tagħha stess jew dawk ta' kwalunkwe parti terza, skont liema jkunu l-aħjar, b'mod konformi mal-kundizzjonijiet stipulati fil-lista tagħha ta' impenji.

6. Kull Parti għandha tpoġġi għad-dispożizzjoni tal-fornituri ta' trasport marittimu internazzjonali tal-Parti l-oħra, b'termini u kundizzjonijiet raġonevoli u mhux diskriminatorji, is-servizzi segwenti fil-port:

(a) pilotaġġ;

(b) assistenza fl-irmonkar;

(c) forniment;

(d) għoti tal-fjuwil u l-ilma;

(e) ġbir tal-iskart u rimi ta' skart tas-SAborra;

(f) servizzi ta' kaptan tal-port;

(g) għajnuniet għan-navigazzjoni; u

(h) servizzi operattivi bbażati fuq ix-xatt li huma essenzjali għall-operazzjonijiet tal-bastimenti, fosthom komunikazzjonijiet, provvisti ta' ilma u elettriku, faċilitajiet ta' tiswija tal-emerġenza, ankraġġ, irmiġġ u servizzi ta' rmiġġ.

*TAQSIMA F*

***Kummerċ elettroniku***

*Artikolu 7.48*

**Għan u Prinċipji**

1. Il-Partijiet, waqt li jirrikonoxxu t-tkabbir ekonomiku u l-opportunitajiet ta' negozju li jipprovdi l-kummerċ elettroniku, l-importanza li jiġu evitati l-ostakoli għall-użu u l-iżvilupp tiegħu, u l-applikabilità tal-Ftehim tad-WTO għal miżuri li jaffettwaw il-kummerċ elettroniku, jaqblu li jippromwovu l-iżvilupp elettroniku bejniethom, b'mod partikolari billi jikkooperaw fuq il-kwistjonijiet imqajma mill-kummerċ elettroniku taħt dan il-Kapitolu.

2. Il-Partijiet jaqblu li l-iżvilupp tal-kummerċ elettroniku jrid ikun kompletament kompatibbli mal-istandards internazzjonali ta' protezzjoni tad-dejta, sabiex tkun żgurata l-fiduċja tal-utenti tal-kummerċ elettroniku.

3. Il-Partijiet jaqblu li ma jimponux dazji doganali fuq kunsinn b'mezzi elettroniċi. ([42])

*Artikolu 7.49*

**Kooperazzjoni fuq Kwistjonijiet Regolatorji**

1. Il-Partijiet għandhom iżommu djalogu fuq kwistjonijiet regolatorji mqajma mill-kummerċ elettroniku, li, *inter alia*, għandu jindirizza l-kwistjonijiet li ġejjin:

(a) ir-rikonoxximent ta' ċertifikati ta' firem elettroniċi maħruġa lill-pubbliku u l-iffaċilitar ta' servizzi ta' ċertifikazzjoni transkonfinali;

(b) ir-responsabbiltà tal-fornituri ta' servizzi intermedjarji fir-rigward tat-trażmissjoni jew il-ħażna tal-informazzjoni;

(c) it-trattament ta' komunikazzjonijiet kummerċjali elettroniċi mhux mixtieqa;

(d) il-ħarsien tal-konsumaturi fl-ambitu tal-kummerċ elettroniku;

(e) l-iżvilupp ta' kummerċ mingħajr karti; u

([42]) L-inklużjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-kummerċ elettroniku f'dan il-Kapitolu qiegħda ssir mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni tal-Korea dwar jekk il-konsenji b'mezzi elettroniċi għandhomx jiġu kklassifikati bħala kummerċ f'servizzi jew fi prodotti.

(f) kwalunkwe kwistjonijiet oħra relevanti għall-iżvilupp tal-kummerċ elettroniku.

2. Id-djalogu jista' jinkludi skambju ta' informazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni rispettiva tal-Partijiet dwar dawn il-kwistjonijiet kif ukoll dwar l-implimentazzjoni ta' tali leġiżlazzjoni.

TAQSIMA G

***Eċċezzjonijiet***

*Artikolu 7.50*

**Eċċezzjonijiet**

Suġġett għar-rekwiżit li tali miżuri ma jiġux applikati b'mod li jikkostitwixxi mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew mhux ġustifikabbli bejn pajjiżi fejn ikun hemm kundizzjonijiet simili, jew restrizzjoni moħbija fuq l-istabbiliment jew il-forniment transkonfinali ta' servizzi, xejn f'dan il-Kapitolu ma għandu jinftiehem li jimpedixxi l-adozzjoni jew l-infurzar min-naħa ta' xi Parti ta' miżuri:

(a) meħtieġa sabiex jipproteġu s-sigurtà pubblika jew il-morali pubbliċi jew biex iżommu l-ordni pubbliku ([43]);

(b) meħtieġa sabiex jipproteġu l-ħajja jew is-saħħa tan-nies, tal-annimali jew tal-pjanti;

(c) marbuta mal-konservazzjoni ta' riżorsi naturali li jistgħu jispiċċaw jekk tali miżuri jiġu applikati flimkien ma' restrizzjonijiet fuq l-investituri domestiċi jew fuq il-forniment jew il-konsum domestiku tas-servizzi;

(d) meħtieġa għall-ħarsien ta' teżori nazzjonali ta' valur artistiku, storiku jew arkeoloġiku;

(e) meħtieġa sabiex jassiguraw l-osservanza ta' liġijiet jew regolamenti li ma jkunux inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu fosthom dawk marbuta ma':

(i) il-prevenzjoni ta' prattiċi qarrieqa u frodulenti jew biex jindirizzaw l-effetti ta' inadempjenza fuq kuntratti;

(ii) il-ħarsien tal-privatezza tal-persuni fir-rigward tal-ipproċessar u t-tixrid ta' informazzjoni personali u l-ħarsien tal-kunfidenzjalità tar-rekords u l-kontijiet individwali;

(iii) is-sigurtà;

([43]) L-eċċezzjoni tal-ordni pubblika tista' tiġi invokata biss meta jkun hemm theddida serja ġenwina u suffiċjenti għal wieħed mill-interessi fundamentali tas-soċjetà.

(f) inkonsistenti mal-Artikoli 7.6 u 7.12, bil-kundizzjoni li d-differenza fit-trattament tkun immirata sabiex tassigura l-impożizzjoni jew il-ġbir ġust jew effettiv ([44]) ta' taxxi diretti fir-rigward ta' attivitajiet ekonomiċi, investituri jew fornituri ta' servizzi tal-Parti l-oħra.

KAPITOLU TMIENJA

**ĦLASIJIET U MOVIMENTI TAL-KAPITAL**

*Artikolu 8.1*

**Ħlasijiet Kurrenti**

Il-Partijiet jintrabtu li ma jimponu l-ebda restrizzjonijiet fuq, u li jippermettu li l-ħlasijiet u t-trasferimenti kollha fuq il-kont kurrenti tal-bilanċ tal-ħlasijiet bejn ir-residenti tal-Partijiet isiru f'munita li tista' tiġi konvertita liberament, skont l-Artikoli ta' Ftehim tal-Fond Monetarju Internazzjonali.

*Artikolu 8.2*

**Movimenti tal-Kapital**

1. Fir-rigward tat-tranżazzjonijiet fuq il-kont kapitali u finanzjarju tal-bilanċ tal-ħlasijiet, il-Partijiet jintrabtu li ma jimponu l-ebda restrizzjonijiet fuq il-moviment liberu ta' kapital relatat ma' investimenti diretti magħmula skont il-liġijiet tal-pajjiż ospitant, ma' investimenti u tranżazzjonijiet oħra liberalizzati skont il-Kapitolu Sebgħa (Kummerċ fis-Servizzi, l-Istabbiliment u l-Kummerċ Elettroniku) u mal-likwidazzjoni u r-ripatrijazzjoni ta' tali kapital investit u ta' kwalunkwe profitt iġġenerat minnu.

2. Mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet oħra f'dan il-Ftehim, il-Partijiet għandhom jassiguraw, fir-rigward ta' tranżazzjonijiet mhux koperti mill-paragrafu 1 dwar il-kont kapitali u finanzjarju tal-bilanċ tal-ħlasijiet, skont il-liġijiet tal-pajjiż ospitant, il-moviment ħieles minn investituri tal-Parti l-oħra, ta' kapital relatat, *inter alia*, ma':

([44]) Il-miżuri li huma mmirati sabiex jassiguraw l-impożizzjoni jew il-ġbir ġust jew effettiv ta' taxxi diretti jinkludu miżuri meħuda mill-Parti skont is-sistema tat-tassazzjoni tagħha li:
(a) japplikaw għal investituri u fornituri ta' servizz mhux residenti b'rikonoxximent tal-fatt li l-obbligu tat-taxxa ta' dawk li mhumiex residenti huwa determinat fir-rigward ta' oġġetti taxxabbli li jinkisbu jew jinsabu fit-territorju tal-Parti;
(b) japplikaw għal dawk li mhumiex residenti sabiex jassiguraw l-impożizzjoni jew il-ġbir ta' taxxi fit-territorju tal-Parti;
(c) japplikaw għal dawk li mhumiex residenti jew għar-residenti sabiex jimpedixxu l-evitar jew l-evażjoni tat-taxxi, fosthom miżuri ta' konformità;
(d) japplikaw għall-konsumaturi ta' servizzi pprovduti fi jew mit-territorju tal-Parti l-oħra sabiex jassiguraw l-impożizzjoni jew il-ġbir ta' taxxi fuq tali konsumaturi derivati minn sorsi fit-territorju tal-Parti;
(e) jagħżlu investituri u fornituri ta' servizzi suġġetti għal taxxa fuq oġġetti taxxabbli madwar id-dinja kollha minn investituri u fornituri ta' servizzi oħra, b'rikonoxximent tad-differenza fin-natura tal-bażi tat-taxxa bejniethom; jew
(f) jistabbilixxu, jallokaw jew jaqsmu d-dħul, il-profitt, il-qligħ, it-telf, it-tnaqqis jew il-kreditu ta' persuni jew fergħat residenti, jew bejn persuni jew fergħat relatati tal-istess persuna, sabiex jissalvagwardjaw il-bażi tat-taxxa tal-Parti.
It-termini jew il-kunċetti tat-taxxa f'dan il-paragrafu u din in-nota ta' qiegħ il-paġna huma determinati skont definizzjonijiet u kunċetti tat-taxxa, jew definizzjonijiet u kunċetti ekwivalenti jew simili, skont il-liġi domestika tal-Parti li tieħu l-miżura.

(a) krediti marbuta ma' tranżazzjonijiet kummerċjali li jinkludu l-provvediment ta' servizzi li fihom ikun qiegħed jipparteċipa resident ta' xi Parti;

(b) self u krediti finanzjarji; jew

(c) parteċipazzjoni kapitali f'persuna ġuridika mingħajr l-ebda intenzjoni ta' stabbiliment jew żamma ta' rabtiet ekonomiċi fit-tul.

3. Mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet oħra f'dan il-Ftehim, il-Partijiet m'għandhom idaħħlu l-ebda restrizzjonijiet ġodda fuq il-moviment ta' kapital bejn ir-residenti tal-Partijiet u m'għandhomx jagħmlu l-arranġamenti li diġà jeżistu aktar restrittivi.

4. Il-Partijiet jistgħu jagħmlu konsultazzjonijiet bl-iskop li jiffaċilitaw aktar il-moviment ta' kapital bejniethom bil-għan li jippromwovu l-għanijiet ta' dan il-Ftehim.

*Artikolu 8.3*

### Eċċezzjonijiet

Suġġett għar-rekwiżit li tali miżuri ma jiġux applikati b'mod li jikkostitwixxi mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja u mhux ġustifikata bejn pajjiżi fejn ikun hemm kundizzjonijiet simili, jew restrizzjoni moħbija fuq il-movimenti ta' kapital, xejn f'dan il-Kapitolu ma għandu jinftiehem li jimpedixxi l-adozzjoni jew l-infurzar minn kwalunkwe Parti, ta' miżuri:

(a) meħtieġa sabiex jipproteġu s-sigurtà pubblika u l-morali pubblika jew biex iżommu l-ordni pubblika; jew

(b) meħtieġa sabiex jassiguraw il-konformità ma' liġijiet jew regolamenti li mhumiex inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu fosthom dawk relatati ma':

(i) il-prevenzjoni ta' reati kriminali jew penali, prattiċi qarrieqa jew frodulenti jew biex jindirizzaw l-effett ta' inadempjenza fuq kuntratti (falliment, insolvenza u ħarsien tad-dritt tal-kredituri);

(ii) miżuri adottati jew miżmuma sabiex jassiguraw l-integrità u l-istabilità tas-sistema finanzjarja ta' Parti;

(iii) il-ħruġ, il-kummerċ u n-negozjar f'titoli, opzjonijiet, futures jew derivattivi oħra;

(iv) ir-rappurtaġġ finanzjarju jew iż-żamma tar-rekords tat-trasferimenti meta jkunu meħtieġa sabiex jassistu lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jew lill-awtoritajiet regolatorji finanzjarji; jew

(v) li jassiguraw il-konformità ma' ordnijiet jew sentenzi fi proċeduri ġuridiċi jew amministrattivi.

*Artikolu 8.4*

### Miżuri ta' Salvagwardja

1. Fejn, f'ċirkustanzi eċċezzjonali, il-ħlasijiet u l-movimenti tal-kapital bejn il-Partijiet jikkawżaw jew jheddu li jikkawżaw diffikultajiet serji għat-tħaddim tal-politika monetarja jew il-politika dwar ir-rata tal-kambju ([45]) fil-Korea jew f'wieħed jew aktar mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, jistgħu jittieħdu miżuri ta' salvagwardja fir-rigward ta' movimenti kapitali li jkunu strettament neċessarji ([46]) mill-Partijiet ikkonċernati ([47]) għal perjodu li ma jaqbiżx is-sitt xhur. ([48])

2. Il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jiġi infurmat immedjatament dwar l-adozzjoni ta' kwalunkwe miżura ta' salvagwardja u, malajr kemm jista' jkun, dwar skeda ta' żmien għat-tneħħija tagħha.

KAPITOLU DISGĦA

## AKKWISTI GOVERNATTIVI

*Artikolu 9.1*

### Dispożizzjonijiet Ġenerali

1. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid id-drittijiet u l-obbligi tagħhom skont il-Ftehim dwar l-Akkwisti Governattivi li jinsab fl-Anness 4 għall-Ftehim tad-WTO (minn hawn 'il quddiem il-"GPA 1994") u l-interess tagħhom li jespandu l-opportunitajiet ta' kummerċ bilaterali fis-suq tal-akkwisti governattivi ta' kull Parti.

2. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-interess kondiviż tagħhom fil-promozzjoni tal-liberalizzazzjoni internazzjonali tas-swieq tal-akkwisti governattivi fil-kuntest ta' sistema ta' kummerċ internazzjonali bbażata fuq ir-regoli. Il-Partijiet għandhom ikomplu jikkooperaw fl-eżami skont l-Artikolu XXIV:7 tal-GPA 1994 u f'fora internazzjonali oħra xierqa.

([45]) "diffikultajiet serji għat-tħaddim tal-politika monetarja jew il-politika dwar ir-rata tal-kambju" għandhom jinkludu, iżda ma jkunux limitati għal, bilanċ serju tal-ħlasijiet jew diffikultajiet finanzjarji esterni, u l-miżuri ta' salvagwardja skont dan l-Artikolu m'għandhomx japplikaw għal investimenti barranin diretti.

([46]) B'mod partikolari, il-miżuri ta' salvagwardja previsti f'dan l-Artikolu għandhom jiġu applikati b'mod li:
(a) ma jkunux konfiskatorji;
(b) ma jikkostitwux prattika ta' rata tal-kambju doppja jew multipla;
(c) ma jinterferux mal-kapaċità tal-investituri li jiksbu rata ta' ritorn tas-suq fit-territorju tal-Parti li tkun ħadet miżuri ta' salvagwardja fuq kwalunkwe assi ristretti;
(d) jevitaw ħsara mhux meħtieġa għall-interessi kummerċjali, ekonomiċi jew finanzjarji tal-Parti l-oħra;
(e) ikunu temporanji u jitneħħew gradwalment hekk kif is-sitwazzjoni li titlob l-impożizzjoni ta' tali miżuri titjieb; u
(f) jiġu ppubblikati fil-pront mill-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-politika dwar il-kambju.

([47]) L-Unjoni Ewropea jew l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jew il-Korea.

([48]) Sakemm iċ-ċirkustanzi preżenti fiż-żmien tal-adozzjoni inizjali tal-miżuri ta' salvagwardja jew kwalunkwe miżuri ekwivalenti għalihom ikunu għadhom jeżistu, l-applikazzjoni tal-miżuri ta' salvagwardja tista' tiġi estiża darba għal sitt xhur oħra mill-Parti kkonċernata. Madankollu, jekk jinqalgħu ċirkustanzi tant eċċezzjonali li Parti tfittex estensjoni ulterjuri tal-miżuri ta' salvagwardja, hija għandha tikkoordina bil-quddiem mal-Parti l-oħra rigward l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe estensjoni proposta.

3. Xejn f'dan il-Kapitolu ma għandu jinftiehem li jidderoga mid-drittijiet jew l-obbligi ta' xi Parti skont il-GPA 1994, jew minn ftehim li jissostitwih.

4. Għall-akkwisti kollha koperti minn dan il-Kapitolu, il-Partijiet għandhom japplikaw it-test rivedut tal-GPA maqbul provviżorjament ([49]) (minn hawn 'il quddiem il-"GPA rivedut") bl-eċċezzjoni ta' li ġej:

(a) it-trattament l-iżjed preferut għal prodotti, servizzi u fornituri ta' kwalunkwe Parti oħra (subparagrafu 1(b) u l-paragrafu 2 tal-Artikolu IV tal-GPA rivedut);

(b) trattament speċjali u differenzjali għal pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw (Artikolu V tal-GPA rivedut);

(c) il-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni (paragrafu 2 tal-Artikolu VIII tal-GPA rivedut) li għandu jiġi sostitwit bi: "m'għandhiex timponi l-kundizzjoni li, sabiex fornitur ta' Parti jipparteċipa f'akkwist jew jingħata kuntratt, il-fornitur ikun ingħata kuntratt wieħed jew aktar minn qabel minn entità ta' akkwist tal-parti l-oħra u li l-fornitur ikollu esperjenza tax-xogħol preċedenti fit-territorju ta' dik il-Parti, ħlief meta l-esperjenza tax-xogħol preċedenti tkun essenzjali sabiex jintlaħqu r-rekwiżiti tal-akkwist;"

(d) l-istituzzjonijiet (Artikolu XXI tal-GPA rivedut); u

(e) id-dispożizzjonijiet finali (Artikolu XXII tal-GPA rivedut).

5. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-GPA rivedut skont il-paragrafu 4:

(a) "Ftehim" fil-GPA rivedut ifisser "Kapitolu," ħlief li "il-pajjiżi li mhumiex Partijiet għal dan il-Ftehim" tfisser "non-Partijiet" u "Parti għall-Ftehim" tfisser "Parti";

(b) "Partijiet oħra" fil-GPA rivedut ifisser "il-Parti l-oħra"; u

(c) "il-Kumitat" fil-GPA rivedut ifisser "il-Grupp ta' Ħidma".

*Artikolu 9.2*

**Ambitu u Kopertura**

1. L-akkwisti koperti minn dan il-Kapitolu għandhom ikunu l-akkwisti kollha koperti mill-Annessi ta' kull Parti għall-GPA 1994 u kwalunkwe nota mehmuża magħhom, inklużi l-emendi u s-sostituzzjonijiet tagħhom.

2. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, il-kuntratti ta' bini-tħaddim-trasferiment (minn hawn 'il quddiem "kuntratti BOT") u l-konċessjonijiet ta' xogħlijiet pubbliċi, kif definiti fl-Anness 9, għandhom ikunu suġġetti għall-Anness 9.

*Artikolu 9.3*

**Grupp ta' Ħidma dwar l-Akkwisti Governattivi**

Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Akkwisti Governattivi stabbilit skont l-Artikolu 15.3.1 (Gruppi ta' Ħidma) għandu jiltaqa', kif maqbul miż-żewġ naħat jew fuq talba ta' xi Parti, sabiex:

(a) jikkunsidra kwistjonijiet li jirrigwardaw akkwisti governattivi u kuntratti BOT jew konċessjonijiet ta' xogħlijiet pubbliċi li jiġu referuti lilu minn xi Parti;

(b) jiskambja informazzjoni rigward l-opportunitajiet ta' akkwisti governattivi u kuntratti BOT jew konċessjonijiet ta' xogħlijiet pubbliċi f'kull Parti; u

(c) jiddiskuti kwalunkwe kwistjoni oħra relatata mat-tħaddim ta' dan il-Kapitolu.

KAPITOLU GĦAXRA

**PROPRJETÀ INTELLETTWALI**

*TAQSIMA A*

***Dispożizzjonijiet ġenerali***

*Artikolu 10.1*

**Għanijiet**

L-għanijiet ta' dan il-Kapitolu huma:

(a) li jiffaċilita l-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti innovattivi u kreattivi fil-Partijiet; u

(b) li jikseb livell adegwat u effettiv ta' protezzjoni u infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

*Artikolu 10.2*

**Natura u Ambitu tal-Obbligi**

1. Il-Partijiet għandhom jassiguraw implimentazzjoni adegwata u effettiva tat-trattati internazzjonali li jirrigwardaw il-proprjetà internazzjonali li tagħhom ikunu parti fosthom il-Ftehim dwar Aspetti Relatati mal-Kummerċ tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali, li jinsab fl-Anness 1C għall-Ftehim tad-WTO (minn hawn 'il quddiem il-"Ftehim TRIPS"). Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu għandhom jikkumplimentaw u jispeċifikaw id-drittijiet u l-obbligi bejn il-Partijiet skont il-Ftehim TRIPS.

2. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jinkludu:

(a) id-drittijiet tal-awtur, fosthom id-drittijiet tal-awturi fi programmi tal-kompjuter u f'databases, u d-drittijiet relatati;

(b) id-drittijiet relatati mal-privattivi;

(c) it-trademarks;

(d) il-marki tas-servizz;

([49]) Kontenut fid-Dokument tad-WTO negs 268(Kompitu Nru[1].8274) datat 19 ta' Novembru 2007.

(e) id-disinni;

(f) id-disinni tat-tqassim (topografiji) ta' ċirkwiti integrati;

(g) l-indikazzjonijiet ġeografiċi;

(h) il-varjetajiet tal-pjanti; u

(i) il-protezzjoni tal-informazzjoni mhux żvelata.

3. Il-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali tinkludi l-protezzjoni kontra kompetizzjoni inġusta kif imsemmija fl-artikolu 10 *bis* tal-*Konvenzjoni ta' Pariġi għall-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrijali* (1967) (minn hawn 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Pariġi").

*Artikolu 10.3*

**Trasferiment tat-Teknoloġija**

1. Il-Partijiet jaqblu li jiskambjaw opinjonijiet u informazzjoni dwar il-prattiċi u l-politiki tagħhom li jaffettwaw it-trasferiment tat-teknoloġija, kemm fit-territorji rispettivi tagħhom kif ukoll ma' pajjiżi terzi. B'mod partikolari dan għandu jinkludi miżuri sabiex jiffaċilitaw il-flussi ta' informazzjoni, is-sħubijiet kummerċjali, il-liċenzjar u s-sottokuntrattar. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex jinħoloq ambjent adegwat li jippermetti t-trasferiment tat-teknoloġija fil-pajjiżi ospitanti, inklużi, *inter alia*, kwistjonijiet bħall-iżvilupp tal-kapital uman u qafas legali.

2. Kull Parti għandha tieħu miżuri, kif jixraq, sabiex timpedixxi jew tikkontrolla prattiċi ta' liċenzjar jew kundizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali li jistgħu jaffettwaw ħażin it-trasferiment internazzjonali ta' teknoloġija u li jikkostitwixxu abbuż mid-drittijiet tal-proprjetà intellettwali mid-detenturi tad-drittijiet.

*Artikolu 10.4*

**Eżawriment**

Il-Partijiet għandhom ikunu liberi li jistabbilixxu l-proċedura tagħhom stess għall-eżawriment tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

TAQSIMA B

***Standards li jirrigwardaw id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali***

S u b t a q s i m a A

**D r i t t i j i e t t a l - a w t u r u d r i t t i j i e t r e l a t a t i**

*Artikolu 10.5*

**Protezzjoni Mogħtija**

Il-Partijiet għandhom jikkonformaw ma':

(a) l-Artikoli 1 sa 22 tal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni ta' Artisti, Produtturi ta' Fonogrammi u Organizzazzjonijiet tax-Xandir (1961) (minn hawn 'il quddiem l-"Konvenzjoni ta' Ruma");

(b) l-Artikoli 1 sa 18 tal-Konvenzjoni ta' Berne għall-Protezzjoni ta' Xogħlijiet Letterarji u Artistiċi (1071) (minn hawn 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Berne");

(c) l-Artikoli 1 sa 14 tat-Trattat dwar id-Drittijiet tal-Awtur (1996) (minn hawn 'il quddiem id-"WCT") tal-Organizzazzjoni Dinjija dwar il-Proprjetà Intellettwali (minn hawn 'il quddiem il-"WIPO"); u

(d) l-Artikoli 1 sa 23 tat-Trattat tal-WIPO dwar il-Prestazzjonijiet u l-Fonogrammi (1996) (minn hawn 'il quddiem il-"WPPT").

*Artikolu 10.6*

**Perjodu tad-Drittijiet tal-Awtur**

Kull Parti għandha tipprovdi li, fejn il-perjodu ta' protezzjoni ta' xogħol irid jiġi kkalkulat fuq il-bażi tal-ħajja ta' persuna fiżika, dak il-perjodu m'għandux ikun inqas mill-ħajja tal-awtur u 70 sena wara l-mewt tal-awtur.

*Artikolu 10.7*

**Organizzazzjonijiet tax-Xandir**

1. Id-drittijiet tal-organizzazzjonijiet tax-xandir għandhom jiskadu mhux inqas minn 50 sena wara l-ewwel trażmissjoni ta' xandira, kemm jekk din ix-xandira tiġi trażmessa bil-wajer jew fuq l-arja, fosthom bil-kejbil jew bis-satellita.

2. L-ebda Parti ma tista' tippermetti t-trażmissjoni mill-ġdid ta' sinjali tat-televixin (terrestri, bil-kejbil jew bis-satellita) fuq l-Internet mingħajr l-awtorizzazzjoni tad-detentur tad-drittijiet jew id-detenturi tad-drittijiet, jekk ikun hemm, tal-kontenut tas-sinjal jew tas-sinjal. ([50])

*Artikolu 10.8*

**Kooperazzjoni fuq il-Ġestjoni Kollettiva tad-Drittijiet**

Il-Partijiet għandhom ifittxu li jiffaċilitaw l-istabbiliment ta' ftehimiet bejn is-soċjetajiet ta' ġbir rispettivi tagħhom sabiex jassiguraw aċċess u kunsinna reċiproka tal-kontenut bejn il-Partijiet, kif ukoll jassiguraw it-trasferiment reċiproku tal-ħlasijiet għall-użu tax-xogħlijiet jew materjal ieħor tal-Partijiet li jkun protett bid-drittijiet tal-awtur. Il-Partijiet għandhom ifittxu li jiksbu livell għoli ta' razzjonalizzazzjoni u li jtejbu t-trasparenza fir-rigward tat-twettiq tal-kompitu tas-soċjetajiet ta' ġbir rispettivi tagħhom.

*Artikolu 10.9*

**Xandir u Komunikazzjoni lill-Pubbliku**

1. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu:

([50]) Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, it-trasmissjoni mill-ġdid fit-territorju ta' Parti fuq netwerk magħluq jew definit ta' abbonat li ma jkunx aċċessibbli minn barra t-territorju tal-Parti ma tikkostitwix trażmissjoni mill-ġdid fuq l-Internet.

(a) xandir ifisser it-trażmissjoni b'mezzi wajerless għar-riċezzjoni pubblika, ta' ħsejjes jew ta' immaġni u ħsejjes jew ir-rappreżentazzjoni tagħhom; tali trażmissjoni bis-satellita hija wkoll "xandir"; it-trażmissjoni ta' sinjali kodifikati tkun xandir meta l-mezzi għad-dekodifikazzjoni jiġu pprovduti lill-pubbliku mill-organizzazzjoni tax-xandir jew bil-kunsens tagħha; u

(b) komunikazzjoni lill-pubbliku tfisser it-trażmissjoni lill-pubbliku bi kwalunkwe mezz, ħlief bix-xandir, tal-ħsejjes ta' prestazzjoni jew il-ħsejjes jew ir-rappreżentazzjonijiet ta' ħsejjes imqiegħda fuq fonogramma. Għall-finijiet tal-paragrafu 5, il-"komunikazzjoni lill-pubbliku" tinkludi li l-ħsejjes jew ir-rappreżentazzjonijiet tal-ħsejjes imqiegħda fuq fonogramma jkunu jistgħu jinstemgħu mill-pubbliku.

2. Kull Parti għandha tipprovdi lill-artisti d-dritt esklussiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu x-xandir b'mezzi wajerless u l-komunikazzjoni lill-pubbliku, tal-wirjiet tagħhom, ħlief meta l-wirja nnifisha tkun diġà wirja mxandra jew tkun magħmula minn reġistrazzjoni.

3. Kull Parti għandha tipprovdi lill-artisti u lill-produtturi ta' fonogrammi bid-dritt għal remunerazzjoni waħda ġusta, jekk fonogramma ppubblikata għal skopijiet kummerċjali jew riproduzzjoni ta' tali fonogramma tintuża għal xandir b'mezzi wajerless jew għal kwalunkwe komunikazzjoni lill-pubbliku.

4. Kull Parti għandha tistabbilixxi fil-leġiżlazzjoni tagħha li r-remunerazzjoni waħda ġusta għandha tiġi mitluba mingħand l-utent min-naħa tal-artisti jew il-produtturi tal-fonogrammi, jew mit-tnejn. Il-Partijiet jistgħu jippromulgaw leġiżlazzjoni li, finnuqqas ta' ftehim bejn l-artisti u l-produtturi tal-fonogrammi, tistabbilixxi t-termini li bihom l-artisti u l-produtturi tal-fonogrammi għandhom jaqsmu r-remunerazzjoni waħda ġusta.

5. Kull Parti għandha tipprovdi lill-organizzazzjonijiet tax-xandir id-dritt esklussiv li jawtorizzaw jew jipprojbixxu:

(a) ix-xandir mill-ġdid tax-xandiriet tagħhom;

(b) ir-reġistrazzjoni tax-xandiriet tagħhom; u

(c) il-komunikazzjoni lill-pubbliku tax-xandiriet tagħhom fuq it-televixin jekk tali komunikazzjoni ssir ġewwa postijiet aċċessibbli għall-pubbliku għall-ħlas ta' miżata tad-dħul. Hija għandha tkun kwistjoni għal-liġi domestika tal-Istat fejn jiġi mitlub il-ħarsien ta' dan id-dritt, li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li bihom jista' jiġi eżerċitat.

*Artikolu 10.10*

**Dritt tal-Bejgħ mill-Ġdid tal-Artisti fix-Xogħlijiet tal-Arti**

Il-Partijiet jaqblu li jiskambjaw opinjonijiet u informazzjoni dwar il-prattiċi u l-politiki rigward id-dritt tal-bejgħ mill-ġdid tal-artisti. Fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet għandhom jidħlu f'konsultazzjonijiet sabiex jeżaminaw ix-xewqa u l-vijabilità li jiddaħħal dritt tal-bejgħ mill-ġdid tal-artisti fix-xogħlijiet tal-arti fil-Korea.

*Artikolu 10.11*

**Limitazzjonijiet u Eċċezzjonijiet**

Il-Partijiet jistgħu, fil-leġiżlazzjoni tagħhom, jipprovdu għal limitazzjonijiet ta', jew eċċezzjonijiet għal, id-drittijiet mogħtija lid-detenturi tad-drittijiet li saret referenza għalihom fl-Artikoli 10.5 sa 10.10 f'ċerti każijiet speċjali li ma jmorrux kontra sfruttament normali tax-xogħol u li ma jippreġudikawx b'mod mhux raġonevoli l-interessi leġittimi tad-detenturi tad-drittijiet.

*Artikolu 10.12*

**Protezzjoni ta' Miżuri Teknoloġiċi**

1. Kull Parti għandha tipprovdi protezzjoni legali adegwata kontra l-evażjoni ta' kwalunkwe miżura teknoloġika effettiva, li l-persuna kkonċernata twettaq fl-għarfien, jew b'bażi raġonevoli ta' għarfien, li tali persuna tkun qiegħda ssegwi dak l-għan.

2. Kull Parti għandha tipprovdi protezzjoni legali adegwata kontra l-manifattura, l-importazzjoni, id-distribuzzjoni, il-bejgħ, il-kiri, ir-reklamar għall-bejgħ jew għall-kiri, jew il-pussess għal skopijiet kummerċjali, ta' apparat, prodotti jew komponenti, jew il-forniment ta' servizzi li:

(a) jiġu promossi, reklamati jew imqiegħda fis-suq għall-iskop ta' evażjoni ta';

(b) ftit ikollhom skop jew użu kummerċjali sinifikanti ħlief li jevadu; jew

(c) ikunu ddisinjati, magħmula, adattati jew imwettqa primarjament għall-iskop li jippermettu jew jiffaċilitaw l-evażjoni ta',

kwalunkwe miżura teknoloġika effettiva.

3. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, miżura teknoloġika tfisser kwalunkwe teknoloġija, strument jew komponent li, fl-andament normali tal-operazzjoni tiegħu, ikun imfassal sabiex jevita jew jillimita atti, fir-rigward ta' xogħlijiet jew suġġetti oħra, li ma jkunux awtorizzati mid-detentur ta' kwalunkwe drittijiet tal-awtur jew kwalunkwe dritt relatat mad-drittijiet tal-awtur kif ipprovdut mil-leġiżlazzjoni ta' kull Parti. Il-miżuri teknoloġiċi għandhom jitqiesu bħala effettivi meta l-użu ta' xogħol jew suġġett ieħor protett ikun ikkontrollat mid-detenturi tad-drittijiet permezz tal-applikazzjoni ta' kontroll tal-aċċess jew proċess ta' protezzjoni, bħal kodifikazzjoni, scrambling jew trasformazzjoni oħra tax-xogħol jew suġġett ieħor, jew mekkaniżmu ta' kontroll tal-ikkupjar, li jikseb l-għan ta' protezzjoni.

4. Kull Parti tista' tipprovdi għal eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet għall-miżuri li jimplimentaw il-paragrafi 1 u 2 skont il-leġiżlazzjoni tagħha u l-ftehimiet internazzjonali relevanti msemmija fl-Artikolu 10.5.

*Artikolu 10.13*

**Protezzjoni ta' Informazzjoni dwar l-Immaniġġjar tad-Drittijiet**

1. Kull Parti għandha tipprovdi protezzjoni legali adegwata kontra kwalunkwe persuna li konxjament twettaq xi wieħed mill-atti li ġejjin mingħajr ma jkollha l-awtorità:

(a) it-tneħħija jew bdil ta' kwalunkwe informazzjoni elettronika dwar l-immaniġġjar tad-drittijiet; jew

(b) id-distribuzzjoni, l-importazzjoni għad-distribuzzjoni, ix-xandir, il-komunikazzjoni jew it-tpoġġija għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, ta' xogħlijiet jew affarijiet oħra protetti taħt dan il-Ftehim, li minnhom tkun tneħħiet jew ġiet mibdula mingħajr awtorizzazzjoni, informazzjoni elettronika dwar l-immaniġġjar tad-drittijiet.

jekk tali persuna tkun taf, jew ikollha raġunijiet biżżejjed sabiex tkun taf, li billi tagħmel dan tkun qiegħda tikkawża, tippermetti, tiffaċilita jew taħbi l-ksur ta' kwalunkwe drittijiet tal-awtur jew drittijiet marbuta mad-drittijiet tal-awtur kif previsti mil-liġi tal-Parti relevanti.

2. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, informazzjoni għall-immaniġġjar tad-drittijiet tfisser kwalunkwe informazzjoni pprovduta mid-detenturi tad-drittijiet li tidentifika x-xogħol jew ħaġa oħra msemmija f'dan il-Ftehim, l-awtur jew kwalunkwe detentur ieħor ta' drittijiet, jew informazzjoni dwar it-termini u l-kundizzjonijiet tal-użu tax-xogħol jew ħaġa oħra, u kwalunkwe numru jew kodiċi li jirrappreżentaw tali informazzjoni.

3. Il-paragrafu 2 għandu japplika meta xi waħda minn dawn l-affarijiet ta' informazzjoni tkun assoċjata ma' kopja ta', jew tidher b'rabta mal-komunikazzjoni lill-pubbliku, ta' xogħol jew ħaġa oħra msemmija f'dan il-Ftehim.

*Artikolu 10.14*

**Dispożizzjoni Tranżitorja**

Il-Korea għandha timplimenta b'mod sħiħ l-obbligi tal-Artikoli 10.6 u 10.7 fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Subtaqsima B

**Trademarks**

*Artikolu 10.15*

**Proċedura tar-Reġistrazzjoni**

L-Unjoni Ewropea u l-Korea għandhom jipprovdu għal sistema għar-reġistrazzjoni tat-trademarks li fiha r-raġunijiet għar-rifjut tar-reġistrazzjoni ta' trademark għandhom jiġu kkomunikati bil-miktub u jistgħu jiġu pprovduti b'mod elettroniku lill-applikant li jkollu l-opportunità li jikkontesta tali rifjut u li jappella rifjut finali b'mod ġudizzjarju. L-Unjoni Ewropea u l-Korea għandhom jintroduċu wkoll il-possibbiltà għall-partijiet interessati li jopponu applikazzjonijiet għal trademark. L-Unjoni Ewropea u l-Korea għandhom jipprovdu database elettronika pubblikament disponibbli ta' applikazzjonijiet għal trademarks u reġistrazzjonijiet ta' trademarks.

*Artikolu 10.16*

**Ftehimiet Internazzjonali**

L-Unjoni Ewropea u l-Korea għandhom jikkonformaw mat-Trattat dwar il-Liġi tat-Trademarks (1994) u jagħmlu kull sforz raġonevoli sabiex jikkonformaw mat-Trattat ta' Singapor dwar il-Liġi tat-Trademarks (2006).

*Artikolu 10.17*

**Eċċezzjonijiet għad-Drittijiet Mogħtija minn Trademark**

Kull Parti għandha tipprovdi għall-użu ġust ta' termini deskrittivi bħala eċċezzjoni limitata għad-drittijiet mogħtija minn trademark u tista' tipprovdi għal eċċezzjonijiet limitati oħra, bil-kundizzjoni li l-eċċezzjonijiet limitati jqisu l-interessi leġittimi tal-proprjetarju tat-trademark u ta' partijiet terzi.

Subtaqsima C

**Indikazzjonijiet ġeografiċi** ([51]), ([52])

*Artikolu 10.18*

**Rikonoxximent tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi għal Prodotti Agrikoli u Prodotti tal-Ikel u Inbejjed**

1. Wara li eżaminat l-*Att dwar il-Kontroll tal-Kwalità tal-Prodotti Agrikoli*, bir-regoli implimentattivi tiegħu, fir-rigward tar-reġistrazzjoni, il-kontroll u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għal prodotti agrikoli u prodotti tal-ikel fil-Korea, L-Unjoni Ewropea tikkonkludi li din il-leġiżlazzjoni tissodisfa l-elementi stabbiliti fil-paragrafu 6.

2. Wara li eżaminat ir-*Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006*, bir-regoli implimentattivi tiegħu, għar-reġistrazzjoni, il-kontroll u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi ta' prodotti agrikoli u prodotti tal-ikel fl-Unjoni Ewropea, u r-*Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007* dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-inbid, il-Korea tikkonkludi li din il-leġiżlazzjoni tissodisfa l-elementi stabbiliti fil-paragrafu 6.

([51]) "Indikazzjoni ġeografika" f'din is-Subtaqsima tirreferi għal:
(a) indikazzjonijiet ġeografiċi, denominazzjonijiet tal-oriġini, inbejjed ta' kwalità prodotti f'reġjun speċifikat u nbejjed tal-mejda b'indikazzjoni ġeografika kif imsemmija fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006; ir-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008; ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/1991 tal-10 ta' Ġunju 1991; ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 tas-17 ta' Mejju 1999; u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007, jew id-dispożizzjonijiet li jieħdu post dawn ir-regolamenti; u
(b) indikazzjonijiet ġeografiċi kif koperti mill-Att dwar il-Kontroll tal-Kwalità ta' Prodotti Agrikoli (Att Nru. 9759, 9 ta' Ġunju, 2009) u l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Likuri (Att Nru. 8852, 29 ta' Frar, 2008) tal-Korea.

([52]) Il-protezzjoni ta' indikazzjoni ġeografika taħt din is-Subsezzjoni hija mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet oħrajn f'dan il-Ftehim.

3. Wara li eżaminat sommarju tal-ispeċifikazzjonijiet tal-prodotti agrikoli u l-prodotti tal-ikel li jikkorrispondu mal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-Korea li hemm elenkati fl-Anness 10-A, li ġew irreġistrati mill-Korea taħt il-leġiżlazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-Unjoni Ewropea tikkommetti ruħha li tipproteġi l-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-Korea li hemm elenkati fl-Anness 10-A skont il-livell ta' protezzjoni stabbilit f'dan il-Kapitolu.

4. Wara li eżaminat sommarju tal-ispeċifikazzjonijiet tal-prodotti agrikoli u l-prodotti tal-ikel li jikkorrispondu mal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-Unjoni Ewropea li hemm elenkati fl-Anness 10-A, li ġew irreġistrati mill-Unjoni Ewropea taħt il-leġiżlazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, il-Korea tikkommetti ruħha li tipproteġi l-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-Unjoni Ewropea li hemm elenkati fl-Anness 10-A skont il-livell ta' protezzjoni stabbilit f'dan il-Kapitolu.

5. Il-paragrafu 3 għandu japplika għal indikazzjonijiet ġeografiċi għall-inbejjed fir-rigward ta' indikazzjonijiet ġeografiċi miżjuda skont l-Artikolu 10.24.

6. L-Unjoni Ewropea u l-Korea jaqblu li l-elementi għar-reġistrazzjoni u l-kontroll tal-indikazzjonijiet ġeografiċi li saret referenza ghalihom fil-paragrafi 1 u 2 huma dawn:

(a) reġistru li jelenka l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti fit-territorji rispettivi tagħhom;

(b) proċess amministrattiv li jivverifika li l-indikazzjonijiet ġeografiċi jidentifikaw prodott bħala li joriġina f'territorju, reġjun jew lokalità ta' xi waħda mill-Partijiet, fejn kwalità, reputazzjoni, jew karatteristika oħra partikolari tal-prodott hija attribwibbli essenzjalment għall-oriġini ġeografika tiegħu;

(c) rekwiżit li isem irreġistrat għandu jikkorrispondi ma' prodott jew prodotti speċifiċi li għalihom tkun stipulata speċifikazzjoni tal-prodott li tista' tiġi emendata biss bi proċess amministrattiv xieraq;

(d) dispożizzjonijiet dwar kontroll li japplikaw għall-produzzjoni;

(e) dispożizzjonijiet legali li jistabbilixxu li isem irreġistrat jista' jintuża minn kwalunkwe operatur li jirreklama l-prodott agrikolu jew il-prodott tal-ikel bħala li jikkonforma mal-ispeċifikazzjoni korrispondenti; u

(f) proċedura ta' oġġezzjoni li tippermetti li jiġu kkunsidrati l-interessi leġittimi ta' utenti preċedenti tal-ismijiet, kemm jekk dawk l-ismijiet ikunu protetti bħala forma ta' proprjetà intellettwali kif ukoll jekk le.

*Artikolu 10.19*

**Rikonoxximent ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi Speċifiċi għal Inbejjed,** (53) **Inbejjed Aromatizzati** (54) **u Spirti** (55)

1. Fil-Korea, l-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-Unjoni Ewropea li hemm elenkati fl-Anness 10-B għandhom jiġu protetti għal dawk il-prodotti li jużaw dawn l-indikazzjonijiet ġeografiċi skont il-liġijiet relevanti tal-Unjoni Ewropea dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi.

2. Fl-Unjoni Ewropea, l-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-Korea li hemm elenkati fl-Anness 10-B għandhom jiġu protetti għal dawk il-prodotti li jużaw dawn l-indikazzjonijiet ġeografiċi skont il-liġijiet relevanti tal-Korea dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi.

*Artikolu 10.20*

**Dritt tal-Użu**

Isem protett taħt din is-Subtaqsima jista' jintuża minn kwalunkwe operatur li jpoġġi fis-suq prodotti agrikoli, prodotti tal-ikel, inbejjed, inbejjed aromatizzati jew spirti li jkunu konformi mal-ispeċifikazzjoni korrispondenti.

*Artikolu 10.21*

**Ambitu tal-Protezzjoni**

1. L-indikazzjonijiet ġeografiċi li saret referenza għalihom fl-Artikoli 10.18 u 10.19 għandhom jiġu protetti kontra:

---

(53) L-inbejjed fit-tifsira ta' din is-Subsezzjoni huma prodotti li jaqgħu taħt l-intestatura 22.04 HS u li:
(a) jikkonformaw mar-Regolament tal-Kunsill (KE) 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 606/2009 tal-10 ta' Lulju 2009 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 607/2009 tal-14 ta' Lulju 2009, jew leġiżlazzjoni li tissostitwih; jew
(b) jikkonformaw mal-Att dwar il-Kontroll tal-Kwalità ta' Prodotti Agrikoli (Att Nru. 9759, 9 ta' Ġunju, 2009) u l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Likuri (Att Nru. 8852, 29 ta' Frar, 2008) tal-Korea.

(54) L-inbejjed aromatiċi fit-tifsira ta' din is-Subsezzjoni huma prodotti li jaqgħu taħt l-intestatura 22.05 HS u li:
(a) jikkonformaw mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/1991 tal-10 ta' Ġunju 1991, jew leġiżlazzjoni li tissostitwih; jew
(b) jikkonformaw mal-Att dwar il-Kontroll tal-Kwalità ta' Prodotti Agrikoli (Att Nru. 9759, 9 ta' Ġunju, 2009) u l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Likuri (Att Nru. 8852, 29 ta' Frar, 2008) tal-Korea.

(55) L-ispirti fit-tifsira ta' din is-Subsezzjoni huma prodotti li jaqgħu taħt l-intestatura 22.08 HS u li:
(a) jikkonformaw mar-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008, u r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1014/90 tal-24 ta' April 1990, jew leġiżlazzjoni li tissostitwih; jew
(b) jikkonformaw mal-Att dwar il-Kontroll tal-Kwalità ta' Prodotti Agrikoli (Att Nru. 9759, 9 ta' Ġunju, 2009) u l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Likuri (Att Nru. 8852, 29 ta' Frar, 2008) tal-Korea.

(a) l-użu ta' kwalunkwe mezz fit-tismija jew il-preżentazzjoni ta' prodott li jindika jew jissuġġerixxi li l-prodott inkwistjoni joriġina f'żona ġeografika li ma tkunx il-post veru tal-oriġini b'mod li jiżgwida lill-pubbliku dwar l-oriġini ġeografika tal-prodott;

(b) l-użu ta' indikazzjoni ġeografika li tidentifika prodott minn prodott simili ([56]) li ma joriġinax fil-post indikat mill-indikazzjoni ġeografika inkwistjoni, anki meta l-oriġini vera tal-prodott tkun indikata jew l-indikazzjoni ġeografika tkun użata fi traduzzjoni jew traskrizzjoni jew tkun akkumpanjata minn espressjonijiet bħal "xorta", "tip", "stil", "imitazzjoni" jew espressjonijiet oħra bħal dawn; u

(c) kwalunkwe użu ieħor li jikkostitwixxi att ta' kompetizzjoni inġusta fit-tifsira tal-Artikolu 10 *bis* tal-Konvenzjoni ta' Pariġi.

2. Dan il-Ftehim bl-ebda mod ma għandu jippreġudika d-dritt ta' persuna li tuża, fl-andament tan-negozju, l-isem tagħha jew l-isem tal-predeċessur tagħha fin-negozju, ħlief meta tali isem jintuża b'mod li jiżgwida lill-konsumaturi.

3. Jekk l-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-Partijiet ikunu omonimi, il-protezzjoni għandha tingħata lil kull indikazzjoni bil-kundizzjoni li din ma tkunx intużat bi ħsieb ħażin. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi għandu jiddeċiedi l-kundizzjonijiet prattiċi ta' użu li fihom l-indikazzjonijiet ġeografiċi omonimi jiġu differenzjati minn xulxin, billi tiġi kkunsidrata l-ħtieġa li jkun assigurat trattament ġust tal-produtturi kkonċernati u li l-konsumaturi ma jiġux żgwidati. Jekk indikazzjoni ġeografika protetta permezz ta' dan il-Ftehim tkun omonima ma' indikazzjoni ġeografika ta' pajjiż terz, kull Parti għandha tiddeċiedi l-kundizzjonijiet prattiċi ta' użu li fihom l-indikazzjonijiet ġeografiċi omonimi għandhom jiġu differenzjati minn xulxin, billi tiġi kkunsidrata l-ħtieġa li jkun assigurat trattament ġust tal-produtturi kkonċernati u li l-konsumaturi ma jiġux żgwidati.

4. Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jobbliga lill-Unjoni Ewropea jew lill-Korea li tipproteġi indikazzjoni ġeografika li ma tkunx jew li ma tibqax protetta fil-pajjiż tagħha tal-oriġini jew li ma tkunx baqgħet tintuża f'dak il-pajjiż.

5. Il-protezzjoni ta' indikazzjoni ġeografika taħt dan l-Artikolu hija mingħajr preġudizzju għall-użu kontinwu ta' trademark li tkun saret applikazzjoni għaliha, ġiet irreġistrata jew stabbilita bl-użu, jekk dik il-possibbiltà tkun ipprovduta mil-leġiżlazzjoni kkonċernata, fit-territorju ta' Parti qabel id-data tal-applikazzjoni għall-protezzjoni jew ir-rikonoxximent tal-indikazzjoni ġeografika, bil-kundizzjoni li ma jkunu jeżistu l-ebda raġunijiet għall-invalidità jew ir-revoka tat-trademark fil-leġiżlazzjoni tal-Parti kkonċernata. Id-data tal-applikazzjoni għall-protezzjoni jew ir-rikonoxximent tal-indikazzjoni ġeografika hija stabbilita skont l-Artikolu 10.23.2.

*Artikolu 10.22*

**Infurzar tal-Protezzjoni**

Il-Partijiet għandhom jinfurzaw il-protezzjoni pprovduta fl-Artikoli 10.18 sa 10.2 fuq inizjattiva tagħhom stess bl-intervent xieraq tal-awtoritajiet tagħhom. Huma għandhom jinfurzaw ukoll tali protezzjoni fuq talba ta' xi parti interessata.

*Artikolu 10.23*

**Relazzjoni mat-Trademarks**

1. Ir-reġistrazzjoni ta' trademark li tikkorrispondi ma' xi waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 10.21.1 fir-rigward ta' indikazzjoni ġeografika protetta għal prodotti simili, għandha tiġi miċħuda jew invalidata mill-Partijiet, bil-kundizzjoni li applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trademark tiġi sottomessa wara d-data tal-applikazzjoni għall-protezzjoni jew ir-rikonoxximent tal-indikazzjoni ġeografika fit-territorju kkonċernat.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1:

(a) fil-każ tal-indikazzjonijiet ġeografiċi li saret referenza għalihom fl-Artikoli 10.18 u 10.19, id-data tal-applikazzjoni għall-protezzjoni jew ir-rikonoxximent għandha tkun id-data meta jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim; u

(b) fil-każ tal-indikazzjonijiet ġeografiċi li saret referenza għalihom fl-Artikolu 10.24, id-data tal-applikazzjoni għall-protezzjoni jew ir-rikonoxximent għandha tkun id-data meta xi Parti tirċievi talba mill-Parti l-oħra sabiex tipproteġi jew tirrikonoxxi indikazzjoni ġeografika.

*Artikolu 10.24*

**Żieda ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi għall-Protezzjoni** ([57])

1. L-Unjoni Ewropea u l-Korea jaqblu li jżidu l-indikazzjonijiet ġeografiċi li għandhom jiġu protetti mal-Annessi 10-A u 10-B skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 10.25.

([56]) Għall-prodotti kollha, it-terminu "prodott simili" għandu jiġi interpretat skont l-Artikolu 23.1 tal-Ftehim dwar it-TRIPS rigward l-użu ta' indikazzjoni ġeografika li tidentifika nbejjed għal inbejjed li ma joriġinawx fil-post indikat mill-indikazzjoni ġeografika inkwistjoni jew li tidentifika spirti għal spirti li ma joriġinawx fil-post indikat mill-indikazzjoni ġeografika inkwistjoni.

([57]) Jekk issir proposta:
(a) mill-Korea għal prodott oriġinarju li jaqa' fl-ambitu tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea speċifikata skont l-Artikolu 10.18.2 u n-noti ta' qiegħ il-paġna tal-Artikolu 10.19; jew
(b) mill-Unjoni Ewropea għal prodott oriġinarju li jaqa' fl-ambitu tal-leġiżlazzjoni tal-Korea speċifikata skont l-Artikolu 10.18.1 u n-noti ta' qiegħ il-paġna tal-Artikolu 10.19,
sabiex jiżdied isem ta' oriġini ma' dan il-Ftehim li jkun ġie rikonoxxut minn xi Parti bħala indikazzjoni ġeografika fit-tifsira tal-Artikolu 22.1 tal-Ftehim dwar it-TRIPS permezz tal-liġijiet ta' xi waħda mill-Partijiet ħlief dawk imsemmija fl-Artikoli 10.18.1 u 10.18.2 u n-noti ta' qiegħ il-paġna tal-Artikolu 10.19, il-Partijiet jaqblu li jeżaminaw jekk l-indikazzjoni ġeografika tistax tiżdied ma' dan il-Ftehim skont din is-Subsezzjoni.

2. L-Unjoni Ewropea u l-Korea jaqblu li jipproċessaw, mingħajr dewmien bla bżonn, it-talbiet tal-parti l-oħra għaż-żieda tal-indikazzjonijiet ġeografiċi li għandhom jiġu protetti mal-Annessi.

3. Isem ma jistax jiġi rreġistrat bħala indikazzjoni ġeografika meta dan jaħbat mal-isem ta' varjetà ta' pjanta, fosthom varjetà ta' għenba, jew razza ta' annimal u minħabba f'hekk ikun probabbli li jiżgwida lill-konsumatur dwar l-oriġini vera tal-prodott.

*Artikolu 10.25*

**Grupp ta' Ħidma dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi**

1. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi, stabbilit skont l-Artikolu 15.3.1 (Grupp ta' Ħidma), għandu jiltaqa', kif maqbul miż-żewġ naħat jew fuq talba ta' xi Parti, għall-iskop li jintensifika l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet u jidd-jaloga dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi. Il-Grupp ta' Ħidma jista' jagħmel rakkomandazzjonijiet u jadotta deċiżjonijiet b'kunsens.

2. Il-post tal-laqgħa għandu jalterna bejn il-Partijiet. Huwa għandu jiltaqa' f'ħin u post u b'mod li jista' jinkludi permezz ta' konferenza vidjo, li jiġi deċiż reċiprokament mill-Partijiet, mhux aktar tard minn 90 jum wara t-talba.

3. Il-Grupp ta' Ħidma jista' jiddeċiedi:

(a) li jimmodifika l-Annessi 10-A u 10-B sabiex iżid indikazzjonijiet ġeografiċi individwali tal-Unjoni Ewropea jew tal-Korea li, wara li titlesta l-proċedura relevanti msemmija fl-Artikoli 10.18.3 u 10.18.4, fejn applikabbli, jiġu determinati wkoll mill-Parti l-oħra li jikkostitwixxu indikazzjonijiet ġeografiċi u jiġu protetti fit-territorju ta' dik il-Parti l-oħra;

(b) li jimmodifika ([58]) l-Annessi msemmija fis-subparagrafu (a) sabiex ineħħi indikazzjonijiet ġeografiċi individwali li ma jkunux aktar protetti fil-Parti tal-oriġini ([59]) jew li, skont il-leġiżlazzjoni applikabbli, ma jissodisfawx aktar il-kundizzjonijiet sabiex jitqiesu bħala indikazzjoni ġeografika fil-Parti l-oħra; u

(c) li referenza għal leġiżlazzjoni f'dan il-Ftehim għandha tittieħed li hija referenza għal dik il-leġiżlazzjoni kif emendata jew sostitwita u fis-seħħ f'data partikolari wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

4. Il-Grupp ta' Ħidma għandu jassigura wkoll l-operat tajjeb ta' din is-Subtaqsima u jista' jikkunsidra kwalunkwe kwistjoni relatata mal-implimentazzjoni u l-operat tagħha. B'mod partikolari, huwa għandu jkun responsabbli sabiex:

(a) jiskambja informazzjoni dwar żviluppi leġiżlattivi u ta' politika dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi;

(b) jiskambja informazzjoni dwar indikazzjonijiet ġeografiċi individwali għall-iskop li tiġi kkunsidrata l-protezzjoni tagħhom skont dan il-Ftehim; u

(c) jiskambja informazzjoni sabiex jittejjeb l-operat ta' dan il-Ftehim.

5. Il-Grupp ta' Ħidma jista' jiddiskuti kwalunkwe kwistjoni ta' interess reċiproku fil-qasam tal-indikazzjonijiet ġeografiċi.

*Artikolu 10.26*

**Applikazzjonijiet Individwali għall-Protezzjoni ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi**

Id-dispożizzjonijiet ta' din is-Subtaqsima huma mingħajr preġudizzju għad-dritt li jitfittex ir-rikonoxximent u l-protezzjoni ta' indikazzjoni ġeografika skont il-leġiżlazzjoni relevanti tal-Unjoni Ewropea jew tal-Korea.

Subtaqsima D

**Disinni**

*Artikolu 10.27*

**Protezzjoni ta' Disinni Reġistrati**

1. L-Unjoni Ewropea u l-Korea għandhom jipprovdu għall-protezzjoni ta' disinni maħluqa b'mod indipendenti li jkunu ġodda u li jkunu oriġinali jew li jkollhom karattru individwali. ([60])

2. Din il-protezzjoni għandha tiġi pprovduta permezz ta' reġistrazzjoni, u għandha tagħti drittijiet esklussivi lid-detenturi tagħhom skont din is-Subtaqsima.

([58]) Dan jirreferi għall-modifika tal-indikazzjoni ġeografika bħala tali, fosthom l-isem u l-kategorija tal-prodott. Il-modifiki tal-ispeċifikazzjonijiet kif imsemmija fl-Artikoli 10.18.3 u 10.18.4 jew il-modifiki tal-organi ta' kontroll responsabbli kif imsemmija fl-Artikolu 10.18.6(d) jibqgħu r-responsabbiltà esklussiva tal-Parti fejn toriġina l-indikazzjoni ġeografika. Tali modifiki jistgħu jiġu kkomunikati għal skopijiet ta' informazzjoni.

([59]) Deċiżjoni sabiex titwaqqaf il-protezzjoni ta' indikazzjoni ġeografika tibqa' r-responsabbiltà esklussiva tal-Parti fejn toriġina l-indikazzjoni ġeografika.

([60]) Il-Korea tqis li d-disinni ma jkunux ġodda jekk disinn identiku jew simili jkun sar magħruf pubblikament jew maħdum pubblikament qabel ma tiġi ppreżentata l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' disinn. Il-Korea tqis li d-disinni ma jkunux oriġinali jekk dawn setgħu nħolqu faċilment mill-kombinazzjonijiet ta' disinni li kienu magħrufa pubblikament jew maħduma pubblikament qabel ma tiġi ppreżentata l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' disinn. L-Unjoni Ewropea tqis li d-disinni ma jkunux oriġinali jekk disinn identiku jkun sar disponibbli għall-pubbliku qabel id-data tal-iffajljar ta' disinn irreġistrat jew qabel id-data tal-iżvelar ta' disinn mhux irreġistrat. L-Unjoni Ewropea tqis li d-disinn ma jkollux karattru individwali jekk l-impressjoni ġenerali li jħalli fuq l-utenti infurmati ma tkunx differenti mill-impressjoni ġenerali li tithalla fuq tali utent minn kwalunkwe disinn li jkun sar disponibbli għall-pubbliku.

*Artikolu 10.28*

**Drittijiet Mogħtija bir-Reġistrazzjoni**

Is-sid ta' disinn protett għandu jkollu d-dritt li jimpedixxi lil partijiet terzi li ma jkollhomx il-kunsens tas-sid, tal-anqas milli jagħmlu, joffru għall-bejgħ, ibigħu, jimpurtaw, jew jesportaw oġġetti li jġorru jew li jinkorporaw id-disinn protett meta dawn l-atti jsiru għal skopijiet kummerċjali, jippreġudikaw b'mod mhux ġustifikat l-użu normali tad-disinn, jew ma jkunux kompatibbli mal-prattika tal-kummerċ ġust.

*Artikolu 10.29*

**Protezzjoni Mogħtija lil Dehra Mhux Irreġistrata**

L-Unjoni Ewropea u l-Korea għandhom jipprovdu l-mezzi legali sabiex jimpedixxu l-użu tad-dehra mhux irreġistrata ta' prodott, jekk l-użu kkontestat jirriżulta biss mill-ikkupjar tad-dehra mhux irreġistrata ta' tali prodott. ([61]) Użu bħal dan għandu tal-anqas ikopri l-preżentazzjoni, ([62]) l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ta' prodotti.

*Artikolu 10.30*

**Perjodu ta' Protezzjoni**

1. Il-perjodu ta' protezzjoni disponibbli fil-Partijiet wara r-reġistrazzjoni għandu jammonta għal mill-anqas 15-il sena.

2. Il-perjodu ta' protezzjoni disponibbli fl-Unjoni Ewropea u fil-Korea għal dehra mhux irreġistrata għandu jammonta għal mill-anqas tliet snin.

*Artikolu 10.31*

**Eċċezzjonijiet**

1. L-Unjoni Ewropea u l-Korea jistgħu jipprovdu eċċezzjonijiet limitati għall-protezzjoni tad-disinni, bil-kundizzjoni li tali eċċezzjonijiet ma jkunux f'kunflitt inġust mal-isfruttament normali tad-disinni protetti u ma jippreġudikawx inġustament l-interessi leġittimi tas-sid tad-disinn protett, waqt li jitqiesu l-interessi leġittimi ta' partijiet terzi.

2. Il-protezzjoni tad-disinni m'għandhiex testendi għal disinni ddettati essenzjalment minn konsiderazzjonijiet tekniċi jew funzjonali.

3. Id-dritt tad-disinn ma għandux jeżisti f'disinn li jkun kuntrarju għall-politika pubblika jew għall-prinċipji aċċettati tal-moralità.

*Artikolu 10.32*

**Relazzjoni mad-Drittijiet tal-Awtur**

Disinn protett bi dritt tad-disinn irreġistrat fl-Unjoni Ewropea jew fil-Korea b'mod konformi ma' din is-Subtaqsima għandu jkun eliġibbli wkoll għal protezzjoni taħt il-liġi tad-drittijiet tal-awtur applikabbli fit-territorju tal-Partijiet mid-data li fiha d-disinn jiġi maħluq jew iffissat fi kwalunkwe forma. ([63])

Subtaqsima E

**Privattivi**

*Artikolu 10.33*

**Ftehim Internazzjonali**

Il-Partijiet għandhom jagħmlu kull sforz raġonevoli sabiex jikkonformaw mal-Artikoli 1 sa 16 tat-Trattat dwar il-Liġi tal-Privattivi (2000).

*Artikolu 10.34*

**Privattivi u Saħħa Pubblika**

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tad-Dikjarazzjoni dwar il-Ftehim TRIPS u s-Saħħa Pubblika, li ġiet adottata fl-14 ta' Diċembru 2001 (minn hawn 'il quddiem id-"Dikjarazzjoni ta' Doha") mill-Konferenza Ministerjali tad-WTO. Fl-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni tad-drittijiet u l-obbligi skont din is-Subtaqsima, il-Partijiet għandhom id-dritt li jibbażaw fuq id-Dikjarazzjoni ta' Doha.

2. Kull Parti għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta', u għandha tirrispetta d-Deċiżjoni tal-Kunsill Ġenerali tad-WTO tat-30 ta' Awwissu 2003 dwar il-paragrafu 6 tad-Dikjarazzjoni ta' Doha, kif ukoll il-Protokoll li jemenda l-Ftehim TRIPS, li sar f'Ġinevra fis-6 ta' Diċembru 2005.

([61]) Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, L-Unjoni Ewropea u l-Korea jqisu li "disinn mhux irreġistrat" u "dehra mhux irreġistrata" għandhom tifsira simili. Il-kundizzjonijiet għall-protezzjoni ta' "disinn mhux irreġistrat" jew "dehra mhux irreġistrata" huma pprovduti:
(a) mill-Korea fl-Att dwar il-Prevenzjoni tal-Kompetizzjoni Inġusta u l-Protezzjoni tas-Sigrieti Kummerċjali (Att Nru. 8767, 21 ta' Diċembru, 2007); u
(b) mill-Unjoni Ewropea fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002 tat-12 ta' Diċembru 2001 dwar id-disinni Komunitarji, kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1891/2006 tat-18 ta' Diċembru 2006.

([62]) Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-Unjoni Ewropea tqis "preżentazzjoni" bħala "offerta" jew "tqegħid fis-suq" u l-Korea tqis "preżentazzjoni" bħala "assenjazzjoni, kiri jew wiri għal assenjazzjoni jew kiri."

([63]) Il-protezzjoni ta' disinn skont il-liġi tad-drittijiet tal-awtur mhijiex mogħtija b'mod awtomatiku, iżda tingħata biss jekk disinn jikkwalifika għall-protezzjoni skont il-liġi tad-drittijiet tal-awtur.

*Artikolu 10.35*

**Estensjoni tal-Perjodu tad-Drittijiet Mogħtija bi Protezzjoni tal-Privattivi**

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-prodotti farmaċewtiċi [64] u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti [65] protetti bi privattiva fit-territorji rispettivi tagħhom huma suġġetti għal proċedura amministrattiva ta' awtorizzazzjoni jew reġistrazzjoni qabel ma jitpoġġew fis-swieq tagħhom.

2. Il-Partijiet għandhom jipprovdu, meta jintalbu mill-proprjetarju tal-privattiva, għall-estensjoni tal-perjodu tad-drittijiet mogħija bil-protezzjoni tal-privattiva sabiex il-proprjetarju tal-privattiva jiġi kkumpensat għat-tnaqqis fil-ħajja effettiva tal-privattiva b'riżultat tal-ewwel awtorizzazzjoni sabiex il-prodott jitqiegħed fis-swieq rispettivi tagħhom. L-estensjoni tal-perjodu tad-drittijiet mogħtija bil-protezzjoni tal-privattiva ma tistax taqbeż il-ħames snin [66].

*Artikolu 10.36*

**Protezzjoni ta' Informazzjoni Sottomessa sabiex Tinkiseb Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq ta' Prodotti Farmaċewtiċi** [67]

1. Il-Partijiet għandhom jiggarantixxu l-kunfidenzjalità, in-nuqqas ta' żvelar u n-nuqqas ta' dipendenza fuq dejta ppreżentata għall-iskop li tinkiseb awtorizzazzjoni sabiex prodott farmaċewtiku jitqiegħed fis-suq.

2. Għal dak il-għan, il-Partijiet għandhom jassiguraw fil-leġiżlazzjoni rispettiva tagħhom li l-informazzjoni, kif imsemmija fl-Artikolu 39 tal-Ftehim TRIPS, rigward is-sigurtà u l-effikaċja, ippreżentata għall-ewwel darba minn applikant sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq għal prodott farmaċewtiku ġdid fit-territorju tal-Partijiet rispettivi, ma tintużax sabiex tingħata awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq oħra għal prodott farmaċewtiku, sakemm ma tiġix ipprovduta prova tal-permess espliċitu tad-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq sabiex tintuża din l-informazzjoni.

3. Il-perjodu ta' protezzjoni tal-informazzjoni għandu jkun ta' mill-anqas ħames snin li jibdew mid-data tal-ewwel awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq miksuba fit-territorju tal-Partijiet rispettivi.

*Artikolu 10.37*

**Protezzjoni ta' Informazzjoni Sottomessa sabiex Tinkiseb Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq għal Prodotti għall-Protezzjoni tal-Pjanti**

1. Il-Partijiet għandhom jistabbilixxu r-rekwiżiti tas-sigurtà u l-effikaċja qabel ma jawtorizzaw it-tqegħid fis-swieq rispettivi tagħhom, ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti.

2. Il-Partijiet għandhom jassiguraw li t-testijiet, ir-rapporti ta' studji jew l-informazzjoni ppreżentata għall-ewwel darba minn applikant sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq għal prodott għall-protezzjoni tal-pjanti ma jintużawx minn partijiet terzi jew awtoritajiet relevanti għall-benefiċċju ta' kwalunkwe persuna oħra li tkun qiegħda tfittex li tikseb awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq għal prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, sakemm ma tiġix ipprovduta evidenza tal-permess espliċitu tal-ewwel applikant għall-użu ta' din l-informazzjoni. Minn hawn 'il quddiem din il-protezzjoni se tissejjaħ protezzjoni tal-informazzjoni.

3. Il-perjodu ta' protezzjoni tal-informazzjoni għandu jkun ta' mill-anqas 10 snin li jibdew mid-data tal-ewwel awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq fil-Partijiet rispettivi.

*Artikolu 10.38*

**Implimentazzjoni**

Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jassiguraw l-effikaċja sħiħa tal-protezzjoni prevista f'din is-Subtaqsima u jikkooperaw u jinvolvu ruħhom b'mod attiv fi djalogu kostruttiv f'dak ir-rigward.

Subtaqsima F

**Dispożizzjonijiet oħra**

*Artikolu 10.39*

**Varjetajiet tal-Pjanti**

Kull Parti għandha tipprovdi għall-protezzjoni tal-varjetajiet tal-pjanti u tikkonforma mal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni ta' Varjetajiet Ġodda ta' Pjanti (1991).

*Artikolu 10.40*

**Riżorsi Ġenetiċi, Għerf Tradizzjonali u Folklor**

1. Suġġett għal-leġiżlazzjoni tagħhom, il-Partijiet għandhom jirrispettaw, jippreżervaw u jżommu l-għerf, l-innovazzjonijiet u l-prattiċi ta' komunitajiet indiġeni u lokali li jinkorporaw stili ta' ħajja tradizzjonali li huma relevanti għall-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika u jippromwovu l-applikazzjoni aktar wiesgħa tagħha mal-involviment u l-approvazzjoni tad-detenturi ta' tali għerf, innovazzjonijiet u prattiċi u jinkoraġġixxu l-qsim ġust tal-benefiċċji li jirriżultaw mill-użu ta' dan l-għerf, l-innovazzjonijiet u l-prattiċi.

2. Il-Partijiet jaqblu li jiskambjaw regolarment opinjonijiet u informazzjoni dwar diskussjonijiet multilaterali relevanti:

[64] Kif definiti fl-Anness 2-D (Prodotti Farmaċewtiċi u Strumenti Mediċi)

[65] Il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, fil-forma li fiha jiġu fornuti lill-utent, jikkonsistu minn jew fihom sustanzi attivi, safeners jew sinerġisti, u huma intenzjonati għal wieħed mill-użi li ġejjin:
(a) li jipproteġu lill-pjanti jew lill-prodotti tal-pjanti kontra l-organiżmi kollha li jagħmlu l-ħsara jew li jevitaw l-azzjoni ta' dawn l-organiżmi, sakemm l-iskop prinċipali ta' dawn il-prodotti ma jitqiesx li huwa għal raġunijiet ta' iġjene pjuttost milli għall-protezzjoni tal-pjanti jew il-prodotti tal-pjanti;
(b) li jinfluwenzaw il-proċessi tal-ħajja tal-pjanti, bħas-sustanzi li jinfluwenzaw it-tkabbir tagħhom, ħlief bħala nutrijent;
(c) li jippreżervaw il-prodotti tal-pjanti, sakemm tali sustanzi jew prodotti ma jkunux suġġetti għad-dispożizzjonijiet speċjali tal-Unjoni Ewropea dwar il-preżervattivi;
(d) li jeqirdu pjanti jew partijiet ta' pjanti mhux mixtieqa, ħlief l-algi sakemm il-prodotti ma jiġux applikati fuq il-ħamrija jew l-ilma sabiex jipproteġu l-pjanti; jew
(e) li jikkontrollaw jew jimpedixxu t-tkabbir mhux mixtieq ta' pjanti, ħlief l-algi sakemm il-prodotti ma jiġux applikati fuq il-ħamrija jew l-ilma sabiex jipproteġu l-pjanti.

[66] Dan huwa mingħajr preġudizzju għal estensjoni possibbli għall-użu pedjatriku, kif ipprovdut mill-Partijiet.

[67] Kif definiti fl-Anness 2-D (Prodotti Farmaċewtiċi u Strumenti Mediċi)

(a) fil-WIPO, dwar il-kwistjonijiet ittrattati fil-qafas tal-Kumitat Intergovernattiv dwar ir-Riżorsi Ġenetiċi, l-Għerf Tradizzjonali u l-Folklor;

(b) fid-WTO, dwar il-kwistjonijiet relatati mar-relazzjoni bejn il-Ftehim TRIPS u l-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (minn hawn 'il quddiem is-"CBD"), u l-protezzjoni tal-għerf tradizzjonali u l-folklor; u

(c) fis-CBD, dwar il-kwistjonijiet relatati ma' sistema internazzjonali dwar l-aċċess għar-riżorsi ġenetiċi u l-qsim tal-benefiċċji.

3. Wara l-konklużjoni tad-diskussjonijiet multilaterali relevanti msemmija fil-paragrafu 2, il-Partijiet jaqblu, fuq talba ta' xi Parti, li jeżaminaw dan l-Artikolu fil-Kumitat għall-Kummerċ fid-dawl tar-riżultati u l-konklużjoni ta' tali diskussjonijiet multilaterali. Il-Kumitat għall-Kummerċ jista' jadotta kwalunkwe deċiżjoni neċessarja sabiex ipoġġi fis-seħħ ir-riżultati tal-eżami.

TAQSIMA C

## *L-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali*

*Artikolu 10.41*

### Obbligi Ġenerali

1. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenji tagħhom skont il-Ftehim TRIPS, u b'mod partikolari l-Parti III tiegħu u għandhom jassiguraw li l-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji kumplimentari li ġejjin ikunu disponibbli taħt il-leġiżlazzjoni tagħhom sabiex tkun tista' tittieħed azzjoni effettiva kontra kwalunkwe att ta' ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali ([68]) koperti minn dan il-Ftehim.

2. Dawk il-miżuri, proċeduri u rimedji għandhom:

(a) jinkludu rimedji rapidi sabiex jiġu evitati l-vjolazzjonijiet u rimedji li jikkostitwixxu deterrent għal aktar vjolazzjonijiet;

(b) ikunu ġusti u ġusta;

(c) ma jkunux ikkumplikati jew għaljin bla bżonn, jew jinvolvu limiti taż-żmien mhux raġonevoli jew dewmien mhux ġustifikat; u

(d) ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi, u jiġu applikati b'mod li jevita l-ħolqien ta' ostakoli għall-kummerċ leġittimu u li jipprovdi għal salvagwardji kontra l-abbuż minnhom.

*Artikolu 10.42*

### Applikanti Intitolati

Kull Parti għandha tirrikonoxxi bħala persuni intitolati sabiex ifittxu l-applikazzjoni tal-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji msemmija f'din is-Taqsima u fil-Parti III tal-Ftehim TRIPS:

(a) id-detenturi ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi applikabbli;

(b) il-persuni l-oħra kollha awtorizzati sabiex jużaw dawk id-drittijiet, b'mod partikolari d-detenturi tal-liċenzji, safejn permess minn, u skont, id-dispożizzjonijiet tal-liġi applikabbli;

(c) l-organi ta' ġestjoni tad-drittijiet kollettivi tal-proprjetà intellettwali li jkunu rikonoxxuti regolarment li għandhom dritt li jirrappreżentaw lid-detenturi ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali, safejn permess minn, u skont, id-dispożizzjonijiet tal-liġi applikabbli; u

(d) federazzjoni jew assoċjazzjoni li jkollha l-istatus legali u l-awtorità sabiex tasserixxi dawk id-drittijiet, safejn permess minn, u skont, id-dispożizzjonijiet tal-liġi applikabbli.

Subtaqsima A

### Miżuri, proċeduri u rimedji ċivili

*Artikolu 10.43*

### Evidenza

Kull Parti għandha tieħu dawk il-miżuri neċessarji, fil-każ ta' ksur ta' dritt tal-proprjetà intellettwali fuq skala kummerċjali, sabiex tippermetti lill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jordnaw, fejn ikun xieraq u wara applikazzjoni minn parti, is-sottomissjoni ta' dokumenti bankarji, finanzjarji jew kummerċjali taħt il-kontroll tal-parti opposta, suġġett għall-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali.

*Artikolu 10.44*

### Miżuri Provviżorji sabiex tiġi Preżervata l-Evidenza

1. Kull Parti għandha tassigura li, anki qabel il-bidu tal-proċeduri fuq il-merti tal-każ, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu, fuq applikazzjoni minn parti li tkun ippreżentat evidenza raġonevolment disponibbli sabiex issostni l-allegazzjonijiet tagħha li d-dritt tal-proprjetà intellettwali tagħha jkun inkiser jew ikun ser jinkiser, jordnaw miżuri provviżorji fil-pront u effettivi sabiex tiġi ppreżervata l-evidenza relevanti fir-rigward tal-allegat ksur, suġġett għall-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali.

2. Kull Parti tista' tipprovdi li tali miżuri jinkludu d-deskrizzjoni dettaljata, bi jew mingħajr it-teħid ta' kampjuni, jew is-sekwestru fiżiku tal-oġġetti ta' vjolazzjoni, u f'każijiet xierqa, il-materjali u l-oġġetti użati fil-produzzjoni jew id-distribuzzjoni ta' dawn il-prodotti u d-dokumenti relatati magħhom. Dawk il-miżuri għandhom jittieħdu, jekk ikun hemm bżonn mingħajr ma tinstema' l-parti l-oħra, b'mod partikolari fejn kwalunkwe dewmien ikun probabbli li jikkawża dannu irreparabbli lid-detentur tad-dritt jew fejn ikun hemm riskju li jista' jintwera li qiegħda tinqered l-evidenza.

([68]) Kif definiti fl-Artikolu 10.2.2(a) sa (h)

*Artikolu 10.45*

**Dritt għall-Informazzjoni**

1. Kull Parti għandha tassigura li, matul il-proċeduri ċivili fir-rigward ta' ksur ta' dritt tal-proprjetà intellettwali u bi tweġiba għal talba ġustifikata u proporzjonata mir-rikorrent, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu jordnaw lil min iwettaq il-vjolazzjoni u/jew lil kwalunkwe persuna oħra li tkun parti f'tilwima jew xhieda tagħha, sabiex jipprovdu informazzjoni dwar l-oriġini u n-netwerks ta' distribuzzjoni tal-prodotti jew is-servizzi li jiksru dritt tal-proprjetà intellettwali.

(a) "Kwalunkwe persuna oħra" f'dan il-paragrafu tfisser persuna li:

(i) instabet fil-pussess tal-prodotti li jiksru drittijiet fuq skala kummerċjali;

(ii) instabet li kienet qiegħda tuża s-servizzi ta' vjolazzjoni fuq skala kummerċjali;

(iii) instabed li kienet qiegħda tipprovdi fuq skala kummerċjali, servizzi użati fl-attivitajiet ta' vjolazzjoni; jew

(iv) ġiet indikata mill-persuna msemmija f'dan is-subparagrafu bħala li hija involuta fil-produzzjoni, il-manifattura jew id-distribuzzjoni tal-prodotti jew fil-provvediment tas-servizzi.

(b) L-informazzjoni għandha, kif ikun xieraq, tinkludi:

(i) l-ismijiet u l-indirizzi tal-produtturi, il-manifatturi, id-distributuri, il-fornituri u detenturi preċedenti oħra tal-prodotti jew is-servizzi, kif ukoll il-bejjiegħa bl-ingrossa u bl-imnut intenzjonati; jew

(ii) informazzjoni dwar il-kwantitajiet ipproduċuti, manifatturati, ikkonsenjati, riċevuti jew ordnati, kif ukoll il-prezz miksub għall-prodotti jew is-servizzi inkwistjoni.

2. Dan l-Artikolu għandu japplika mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet statutorji oħra li:

(a) jagħtu lid-detentur tad-dritt, id-drittijiet li jirċievi informazzjoni aktar sħiħa;

(b) jirregolaw l-użu fil-proċeduri ċivili jew kriminali, tal-informazzjoni kkomunikata skont dan l-Artikolu;

(c) jirregolaw ir-responsabbiltà għall-abbuż mid-dritt tal-informazzjoni;

(d) jagħtu l-opportunità ta' rifjut li tingħata informazzjoni li ġġiegħel lill-persuna msemmija fil-paragrafu 1 tammetti l-parteċipazzjoni tagħha jew dik ta' qraba viċin tagħha fi ksur ta' dritt tal-proprjetà intellettwali; jew

(e) jirregolaw il-protezzjoni tal-kunfidenzjalità tas-sorsi tal-informazzjoni jew l-ipproċessar tal-informazzjoni personali.

*Artikolu 10.46*

**Miżuri Provviżorji u Prekawzjonarji**

1. Kull Parti għandha tassigura li l-awtoritajiet ġudizzjarji jistgħu, fuq talba tar-rikorrent, joħorġu inġunzjoni interlokutorja maħsuba sabiex timpedixxi kwalunkwe ksur imminenti ta' dritt tal-proprjetà intellettwali, sabiex tipprojbixxi, fuq bażi provviżorja u suġġett, fejn ikun xieraq, għall-ħlas ta' penali rikorrenti fejn ipprovdut mil-leġiżlazzjoni tagħha, it-tkomplija tal-allegat ksur ta' dak id-dritt, jew li tagħmel tali tkomplija suġġetta għad-depożitu ta' garanziji maħsuba sabiex jassiguraw il-kumpens tad-detentur tad-dritt. Tista' tinħareġ ukoll inġunzjoni interlokutorja kontra intermedjarju ([69]) li s-servizzi tiegħu jkunu qegħdin jintużaw minn terza parti sabiex tikser id-drittijiet tal-awtur, drittijiet relatati, trademarks jew indikazzjonijiet ġeografiċi.

2. Inġunzjoni interlokutorja tista' tinħareġ ukoll sabiex tordna s-sekwestru tal-prodotti ssuspettati li jkunu qegħdin jiksru dritt tal-proprjetà intellettwali, bil-għan li jiġi evitat id-dħul jew il-moviment tagħhom fil-kanali tal-kummerċ.

3. Fil-każ ta' ksur imwettaq fuq skala kummerċjali, kull Parti għandha tassigura li, jekk l-applikant juri ċirkustanzi li aktarx jipperikolaw l-irkupru tad-danni, l-awtoritajiet ġudizzjarji jistgħu jordnaw is-sekwestru prekawzjonarju tal-proprjetà mobbli u immobbli ta' min allegatament ikun kiser id-drittijiet, fosthom is-sekwestru ta' kontijiet bankarji u assi oħra.

*Artikolu 10.47*

**Miżuri Korrettivi**

1. Kull Parti għandha tassigura li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu jordnaw, fuq talba tar-rikorrent, u mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dannu lid-detentur tad-dritt minħabba l-ksur, u mingħajr l-ebda tip ta' kumpens, il-qerda ta' prodotti li jkunu nstabu li qegħdin jiksru dritt tal-proprjetà intellettwali jew kwalunkwe miżura oħra sabiex dawn il-prodotti jitneħħew b'mod definittiv mill-kanali tal-kummerċ. Jekk ikun xieraq, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu jordnaw ukoll il-qerda ta' materjali u għodod użati prinċipalment fil-ħolqien jew il-manifattura ta' dawk il-prodotti.

2. L-awtoritajiet ġudizzjarji għandhom jordnaw li dawk il-miżuri jitwettqu bl-ispejjeż għal min ikun kiser id-drittijiet, sakemm ma jiġux invokati raġunijiet partikolari sabiex ma jsirx dan.

([69]) Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, l-ambitu ta' "intermedjarju" huwa stabbilit fil-leġiżlazzjoni ta' kull Parti, iżda għandu jinkludi dawk li jwasslu jew iqassmu prodotti li jiksru drittijiet, u wkoll fejn ikun xieraq, il-forrnituri ta' servizzi online.

3. Fil-konsiderazzjoni ta' talba għal miżuri korrettivi, għandhom jiġu kkunsidrati wkoll il-ħtieġa għall-proporzjonalità bejn il-gravità tal-ksur u r-rimedji ordnati kif ukoll l-interessi ta' partijiet terzi.

*Artikolu 10.48*

**Inġunzjonijiet**

1. Kull Parti għandha tassigura li, meta tittieħed deċiżjoni ġudizzjarja li ssib ksur ta' dritt tal-proprjetà intellettwali, l-awtoritajiet ġudizzjarji jistgħu joħorġu inġunzjoni kontra min ikun kiser id-drittijiet li tkun immirata sabiex tipprojbixxi l-kontinwazzjoni tal-ksur.

2. Fejn ikun ipprovdut mil-liġi, in-nuqqas ta' konformità ma' inġunzjoni għandu, fejn ikun xieraq, ikun suġġett għall-ħlas ta' penali rikorrenti, bil-ħsieb li tiġi assigurata l-konformità. Kull Parti għandha tassigura wkoll li d-detenturi tad-dritt ikunu f'pożizzjoni li japplikaw għal inġunzjoni kontra intermedjarji ([70]) li s-servizzi tagħhom ikunu qegħdin jintużaw minn terza parti sabiex tikser id-drittijiet tal-awtur, drittijiet relatati, trademarks jew indikazzjonijiet ġeografiċi.

*Artikolu 10.49*

**Miżuri Alternattivi**

Kull Parti tista' tipprovdi li, f'każijiet xierqa u fuq talba tal-persuna li tista' tkun suġġetta għall-miżuri pprovduti fl-Artikolu 10.47 jew 10.48, l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jistgħu jordnaw kumpens fi flus li għandu jitħallas lill-parti li ssofri dannu minflok ma jiġu applikati l-miżuri pprovduti fl-Artikolu 10.47 jew 10.48 jekk dik il-persuna tkun aġixxiet b'mod mhux intenzjonali u mingħajr negliġenza, jekk it-twettiq tal-miżuri inkwistjoni jikkawżalha dannu sproporzjonat u jekk il-kumpens fi flus lill-parti li ssofri dannu jidher li jkun raġonevolment sodisfaċenti.

*Artikolu 10.50*

**Danni**

1. Kull Parti għandha tassigura li meta l-awtoritajiet ġudizzjarji jistabbilixxu d-danni:

(a) huma għandhom iqisu l-aspetti kollha xierqa, bħalma huma l-konsegwenzi ekonomiċi negattivi, fosthom il-profitti mitlufa, li tkun sofriet il-parti li ssofri dannu, kwalunkwe qligħ inġust li jkun għamel min ikun kiser id-drittijiet u, f'każijiet xierqa, elementi li ma jkunux fatturi ekonomiċi, bħall-preġudizzju morali kkawżat lid-detentur tad-dritt mill-ksur; jew

(b) bħala alternattiva għas-subparagrafu (a), huma jistgħu, f'każijiet xierqa, jistabbilixxu d-danni bħala somma waħda f'daqqa fuq il-bażi ta' elementi bħall-inqas ammont ta' ħlasijiet jew tariffi li kien ikollhom jitħallsu kieku min jikser id-drittijiet ikun talab l-awtorizzazzjoni sabiex juża d-dritt tal-proprjetà intellettwali inkwistjoni.

2. Meta min jikser id-drittijiet ma jkun involva ruħu konxjament, jew b'raġunijiet suffiċjenti sabiex ikun jaf, f'attività ta' vjolazzjoni, il-Partijiet jistgħu jipprovdu li l-awtoritajiet ġudizzjarji jistgħu jordnaw l-irkupru ta' profitti jew il-ħlas ta' danni li jistgħu jkunu stabbiliti minn qabel.

3. Fi proċeduri ġudizzjarji ċivili, kull Parti, tal-anqas firrigward ta' xogħlijiet, fonogrammi, u prestazzjonijiet protetti mid-drittijiet tal-awtur jew drittijiet relatati, u f'każijiet ta' falsifikazzjoni tat-trademarks, tista' tistabbilixxi jew iżżomm danni stabbiliti minn qabel, li għandhom ikunu disponibbli mal-ħatra tad-detentur tad-dritt.

*Artikolu 10.51*

**Spejjeż Legali**

Kull Parti għandha tassigura li l-ispejjeż legali raġonevoli u proporzjonati u spejjeż oħra li tagħmel il-parti rebbieħa għandhom bħala regola ġenerali tagħmel tajjeb għalihom l-parti telliefa, ħlief jekk l-ekwità ma tippermettix dan.

*Artikolu 10.52*

**Pubblikazzjoni tad-Deċiżjonijiet Ġudizzjarji**

F'każijiet ta' ksur ta' dritt tal-proprjetà intellettwali, kull Parti għandha tassigura li l-awtoritajiet ġudizzjarji jistgħu jordnaw, fejn ikun xieraq, fuq talba tar-rikorrent u bi spejjeż għal min ikun kiser id-drittijiet, miżuri xierqa għat-tixrid tal-informazzjoni dwar id-deċiżjoni, fosthom il-wiri tad-deċiżjoni u l-pubblikazzjoni tagħha b'mod sħiħ jew parzjali. Kull Parti tista' tipprovdi għal miżuri oħra ta' pubbliċità addizzjonali li jkunu adattati għaċ-ċirkustanzi partikolari, fosthom reklamar prominenti.

*Artikolu 10.53*

**Preżunzjoni tal-Oriġini jew tas-Sjieda**

Fi proċeduri ċivili li jinvolvu d-drittijiet tal-awtur jew drittijiet relatati, kull Parti għandha tipprovdi għall-preżunzjoni li, finnuqqas ta' prova kuntrarja, il-persuna jew l-entità li isimha jkun indikat bħala l-awtur jew id-detentur ta' dritt relatat taxxogħol jew is-suġġett bil-mod tas-soltu, ikun id-detentur denominat tad-drittijiet f'dak ix-xogħol jew suġġett.

Subtaqsima B

**Infurzar kriminali**

*Artikolu 10.54*

**Ambitu tal-Infurzar Kriminali**

Kull Parti għandha tipprovdi għal proċeduri kriminali u penali li għandhom jiġu applikati għall-inqas f'każijiet ta' falsifikar volontarju tat-trademarks u piraterija tad-drittijiet tal-awtur u tad-drittijiet relatati ([71]) fuq skala kummerċjali.

([70]) Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, l-ambitu ta' "intermedjarju" huwa stabbilit fil-leġiżlazzjoni ta' kull Parti, iżda għandu jinkludi dawk li jwasslu jew iqassmu prodotti li jiksru drittijiet, u wkoll fejn ikun xieraq, il-fornituri ta' servizzi online.

([71]) It-terminu "drittijiet relatati" huwa definit minn kull Parti skont l-obbligi internazzjonali tagħha.

*Artikolu 10.55*

**Falsifikar tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi u d-Disinni**

Suġġett għal-liġi nazzjonali jew kostituzzjonali u r-regolamenti tagħha, kull Parti għandha tikkunsidra l-adozzjoni ta' miżuri sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà kriminali għall-falsifikazzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-disinni.

*Artikolu 10.56*

**Responsabbiltà ta' Persuni Ġuridiċi**

1. Kull Parti għandha tadotta dawk il-miżuri li jistgħu jkunu meħtieġa, b'mod konsistenti mal-prinċipji legali tagħha, sabiex tistabbilixxi r-responsabbiltà ta' persuni ġuridiċi għall-offiżi msemmija fl-Artikolu 10.54.

2. Tali responsabbiltà għandha tkun mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà kriminali tal-persuni fiżiċi li jkunu kkommettew ir-reati kriminali.

*Artikolu 10.57*

**Għajnuna u Assistenza**

Id-dispożizzjonijiet ta' din it-Subtaqsima għandhom japplikaw għall-għajnuna u l-assistenza sabiex jitwettqu r-reati msemmija fl-Artikolu 10.54.

*Artikolu 10.58*

**Sekwestru**

F'każ ta' reat imsemmi fl-Artikolu 10.54, kull Parti għandha tipprovdi li l-awtoritajiet kompetenti tagħha għandu jkollhom l-awtorità li jordnaw is-sekwestru tal-oġġetti ssuspettati bi trademark falza jew il-prodotti kkupjati bi ksur tad-drittijiet tal-awtur, kwalunkwe materjal u għodod relatati li jintużaw prinċipalment sabiex jitwettaq l-allegat reat, evidenza dokumentarja relevanti għar-reat allegat u kwalunkwe assi derivati minn, jew miksuba direttament jew indirettament mill-attività ta' ksur.

*Artikolu 10.59*

**Penali**

Għar-reati msemmija fl-Artikolu 10.54, kull Parti għandha tipprovdi għal penali li jinkludu sentenzi ta' priġunerija u/jew multi monetarji li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

*Artikolu 10.60*

**Konfiska**

1. Għar-reati msemmija fl-Artikolu 10.54, kull Parti għandha tipprovdi li l-awtoritajiet kompetenti tagħha għandhom ikollhom l-awtorità li jordnaw il-konfiska u/jew il-qerda tal-oġġetti foloz kollha koperti bi trademark jew tal-prodotti kkupjati bi ksur tad-drittijiet tal-awtur, il-materjali u l-għodod użati prinċipalment fil-produzzjoni ta' prodotti foloz koperti bit-trademark jew prodotti kkupjati bi ksur tad-drittijiet tal-awtur u l-assi derivati minn, jew miksuba direttament jew indirettament, mill-attività ta' ksur.

2. Kull Parti għandha tassigura li l-prodotti foloz koperti bit-trademark u l-prodotti kkupjati bi ksur tad-drittijiet tal-awtur li jiġu kkonfiskati skont dan l-Artikolu, jekk ma jinqerdux, għandhom jitneħħew barra l-kanali tal-kummerċ, bil-kundizzjoni li l-prodotti ma jkunux perikolużi għas-saħħa u s-sigurtà tan-nies.

3. Kull Parti għandha tassigura wkoll li l-konfiska u qerda skont dan l-Artikolu għandhom iseħħu mingħajr l-ebda tip ta' kumpens lill-konvenut.

4. Kull Parti tista' tipprovdi li l-awtoritajiet ġudizzjarji tagħha jkollhom l-awtorità li jordnaw il-konfiska ta' assi li l-valur tagħhom jikkorrispondi ma' dak tal-assi derivati minn jew miksuba direttament jew indirettament, mill-attività ta' ksur.

*Artikolu 10.61*

**Drittijiet ta' Partijiet Terzi**

Kull Parti għandha tassigura li d-drittijiet ta' partijiet terzi jkunu debitament imħarsa u garantiti.

Subtaqsima C

**Responsabbiltà tal-fornituri ta' servizzi online**

*Artikolu 10.62*

**Responsabbiltà tal-Fornituri ta' Servizzi Online** ([72])

Il-Partijiet jirrikonoxxu li s-servizzi tal-intermedjarji jistgħu jintużaw minn partijiet terzi għal attivitajiet ta' ksur. Sabiex tassigura l-moviment ħieles tas-servizzi ta' informazzjoni u fl-istess ħin tinfurza d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali fl-ambjent diġitali, kull Parti għandha tipprovdi għall-miżuri stipulati fl-Artikoli 10.63 sa 10.66 għall-fornituri ta' servizzi intermedjarji meta dawn ma jkunu involuti bl-ebda mod fl-informazzjoni trażmessa.

*Artikolu 10.63*

**Responsabbiltà tal-Fornituri ta' Servizzi Online: "Sempliċement Mezz ta' Trażmissjoni"**

1. Meta jiġi pprovdut servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni li jkun jikkonsisti mit-trażmissjoni f'netwerk ta' komunikazzjoni, ta' informazzjoni pprovduta minn riċevitur tas-servizz, il-Partijiet għandhom jassiguraw li l-fornitur tas-servizz ma jkunx responsabbli għall-informazzjoni trażmessa, sakemm il-fornitur:

(a) ma jibdiex it-trażmissjoni;

(b) ma jagħżilx ir-riċevitur tat-trażmissjoni; u

([72]) Għall-finijiet tal-funzjoni msemmija fl-Artikolu 10.63, fornitur ta' servizz ifisser fornitur ta' trasmissjoni, routing, jew kollegamenti għal komunikazzjonijiet diġitali online mingħajr ma jinbidel il-kontenut tagħhom bejn u fost punti speċifikati mill-utent tal-materjal tal-għażla tal-utent, u għall-iskop tal-funzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 10.64 u 10.65, fornitur ta' servizz ifisser fornitur jew operatur ta' faċilitajiet għal servizzi online jew aċċess għan-netwerk.

(c) ma jagħżilx jew jimmodifika l-informazzjoni kontenuta fit-trażmissjoni.

2. L-atti ta' trażmissjoni u ta' provvediment tal-aċċess imsemmija fil-paragrafu 1 jinkludu l-ħażna awtomatika, intermedja u temporanja tal-informazzjoni trażmessa sakemm tali ħażna sseħħ għall-iskop biss li titwettaq it-trażmissjoni fin-netwerk ta' komunikazzjoni, u bil-kundizzjoni li l-informazzjoni ma tinżammx għal perjodu itwal milli jkun raġonevolment meħtieġ għat-trażmissjoni.

3. Dan l-Artikolu ma jaffettwax il-possibbiltà, skont is-sistemi legali tal-Partijiet, li awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva titlob lill-fornitur tas-servizz sabiex iwaqqaf jew jimpedixxi ksur.

*Artikolu 10.64*

**Responsabbiltà tal-Fornituri ta' Servizzi Online: "Caching"**

1. Fejn jiġi pprovdut servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni li jkun jikkonsisti fit-trażmissjoni f'netwerk tal-komunikazzjoni, ta' informazzjoni pprovduta minn riċevitur tas-servizz, il-Partijiet għandhom jassiguraw li l-fornitur tas-servizz ma jkunx responsabbli għall-ħażna awtomatika, intermedja u temporanja ta' dik l-informazzjoni, imwettqa għall-iskop biss li t-trażmissjoni 'l quddiem tal-informazzjoni ssir iżjed effiċjenti għal riċevituri oħra tas-servizz meta jitolbuha, bil-kundizzjoni li l-fornitur:

(a) ma jimmodifikax l-informazzjoni;

(b) jikkonforma mal-kundizzjonijiet dwar l-aċċess għall-informazzjoni;

(c) jikkonforma mar-regoli rigward l-aġġornament tal-informazzjoni, speċifikati b'mod rikonoxxut u użat b'mod estensiv mill-industrija;

(d) ma jinterferix mal-użu legali ta' teknoloġija, rikonoxxuta u użata b'mod estensiv mill-industrija, sabiex tinkiseb dejta dwar l-użu tal-informazzjoni; u

(e) jaġixxi bil-ħeffa sabiex ineħħi jew jiddiżattiva l-aċċess għall-informazzjoni li huwa jkun ħażen malli jikseb l-għarfien attwali tal-fatt li l-informazzjoni fis-sors inizjali tat-trażmissjoni tkun tneħħiet min-netwerk, jew li jkun ġie diżattivat l-aċċess għaliha, jew li awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva tkun ordnat tali tneħħija jew diżattivazzjoni.

2. Dan l-Artikolu m'għandux jaffettwa l-possibbiltà, skont is-sistemi legali tal-Partijiet, li awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva titlob lill-fornitur tas-servizz sabiex iwaqqaf jew jimpedixxi ksur.

*Artikolu 10.65*

**Responsabbiltà tal-Fornituri ta' Servizzi Online: "Żamma"**

1. Meta jiġi pprovdut servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni li jkun jikkonsisti fil-ħażna ta' informazzjoni pprovduta minn riċevitur tas-servizz, il-Partijiet għandhom jassiguraw li l-fornitur tas-servizz ma jkunx responsabbli għall-informazzjoni maħżuna fuq talba ta' riċevitur tas-servizz, bil-kundizzjoni li l-fornitur:

(a) ma jkollux għarfien attwali tal-attività illegali jew l-informazzjoni u, fir-rigward tat-talbiet għad-danni, ma jkunx jaf b'fatti jew ċirkustanzi li minnhom l-attività illegali jew l-informazzjoni tkun apparenti; jew

(b) malli jikseb tali għerf jew għarfien jaġixxi bil-ħeffa sabiex ineħħi jew jiddiżattiva l-aċċess għall-informazzjoni.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika meta r-riċevitur tas-servizz ikun qiegħed jaġixxi bl-awtorità jew il-kontroll tal-fornitur.

3. Dan l-Artikolu m'għandux jaffettwa l-possibbiltà, skont is-sistemi legali tal-Partijiet, li awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva titlob lill-fornitur tas-servizz sabiex iwaqqaf jew jimpedixxi ksur, u lanqas ma jaffettwa l-possibbiltà tal-Partijiet li jistabbilixxu proċeduri li jirregolaw it-tneħħija jew id-diżattivazzjoni tal-aċċess għall-informazzjoni.

*Artikolu 10.66*

**Ebda Obbligu Ġenerali ta' Monitoraġġ**

1. Il-Partijiet m'għandhomx jimponu obbligu ġenerali fuq il-fornituri, meta dawn jipprovdu s-servizzi koperti mill-Artikoli 10.63 sa 10.65, sabiex jimmonitorjaw l-informazzjoni li jittrażmettu jew jaħżnu, u lanqas obbligu ġenerali sabiex ifittxu attivament fatti jew ċirkustanzi li jindikaw attività illegali.

2. Il-Partijiet jistgħu jistabbilixxu obbligi għall-fornituri ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni sabiex jinfurmaw fil-pront lill-awtoritajiet kompetenti dwar allegati attivitajiet illegali mwettqa jew informazzjoni pprovduta mir-riċevituri tas-servizz tagħhom, jew li jikkomunikaw lill-awtoritajiet kompetenti, meta jiġu mitluba, informazzjoni li tippermetti l-identifikazzjoni ta' riċevituri tas-servizz tagħhom li magħhom ikollhom ftehimiet ta' ħażna.

Subtaqsima D

## Dispożizzjonijiet oħra

*Artikolu 10.67*

### Miżuri dwar il-Fruntieri

1. Kull Parti għandha, sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor f'din it-Taqsima, tadotta miżuri ([73]) sabiex tippermetti detentur ta' dritt, li jkollu raġunijiet validi sabiex jissuspetta li jista' jkun hemm importazzjoni, esportazzjoni, esportazzjoni mill-ġdid, tranżitu mid-dwana, trasbord, tqegħid taħt żona ħielsa, ([74]) tqegħid taħt proċedura ta' sospensjoni ([75]) jew ħażna sakemm jitħallas id-dazju ta' prodotti li jiksru dritt tal-proprjetà intellettwali ([76]), li jippreżenta applikazzjoni bil-miktub lill-awtoritajiet kompetenti, amministrattivi jew ġudizzjarji, għas-sospensjoni min-naħa tal-awtoritajiet tad-dwana, tar-rilaxx għar-ċirkolazzjoni libera jew iż-żamma ta' dawn il-prodotti.

2. Il-Partijiet għandhom jipprovdu li meta l-awtoritajiet tad-dwana, fl-andament tal-azzjonijiet tagħhom u qabel ma tiġi ppreżentata jew mogħtija applikazzjoni minn detentur ta' dritt, ikollhom raġunijiet suffiċjenti sabiex jissuspettaw li l-prodotti jiksru dritt tal-proprjetà intellettwali, huma jistgħu jissospendu r-rilaxx tal-prodotti jew iżommuhom sabiex jippermettu lid-detentur tad-dritt jissottometti applikazzjoni għal azzjoni skont il-paragrafu 1.

3. Kwalunkwe drittijiet jew obbligi stabbiliti fl-implimentazzjoni tat-Taqsima 4 tal-Parti III tal-Ftehim TRIPS fir-rigward tal-importatur għandhom ikunu applikabbli wkoll għall-esportatur jew jekk ikun meħtieġ għad-detentur ([77]) tal-prodotti.

4. Il-Korea għandha timplimenta b'mod sħiħ l-obbligu skont il-paragrafi 1 u 2 fir-rigward tas-subparagrafu (c)(i) u (c)(iii) tan-nota 27 ta' qiegħ il-paġna fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

*Artikolu 10.68*

### Kodiċijiet ta' Mġiba

Il-Partijiet għandhom jinkoraġġixxu:

(a) l-iżvilupp ta' kodiċijiet ta' mġiba minn assoċjazzjonijiket jew organizzazzjonijiet kummerċjali jew tan-negozju, li jkunu mmirati sabiex jikkontribwixxu lejn l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, b'mod partikolari billi jirrakkomandaw l-użu ta' kodiċi fuq id-diski ottiċi li jippermetti l-identifikazzjoni tal-oriġini tal-manifattura tagħhom; u

(b) is-sottomissjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Partijiet, ta' abbozz ta' kodiċijiet ta' mġiba u kwalunkwe evalwazzjoni tal-applikazzjoni ta' dawn il-kodiċijiet ta' mġiba.

*Artikolu 10.69*

### Kooperazzjoni

1. Il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw bil-għan li jsostnu l-implimentazzjoni tal-impenji u l-obbligi meħuda taħt dan il-Kapitolu. L-oqsma ta' kooperazzjoni jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, l-attivitajiet li ġejjin:

(a) skambju ta' informazzjoni dwar il-qafas legali fir-rigward tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u r-regoli relevanti tal-protezzjoni u l-infurzar; skambju ta' esperjenzi dwar il-progress leġiżlattiv;

(b) skambju ta' esperjenzi dwar l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali;

(c) skambju ta' esperjenzi dwar l-infurzar fuq livell ċentrali u subċentrali mid-dwana, il-pulizija, korpi amministrattivi u ġudizzjarji; koordinazzjoni sabiex tiġi evitata l-esportazzjoni ta' prodotti foloz, fosthom ma' pajjiżi oħra;

(d) bini tal-kapaċità; u

(e) promozzjoni u tixrid ta' informazzjoni dwar id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, *inter alia* fi ċrieki kummerċjali u s-soċjetà ċivili; promozzjoni tal-għarfien pubbliku tal-konsumaturi u d-detenturi tad-drittijiet.

([73]) Huwa mifhum li ma għandu jkun hemm l-ebda obbligu sabiex dawn il-proċeduri jiġu applikati għall-importazzjonijiet ta' prodotti mqiegħda fis-suq f'pajjiż ieħor minn jew bil-kunsens tad-detentur tad-dritt.

([74]) "transitu mid-dwana, trasbord u tqegħid taħt żona ħielsa" kif definiti fil-Konvenzjoni ta' Kyoto.

([75]) Għall-Korea, it-"tqegħid taħt proċedura ta' sospensjoni" jinkludi l-importazzjoni temporanja u fabbrika marbuta. Għall-Unjoni Ewropea, it-"tqegħid taħt proċedura ta' sospensjoni" jinkludi l-importazzjoni temporanja, l-ipproċessar 'il ġewwa u l-ipproċessar taħt il-kontroll tad-dwana.

([76]) Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, prodotti li jiksru dritt tal-proprjetà intellettwali jfissru:
(a) prodotti foloz, li huma:
(i) prodotti, inkluż l-imballaġġ, li jġorru mingħajr awtorizzazzjoni, trademark identika għat-trademark irreġistrata kif għandu jkun għall-istess tip ta' prodotti, jew li ma tistax tingħaraf fl-aspetti eesenzjali tagħha minn tali trademark, u li b'hekk tikser id-drittijiet tad-detentur tat-trademark;
(ii) kwalunkwe simbolu ta' trademark (logo, tikketta, stiker, fuljett, struzzjonijiet dwar l-użu jew dokument ta' garanzija), anki jekk ippreżentat separatament, bl-istess kundizzjonijiet bħall-prodotti msemmija fis-subparagrafu (a)(i); jew
(iii) materjali tal-imballaġġ li jkollhom it-trademarks ta' prodotti foloz, ippreżentati separatament, bl-istess kundizzjonijiet bħall-prodotti msemmija fis-subparagrafu (a)(i);
(b) prodotti li jkunu jiksru d-drittijiet tal-awtur, li huma jew jinkludu kopji magħmula mingħajr il-kunsens tad-detentur tad-dritt, jew ta' persuna debitament awtorizzata mid-detentur tad-dritt fil-pajjiż tal-produzzjoni, ta' drittijiet tal-awtur jew dritt relatat, irrispettivament minn jekk ikunx irreġistrat fil-leġiżlazzjoni ta' kull Parti; jew
(c) prodotti li, skont il-leġiżlazzjoni tal-Parti li fiha ssir l-applikazzjoni għal azzjoni mid-dwana, jiksru:
(i) privattiva;
(ii) dritt ta' varjetà ta' pjanta;
(iii) disinn irreġistrat; jew
(iv) indikazzjoni ġeografika.

([77]) Li jinkludi tal-anqas il-persuna li tkun is-sid tal-prodotti jew il-persuna li jkollha dritt simili ta' disponiment fuqhom.

2. Mingħajr preġudizzju u bħala kumpliment għall-paragrafu 1, l-Unjoni Ewropea u l-Korea jaqblu li jistabbilixxu u jżommu djalogu effettiv dwar kwistjonijiet tal-proprjetà intellettwali (Djalogu dwar l-IP) sabiex jindirizzaw suġġetti relevanti għall-protezzjoni u l-infurzar ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali koperti minn dan il-Kapitolu, u kwalunkwe kwistjoni relevanti oħra.

KAPITOLU ĦDAX

## KOMPETIZZJONI

*TAQSIMA A*

***Kompetizzjoni***

*Artikolu 11.1*

### Prinċipji

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-kompetizzjoni ħielsa u mingħajr distorsjoni fir-relazzjonijiet kummerċjali tagħhom. Il-Partijiet jintrabtu li japplikaw il-liġijiet rispettivi tagħhom dwar il-kompetizzjoni sabiex jimpedixxu li l-benefiċċji tal-proċess ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ fi prodotti, servizzi u stabbiliment jiġu mneħħija jew eliminati b'imġiba kummerċjali anti-kompetittiva jew tranżazzjonijiet anti-kompetittivi.

2. Il-Partijiet għandhom ikollhom fit-territorji rispettivi tagħhom, liġijiet komprensivi dwar il-kompetizzjoni li jindirizzaw effettivament ftehimiet restrittivi, prattiċi miftiehma [78] u l-abbuż tad-dominanza minn intrapriża waħda jew aktar, u li jipprovdu kontroll effettiv tal-konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi.

3. Il-Partijiet jaqblu li l-attivitajiet segwenti li jillimitaw il-kompetizzjoni mhumiex kompatibbli mat-tħaddim sewwa ta' dan il-Ftehim, safejn dawn jistgħu jaffettwaw il-kummerċ bejniethom:

(a) ftehimiet bejn impriżi, deċiżjonijiet minn assoċjazzjonijet tal-impriżi u prattiċi miftiehma, li għandhom bħala skop jew effett il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni fit-territorju ta' xi waħda mill-Partijiet kollu kemm hu jew f'parti sostanzjali minnu;

(b) kull abbuż minn intrapriża waħda jew aktar ta' pożizzjoni dominanti fit-territorju ta' xi waħda mill-Partijiet kollu kemm hu jew f'parti sostanzjali minnu; jew

(c) konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi, li jimpedixxu b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva, b'mod partikolari b'riżultat tal-ħolqien ta' pożizzjoni dominanti fit-territorju ta' xi waħda mill-Partijiet kollu kemm hu jew f'parti sostanzjali minnu.

(78) L-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għall-prattiċi kunċertati hija determinata mil-liġijiet ta' kull Parti dwar il-kompetizzjoni.

*Artikolu 11.2*

### Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, il-liġijiet dwar il-kompetizzjoni:

(a) għall-Unjoni Ewropea, l-Artikoli 101, 102 u 1066 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll tal-konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi, u r-regolamenti implimentattivi u l-emendi tagħhom;

(b) għall-Korea, ir-Regolament dwar il-Monopolji u l-Att dwar il-Kummerċ Ġust u r-regolamenti implimentattivi u l-emendi tiegħu; u

(c) kwalunkwe bidla li l-istrumenti speċifikati f'dan l-Artikolu jistgħu jgħaddu minnha wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

*Artikolu 11.3*

### Implimentazzjoni

1. Il-Partijiet għandu jkollhom awtorità jew awtoritajiet responsabbli, jew mgħammra kif għandu jkun, għall-implimentazzjoni tal-liġijiet dwar il-kompetizzjoni stipulati fl-Artikolu 11.2.

2. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza li japplikaw il-liġijiet rispettivi tagħhom dwar il-kompetizzjoni b'mod trasparenti, fil-ħin u mhux diskriminatorju, waqt li jirrispettaw il-prinċipji tal-ġustizzja proċedurali u d-drittijiet tad-difiża tal-partijiet ikkonċernati.

3. Fuq talba ta' xi waħda mill-Partijiet, il-Parti l-oħra għandha tpoġġi għad-dispożizzjoni tal-Parti li tagħmel it-talba, informazzjoni pubblika rigward l-attivitajiet ta' infurzar tal-liġi dwar il-kompetizzjoni u l-leġiżlazzjoni tagħha relatata mal-obbligi koperti minn din it-Taqsima.

*Artikolu 11.4*

### Impriżi Pubbliċi u Impriżi Mogħtija Drittijiet Speċjali [79] jew Drittijiet Esklużivi

1. Rigward l-impriżi pubbliċi u l-impriżi mogħtija drittijiet speċjali jew drittijiet esklużivi:

(a) l-ebda Parti ma għandha tadotta jew iżżomm xi miżura kuntrarja għall-prinċipji li jinsabu fl-Artikolu 11.1; u

(b) il-Partijiet għandhom jassiguraw li tali impriżi jkunu suġġetti għal-liġijiet dwar il-kompetizzjoni stipulati fl-Artikolu 11.2,

(79) Parti tagħti drittijiet speċjali meta hija tagħżel jew tillimita għal tnejn jew aktar in-numru ta' impriżi awtorizzati sabiex jipprovdu prodotti jew servizzi, ħlief skont kriterji oġġettivi, proporzjonali u mhux diskriminatorji, jew tagħti lill-impriżi vantaġġi legali jew regolatorji li jaffettwaw b'mod sostanzjali l-kapaċità ta' kwalunkwe impriża oħra sabiex tipprovdi l-istess prodotti jew servizzi.

sakemm l-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji u l-liġijiet dwar il-kompetizzjoni ma jxekklux it-twettiq, skont il-liġi jew fil-fatt, tal-kompiti partikolari mogħtija lilhom.

2. Xejn fil-paragrafu 1 ma għandu jiġi interpretat li jimpedixxi Parti milli tistabbilixxi jew iżżomm impriża pubblika, milli tagħti lill-impriżi drittijiet speċjali jew esklużivi jew li jżommu tali drittijiet.

*Artikolu 11.5*

**Monopolji Statali**

1. Kull Parti għandha taġġusta l-monopolji statali ta' karattru kummerċjali sabiex tassigura li ma tkun teżisti l-ebda miżura diskriminatorja ([80]) bejn il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi tal-Partijiet fir-rigward tal-kundizzjonijiet li bihom jiġu akkwistati u kummerċjalizzati l-prodotti.

2. Xejn fil-paragrafu 1 ma għandu jiġi interpretat bħala li jimpedixxi Parti milli tistabbilixxi jew iżżomm monopolju statali.

3. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi stabbiliti taħt il-Kapitolu Disgħa (Akkwisti Governattivi).

*Artikolu 11.6*

**Kooperazzjoni**

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet rispettivi tagħhom dwar il-kompetizzjoni sabiex itejbu aktar l-infurzar effettiv tal-liġijiet dwar il-kompetizzjoni u sabiex jilħqu l-għanijiet ta' dan il-Ftehim permezz tal-promozzjoni tal-kompetizzjoni u t-trażżin tal-imġiba kummerċjali anti-kompetittiva jew tat-tranżazzjonijiet anti-kompetittivi.

2. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw fir-rigward tal-politiki tal-infurzar rispettivi tagħhom u fl-infurzar tal-liġijiet rispettivi tagħhom dwar il-kompetizzjoni, fosthom permezz ta' kooperazzjoni dwar l-infurzar, notifika, konsultazzjoni u skambju ta' informazzjoni mhux kunfidenzjali bbażati fuq il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Korea rigward il-kooperazzjoni dwar attivitajiet anti-kompetittivi li ġie ffirmat fit-23 ta' Mejju 2009.

*Artikolu 11.7*

**Konsultazzjoni**

1. Fin-nuqqas ta' regoli aktar speċifiċi fil-ftehim imsemmi fl-Artikolu 11.6.2, Parti għandha, meta tintalab mill-Parti l-oħra, tidħol f'konsultazzjonijiet dwar ir-rappreżentazzjonijiet magħmula mill-Parti l-oħra, sabiex tippromwovi l-ftehim reċiproku jew biex tindirizza kwistjonijiet speċifiċi li jinqalgħu taħt din it-Taqsima. Fit-talba tagħha, il-Parti l-oħra għandha tindika, jekk ikun relevanti, kif il-kwistjoni taffettwa l-kummerċ bejn il-Partijiet.

2. Il-Partijiet għandhom jiddiskutu fil-pront, fuq talba ta' xi Parti, kwalunkwe kwistjoni li tirriżulta mill-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' din it-Taqsima.

3. Sabiex jiffaċilitaw id-diskussjoni tal-kwistjoni li tkun is-suġġett tal-konsultazzjonijiet, kull Parti għandha tfittex li tipprovdi informazzjoni relevanti mhux kunfidenzjali lill-Parti l-oħra.

*Artikolu 11.8*

**Soluzzjoni ta' tilwim**

L-ebda Parti ma tista' tirrikorri għall-Kapitolu Erbatax (Soluzzjoni ta' tilwim) għal kwalunkwe kwistjoni li tinqala' taħt din it-Taqsima.

*TAQSIMA B*

***Sussidji***

*Artikolu 11.9*

**Prinċipji**

Il-Partijiet jaqblu li jużaw l-aħjar sforzi tagħhom sabiex jirranġaw jew ineħħu bl-applikazzjoni tal-liġijiet tagħhom dwar il-kompetizzjoni jew mod ieħor, distorsjoni tal-kompetizzjoni kkawżata mis-sussidji safejn dawn jaffettwaw il-kummerċ internazzjonali, u sabiex jevitaw li sitwazzjonijiet bħal dawn iseħħu.

*Artikolu 11.10*

**Definizzjonijiet ta' Sussidju u Speċifiċità**

1. Sussidju huwa miżura li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1.1 tal-Ftehim dwar is-SCM.

2. Sussidju huwa speċifiku jekk jaqa' fit-tifsira tal-Artikolu 2 tal-Ftehim dwar is-SCM. Sussidju għandu jkun suġġett għal din it-Taqsima biss jekk ikun speċifiku fit-tifsira tal-Artikolu 2 tal-Ftehim dwar is-SCM.

*Artikolu 11.11*

**Sussidji Projbiti** ([81]), ([82])

Is-sussidji li ġejjin għandhom jitqiesu li huma speċifiċi skont il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 2 tal-Ftehim dwar is-SCM u għandhom ikunu pprojbiti għall-finijiet ta' dan il-Ftehim safejn jaffettwaw ħażin il-kummerċ internazzjonali tal-Partijiet ([83]):

([80]) Miżura diskriminatorja tfisser miżura li ma tikkonformax mat-trattament nazzjonali, kif stipulat fid-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan il-Ftehim, inklużi t-termini u l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Annessi rilevanti tiegħu.

([81]) Il-Partijiet hawnhekk jaqblu li dan l-Artikolu japplika għas-sussidji riċevuti biss wara d-data li fiha jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim.

([82]) Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, is-sussidji għal impriżi żgħar u ta' daqs medju mogħtija skont kriterji jew kundizzjonijiet oġġettivi kif previsti fl-Artikolu 2.1 (b) u n-nota 2 ta' qiegħ il-paġna mehmuża miegħu tal-Ftehim dwar is-SCM, m'għandhomx ikunu suġġetti għal dan l-Artikolu.

([83]) Il-kummerċ internazzjonali tal-Partijiet jinkludi kemm is-swieq domestiċi kif ukoll dawk tal-esportazzjoni.

(a) sussidji mogħtija taħt kwalunkwe arranġament legali li bih gvern jew kwalunkwe korp pubbliku jkun responsabbli sabiex ikopri d-djun jew obbligazzjonijiet ta' ċerti impriżi fit-tifsira tal-Artikolu 2.1 tal-Ftehim dwar is-SCM mingħajr ebda limitu, skont il-liġi jew fil-fatt, dwar l-ammont ta' dawk id-djun u obbligazzjonijiet jew it-tul ta' żmien ta' tali responsabbiltà; u

(b) sussidji (bħal self u garanziji, għotjiet ta' flus kontanti, injezzjonijiet ta' kapital, provvediment ta' assi taħt il-prezzijiet tas-suq jew eżenzjonijiet mit-taxxa) lil impriżi insolventi jew f'diffikultà, mingħajr pjan ta' ristrutturar kredibbli msejjes fuq suppożizzjonijiet realistiċi sabiex ikun assigurat li l-impriża insolventi jew f'diffikultà terġa' lura fi żmien raġonevoli għal vijabilità fuq perjodu fit-tul u mingħajr ma l-impriża tikkontribwixxi hija stess b'mod sinifikanti għall-ispejjeż tar-ristrutturar. Dan ma jwaqqafx lill-Partijiet milli jipprovdu sussidji permezz ta' appoġġ temporanju ta' likwidità fil-forma ta' garanziji fuq is-self jew self limitat għall-ammont meħtieġ sempliċement sabiex impriża f'diffikultà tinżamm fin-negozju għall-perjodu neċessarju sabiex taħdem pjan ta' ristrutturar jew ta' likwidazzjoni.

Dan is-subparagrafu ma japplikax għal sussidji mogħtija bħala kumpens għat-twettiq ta' obbligi tas-servizz pubbliku jew lill-industrija tal-faħam.

*Artikolu 11.12*

**Trasparenza**

1. Kull Parti għandha tassigura t-trasparenza fil-qasam tas-sussidji. Għal dan il-għan, kull Parti għandha tirrapporta kull sena lill-Parti l-oħra dwar l-ammont totali, it-tipi u d-distribuzzjoni settorali tas-sussidji li jkunu speċifiċi u li jistgħu jaffettwaw il-kummerċ internazzjonali. Ir-rappurtaġġ għandu jinkludi informazzjoni dwar l-għan, il-forma, l-ammont jew il-baġit u fejn ikun possibbli, ir-riċevitur tas-sussidju mogħti minn gvern jew kwalunkwe korp pubbliku.

2. Tali rapport għandu jitqies li ġie pprovdut jekk jintbagħat lill-Parti l-oħra, jew jekk l-informazzjoni relevanti ssir disponibbli fuq sit tal-Internet pubblikament aċċessibbli, sal-31 ta' Diċembru tas-sena kalendarja suċċessiva.

3. Fuq talba ta' Parti, il-Parti l-oħra għandha tipprovdi aktar informazzjoni dwar kwalunkwe skemi ta' sussidji u każijiet individwali ta' sussidju li jkun speċifiku. Il-Partijiet għandhom jiskambjaw din l-informazzjoni, waqt li jikkunsidraw il-limitazzjonijiet imposti mir-rekwiżiti tas-segretezza professjonali u kummerċjali.

*Artikolu 11.13*

**Relazzjoni mal-Ftehim tad-WTO**

Id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima huma mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' Parti, skont id-dispożizzjonijiet relevanti tal-Ftehim tad-WTO, li tapplika rimedji kummerċjali jew li tieħu azzjoni ta' soluzzjoni tat-tilwim jew azzjoni oħra xierqa kontra sussidju mogħti mill-Parti l-oħra.

*Artikolu 11.14*

**Monitoraġġ u Eżami**

Il-Partijiet għandhom iżommu taħt eżami kontinwu l-kwistjonijiet li saret referenza għalihom f'din it-Taqsima. Kull Parti tista' tirreferi tali kwistjonijiet lill-Kumitat għall-Kummerċ. Il-Partijiet jaqblu li jivvalutaw il-progress fl-implimentazzjoni ta' din it-Taqsima kull sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, sakemm iż-żewġ Partijiet ma jaqblux mod ieħor.

*Artikolu 11.15*

**Ambitu**

1. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 11.9 sa 11.14 għandhom japplikaw għas-sussidji għal prodotti bl-eċċezzjoni tas-sussidji għas-sajd, is-sussidji relatati ma' prodotti koperti mill-Anness 1 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura u sussidji oħra koperti mill-Ftehim dwar l-Agrikoltura.

2. Il-Partijiet għandhom jużaw l-aħjar sforzi tagħhom sabiex jiżviluppaw regoli applikabbli għas-sussidji fuq is-servizzi, billi jikkunsidraw l-iżviluppi fil-livell multilaterali, u biex jiskambjaw informazzjoni meta jintalbu minn xi Parti. Il-Partijiet jaqblu li jagħmlu l-ewwel skambju ta' opinjonijiet dwar is-sussidji fuq is-servizzi fi żmien tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

KAPITOLU TNAX

**TRASPARENZA**

*Artikolu 12.1*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu:

miżura ta' applikazzjoni ġenerali tfisser kwalunkwe att ġenerali jew astratt, proċedura, interpretazzjoni jew rekwiżit ieħor, fosthom miżuri mhux vinkolanti. Ma tinkludix deċiżjoni li tapplika għal persuna waħda; u

persuna interessata tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tista' tkun suġġetta għal kwalunkwe drittijiet jew obbligi taħt miżuri ta' applikazzjoni ġenerali, fit-tifsira tal-Artikolu 12.2.

*Artikolu 12.2*

**Għan u Ambitu**

Filwaqt li jirrikonoxxu l-impatt li l-ambjent regolatorju rispettiv tagħhom jista' jkollu fuq il-kummerċ ta' bejniethom, il-Partijiet għandhom iħaddmu ambjent regolatorju effiċjenti u prevedibbli għall-operaturi ekonomiċi, speċjalment operaturi ekonomiċi żgħar li jagħmlu n-negozju fit-territorji tagħhom. Il-Partijiet, waqt li jaffermaw mill-ġdid l-impenji rispettivi tagħhom skont il-Ftehim tad-WTO, b'dan jistabbilixxu kjarifiki u arranġamenti mtejba għat-trasparenza, il-konsultazzjoni u l-amministrazzjoni aħjar tal-miżuri ta' applikazzjoni ġenerali, billi dawn jistgħu jkollhom impatt fuq kwalunkwe kwistjoni koperta b'dan il-Ftehim.

*Artikolu 12.3*

**Pubblikazzjoni**

1. Kull Parti għandha tassigura li l-miżuri ta' applikazzjoni ġenerali li jistgħu jkollhom impatt fuq kwalunkwe kwistjoni koperta b'dan il-Ftehim:

(a) ikunu faċilment disponibbli għall-persuni interessati, b'mod mhux diskriminatorju, b'mezz magħżul b'mod uffiċjali, u fejn ikun vijabbli u possibbli, mezz elettroniku, b'tali mod li l-persuni interessati u l-Parti l-oħra jkunu jistgħu jsiru familjari magħhom;

(b) jipprovdu spjegazzjoni tal-iskop ta', u l-ħsieb wara, tali miżuri; u

(c) jippermettu żmien suffiċjenti bejn il-pubblikazzjoni u d-dħul fis-seħħ ta' tali miżuri, waqt li jiġu kkunsidrati r-rekwiżiti taċ-ċertezza legali, l-aspettattivi leġittimi u l-proporzjonalità.

2. Kull Parti għandha:

(a) tfittex li tippubblika bil-quddiem kwalunkwe miżura ta' applikazzjoni ġenerali li hija tipproponi jew temenda, fosthom spjegazzjoni tal-iskop ta', u l-ħsieb wara l-proposta;

(b) tipprovdi opportunitajiet raġonevoli għall-partijiet interessati sabiex jikkummentaw dwar tali miżura proposta u, b'mod partikolari, tippermetti żmien suffiċjenti għal tali opportunitajiet; u

(c) tfittex li tikkunsidra l-kummenti li tirċievi mingħand persuni interessati fir-rigward ta' tali miżura proposta.

*Artikolu 12.4*

**Mistoqsijiet u Punti ta' Kuntatt**

1. Kull Parti għandha tistabbilixxi jew iżżomm mekkaniżmi xierqa biex twieġeb mistoqsijiet minn kwalunkwe persuna interessata rigward kwalunkwe miżura ta' applikazzjoni ġenerali li jista' jkollha impatt fuq kwistjonijiet koperti minn dan il-Ftehim li tkun qed tiġi proposta jew fis-seħħ, u kif se tiġi applikata. Id-domandi jistgħu jiġu indirizzati permezz ta' punti ta' inkjesta jew kuntatt stabbiliti taħt dan il-Ftehim jew kwalunkwe mekkaniżmu ieħor kif ikun xieraq.

2. Il-Partijiet jirrikonoxxu li t-tweġiba prevista fil-paragrafu 1 tista' ma tkunx definittiva jew legalment vinkolanti iżda għal skopijiet ta' informazzjoni biss, sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor fil-liġijiet u r-regolamenti tagħhom.

3. Fuq talba ta' xi Parti, il-Parti l-oħra għandha tipprovdi immedjatament informazzjoni u twieġeb għal mistoqsijiet li jirrigwardaw kwalunkwe miżura attwali jew proposta ta' applikazzjoni ġenerali li l-Parti li tagħmel it-talba tqis li tista' taffettwa t-tħaddim ta' dan il-Ftehim, irrispettivament minn jekk il-Parti li tagħmel it-talba tkunx ġiet innotifikata qabel b'dik il-miżura.

4. Kull Parti għandha tfittex li tidentifika jew toħloq punti ta' inkjesta jew ta' kuntatt għall-persuni interessati tal-Parti l-oħra, li jkollhom il-kompitu li jfittxu li jsolvu b'mod effettiv il-problemi li jistgħu jinqalgħu mill-applikazzjoni ta' miżuri ta' applikazzjoni ġenerali. Tali proċessi għandhom ikunu faċilment aċċessibbli, marbuta biż-żmien, orjentati lejn ir-riżultati, u trasparenti. Huma għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe proċedura ta' appell jew eżami li l-Partijiet jistabbilixxu jew ikollhom. Huma għandhom ikunu wkoll mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet skont il-Kapitolu Erbatax (Soluzzjoni ta' tilwim) u l-Anness I4-A (Mekkaniżmu ta' Medjazzjoni għal Miżuri Mhux Tariffarji).

*Artikolu 12.5*

**Proċeduri Amministrattivi**

Sabiex tamministra b'mod konsistenti, imparzjali u raġonevoli l-miżuri kollha ta' applikazzjoni ġenerali li jista' jkollhom impatt fuq kwistjonijiet koperti b'dan il-Ftehim, kull Parti, fl-applikazzjoni ta' tali miżuri għal persuni, prodotti jew servizzi partikolari tal-Parti l-oħra f'każijiet speċifiċi, għandha:

(a) tfittex li tipprovdi lill-persuni interessati tal-Parti l-oħra, li jkunu affettwati direttament minn proċedura, b'avviż raġonevoli, skont il-proċeduri tagħha, meta tinbeda proċedura, li jinkludi deskrizzjoni tal-proċedura, dikjarazzjoni tal-awtorità legali li taħtha tinbeda l-proċedura u deskrizzjoni ġenerali ta' kwalunkwe kwistjoni li dwarha jkun hemm kontroversja;

(b) tagħti opportunità raġonevoli lil tali persuni interessati sabiex jippreżentaw fatti u argumenti b'appoġġ għall-pożizzjonijiet tagħhom qabel ma tittieħed kwalunkwe azzjoni amministrattiva finali, safejn jippermettu ż-żmien, in-natura tal-proċedura u l-interess pubbliku; u

(c) tassigura li l-proċeduri tagħha jkunu bbażati fuq, u konformi mal-liġi tagħha.

*Artikolu 12.6*

**Stħarriġ u Appell**

1. Kull Parti għandha tistabbilixxi jew iżżomm tribunali jew proċeduri ġudizzjarji, kważi ġudizzjarji jew amministrattivi għall-iskopijiet ta' stħarriġ fil-pront u, fejn ikun meħtieġ, il-korrezzjoni ta' azzjoni korrettiva relatata ma' kwistjonijiet koperti b'dan il-Ftehim. Dawn it-tribunali għandhom ikunu imparzjali u indipendenti mill-uffiċċju jew l-awtorità fdata bl-infurzar amministrattiv u m'għandu jkollhom l-ebda interess sostanzjali fl-eżitu tal-kwistjoni.

2. Kull Parti għandha tassigura li, fi kwalunkwe tribunal jew proċedura minn dawn, il-partijiet fil-proċedura jingħataw id-dritt għal:

(a) opportunità raġonevoli sabiex isostnu jew jiddefendu l-pożizzjonijiet rispettivi tagħhom; u

(b) deċiżjoni bbażata fuq l-evidenza u sottomissjonijiet ta' rekord jew, fejn ikun meħtieġ mil-liġi tagħha, ir-rekord kompilat mill-awtorità amministrattiva.

3. Kull Parti għandha tassigura, suġġett għal appell jew eżami ulterjuri kif ipprovdut fil-liġi tagħha, li tali deċiżjoni għandha tiġi implimentata minn, u għandha tirregola l-prattika ta', l-uffiċċju jew l-awtorità fir-rigward tal-azzjoni amministrattiva in-kwistjoni.

*Artikolu 12.7*

**Kwalità u Prestazzjoni Regolatorja u Imġiba Amministrattiva Tajba**

1. Il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw fil-promozzjoni tal-kwalità u l-prestazzjoni regolatorja, fosthom permezz tal-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattiċi dwar il-proċessi ta' riforma regolatorja u l-evalwazzjonijiet tal-impatt regolatorju rispettivi tagħhom.

2. Il-Partijiet jaqblu mal-prinċipji ta' mġiba amministrattiva tajba, u jaqblu li jikkooperaw fil-promozzjoni tagħha, fosthom permezz tal-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattiċi.

*Artikolu 12.8*

**Non-Diskriminazzjoni**

Kull Parti għandha tapplika għall-persuni interessati tal-Parti l-oħra, standards ta' trasparenza mhux inqas favorevoli minn dawk mogħtija lill-persuni interessati tagħha stess, lill-persuni interessati ta' kwalunkwe pajjiż terz, jew lil kwalunkwe pajjiż terz, liema jkunu l-aħjar.

KAPITOLU TLETTAX

**KUMMERĊ U ŻVILUPP SOSTENIBBLI**

*Artikolu 13.1*

**Kuntest u Għanijiet**

1. Waqt li jiftakru fl-Aġenda 21 dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp tal-1992, il-Pjan ta' Implimentazzjoni ta' Johannesburg dwar l-Iżvilupp Sostenibbli tal-2002 u d-Dikjarazzjoni Ministerjali tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tan-Nazzjonijiet Uniti tal-2006 dwar l-Impjieg Sħiħ u Xogħol Diċenti, il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenji tagħhom li jippromwovu l-iżvilupp tal-kummerċ internazzjonali b'mod li jikkontribwixxi għall-mira tal-iżvilupp sostenibbli u se jaħdmu sabiex jassiguraw li din il-mira tkun integrata u riflessa f'kull livell tar-relazzjoni kummerċjali ta' bejniethom.

2. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-iżvilupp ekonomiku, l-iżvilupp soċjali u l-ħarsien tal-ambjent huma komponenti interdipendenti u ta' tisħiħ reċiproku tal-iżvilupp sostenibbli. Huma jissottolinjaw il-benefiċċju tal-kooperazzjoni fi kwistjonijiet soċjali u ambjentali relatati mal-kummerċ bħala parti minn approċċ globali għall-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli.

3. Il-Partijiet jirrikonoxxu li mhijiex l-intenzjoni tagħhom f'dan il-Kapitolu li jarmonizzaw l-istandards tax-xogħol jew ambjentali tal-Partijiet, iżda li jsaħħu r-relazzjonijiet kummerċjali u l-kooperazzjoni ta' bejniethom b'modi li jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli fil-kuntest tal-paragrafi 1 u 2.

*Artikolu 13.2*

**Ambitu**

1. Ħlief kif ipprovdut mod ieħor f'dan il-Kapitolu, dan il-Kapitolu japplika għal miżuri adottati jew miżmuma mill-Partijiet li jaffettwaw aspetti tax-xogħol ([84]) u kwistjonijiet ambjentali relatati mal-kummerċ fil-kuntest tal-Artikoli 13.1.1 u 13.1.2.

2. Il-Partijiet jisħqu li l-istandards ambjentali u tax-xogħol m'għandhomx jintużaw għal skopijiet ta' kummerċ protezzjonist. Il-Partijiet jinnotaw li l-vantaġġ komparattiv tagħhom m'għandu bl-ebda mod jiddaħħal fil-kwistjoni.

*Artikolu 13.3*

**Dritt ta' Regolazzjoni u Livelli ta' Protezzjoni**

Waqt li tirrikonoxxi d-dritt ta' kull Parti li tistabbilixxi l-livelli tagħha stess ta' protezzjoni ambjentali u tax-xogħol, u li tadotta jew timmodifika kif ikun meħtieġ il-liġijiet u l-politiki relevanti tagħha, kull Parti għandha tfittex li tassigura li dawk il-liġijiet u l-politiki jipprovdu għal u jinkoraġġixxu livelli għoljin ta' protezzjoni ambjentali u tax-xogħol, b'mod konsistenti mal-istandards jew il-ftehimiet rikonoxxuti internazzjonalment imsemmija fl-Artikoli 13.4 u 13.5, u għandhom jaħdmu sabiex ikomplu jtejbu dawk il-liġijiet u l-politiki.

*Artikolu 13.4*

**Standards u Ftehimiet Internazzjonali dwar ix-Xogħol**

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-valur tal-kooperazzjoni u l-ftehimiet internazzjonali dwar l-impjiegi u l-affarijiet tax-xogħol bħala risposta tal-komunità internazzjonali għall-isfidi u l-opportunitajiet ekonomiċi, tax-xogħol u soċjali li jirriżultaw mill-globalizzazzjoni. Huma jintrabtu li jikkonsultaw u li jikkooperaw kif meħtieġ dwar kwistjonijiet ta' interess reċiproku relatati max-xogħol u l-impjiegi b'rabta mal-kummerċ.

([84]) Meta f'dan il-Kapitolu ssir referenza għax-xogħol, dan jinkludi l-kwistjonijiet kollha rilevanti għall-Aġenda dwar ix-Xogħol Diċenti kif maqbula fl-Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"ILO") u fid-Dikjarazzjoni Ministerjali tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tal-2006 dwar l-Impjieg Sħiħ u x-Xogħol Diċenti.

2. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom, taħt id-Dikjarazzjoni Ministerjali tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tan-Nazzjonijiet Uniti tal-2006 dwar l-Impjieg Sħiħ u x-Xogħol Diċenti, li jirrikonoxxu l-impjieg sħiħ u produttiv u x-xogħol diċenti għal kulħadd bħala element fundamentali tal-iżvilupp sostenibbli għall-pajjiżi kollha u bħala mira prijoritarja tal-kooperazzjoni internazzjonali u li jippromwovu l-iżvilupp tal-kummerċ internazzjonali b'mod li jwassal għal impjieg sħiħ u produttiv u xogħol diċenti għal kulħadd, fosthom l-irġiel, in-nisa u ż-żgħażagħ.

3. Il-Partijiet, b'mod konformi mal-obbligi li joħorġu mis-sħubija fl-ILO u d-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq il-Post tax-Xogħol u s-Segwitu Tagħha, li ġiet adottata mill-Konferenza Internazzjonali dwar ix-Xogħol fis-86 Sessjoni tagħha fl-1998, jintrabtu li jirrispettaw, jippromwovu u jirrealizzaw, fil-liġijiet u l-prattiċi tagħhom, il-prinċipji li jirrigwardaw id-drittijiet fundamentali, jiġifieri:

(a) il-libertà tal-assoċjazzjoni u r-rikonoxximent effettiv tad-dritt għan-negozjar kollettiv;

(b) it-tneħħija ta' kull forma ta' xogħol sfurzat jew bilfors;

(c) l-abolizzjoni effettiva tax-xogħol mit-tfal; u

(d) it-tneħħija tad-diskriminazzjoni fir-rigward tal-impjieg u x-xogħol.

Il-Partijiet jaffermaw l-impenn tagħhom li jimplimentaw b'mod effettiv il-Konvenzjonijiet tal-ILO li l-Korea u l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea rratifikaw rispettivament. Il-Partijiet se jagħmlu sforzi kontinwi u sostnuti sabiex jirratifikaw il-Konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO kif ukoll il-Konvenzjonijiet l-oħra li jkunu kklassifikati bħala "aġġornati" mill-ILO.

*Artikolu 13.5*

**Ftehimiet Multilaterali dwar l-Ambjent**

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-valur tal-governanza u l-ftehimiet internazzjonali dwar l-ambjent bħala risposta tal-komunità internazzjonali għall-problemi ambjentali globali jew reġjonali u jimpenjaw ruħhom li jikkonsultaw u li jikkooperaw kif meħtieġ fir-rigward tan-negozjati dwar kwistjonijiet ambjentali ta' interess reċiproku relatati mal-kummerċ.

2. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenji tagħhom għall-implimentazzjoni effettiva fil-liġijiet u l-prattiċi tagħhom, tal-ftehimiet ambjentali multilaterali li tagħhom ikunu parti.

3. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom li jilħqu l-mira finali tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima u l-Protokoll tagħha ta' Kyoto. Huma jintrabtu li jikkooperaw dwar l-iżvilupp tal-qafas internazzjonali ġejjieni dwar it-tibdil fil-klima skont il-Pjan ta' Azzjoni ta' Bali ([85]).

*Artikolu 13.6*

**Kummerċ li Jiffavorixxi l-Iżvilupp Sostenibbli**

1. Il-Partijiet jikkonfermaw mill-ġdid li l-kummerċ għandu jippromwovi l-iżvilupp sostenibbli fid-dimensjonijiet kollha tiegħu. Il-Partijiet jirrikonoxxu r-rwol benefiċċjali li jista' jkollhom l-istandards bażiċi tax-xogħol u xogħol diċenti dwar l-effiċjenza ekonomika, l-innovazzjoni u l-produttività, u jenfasizzaw il-valur ta' koerenza politika akbar bejn il-politiki kummerċjali, fuq naħa, u l-politiki dwar l-impjiegi u x-xogħol fuq in-naħa l-oħra.

2. Il-Partijiet għandhom jaħdmu sabiex jiffaċilitaw u jippromwovu l-kummerċ u l-investiment dirett barrani fi prodotti u servizzi ambjentali, fosthom teknoloġiji ambjentali, enerġija rinnovabbli sostenibbli, prodotti u servizzi li jużaw l-enerġija b'mod effiċjenti u prodotti bl-ekotikketta, *inter alia* billi jiġu indirizzati l-ostakoli mhux tariffarji relatati. Il-Partijiet għandhom jaħdmu sabiex jiffaċilitaw u jippromwovu l-kummerċ fi prodotti li jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli, fosthom prodotti li jkunu s-suġġett ta' skemi bħalma huma l-kummerċ ġust u etiku u dawk li jinvolvu r-responsabilità u l-kontabilità soċjali korporattiva.

*Artikolu 13.7*

**Żamma tal-Livelli ta' Protezzjoni fl-Applikazzjoni u l-Infurzar tal-Liġijiet, Regolamenti jew Standards**

1. Parti m'għandhiex tonqos milli tinforza l-liġijiet ambjentali u tax-xogħol tagħha, permezz ta' kors ta' azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni rikorrenti, b'mod li jaffettwa l-kummerċ jew l-investiment bejn il-Partijiet.

2. Parti m'għandhiex iddgħajjef jew tnaqqas il-protezzjonijiet ambjentali jew tax-xogħol mogħtija fil-liġijiet tagħha sabiex tinkoraġġixxi l-kummerċ jew l-investiment, billi tirrinunzja jew tidderoga mod ieħor, jew billi toffri li tirrinunzja jew li tidderoga mod ieħor, mil-liġijiet, ir-regolamenti jew l-istandards tagħha, b'mod li jaffettwa l-kummerċ jew l-investiment bejn il-Partijiet.

*Artikolu 13.8*

**Informazzjoni Xjentifika**

Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza, meta jippreparaw u jimplimentaw miżuri mmirati sabiex jipproteġu l-ambjent u l-kundizzjonijiet soċjali li jaffettwaw il-kummerċ bejn il-Partijiet, li jikkunsidraw informazzjoni xjentifika u teknika, u standards internazzjonali, linji gwida jew rakkomandazzjonijiet relevanti.

([85]) Deċiżjoni-1/CP.13 tal-UNFCCC adottata mit-tlettax-il sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima.

*Artikolu 13.9*

**Trasparenza**

Il-Partijiet, b'mod konformi mal-liġijiet domestiċi rispettivi tagħhom, jaqblu li jiżviluppaw, jintroduċu u jimplimentaw kwalunkwe miżura mmirata sabiex tħares l-ambjent u l-kundizzjonijiet tax-xogħol li jaffettwaw il-kummerċ bejn il-Partijiet b'mod trasparenti, b'avviż u konsultazzjoni pubblika xierqa, u b'komunikazzjoni xierqa u f'waqtha u konsultazzjoni ma' atturi mhux statali li jinkludu s-settur privat.

*Artikolu 13.10*

**Eżami tal-Impatti fuq is-Sostenibbiltà**

Il-Partijiet jintrabtu li jeżaminaw, jimmonitorjaw u jivvalutaw l-impatt tal-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim fuq l-iżvilupp sostenibbli, fosthom il-promozzjoni tax-xogħol diċenti, permezz tal-proċessi u l-istituzzjonijiet parteċipattivi rispettivi tagħhom, kif ukoll dawk stabbiliti taħt dan il-Ftehim, pereżempju permezz ta' evalwazzjonijiet tal-impatt fuq is-sostenibbiltà relatat mal-kummerċ.

*Artikolu 13.11*

**Kooperazzjoni**

Billi jirrikonoxxu l-importanza tal-kooperazzjoni dwar aspetti tal-politiki soċjali u ambjentali relatati mal-kummerċ sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet jintrabtu li jibdew attivitajiet ta' kooperazzjoni kif stipulat fl-Anness 13.

*Artikolu 13.12*

**Mekkaniżmu Istituzzjonali**

1. Kull Parti għandha taħtar uffiċċju fi ħdan l-amministrazzjoni tagħha li għandu jservi bħala punt ta' kuntatt mal-Parti l-oħra għall-iskop tal-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu.

2. Il-Kumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli stabbilit skont l-Artikolu 15.2.1 (Kumitati Speċjalizzati) għandu jinkludi uffiċjali anzjani minn ġewwa l-amministrazzjonijiet tal-Partijiet.

3. Il-Kumitat għandu jiltaqa' fi żmien l-ewwel sena mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, u suċċessivament skont il-ħtieġa, sabiex jissorvelja l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu, fosthom l-attivitajiet ta' kooperazzjoni mwettqa taħt l-Anness 13.

4. Kull Parti għandha tistabbilixxi Grupp(i) Konsultattiv(i) Domestiku/Domestiċi dwar l-iżvilupp sostenibbli (ambjent u xogħol) bil-kompitu li jagħti/jagħtu pariri dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu.

5. Il-Grupp(i) Konsultattiv(i) Domestiku/Domestiċi jinkludi/-jinkludu organizzazzjonijiet rappreżentattivi indipendenti tas-soċjetà ċivili b'rappreżentanza bbilanċjata ta' organizzazzjonijiet ambjentali, tax-xogħol u kummerċjali kif ukoll partijiet interessati relevanti oħra.

*Artikolu 13.13*

**Mekkaniżmu ta' Djalogu mas-Soċjetà Ċivili**

1. Il-membri tal-Grupp(i) Konsultattiv(i) Domestiku/Domestiċi ta' kull Parti għandhom jiltaqgħu f'Forum tas-Soċjetà Ċivili sabiex jagħmlu djalogu li jinkludi aspetti tal-iżvilupp sostenibbli tar-relazzjonijiet kummerċjali bejn il-Partijiet. Il-Forum tas-Soċjetà Ċivili għandu jiltaqa' darba fis-sena sakemm ma jiġix miftiehem mod ieħor mill-Partijiet. Il-Partijiet għandhom jaqblu b'deċiżjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli dwar l-operat tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili sa mhux aktar tard minn sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

2. Il-Grupp(i) Konsultattiv(i) Domestiku/Domestiċi għandu jagħżel ir-rappreżentanti minn fost il-membri tiegħu f'rappreżentanza bbilanċjata tal-partijiet interessati relevanti kif stabbilit fl-Artikolu 13.12.5.

3. Il-Partijiet jistgħu jippreżentaw aġġornament dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu lill-Forum tas-Soċjetà Ċivili. Il-fehmiet, l-opinjonijiet jew is-sejbiet tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili jistgħu jiġu ppreżentati direttament lill-Partijiet jew permezz tal-Grupp(i) Konsultattiv(i) Domestiku/Domestiċi.

*Artikolu 13.14*

**Konsultazzjonijiet tal-Gvernijiet**

1. Parti tista' titlob konsultazzjonijiet mal-Parti l-oħra dwar kwalunkwe kwistjoni ta' interess reċiproku li tinqala' taħt dan il-Kapitolu, inklużi l-komunikazzjonijiet tal-Grupp(i) Konsultattiv(i) Domestiku/Domestiċi li saret referenza għalih(om) fl-Artikolu 13.12, billi tibgħat talba bil-miktub lill-punt ta' kuntatt tal-Parti l-oħra. Il-konsultazzjonijiet għandhom jibdew immedjatament wara li Parti tibgħat talba għall-konsultazzjonijiet.

2. Il-Partijiet għandhom jagħmlu kull sforz biex jaslu għal soluzzjoni tal-kwistjoni li tissodisfa liż-żewġ naħat. Il-Partijiet għandhom jassiguraw li s-soluzzjoni tkun tirrifletti l-attivitajiet tal-ILO jew ta' organizzazzjonijiet jew korpi ambjentali multilaterali relevanti sabiex tippromwovi kooperazzjoni u koerenza akbar bejn il-ħidma tal-Partijiet u dawn l-organizzazzjonijiet. Fejn ikun relevanti, suġġett għall-qbil tal-Partijiet, huma jistgħu jfittxu l-parir ta' dawn l-organizzazzjonijiet jew korpi.

3. Jekk Parti tħoss li l-kwistjoni tkun teħtieġ aktar diskussjoni, dik il-Parti tista' titlob it-tlaqqigħ tal-Kumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli sabiex jikkunsidra l-kwistjoni billi tibgħat talba bil-miktub lill-punt ta' kuntatt tal-Parti l-oħra. Il-Kumitat għandu jiltaqa' mingħajr dewmien u jfittex li jaqbel fuq soluzzjoni tal-kwistjoni. Is-soluzzjoni tal-Kumitat għandha ssir pubblika sakemm il-Kumitat ma jiddeċidix mod ieħor.

4. Il-Kumitat jista' jfittex il-parir ta' xi wieħed jew taż-żewġ Grupp(i) Konsultattiv(i) Domestiku/Domestiċi u kull Parti tista' tfittex il-parir tal-Grupp(i) Konsultattiv(i) Domestiku/Domestiċi tagħha stess. Grupp Konsultattiv Domestiku ta' Parti jista' jissottometti wkoll komunikazzjonijiet fuq inizjattiva tiegħu stess lil dik il-Parti jew lill-Kumitat.

*Artikolu 13.15*

**Bord tal-Esperti**

1. Sakemm il-Partijiet ma jiftehmux mod ieħor, Parti tista', 90 jum wara l-konsenja ta' talba għal-konsultazzjonijiet skont l-Artikolu 13.14.1, titlob li jitlaqqa' Bord tal-Esperti sabiex jeżamina l-kwistjoni li ma tkunx ġiet indirizzata b'mod sodisfaċenti permezz ta' konsultazzjonijiet tal-gvern. Il-Partijiet jistgħu jagħmlu sottomissjonijiet lill-Bord tal-Esperti. Il-Bord tal-Esperti għandu jfittex informazzjoni u pariri minn kull Parti, il-Grupp(i) Konsultattiv(i) Domestiku/Domestiċi jew organizzazzjonijiet internazzjonali kif stipulat fl-Artikolu 13.14, kif iqis xieraq. Il-Bord tal-Esperti għandu jitlaqqa' fi żmien xahrejn mit-talba ta' Parti.

2. Il-Bord tal-Esperti li jintgħażel skont il-proċeduri stabbiliti fil-paragrafu 3, għandu jipprovdi l-għarfien espert tiegħu fl-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu. Sakemm il-Partijiet ma jiftehmux mod ieħor, il-Bord tal-Esperti għandu, fi żmien 90 jum mill-għażla tal-aħħar espert, jippreżenta rapport lill-Partijiet. Il-Partijiet għandhom jagħmlu l-aħjar sforzi tagħhom sabiex jakkomodaw il-parir jew ir-rakkomandazzjonijiet tal-Bord tal-Esperti dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu. L-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Bord tal-Esperti għandha tiġi monitorjata mill-Kumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli. Ir-rapport tal-Bord tal-Esperti għandu jitpoġġa disponibbli għall-Grupp(i) Konsultattiv(i) Domestiku/-Domestiċi tal-Partijiet. Rigward l-informazzjoni kunfidenzjali, japplikaw il-prinċipji fl-Anness 14-B (Regoli ta' Proċedura għall-Arbitraġġ).

3. Mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet għandhom jaqblu fuq lista ta' mill-anqas 15-il persuna b'għarfien espert dwar il-kwistjonijiet trattati minn dan il-Kapitolu, li tal-anqas ħamsa minnhom għandhom ikunu mhux ċittadini ta' xi Parti li se jservu bħala president tal-Bord tal-Esperti. L-esperti għandhom ikunu indipendenti minn, mhux affiljati ma', u ma jieħdux struzzjonijiet minn, xi Parti jew organizzazzjonijiet rappreżentati fil-Grupp(i) Konsulattiv(i) Domestiku/Domestiċi. Kull Parti għandha tagħżel espert wieħed mil-lista tal-esperti fi żmien 30 jum mill-wasla tat-talba għall-istabbiliment ta' Bord tal-Esperti. Jekk Parti tonqos milli tagħżel l-espert tagħha f'dan il-perjodu, il-Parti l-oħra għandha tagħżel mil-lista tal-esperti, ċittadin tal-Parti li tkun naqset milli tagħżel espert. Iż-żewġ esperti magħżula għandhom jiddeċiedu dwar il-president li m'għandux ikun ċittadin ta' xi waħda mill-Partijiet.

*Artikolu 13.16*

**Soluzzjoni tat-Tilwim**

Għal kwalunkwe kwistjoni li tinqala' taħt dan il-Kapitolu, il-Partijiet għandhom jużaw biss il-proċeduri pprovduti fl-Artikoli 13.14 u 13.15.

KAPITOLU ERBATAX

**SOLUZZJONI TAT-TILWIM**

*TAQSIMA A*

***Għan u Ambitu***

*Artikolu 14.1*

**Għan**

L-għan ta' dan il-Kapitolu huwa li tiġi evitata u solvuta kwalunkwe tilwima bejn il-Partijiet rigward l-applikazzjoni b'intenzjonijiet tajba ta' dan il-Ftehim u li, fejn ikun possibbli, il-Partijiet jaslu għal soluzzjoni maqbula miż-żewġ naħat.

*Artikolu 14.2*

**Ambitu**

Dan il-Kapitolu japplika għal kwalunkwe tilwima li tirrigwarda l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor. [86]

*TAQSIMA B*

***Konsultazzjonijiet***

*Artikolu 14.3*

**Konsultazzjonijiet**

1. Il-Partijiet għandhom ifittxu li jsolvu kwalunkwe tilwima rigward l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 14.2 billi jidħlu f'konsultazzjonijiet *in bona fede* fil-għan li jaslu għal soluzzjoni maqbula mit-tnejn.

2. Parti għandha tfittex il-konsultazzjonijiet permezz ta' talba bil-miktub lill-Parti l-oħra fejn tidentifika kwalunkwe miżura inkwistjoni u d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim li hija tqis applikabbli. Għandha tintbagħat kopja tat-talba għall-konsultazzjonijiet lill-Kumitat għall-Kummerċ.

3. Il-konsultazzjonijiet għandhom jinżammu fi żmien 30 jum mid-data tas-sottomissjoni tat-talba u jsiru, sakemm il-Partijiet ma jiftehmux mod ieħor, fit-territorju tal-Parti li kontriha jkun sar l-ilment. Il-konsultazzjonijiet għandhom jitqiesu mitmuma fi żmien 30 jum mid-data tas-sottomissjoni tat-talba, sakemm il-Partijiet ma jiftehmux li jkomplu l-konsultazzjonijiet. L-informazzjoni kollha żvelata waqt il-konsultazzjonijiet għandha tibqa' kunfidenzjali.

4. Il-konsultazzjonijiet dwar kwistjonijiet ta' urġenza, fosthom dawk li jirrigwardaw prodotti li jmorru jew staġjonali [87] għandhom isiru fi żmien 15-il jum mid-data tas-sottomissjoni tat-talba, u għandhom jitqiesu konklużi fi żmien 15-il jum mid-data tas-sottomissjoni tat-talba.

[86] Għat-tilwim relatat mal-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni Kulturali, ir-referenzi kollha li jsiru f'dan il-Kapitolu għall-Kumitat għall-Kummerċ għandhom jinftiehmu li jirreferu għall-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Kulturali.

[87] Il-prodotti staġjonali huma prodotti li l-importazzjonijiet tagħhom, fuq perjodu rappreżentattiv, ma jkunux mifruxa fuq is-sena sħiħa iżda jkunu kkonċentrati fuq perjodi speċifiċi tas-sena b'riżultat ta' fatturi staġjonali.

5. Jekk il-konsultazzjonijiet ma jsirux fil-perjodi stipulati fil-paragrafu 3 jew 4 rispettivament, jew jekk il-konsultazzjonijiet jiġu konklużi u ma tkun intlaħqet l-ebda soluzzjoni maqbula reċiprokament, il-Parti li tilmenta tista' titlob l-istabbiliment ta' bord tal-arbitraġġ skont l-Artikolu 14.4.

TAQSIMA C

***Proċeduri għas-soluzzjoni tat-tilwimiet***

Subtaqsima A

**Proċedura tal-Arbitraġġ**

*Artikolu 14.4*

**Bidu tal-Proċedura tal-Arbitraġġ**

1. Meta l-Partijiet jonqsu milli jsolvu t-tilwima billi jirrikorru għall-konsultazzjonijiet kif ipprovdut fl-Artikolu 14.3, il-Parti li tilmenta tista' titlob l-istabbiliment ta' bord tal-arbitraġġ.

2. It-talba għall-istabbiliment ta' bord tal-arbitraġġ għandha ssir bil-miktub lill-Parti li jkun qed isir l-ilment kontriha u lill-Kumitat għall-Kummerċ. Fit-talba tagħha, il-Parti li tilmenta għandha tidentifika l-miżura speċifika inkwistjoni, u hija għandha tispjega kif dik il-miżura tikkostitwixxi ksur tad-dispożizzjonijiet msemmija fl-Artikolu 14.2.

*Artikolu 14.5*

**Stabbiliment tal-Bord tal-Arbitraġġ**

1. Bord tal-arbitraġġ għandu jkun iffurmat minn tliet arbitri.

2. Fi żmien 10 ijiem mid-data tas-sottomissjoni tat-talba għall-istabbiliment ta' bord tal-arbitraġġ lill-Kumitat għall-Kummerċ, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw sabiex jilħqu ftehim dwar il-kompożizzjoni tal-bord tal-arbitraġġ.

3. Jekk il-Partijiet ma jkunux jistgħu jaqblu dwar il-kompożizzjoni tal-bord tal-arbitraġġ fil-perjodu stipulat fil-paragrafu 2, kull Parti tista' titlob lill-president tal-Kumitat għall-Kummerċ, jew lid-delegat tal-president, sabiex jaħtar lit-tliet membri kollha bix-xorti mil-lista stabbilita skont l-Artikolu 14.18, wieħed minn fost l-individwi proposti mill-Parti li tkun qiegħda tilmenta, wieħed minn fost l-individwi proposti minn Parti li jkun qiegħed isir l-ilment kontriha u wieħed minn fost l-individwi magħżula mill-Partijiet sabiex jaġixxi bħala president. Fejn il-Partijiet jaqblu dwar wieħed jew aktar mill-membri tal-bord tal-arbitraġġ, kwalunkwe membru li jifdal għandu jintgħażel bl-istess proċedura.

4. Id-data tal-istabbiliment tal-bord tal-arbitraġġ għandha tkun id-data li fiha jintgħażlu t-tliet arbitri.

*Artikolu 14.6*

**Rapport Interim mill-Bord**

1. Fi żmien 90 jum mill-istabbiliment tal-bord tal-arbitraġġ, dan għandu joħroġ rapport interim lill-Partijiet li jistabbilixxi s-sejbiet tal-fatti, l-applikabilità tad-dispożizzjonijiet relevanti u l-ħsieb bażiku wara kwalunkwe sejba u rakkomandazzjoni li jagħmel. Fejn huwa jikkunsidra li din l-iskadenza ma tistax tintlaħaq, il-president tal-bord tal-arbitraġġ irid jinforma bil-miktub lill-Partijiet u lill-Kumitat għall-Kummerċ, fejn jiddikjara r-raġunijiet għad-dewmien u d-data li fiha l-bord ikollu l-ħsieb li joħroġ ir-rapport interim. Taħt l-ebda ċirkustanza ma għandu r-rapport interim jinħareġ iżjed tard minn 120 jum wara d-data tal-istabbiliment tal-bord tal-arbitraġġ.

2. Kwalunkwe Parti tista' tissottometti talba bil-miktub lill-bord tal-arbitraġġ sabiex jeżamina aspetti preċiżi tar-rapport interim fi żmien 14-il jum mill-ħruġ tiegħu.

3. F'każijiet ta' urġenza, fosthom dawk li jinkludu prodotti li jmorru jew staġjonali, il-bord tal-arbitraġġ għandu jagħmel kull sforz biex joħroġ ir-rapport interim tiegħu u kwalunkwe Parti tista' tissottometti talba bil-miktub lill-bord tal-arbitraġġ sabiex jeżamina aspetti preċiżi tar-rapport interim, sa nofs il-perjodi taż-żmien rispettivi skont il-paragrafi 1 u 2.

4. Wara li jikkunsidra kwalunkwe kummenti bil-miktub mingħand il-Partijiet dwar ir-rapport interim, il-bord tal-arbitraġġ jista' jimmodifika r-rapport tiegħu u jagħmel eżami ulterjuri jekk iħoss il-ħtieġa. Id-deċiżjoni finali tal-bord tal-arbitraġġ għandha tinkludi diskussjoni tal-argumenti magħmula fl-istadju tal-eżami interim.

*Artikolu 14.7*

**Deċiżjoni tal-Bord tal-Arbitraġġ**

1. Il-bord tal-arbitraġġ għandu joħroġ id-deċiżjoni tiegħu lill-Partijiet u lill-Kumitat għall-Kummerċ fi żmien 120 jum mid-data tal-istabbiliment tal-bord tal-arbitraġġ. Fejn huwa jħoss li din l-iskadenza ma tistax tintlaħaq, il-president tal-bord tal-arbitraġġ irid jinforma bil-miktub lill-Partijiet u lill-Kumitat għall-Kummerċ, fejn jiddikjara r-raġunijiet għad-dewmien u d-data li fiha l-bord ikun beħsiebu joħroġ id-deċiżjoni tiegħu. Taħt l-ebda ċirkustanza ma għandha d-deċiżjoni tinħareġ iżjed tard minn 150 jum wara d-data tal-istabbiliment tal-bord tal-arbitraġġ.

2. F'każijiet ta' urġenza, fosthom dawk li jinvolvu prodotti li jmorru jew staġjonali, il-bord tal-arbitraġġ għandu jagħmel kull sforz biex joħroġ id-deċiżjoni tiegħu fi żmien 60 jum mid-data tal-istabbiliment tiegħu. Taħt l-ebda ċirkustanza ma għandu jieħu iżjed minn 75 jum wara l-istabbiliment tiegħu. Il-bord tal-arbitraġġ jista' jagħti deċiżjoni preliminari fi żmien 10 ijiem mill-istabbiliment tiegħu dwar jekk huwa jqis il-każ bħala urġenti.

Subtaqsima B

**Konformità**

*Artikolu 14.8*

**Konformità mad-Deċiżjoni tal-Bord tal-Arbitraġġ**

Kull Parti għandha tieħu kwalunkwe miżura neċessarja sabiex tikkonforma in bona fede mad-deċiżjoni tal-bord tal-arbitraġġ, u l-Partijiet għandhom jaħdmu biex jaqblu fuq il-perjodu taż-żmien sabiex jikkonformaw mad-deċiżjoni.

*Artikolu 14.9*

**Il-Perjodu ta' Żmien Raġonevoli għall-Konformità**

1. Mhux aktar tard minn 30 jum wara l-ħruġ tad-deċiżjoni tal-bord tal-arbitraġġ lill-Partijiet, il-Parti li kontriha jsir l-ilment għandha tinforma lill-Parti li tagħmel l-ilment u lill-Kumitat għall-Kummerċ dwar il-perjodu taż-żmien li hija jkollha bżonn biex tikkonforma.

2. Jekk ma jkunx hemm qbil bejn il-Partijiet dwar il-perjodu taż-żmien raġonevoli għal konformità mad-deċiżjoni tal-bord tal-arbitraġġ, il-Parti li tagħmel l-ilment għandha, fi żmien 20 jum min-notifika magħmula skont il-paragrafu 1 mill-Parti li kontriha jkun sar l-ilment, titlob lill-bord tal-arbitraġġ oriġinali sabiex jistabbilixxi t-tul tal-perjodu taż-żmien raġonevoli. Talba bħal din għandha tiġi nnotifikata lill-Parti l-oħra u lill-Kumitat għall-Kummerċ. Il-bord tal-arbitraġġ għandu joħroġ id-deċiżjoni tiegħu lill-Partijiet u lill-Kumitat għall-Kummerċ fi żmien 20 jum mid-data tas-sottomissjoni tat-talba.

3. F'każ li xi membru tal-bord tal-arbitraġġ oriġinali ma jkunx aktar disponibbli, għandhom japplikaw il-proċeduri stipulati fl-Artikolu 14.5. Il-limitu taż-żmien sabiex tinħareġ id-deċiżjoni għandu jkun 35 jum mid-data tas-sottomissjoni tat-talba msemmija fil-paragrafu 2.

4. Il-Parti li kontriha jkun sar l-ilment għandha tinforma bil-miktub lill-Parti li tagħmel l-ilment, dwar il-progress tagħha sabiex tikkonforma mad-deċiżjoni tal-bord tal-arbitraġġ, tal-anqas xahar qabel ma jiskadi l-perjodu taż-żmien raġonevoli.

5. Il-perjodu taż-żmien raġonevoli jista' jiġi estiż bi qbil reċiproku tal-Partijiet.

*Artikolu 14.10*

**Eżami ta' Kwalunkwe Miżura Meħuda sabiex Tikkonforma mad-Deċiżjoni tal-Bord tal-Arbitraġġ**

1. Il-Parti li kontriha jkun sar l-ilment għandha tinforma lill-Parti li tagħmel l-ilment u lill-Kumitat għall-Kummerċ qabel ma jintemm il-perjodu taż-żmien raġonevoli, dwar kwalunkwe miżura li hija tkun ħadet sabiex tikkonforma mad-deċiżjoni tal-bord tal-arbitraġġ.

2. Fejn ikun hemm nuqqas ta' qbil bejn il-Partijiet rigward l-eżistenza ta' miżura jew il-konsistenza mad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 14.2 ta' kwalunkwe miżura nnotifikata skont il-paragrafu 1, il-Parti li tagħmel l-ilment tista' titlob bil-miktub lill-bord tal-arbitraġġ oriġinali sabiex jiddeċiedi fuq il-kwistjoni. Tali rikjesta għandha tidentifika l-miżura speċifika inkwistjoni u hija għandha tispjega kif tali miżura ma tkunx kompatibbli mad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 14.2. Il-bord tal-arbitraġġ għandu joħroġ id-deċiżjoni tiegħu fi żmien 45 jum mid-data tas-sottomissjoni tat-talba.

3. F'każ li xi membru tal-bord tal-arbitraġġ oriġinali ma jkunx aktar disponibbli, għandhom japplikaw il-proċeduri stipulati fl-Artikolu 14.5. Il-limitu taż-żmien sabiex tinħareġ id-deċiżjoni għandu jkun 60 jum mid-data tas-sottomissjoni tat-talba msemmija fil-paragrafu 2.

*Artikolu 14.11*

**Rimedji Temporanji f'każ ta' Nuqqas ta' Konformità**

1. Jekk il-Parti li kontriha jkun sar l-ilment tonqos milli tinnotifika kwalunkwe miżura li tkun ħadet sabiex tikkonforma mad-deċiżjoni tal-bord tal-arbitraġġ qabel ma jiskadi l-perjodu taż-żmien raġonevoli, jew jekk il-bord tal-arbitraġġ jiddeċiedi li ma tkun teżisti l-ebda miżura meħuda bi skop ta' konformità jew li l-miżura nnotifikata skont l-Artikolu 14.10.1 tkun inkonsistenti mal-obbligi ta' dik il-Parti skont id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 14.2, il-Parti li kontriha jkun sar l-ilment għandha, jekk jintalab dan mill-Parti li tagħmel l-ilment, tippreżenta offerta għal kumpens temporanju.

2. Jekk ma jintlaħaq l-ebda qbil dwar kumpens fi żmien 30 jum mit-tmiem tal-perjodu taż-żmien raġonevoli jew mill-ħruġ tad-deċiżjoni tal-bord tal-arbitraġġ skont l-Artikolu 14.10 li ma tkun teżisti l-ebda miżura meħuda bi skop ta' konformità jew li l-miżura nnotifikata skont l-Artikolu 14.10.1 ma tkunx konsistenti mad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 14.2, il-Parti li tilmenta għandu jkollha d-dritt, wara notifika lill-Parti li kontriha jkun sar l-ilment u lill-Kumitat għall-Kummerċ, li tissospendi l-obbligi li joħorġu minn kwalunkwe dispożizzjoni msemmija fl-Artikolu 14.2 f'livell ekwivalenti għat-tħassir jew indeboliment ikkawżat mill-vjolazzjoni. In-notifika għandha tispeċifika l-livell tal-obbligi li l-Parti li tagħmel l-ilment ikun beħsiebha tissospendi. Il-Parti li tilmenta tista' timplimenta s-sospensjoni 10 ijiem wara d-data tan-notifika, sakemm il-Parti li kontriha jkun sar l-ilment ma tkunx talbet arbitraġġ skont il-paragrafu 4.

3. Fis-sospensjoni tal-obbligi, il-Parti li tilmenta tista' tagħżel li żżid ir-rati tat-tariffi tagħha għal-livell applikat għal Membri oħra tad-WTO fuq volum ta' kummerċ li għandu jiġi stabbilit b'mod li l-volum tal-kummerċ immultiplikat biż-żieda fir-rati tat-tariffi jiġi daqs il-valur tat-tħassir jew indeboliment ikkawżat mill-vjolazzjoni.

4. Jekk il-Parti li kontriha jkun sar l-ilment tħoss li l-livell tas-sospensjoni mhuwiex ekwivalenti għat-tħassir jew indeboliment ikkawżat mill-vjolazzjoni, hija tista' titlob bil-miktub lill-bord tal-arbitraġġ oriġinali sabiex jiddeċiedi dwar il-kwistjoni. Tali rikjesta għandha tiġi nnotifikata lill-Parti li tilmenta u lill-Kumitat għall-Kummerċ qabel ma jiskadi l-perjodu ta' 10 ijiem imsemmi fil-paragrafu 2. Il-bord tal-arbitraġġ oriġinali għandu joħroġ id-deċiżjoni tiegħu dwar il-livell tas-sospensjoni tal-obbligi lill-Partijiet u lill-Kumitat għall-Kummerċ fi żmien 30 jum mid-data tas-sottomissjoni tat-talba. L-obbligi m'għandhomx jiġu sospiżi sakemm il-bord tal-arbitraġġ oriġinali jkun ħareġ id-deċiżjoni tiegħu, u kwalunkwe sospensjoni għandha tkun konsistenti mad-deċiżjoni tal-bord tal-arbitraġġ.

5. F'każ li xi membru tal-bord tal-arbitraġġ oriġinali ma jkunx aktar disponibbli, għandhom japplikaw il-proċeduri stipulati fl-Artikolu 14.5. Il-perjodu sabiex tinħareġ id-deċiżjoni għandu jkun 45 jum id-data tas-sottomissjoni tat-talba msemmija fil-paragrafu 4.

6. Is-sospensjoni tal-obbligi għandha tkun temporanja u għandha tapplika biss sakemm kwalunkwe miżura li tkun instabet inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 14.2 tkun ġiet irtirata jew emendata sabiex tinġieb konformi mad-dawk id-dispożizzjonijiet, kif stabbilit bl-Artikolu 14.12, jew sakemm il-Partijiet jaqblu li jsolvu t-tilwima.

*Artikolu 14.12*

**Eżami ta' kwalunkwe Miżura Meħuda sabiex tinkiseb Konformità wara s-Sospensjoni tal-Obbligi**

1. Il-Parti li kontriha jkun sar l-ilment għandha tinforma lill-Parti li tilmenta u lill-Kumitat għall-Kummerċ dwar kwalunkwe miżura li tkun ħadet sabiex tikkonforma mad-deċiżjoni tal-bord tal-arbitraġġ u dwar it-talba tagħha għat-tmiem tas-sospensjoni tal-obbligi applikata mill-Parti li tkun qiegħda tilmenta.

2. Jekk il-Partijiet ma jilħqux ftehim dwar il-kompatibilità tal-miżura nnotifikata mad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 14.2 fi żmien 30 jum mid-data tan-notifika, il-Parti li tilmenta għandha titlob bil-miktub lill-bord tal-arbitraġġ oriġinali sabiex jiddeċiedi fuq il-kwistjoni. Tali rikjesta għandha tiġi nnotifikata lill-Parti li kontriha jkun sar l-ilment u lill-Kumitat għall-Kummerċ. Id-deċiżjoni tal-bord tal-arbitraġġ għandha tinħareġ lill-Partijiet u lill-Kumitat għall-Kummerċ fi żmien 45 jum mid-data tas-sottomissjoni tat-talba. Jekk il-bord tal-arbitraġġ jiddeċiedi li kwalunkwe miżura meħuda sabiex tinkiseb konformità tkun konformi mad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 14.2, is-sospensjoni tal-obbligi għandha tiġi tterminata.

3. F'każ li xi membru tal-bord tal-arbitraġġ oriġinali ma jkunx aktar disponibbli, għandhom japplikaw il-proċeduri stipulati fl-Artikolu 14.5. Il-perjodu sabiex tinħareġ id-deċiżjoni għandu jkun 60 jum mid-data tas-sottomissjoni tat-talba msemmija fil-paragrafu 2.

S u b t a q s i m a C

**D i s p o ż i z z j o n i j i e t k o m u n i**

*Artikolu 14.13*

**Ftehim Bonarju**

Il-Partijiet jistgħu jaslu fi kwalunkwe ħin għal ftehim bonarju dwar tilwima taħt dan il-Kapitolu. Huma għandhom jinnotifikaw lill-Kumitat għall-Kummerċ bi kwalunkwe soluzzjoni bħal din. Man-notifika tas-soluzzjoni maqbula reċiprokament, il-proċedura għandha tiġi tterminata.

*Artikolu 14.14*

**Regoli ta' Proċedura**

1. Il-proċeduri għas-soluzzjoni tat-tilwimiet taħt dan il-Kapitolu għandhom ikunu rregolati mill-Anness 14-B.

2. Kwalunkwe seduta ta' smigħ tal-bord tal-arbitraġġ għandha tkun miftuħa għall-pubbliku skont l-Anness 14-B.

*Artikolu 14.15*

**Informazzjoni u Parir Tekniku**

Fuq talba ta' xi Parti, jew fuq inizjattiva tiegħu stess, il-bord tal-arbitraġġ jista' jikseb informazzjoni minn kwalunkwe sors, fosthom il-Partijiet involuti fit-tilwima, kif iqis xieraq għall-proċedura tal-bord tal-arbitraġġ. Il-bord tal-arbitraġġ għandu d-dritt ukoll li jfittex l-opinjoni relevanti ta' esperti kif iqis xieraq. Kwalunkwe informazzjoni miksuba b'dan il-mod trid tiġi żvelata liż-żewġ Partijiet li jistgħu jissottomettu kummenti. Persuni fiżiċi jew ġuridiċi interessati tal-Partijiet huma awtorizzati li jissottomettu informazzjoni bħala *amicus curiae* lill-bord tal-arbitraġġ skont l-Anness 14-B.

*Artikolu 14.16*

**Regoli tal-Interpretazzjoni**

Kwalunkwe bord tal-arbitraġġ għandu jinterpreta d-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 14.2 skont ir-regoli normali ta' interpretazzjoni tad-dritt internazzjonali pubbliku, fosthom dawk ikkodifikati fil-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati. Meta obbligu taħt dan il-Ftehim ikun identiku għal obbligu taħt il-Ftehim tad-WTO, il-bord tal-arbitraġġ għandu jadotta interpretazzjoni li tkun konsistenti ma' kwalunkwe interpretazzjoni relevanti stabbilita fid-deċiżjonijiet tal-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwimiet tad-WTO (minn hawn 'il quddiem id-"DSB"). Id-deċiżjonijiet tal-bord tal-arbitraġġ ma jistgħux iżidu jew inaqqsu d-drittijiet u l-obbligi previsti fid-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 14.2.

*Artikolu 14.17*

**Deċiżjonijiet u Sentenzi tal-Bord tal-Arbitraġġ**

1. Il-bord tal-arbitraġġ għandu jagħmel kull sforz biex jieħu kwalunkwe deċiżjoni bi qbil unanimu. Madankollu, meta ma tkunx tista' tintlaħaq deċiżjoni bi qbil unanimu, il-kwistjoni għandha tiġi deċiża b'vot maġġoritarju. Fl-ebda każ ma għandhom jiġu ppubblikati l-opinjonijiet kuntrarji tal-arbitri.

2. Kwalunkwe sentenza tal-bord tal-arbitraġġ għandha tkun vinkolanti fuq il-Partijiet u m'għandha toħloq l-ebda drittijiet jew obbligi għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi. Is-sentenza għandha tippreżenta s-sejbiet ta' fatt, l-applikabilità tad-dispożizzjonijiet relevanti ta' dan il-Ftehim u r-raġuni bażika wara kwalunkwe sejba u konklużjoni li jagħmel. Il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jagħmel id-deċiżjonijiet tal-bord tal-arbitraġġ disponibbli pubblikament fl-intier tagħhom sakemm ma jiddeċidix mod ieħor.

TAQSIMA D

***Dispożizzjonijiet ġenerali***

*Artikolu 14.18*

**Lista tal-Arbitri**

1. Il-Kumitat għall-Kummerċ għandu, mhux aktar tard minn sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, jistabbilixxi lista ta' 15-il individwu li jkunu lesti u kapaċi jservu bħala arbitri. Kull Parti għandha tipproponi ħames individwi sabiex iservu bħala arbitri. Il-Partijiet għandhom jagħżlu wkoll ħames individwi li ma jkunu ċittadini tal-ebda Parti u għandhom jaġixxu bħala president tal-bord tal-arbitraġġ. Il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jassigura li l-lista tinżamm dejjem f'dan il-livell.

2. L-arbitri għandu jkollhom għarfien speċjalizzat jew esperjenza tal-liġi u l-kummerċ internazzjonali. Huma għandhom ikunu indipendenti, iservu fil-kapaċitajiet individwali tagħhom u m'għandhom jieħdu l-ebda struzzjonijiet mingħand xi organizzazzjoni jew gvern fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mat-tilwima, u lanqas m'għandhom ikunu affiljati mal-gvern ta' xi Parti, u għandhom jikkonformaw mal-Anness 14-C.

*Artikolu 14.19*

**Relazzjoni mal-Obbligi tad-WTO**

1. Ir-rikors għad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu dwar is-soluzzjoni tat-tilwimiet għandu jkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe azzjoni fil-qafas tad-WTO, fosthom azzjoni għas-soluzzjoni tat-tilwima.

2. Madankollu, meta Parti, fir-rigward ta' miżura partikolari, tkun bdiet proċedura għas-soluzzjoni tat-tilwima, jew taħt dan il-Kapitolu jew taħt il-Ftehim tad-WTO, hija ma tistax tibda proċedura għas-soluzzjoni tat-tilwima fir-rigward tal-istess miżura fil-forum l-ieħor sakemm tiġi konkluża l-ewwel proċedura. Barra minn hekk, Parti m'għandhiex tfittex rimedju ta' obbligu li jkun identiku taħt dan il-Ftehim u taħt il-Ftehim tad-WTO fiż-żewġ forums. F'każ bħal dan, ladarba tkun inbdiet proċedura għas-soluzzjoni tat-tilwima, il-Parti m'għandhiex tressaq talba biex tfittex rimedju tal-obbligu identiku taħt il-Ftehim l-ieħor lill-forum l-ieħor, sakemm il-forum magħżul ma jonqosx għal raġunijiet proċedurali jew ġuriżdizzjonali milli jagħmel sejbiet dwar it-talba li tfittex rimedju ta' dak l-obbligu.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2:

(a) il-proċeduri għas-soluzzjoni tat-tilwima taħt il-Ftehim tad-WTO huma meqjusa li jinbdew b'talba minn Parti għall-istabbiliment ta' bord skont l-Artikolu 6 tal-Ftehim dwar ir-Regoli u l-Proċeduri li Jirregolaw is-Soluzzjoni ta' tilwimiet li jinsab fl-Anness 2 tal-Ftehim tad-WTO (minn hawn 'il quddiem id-"DSU") u jitqiesu li jiġu konklużi meta d-DSB jadotta r-rapport tal-Bord, u r-rapport tal-Korp tal-Appell skont kif ikun il-każ, taħt l-Artikoli 16 u 17.14 tad-DSU; u

(b) il-proċeduri għas-soluzzjoni tat-tilwima taħt dan il-Kapitolu huma meqjusa li jinbdew b'talba minn Parti għall-istabbiliment ta' bord tal-arbitraġġ skont l-Artikolu 14.4.1 u jitqiesu li jiġu konklużi meta l-bord tal-arbitraġġ joħroġ id-deċiżjoni tiegħu lill-Partijiet u lill-Kumitat għall-Kummerċ skont l-Artikolu 14.7.

4. Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jwaqqaf lil Parti milli timplimenta s-sospensjoni ta' obbligi awtorizzati mid-DSB. Il-Ftehim tad-WTO m'għandux jiġi invokat sabiex iwaqqaf Parti milli tissospendi obbligi taħt dan il-Kapitolu.

*Artikolu 14.20*

**Skadenzi**

1. L-iskadenzi kollha stabbiliti f'dan il-Kapitolu, fosthom l-iskadenzi sabiex il-bordijiet tal-arbitraġġ joħorġu d-deċiżjonijiet tagħhom, għandhom jingħaddu f'jiem tal-kalendarju, bl-ewwel jum ikun l-għada tal-att jew il-fatt li għalih jirreferu.

2. Kwalunkwe skadenza msemmija f'dan il-Kapitolu tista' tiġi estiża bi qbil reċiproku tal-Partijiet.

KAPITOLU ĦMISTAX

**DISPOŻIZZJONIJIET ISTITUZZJONALI, ĠENERALI U FINALI**

*Artikolu 15.1*

**Kumitat għall-Kummerċ**

1. Il-Partijiet b'dan jistabbilixxu Kumitat għall-Kummerċ ([88]) li jinkludi rappreżentanti tal-Parti tal-UE u rappreżentanti tal-Korea.

2. Il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jiltaqa' darba fis-sena fi Brussell jew f'Seoul b'mod alternat jew fuq talba ta' xi waħda mill-Partijiet. Il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jkun ko-presedut mill-Ministru għall-Kummerċ tal-Korea u l-Membru tal-Kummissjoni Ewropea responsabbli għall-Kummerċ, jew il-persuni magħżula rispettivi tagħhom. Il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jiftiehem fuq l-iskeda tal-laqgħat tiegħu u jistabbilixxi l-aġenda tiegħu.

3. Il-Kumitat għall-Kummerċ għandu:

(a) jassigura li dan il-Ftehim jaħdem sewwa;

(b) jissorvelja u jiffaċilita l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim, u jippromwovi l-għanijiet ġenerali tiegħu;

(c) jissorvelja l-ħidma tal-kumitati speċjalizzati kollha, il-gruppi ta' ħidma u korpi oħra stabbiliti taħt dan il-Ftehim;

(d) jikkunsidra modi kif jippromwovi aktar ir-relazzjonijiet kummerċjali bejn il-Partijiet;

(e) mingħajr preġudizzju għad-drittijiet mogħtija fil-Kapitolu Erbatax (Soluzzjoni ta' tilwim) u l-Anness 14-A (Mekkaniżmu ta' Medjazzjoni għal Miżuri mhux Tariffarji), ifittex modi u metodi xierqa kif jantiċipa l-problemi li jistgħu jinqalgħu fl-oqsma koperti b'dan il-Ftehim, jew li jsolvu t-tilwimiet li jistgħu jinqalgħu rigward l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim;

([88]) Kif stipulat fil-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni Kulturali, il-Kumitat għall-Kummerċ mgħandu jkollu l-ebda ġuriżdizzjoni fuq il-Protokoll u l-Kumitat għall-Kooperazzjoni Kulturali għandu jwettaq il-funzjonijiet kollha tal-Kumitat għall-Kummerċ fir-rigward ta' dak il-Protokoll, fejn tali funzjonijiet ikunu rilevanti għall-finijiet tal-implimentazzjoni ta' dak il-Protokoll.

(f) jistudja l-iżvilupp tal-kummerċ bejn il-Partijiet; u

(g) jikkunsidra kwalunkwe kwistjoni oħra ta' interess relatata ma' qasam kopert b'dan il-Ftehim.

4. Il-Kumitat għall-Kummerċ jista':

(a) jiddeċiedi li jistabbilixxi u jiddelega responsabbiltajiet lil kumitati speċjalizzati, gruppi ta' ħidma jew korpi oħra;

(b) jikkomunika mal-partijiet interessati kollha fosthom is-settur privat u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;

(c) jikkunsidra emendi għal dan il-Ftehim jew jemenda dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim fil-każijiet li jkun hemm provvediment speċifiku għalihom f'dan il-Ftehim;

(d) jadotta interpretazzjonijiet tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim;

(e) jagħmel rakkomandazzjonijiet jew jadotta deċiżjonijiet kif previst minn dan il-Ftehim;

(f) jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu stess; u

(g) jieħu kwalunkwe azzjoni oħra fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu kif jistgħu jiftiehmu l-Partijiet.

5. Il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jirrapporta lill-Kumitat Konġunt dwar l-attivitajiet tiegħu u dawk tal-kumitati speċjalizzati tiegħu, il-gruppi ta' ħidma u korpi oħra f'kull laqgħa regolari tal-Kumitat Konġunt.

6. Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet mogħtija fil-Kapitolu Erbatax (Soluzzjoni ta' tilwim) u l-Anness 14-A (Mekkaniżmu ta' Medjazzjoni għal Miżuri Mhux Tariffarji), kull Parti tista' tirreferi lill-Kumitat għall-Kummerċ kwalunkwe kwistjoni relatata mal-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim.

7. Meta Parti tissottometti informazzjoni kkunsidrata bħala kunfidenzjali skont il-liġijiet u r-regolamenti tagħha lill-Kumitat għall-Kummerċ, lill-kumitati speċjalizzati, lill-gruppi ta' ħidma jew lil kwalunkwe korp ieħor, il-Parti l-oħra għandha tittratta dik l-informazzjoni bħala kunfidenzjali.

8. Waqt li jirrikonoxxu l-importanza tat-trasparenza u l-onestà, il-Partijiet jaffermaw il-prattiċi rispettivi tagħhom li jikkunsidraw l-opinjonijiet tal-membri tal-pubbliku bil-għan li jibbażaw fuq firxa wiesgħa ta' perspettivi fl-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.

*Artikolu 15.2*

**Kumitati Speċjalizzati**

1. Il-kumitati speċjalizzati li ġejjin huma b'dan stabbiliti taħt l-awspiċi tal-Kumitat għall-Kummerċ:

(a) il-Kumitat dwar il-Kummerċ fi Prodotti skont l-Artikolu 2.16 (Kumitat dwar il-Kummerċ fi Prodotti);

(b) il-Kumitat dwar il-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji skont l-Artikolu 5.10 (Kumitat dwar il-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji);

(c) il-Kumitat Doganali skont l-Artikolu 6.16 (Kumitat Doganali). Fi kwistjonijiet koperti esklussivament mill-Ftehim Doganali, il-Kumitat Doganali jaġixxi bħala Kumitat Konġunt dwar il-Kooperazzjoni Doganali stabbilit taħt dak il-Ftehim;

(d) il-Kumitat dwar il-Kummerċ fis-Servizzi, l-Istabbiliment u l-Kummerċ Elettroniku skont l-Artikolu 7.3 (Kumitat dwar il-Kummerċ fis-Servizzi, l-Istabbiliment u l-Kummerċ Elettroniku);

(e) il-Kumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli skont l-Artikolu 13.12 (Mekkaniżmu Istituzzjonali); u

(f) il-Kumitat dwar iż-Żoni tal-Ipproċessar 'il Barra fuq il-Peniżola Koreana skont l-Anness IV tal-Protokoll dwar id-Definizzjoni ta' "Prodotti li Joriġinaw" u Metodi ta' Kooperazzjoni Amministrattiva.

Ir-responsabbiltajiet u l-kompiti tal-kumitati speċjalizzati li jiġu stabbiliti huma definiti fil-kapitoli u l-protokolli relevanti ta' dan il-Ftehim.

2. Il-Kumitat għall-Kummerċ jista' jiddeċiedi li jistabbilixxi kumitati speċjalizzati oħra sabiex jassistuh fit-twettiq tal-kompiti tiegħu. Il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jiddetermina l-kompożizzjoni, id-dmirijiet u l-operat tal-kumitati speċjalizzati li jiġu stabbiliti skont dan l-Artikolu.

3. Sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor f'dan il-Ftehim, il-kumitati speċjalizzati għandhom normalment jiltaqgħu, darba fis-sena, f'livell xieraq, b'mod alternat fi Brussell jew f'Seoul, jew fuq talba ta' xi waħda mill-Partijiet jew tal-Kumitat għall-Kummerċ u għandhom ikunu ko-preseduti minn rappreżentanti tal-Korea u tal-Unjoni Ewropea. Il-kumitati speċjalizzati għandhom jiftiehmu fuq l-iskeda tal-laqgħat tagħhom u jistabbilixxu l-aġenda tagħhom.

4. Il-kumitati speċjalizzati għandhom jinfurmaw lill-Kumitat għall-Kummerċ dwar l-iskeda u l-aġenda tagħhom żmien suffiċjenti qabel il-laqgħat tagħhom. Huma għandhom jirrappurtaw lill-Kumitat għall-Kummerċ dwar l-attivitajiet tagħhom f'kull laqgħa regolari tal-Kumitat għall-Kummerċ. Il-ħolqien jew l-eżistenza ta' kumitat speċjalizzat m'għandhom jimpedixxu lill-ebda Parti milli tressaq kwalunkwe kwistjoni direttament quddiem il-Kumitat għall-Kummerċ.

5. Il-Kumitat għall-Kummerċ jista' jiddeċiedi li jibdel jew iwettaq il-kompitu assenjat lil kumitat speċjalizzat jew ixolji kwalunkwe kumitat speċjalizzat.

*Artikolu 15.3*

**Grupp ta' Ħidma**

1. Il-Gruppi ta' Ħidma li ġejjin huma b'dan stabbiliti taħt l-awspiċi tal-Kumitat għall-Kummerċ:

(a) Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Vetturi bil-Mutur u l-Partijiet skont l-Artikolu 9.2 (Grupp ta' Ħidma dwar il-Vetturi bil-Mutur u l-Partijiet) tal-Anness 2-C (Vetturi bil-Mutur u Partijiet);

(b) Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Prodotti Farmaċewtiċi u l-Istrumenti Mediċi skont l-Artikolu 5.3 (Kooperazzjoni Regolatorja) tal-Anness 2-D (Prodotti Farmaċewtiċi u Strumenti Mediċi);

(c) Il-Grupp ta' Ħidma dwar is-Sustanzi Kimiċi skont il-paragrafu 4 tal-Anness 2-E (Sustanzi Kimiċi);

(d) Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kooperazzjoni għar-Rimedji Kummerċjali skont l-Artikolu 3.16.1 (Grupp ta' Ħidma dwar il-Kooperazzjoni għar-Rimedji Kummerċjali);

(e) Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-MRA skont l-Artikolu 7.21.6 (Rikonoxximent Reċiproku);

(f) Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Akkwisti Governattivi skont l-Artikolu 9.3 (Grupp ta' Ħidma dwar l-Akkwisti Governattivi); u

(g) Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi skont l-Artikolu 10.25 (Grupp ta' Ħidma dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi).

2. Il-Kumitat għall-Kummerċ jista' jiddeċiedi li jistabbilixxi gruppi ta' ħidma oħra għal kompitu jew suġġett speċifiku. Il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jistabbilixxi l-kompożizzjoni, id-dmirijiet u l-operat tal-gruppi ta' ħidma. Kwalunkwe laqgħat regolari jew *ad hoc* bejn il-Partijiet li l-ħidma tagħhom tindirizza kwistjonijiet koperti b'dan il-Ftehim għandhom jitqiesu gruppi ta' ħidma fit-tifsira ta' dan l-Artikolu.

3. Sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor f'dan il-Ftehim, il-gruppi ta' ħidma għandhom jiltaqgħu, f'livell xieraq, meta ċ-ċirkustanzi jitolbu dan, jew fuq talba ta' xi Parti jew tal-Kumitat għall-Kummerċ. Huma għandhom ikunu ko-preseduti minn rappreżentanti tal-Korea u l-Unjoni Ewropea. Il-gruppi ta' ħidma għandhom jiftiehmu fuq l-iskeda tal-laqgħat tagħhom u jistabbilixxu l-aġenda tagħhom.

4. Il-gruppi ta' ħidma għandhom jinfurmaw lill-Kumitat għall-Kummerċ dwar l-iskeda u l-aġenda tagħhom fi żmien suffiċjenti qabel il-laqgħat tagħhom. Huma għandhom jirrappurtaw lill-Kumitat għall-Kummerċ dwar l-attivitajiet tagħhom f'kull laqgħa regolari tal-Kumitat għall-Kummerċ. Il-ħolqien jew l-eżistenza ta' grupp ta' ħidma m'għandu jimpedixxi lill-ebda Parti milli tressaq il-kwistjoni direttament quddiem il-Kumitat għall-Kummerċ.

5. Il-Kumitat għall-Kummerċ jista' jiddeċiedi li jbiddel jew iwettaq il-kompitu assenjat lil grupp ta' ħidma jew ixolji kwalunkwe grupp ta' ħidma.

*Artikolu 15.4*

**Teħid ta' Deċiżjonijiet**

1. Sabiex jilħaq l-għanijiet ta' dan il-Ftehim, il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jkollu s-setgħa li jieħu deċiżjonijiet dwar il-kwistjonijiet kollha fil-każijiet previsti minn dan il-Ftehim.

2. Id-deċiżjonijiet li jittieħdu għandhom ikunu vinkolanti fuq il-Partijiet, li għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jimplimentaw id-deċiżjonijiet meħuda. Il-Kumitat għall-Kummerċ jista' jagħmel ukoll rakkomandazzjonijiet xierqa.

3. Il-Kumitat għall-Kummerċ għandu jfassal id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu bi qbil bejn il-Partijiet.

*Artikolu 15.5*

**Emendi**

1. Il-Partijiet jistgħu jiftiehmu, bil-miktub, sabiex jemendaw dan il-Ftehim. Emenda għandha tidħol fis-seħħ wara li l-Partijiet jiskambjaw notifiki bil-miktub li jiċċertifikaw li huma lestew ir-rekwiżiti u l-proċeduri legali applikabbli rispettivi, f'tali data kif jistgħu jiftiehmu l-Partijiet.

2. Minkejja l-paragrafu 1, il-Kumitat għall-Kummerċ jista' jiddeċiedi li jemenda l-Annessi, l-Appendiċi, il-Protokolli u n-Noti għal dan il-Ftehim. Il-Partijiet jistgħu jadottaw id-deċiżjoni suġġett għar-rekwiżiti u l-proċeduri legali applikabbli rispettivi tagħhom.

*Artikolu 15.6*

**Punti ta' Kuntatt**

1. Sabiex jiffaċilitaw il-komunikazzjoni u jassiguraw l-implimentazzjoni effettiva ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet għandhom jaħtru koordinaturi mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Il-ħatra tal-koordinaturi hija mingħajr preġudizzju għall-ħatra speċifika ta' awtoritajiet kompetenti taħt kapitoli speċifiċi ta' dan il-Ftehim.

2. Fuq talba ta' xi Parti, il-koordinatur tal-Parti l-oħra għandu jindika l-uffiċċju jew l-uffiċjal responsabbli għal kwalunkwe kwistjoni li tirrigwarda l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim u tipprovdi l-appoġġ meħtieġ sabiex tiffaċilita l-komunikazzjoni mal-Parti li tagħmel it-talba.

3. Safejn ikun possibbli taħt il-leġiżlazzjoni tagħha, kull Parti għandha tipprovdi informazzjoni permezz tal-koordinaturi tagħha meta tintalab mill-Parti l-oħra u twieġeb fil-pront għal kwalunkwe domanda mill-Parti l-oħra rigward miżura attwali jew proposta li tista' taffettwa l-kummerċ bejn il-Partijiet.

*Artikolu 15.7*

**Tassazzjoni**

1. Dan il-Ftehim għandu japplika biss għall-miżuri tat-tassazzjoni safejn tali applikazzjoni tkun neċessarja sabiex tagħti effett lid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

2. Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jaffettwa d-drittijiet u l-obbligi ta' xi Parti taħt kwalunkwe konvenzjoni dwar it-taxxa bejn il-Korea u l-Istati Membri rispettivi tal-Unjoni Ewropea. F'każ ta' xi inkonsistenza bejn dan il-Ftehim u xi konvenzjoni bħal din, dik il-konvenzjoni għandha tipprevali sal-punt tal-inkonsistenza. Fil-każ ta' konvenzjoni dwar it-taxxa bejn il-Korea u l-Istati Membri rispettivi tal-Unjoni Ewropea, l-awtoritajiet kompetenti taħt dik il-konvenzjoni għandhom ikollhom ir-responsabbiltà esklużiva li jistabbilixxu b'mod konġunt jekk teżistix xi inkonsistenza bejn dan il-Ftehim u dik il-konvenzjoni.

3. Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jinftiehem li jimpedixxi lill-Partijiet milli jiddistingwu, fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet relevanti tal-leġiżlazzjoni fiskali tagħhom, bejn persuni taxxabbli li ma jkunux fl-istess sitwazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-post tar-residenza tagħhom jew fir-rigward tal-post fejn ikun investit il-kapital tagħhom.

4. Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jinftiehem li jimpedixxi l-adozzjoni jew l-infurzar ta' kwalunkwe miżura mmirata sabiex timpedixxi l-evitar jew l-evażjoni tat-taxxi skont id-dispożizzjonijiet dwar it-taxxa fi ftehimiet sabiex tiġi evitata t-tassazzjoni doppja jew arranġamenti tat-taxxa jew leġiżlazzjoni fiskali domestika oħra.

*Artikolu 15.8*

**Eċċezzjonijiet dwar il-Bilanċ tal-Ħlasijiet**

1. Meta Parti tkun f'bilanċ tal-ħlasijiet u diffikultajiet finanzjarji esterni serji, jew taħt theddida minnhom, hija tista' tadotta jew iżżomm miżuri restrittivi fir-rigward tal-kummerċ fi prodotti, servizzi u stabbiliment.

2. Il-Partijiet għandhom ifittxu li jevitaw l-applikazzjoni tal-miżuri restrittivi msemmija fil-paragrafu 1.

Kwalunkwe miżura restrittiva adottata jew miżmuma taħt dan l-Artikolu għandha tkun mhux diskriminatorja, għal perjodu limitat, ma tmurx lil hinn minn dak li jkun meħtieġ sabiex jiġi rimedjat il-bilanċ tal-ħlasijiet u s-sitwazzjoni finanzjarja esterna. Huma għandhom ikunu konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim tad-WTO u konsistenti mal-Artikoli ta' Ftehim tal-Fond Monetarju Internazzjonali, kif applikabbli.

3. Kwalunkwe Parti li żżomm jew li tkun adottat miżuri restrittivi, jew kwalunkwe bidla fihom, għandha tinforma fil-pront lill-Parti l-oħra dwarhom u tippreżenta, kemm jista' jkun malajr, skeda taż-żmien għat-tneħħija tagħhom.

4. Meta r-restrizzjonijiet jiġu adottati jew miżmuma, għandha ssir konsultazzjoni malajr fil-Kumitat għall-Kummerċ. Tali konsultazzjoni għandha tivvaluta s-sitwazzjoni tal-bilanċ tal-ħlasijiet tal-Parti kkonċernata u r-restrizzjonijiet adottati jew miżmuma taħt dan l-Artikolu, billi tikkunsidra, *inter alia*, miżuri bħal:

(a) in-natura u l-livell tal-bilanċ tal-ħlasijiet u d-diffikultajiet finanzjarji esterni;

(b) l-ambjent ekonomiku u kummerċjali estern; jew

(c) miżuri korrettivi alternattivi li jistgħu jkunu disponibbli.

Il-konsultazzjonijiet għandhom jindirizzaw il-konformità ta' kwalunkwe miżura restrittiva mal-paragrafi 3 u 4. Is-sejbiet kollha ta' fatti statistiċi u oħrajn ippreżentati mill-Fondi Monetarji Internazzjonali (minn hawn 'il quddiem l-"IMF") dwar il-kambju, ir-riżervi monetarji u l-bilanċ tal-ħlasijiet għandhom jiġu aċċettati u l-konklużjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq l-evalwazzjoni min-naħa tal-IMF tal-bilanċ tal-ħlasijiet u s-sitwazzjoni finanzjarja esterna tal-Parti kkonċernata.

*Artikolu 15.9*

**Eċċezzjonijiet dwar is-Sigurtà**

Xejn f'dan il-Ftehim ma għandu jinftiehem:

(a) li jeħtieġ lil xi Parti tagħti xi informazzjoni, li hija tqis l-iżvelar tagħha bħala kuntrarju għall-interessi essenzjali tas-sigurtà tagħha;

(b) li jimpedixxi lil xi Parti milli tieħu kwalunkwe azzjoni li hija tqis neċessarja għall-protezzjoni tal-interessi essenzjali tas-sigurtà tagħha;

(i) marbuta mal-produzzjoni jew il-kummerċ ta' armi, munizzjoni jew materjal tal-gwerra jew marbuta ma' attivitajiet ekonomiċi mwettqa direttament jew indirettament għall-iskop ta' forniment ta' stabbiliment militari;

(ii) marbuta ma' materjali fissjonabbli jew fużjonabbli jew il-materjali li huma derivati minnhom; jew

(iii) meħuda fiż-żmien ta' gwerra jew emerġenza oħra fir-relazzjonijiet internazzjonali; jew

(c) li jimpedixxi lil xi Parti milli tieħu kwalunkwe azzjoni sabiex twettaq l-obbligi internazzjonali tagħha sabiex iżżomm il-paċi u s-sigurtà nazzjonali.

*Artikolu 15.10*

**Dħul fis-Seħħ**

1. Dan il-Ftehim għandu jiġi approvat mill-Partijiet skont il-proċeduri tagħhom stess.

2. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ 60 jum wara d-data li fiha l-Partijiet jiskambjaw notifiki bil-miktub fejn huma jiċċertifikaw li lestew ir-rekwiżiti u l-proċeduri legali rispettivi applikabbli jew f'tali data li jistgħu jiftiehmu l-Partijiet.

3. Minkejja l-paragrafi 2 u 5, il-Partijiet għandhom japplikaw il-Protokoll dwar il-Kooperazzjoni Kulturali mill-ewwel jum tat-tielet xahar wara d-data meta l-Korea tkun iddepożitat l-istrument tagħha ta' ratifika tal-Konvenzjoni tal-Unesco dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali adottata ġewwa Pariġi fl-20 ta' Ottubru 2005 (minn hawn 'il quddiem il-"Konvenzjoni tal-Unesco") lis-Segretarjat tal-Unesco ġewwa Pariġi sakemm il-Korea ma tkunx iddepożitat l-istrument tagħha ta' ratifika tal-Konvenzjoni tal-Unesco qabel l-iskambju tan-notifiki msemmi fil-paragrafi 2 jew 5.

4. In-notifiki għandhom jintbagħtu lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u lill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u l-Kummerċ tal-Korea, jew is-suċċessur tiegħu.

5. (a) Dan il-Ftehim għandu jiġi applikat b'mod proviżorju mill-ewwel jum tax-xahar wara d-data li fiha l-Parti tal-UE u l-Korea jkunu infurmaw lil xulxin dwar it-tlestija tal-proċeduri relevanti rispettivi tagħhom.

(b) F'każ li ċerti dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim ma jkunux jistgħu jiġu applikati provviżorjament, il-Parti li ma tkunx tista' tagħmel tali applikazzjoni provviżorja għandha tinforma lill-Parti l-oħra dwar id-dispożizzjonijiet li ma jkunux jistgħu jiġu applikati provviżorjament. Minkejja s-subparagrafu (a), bil-kundizzjoni li l-Parti l-oħra tkun lestiet il-proċeduri meħtieġa u ma toġġezzjonax għall-applikazzjoni provviżorja fi żmien 10 ijiem min-notifika li ċerti dispożizzjonijiet ma jistgħux jiġu applikati provviżorjament, id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim li ma jkunux ġew innotifikati għandhom jiġu applikati provviżorjament fl-ewwel jum tax-xahar wara n-notifika.

(c) Parti tista' ttemm applikazzjoni provviżorja b'avviż bil-miktub lill-Parti l-oħra. Terminazzjoni bħal din għandha tibda sseħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara n-notifika.

(d) Fejn dan il-Ftehim, jew ċerti dispożizzjonijiet tiegħu, jiġu applikati b'mod provviżorju, it-terminu "dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim" għandu jiġi mifhum li jfisser id-data tal-applikazzjoni provviżorja.

*Artikolu 15.11*

**Tul ta' Żmien**

1. Dan il-Ftehim għandu jkun validu għal żmien indefinit.

2. Kull Parti tista' tinforma bil-miktub lill-Parti l-oħra dwar il-ħsieb tagħha li tiddenunzja dan il-Ftehim.

3. Id-denunzja għandha tidħol fis-seħħ sitt xhur wara n-notifika skont il-paragrafu 2.

*Artikolu 15.12*

**Twettiq tal-Obbligi**

1. Il-Partijiet għandhom jieħdu kwalunkwe miżura ġenerali jew speċifika li tkun meħtieġa sabiex iwettqu l-obbligi tagħhom skont dan il-Ftehim. Huma għandhom jassiguraw li l-għanijiet stabbiliti f'dan il-Ftehim jintlaħqu.

2. Kull Parti tista' tieħu immedjatament miżuri xierqa skont id-dritt internazzjonali f'każ ta' denunzja ta' dan il-Ftehim li ma tkunx sanzjonata bir-regoli ġenerali tad-dritt internazzjonali.

*Artikolu 15.13*

**Annessi, Appendiċi, Protokolli u Noti**

L-Annessi, l-Appendiċi, il-Protokolli u n-Noti għal dan il-Ftehim għandhom jiffurmaw parti integrali minnu.

*Artikolu 15.14*

**Relazzjoni ma' Ftehimiet Oħra**

1. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, il-ftehimiet preċedenti bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u/jew il-Komunità Ewropea u/jew l-Unjoni Ewropea u l-Korea ma jiġux sostitwiti jew mitmuma b'dan il-Ftehim.

2. Il-Ftehim preżenti għandu jkun parti integrali mir-relazzjonijiet bilaterali ġenerali kif regolati mill-Ftehim Qafas. Dan jikkostitwixxi Ftehim speċifiku li jagħti effett lid-dispożizzjonijiet kummerċjali fit-tifsira tal-Ftehim Qafas.

3. Il-Protokoll dwar l-Assistenza Amministrattiva Reċiproka fi Kwistjonijiet Doganali jieħu post il-Ftehim Doganali fir-rigward tad-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw l-assistenza amministrattiva reċiproka.

4. Il-Partijiet jaqblu li xejn f'dan il-Ftehim ma jeħtieġ li huma jaġixxu b'mod li ma jkunx konsistenti mal-obbligi tagħhom skont il-Ftehim tad-WTO.

*Artikolu 15.15*

**Applikazzjoni Territorjali**

1. Dan il-Ftehim għandu japplika, minn naħa waħda, għat-territorji li fihom jiġu applikati t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u bil-kundizzjonijiet stipulati f'dawk it-Trattati, u, min-naħa l-oħra, għat-territorju tal-Korea. Ir-referenzi għal "territorju" f'dan il-Ftehim għandhom jiġu mifhuma f'dan is-sens, sakemm ma jkunx iddikjarat espliċitament mod ieħor.

2. Rigward dawk id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw it-trattament tariffarju tal-oġġetti, dan il-Ftehim għandu japplika wkoll għal dawk iż-żoni tat-territorju doganali tal-UE li mhumiex koperti mill-paragrafu 1.

*Artikolu 15.16*

**Testi Awtentiċi**

Dan il-Ftehim għandu jkun imfassal f'żewġ kopji bil-lingwa Bulgara, Ċeka, Estonjana, Daniża, Olandiża, Ingliża, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ungeriża, Taljana, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Svediża u Koreana, kull wieħed minn dawn it-testi ugwalment awtentiċi.

Съставено в Брюксел на шести октомври две хиляди и десета година.

Hecho en Bruselas, el seis de octubre de dos mil diez.

V Bruselu dne šestého října dva tisíce deset.

Udfærdiget i Bruxelles den sjette oktober to tusind og ti.

Geschehen zu Brüssel am sechsten Oktober zweitausendzehn.

Kahe tuhande kümnenda aasta oktoobrikuu kuuendal päeval Brüsselis.

Έγινε στις Βρυξέλλες, στις έξι Οκτωβρίου δύο χιλιάδες δέκα.

Done at Brussels on the sixth day of October in the year two thousand and ten.

Fait à Bruxelles, le six octobre deux mille dix.

Fatto a Bruxelles, addì sei ottobre duemiladieci.

Briselē, divi tūkstoši desmitā gada sestajā oktobrī.

Priimta du tūkstančiai dešimtų metų spalio šeštą dieną Briuselyje.

Kelt Brüsszelben, a kétezer-tizedik év október hatodik napján.

Magħmul fi Brussell, fis-sitt jum ta' Ottubru tas-sena elfejn u għaxra.

Gedaan te Brussel, de zesde oktober tweeduizend tien.

Sporządzono w Brukseli dnia szóstego października roku dwa tysiące dziesiątego.

Feito em Bruxelas, em seis de Outubro de dois mil e dez.

Întocmit la Bruxelles, la șase octombrie două mii zece.

V Bruseli dňa šiesteho októbra dvetisícdesať.

V Bruslju, dne šestega oktobra leta dva tisoč deset.

Tehty Brysselissä kuudentena päivänä lokakuuta vuonna kaksituhattakymmenen.

Som skedde i Bryssel den sjätte oktober tjugohundratio.

2010년 10월 6일 브뤼셀에서 작성되었다.

Voor het Koninkrijk België
Pour le Royaume de Belgique
Für das Königreich Belgien



Deze handtekening verbindt eveneens de Vlaamse Gemeenschap, de Franse Gemeenschap, de Duitstalige Gemeenschap, het Vlaamse Gewest, het Waalse Gewest en het Brussels Hoofdstedelijk Gewest.

Cette signature engage également la Communauté française, la Communauté flamande, la Communauté germanophone, la Région wallonne, la Région flamande et la Région de Bruxelles-Capitale.

Diese Unterschrift bindet zugleich die Deutschsprachige Gemeinschaft, die Flämische Gemeinschaft, die Französische Gemeinschaft, die Wallonische Region, die Flämische Region und die Region Brüssel-Hauptstadt.

За Република България



Za Českou republiku



På Kongeriget Danmarks vegne



Für die Bundesrepublik Deutschland



Eesti Vabariigi nimel



Thar cheann Na hÉireann
For Ireland



Για την Ελληνική Δημοκρατία



Por el Reino de España



Pour la République française



Per la Repubblica italiana



Για την Κυπριακή Δημοκρατία



Latvijas Republikas vārdā –



Lietuvos Respublikos vardu



Pour le Grand-Duché de Luxembourg



A Magyar Köztársaság részéről



Għal Malta



Voor het Koninkrijk der Nederlanden



Für die Republik Österreich



W imieniu Rzeczypospolitej Polskiej



Pela República Portuguesa



14.5.2011 MT Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 127/79

Pentru România



Za Republiko Slovenijo



Za Slovenskú republiku



Suomen tasavallan puolesta
För Republiken Finland



För Konungariket Sverige



For the United Kingdom of Great Britain and Northern Ireland



За Европейския съюз
Por la Unión Europea
Za Evropskou unii
For Den Europæiske Union
Für die Europäische Union
Euroopa Liidu nimel
Για την Ευρωπαϊκή Ένωση
For the European Union
Pour l'Union européenne
Per l'Unione europea
Eiropas Savienības vārdā –
Europos Sajungos vardu
Az Európai Unió részéről
Għall-Unjoni Ewropea
Voor de Europese Unie
W imieniu Unii Europejskiej
Pela União Europeia
Pentru Uniunea Europeană
Za Európske úniu
Za Evropsko unijo
Euroopan unionin puolesta
För Europeiska unionen





대한민국을 위하여



## LISTA TA' ANNESSI

| | |
|---|---|
| 9506 99 90 | – – – Oħrajn | 2,7 | 0 | |
| 9507 | Qasab tas-sajd, snanar u tagħmir ieħor tas-sajd bil-lenza; xbieki biex jittella' l-ħut, xbieki għall-friefet u xbieki simili; "għasafar" tan-nasba (ħlief dawk ta' intestatura 9208 jew 9705) u rekwiżiti simili tal-kaċċa jew tal-isparar | | | |
| 9507 10 00 | – Qasab tas-sajd | 3,7 | 0 | |
| 9507 20 | – Snanar tas-sajd, kemm jekk imlanżtin (snelled) kif ukoll jekk le | | | |
| 9507 20 10 | – – Snanar tas-sajd, mhux imlanżtin (snelled) | 1,7 | 0 | |
| 9507 20 90 | – – Oħrajn | 3,7 | 0 | |
| 9507 30 00 | – Rkiekel tas-sajd | 3,7 | 0 | |
| 9507 90 00 | – Oħrajn | 3,7 | 0 | |
| 9508 | Karużelli (roundabouts), bandli, kmamar (galleries) tal-isparar u divertiment ieħor tal-fieri; ċirkli u wirjiet ta' annimali li jiġru minn post għal ieħor; teatri li jiġru minn post għal ieħor | | | |
| 9508 10 00 | – Ċirkli u wirjiet ta' annimali li jiġru minn post għal ieħor | 1,7 | 0 | |
| 9508 90 00 | – Oħrajn | 1,7 | 0 | |
| 96 | KAPITOLU 96 - DIVERSI OĠĠETTI MANIFATTURATI | | | |
| 9601 | Avorju, għadam, qoxra tal-fekruna, qrun, qrejjen imsaġġrin, qroll, madreperla u materjal ieħor ta' annimali għat-tinqix maħdum, u oġġetti ta' dawn il-materjali (inklużi oġġetti magħmulin bil-forma) | | | |
| 9601 10 00 | – Avorju maħdum u oġġetti tal-avorju | 2,7 | 0 | |
| 9601 90 | – Oħrajn | | | |
| 9601 90 10 | – – Qroll maħdum (naturali jew agglomerat), u oġġetti tal-qroll | B'xejn | 0 | |
| 9601 90 90 | – – Oħrajn | B'xejn | 0 | |
| 9602 00 00 | Materjal tat-tinqix veġetali jew minerali maħdum u oġġetti ta' dawn il-materjali; oġġetti magħmulin bil-forma jew minquxin ta' xemgħa, ta' stearina, ta' gomom naturali jew ta' rażi naturali jew ta' pasti tal-immudellar, u oġġetti oħrajn magħmulin bil-forma jew minquxin, mhux speċifikati jew inklużi band'oħra; ġelatina maħduma, mhux imwebbsa (ħlief ġelatina ta' intestatura 3503) u oġġetti ta' ġelatina mhux imwebbsa | 2,2 | 0 | |

| NM2007 | Deskrizzjoni | Rata Bażi | Kategorija tal-Fażi | Prezz tad-Dħul |
|---|---|---|---|---|
| 9603 | Xkupi, pniezel (inklużi pniezel li jagħmlu parti minn magni, tagħmir jew vetturi), kenniesa tal-art mekkaniċi mħaddmin bl-idejn, mingħajr mutur, moppijiet u pniezel tat-tfarfir tar-rix; għoqod u trofof imħejjijin għall-manifattura ta' xkupi jew pniezel; pads u rombli taż-żebgħa; squeegees (ħlief squeegees bir-romblu) | | | |
| 9603 10 00 | – Xkupi u pniezel, magħmulin minn zkuk irqaq jew minn materjali veġetali oħrajn marbutin flimkien, b'manek jew mingħajrhom | 3,7 | 0 | |
| | – Xkupilji tas-snien, pniezel tal-leħja, xkupilji tax-xagħar, xkupilji tad-dwiefer, pniezel tax-xagħar tal-għajnejn u xkupilji oħrajn tat-twaletta għal użu fuq il-persuna, inklużi dawk l-ixkupilji li jagħmlu parti minn tagħmir | | | |
| 9603 21 00 | – – Xkupilji tas-snien, inklużi xkupilji għad-dentaturi | 3,7 | 0 | |
| 9603 29 | – – Oħrajn | | | |
| 9603 29 30 | – – – Xkupilji tax-xagħar | 3,7 | 0 | |
| 9603 29 80 | – – – Oħrajn | 3,7 | 0 | |
| 9603 30 | – Pniezel tal-pittura, pniezel tal-kitba u pniezel simili għall-applikazzjoni tal-kosmetiċi | | | |
| 9603 30 10 | – – Pniezel tal-pittura u tal-kitba | 3,7 | 0 | |
| 9603 30 90 | – – Pniezel għall-applikazzjoni ta' kosmetiċi | 3,7 | 0 | |
| 9603 40 | – Pniezel għaż-żebgħa, distempra, verniċ jew bħalhom (ħlief pniezel ta' subintestatura 9603 30); pads u rombli għaż-żebgħa | | | |
| 9603 40 10 | – – Pniezel għaż-żebgħa, distempra, verniċ jew bħalhom | 3,7 | 0 | |
| 9603 40 90 | – – Pads u rombli għaż-żebgħa | 3,7 | 0 | |
| 9603 50 00 | – Xkupilji oħrajn li jagħmlu parti minn magni, tagħmir jew vetturi | 2,7 | 0 | |
| 9603 90 | – Oħrajn | | | |
| 9603 90 10 | – – Kenniesa tal-art mekkaniċi mħaddmin bl-idejn, mingħajr mutur | 2,7 | 0 | |
| | – – Oħrajn | | | |
| 9603 90 91 | – – – Xkupi għall-knis tat-triq; xkupi u xkupilji ta' tip għal użu fid-dar, inklużi xkupilji taż-żraben u xkupilji tal-ħwejjeġ; xkupilji biex wieħed inaddaf l-annimali | 3,7 | 0 | |
| 9603 90 99 | – – – Oħrajn | 3,7 | 0 | |
| 9604 00 00 | Passaturi tal-idejn u għeriebel tal-idejn | 3,7 | 0 | |
| 9605 00 00 | Settijiet tal-ivvjaġġar għat-twaletta personali, tal-ħjata jew għat-tindif taż-żraben jew tal-ħwejjeġ | 3,7 | 0 | |
| 9606 | Buttuni, molol bil-pressa, molol jingħafsu u buttuni bil-pressa, forom tal-buttuni u bċejjeċ oħrajn ta' dawn l-oġġetti; buttuni mhux maħdumin (blanks) | | | |

| NM2007 | Deskrizzjoni | Rata Bażi | Kategorija tal-Fażi | Prezz tad-Dhul |
|---|---|---|---|---|
| 9606 10 00 | – Molol bil-pressa, molol jingħafsu u buttuni bil-pressa u bċejjeċ għalihon | 3,7 | 0 | |
| | – Buttuni | | | |
| 9606 21 00 | – – Ta' plastiks, mhux miksijin b'materjal tessili | 3,7 | 0 | |
| 9606 22 00 | – – Ta' metall ta' valur baxx, mhux miksijin b'materjal tessili | 3,7 | 0 | |
| 9606 29 00 | – – Oħrajn | 3,7 | 0 | |
| 9606 30 00 | – Forom tal-buttuni u bċejjeċ oħrajn ta' buttuni; buttuni mhux maħdumin (blanks) | 2,7 | 0 | |
| 9607 | Żippijiet u bċejjeċ tagħhom | | | |
| | – Żippijiet | | | |
| 9607 11 00 | – – Mgħammrin bi snien ikkatenati ta' metall ta' valur baxx | 6,7 | 0 | |
| 9607 19 00 | – – Oħrajn | 7,7 | 3 | |
| 9607 20 | – Bċejjeċ | | | |
| 9607 20 10 | – – Ta' metall ta' valur baxx, inklużi strixxi dojoq immuntati bi snien ikkatenati ta' metall ta' valur baxx | 6,7 | 0 | |
| 9607 20 90 | – – Oħrajn | 7,7 | 3 | |
| 9608 | Pinen ballpoint; pinen u pinen għall-immarkar bil-ponta tal-feltru jew b'ponta poruża oħra; pinen (fountain pens), stilografi u pinen oħrajn; stilografi għall-immoltiplikar; lapsijiet li tista' tinbidlilhom il-ponta jew bil-ponta tiżżerżaq (sliding); tokok tal-pinen, tokok tal-lapsijiet u tokok simili; bċejjeċ (inklużi kapep u klipep) tal-oġġetti msemmija hawn fuq, ħlife dawk ta' intestatura 9609 | | | |
| 9608 10 | – Pinen ballpoint | | | |
| 9608 10 10 | – – B'linka likwida (pinen tat-tip rolling ball) | 3,7 | 0 | |
| | – – Oħrajn | | | |
| 9608 10 30 | – – – Bil-biċċa prinċipali jew bil-kappa ta' metall prezzjuż jew metall prezzjuż irrumblat | 3,7 | 0 | |
| | – – – Oħrajn | | | |
| 9608 10 91 | – – – – B'kontenitur (refill) li jista' jinbidel | 3,7 | 0 | |
| 9608 10 99 | – – – – Oħrajn | 3,7 | 0 | |
| 9608 20 00 | – Pinen u pinen għall-immarkar bil-ponta tal-feltru jew b'ponta poruża oħra | 3,7 | 0 | |
| | – Pinen (fountain pens), stilografi u pinen oħrajn | | | |
| 9608 31 00 | – – Pinen tal-iddisinnjar bil-linka Indjana | 3,7 | 0 | |
| 9608 39 | – – Oħrajn | | | |

| NM2007 | Deskrizzjoni | Rata Bażi | Kategorija tal-Fażi | Prezz tad-Dħul |
|---|---|---|---|---|
| 9608 39 10 | – – – Bil-biċċa prinċipali jew bil-kappa ta' metall prezzjuż jew metall prezzjuż irrumblat | 3,7 | 0 | |
| 9608 39 90 | – – – Oħrajn | 3,7 | 0 | |
| 9608 40 00 | – Lapsijiet li tista' tinbidlilhom il-ponta jew bil-ponta tiżżerżaq (sliding) | 3,7 | 0 | |
| 9608 50 00 | – Settijiet ta' oġġetti minn tnejn jew aktar tas-subintestaturi t'hawn fuq | 3,7 | 0 | |
| 9608 60 | – Kontenituri (refills) li jistgħu jinbidlu għall-bajrows, li fihom il-ponta bil-ballun u d-depożitu tal-linka | | | |
| 9608 60 10 | – – B'linka likwida (pinen tat-tip rolling ball) | 2,7 | 0 | |
| 9608 60 90 | – – Oħrajn | 2,7 | 0 | |
| | – Oħrajn | | | |
| 9608 91 00 | – – Ponot tal-pinen u truf tal-ponot | 2,7 | 0 | |
| 9608 99 | – – Oħrajn | | | |
| 9608 99 20 | – – – Ta' metall | 2,7 | 0 | |
| 9608 99 80 | – – – Oħrajn | 2,7 | 0 | |
| 9609 | Lapsijiet (ħlief lapsijiet ta' intestatura 9608), krejons, ċomb tal-lapsijiet, pastelli, karbonċini għad-disinnjar, ġibs għall-kitba jew għat-tpinġija u ġibs tal-ħajjata | | | |
| 9609 10 | – Lapsijiet u krejons, bil-faħam imdawwar ġo għant riġidu | | | |
| 9609 10 10 | – – Bil-"faħam" ta' grafita | 2,7 | 0 | |
| 9609 10 90 | – – Oħrajn | 2,7 | 0 | |
| 9609 20 00 | – Faħam tal-lapis, iswed jew ikkulurit | 2,7 | 0 | |
| 9609 90 | – Oħrajn | | | |
| 9609 90 10 | – – Pastelli u karbonċini għad-disinnjar | 2,7 | 0 | |
| 9609 90 90 | – – Oħrajn | 1,7 | 0 | |
| 9610 00 00 | Lavanji u bordijiet, b'uċuħ għall-kitba jew għad-disinnjar, fi gwarniċ jew le | 2,7 | 0 | |
| 9611 00 00 | Timbri tad-data, għas-siġill jew għan-numerar, u simili (inklużi mezzi għal stampar jew intaljar ta' tikketti), maħsubin biex jitħaddmu bl-idejn; kompożituri mħaddmin bl-idejn u settijiet tal-istampar bl-idejn li fihom stikek kompożituri tali | 2,7 | 0 | |
| 9612 | Żagarelli tat-tajprajter jew bħalhom, bil-linka jew imħejjijin mod ieħor biex jistampaw, fuq irkiekel jew fi skrataċ jew le; kuxxinetti tal-linka, bil-linka jew le, bil-kaxex jew le | | | |
| 9612 10 | – Żagarelli | | | |

| NM2007 | Deskrizzjoni | Rata Bażi | Kategorija tal-Fażi | Prezz tad-Dhul |
|---|---|---|---|---|
| 9612 10 10 | – – Ta' plastiks | 2,7 | 0 | |
| 9612 10 20 | – – Ta' fibri magħmulin mill-bniedem, wesgħin inqas minn 30 mm, imqegħdin b'mod permanenti ġo skrataċ tal-plastik jew tal-metall bħal dawk użati f'tajpwrajters awtomatiċi, f'tagħmir ta' ipproċessar ta' data awtomatiku u f'magni oħrajn | B'xejn | 0 | |
| 9612 10 80 | – – Oħrajn | 2,7 | 0 | |
| 9612 20 00 | – Kuxxinetti tal-linka | 2,7 | 0 | |
| 9613 | Lajters tas-sigarretti, kemm jekk mekkaniċi jew tal-elettriku, u bċejjeċ tagħhom ħlief żnied u ftejjel | | | |
| 9613 10 00 | – Lajters tal-but, li jixegħlu bil-gass, tat-tip li ma jerġgħux jimtlew | 2,7 | 0 | |
| 9613 20 | – Lajters tal-but, li jixegħlu bil-gass, jerġgħu jimtlew | | | |
| 9613 20 10 | – – B'sistema ta' tqabbid b'mod elettriku | 2,7 | 0 | |
| 9613 20 90 | – – B'sistema ta' tqabbid mod ieħor | 2,7 | 0 | |
| 9613 80 00 | – Lajters oħrajn | 2,7 | 0 | |
| 9613 90 00 | – parts | 2,7 | 0 | |
| 9614 00 | Pipi tat-tipjip (inklużi bwieqi tal-pipi) u bokkini tas-sigarri jew tas-sigarretti, u bċejjeċ tagħhom | | | |
| 9614 00 10 | – Blokok tal-għuda jew għeruq mhux raffinati, għall-manifattura ta' pipi | B'xejn | 0 | |
| 9614 00 90 | – Oħrajn | 2,7 | 0 | |
| 9615 | Imxat, klippijiet tax-xagħar u simili; furfiċetti, furfiċetti għan-nukklar, labar għan-nukklar, ċilindri żgħar għan-nukklar tax-xagħar u simili, ħlief dawk ta' intestatura 8516, u bċejjeċ tagħhom | | | |
| | – Imxat, klippijiet tax-xagħar u simili | | | |
| 9615 11 00 | – – Ta' lastiku iebes jew ta' plastiks | 2,7 | 0 | |
| 9615 19 00 | – – Oħrajn | 2,7 | 0 | |
| 9615 90 00 | – Oħrajn | 2,7 | 0 | |
| 9616 | Sprejs tal-fwieħa u sprejs simili tal-iġjene, u oġġetti sabiex dawn l-isprejs jitqegħdu fuqhom u rjus għalihom; puffs u kuxxinetti għat-terra għall-applikazzjoni ta' kosmetiċi jew preparazzjonijiet tal-iġjene | | | |
| 9616 10 | – Sprejs tal-fwieħa u sprejs simili tal-iġjene, u oġġetti sabiex dawn l-isprejs jitqegħdu fuqhom u rjus għalihom | | | |
| 9616 10 10 | – – Sprejs tal-iġjene | 2,7 | 0 | |
| 9616 10 90 | – – Oġġetti li dawn jitqegħdu fuqhom u rjus għalihom | 2,7 | 0 | |

| NM2007 | Deskrizzjoni | Rata Bażi | Kategorija tal-Fażi | Prezz tad-Dħul |
|---|---|---|---|---|
| 9616 20 00 | – Puffs u kuxxinetti għat-terra għall-applikazzjoni ta' kosmetiċi jew preparazzjonijiet tal-iġjene | 2,7 | 0 | |
| 9617 00 | Fliexken vakwu u reċipjenti vakwi oħrajn, li jiġu bil-kontenituri magħhom; bċejjeċ tagħhom ħlief interjuri tal-ħġieġ | | | |
| | – Fliexken vakwi u reċipjenti vakwi oħrajn, li jiġu bil-kontenituri magħhom, li jesgħu | | | |
| 9617 00 11 | – – Mhux aktar minn 0,75 litri | 6,7 | 0 | |
| 9617 00 19 | – – Aktar minn 0,75 litri | 6,7 | 0 | |
| 9617 00 90 | – Bċejjeċ (ħlief interjuri tal-ħġieġ) | 6,7 | 0 | |
| 9618 00 00 | Manikini tal-ħajjata u figure mudelli oħrajn; automata u oġġetti oħrajn animati għall-wiri użati biex iżejnu vetrini tal-ħwienet | 1,7 | 0 | |
| 97 | KAPITOLU 97 - XOGĦLIJIET TAL-ARTI, BĊEJJEĊ TAL-KOLLEZZJONI U ANTIKITAJIET | | | |
| 9701 | Pitturi, tpinġijiet u pastelli, magħmulin kompletament bl-idejn, ħlief tpinġijiet ta' intestatura 4906 u ħlief oġġetti manifatturati impittrin bl-idejn jew dekorati bl-idejn; collage u plakek dekorattivi simili | | | |
| 9701 10 00 | – Pitturi, tpinġijiet u pastelli | B'xejn | 0 | |
| 9701 90 00 | – Oħrajn | B'xejn | 0 | |
| 9702 00 00 | Inċiżjonijiet, stampi u litografi oriġinali | B'xejn | 0 | |
| 9703 00 00 | Skulturi u statwarji oriġinali, ta' kull materjal | B'xejn | 0 | |
| 9704 00 00 | Bolol postali u tat-taxxa, timbri tal-posta, bolol tal-ewwel jum tal-ħruġ, kartolerija postali (karti bil-bolol), u simili, użati jew mhux użati, ħlief dawk ta' intestatura 4907 | B'xejn | 0 | |
| 9705 00 00 | Kollezzjonijiet u bċejjeċ tal-kollezzjoni ta' interess żooloġiku, botaniku, tal-mineraloġija, anatomiku, storiku, arkeoloġiku, paleontoloġiku, etnografiku jew numismatiku | B'xejn | 0 | |
| 9706 00 00 | Antikitajiet ta' iktar minn mitt sena | B'xejn | 0 | |

*APPENDIĊI 2-A-1*

IL-KOREA

1. Dan l-Appendiċi japplika għat-TRQs previsti f'dan il-Ftehim u jistabbilixxi l-modifiki għall-Iskeda Tariffarja Armonizzata tal-Korea (minn hawn 'il quddiem "SAK") li tirrifletti t-TRQs li l-Korea għandha tapplika għal ċerti prodotti ta' oriġini taħt dan il-Ftehim. B'mod partikolari, il-prodotti ta' oriġini mill-Unjoni Ewropea inklużi f'dan l-Appendiċi għandhom ikunu suġġetti għar-rati tad-dazju stabbiliti f'dan l-Appendiċi minflok ir-rati tad-dazju speċifikati fil-Kapitoli 1 sa 97 tas-SAK. Minkejja kull dispożizzjoni oħra tas-SAK, il-prodotti ta' oriġini mill-Unjoni Ewropea fil-kwantitajiet deskritti f'dan l-Appendiċi għandhom jiġu importati fit-territorju tal-Korea kif stabbilit f'dan l-Appendiċi. Barra minn hekk, kull kwantità ta' prodotti ta' oriġini li jiġu importati mill-Unjoni Ewropea taħt TRQ prevista f'dan l-Appendiċi m'għandhiex tiġi magħduda mal-ammont tal-kwota ta' kwalunkwe TRQs previsti għal dawn il-prodotti fi bnadi oħra tas-SAK.

Sistema ta' Rkant għal Ċerti TRQs Previsti f'dan il-Ftehim

2. Il-Korea tista' tuża sistema ta' rkant, li t-termini tagħha għandhom jiġu stabbiliti mill-Partijiet bi ftehim reċiproku permezz ta' deċiżjoni tal-Kumitat dwar il-Kummerċ tal-Prodotti, sabiex tamministra u timplimenta t-TRQs previsti fil-paragrafi 6, 8, 10 u 11, sakemm jintlaħqu l-kundizzjonijiet fis-subparagrafu (a): [1]

(a) (i) Jekk inqas minn 95 fil-mija tal-kwantità tal-kwota ta' TRQ irkantata tiġi utilizzata f'sentejn jew tliet snin konsekuttivi, fuq talba bil-miktub tal-Unjoni Ewropea, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin fi ħdan il-Kumitat dwar il-Kummerċ ta' Prodotti rigward l-operat tas-sistema ta' rkant sabiex jiġu identifikati u indirizzati l-kawżi għal dan l-użu mhux komplut. Fil-konsultazzjonijiet, il-Partijiet għandhom jikkunsidraw il-kundizzjonijiet preżenti tas-suq;

(ii) Il-Partijiet għandhom jagħmlu l-konsultazzjonijiet meħtieġa fi żmien 30 jum mid-data tat-talba;

(iii) Il-Korea għandha timplimenta kull deċiżjoni fi ħdan il-Kumitat dwar il-Kummerċ ta' Prodotti, li l-Partijiet ikunu laħqu dwar il-mezzi sabiex jiffaċilitaw l-użu sħiħ tat-TRQ rkantata, fi żmien 60 jum mid-deċiżjoni jew sa data oħra li jkunu ftiehmu dwarha l-Partijiet; u

(iv) Il-Korea għandha tippermetti li prodotti ta' oriġini mill-Unjoni Ewropea jidħlu taħt it-TRQ rilevanti fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel, jekk isseħħ waħda minn dawn:

(A) il-Korea ma timplimentax deċiżjoni skont is-subparagrafu (a)(iii); jew

(B) il-konsultazzjonijiet msemmija fis-subparagrafu (a)(i) ma jwasslux għal deċiżjoni fi żmien 90 jum mid-data tat-talba għall-konsultazzjonijiet jew sa data oħra li jkunu ftiehmu dwarha l-Partijiet.

(b) Fuq talba bil-miktub minn kwalunkwe Parti, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw dwar kull materja relatata mal-applikazzjoni jew l-operat ta' dan il-paragrafu. Il-konsultazzjonijiet għandhom jibdew fi żmien 15-il jum tan-negozju mid-data li fiha l-Partijiet ikunu rċevew it-talba għall-konsultazzjonijiet, jew sa data oħra li jkunu ftiehmu dwarha l-Partijiet.

Sistema ta' Liċenzji għal Ċerti TRQs Previsti f'dan il-Ftehim

3. Il-Korea tista' tuża sistema ta' liċenzji sabiex tamministra u timplimenta t-TRQs previsti fil-paragrafi 7, 9, 11, 12, 13, 14 u 15, sakemm jintlaħqu l-kundizzjonijiet stabbiliti fis-subparagrafu (a). Il-Partijiet għandhom jiftiehmu fi ħdan il-Kumitat dwar il-Kummerċ ta' Prodotti rigward il-politiki u l-proċeduri għas-sistema ta' liċenzji, inkluża l-eliġibbiltà sabiex jiġu rċevuti l-kwantitajiet ta' TRQ, u kull bidla jew emenda għal dawn:

(a) (i) Jekk inqas minn 95 fil-mija tal-kwantità tal-kwota ta' TRQ tiġi utilizzata f'sentejn jew tliet snin konsekuttivi, fuq talba bil-miktub tal-Unjoni Ewropea, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw fi ħdan il-Kumitat dwar il-Kummerċ ta' Prodotti rigward l-operat tas-sistema ta' allokazzjoni sabiex jiġu identifikati u indirizzati l-kawżi għall-użu mhux komplut tal-kwantità tal-kwota. Fil-konsultazzjonijiet, il-Partijiet għandhom jikkunsidraw il-kundizzjonijiet preżenti tas-suq;

(ii) Il-Partijiet għandhom iwettqu l-konsultazzjonijiet fi żmien 30 jum mid-data tat-talba;

[1] It-termini tas-sistema ta' rkant għandha tinkludi dispożizzjonijiet għaċ-ċediment f'waqtu u għar-riallokazzjoni ta' liċenzji mhux użati, kif ukoll għall-penali, inkluż it-telfien ta' bonds ta' prestazzjoni, u għan-nuqqas li jiġu utilizzati jew ritornati liċenzji mhux użati.

(iii) Il-Korea għandha timplimenta kull deċiżjoni fil-Kumitat dwar il-Kummerċ ta' Prodotti, li l-Partijiet ikunu laħqu fil-konsultazzjonijiet dwar il-mezzi sabiex jiffaċilitaw l-użu sħiħ tat-TRQ, fi żmien 60 jum mid-data tad-deċiżjoni jew sa data oħra li l-Partijiet ikunu ftiehmu dwarha; u

(iv) Il-Korea għandha tippermetti li l-prodotti ta' oriġini mill-Unjoni Ewropea jidħlu taħt it-TRQ rilevanti fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel, jekk isseħħ waħda minn dawn li ġejjin:

(A) il-Korea ma timplimentax deċiżjoni skont is-subparagrafu (a)(iii); jew

(B) il-konsultazzjonijiet imsemmija fis-subparagrafu (a)(i) ma jwasslux għal deċiżjoni fi żmien 90 jum mid-data tat-talba għall-konsultazzjonijiet jew sa data oħra li jkunu ftiehmu dwarha l-Partijiet.

(b) Fuq it-talba bil-miktub minn waħda mill-Partijiet, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw dwar kwalunkwe materja relatata mal-applikazzjoni jew l-operat ta' dan il-paragrafu. Il-konsultazzjonijiet għandhom jibdew fi żmien 15-il jum tan-negozju mid-data li fiha l-Partijiet jirċievu t-talba għall-konsultazzjonijiet, jew sa data oħra li jkunu ftiehmu dwarha l-Partijiet.

Impriżi tal-Kummerċ Statali

4. Il-Korea tista' teħtieġ li prodott ta' oriġini mill-Unjoni Ewropea jiġi importat, mixtri jew imqassam fit-territorju tagħha permezz ta' Impriża tal-kummerċ statali biss jekk, u fuq dawn it-termini u kundizzjonijiet, il-Partijiet ikunu ftiehmu dwar dan.

Ħut ċatt

5. (a) Il-kwantità aggregata tal-prodotti ta' oriġini mill-Unjoni Ewropea deskritti fis-subparagrafu (c) li għandhom ikunu awtorizzati li jidħlu mingħajr dazju doganali f'sena partikolari qed tkun speċifikata hawn taħt:

| Sena | Kwantità (Tunnellati metriċi) |
|---|---|
| 1 | 800 |
| 2 | 800 |
| 3 | 864 |
| 4 | 933 |
| 5 | 1 008 |
| 6 | 1 088 |
| 7 | 1 175 |
| 8 | 1 269 |
| 9 | 1 371 |
| 10 | 1 481 |
| 11 | 1 599 |
| 12 | 1 727 |
| 13 | Mhux limitata |

Il-kwantitajiet għandhom jidħlu fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel.

(b) Id-dazji doganali fuq prodotti li jiddaħħlu 'l fuqmill-kwantitajiet elenkati fis-subparagrafu (a) għandhom jitneħħew skont il-kategorija tal-fażijiet "12-A" kif deskritt fil-paragrafu 1(o) tal-Anness 2-A.

(c) Is-subparagrafi (a) u (b) għandhom japplikaw għad-dispożizzjoni tas-SAK li ġejja: 0303.39.0000.

Ħalib jew trab tal-krema b'inqas minn 1.5 fil-mija xaħam u xorrox tal-butir,

Ħalib u trab tal-krema bil-ħlewwa u mingħajr ħlewwa b'iktar minn 1.5 fil-mija xaħam (trab tal-ħalib sħiħ)

Ħalib u krema (evaporat) bil-ħlewwa jew bla ħlewwa u/jew mhux ikkonċentrat

6. (a) Il-kwantità aggregata tal-prodotti ta' oriġini mill-Unjoni Ewropea deskritti fis-subparagrafu (c) li għandhom ikunu awtorizzati li jidħlu mingħajr dazju doganali f'sena partikolari hija speċifikata hawn taħt:

| Sena | Kwantità (Tunnellati metriċi) |
|---|---|
| 1 | 1 000 |
| 2 | 1 000 |
| 3 | 1 030 |
| 4 | 1 060 |
| 5 | 1 092 |
| 6 | 1 125 |
| 7 | 1 159 |
| 8 | 1 194 |
| 9 | 1 229 |
| 10 | 1 266 |
| 11 | 1 304 |
| 12 | 1 343 |
| 13 | 1 384 |
| 14 | 1 425 |
| 15 | 1 468 |
| 16 | 1 512 |

Wara s-sena 16, il-kwantità tal-kwota għandha tibqa' l-istess bħall-kwantità tas-sena 16. Il-Korporazzjoni tal-Kummerċ Agro-Sajd tal-Korea għandha tamministra dawn it-TRQs u talloka l-kwantità tal-kwota permezz ta' rkanti ta' kull erba' xhur (Diċembru, Marzu, Ġunju u Settembru).

(b) Id-dazji doganali fuq prodotti li jiddaħħlu 'l fuq mill-kwantitajiet elenkati fis-subparagrafu (a) għandhom ikunu ttrattati skont il-kategorija tal-fażijiet "E" kif deskritt fil-paragrafu 1(s) tal-Anness 2-A.

(c) Is-subparagrafi (a) u (b) għandhom japplikaw għad-dispożizzjonijiet tas-SAK li ġejjin: 0402.10.1010, 0402.10.1090, 0402.10.9000, 0402.21.1000, 0402.21.9000, 0402.29.0000, 0402.91.1000, 0402.91.9000, 0402.99.1000, 0402.99.9000 u 0403.90.1000.

Xorrox tal-ikel

7. (a) Il-kwantità aggregata tal-prodotti ta' oriġini mill-Unjoni Ewropea deskritti fis-subparagrafu (c) li għandhom ikunu awtorizzati jidħlu mingħajr dazju doganali f'sena partikolari hija speċifikata hawn taħt:

| Sena | Kwantità (Tunnellati metriċi) |
|---|---|
| 1 | 3 350 |
| 2 | 3 350 |
| 3 | 3 450 |
| 4 | 3 554 |
| 5 | 3 660 |
| 6 | 3 770 |
| 7 | 3 883 |
| 8 | 4 000 |
| 9 | 4 120 |
| 10 | 4 243 |
| 11 | Mhux limitata |

L-Assoċjazzjoni tal-Industriji tal-Ħalib tal-Korea għandha tamministra dawn it-TRQs u talloka l-kwantità tal-kwota għall-importaturi stabbiliti u dawk ġodda li jużaw sistema ta' liċenzji.

(b) Id-dazji doganali fuq prodotti li jiddaħħlu 'l fuq mill-kwantitajiet elenkati fis-subparagrafu (a) għandhom ikunu ttrattati skont il-kategorija tal-fażijiet "10-B" kif deskritt fil-paragrafu 1(n) tal-Anness 2-A.

(c) Is-subparagrafi (a) u (b) għandhom japplikaw għad-dispożizzjonijiet tas-SAK li ġejjin: 0404.10.1010, 0404.10.1090, 0404.10.2110, 0404.10.2120, 0404.10.2130, 0404.10.2190 u 0404.10.2900.

Butir u xaħmijiet u żjut oħra derivati mill-ħalib

8. (a) Il-kwantità aggregata tal-prodotti ta' oriġini mill-Unjoni Ewropea deskritti fis-subparagrafu (c) li għandhom ikunu awtorizzati jidħlu mingħajr dazju doganali f'sena partikolari hija speċifikata hawn taħt:

| Sena | Kwantità (Tunnellati metriċi) |
|---|---|
| 1 | 350 |
| 2 | 350 |
| 3 | 360 |
| 4 | 371 |
| 5 | 382 |
| 6 | 393 |
| 7 | 405 |
| 8 | 417 |
| 9 | 430 |
| 10 | 443 |
| 11 | Mhux limitata |

Il-Korporazzjoni għall-Kummerċ Agro-Sajd tal-Korea għandha tamministra dawn it-TRQs u talloka l-kwantità tal-kwota permezz ta' rkant, fi kwantità tal-kwota sħiħa tal-prodotti ta' oriġini tkun disponibbli matul l-ewwel irkant fis-sena, li jrid isir fl-ewwel xahar ta' kull sena. Kull kwantità mhux allokata fl-ewwel irkant għandha tkun disponibbli f'irkant sussegwenti fil-15-il jum tat-tielet xahar jew qabel, u fi rkantijiet oħra sussegwenti minn hemm 'il quddiem, fi żmien 45 jum mid-data tal-irkant preċedenti.

(b) Id-dazji doganali fuq prodotti li jiddaħħlu 'l fuq mill-kwantitajiet elenkati fis-subparagrafu (a) għandhom ikunu ttrattati skont il-kategorija tal-fażijiet "10" kif deskritt fil-paragrafu 1(g) tal-Anness 2-A.

(c) Is-subparagrafi (a) u (b) għandhom japplikaw għad-dispożizzjonijiet tas-SAK li ġejjin: 0405.10.0000 u 0405.90.0000.

Baqta friska mitħuna jew fi trab, ipproċessata, u l-ġobnijiet l-oħra kollha

9. (a) Il-kwantità aggregata tal-prodotti ta' oriġini mill-Unjoni Ewropea deskritti fis-subparagrafu (c) li għandhom ikunu awtorizzati jidħlu mingħajr dazju doganali f'sena partikolari hija speċifikata hawn taħt:

| Sena | Kwantità (Tunnellati metriċi) |
|---|---|
| 1 | 4 560 |
| 2 | 4 560 |
| 3 | 4 696 |
| 4 | 4 837 |
| 5 | 4 982 |
| 6 | 5 132 |
| 7 | 5 286 |
| 8 | 5 444 |
| 9 | 5 608 |
| 10 | 5 776 |
| 11 | 5 949 |
| 12 | 6 128 |
| 13 | 6 312 |
| 14 | 6 501 |
| 15 | 6 696 |
| 16 | Mhux limitata |

L-Assoċjazzjoni tal-Industriji tal-Ħalib tal-Korea għandha tamministra dawn it-TRQs u talloka l-kwantità tal-kwota għall-importaturi stabbiliti u ġodda permezz ta' sistema ta' liċenzji.

(b) Id-dazji doganali fuq prodotti li jiddaħħlu 'l fuq mill-kwantitajiet elenkati fis-subparagrafu (a) għandhom ikunu ttrattati skont il-kategorija tal-fażijiet "15" kif deskritt fil-paragrafu 1(j) tal-Anness 2-A.

(c) Is-subparagrafi (a) u (b) għandhom japplikaw għad-dispożizzjonijiet tas-SAK li ġejjin: 0406.10.1000, 0406.20.0000, 0406.30.0000 u 0406.90.0000 (0406.90.0000 tinkludi l-ġobon cheddar). Mill-bidu tas-sena 11, il-ġobon cheddar għandu jkun mingħajr dazju doganali u ma jkunx suġġett aktar għat-TRQs.

Għasel, naturali

10. (a) Il-kwantità aggregata tal-prodotti ta' oriġini mill-Unjoni Ewropea deskritti fis-subparagrafu (c) li għandhom ikunu awtorizzati jiddaħħlu mingħajr dazju doganali f'sena partikolari hija speċifikata hawn taħt:

| Sena | Kwantità (Tunnellati metriċi) |
|---|---|
| 1 | 50 |
| 2 | 50 |
| 3 | 51 |
| 4 | 53 |
| 5 | 54 |
| 6 | 56 |
| 7 | 57 |
| 8 | 59 |
| 9 | 61 |
| 10 | 63 |
| 11 | 65 |
| 12 | 67 |
| 13 | 69 |
| 14 | 71 |
| 15 | 73 |
| 16 | 75 |

Wara s-sena 16, il-kwantità tal-kwota għandha tibqa' l-istess bħall-kwantità tas-sena 16. Il-Korporazzjoni tal-Kummerċ Agro-Sajd tal-Korea għandha tamministra dawn it-TRQs u talloka l-kwantità tal-kwota permezz ta' rkantijiet ta' kull erba' xhur (Diċembru, Marzu, Ġunju u Settembru).

(b) Id-dazji doganali fuq prodotti li jiddaħħlu 'l fuq mill-kwantitajiet elenkati fis-subparagrafu (a) għandhom ikunu ttrattati skont il-kategorija tal-fażijiet "E" kif deskritt fil-paragrafu 1(s) tal-Anness 2-A.

(c) Is-subparagrafi (a) u (b) għandhom japplikaw għad-dispożizzjoni tas-SAK li ġejja: 0409.00.0000.

Larinġ

11. (a) Il-kwantità aggregata tal-prodotti ta' oriġini mill-Unjoni Ewropea deskritti fis-subparagrafu (c) li għandhom ikunu awtorizzati jiddaħħlu mingħajr dazju doganali f'sena partikolari hija speċifikata hawn taħt:

| Sena | Kwantità (Tunnellati metriċi) |
|---|---|
| 1 | 20 |
| 2 | 20 |
| 3 | 20 |
| 4 | 20 |
| 5 | 20 |
| 6 | 20 |
| 7 | 40 |
| 8 | 40 |
| 9 | 40 |
| 10 | 40 |
| 11 | 40 |
| 12 | 60 |

Wara s-sena 12, il-kwantità tal-kwota għandha tibqa' l-istess bħall-kwantità tas-sena 12.

Il-Korporazzjoni tal-Kummerċ Agro-Sajd tal-Korea għandha tamministra dawn it-TRQs u talloka l-kwantità tal-kwota permezz ta' rkant annwali fis-snin 1 sa 10 u, fil-bidu tas-sena 12, permezz ta' sistema ta' liċenzji ibbażata fuq konsenji storiċi matul l-iktar perjodu riċenti ta' tliet snin. Il-Korporazzjoni għandha tagħmel rkantijiet u talloka l-liċenzji tal-importazzjoni f'Awwissu ta' kull sena, filwaqt li l-importaturi għandhom ikunu awtorizzati jimportaw kwantitajiet mingħajr dazju mill-1 ta' Settembru sal-aħħar jum ta' Frar. Kull persuna jew entità, inkluż grupp ta' produtturi, reġistrata bħala importatur taħt l-Att dwar il-Kummerċ Barrani tal-Korea, għandha tkun eliġibbli sabiex tapplika u tiġi kkunsidrata għall-allokazzjoni tal-kwantitajiet bla dazju.

(b) Id-dazji doganali fuq prodotti li jiddaħħlu 'l fuq mill-kwantitajiet elenkati fis-subparagrafu (a) għandhom ikunu ttrattati skont il-kategorija tal-fażijiet "S-B" kif deskritt fil-paragrafu 1(r) tal-Anness 2-A.

(c) Is-subparagrafi (a) u (b) għandhom japplikaw għad-dispożizzjoni tas-SAK li ġejja: 0805.10.0000.

Xgħir u barli tax-xgħir tal-maltu

12. (a) Il-kwantità aggregata tal-prodotti ta' oriġini mill-Unjoni Ewropea deskritti fis-subparagrafu (c) li għandhom ikunu awtorizzati jidħlu mingħajr dazju doganali f'sena partikolari hija speċifikata hawn taħt:

| Sena | Kwantità (Tunnellati metriċi) |
|---|---|
| 1 | 10 000 |
| 2 | 10 000 |
| 3 | 10 800 |
| 4 | 11 600 |
| 5 | 12 400 |
| 6 | 12 772 |
| 7 | 13 155 |
| 8 | 13 549 |
| 9 | 13 956 |
| 10 | 14 375 |
| 11 | 14 806 |
| 12 | 15 250 |
| 13 | 15 707 |
| 14 | 16 179 |
| 15 | 16 664 |
| 16 | Mhux limitata |

Il-Korporazzjoni tal-Kummerċ Agro-Sajd tal-Korea għandha tamministra l-liċenzji għal dawn it-TRQs li jibdew mill-ewwel jum ta' xogħol tal-ewwel xahar ta' kull sena fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel, bi tweġiba għall-applikazzjonijiet bil-miktub li din tkun irċeviet. Bejn l-ewwel jum tan-negozju u l-aħħar jum tal-ewwel xahar, jekk il-kwantità aggregata ta' TRQ mitluba mill-applikanti tkun iżjed mill-kwantità totali ta' TRQ għal dik is-sena, il-Korporazzjoni għandha talloka l-kwantitajiet ta' TRQ bejn l-applikanti fuq bażi *pro rata*.

Jekk il-kwantità aggregata ta' TRQ mitluba matul l-ewwel xahar tkun inqas mill-kwantità aggregata ta' TRQ għas-sena, il-Korporazzjoni għandha tkompli talloka t-TRQ, fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel, sal-aħħar tas-sena. Kull liċenzja li l-Korporazzjoni toħroġ lil applikant għandha tkun valida għal 90 jum mid-data tal-ħruġ, filwaqt li liċenzji mhux użati għandhom jiġu ċeduti lill-Korporazzjoni meta jiskadi l-perjodu ta' 90 jum, u l-Korporazzjoni għandha talloka mill-ġdid il-kwantitajiet mhux użati lill-applikanti, fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel, fi żmien 45 jum mid-data li fiha l-liċenzji jkunu ġew ċeduti.

(b) Id-dazji doganali fuq prodotti li jiddaħħlu 'l fuq mill-kwantitajiet elenkati fis-subparagrafu (a) għandhom ikunu ttrattati skont il-kategorija tal-fażijiet "15" kif deskritt fil-paragrafu 1(j) tal-Anness 2-A.

(c) Is-subparagrafi (a) u (b) għandhom japplikaw għad-dispożizzjonijiet tas-SAK li ġejjin: 1003.00.1000 u 1107.10.0000.

Ħalib xott ippreparat u ta' xorta oħra

13. (a) Il-kwantità aggregata tal-prodotti ta' oriġini mill-Unjoni Ewropea deskritti fis-subparagrafu (c) li għandhom ikunu awtorizzati jidħlu mingħajr dazju doganali f'sena partikolari hija speċifikata hawn taħt:

| Sena | Kwantità (Tunnellati metriċi) |
|---|---|
| 1 | 450 |
| 2 | 450 |
| 3 | 463 |
| 4 | 477 |
| 5 | 491 |
| 6 | 506 |
| 7 | 521 |
| 8 | 537 |
| 9 | 553 |
| 10 | 570 |
| 11 | Mhux limitata |

L-Assoċjazzjoni tal-Industriji tal-Ħalib tal-Korea għandha tamministra dawn it-TRQs u talloka l-kwantità tal-kwota lill-importaturi stabbiliti u ġodda permezz ta' sistema ta' liċenzji.

(b) Id-dazji doganali fuq prodotti li jiddaħħlu 'l fuq mill-kwantitajiet elenkati fis-subparagrafu (a) għandhom ikunu ttrattati skont il-kategorija tal-fażijiet "10" kif deskritt fil-paragrafu 1(g) tal-Anness 2-A.

(c) Is-subparagrafi (a) u (b) għandhom japplikaw għad-dispożizzjonijiet tas-SAK li ġejjin: 1901.10.1010 u 1901.10.1090.

Għalf supplimentari, annimali

14. (a) Il-kwantità aggregata tal-prodotti ta' oriġini mill-Unjoni Ewropea deskritti fis-subparagrafu (c) li għandhom ikunu awtorizzati jidħlu mingħajr dazju doganali f'sena partikolari hija speċifikata hawn taħt:

| Sena | Kwantità (Tunnellati metriċi) |
|---|---|
| 1 | 5 500 |
| 2 | 5 500 |
| 3 | 5 665 |
| 4 | 5 834 |
| 5 | 6 009 |
| 6 | 6 190 |
| 7 | 6 376 |
| 8 | 6 567 |
| 9 | 6 764 |
| 10 | 6 967 |
| 11 | 7 176 |
| 12 | 7 391 |
| 13 | Mhux limitata |

L-Assoċjazzjoni tal-Ingredjenti tal-Għalf tal-Korea u l-Assoċjazzjoni tas-Sostitut tal-Ħalib għall-Għalf tal-Korea għandhom jamministraw dawn it-TRQs u jallokaw il-kwantità tal-kwota permezz ta' sistemi ta' liċenzji. Dawn it-TRQs għandhom jiġu allokati fuq il-bażi tal-ammont tal-prodotti ta' oriġini deskritti fis-subparagrafu (c), li jiġu importati mill-applikanti matul il-perjodu ta' 24 xahar li jiġu immedjatament qabel is-sena li għaliha tkun ingħatat il-liċenzja u l-kwantità ta' prodotti ta' oriġini tkun intalbet mill-applikanti għal dik is-sena.

(b) Id-dazji doganali fuq prodotti li jiddaħħlu 'l fuq mill-kwantitajiet elenkati fis-subparagrafu (a) għandhom ikunu ttrattati skont il-kategorija tal-fażijiet "12" kif deskritt fil-paragrafu 1(h) tal-Anness 2-A.

(c) Is-subparagrafi (a) u (b) għandhom japplikaw għad-dispożizzjonijiet tas-SAK li ġejjin: 2309.90.2010, 2309.90.2020, 2309.90.2099 u 2309.90.9000.

Destrini

15. (a) Il-kwantità aggregata tal-prodotti ta' oriġini mill-Unjoni Ewropea deskritti fis-subparagrafu (c) li għandhom ikunu awtorizzati jidħlu mingħajr dazju doganali f'sena partikolari hija speċifikata hawn taħt:

| Sena | Kwantità (Tunnellati metriċi) |
|---|---|
| 1 | 28 000 |
| 2 | 28 000 |
| 3 | 30 500 |
| 4 | 33 000 |
| 5 | 35 000 |
| 6 | 36 050 |
| 7 | 37 131 |
| 8 | 38 245 |
| 9 | 39 392 |
| 10 | 40 574 |
| 11 | 41 791 |
| 12 | 43 045 |
| 13 | Mhux limitata |

Il-Korporazzjoni tal-Kummerċ Agro-Sajd tal-Korea għandha tamministra l-liċenzji għal dawn it-TRQs li jibdew fl-ewwel jum tan-negozju tal-ewwel xahar ta' kull sena fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel, bi tweġiba għall-applikazzjonijiet bil-miktub li din tkun irċeviet. Bejn l-ewwel jum tan-negozju u l-aħħar jum tal-ewwel xahar ta' kull sena, jekk il-kwantità aggregata ta' TRQ mitluba mill-applikanti tkun iżjed mill-kwantità totali ta' TRQ għal dik is-sena, il-Korporazzjoni għandha talloka l-kwantitajiet ta' TRQ bejn l-applikanti fuq bażi *pro rata*.

Jekk il-kwantità aggregata ta' TRQ mitluba matul l-ewwel xahar tkun inqas mill-kwantità aggregata ta' TRQ għas-sena, il-Korporazzjoni għandha tkompli talloka t-TRQ, fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel, sal-aħħar tas-sena. Kull liċenzja li l-Korporazzjoni toħroġ lil applikant għandha tkun valida għal 90 jum mid-data tal-ħruġ, filwaqt li liċenzji mhux użati għandhom jiġu ċeduti lill-Korporazzjoni meta jiskadi l-perjodu ta' 90 jum, u l-Korporazzjoni għandha talloka mill-ġdid il-kwantitajiet mhux użati lill-applikanti, fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel, fi żmien 45 jum mid-data li l-liċenzji jkunu ġew ċeduti.

(b) Id-dazji doganali fuq prodotti li jiddaħħlu 'l fuq mill-kwantitajiet elenkati fis-subparagrafu (a) għandhom ikunu ttrattati skont il-kategorija tal-fażijiet "12" kif deskritt fil-paragrafu 1(h) tal-Anness 2-A.

(c) Is-subparagrafi (a) u (b) għandhom japplikaw għad-dispożizzjonijiet tas-SAK li ġejjin: 3505.10.4010, 3505.10.4090, 3505.10.5010 u 3505.10.5090.

*APPENDIĊI 2-A-2*

IL-PARTI TAL-UE

1. Dan l-Appendiċi jistabbilixxi l-modifiki għall-iskema tal-prezz ta' dħul li l-parti tal-UE tapplika għal ċertu frott u ħaxix skont it-Tariffa Doganali Komuni prevista fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1031/2008 tad-19 ta' Settembru 2008 (u l-atti sussegwenti) u l-Iskeda CXL tad-WTO tal-UE. B'mod partikolari, il-prodotti li joriġinaw mill-Korea inklużi f'dan l-Appendiċi għandhom ikunu suġġetti għall-iskema tal-prezz ta' dħul stabbilita f'dan l-Appendiċi minflok l-iskema tal-prezz ta' dħul speċifikata fit-Tariffa Doganali Komuni prevista fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1031/2008 tad-19 ta' Settembru 2008 (u l-atti sussegwenti) u l-Iskeda CXL tad-WTO tal-UE.

2. Għall-prodotti li joriġinaw mill-Korea li għalihom l-Unjoni Ewropea tapplika l-iskema tal-prezz ta' dħul tagħha skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1031/2008 tad-19 ta' Settembru 2008 u l-Iskeda CXL tad-WTO tal-UE, id-dazji doganali *ad valorem* fuq dawn il-prodotti għandhom jitneħħew skont il-kategoriji ta' organizzazzjoni kif stabbilit fl-Iskeda tal-Unjoni Ewropea inkluża fl-Anness 2-A.

3. Id-dazji doganali speċifiċi previsti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1549/2006 tas-17 ta' Ottubru 2006 fuq il-prodotti taħt il-paragrafu 2 m'għandhomx ikunu suġġetti għall-eliminazzjoni tad-dazji doganali skont il-kategoriji ta' organizzazzjoni kif stabbilit fl-Iskeda tal-Unjoni Ewropea inkluża fl-Anness 2-A. Minflok, id-dazji għandhom:

   (a) ikunu eliminati kompletament meta jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim għall-prodotti li ġejjin:

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni |
|---|---|
| 0707 00 05 | Ħjar, frisk jew imkessaħ |
| 0808 20 50 | Lanġas frisk (esklużi lanġas tal-perry, fi kwantità, mill-1 ta' Awwissu sal-31 ta' Diċembru) |
| 0809 20 05 | Ċirasa qarsa "Prunus cerasus" friska |
| 0809 20 95 | Ċirasa friska (eskluż ċirasa qarsa "Prunus cerasus") |
| 2009 61 10 | Meraq tal-għeneb, inkluż għeneb magħsur qabel jeħmer, mhux iffermentat, b'valur Brix <= 30 f'temperatura ta' 20 °C, b'valur ta' > 18 € għal kull 100 kg, kemm jekk fih zokkor jew materjal ieħor li jagħti togħma ħelwa kif ukoll jekk le (ħlief jekk fih l-ispirtu) |
| 2009 69 19 | Meraq tal-għeneb, inkluż għeneb magħsur qabel jeħmer, mhux iffermentat, b'valur Brix > 67 f'temperatura ta' 20 °C, b'valur ta' > 22 € għal kull 100 kg, kemm jekk fih zokkor jew materjal ieħor li jagħti togħma ħelwa kif ukoll jekk le (ħlief jekk fih l-ispirtu) |
| 2009 69 51 | Meraq tal-għeneb, inkluż għeneb magħsur qabel jeħmer, mhux iffermentat, b'valur Brix > 30 iżda <= 67 f'temperatura ta' 20 °C, b'valur ta' > 18 € għal kull 100 kg, kemm jekk fih zokkor jew materjal ieħor li jagħti togħma ħelwa kif ukoll jekk le (ħlief jekk fih l-ispirtu) |
| 2009 69 59 | Meraq tal-għeneb, inkluż għeneb magħsur qabel jeħmer, mhux iffermentat, b'valur > 30 iżda <= 67 f'temperatura ta' 20 °C, b'valur ta' > 18 € għal kull 100 kg, kemm jekk fih zokkor jew materjal ieħor li jagħti togħma ħelwa kif ukoll jekk le (ħlief jekk ikkonċentrat jew fih l-ispirtu) |
| 2204 30 92 | Meraq tal-għeneb, mhux iffermentat, ikkonċentrat fit-tifsira tan-Nota Addizzjonali 7 għall-kapitolu 22, b'densità ta' <= 1,33 g/ċm$^3$ f'temperatura ta' 20 °C u ta' qawwa alkoħolika attwali skont il-volum <= 1 % vol iżda > 0,5 % vol (ħlief għeneb magħsur qabel jeħmer li l-fermentazzjoni tiegħu tkun ġiet imwaqqfa biż-żieda tal-alkoħol) |
| 2204 30 94 | Għeneb magħsur qabel jeħmer, mhux iffermentat, mhux ikkonċentart, b'densità ta' <= 1,33 g/ċm$^3$ f'temperatura ta' 20 °C u ta' qawwa alkoħolika attwali skont il-volum <= 1 % vol iżda > 0,5 % vol (ħlief għeneb magħsur qabel jeħmer li l-fermentazzjoni tiegħu tkun twaqqfet biż-żjieda tal-alkoħol) |
| 2204 30 96 | Għeneb magħsur qabel jeħmer, mhux iffermentat, ikkonċentrat fit-tifsira tan-Nota Addizzjonali 7 għall-kapitolu 22, b'densità ta' > 1,33 g/ċm$^3$ f'temperatura ta' 20 °C u ta' qawwa alkoħolika attwali skont il-volum <= 1 % vol iżda > 0,5 % vol (ħlief għeneb magħsur qabel jeħmer li l-fermentazzjoni tiegħu tkun twaqqfet biż-żjieda tal-alkoħol) |
| 2204 30 98 | Għeneb magħsur qabel jeħmer, mhux iffermentat, mhux ikkonċentrat, b'densità ta' > 1,33 g/ċm$^3$ f'temperatura ta' 20 °C u ta' qawwa alkoħolika attwali skont il-volum <= 1 % vol iżda > 0,5 % vol (ħlief għeneb magħsur qabel jeħmer li l-fermentazzjoni tiegħu tkun twaqqfet biż-żjieda tal-alkoħol) |

(b) ikunu eliminati għall-prodotti li ġejjin skont l-iskeda li ġejja:

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Eliminazzjoni fi |
|---|---|---|
| 0709 90 70 | Zukkini friski jew imkessħa | l-ewwel jum tas-sena 5 |
| 0709 90 80 | Qaqoċċ frisk jew imkessaħ | l-ewwel jum tas-sena 10 |
| 0805 20 10 | Klementini friski jew imnixxfa | l-ewwel jum tas-sena 15 |
| 0805 20 50 | Mandarini u wilkings friski jew imnixxfa | l-ewwel jum tas-sena 15 |
| 0805 20 70 | Mandolin frisk jew imnixxef | l-ewwel jum tas-sena 15 |
| 0805 20 90 | Tangelos, ortaniques, malaquinas u ibridi taċ-ċitru simili friski jew imnixxfin (ħlief il-klementini, il-monreales, is-satsumas, il-mandarini, il-wilkings u l-mandolin) | l-ewwel jum tas-sena 15 |
| 0805 50 10 | Lumi frisk jew imnixxef "Citrus limon, Citrus limonum" | l-ewwel jum tas-sena 2 |
| 0806 10 10 | Għeneb tal-mejda frisk | l-ewwel jum tas-sena 17 |
| 0808 10 80 | Tuffieħ frisk (ħlief it-tuffieħ tas-sidru, fi kwantità, mis-16 ta' Settembru sal-15 ta' Diċembru) | l-ewwel jum tas-sena 10/20 ([1]) |
| 0809 10 00 | Berquq frisk | l-ewwel jum tas-sena 7 |
| 0809 30 10 | Nuċiprisk frisk | l-ewwel jum tas-sena 10 |
| 0809 30 90 | Ħawħ frisk (ħlief in-nuċiprisk) | l-ewwel jum tas-sena 10 |
| 0809 40 05 | Għanbaqar frisk | l-ewwel jum tas-sena 10 |

([1]) L-ewwel jum tas-sena 20 għall-varjetà fuji.

(c) jinżammu għall-prodotti li ġejjin:

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni |
|---|---|
| 0702 00 00 | Tadam, frisk jew imkessaħ |
| 0805 10 20 | Larinġ ħelu frisk |
| 0805 20 30 | Monreales u satsumas frisk jew imnixxfa |

4. Id-dazju speċifiku taħt il-paragrafu 3 m'għandux ikun iktar mill-inqas dazju speċifiku tar-rata applikata preżenti tan-Nazzjon l-Aktar Favorit (MFN), jew ir-rata tad-dazju applikata MFN b'effett mill-jum li jaħbat immedjatament qabel id-data li fiha jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim.

*ANNESS 2-B*

**ELETTRONIKA**

*Artikolu 1*

**Dispożizzjonijiet Ġenerali**

1. Filwaqt li jfakkru fl-obbligi tagħhom taħt il-Ftehim WTO, partikolarment il-Ftehim TBT, u filwaqt li jagħrfu l-importanza tal-elettronika għat-tkabbir, l-impjiegi u l-kummerċ għal kull Parti, il-Partijiet jikkonfermaw l-għanijiet u l-prinċipji kondiviżi tagħhom sabiex:

(a) b'mod progressiv u simultanju jeliminaw l-ostakli tariffarji u mhux tariffarji għall-kummerċ bilaterali;

(b) jistabbilixxu kundizzjonijiet kompetittivi għas-suq ibbażati fuq il-prinċipji tal-ftuħ, in-nondiskriminazzjoni, il-proporzonalità u t-trasparenza;

(c) jallinjaw gradwalment ir-regolamenti nazzjonali tagħhom mal-istandards internazzjonali eżistenti;

(d) jippromwovu "test wieħed" u, fejn ikun prattiku, dikjarazzjoni ta' konformità mingħand il-fornitur sabiex jiġu eliminati proċeduri ta' valutazzjoni ta' konformità li jkunu doppji u ta' piż żejjed;

(e) jimplimentaw mekkaniżmi regolatorji u ta' infurzar legali li jkunu relatati mar-responsabbiltà tal-prodott u s-sorveljanza tas-suq; u

(f) isaħħu l-kooperazzjoni sabiex ikattru u jissuktaw l-iżvilupp fil-kummerċ li jkunu ta' ġid reċiproku, kif ukoll sabiex itejbu l-kwalità tal-prodott sabiex jiżguraw il-protezzjoni tas-saħħa pubblika u s-sigurtà tal-prodott.

2. Dan l-Anness għandu japplika għall kull standard, regolament tekniku u proċedura ta' valutazzjoni ta' konformità li kull Parti tista' tintroduċi jew iżżomm fir-rigward tas-sigurtà u l-kompatibbiltà elettromanjetika (minn hawn 'il quddiem imsejħa "EMC") tat-tagħmir tal-elettriku jew elettroniku, tagħmir elettrotekniku professjonali, apparat taddar li jaħdem bl-elettriku u elettronika għall-konsumatur kif definit fl-Appendiċi 2-B-1 (minn hawn 'il quddiem imsejħa "prodotti koperti").

*Artikolu 2*

**Standards Internazzjonali u Korpi li Jistabbilixxu l-Istandards**

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandards (minn hawn 'il quddiem l-"ISO"), il-Kummissjoni Elettroteknika Internazzjonali (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"IEC") u l-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"ITU") huma l-entitajiet internazzjonali rilevanti li jistabbilixxu l-istandards għall-EMC u għas-sigurtà tal-prodotti koperti. ([1])

2. Fejn jeżistu l-istandards rilevanti stabbiliti bl-ISO, l-IEC u l-ITU, il-Partijiet għandhom jużaw dawn l-istandards internazzjonali jew il-partijiet rilevanti tagħhom bħala bażi għal kull standard, regolament tekniku jew proċedura ta' valutazzjoni ta' konformità. ([2])

3. Il-Partijiet għandhom jiżguraw li l-korpi tagħhom li jistabbilixxu l-istandards jieħdu sehem fl-iżvilupp tal-istandards internazzjonali fl-ISO, l-IEC u l-ITU, u jintrabtu li jikkonsultaw ma' xulxin bl-għan li jistabbilixxu metodi komuni.

*Artikolu 3*

**Proċedura ta' Valutazzjoni ta' Konformità**

F'każ li Parti tkun teħtieġ assigurazzjoni ta' konformità pożittiva mar-regolamenti tekniċi dwar l-EMC jew is-sigurtà tal-prodotti koperti, ir-regoli li ġejjin għandhom japplikaw: ([3])

(a) il-proċeduri tal-valutazzjoni ta' konformità m'għandhomx ikunu ppreparati, adottati jew applikati bil-ħsieb li jew bl-effett li jinħolqu ostakli mhux meħtieġa għall-kummerċ mal-Parti l-oħra;

(b) ħlief fejn previst mod ieħor f'dan l-Anness, inklużi l-arranġamenti tranżitorji stabbiliti fl-Artikolu 4, kull Parti għandha taċċetta l-prodotti fis-suq tagħha ([4]) fuq il-bażi ta' waħda mill-proċeduri li ġejjin, jew aktar, bħala assigurazzjoni pożittiva ta' konformità mar-regolamenti tekniċi tagħha fir-rigward tal-EMC jew is-sigurtà tal-prodotti koperti:

(i) dikjarazzjoni ta' konformità tal-fornitur mingħajr ma jkun hemm il-ħtieġa ta' intervent minn xi korp ta' valutazzjoni ta' konformità jew l-ittestjar tal-prodott minn laboratorji tal-ittestjar rikonoxxuti;

(ii) dikjarazzjoni ta' konformità tal-fornitur ibbażata fuq rapport tat-test minn kwalunkwe laboratorju tal-ittestjar fit-territorju tal-Parti l-oħra li tkun ġiet innotifikata mill-Parti meta jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim jew f'notifiki oħra sussegwenti. Il-Parti li tinnotifika għandha tkun responsabbli biss sabiex tinnotifika lil kwalunkwe laboratorju li jkun kompetenti ([5]) biex iwettaq it-testijiet rilevanti fit-territorju tiegħu, mingħajr l-awtorizzazzjoni jew il-verifika minn qabel mill-Parti li qed timporta. Il-Parti li timporta tista' teħtieġ li d-dikjarazzjoni ta' konformità tiġi sottomessa mill-fornitur qabel ma l-prodott jitpoġġa fis-suq tagħha u li d-dikjarazzjoni jkun fiha kemm l-isem tal-laboratorju tal-ittestjar li jkun ħareġ ir-rapport tat-test kif ukoll id-data tal-ħruġ tar-rapport tat-test. Il-Parti li timporta tista' teħtieġ ukoll kopja tar-rapport tat-test, inkluża lista tal-komponenti kritiċi, li juru l-konformità mar-rekwiżiti li japplikaw għall-prodott, kif ukoll deskrizzjoni ġenerali tal-prodott; jew

(iii) dikjarazzjoni ta' konformità mingħand il-fornitur ibbażata fuq rapport tat-test maħruġ minn:

(A) kwalunkwe laboratorju tal-ittestjar fil-Parti l-oħra li tkun ikkonkludiet arranġamenti volontarji għall-aċċettazzjoni reċiproka tar-rapporti tat-test ma' korp ta' valutazzjoni ta' konformità wieħed jew aktar li jkun ġie approvat mill-Parti li timporta; jew

([1]) Il-Partijiet jistgħu jiftiehmu, fil-futur, permezz ta' deċiżjoni tal-Kumitat tal-Kummerċ dwar kull entità internazzjonali ġdida li tistabbilixxi l-istandards li dawn jikkunsidraw bħala rilevanti sabiex jimplimentaw dan l-Artikolu.

([2]) F'każ li ma jkunu jeżistu l-ebda standards internazzjonali, jew fejn Parti tkun adottat xi standard, regolament tekniku jew proċedura ta' valutazzjoni ta' konformità li jkunu differenti minn dawk taħt l-istandards internazzjonali, il-Parti għandha tirrestrinġi l-istandard, ir-regolament tekniku jew il-proċedura tal-valutazzjoni ta' konformità tagħha għal dak li hu meħtieġ sabiex jinkisbu l-għanijiet leġittimi dwar is-sigurtà u rekwiżiti oħra ta' interess pubbliku u, kulfejn ikun meħtieġ, tibbażahom fuq ir-rekwiżiti tal-prodotti f'termini ta' prestazzjoni aktar milli fuq id-diżinn jew karatteristiċi deskrittivi, skont il-Kapitolu Erba' (Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ).

([3]) Kull Parti tirriżerva d-dritt tagħha biex fil-futur tkun tista' tikseb assigurazzjoni ta' konformità pożittiva għal kull prodott li bħalissa mhuwiex suġġett għall-assigurazzjoni ta' konformità, li f'dan il-każ il-Parti trid tkun konformi mal-obbligi tagħha taħt dan l-Anness.

([4]) L-awtorizzazzjoni biex prodott jitpoġġa fis-suq skont dan is-subparagrafu għandha tinkludi wkoll l-awtorizzazzjoni li jitwaħħlu l-marki obbligatorji li jkunu meħtieġa għat-tpoġġija ta' dan il-prodott fis-suq.

([5]) Il-laboratorji tal-ittestjar li jkunu kompetenti fil-Parti li tinnotifika skont il-liġijiet tagħha, li jiksbu akkreditazzjoni (pereżempju taħt ISO/IEC 17025) mill-entità ta' akkreditazzjoni jew li jkunu kompetenti għas-sorveljanza ta' wara t-tqegħid fis-suq għall-valutazzjoni ta' konformità fil-Parti li tinnotifika, għandhom ikunu kkunsidrati bħala kompetenti għall-kompitu previst f'dan l-Anness.

(B) Laboratorju tal-Ittestjar CB tal-Parti l-oħra taħt l-Iskema IECEE CB, akkumpanjat b'Ċertifikat validu tat-Test CB, skont ir-regoli u l-proċeduri tal-Iskema IECEE CB u l-impenji mill-Partijiet taħt din.

Il-Parti li timporta tista' teħtieġ li qabel ma l-prodott jitpoġġa fis-suq tagħha ssir reviżjoni tad-dikjarazzjoni ta' konformità li jkollha kopja tar-rapport tat-test, inkluża lista ta' komponenti kritiċi, li juru l-konformità mar-rekwiżiti li japplikaw għall-prodott, u deskrizzjoni ġenerali tal-prodott.

L-għażla bejn il-proċeduri f'dan is-subparagrafu għandha tkun f'idejn kull Parti, suġġett għal-limitazzjonijiet stabbiliti fl-Appendiċi 2-B-2;

(c) il-Partijiet għandhom jaċċettaw lill-fornitur bħala responsabbli biss għall-ħruġ, il-bdil jew l-irtirar tad-dikjarazzjoni ta' konformità. Il-Partijiet jistgħu jeħtieġu li d-dikjarazzjoni ta' konformità tkun iddatata u tidentifika lill-fornitur jew ir-rappreżentant awtorizzat tal-fornitur fit-territorji tagħhom, il-persuna li għandha s-setgħa mingħand il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu biex jiffirma d-dikjarazzjoni, il-prodotti koperti bid-dikjarazzjoni, kif ukoll ir-regolamenti tekniċi applikati li għalihom il-konformità tiġi ddikjarata. Meta dikjarazzjoni ta' konformità ta' fornitur tkun għal lott ta' prodotti, din għandha tkopri kull oġġett tal-lott. Meta ssir il-prova, l-għażla tal-laboratorju tal-ittestjar għandha tkun f'idejn il-fornitur; u

(d) lil hinn minn dak li hu stabbilit f'dan l-Artikolu, Parti m'għandha teħtieġ l-ebda forma ta' reġistrazzjoni ta' prodotti li tista' tipprevjeni jew inkella ddewwem it-tpoġġija tal-prodotti fis-suq li jkunu konformi mar-regolamenti tekniċi tal-Parti. Sakemm Parti tirrevedi d-dikjarazzjoni tal-fornitur skont is-subparagrafu (b)(iii), ir-reviżjoni għandha tkun ristretta biss sabiex ikun ivverifikat, fuq il-bażi tad-dokumenti sottomessi, li l-prova tkun saret skont ir-regolamenti tekniċi rilevanti tal-Parti u li l-informazzjoni inkluża fid-dokumenti tkun sħiħa. L-ebda reviżjoni bħal din m'għandha tikkawża dewmien bla bżonn għat-tpoġġija tal-prodott fis-suq tal-Parti u d-dikjarazzjoni għandha tiġi aċċettata, mingħajr l-ebda eċċezzjoni, jekk il-prodotti jkunu konformi mar-regolamenti tekniċi tal-Parti u jekk id-dokumenti li jiġu sottomessi jkunu kompluti. F'każ li dikjarazzjoni tiġi miċħuda, il-Parti għandha tikkomunika d-deċiżjoni tagħha lill-fornitur immedjatament, bi spjegazzjoni dettaljata għala din ġiet irrifjutata u kif din tista' tiġi rranġata mill-fornitur, kif ukoll bi spjegazzjoni dwar il-possibbiltajiet li din id-deċiżjoni tista' tiġi appellata.

*Artikolu 4*

**Arranġamenti Tranżitorji**

1. L-Unjoni Ewropea għandha tkun konformi mal-Artikolu 3(b) ta' dan l-Anness meta dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ, filwaqt li l-Korea għandha tkun konformi ma' dak is-subparagrafu fi żmien tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

2. Matul il-perjodu tranżitorju stabbilit fil-paragrafu 1, sakemm il-Korea tapplika, meta jidhol fis-seħħ dan il-Ftehim, l-awtentikazzjoni obbligatorja għar-regolamenti tekniċi tagħha dwar l-EMC jew is-sigurtà tal-prodotti koperti, inklużi t-testijiet minn partijiet terzi, għal prodott li jaqa' taħt il-finijiet ta' dan l-Anness, il-Korea tista' teħtieġ l-aċċettanza ta' dan il-prodott fis-suq tagħha: [1]

(a) ċertifikat maħruġ minn korp ta' valutazzjoni ta' konformità fl-Unjoni Ewropea li jkun ġie maħtur bħala "Entità Notifikata" skont il-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. L-Unjoni Ewropea għandha tkun responsabbli biss għall-għażla tal-korpi ta' valutazzjoni ta' konformità fit-territorju tagħha, mingħajr l-approvazzjoni jew il-verifika minn qabel tal-Korea, u għandha tinnotifika lill-Korea dwar il-lista tagħha ta' korpi rilevanti meta jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim u kwalunkwe emendi li jsiru wara; jew

(b) ċertifikat għar-regolamenti tekniċi tagħha maħruġ minn korp ta' valutazzjoni ta' konformità li jkun inħatar skont il-proċeduri tal-Korea. Il-Korea għandha taċċetta dawn iċ-ċertifikati li jkunu bbażati fuq rapport tat-test maħruġ minn:

(i) kwalunkwe laboratorju tal-ittestjar fl-Unjoni Ewropea li jkun ikkonkluda arranġamenti volontarji għall-aċċettazzjoni reċiproka tar-rapporti tal-test ma' korp ta' valutazzjoni ta' konformità wieħed jew aktar maħtura mill-Korea; jew

(ii) Laboratorju tal-Ittestjar CB tal-UE taħt l-Iskema IECEE CB, akkumpanjat b'Ċertifikat tat-Test CB validu, skont ir-regolamenti u l-proċeduri tal-Iskema IECEE CB u l-impenji tal-Unjoni Ewropea u l-Korea għal dawn.

L-għażla bejn il-proċeduri f'dan is-subparagrafu għandha tkun f'idejn il-Korea, suġġetta għal-limitazzjonijiet stabbiliti fl-Appendiċi 2-B-2.

3. Għal dawk il-prodotti elenkati fl-Appendiċi 2-B-3, il-Korea tista' tkompli teħtieġ assigurazzjoni pożittiva ta' konformità mar-regolamenti tekniċi tagħha dwar is-sigurtà tal-prodotti koperti fuq il-bażi ta' ċertifikat skont l-Artikolu 4.2(b) ta' dan l-Anness, wara li jkun skada l-perjodu tranżitorju stabbilit fil-paragrafu 1. Għal kull prodott elenkat fl-Appendiċi 2-B-3, dan irid jiġi rivedut, sa tmiem il-perjodu tranżitorju stabbilit fil-paragrafu 1, kemm jekk l-aċċettazzjoni ta' assigurazzjoni pożittiva tal-konformità ta' dawn il-prodotti mar-regolamenti tekniċi tagħha dwar is-sigurtà tal-prodotti koperti skont l-Artikolu 3(b) ta' dan l-Anness tkunx toħloq riskji għas-saħħa u s-sigurtà tal-bniedem jew le. Din il-valutazzjoni ta' riskju għandha ssir għal prodotti bħal dawn li jkunu fis-suq, fuq il-bażi tal-informazzjoni xjentifika u teknika disponibbli bħalma huma r-rapporti tal-konsumatur dwar inċidenti ta' sigurtà u r-rata ta' non-konformità li tinkiseb minn spezzjoni tal-prodott. Għandu jkun ikkunsidrat ukoll jekk il-prodotti jkunux qed jintużaw għall-użi finali maħsuba tagħhom u bl-attenzjoni raġonevoli tas-soltu. Jekk ir-riżultati tal-valutazzjoni ta' riskju jiżvelaw li l-konformità mal-Artikolu 3(b) ta' dan l-Anness għall-prodotti kkonċernati jistgħu joħolqu riskji għas-saħħa u s-sigurtà tal-bniedem, jew jekk is-sistema ta' sorveljanza ta' wara t-tqegħid fis-suq ma tkunx tista' tindirizza dawn ir-riskji b'mod effettiv, l-assigurazzjoni pożittiva tal-konformità kif stabbilita fl-Artikolu 4.2(b) ta' dan l-Anness tista' tinżamm. Kull tliet snin wara t-tmiem tal-perjodu tranżitorju, il-Partijiet għandhom jirrevedu, fi ħdan il-Kumitat dwar il-Kummerċ ta' Prodotti, il-valutazzjoni tar-riskju bil-għan li jitnaqqsu aktar il-prodotti elenkati fl-Appendiċi 2-B-3.

*Artikolu 5*

**Konsolidazzjoni u Tnaqqis Gradwali fir-Rekwiżiti**

1. Il-Partijiet, għall-prodotti koperti, m'għandhom iżommu jew jimponu l-ebda rekwiżiti li jkunu aktar ristrettivi għall-kummerċ, jew li inkella jkollhom l-effett li jdewmu l-aċċess għas-swieq tagħhom, minn dawk stabbiliti f'dan l-Anness rigward il-proċeduri ta' valutazzjoni ta' konformità li jkopru l-EMC jew is-sigurtà tal-prodotti koperti jew il-proċeduri amministrattivi għall-approvazzjoni jew għar-reviżjoni tar-rapporti tal-test.

(1) L-awtorizzazzjoni biex prodott jitpoġġa fis-suq skont dan l-Artikolu għandha tinkludi l-awtorizzazzjoni li jiġu mwaħħla l-marki obbligatorji li jkunu meħtieġa biex il-prodott jitpoġġa fis-suq.

2. Sa mhux aktar tard minn ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim, il-Korea għandha tintroduċi dikjarazzjoni ta' konformità tal-fornitur skont l-Artikolu 3(b)(i) ta' dan l-Anness għat-tpoġġija fis-suq tal-istess prodotti li jaqgħu fl-ambitu ta' dan l-Anness. Kull ħames snin wara l-introduzzjoni tad-dikjarazzjoni ta' konformità tal-fornitur, il-Partijiet għandhom jirrevedu l-possibbiltà li jeliminaw gradwalment ir-rekwiżiti tekniċi u amministrattivi li jinkludu t-testijiet minn partijiet terzi, billi jespandu l-introduzzjoni tad-dikjarazzjoni ta' konformità tal-fornitur skont l-Artikolu 3(b)(i) ta' dan l-Anness u billi jiżviluppaw sorveljanza effettiva tas-suq għall-iffunzjonar xieraq ta' din is-sistema.

*Artikolu 6*

**Eċċezzjonijiet u Miżuri ta' Emerġenza**

1. Minkejja l-Artikoli 3 sa 5 ta' dan l-Anness, kull Parti tista' tintroduċi rekwiżiti għat-testijiet mandatorji minn parti terza jew għall-awtentikar tal-EMC jew tas-sigurtà tal-prodotti koperti, jew inkella tintroduċi proċeduri amministrattivi sabiex tapprova jew tirrevedi r-rapporti tat-test, għal prodotti partikolari li jaqgħu fi ħdan l-ambitu ta' dan l-Anness taħt il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikun hemm raġunijiet urġenti u b'saħħithom relatati mal-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-bniedem li jiġġustifikaw l-introduzzjoni ta' dawn ir-rekwiżiti jew proċeduri;

(b) ir-raġunijiet għall-introduzzjoni ta' dawn ir-rekwiżiti jew proċeduri jkunu appoġġjati b'informazzjoni teknika jew xjentifika sostanzjali rigward il-prestazzjoni tal-prodotti kkonċernati;

(c) kull rekwiżit jew proċedura bħal dawn ma jkunux aktar ristrettivi għas-suq minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħaq l-għan leġittimu tal-Parti, waqt li jiġu kkunsidrati r-riskji li n-nuqqas ta' twettiq jista' jikkaġuna; u

(d) il-Parti ma setgħetx tipprevedi b'mod raġonevoli l-ħtieġa għall-introduzzjoni ta' rekwiżiti jew proċeduri bħal dawn meta dan il-Ftehim ikun daħal fis-seħħ.

Qabel ma tintroduċi r-rekwiżiti jew il-proċeduri, il-Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra u, wara l-konsultazzjonijiet, tikkunsidra l-kummenti tal-Parti l-oħra, safejn ikun possibbli, sabiex tfassal dawn ir-rekwiżiti jew proċeduri. Kull rekwiżit introdott għandu, safejn ikun possibbli, ikun konformi ma' dan l-Anness. Ladarba jiġi adottat, kull rekwiżit jew proċedura għandu jiġi rivedut kull tielet sena mid-data tal-adozzjoni tiegħu, u jiġi revokat jekk ir-raġunijiet għall-introduzzjoni tiegħu ma jkunux għadhom jeżistu.

2. Jekk Parti jkollha raġuni tajba sabiex temmen li prodott kopert ikun qed jikkawża riskju għas-saħħa u s-sigurtà tal-bniedem, l-aktar għaliex dan ma jkunx konformi mar-rekwiżiti li japplikaw għalih, il-Parti tista' teħtieġ l-irtirar ta' dak il-prodott mis-suq tagħha. Kull miżura ta' emerġenza temporanja bħal din għandha tiġi notifikata lill-Parti l-oħra bi spjegazzjoni oġġettiva u raġunata dwar ir-raġuni għaliex ikunu ttieħdu dawn l-azzjonijiet, filwaqt li tindika jekk il-ħtieġa għal dawn il-miżuri tkunx minħabba:

(a) in-nuqqas ta' konformità mal-istandards jew ir-regolamenti tekniċi applikabbli;

(b) l-applikazzjoni żbaljata tal-istandards jew ir-regolamenti tekniċi; jew

(c) nuqqasijiet fl-istandards jew fir-regolamenti tekniċi nfushom.

*Artikolu 7*

**Implimentazzjoni u Kooperazzjoni**

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw mill-qrib sabiex jippromwovu fehim komuni dwar punti regolatorji, inklużi dawk relatati ma' apparat ta' frekwenza bir-radju, u jikkunsidraw kull talba li ssir mill-Parti l-oħra rigward l-implimentazzjoni ta' dan l-Anness.

2. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw sabiex iżommu u jespandu l-arranġamenti volontarji għall-aċċetazzjoni reċiproka tar-rapporti tat-test.

3. Kull meta l-Korea tkun teħtieġ assigurazzjoni pożittiva ta' konformità mal-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 3(b)(iii) u l-Artikolu 4.2(b) ta' dan l-Anness għal prodott li jaqa' fi ħdan l-ambitu ta' dan l-Anness, din għandha tiżgura li l-korpi taċ-ċertifikazzjoni tagħha jkollhom il-Memoranda ta' Fehma (MOUs) mal-laboratorji tal-ittestjar fl-Unjoni Ewropea, jew ikunu Korpi ta' Ċertifikazzjoni Nazzjonali taħt l-Iskema IECEE CB, għal dak il-prodott sakemm ir-regolamenti tekniċi tagħha għal dak il-prodott ikunu jvarjaw sew mill-istandards rilevanti tal-IEC. Dan il-paragrafu għandu japplika minn meta jiskadi l-perjodu tranżitorju stabbilit fl-Artikolu 4.1 ta' dan l-Anness.

4. Meta temenda regolamenti tekniċi eżistenti jew meta tiżviluppa regolament tekniku ġdid għall-EMC jew għas-sigurtà tal-prodotti koperti, Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra bil-quddiem, tipprovdi, fuq talba, informazzjoni addizzjonali disponibbli jew tweġibiet bil-miktub għall-kummenti li jkunu saru mill-Parti l-oħra u, fejn xieraq, tikkunsidra l-opinjonijiet tal-Parti l-oħra.

5. Il-Partijiet qed jiftiehmu li jikkonsultaw lil xulxin mill-ewwel dwar kwalunkwe kwistjoni li tista' tinqala' rigward l-implimentazzjoni ta' dan l-Anness, u li jikkooperaw biex jiffaċilitaw aktar il-kummerċ tal-prodotti koperti, inkluż, kif xieraq, bil-promozzjoni ta' standards internazzjonali.

6. Il-Partijiet għandhom jipproteġu kull informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali li tkun inkisbet taħt il-proċeduri msemmija f'dan l-Anness.

*Appendiċi 2-B-1*

1. L-Anness 2-B għandu jkopri dawk il-prodotti elenkati fl-Artikolu 1.2 tal-Anness 2-B li:

   (a) fil-każ tal-obbligi tal-Unjoni Ewropea jaqgħu, mid-data li fiha jiġi ffirmat dan il-Ftehim, fl-ambitu tad-Direttiva 2006/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mat-tagħmir elettriku ddisinjat għall-użu fi ħdan ċerti limiti tal-voltaġġ (verżjoni kodifikata), jew id-Direttiva 2004/108/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-kompatibilità elettromanjetika u li tħassar id-Direttiva 89/336/KEE, jew tad-dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà jew il-kumpatibbiltà elettromanjetika tad-Direttiva 1999/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 1999 dwar it-tagħmir tar-radju u tagħmir terminali ta' telekomunikazzjonijiet u r-rikonoxximent reċiproku tal-konformità tagħhom; u

   (b) fil-każ tal-obbligi tal-Korea jaqgħu, mid-data li fiha jiġi ffirmat dan il-Ftehim, fi ħdan l-ambitu tal-Att dwar il-Mewġ tar-Radju (Att Nru.8867, Frar 29, 2008), l-Att Qafas dwar it-Telekomunikazzjonijiet (Att Nru.8974, Mar. 21, 2008) jew l-Att dwar il-Kontroll tas-Sigurtà ta' Tagħmir tal-Elettriku ([1]) (Att Nru.7747, Frar 29, 2008).

2. Il-Partijiet jifhmu li l-prodotti koperti bil-liġijiet nazzjonali elenkati f'dan l-Appendiċi, li jinkludu l-prodotti kollha li għalihom japplika l-Anness 2-B, huma intiżi sabiex ikopru t-totalità ta' prodotti tal-elettronika. Qed ikun mifhum li, f'każ li prodott ma jkunx kopert bl-Anness 2-B għal Parti iżda jkun kopert għall-Parti l-oħra, jew meta jiġi ffirmat dan il-Ftehim jew inkella wara, ([2]) suġġett għaċ-ċertifikazzjoni obbligatorja minn terza parti minn Parti iżda mhux mill-Parti l-oħra, il-Parti l-oħra tista' tissottometti dan il-prodott għal trattament simili skont kif ikun meħtieġ għall-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà. Qabel ma jkunu implimentati dawn il-miżuri, il-Parti li tkun tixtieq tintroduċihom għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra dwar l-intenzjonijiet tagħha u tipprovdi għal perjodu ta' tliet xhur għall-konsultazzjonijiet.

---

([1]) Minkejja dan is-subparagrafu, il-Korea tista', meta jkun meħtieġ, tissottometti apparat tal-elettriku li jiffunzjona b'kurrent dirett għall-proċeduri ta' valutazzjoni ta' konformità taħt l-Att dwar il-Kontroll tas-Sigurtà ta' Tagħmir tal-Elettriku skont dan l-Artikolu.

([2]) Pereżempju, skont l-Artikolu 6 tal-Anness 2-B jew f'każ li strumenti speċifiċi jiġu introdotti skont l-Artikolu 1.4 tad-Direttiva 2004/108/KE dwar il-kumpatibbiltà elettromanjetika.

*Appendiċi 2-B-2*

1. L-Unjoni Ewropea għandha taċċetta, għall-prodotti koperti kollha, il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 3(b)(i) tal-Anness 2-B bħala assigurazzjoni pożittiva ta' konformità mar-regolamenti tekniċi tagħha.

2. Il-Korea għandha taċċetta bħala assigurazzjoni pożittiva ta' konformità mar-regolamenti tekniċi tagħha,

   (a) għall-prodotti li jaqgħu fl-ambitu tal-Att dwar il-Mewġ tar-Radju jew l-Att Qafas dwar it-Telekomunikazzjonijiet mid-data li fiha jiġi ffirmat dan il-Ftehim:

      (i) matul il-perjodu tranżitorju stabbilit fl-Artikolu 4.1 tal-Anness 2-B il-proċedura definita fl-Artikolu 4.2(a) tal-Anness 2-B; u

      (ii) wara l-perjodu tranżitorju, il-proċeduri definiti fl-Artikolu 3(b)(i) jew 3(b)(ii) tal-Anness 2-B, fejn l-għażla bejn iż-żewġ proċeduri tkun f'idejn il-Korea.

   (b) għall-prodotti li jaqgħu fl-ambitu tal-Att dwar il-Kontroll tas-Sigurtà ta' Tagħmir tal-Elettriku mid-data li fiha jiġi ffirmat dan il-Ftehim:

      (i) matul il-perjodu tranżitorju stabbilit fl-Artikolu 4.1 tal-Anness 2-B, il-proċedura definita fl-Artikolu 4.2(b) tal-Anness 2-B; u

      (ii) wara l-perjodu tranżitorju, il-proċeduri definiti fl-Artikolu 3(b)(i), 3(b)(ii) jew 3(b)(iii) tal-Anness 2-B, fejn l-għażla bejn it-tliet proċeduri għandha tkun f'idejn il-Korea;

3. Għall-prodotti li jaqgħu, mid-data tal-iffirmar ta' dan il-Ftehim, fl-ambitu ta' iktar minn Att wieħed imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Appendiċi, il-fornitur għandu jibqa' ħieles li jipprovdi assigurazzjoni pożittiva ta' konformità mal-EMC skont waħda mill-proċeduri magħżula mill-Korea skont is-subparagrafu (a) jew (b) tal-paragafu 2 ta' dan l-Appendiċi. Fil-każ ta' prodotti li jaqgħu, fil-futur, fl-ambitu ta' iktar minn Att wieħed imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Appendiċi, kemm jekk tkun ikkonċernata l-EMC jew inkella s-sigurtà tal-prodotti koperti, l-istess regola għandha tapplika.

*Appendiċi 2-B-3*

| Nru. | Prodotti | Kodiċi SA |
|---|---|---|
| 1 | Kejbils u settijiet ta' wajers | 854442, 854449, 854459, 854460 |
| 2 | Swiċċijiet | 853590, 853650 |
| 3 | Interċetturi għal tagħmir tal-elettriku | 853521, 853529, 853620, 853630, 853650 |
| 4 | Swiċċijiet manjetiċi | 853650 |
| 5 | Kondensers u filtri tal-ħoss | 853210, 853221, 853222, 853223, 853224, 853225, 853229, 853230, 853540 |
| 6 | Aċċessorji tal-installazzjoni u apparat tal-kollegament | 853650, 853669 |
| 7 | Fjusis u ħolders tal-fjusis, fjusis termiċi | 853510, 853610, 853630 |
| 8 | Transformers u regolaturi tal-vultaġġ | 850421, 850422, 850431, 850432, 850433, 850434, 850440 |
| 9 | Vacuum cleaners, magni għat-trattament tal-art, apparat tat-tindif bil-fwar, tagħmir tat-tindif tal-uċuh | 842430, 850811, 850819, 850860 |
| 10 | Ħadid tal-mogħdija u pressa | 851640, 845130 |
| 11 | Magni tal-ħasil tal-platti u magni li jnixxfu l-platti | 842211, 842219, 842220, 845140, 842240 |
| 12 | Tagħmir tas-sħana għall-kċina | 841989, 841990, 851410, 851650, 851660, 851672 |
| 13 | Magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ u estratturi li jnixxfu l-bjankerija | 842112, 845011, 845012, 845019, 845020 |
| 14 | Tagħmir għall-kura tax-xagħar | 851631, 851632 |
| 15 | Apparat li jżomm l-ikel sħun u armarji tal-elettriku li jżommu s-sħana | 851660, 851679, 851680 |
| 16 | Tagħmir li jitħaddem b'mutur għall-kċina | 821490, 843510, 846722, 850940, 850980 |
| 17 | Tagħmir tal-elettriku biex isaħħan il-likwidi | 841981, 841989, 851660, 851671, 851679, 851680 |
| 18 | Kutri u twapet tal-elettriku, sodod tal-elettriku | 630110 |
| 19 | Magni tal-kawterizzazzjoni u apparat li jsaħħan is-saqajn | 392210, 630110, 851680 |
| 20 | Giżers u giżers instantanji | 851610, 851660, 851679, 851680 |
| 21 | Fridges tal-elettriku u apparat li jagħmel is-silġ | 841490, 841581, 841582, 841810, 841821, 841829, 841830, 841840, 841850, 841869, 841899 |
| 22 | Fran majkrowejv (li jużaw il-frekwenza fil-medda ta' 300MHz - 30GHz) | 851650 |
| 23 | Magni tal-ħjata tad-dar | 845210, 845229 |
| 24 | Ċarġers ta' batteriji | 850440 |
| 25 | Apparat tal-elettriku li jnixxef | 845121, 851629, 851679, 845129, 851632, 851633 |
| 26 | Ħiters | 851610, 851621, 851629, 851679, 851680, 940210 |

| Nru. | Prodotti | Kodiċi SA |
|---|---|---|
| 27 | Tagħmir tal-massaġġi | 901910 |
| 28 | Tagħmir tal-arja kkundizzjonata u apparat biex jixrob l-umdità tal-arja | 841510, 841581, 841582, 841583 |
| 29 | Pompi u żennuni tal-ilma li jaħdmu bl-elettriku | 841350, 841360, 841370, 841381, 841810, 961610 |
| 30 | Għodod tas-sħana | 841989, 841990, 842240, 842290, 851511, 851519, 851521, 851580 |
| 31 | Apparat tal-elettriku għas-sawna | 851629, 851679 |
| 32 | Ħiters tal-akkwarju, ġeneraturi tal-bżieżaq tal-arja, reċipjenti tal-ħut għat-tiżjin | 841350, 841360, 841370, 841381, 841480, 842139, 851629, 851660 |
| 33 | Ġeneraturi tal-bżieżaq tal-arja tal-elettriku | 841480, 842139 |
| 34 | Apparat li joqtol jew ikeċċi l-insetti | 851660, 851679, 851680 |
| 35 | Banjijiet tal-elettriku | 392210, 392290, 691010, 691090 |
| 36 | Tagħmir tat-tindif tal-arja | 841410, 841430, 841451, 841459, 841480 |
| 37 | Magni li jagħtu servizz ta' bejgħ kummerċjali u magni tax-xiri (mgħammra b'element tas-sħana jew b'apparat li jkessaħ jew b'bozza b'karika jew b'akkommodazzjoni) | 847621, 847629, 847681, 847689 |
| 38 | Fannijiet tal-elettriku, hoods tal-fran | 630319, 841410, 841451, 841459, 841460, 841480, 841490, 841510, 854089 |
| 39 | Apparat tal-elettriku għal-lokijiet u inalaturi li jaħdmu bl-elettriku | 392290, 850819 |
| 40 | Apparat li jiġġenera l-umdità | 851580 |
| 41 | Tagħmir ta' estrazzjoni tal-isprej | 961610 |
| 42 | Diżinfettanti tal-elettriku (mgħammra biss b'bozza sterilizzatur) | 841989 |
| 43 | Magni li jipproċessaw l-iskart tal-ikel | 850980 |
| 44 | Apparat li jgeżwer xugamani mxarbin | 820890, 842240 |
| 45 | Għodod tal-elettriku li jaħdmu bil-mutur | 820750, 843311, 843319, 843320, 846711, 846719, 846721, 846722, 846781, 846789, 850980 |
| 46 | Magni tal-ikkuppjar | 844331 |
| 47 | Unitajiet ta' provvista ta' enerġija DC (b'kapaċità ta' massimu ta' 1kVA, inklużi dawk li jintużaw flimkien mal-enerġija AC) | 850440 |
| 48 | Sistemi ta' enerġija li ma tiġix interrotta | 850440 |
| 49 | Laminaturi | 847989 |
| 50 | Ħolders tal-bozoz | 853661, 853669 |
| 51 | Luminarji (luminarji ta' użu ġenerali) | 940510, 940520, 940540, 940560, 940591, 940592, 940599 |
| 52 | Stabilizzaturi (bozoz, tagħmir tal-kontroll) | 850410, 853661, 853669 |
| 53 | Bozoz bi stabilizzaturi fihom infushom | 853990 |

*Appendiċi 2-B-4*

Għall-finijiet tal-Anness 2-B, id-definizzjonijiet li ġejjin [1] japplikaw:

sigurtà ta' tagħmir tal-elettriku tfisser dak it-tagħmir, mibni skont prattika ta' inġinerija tajba fir-rigward tas-sigurtà, li ma jpoġġix fil-periklu s-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew ta' proprjetà meta jiġi installat kif suppost, u li jinżamm u jintuża f'dawk l-applikazzjonijiet li għalihom kien maħsub;

kompatibbiltà elettromanjetika tfisser il-kapaċità ta' tagħmir jew sistema biex jaħdem tajjeb fl-ambjent elettromanjetiku tiegħu mingħajr ma jintroduċi l-ebda tfixkil elettromanjetiku li ma jkun tollerabbli għal ħadd f'dak l-ambjent;

dikjarazzjoni ta' konformità tfisser il-ħruġ ta' dikjarazzjoni, ibbażata fuq deċiżjoni li ssegwi eżerċizzju ta' reviżjoni, li turi li r-rekwiżiti speċifikati ntlaħqu;

standard tfisser dokument approvat minn korp rikonoxxut, li jipprovdi, għal użu komuni u ripetut, regoli, linji gwida jew karatteristiċi għal prodotti jew inkella proċessi relatati u metodi ta' produzzjoni, li l-konformità magħhom mhix obbligatorja. Dan jista' jinkludi wkoll jew inkella jittratta esklużivament ma' terminoloġija, simboli, ippakkjar, marki jew rekwiżiti ta' ttikkettjar skont kif dawn japplikaw għal prodott, proċess jew metodu ta' produzzjoni;

regolament tekniku tfisser dokument li jistabbilixxi l-karatteristiċi ta' prodott jew il-proċessi u l-metodi ta' produzzjoni relatati tiegħu, inklużi d-dispożizzjonijiet amministrattivi applikabbli, li l-konformità magħhom hija obbligatorja. Dan jista' jinkludi wkoll jew inkella jittratta esklużivament ma' terminoloġija, simboli, ippakkjar, marki jew rekwiżiti ta' ttikkettjar skont kif dawn japplikaw għal prodott, proċess jew metodu ta' produzzjoni;

fornitur tfisser il-fabbrikant, jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu jew tagħha fit-territorju tal-Parti li timporta. Fejn l-ebda wieħed minn dawn ma jkun preżenti fit-terrtorju tal-Parti li timporta, ir-responsabbiltà għall-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-fornitur għandha tibqa' f'idejn l-importatur;

valutazzjoni ta' konformità tfisser proċedura li turi li r-rekwiżiti speċifikati marbuta ma' prodott, proċess, sistema, persuna jew korp ikunu ġew sodisfatti. Il-valutazzjoni ta' konformità tista' ssir bħala attività tal-ewwel parti, tat-tieni parti jew tat-tielet parti u tkopri attivitajiet bħalma huma l-ittestjar, l-ispezzjoni u ċ-ċertifikazzjoni; u

laboratorju tal-ittesjar tfisser korp tal-valutazzjoni ta' konformità li jwettaq servizzi ta' ttestjar u li jkun irċieva dikjarazzjoni li turi d-dimostrazzjoni formali tal-kompetenza tiegħu sabiex iwettaq dawn il-kompiti speċifiċi.

---

[1] Ibbażati fuq l-ISO/IEC 17000:2004 u l-Ftehim TBT.

*ANNESS 2-C*

## VETTURI BIL-MAGNA U PARTIJIET

*Artikolu 1*

### Dispożizzjonijiet Ġenerali

1. Filwaqt li jirrikonoxxu l-importanza tal-vetturi bil-mutur u tal-partijiet għat-tkabbir, l-impjiegi u l-kummerċ għal kull Parti, il-Partijiet jikkonfermaw l-għanijiet u l-prinċipji kondiviżi tagħhom, għal dawn il-prodotti, li:

(a) jiżguraw l-aċċess sħiħ reċiproku għas-suq billi jeliminaw ostakli tariffarji u mhux tariffarji għall-kummerċ bilaterali skont dan il-Ftehim;

(b) jippromwovu l-kompatibbiltà tar-regolamenti bbażati fuq standards internazzjonali;

(c) jistabbilixxu kundizzjonijiet ta' suq kompetittiv ibbażati fuq il-prinċipji tal-ftuħ, in-nondiskriminazzjoni u t-trasparenza;

(d) jassiguraw il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, tas-sigurtà u l-ambjent; u

(e) isaħħu l-kooperazzjoni biex ikattru u jissuktaw l-iżvilupp fil-kummerċ li jkun ta' ġid reċiproku.

2. Dan l-Anness għandu japplika għall-forom kollha ta' vetturi bil-mutur, sistemi u partijiet ta' dawn li jaqgħu taħt il-Kapitoli 40, 84, 85, 87 u 94 tas-SA, ħlief dawk il-prodotti stabbiliti fl-Appendiċi 2-C-1.

*Artikolu 2*

### Konverġenza Regolatorja

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti dwar il-Vetturi (minn hawn 'il quddiem imsejħa "WP.29"), fil-qafas tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (minn hawn 'il quddiem imsejħa "UN ECE"), huwa l-korp internazzjonali rilevanti li jistabbilixxi l-istandards għall-prodotti koperti b'dan l-Anness.

2. Il-Partijiet jaqblu li jipparteċipaw b'mod attiv fl-iżvilupp tar-regolamenti fil-WP.29 u għandhom jikkooperaw għall-adozzjoni, mingħajr dewmien żejjed, ta' regolamenti ġodda mill-WP.29.

*Artikolu 3*

### L-Aċċess għas-Suq

Kull Parti għandha tippermetti fis-suq tagħha l-prodotti li joriġinaw mill-Parti l-oħra, skont dan l-Artikolu:

(a) (i) l-awtoritajiet kompetenti tal-approvazzjoni fl-Unjoni Ewropea għandhom jaċċettaw, għall-finijiet tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, kull prodott li jkun konformi mar-rekwiżiti elenkati fit-Tabella 1 tal-Appendiċi 2-C-2 bħala konformi mad-dispożizzjonijiet korrispondenti tar-regolamenti tekniċi applikabbli tal-UE ([1]);

(ii) Il-Korea għandha taċċetta kull prodott li jkun konformi mar-rekwiżiti elenkati fit-Tabella 1 tal-Appendiċi 2-C-3 bħala konformi mad-dispożizzjonijiet korrispondenti tar-regolamenti tekniċi applikabbli tal-Korea ([1]);

(iii) Il-Partijiet għandhom jarmonizzaw ir-regolamenti elenkati fit-Tabella 2 tal-Appendiċi 2-C-2, fil-każ tal-Unjoni Ewropea, u fit-Tabella 2 tal-Appendiċi 2-C-3, fil-każ tal-Korea, mar-Regolamenti tal-UNECE korrispondenti jew mar-Regolamenti Tekniċi Dinjin (minn hawn 'il quddiem imsejħa "GTR") f'perjodu ta' ħames snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, sakemm Parti ma turix b'mod eċċezzjonali, fuq bażi ta' informazzjoni xjentifika jew teknika ippruvata, li Regolament tal-UNECE jew tal-GTR partikolari mhuwiex wieħed effettiv jew xieraq sabiex jintlaħqu l-għanijiet leġittimi segwiti ([1]), ([2]); u

(iv) Jekk tinħoloq problema kummerċjali relatata mar-regolamenti tekniċi li ma jkunux koperti bis-subparagrafu (a)(i) jew (a)(ii) jew, mar-regolamenti tekniċi koperti bis-subparagrafu (a)(iii) waqt li ma jkunx hemm armonizzazzjoni, fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, il-Partijiet għandhom jidħlu f'konsultazzjonijiet sabiex isibu soluzzjoni reċiprokament sodisfaċenti. F'dawn il-konsultazzjonijiet, il-Parti li tkun beħsiebha timponi miżura li taffettwa materjalment il-kundizzjonijiet tal-aċċess għas-suq għandha tipprovdi lill-Parti l-oħra bil-bażi għad-deċiżjoni intenzjonata tagħha, inkluża spjegazzjoni dettaljata f'termini ta' informazzjoni xjentifika jew teknika rilevanti ([2]).

(b) Il-Partijiet għandhom jiżguraw li l-proċeduri rispettivi tagħhom isiru mingħajr dewmien żejjed għat-tpoġġija fis-suq tal-prodotti koperti b'dan l-Anness.

(c) Kull Parti għandha tikkomunika minnufih lill-operaturi ekonomiċi kkonċernati kull deċiżjoni meħuda fir-rigward tal-applikazzjonijiet relatati mal-valutazzjoni ta' konformità, kif ukoll il-bażi għal deċiżjoni bħal din u l-informazzjoni dwar ir-rimedji legali disponibbli.

(d) Il-Partijiet għandhom jirrevedu l-Appendiċi 2-C-2 u 2-C-3 ta' dan l-Anness sa mhux inqas minn kull tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim bil-għan li jkomplu jżidu l-aċċettazzjoni tal-prodotti stabbiliti fis-subparagrafu (a) ta' dan l-Artikolu, filwaqt li jikkunsidraw kull żvilupp regolatorju li jista' jsir fuq livell internazzjonali jew fil-Partijiet. Kull modifika li ssir għal dawn l-Appendiċi għandha tkun deċiża mill-Kumitat dwar il-Kummerċ.

*Artikolu 4*

### Konsolidazzjoni tal-Konverġenza Regolatorja

1. Il-Partijiet għandhom:

(a) jibqgħu lura f'kull żmien milli jintroduċu regolamenti tekniċi ġodda li jiddevjaw mir-Regolamenti tal-UNECE jew il-GTR fl-oqsma koperti b'dawn ir-regolamenti, jew fejn it-tkomplija ta' dawn ir-regolamenti tkun waħda imminenti, partikolarment fl-oqsma koperti bl-Appendiċi 2-C-2, fil-każ tal-Unjoni Ewropea, u l-Appendiċi 2-C-3, fil-każ tal-Korea; u

(b) kemm jista' jkun b'mod prattiku, wara li jkun ġie adottat Regolament tal-UNECE jew GTR ġdid mill-UNECE fl-oqsma koperti bir-regolamenti tekniċi lokali eżistenti, jipprovdu trattament għall-prodotti li joriġinaw fil-Parti l-oħra li jkunu konformi mar-Regolamenti tal-UNECE jew tal-GTR skont l-Artikolu 3 ta' dan l-Anness, *mutatis mutandis*,

([1]) Il-klassifikazzjoni tal-prodotti, sabiex ikun applikat l-Artikolu 3(a)(i) sa 3(a)(iii) u sabiex jiġu stabbiliti r-regolamenti applikabbli, għandha tkun dik taħt il-liġijiet tal-Parti li timporta.

([2]) Il-Partijiet jifhmu li r-regolamenti koperti bis-subparagrafu (a)(iii) u (a)(iv), li kienu fis-seħħ meta ġie ffirmat dan il-Ftehim, ma kkawżaw l-ebda problema serja għall-aċċess fis-suq u, taħt id-dispożizzjonijiet ta' dawn is-subparagrafi, dawn mhumiex se jwasslu sabiex jeħżienu l-kundizzjonijiet għall-aċċess fis-suq meta mqabbla mas-sitwazzjoni li kien hemm dak iż-żmien.

sakemm ma jkunx hemm raġunijiet sostanzjati bbażati fuq informazzjoni xjentifika jew teknika għaliex Regolament tal-UNECE jew GTR speċifiku ma jkunx effettiv jew xieraq sabiex jiżgura s-sigurtà fuq it-toroq jew il-protezzjoni tal-ambjent jew is-saħħa pubblika. F'dawn il-każijiet, raġunijiet bħal dawn għandhom ikunu nnotifikati lill-Parti l-oħra u jsiru pubbliċi.

2. Sakemm Parti tintroduċi jew iżżomm regolamenti tekniċi li jkunu differenti mir-regolamenti eżistenti tal-UNECE fl-oqsma koperti b'dawn ir-Regolamenti tal-UNECE, dik il-Parti għandha tirrevedi dawn ir-regolamenti tekniċi sa mhux inqas minn kull tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim sabiex tevalwa jekk ir-raġunijiet għall-impożizzjoni tar-regolamenti tekniċi rilevanti għandhomx jibqgħu validi. L-eżitu ta' dawn ir-reviżjonijiet, kif ukoll l-informazzjoni teknika jew xjentifika li ssaħħaħ ir-riżultat ta' dawn ir-reviżjonijiet, għandhom isiru pubbliċi u jkunu nnotifikati lill-Parti l-oħra fuq talba.

3. Fl-oqsma fejn ma jkun hemm l-ebda Regolament tal-UNECE jew GTR u Parti tintroduċi jew iżżomm regolament tekniku, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin dwar il-possibbiltà li jiżviluppaw standards internazzjonali li jkopru dawn l-oqsma. Jekk l-iżvilupp ta' dawn l-istandards internazzjonali ma jkunx possibbli jew xieraq, u jekk il-Partijiet jintroduċu jew iżommu regolamenti tekniċi lokali f'oqsma bħal dawn, il-Partijiet jaqblu li jidħlu f'konsultazzjonijiet bejniethom dwar il-possibbiltà li jqarrbu r-regolamenti rispettivi tagħhom.

*Artikolu 5*

**Trattament MFN**

Rigward it-taxxi interni u r-regolamenti dwar l-emissjoni fuq il-prodotti koperti b'dan l-Anness, kull Parti għandha tagħti lill-prodotti li joriġinaw fil-Parti l-oħra trattament xejn inqas favorevoli minn dak li jingħata lil prodotti simili li joriġinaw minn kwalunkwe pajjiż terz li ma jkunx parti għal dan il-Ftehim, inkluż kif previst fi kwalunkwe ftehim ta' kummerċ ħieles ma' pajjiż terz bħal dan.

*Artikolu 6*

**Prodotti b'Teknoloġiji Ġodda jew Karatteristiċi Ġodda**

1. L-ebda Parti m'għandha tipprevjeni jew iddewwem bla bżonn it-tpoġġija fis-suq tagħha ta' prodott minħabba li dan ikun jinkorpora fih teknoloġija ġdida jew karatteristika ġdida li tkun għadha ma ġietx irregolata sakemm ma jiġix ippruvat, fuq il-bażi ta' informazzjoni xjentifika jew teknika, li din it-teknoloġija ġdida jew din il-karatteristika ġdida toħloq riskju għas-saħħa tal-bniedem, għas-sigurtà u l-ambjent.

2. Meta Parti tiddeċiedi li tirrifjuta t-tpoġġija fis-suq jew meta din teħtieġ l-irtirar mis-suq ta' prodott minħabba li dan ikun jinkorpora fih teknoloġija ġdida jew karatteristika ġdida li toħloq riskju għas-saħħa tal-bniedem, għas-sigurtà jew l-ambjent, din għandha tinnotifika immedjatament din id-deċiżjoni lill-Parti l-oħra kif ukoll lill-operaturi ekonomiċi kkonċernati. In-notifika għandha tinkludi l-informazzjoni xjentifika jew teknika rilevanti kollha.

*Artikolu 7*

**Miżuri Oħra li Jirrestrinġu l-Kummerċ**

Kull Parti għandha toqgħod lura milli tannulla jew tħassar il-benefiċċji għall-aċċess fis-suq, dovuti lill-Parti l-oħra taħt dan l-Anness, permezz ta' miżuri regolatorji oħra li jkunu speċifiċi għas-settur kopert b'dan l-Anness. Dan huwa bla preġudizzju għad-dritt li jiġu adottati miżuri li jkunu meħtieġa għas-sigurtà fuq it-triq, għall-protezzjoni tal-ambjent jew tas-saħħa pubblika u għall-prevenzjoni ta' prattiki qarrieqa, sakemm dawn il-miżuri jkunu bbażati fuq informazzjoni xjentifika u teknika sostanzjata.

*Artikolu 8*

**Applikazzjoni tar-Regolamenti**

1. Meta Parti taċċetta l-konformità jew l-armonizzazzjoni mar-rekwiżiti tal-UNECE b'mod konformi mal-Artikolu 3 ta' dan l-Anness, iċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip tal-UNECE li jinħarġu mill-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu kkunsidrati bħala li jipprovdu preżunzjoni ta' konformità. Jekk Parti tiskopri li ċertu prodott kopert b'ċertifikat tal-approvazzjoni tat-tip ma jkunx konformi mat-tip approvat, din għandha tinforma lill-Parti l-oħra. Dan il-paragrafu huwa bla preġudizzju għad-dritt tal-Partijiet li jieħdu miżuri xierqa, kif stabbilit fil-paragrafi 2 u 3.

2. L-awtoritajiet amministrattivi kompetenti ta' kull Parti jistgħu jivverifikaw permezz ta' teħid ta' kampjun każwali skont il-liġijiet nazzjonali tagħha li l-prodotti, inklużi dawk approvati mill-fabbrikant stess, ikunu konformi kif xieraq ma':

(a) ir-regolamenti tekniċi kollha ta' dik il-Parti; jew

(b) ir-regolamenti tekniċi nazzjonali u r-rekwiżiti l-oħra, kif stabbilit fl-Artikolu 3(a) ta' dan l-Anness.

Kull Parti tista' titlob lill-fornitur biex jirtira prodott mis-suq tagħha f'każ li l-prodott ikkonċernat ma jkunx konformi ma' dawk ir-regolamenti jew rekwiżiti, skont il-każ.

3. L-approvazzjoni tat-tip tista' tiġi rifjutata jekk id-dokumenti ma jkunux kompluti, il-proċeduri rilevanti sabiex tkun verifikata l-konformità tal-produzzjoni ma jkunux ġew osservati, jew jekk il-prodotti kkonċernati ma jkunux konformi kif jixraq ma':

(a) ir-regolamenti tekniċi kollha ta' Parti; jew

(b) ir-regolamenti tekniċi ta' Parti u r-rekwiżiti l-oħra, kif stabbilit fl-Artikolu 3(a) ta' dan l-Anness.

4. Minkejja l-konformità mar-regolamenti tekniċi jew ir-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 3(a) ta' dan l-Anness, Parti tista', f'ċirkostanzi straordinarji, tirrifjuta fornitur milli jpoġġi l-prodott fis-suq tagħha jew inkella titlob lill-fornitur sabiex jirtira dak il-prodott mis-suq tagħha jekk ikun hemm riskji urġenti u irreżistibbli għas-sigurtà fuq it-triq, għas-saħħa pubblika jew għall-ambjent, ibbażat fuq informazzjoni xjentifika jew teknika sostanzjata. Dan ir-rifjut m'għandu jikkostitwixxi l-ebda mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew mhux ġustifikata kontra l-prodotti tal-Parti l-oħra jew inkella xi restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ. Qabel ma tkun implimentata, kull miżura ta' emerġenza temporanja bħal din għandha tiġi notifikata lill-Parti l-oħra u lill-fornitur bi spjegazzjoni oġġettiva, raġunata u dettaljata dwar il-motiv għal din il-miżura.

*Artikolu 9*

**Grupp ta' Ħidma dwar il-Vetturi bil-Magna u l-Partijiet**

1. Sabiex jitħaffef aktar il-kummerċ tal-vetturi bil-mutur u tal-partijiet u sabiex jiġu indirizzati l-problemi għall-aċċess fis-suq qabel ma dawn jinqalgħu, il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw u li jikkonsultaw lil xulxin mill-ewwel dwar kull materja li tikkonċerna l-applikazzjoni ta' dan l-Anness. Huma jaqblu li jinfurmaw lil xulxin dwar kull miżura li tista' taffettwa l-kummerċ tal-prodotti li jaqgħu fl-ambitu ta' dan l-Anness, skont il-Kapitolu Erba' (Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ). Fuq talba, kull Parti għandha twieġeb bil-mitkub, f'perjodu ta' żmien raġonevoli, għall-kummenti u l-mistoqsijiet rigward kull problema li tqum dwar kwalunkwe miżura bħal din, u jkunu lesti li jidħlu f'konsultazzjonijiet fejn jikkonċerna miżuri bħal dawn bil-għan li jilħqu ftehim sodisfaċenti għat-tnejn.

2. il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Vetturi bil-Magna u l-Partijiet stabbilit skont l-Artikolu 15.3.1 (Gruppi ta' Ħidma) għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni effettiva ta', u jista' jikkunsidra kull materja relatata ma', dan l-Anness. B'mod partikolari, il-Grupp ta' Ħidma għandu jkun responsabbli:

(a) biex iħejji l-kooperazzjoni ta' bejn il-Partijiet fir-rigward tax-xogħlijiet tal- WP.29, skont l-Artikolu 2 ta' dan l-Anness;

(b) biex jissorvelja l-implimentazzjoni sħiħa tal-impenji stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dan l-Anness, inkluż:

(i) li jiddiskuti l-progress fl-implimentazzjoni tal-proċess ta' armonizzazzjoni stabbilit fl-Artikolu 3(a)(iii);

(ii) li jipprovdi forum għall-konsultazzjonijiet previsti fl-Artikolu 3(a)(iv); u

(iii) li jħejji d-deċiżjonijiet tal-Kumitat dwar il-Kummerċ stabbilit fl-Artikolu 3(d);

(c) biex jiddiskuti r-reviżjonijiet deskritti fl-Artikolu 4.2 ta' dan l-Anness u jmexxi l-konsultazzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4.3 ta' dan l-Anness;

(d) biex jiddiskuti, kif xieraq, in-notifiki previsti fl-Artikoli 6 u 8 ta' dan l-Anness;

(e) biex jikkunsidra l-applikazzjoni tar-regolamenti tekniċi għall-vetturi bil-mutur importati taħt metodu differenti u jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet fejn xieraq; u

(f) għal kull materja oħra, kif jixraq, rigward l-implimentazzjoni prattika tal-arranġamenti tranżitorji dwar id-dijanjostika abbord (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"OBD") u l-emissjonijiet stabbiliti fit-Tabella 1 tal-Appendiċi 2-C-3.

3. Il-Grupp ta' Ħidma għandu jiltaqa' ta' mill-inqas darba fis-sena, sakemm ma jiġix miftiehem mod ieħor. Il-laqgħat tiegħu normalment isiru mal-laqgħat tal-WP.29 jew ta' kwalunkwe forum ieħor li jindirizza materji relatati mal-vetturi. Il-Grupp ta' Ħidma jista' jwettaq ix-xogħol tiegħu ukoll permezz tal-posta elettronika, telekonferenza jew vidjokonferenza jew b'mezzi ta' komunikazzjoni xierqa oħra.

*Artikolu 10*

**Konformità**

1. Il-Kapitolu Erbatax (Soluzzjoni ta' Kwistjonijiet) għandu japplika għal dan l-Anness suġġett għall-modifiki li ġejjin:

(a) Kwistjoni li tikkonċerna l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan l-Anness għandha tiġi kkunsidrata bħala materja ta' urġenza;

(b) Il-perjodu previst għall-konsultazzjonijiet taħt l-Artikolu 14.3 (Konsultazzjonijiet) għandu jitnaqqas minn 30 jum għal 15-il jum;

(c) Il-perjodu previst għall-ħruġ tar-rapport interim tal-bord skont l-Artikolu 14.6 (Rapport Interim tal-Bord) għandu jitnaqqas minn 90 jum għal 60 jum;

(d) Il-perjodu previst għall-ħruġ tad-deċiżjoni tal-bord ta' arbitraġġ skont l-Artikolu 14.7 (Deċiżjoni tal-Bord ta' Arbitraġġ) għandu jitnaqqas minn 120 jum għal 75 jum; u

(e) Is-sentenza li ġejja għandha tiġi kkunsidrata bħala miżjuda mal-Artikolu 14.9 (Il-Perjodu ta' Żmien Raġonevoli għall-Konformità): "Il-Parti li kontriha jsir l-ilment għandha tkun konformi mad-deċiżjoni tal-bord ta' arbitraġġ mingħajr dewmien. Jekk il-konformità immedjata ma tkunx possibbli, il-perjodu raġonevoli ta' żmien normalment m'għandux ikun iktar minn 90 jum u, fl-ebda każ, m'għandu jkun itwal minn 150 jum mill-ħruġ tad-deċiżjoni tal-bord ta' arbitraġġ f'każijiet fejn l-adozzjoni ta' miżura ta' applikazzjoni ġenerali li ma tkunx teħtieġ azzjoni leġiżlattiva tkun meħtieġa għall-Parti li kontriha jsir l-ilment sabiex din tikkonforma ruħha."

2 Il-Partijiet jistgħu jiftiehmu li ma japplikawx id-dispożizzjonijiet speċifiċi ta' dan l-Artikolu.

*Appendiċi 2-C-1*

l-Anness 2-C m’għandux ikopri:

(a) Trakters (fis-SA 8701.10, 8701.20, 8709.11, 8709.19 u 8709.90);

(b) Muturi ta’ fuq is-silġ u vetturi tal-golf (fis-SA 8703.10); u

(c) Makkinarju tal-kostruzzjoni: (SA: 84134000, 84251100, 84251920, 84251980, 84253100, 84253930, 84253990, 84254100, 84254200, 84254900, 84261100, 84261200, 84261900, 84262000, 84263000, 84264100, 84264900, 84269110, 84269190, 84269900, 84272010, 84272090, 84281020, 84281080, 84282030, 84282091, 84282098, 84283100, 84283200, 84283300, 84283920, 84283990, 84284000, 84286000, 84289030, 84289071, 84289079, 84289091, 84289095, 84291100, 84291900, 84292000, 84293000, 84294010, 84294030, 84294090, 84295110, 84295191, 84295199, 84295210, 84295290, 84295900, 84301000, 84302000, 84303100, 84303900, 84304100, 84304900, 84305000, 84306100, 84306900, 84311000, 84313100, 84313910, 84313970, 84314100, 84314200, 84314300, 84314920, 84314980, 84741000, 84742010, 84742090, 84743100, 84743200, 84743910, 84743990, 84748010, 84748090, 84749010, 84749090, 84791000, 87013010, 87013090, 87041010, 87041090, 87051000, 87052000, 87054000 u 87059030).

*Appendiċi 2-C-2*

*Tabella 1*

**Lista msemmija fl-Artikolu 3(a)(i) tal-Anness 2-C**

| Suġġett | Rekwiżiti | Regolament Tekniku tal-UE Korrispondenti |
|---|---|---|
| Livell ta' ħoss permissibbli | UNECE Reg. 51 | Direttiva 70/157/KEE |
| Sistemi ta' sajlensers ta' sostituzzjoni | UNECE Reg. 59 | Direttiva 70/157/KEE |
| Emissjonijiet | UNECE Reg. 83 | Direttiva 70/220/KEE |
| Konvertituri katalitiċi ta' sostituzzjoni | UNECE Reg. 103 | Direttiva 70/220/KEE |
| Tankijiet tal-karburant | UNECE Reg. 34 | Direttiva 70/221/KEE |
| Tankijiet ta' LPG | UNECE Reg. 67 | Direttiva 70/221/KEE |
| Tankijiet ta' CNG | UNECE Reg. 110 | Direttiva 70/221/KEE |
| Tagħmir ta' protezzjoni fuq wara | UNECE Reg. 58 | Direttiva 70/221/KEE |
| Sforz tekniku tal-istering | UNECE Reg. 79 | Direttiva 70/311/KEE |
| Lukketti u ċappetti tal-bibien | UNECE Reg. 11 | Direttiva 70/387/KEE |
| Twissija li tinstema' | UNECE Reg. 28 | Direttiva 70/388/KEE |
| Tagħmir għal viżta indiretta | UNECE Reg. 46 | Direttiva 2003/97/KE |
| Ibbrekjar | UNECE Reg. 13 | Direttiva 71/320/KEE |
| Ibbrekjar | UNECE Reg. 13H | Direttiva 71/320/KEE |
| Lajnings tal-brejkijiet | UNECE Reg. 90 | Direttiva 71/320/KEE |
| Interferenza tal-frekwenza tar-radju (kompatibbiltà elettromanjetika) | UNECE Reg. 10 | Direttiva 72/245/KEE |
| Duħħan tad-diżil | UNECE Reg. 24 | Direttiva 72/306/KEE |
| Fittings interni | UNECE Reg. 21 | Direttiva 74/60/KEE |
| Tagħmir kontra s-serq | UNECE Reg. 18 | Direttiva 74/61/KEE |
| Immobilizzatur u tagħmir kontra s-serq | UNECE Reg. 116 | Direttiva 74/61/KEE |
| Sistemi ta' allarm tal-vettura | UNECE Reg. 97<br>UNECE Reg. 116 | Direttiva 74/61/KEE |
| Reazzjoni tat-tagħmir tal-istering fil-każ ta' ħabta | UNECE Reg. 12 | Direttiva 74/297/KEE |
| Saħħa tas-sits | UNECE Reg. 17 | Direttiva 74/408/KEE |
| Saħħa tas-sits (karozzi tal-linja u kowċis) | UNECE Reg. 80 | Direttiva 74/408/KEE |
| Projezzjonijiet esterni | UNECE Reg. 26 | Direttiva 74/483/KEE |
| Speedometer | UNECE Reg. 39 | Direttiva 75/443/KEE |
| Ankraġġi taċ-ċinturini ta' sigurtà | UNECE Reg. 14 | Direttiva 76/115/KEE |

| Suġġett | Rekwiżiti | Regolament Tekniku tal-UE Korrispondenti |
|---|---|---|
| Stallazzjoni ta' tagħmir tad-dawl u tas-sinjalazzjoni | UNECE Reg. 48 | Direttiva 76/756/KEE |
| Rifletturi ta' wara | UNECE Reg. 3 | Direttiva 76/757/KEE |
| Fanali end-outline, tal-pożizzjoni ta' quddiem (tal-ġenb), tal-pożizzjoni ta' wara (tal-ġenb), tal-waqfien | UNECE Reg. 7 | Direttiva 76/758/KEE |
| Lampi għal binhar | UNECE Reg. 87 | Direttiva 76/758/KEE |
| Lampi tal-ġnub | UNECE Reg. 91 | Direttiva 76/758/KEE |
| Indikaturi | UNECE Reg. 6 | Direttiva 76/759/KEE |
| Lampa tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara | UNECE Reg. 4 | Direttiva 76/760/KEE |
| Fanali ta' quddiem ($R_2$ u $HS_1$) | UNECE Reg. 1 | Direttiva 76/761/KEE |
| Fanali ta' quddiem (sealed beam) | UNECE Reg. 5 | Direttiva 76/761/KEE |
| Fanali ta' quddiem ($H_1$, $H_2$, $H_3$, $HB_3$, $HB_4$, $H_7$, u/jew $H_8$, $H_9$ ,HIR1, HIR2 u/jew $H_{11}$) | UNECE Reg. 8 | Direttiva 76/761/KEE |
| Fanali ta' quddiem ($H_4$) | UNECE Reg. 20 | Direttiva 76/761/KEE |
| Fanali ta' quddiem (halogen sealed beam) | UNECE Reg. 31 | Direttiva 76/761/KEE |
| Lampi bil-filament għall-użu f'unitajiet ta' lampi approvati | UNECE Reg. 37 | Direttiva 76/761/KEE |
| Fanali ta' quddiem b'sorsi ta' dawl li jaħdmu bl-emissjoni tal-gass | UNECE Reg. 98 | Direttiva 76/761/KEE |
| Għejjun ta' dawl tal-gass għall-użu f'unitajiet ta' lampi tal-gass approvati | UNECE Reg. 99 | Direttiva 76/761/KEE |
| Fanali ta' quddiem (passing beam asimetriku) | UNECE Reg. 112 | Direttiva 76/761/KEE |
| Sistemi adattivi tad-dawl ta' quddiem | UNECE Reg. 123 | Direttiva 76/761/KEE |
| Fanali ta' quddiem taċ-ċpar | UNECE Reg. 19 | Direttiva 76/762/KE |
| Fanali taċ-ċpar għal wara | UNECE Reg. 38 | Direttiva 77/538/KE |
| Fanali tas-sewqan blura | UNECE Reg. 23 | Direttiva 77/539/KE |
| Fanali tal-ipparkjar | UNECE Reg. 77 | Direttiva 77/540/KE |
| Ċinturini ta' sigurtà u sistemi ta' trażżin | UNECE Reg. 16 | Direttiva 77/541/KE |
| Trażżin għat-tfal | UNECE Reg. 44 | Direttiva 77/541/KE |
| Kamp ta' viżta 'l quddiem | UNECE Reg. 125 | Direttiva 77/649/KE |
| Identifikazzjoni ta' kontrolli, tell-tales u indikaturi | UNECE Reg. 121 | Direttiva 78/316/KEE |
| Sistemi ta' tisħin | UNECE Reg. 122 | Direttiva 2001/56/KE |
| Ilqugħ għar-ras (ikkombinat mas-sits) | UNECE Reg. 17 | Direttiva 78/932/KEE |
| Ilqugħ għar-ras | UNECE Reg. 25 | Direttiva 78/932/KEE |

| Suġġett | Rekwiżiti | Regolament Tekniku tal-UE Korrispondenti |
|---|---|---|
| Emissjonijiet ta' $CO_2$ – konsum ta' karburant | UNECE Reg. 101 | Direttiva 80/1268/KEE |
| Qawwa tal-magna | UNECE Reg. 85 | Direttiva 80/1269/KEE |
| Emissjonijiet (Euro IV u V) vetturi ta' strapazz | UNECE Reg. 49 | Direttiva 2005/55/KE |
| Protezzjoni laterali | UNECE Reg. 73 | Direttiva 89/297/KEE |
| Ħġieġ ta' sikurezza | UNECE Reg. 43 | Direttiva 92/22/KEE |
| Tajers, vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom | UNECE Reg. 30 | Direttiva 92/23/KEE |
| Tajers, vetturi kummerċjali u l-karrijiet tagħhom | UNECE Reg. 54 | Direttiva 92/23/KEE |
| Roti/tajers sper għall-użu temporanju | UNECE Reg. 64 | Direttiva 92/23/KEE |
| Ħoss rolling | UNECE Reg. 117 | Direttiva 92/23/KEE |
| Tagħmir għal-limitazzjoni tal-veloċità | UNECE Reg. 89 | Direttiva 92/24/KEE |
| Kaplings | UNECE Reg. 55 | Direttiva 94/20/KE |
| Tagħmir ta' gganċjar mill-qrib | UNECE Reg. 102 | Direttiva 94/20/KE |
| Fjammabbiltà | UNECE Reg. 118 | Direttiva 95/28/KE |
| Karozzi tal-linja u kowċis | UNECE Reg. 107 | Direttiva 2001/85/KE |
| Saħħa tas-sovrastruttura (karozzi tal-linja u kowċis) | UNECE Reg. 66 | Direttiva 2001/85/KE |
| Impatt minn quddiem | UNECE Reg. 94 | Direttiva 96/79/KE |
| Impatt mill-ġenb | UNECE Reg. 95 | Direttiva 96/27/KE |
| Vetturi intiżi għall-ġarr ta' merkanzija perikoluża | UNECE Reg. 105 | Direttiva 98/91/KE |
| Protezzjoni tal-qiegħ fuq quddiem | UNECE Reg. 93 | Direttiva 2000/40/KE |

*Tabella 2*

**Lista msemmija fl-Artikolu 3(a)(iii) tal-Anness 2-C**

| Suġġett | Regolamenti Tekniċi tal-UE | Regolamenti tal-UNECE korrispondenti |
|---|---|---|
| Projezzjonijiet esterni ta' kabini | Direttiva 92/114/KEE | 61 |

*Appendiċi 2-C-3*

*Tabella 1*

**Lista msemmija fl-Artikolu 3(a)(ii) tal-Anness 2-C**

| Suġġett | | Rekwiżiti | Regolamenti Tekniċi tal-Korea korrispondenti |
|---|---|---|---|
| Okkupant Protezzjoni minn ħabta | Minn quddiem | UNECE Reg. 94 | KMVSS [1] Artikolu 102 |
| | Mill-ġenb | UNECE Reg. 95 | KMVSS Artikolu 102 |
| Spostament lura tal-kontroll tal-istering | | UNECE Reg. 12 | KMVSS Artikolu 89 paragrafu 1 Punt 2 |
| Protezzjoni minn ħabta għas-sewwieq mis-sistema ta' kontroll tal-istering | | UNECE Reg. 12 | KMVSS Artikolu 89 paragrafu 1 Punt 1 |
| Sistemi ta' tisħin | | UNECE Reg. 17 | KMVSS Artikolu 97 |
| Ilquġħ protettiv tar-ras | | UNECE Reg. 17,<br>UNECE Reg. 25,<br>GTR 7 | KMVSS Artikoli 26, 99 |
| Serraturi tal-bibien u komponenti li jżommu l-bibien | | UNECE Reg. 11,<br>GTR 1 | KMVSS Artikolu 104 Paragrafu 2 |
| Impatt fuq il-panel tal-istrumenti | | UNECE Reg. 21 | KMVSS Artikolu 88 |
| Impatt fuq id-dahar tas-sit | | UNECE Reg. 21 | KMVSS Artikolu 98 |
| Impatt fuq il-puġġaman | | UNECE Reg. 21 | KMVSS Artikolu 100 |
| Impatt fuq l-ilquġħ mix-xemx | | UNECE Reg. 21 | KMVSS Artikolu 101 |
| Impatt fuq il-mera ta' ġewwa li turi fuq wara | | UNECE Reg. 46 | KMVSS Artikolu 108 |
| Ganċ tal-irmonk | | 77/389/EEC | KMVSS Artikolu 20 Punti 1, 2, 4 |
| Protezzjoni tal-qiegħ fuq wara | | UNECE Reg. 58 | KMVSS Artikolu 19 Paragrafu 4 u l-Artikolu 96 |
| Dawl u sistemi tas-sinjali bid-dawl | Installazzjoni | UNECE Reg. 48 | KMVSS Artikoli 38, 39, 40, 41, 42, 43, 44, 45 u 47 |
| | Fanal ta'quddiem | UNECE Reg. 1, 2, 5, 8, 20, 31, 37,<br>UNECE Reg. 98, 99, 112, 113, 123 | KMVSS Artikolu 38, Artikolu 48 Paragrafu 3, Artikolu 106 Punt 1 |
| | Fanal taċ-ċpar għal quddiem | UNECE Reg. 19 | KMVSS Artikolu 38-2 Paragrafu 1, Artikolu 106 Punt 2 |
| | Fanal ta' wara | UNECE Reg. 23 | KMVSS Artikolu 39, Artikolu 106 Punt 3 |
| | Fanal tal-ikklirjar | UNECE Reg. 7 | KMVSS Artikolu 40, Artikolu 106 Punt 4 |
| | Fanal tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni | UNECE Reg. 4 | KMVSS Artikolu 41, Artikolu 106 Punt 5 |
| | Fanal ta' wara | UNECE Reg. 7 | KMVSS Artikolu 42, Artikolu 106 Punt 6 |

| Suġġett | | Rekwiżiti | Regolamenti Tekniċi tal-Korea korrispondenti |
|---|---|---|---|
| | Fanal tal-waqfien | UNECE Reg. 7 | KMVSS Artikolu 43 Paragrafu 1, Artikolu 106 Punt 7 |
| | Fanal tal-waqfien mmuntat fl-għoli fin-nofs | UNECE Reg. 7 | KMVSS Artikolu 43 Paragrafi 2, 3, Artikolu 106 Punt 8 |
| | Sinjal tad-dawrien | UNECE Reg. 6 | KMVSS Artikolu 44, Artikolu 106 Punt 9 |
| | Sinjal tad-dawrien awżiljajru | UNECE Reg. 7 | KMVSS Artikolu 44, Artikolu 106 Punt 10 |
| | Fanal taċ-ċpar għal wara | UNECE Reg. 38 | KMVSS Artikolu 38-2 Paragrafu 2, Artikolu 106 Punt 2 |
| | Tagħmir ta' rifless-joni għal wara | UNECE Reg. 70, UNECE Reg. 3 | KMVSS Artikolu 49 paragrafi 1, 2, Artikolu 107 |
| Viżibbiltà tas-sewwieq | | UNECE Reg. 46 | KMVSS Artikolu 50<br>Artikolu 94 |
| Qawwa tal-magna | | UNECE Reg. 85 | KMVSS Artikolu 11 Paragrafu 1 Punt 2, Artikolu 111 |
| Tagħmir biex jassigura l-viżibbiltà tas-sewwieq | Sistema li tnaddaf il-windskrin | 78/318/ KEE | KMVSS Artikolu 51 Paragrafu 2, Artikolu 109 Punt 1 |
| | Sistema sabiex jiddewweb is-silġ | 78/317/ KEE | KMVSS Artikolu 109 Punt 2 |
| | Sistema li tneħħi ċ-ċpar | 78/317/ KEE | KMVSS Artikolu 109 Punt 3 |
| | Sistema li taħsel il-windskrin | 78/318/ KEE | KMVSS Artikolu 109 Punt 4 |
| Brejk tal-vettura tal-passiġġier | | UNECE Reg. 13H | KMVSS Artikolu 15, Artikolu 90 Punt 1 |
| Sistema ta' brejkijiet ħlief il-vettura tal-passiġġier u l-karru | | UNECE Reg. 13 | KMVSS Artikolu 15, Artikolu 90 Punt 2 |
| Sistema ta' brejkijiet tal-karru | | UNECE Reg. 13 | KMVSS Artikolu 15, Artikolu 90 Punt 3 |
| Sistema ta' brejkijiet anti-lock, ħlief il-karru | | UNECE Reg. 13 | KMVSS Artikolu 15, Artikolu 90 Punt 4 |
| Sistema ta' brejkijiet anti-lock tal-karru | | UNECE Reg. 13 | KMVSS Artikolu 15, Artikolu 90 Punt 5 |
| Sforz tekniku tal-istering | | UNECE Reg. 79 | KMVSS Artikolu 14, Artikolu 89 paragrafu 2 |
| Tagħmir li jillimita l-veloċità | | UNECE Reg. 89 | KMVSS Artikolu 110-2 |
| Speedometer | | UNECE Reg. 39 | KMVSS Artikolu 110 |
| Kompatibbiltà elettromanjetika | | UNECE Reg. 10 | KMVSS Artikolu 111-2 |
| Tnixxija ta' karburant wara ħabta | | UNECE Reg. 34,<br>UNECE Reg. 94,<br>UNECE Reg. 95 | KMVSS Artikolu 91 |

| Suġġett | | Rekwiżiti | Regolamenti Tekniċi tal-Korea korrispondenti |
|---|---|---|---|
| Impatt fuq il-bamper | | UNECE Reg. 42 | KMVSS Artikolu 93 |
| Ankraġġi tal-armar taċ-ċinturini ta' sigurtà | | UNECE Reg. 14, UNECE Reg. 16 | KMVSS Artikolu 27 Paragrafi 1, 2, 3, 4, 5; Artikolu 103 Paragrafi 1, 2, 3 |
| Ankraġġ tas-sit tat-tfal | | UNECE Reg. 14 | KMVSS Artikolu 27-2, Artikolu 103-2 |
| Ħoss tal-ħorn, ħoss stazzjonarju u sajlensers għall-vetturi (4 roti) | | UNECE Reg. 28 UNECE Reg. 51 | KMVSS Artikoli 35, 53, NVCA Artikolu 30 u l-Ordinanza tal-MOE tiegħu Artikolu 29 |
| Emissjoni u ħoss (ħlief il-ħoss li jinstema' mill-qrib ta' 3 jew 4 roti) għall-muturi | | UNECE Reg. 40, UNECE Reg. 41, UNECE Reg. 47 Direttivi 2002/51/KE, 2003/77/KE, 97/24/KE Kapitoli 5 u 9 | CACA Artikolu 46 u l-Ordinanza tal-MOE tiegħu Artikolu 62, NVCA Artikolu 30 u l-Ordinanza tal-MOE tiegħu Artikolu 29 |
| Emissjoni Diżil (ink. OBD) | Vettura ta' 3.5t jew inqas | UNECE Reg. 83, UNECE Reg. 24 Regolament (KE) 692/2008 | CACA Artikolu 46 u l-Ordinanza tal-MOE tiegħu Artikolu 62 |
| | Vettura ta' 3.5t jew iktar | UNECE Reg. 49 Regolament (KE) 692/2008 | |
| Tajers | | UNECE Reg. 30, 54, 75, 106, 117, 108, 109 | Att dwar il-Ġestjoni tal-Kwalità, is-Sigurtà u l-Kontroll ta' Prodotti Industrijali (QMSCIPA) (Artikoli 19, 20, 21); Regoli ta' Nfurzar tal-QMSCIPA Artikolu 2 paragrafu 2, Artikolu 19. |

([1]) Korea Motor Vehicle Safety Standards.

Sistemi Dijanjostiċi Abbord għall-Vetturi li Jaħdmu bil-Gażolina

Il-vetturi li jaħdmu bil-gażolina u li jkunu konformi mal-Euro 6 OBD għandhom ikunu kkunsidrati bħala konformi mal-Korea LEV u mal-ULEV OBD tal-Korea.

Arranġamenti Tranżitorji dwar l-OBD u l-Emissjonijiet għall-Vetturi bil-Magna li Jaħdmu bil-Gażolina

1. OBD

   Sal-aħħar tal-2013 jew l-introduzzjoni tal-Euro 6 OBD, jekk din tal-aħħar tiġi qabel:

   (a) kull fabbrikant tal-vetturi tal-UE ([1]) li l-bejgħ tal-vetturi tiegħu b'Euro OBD fil-Korea matul is-sena 2008 ikun ta' iktar minn 800 vettura għandu jkun awtorizzat li jbiegħ fil-Korea n-numru ta' vetturi li ġejjin b'Euro 5 OBD għal kull sena u ditta:

   is-sena 2010: 1,200, is-sena 2011: 1,500, is-sena 2012: 1,800 u s-sena 2013: 1,800;

   (b) kull fabbrikant tal-vetturi tal-UE li l-bejgħ totali tiegħu ta' vetturi b'Euro OBD fil-Korea matul is-snin 2005 sal-2008 ikun iżjed minn medja ta' 750 vettura kull sena għandu jiġi awtorizzat li jbiegħ fil-Korea 1,000 vettura b'Euro 5 OBD għal kull sena u ditta; u

   (ċ) fabbrikanti oħra tal-vetturi tal-UE li mhumiex koperti taħt is-subparagrafi (a) jew (b) ta' aktar 'il fuq għandhom ikunu awtorizzati li jbigħu vetturi b'Euro 5 OBD fil-Korea f'limitu ġenerali ta' 1,500 ta' vetturi bħal dawn kull sena. Din il-kwantità għandha titqassam bejn dawk il-fabbrikanti skont il-prinċipji li jridu jiġu stabbiliti mill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Vetturi bil-Magna u l-Partijiet.

2. Emissjonijiet

   Sal-applikazzjoni ta' arranġament ġdid ([2]) għall-fabbrikanti sabiex ikunu jistgħu jbigħu mhux iktar minn 10,000 vettura li jaħdmu bil-gażolina kull sena fit-territorju tal-Korea, il-Korea għandha tipprovdi li:

([1]) Il-Partijiet jinnutaw li l-prattika Koreana dwar il-kunċett ta' fabbrikant meta jiġi ffirmat dan il-Ftehim għandha tipprovdi gwida fl-implimentazzjoni ta' dan il-paragrafu.

([2]) Il-Partijiet jifhmu li arranġament ġdid għandu jiġi introdott meta jidħol fis-seħħ il-*Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Istati Uniti tal-Amerika.*

(a) vettura bil-magna li taħdem bil-gażolina manifatturata minn fabbrikant li jbiegħ mhux iktar minn 250 minn dawn il-vetturi kull sena fit-territorju tal-Korea tkun konformi mar-rekwiżiti tal-emissjoni tal-Korea jekk il-valur annwali medju tal-Gassijiet Organiċi Mingħajr Metanu tal-flotta (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"NMOG") tal-flotta tal-fabbrikant mibjugħa fit-territorju tal-Korea ma jkunx ta' aktar minn 0.047 g/km;

(b) vettura bil-magna li taħdem bil-gażolina manifatturata minn fabbrikant li jbiegħ mhux iktar minn 4,000 minn dawn il-vetturi kull sena fit-territorju tal-Korea tkun konformi mar-rekwiżiti tal-emissjoni tal-Korea jekk il-valur annwali medju ta' NMOG tal-flotta tal-fabbrikant mibjugħa fit-territorju tal-Korea ma jkunx ta' iktar minn 0.039 g/km; u

(ċ) vettura bil-magna li taħdem bil-gażolina manifatturata minn fabbrikant li jbiegħ mhux iktar minn 10,000 minn dawn il-vetturi kull sena fit-territorju tal-Korea tkun konformi mar-rekwiżiti tal-emissjoni tal-Korea jekk il-valur medju annwali ta' NMOG tal-flotta tal-fabbrikant mibjugħa fit-territorju tal-Korea ma jkunx aktar minn 0.030 g/km.

3. Applikazzjoni ta' Arranġamenti Tranżitorji ([1])

Il-Partijiet għandhom jipprovdu għall-applikazzjoni ta' dawn l-arranġamenti tranżitorji dwar l-OBD u l-emissjonijiet mis-sena kalendarja li fiha dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ.

*Tabella 2*

**Lista msemmija fl-Artikolu 3(a)(iii) tal-Anness 2-C**

| Suġġett | Regolamenti Tekniċi tal-Korea | Regolamenti tal-UNECE korrispondenti |
|---|---|---|
| Angolu Massimu ta' Inklinazzjoni Stabbli | KMVSS Art. 8 | 107 |
| Raġġ Minimu ta' Dawrien | KMVSS Art. 9 | 107 |
| Tagħmir tal-ġiri | KMVSS Art. 12 | 30, 54 |
| Kontrolli u Skrins | KMVSS Art. 13 | 121 |
| Qafas u Karozzerija | KMVSS Art. 19 | 58, 73 |
| Tagħmir ta' gganċjar u (f'T1) | KMVSS Art. 20 Punti 3, 5 | 55 |
| Protezzjoni għal kontra s-serq | KMVSS Art. 22 | 18 |
| Akkommodazzjoni tal-irkib | KMVSS Art. 23 | 107 |
| Sit tas-sewwieq | KMVSS Art. 24 | 107 |
| Sit tal-passiġġier | KMVSS Art. 25 | 107 |
| Ċinturin tas-sigurtà | KMVSS Art. 27 | 16 |
| Spazju bil-wieqfa | KMVSS Art. 28 | 107 |
| Dħul | KMVSS Art. 29 | 107 |
| Ħruġ tal-emerġenza | KMVSS Art. 30 | 107 |
| Kuritur | KMVSS Art. 31 | 107 |
| Ħġieġ ta' sikurezza | KMVSS Art. 34 | 43, GTR 6 |
| Fanal ta' Twissija ta' Periklu | KMVSS Art. 45 | 48 |
| Speedometer u Odometer | KMVSS Art. 54 | 39 |
| Tagħmir tat-tifi tan-nar | KMVSS Art. 57 | 36 |
| Tagħmir tal-ġiri | KMVSS Art. 64 | 75 |
| Sistema ta' brejkijiet tas-servizz | KMVSS Art. 67 | 78, GTR 3 |

([1]) B'fehma reċiproka li dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ fl-2010, il-Korea għandha tieħu l-miżuri meħtieġa, fir-rigward tat-tpoġġija fis-suq ta' vetturi b'Euro 5 OBD, effettivi mill-1 ta' Jannar 2010.

| Suġġett | Regolamenti Tekniċi tal-Korea | Regolamenti tal-UNECE korrispondenti |
|---|---|---|
| Fanal ta' quddiem | KMVSS Art. 75 | 53, 56, 57, 72, 74, 76, 82 |
| Fanal tal-pjanċa ta' reġistrazzjoni | KMVSS Art. 76 | 50, 53 |
| Fanal ta' wara | KMVSS Art. 77 | 50, 53 |
| Fanal tal-waqfien | KMVSS Art. 78 | 50, 53 |
| Fanal tad-dawrien | KMVSS Art. 79 | 50, 53 |
| Riflettur rifless għal wara | KMVSS Art. 80 | 3, 53 |
| Mera li turi wara | KMVSS Art. 84 | 81 |
| Speedometer | KMVSS Art. 85 | 39 |

*ANNESS 2-D*

## PRODOTTI FARMAĊEWTIĊI U APPARAT MEDIKU

*Artikolu 1*

### Dispożizzjonijiet Ġenerali

Filwaqt li jirrikonoxxu li jeżistu differenzi bejn is-sistemi tal-kura tas-saħħa ta' kull Parti, il-Partijiet qed jaqsmu l-impenn li jippromwovi l-iżvilupp ta' u li jiffaċilitaw l-aċċess għal prodotti farmaċewtiċi u apparat mediku soġġett għal privattivi u ġeneriċi ta' kwalità għolja, bħala mezz sabiex ikomplu jtejbu s-saħħa tal-popolazzjonijiet tagħhom. Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, il-Partijiet jikkonfermaw il-prinċipji kondiviżi tagħhom fir-rigward tal-importanza ta':

(a) l-aċċess adegwat għall-prodotti farmaċewtiċi u apparat mediku filwaqt li jipprovdu kura tas-saħħa ta' kwalità għolja;

(b) inċentivi ekonomiċi b'saħħithom u swieq kompetittivi għall-iżvilupp effiċjenti ta' u l-aċċess għal prodotti farmaċewtiċi u apparat mediku;

(c) sostenn xieraq mill-gvern għar-riċerka u l-iżvilupp ta' riċerka akkademika u kummerċjali, għall-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali kif ukoll inċentivi oħra għall-innovazzjoni fir-riċerka u l-iżvilupp ta' prodotti farmaċewtiċi u apparat mediku;

(d) il-promozzjoni tal-innovazzjoni ta', u l-aċċess f'waqtu u raġonevoli għal, prodotti farmaċewtiċi u apparat mediku sikuri u effettivi permezz ta' proċeduri trasparenti u kredibbli, mingħajr ma jfixklu l-kapaċità ta' Parti milli tapplika standards għoljin ta' sigurtà, effikaċja u kwalità;

(e) prattiki etiċi mill-fabbrikanti u l-fornituri ta' prodotti farmaċewtiċi u apparat mediku kif ukoll mill-fornituri tal-kura tas-saħħa fuq bażi ġenerali sabiex, fir-rigward tal-kura tas-saħħa, id-deċiżjonijiet jittieħdu b'mod miftuħ, trasparenti, kredibbli u mhux diskriminatorju; u

(f) il-kooperazzjoni bejn il-Partijiet f'affarijiet regolatorji u fl-iżvilupp ta' prattiki internazzjonali f'organizzazzjonijiet internazzjonali bħalma huma l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (minn hawn 'il quddiem imsejħa "WHO"), l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (minn hawn 'il quddiem imsejħa "OECD"), il-Konferenza Internazzjonali dwar l-Armonizzazzjoni (minn hawn 'il quddiem imsejħa "ICH") għal prodotti farmaċewtiċi u t-Task Force dwar l-Armonizzazzjoni Dinjija (minn hawn 'il quddiem imsejħa "GHTF") għal apparat mediku, bil-ħsieb li jitjiebu s-sigurtà, l-effikaċja u l-kwalità ta' prodotti farmaċewtiċi u apparat mediku.

*Artikolu 2*

### Aċċess għall-Innovazzjoni

Sabiex l-awtoritajiet tal-kura tas-saħħa f'Parti jkunu jistgħu joperaw jew iżommu proċeduri għall-elenkar ta' prodotti farmaċewtiċi jew apparat mediku, għall-indikazzjonijiet intitolati għar-rimborż, jew sabiex jiġi stabbilit l-ammont ta' rifużjoni jew kwalunkwe miżura relatata mal-ipprezzar [1] ta' prodotti farmaċewtiċi jew apparat mediku taħt il-programmi ta' kura tas-saħħa li huma stess joperaw, dik il-Parti għandha:

(a) tiżgura li l-proċeduri, ir-regoli, il-kriterji u l-linji gwida ta' implimentazzjoni li japplikaw għall-elenkar ta' prodotti farmaċewtiċi jew apparat mediku, indikazzjonijiet għar-rimborż, l-iffissar tal-ammont tar-rimborż, jew kwalunkwe miżura relatata mal-elenkar, l-ipprezzar ta' u/jew ir-rimborż għal prodotti farmaċewtiċi jew apparat mediku, ikunu ġusti, trasparenti, raġonevoli u mhux diskriminatorji; [2] u

(b) tiżgura li d-determinazzjoni mill-awtoritajiet tas-saħħa tal-ipprezzar u r-rimborż ta' prodott farmaċewtiku jew ta' apparat mediku, ladarba dan ikun approvat mill-awtorità regolatorja xierqa bħala sikur, effikaċi u ta' kwalità tajba, u jekk din tkun ibbażata fuq l-involviment ta' korpi pubbliċi jew semipubbliċi, tkun:

(i) tirrikonoxxi, kif jixraq, il-valur tal-prodott farmaċewtiku jew tal-apparat mediku soġġett għal privattiva fl-ammont ta' pprezzar u rimborż li dan jipprovdi;

(ii) tippermetti fabbrikant ta' prodott farmaċewtiku jew apparat mediku sabiex japplika, fuq il-bażi ta' evidenza xjentifika dwar is-sigurtà, l-effikaċja, il-kwalità u l-benefiċċji, għal ammont miżjud fil-prezz u għal rifużjoni fuq il-prezzijiet previsti għal prodotti kumparaturi, jekk ikun hemm, sabiex jiġi stabbilit l-ammont tar-rimborż;

(iii) tippermetti fabbrikant ta' prodott farmaċewtiku jew apparat mediku, wara li tkun ittieħdet deċiżjoni dwar il-prezz/rifużjoni, sabiex japplika għal żjieda fl-ammont tar-rimborż għall-prodott, fuq il-bażi ta' evidenza xjentifika li l-fabbrikant jipprovdi rigward is-sigurtà, l-effikaċja, il-kwalità u l-benefiċċji tal-prodott;

(iv) tippermetti fabbrikant ta' prodott farmaċewtiku jew apparat mediku sabiex japplika għall-ammont tal-prezz u r-rimborż kif ukoll għall-aġġustament fil-prezz għal indikazzjonijiet mediċi addizzjonali għall-prodott, ibbażat fuq evidenza xjentifika li l-fabbrikant jipprovdi dwar is-sigurtà, l-effikaċja, il-kwalitajiet u l-benefiċċji tal-prodott; u

(v) f'każ li Parti taġġusta *ex officio* l-ammont tal-prezz/rimborż tal-prodotti farmaċewtiċi jew ta' apparat mediku għal kawżi esterni f'ċirkostanzi speċifiċi, inkluż bidliet drastiċi fl-indikaturi ekonomiċi, tippermetti li fabbrikant ta' prodott farmaċewtiku jew ta' appart mediku jkun jista' jissottometti l-opinjonijiet tiegħu dwar l-aġġustament qabel ma dan jiġi adottat.

*Artikolu 3*

### Trasparenza

1. Kull Parti għandha tiżgura li l-liġijiet, ir-regolamenti, il-proċeduri, id-deċiżjonijiet amministrattivi u l-linji gwida ta' implimentazzjoni tagħha, li jkunu ta' applikazzjoni ġenerali (minn hawn 'il quddiem imsejħa r-"regoli"), rigward kull materja relatata mal-ipprezzar, ir-rimborż jew il-kontroll ta' prodotti farmaċewtiċi jew apparat mediku jiġu ppubblikati mill-ewwel jew inkella jsiru disponibbli kemm jista' jkun malajr, b'tali mod li l-persuni interessati u l-Parti l-oħra jkunu jistgħu jsiru midħla tagħhom.

[1] Referenzi għall-ipprezzar f'dan l-Anness huma rilevanti biss jekk ikunu applikabbli taħt il-liġijiet ta' waħda mill-Partijiet.

[2] Il-Partijiet jifhmu li taħt dan is-subparagrafu, li ma jistabbilixxi l-ebda obbligu sabiex il-prodotti jiġu rimborżati bi prezz partikolari u ma jippreġudika l-ebda eżitu partikolari b'rabta man-negozjati fil-prezz, il-kriterji (li jistgħu jieħdu l-forma ta' linji gwida, avviżi pubbliċi jew "materji li jridu jkunu kkunsidrati", eċċ.) li fuqhom jiġu bbażati id-deċiżjonijiet dwar ir-rimborż u l-ipprezzar huma mistennija li jkunu oġġettivi u ċari sabiex il-bażi ta' dawn id-deċiżjonijiet tkun tista' tiftiehem tajjeb.

2. Safejn ikun possibbli, kull Parti għandha:

(a) tippubblika bil-quddiem, f'siti rilevanti li huma aċċessibbli għall-pubbliku, kwalunkwe regoli bħal dawn li din tkun beħsiebha tadotta jew li temenda sostanzjalment, inkluża spjegazzjoni dwar l-għan ta' dawn ir-regoli;

(b) tipprovdi opportunitajiet raġonevoli għall-persuni interessati u għall-Parti l-oħra sabiex ikunu jistgħu jikkummentaw dwar kwalunkwe regola li tiġi proposta, filwaqt li jkun hemm, b'mod partikolari, perjodu raġonevoli ta' żmien għall-konsultazzjoni; u

(c) tindirizza bil-miktub kwistjonijiet importanti u sostantivi li jitqajmu fil-kummenti li jsiru minn persuni interessati u mill-Parti l-oħra waqt il-perjodu ta' konsultazzjoni pubblika u tispjega kull reviżjoni sostantiva li ssir fir-rigward ta' dawn ir-regoli proposti, sa mhux aktar tard miż-żmien li l-Parti tadottahom.

3. Safejn ikun possibbli, kull Parti għandha tippermetti intervall raġonevoli bejn il-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regoli, dwar kwalunkwe materja relatata mal-ipprezzar, ir-rimborż jew il-kontroll ta' prodotti farmaċewtiċi jew apparat mediku, u d-data effettiva tagħhom.

4. Safejn l-awtoritajiet tal-kura tas-saħħa ta' kull Parti jkunu joperaw jew iżommu proċeduri għall-elenkar ta' prodotti farmaċewtiċi jew apparat mediku, għall-indikazzjonijiet intitolati għar-rimborż, jew sabiex jiġi stabbilit l-ammont ta' rimborż għal prodotti farmaċewtiċi jew apparat mediku, inkluż kull miżura relatata mar-reviżjoni tal-prezz u r-rimborż taħt programmi ta' kura tas-saħħa, il-Parti għandha:

(a) tiżgura li d-deċiżjonijiet dwar it-talbiet u l-applikazzjonijiet formali kollha għall-ipprezzar, jew għall-approvazzjoni ta' prodotti farmaċewtiċi jew apparat mediku għar-rimborż, jiġu adottati u nnotifikati f'perjodu ta' żmien raġonevoli u speċifiku mid-data li fiha dawn ikunu waslu. Jekk l-informazzjoni sottomessa mill-applikant tiġi kkunsidrata bħala mhux adegwata jew inkella bħala waħda insuffiċjenti, u għaldaqstant il-proċedura tiġi sospiża, l-awtoritajiet kompetenti tal-Parti għandhom jinnotifikaw lill-applikant dwar liema informazzjoni addizzjonali dettaljata tkun meħtieġa u dawn jerġgħu jkomplu bil-proċess oriġinali ta' teħid ta' deċiżjoni meta din tirċievi l-informazzjoni addizzjonali;

(b) tiżvela lill-applikanti f'perjodu ta' żmien raġonevoli u speċifiku, il-proċeduri, il-metodoloġiji, il-prinċipji, il-kriterji, inkluż dawk użati, jekk ikun hemm, sabiex jiġu stabbiliti prodotti kumparaturi, u l-linji gwida kollha li jintużaw sabiex jiġu stabbiliti l-prezz u r-rimborż ta' prodotti farmaċewtiċi jew apparat mediku;

(c) tippermetti lill-applikanti li jkollhom opportunitajiet f'waqthom u sinjifikattivi sabiex dawn ikunu jistgħu jagħtu l-kummenti fl-istadji rilevanti waqt il-proċess tat-teħid ta' deċiżjoni dwar il-prezz u r-rimborż fir-rigward ta' prodotti farmaċewtiċi jew apparat mediku;

(d) tipprovdi lill-applikanti, f'perjodu ta' żmien raġonevoli u speċifikat, informazzjoni miktuba, sinifikattiva u dettaljata, dwar il-bażi għar-rakkomandazzjonijiet jew id-determinazzjonijiet tal-prezz u tar-rimborż għal prodotti farmaċewtiċi jew apparat mediku, inklużi kwotazzjonijiet għal kwalunkwe opinjoni esperta jew studju akkademiku li tkun saret referenza għalihom biex setgħu isiru dawn ir-rakkomandazzjonijiet jew determinazzjonijiet. B'mod speċifiku, f'każ ta' deċiżjoni negattiva dwar l-elenkar, il-prezzijiet u/jew ir-rimborż, jew jekk il-korp tat-teħid ta' deċiżjoni jiddeċiedi li ma jippermettix iż-żjieda fil-prezz b'mod sħiħ jew parzjali, il-korp tat-teħid ta' deċiżjoni għandu jipprovdi dikjarazzjoni mmotivata, liema dikjarazzjoni tkun dettaljata biżżejjed sabiex il-bażi tad-deċiżjoni tinftiehem sew, inklużi l-kriterji applikati u, jekk ikun xieraq, kull opinjoni esperta jew rakkomandazzjoni li fuqha tkun ġiet ibbażata din id-deċiżjoni;

(e) tagħmel disponibbli tribunali ġudizzjali, semiġudizzjali jew amministrattivi, jew proċess ta' reviżjoni indipendenti [1] li jistgħu jkunu invokati fuq it-talba ta' applikant li jiġi affettwat direttament minn rakkomandazzjoni jew determinazzjoni, u meta tiġi kkomunikata d-deċiżjoni dwar il-prezz u r-rimborż din tinforma lill-applikant dwar id-drittijiet tiegħu jew tagħha taħt il-liġijiet tal-Parti kif ukoll dwar il-proċeduri u l-perjodi ta' żmien sabiex ifittex rimedji bħal dawn;

(f) tagħmel il-korpi tat-teħid ta' deċiżjoni kollha dwar ir-rimborż miftuħa għall-partijiet interessati, inklużi kumpaniji innovattivi u ġeneriċi;

(g) tagħmel disponibbli għall-pubbliku lista ta' korpi ċentrali li jkunu rilevanti għall-ipprezzar jew għar-rimborż ta' prodotti farmaċewtiċi jew apparat mediku; u

(h) tipprovdi aċċess għall-arranġamenti nazzjonali ta' pprezzar u rimborż ta' kull Parti, inkluża lista pożittiva ta' prodotti koperti mill-iskemi pubbliċi rispettivi ta' assigurazzjoni tas-saħħa li jridu jiġu ppubblikati fuq bażi annwali għall-partijiet interessati b'interessi kummerċjali leġittimi. Il-lista negattiva, jekk ikun hemm, għandha tiġi ppubblikata kull sitt xhur.

5. Kull Parti għandha tiżgura li l-miżuri kollha ta' applikazzjoni ġenerali li jirrispettaw kull materja relatata mal-ipprezzar, ir-rimborż jew il-kontroll ta' prodotti farmaċewtiċi jew apparat mediku jiġu amministrati b'mod konsistenti, oġġettiv u imparzjali.

*Artikolu 4*

**Prattiki ta' Negozju Etiku**

1. Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm miżuri xierqa sabiex tipprojbixxi persważjonijiet mhux xierqa minn fabbrikanti u fornituri ta' prodotti farmaċewtiċi jew apparat mediku fil-konfront ta' professjonisti jew istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa fejn jikkonċerna l-elenkar, ix-xiri jew il-preskrizzjoni ta' prodotti farmaċewtiċi u apparat mediku li jkunu eliġibbli għar-rimborż taħt programmi ta' kura tas-saħħa.

2. Kull Parti għandha tadotta jew iżżomm penali xierqa u proċeduri sabiex tinforza l-miżuri li din tadotta jew iżżomm b'mod konformi mal-paragrafu 1.

3. Kull Parti għandha tavża lill-Parti l-oħra dwar kull persważjoni mhux xierqa li tkun twettqet mill-fabbrikanti ta' prodotti farmaċewtiċi jew apparat mediku stabbiliti fiha. Il-Partijiet ifakkru l-obbligi tagħhom taħt il-Konvenzjoni dwar il-Ġlieda kontra t-Tixħim ta' Uffiċjali Pubbliċi Barranin fi Tranżazzjonijiet ta' Negozju Internazzjonali tal-OECD li daħlet fis-seħħ fil-15 ta' Frar 1999.

*Artikolu 5*

**Kooperazzjoni Regolatorja**

1. Il-Partijiet għandhom jikkunsidraw, kif xieraq, id-dispożizzjonijiet internazzjonali, il-prattiki u l-linji gwida għall-prodotti farmaċewtiċi jew apparat mediku, inklużi dawk żviluppati mill-WHO, l-OECD, l-ICH, il-GHTF kif ukoll mill-Konvenzjoni tal-Ispezzjoni Farmaċewtika u l-Iskema ta' Kooperazzjoni ta' Spezzjoni Farmaċewtika (PIC/S). Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-parteċipazzjoni sħiħa tagħhom f'dawk il-korpi internazzjonali rilevanti għandha tiffaċilita l-kooperazzjoni ta' bejniethom.

---
[1] Barra minn dak li hu stabbilit f'dan is-subparagrafu, l-applikanti jridu jagħmlu użu mir-rimedji li jiżguraw protezzjoni legali effettiva. Dawn iridu jkunu jistgħu jappellaw deċiżjonijiet quddiem korpi ġudizzjali ġenwini.

2. Il-Partijiet għandhom jikkunsidraw it-talbiet minn kull Parti li jiġu aċċettati l-valutazzjonijiet ta' konformità ([1]) ta' dik il-Parti meta dawn isiru skont il-Prattiki Tajba tal-Laboratorju u l-Prattiki Tajba tal-Manifattura għal prodotti farmaċewtiċi u apparat mediku u meta l-prattiki korrispondenti taż-żewġ Partijiet ikunu skont prattiki internazzjonali.

3. Għall-Grupp ta' Ħidma dwar il-Prodotti Farmaċewtiċi u l-Apparat Mediku stabbilit skont l-Artikolu 15.3.1 (Gruppi ta' Ħidma), il-Partijiet għandhom jipprovdu għall-parteċipazzjoni adegwata tal-uffiċjali ta' aġenziji jew dipartimenti li jkunu responsabbli għall-kura tas-saħħa jew għal materji u regolamenti oħra koperti b'dan l-Anness.

4. Il-Grupp ta' Ħidma għandu:

(a) jissorvelja u jappoġġa l-implimentazzjoni ta' dan l-Anness;

(b) jippromwovi d-diskussjoni u l-fehim reċiproku dwar punti relatati ma' dan l-Anness; u

(c) jippromwovi l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet sabiex jilħqu l-għanijiet stabbiliti f'dan l-Anness.

5. Il-Grupp ta' Ħidma għandu jiltaqa' minn tal-inqas darba fis-sena, sakemm ma jiftiehemx mod ieħor. Il-Grupp ta' Ħidma jista' jwettaq ix-xogħol tiegħu permezz tal-posta elettronika, telekonferenza jew vidjokonferenza jew b'mezzi oħra xierqa ta' komunikazzjoni.

*Artikolu 6*

**Definizzjonijiet**

1. Għall-finijiet ta' dan l-Anness:

prodotti farmaċewtiċi tfisser kull sustanza jew kombinazzjoni ta' sustanzi li jistgħu jiġu amministrati lill-bnedmin bil-ħsieb li ssir dijanjożi medika, għat-trattament jew sabiex jiġi evitat mard jew inkella sabiex jiġu rrestawrati, ikkoreġuti jew immodifikati l-funzjonijiet jew l-istrutturi fiżjoloġiċi. Prodotti farmaċewtiċi jinkludu, pereżempju, drogi kimiċi, bijoloġiċi (vaċċini, (anti)tossini, demm, komponenti tad-demm, prodotti derivati mid-demm), drogi erbali, prodotti radjofarmaċewtiċi, prodotti rikombinanti, prodotti għat-terapija ġenetika, prodotti ta' terapija ċellulari u prodotti ta' inġinerija tat-tessuti;

apparat mediku tfisser kull strument, apparat, tagħmir, materjal jew oġġett ieħor, kemm jekk użat waħdu jew flimkien ma' oħrajn, li jkun maħsub mill-fabbrikant biex jintuża mill-bnedmin għal finijiet mediċi bħalma huma d-dijanjożi, il-prevenzjoni, is-sorveljanza, it-trattament ta' jew sabiex jittaffa l-mard. ([2]) Apparat mediku jinkludi sofwer inkorporat fl-apparat stess mill-fabbrikant tiegħu li jkun meħtieġ għall-iffunzjonar proprju tiegħu;

awtoritajiet tal-kura tas-saħħa ta' Parti tfisser entitajiet li jkunu jiffurmaw parti minn jew ikunu ġew stabbiliti minn Parti sabiex joperaw jew jamministraw il-programmi tal-kura tas-aħħa tagħha, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor;

programmi ta' kura tas-saħħa operati minn Parti tfisser programmi ta' kura tas-saħħa li fihom l-awtoritajiet tal-kura tas-saħħa ta' Parti jieħdu deċiżjonijiet dwar materji li għalihom dan l-Anness japplika;

manifattur tirreferi għall-utent tad-dritt legali tal-prodott fit-territorju rispettiv tal-Parti;

lista negattiva hija definita bħal kompilazzjoni ta' prodotti farmaċewtiċi u ta' apparat mediku li jkunu ġew esklużi milli jkunu preskritti u/jew rimborżati taħt programm(i) ta' kura tas-saħħa pubblika ta' Parti; u

lista pożittiva hija definita bħala kompilazzjoni eżawrenti ta' prodotti farmaċewtiċi u ta' apparat mediku li jista' jiġi preskritt u/jew rimborżat taħt programm(i) ta' kura tas-saħħa pubblika ta' Parti.

2. Id-definizzjonijiet għal prodotti farmaċewtiċi u apparat mediku deskritti fil-paragrafu 1 huma bla preġudizzju għad-dritt ta' kull Parti li tikklassifika l-prodotti fil-liġijiet tagħha bħala prodotti farmaċewtiċi jew inkella bħala apparat mediku.

([1]) Għall-finijiet ta' prodotti farmaċewtiċi, valutazzjoni tal-konformità tfisser l-awtorizzazzjoni għat-tpoġġija fis-suq ta' prodotti, u s-superviżjoni/l-infurzar tal-konformità tal-fabbrikanti jew tal-importaturi ma' standards/prattiki tekniċi.

([2]) Għal aktar ċarezza, tagħmir mediku ma jiksibx l-azzjoni intiża ewlenija tiegħu, fi jew fuq il-ġisem uman, b'mezzi farmakoloġiċi, immunoloġiċi jew metaboliċi, iżda jista' jkun megħjun fil-funzjoni tiegħu b'mezzi bħal dawn.

*ANNESS 2-E*

## SUSTANZI KIMIĊI

1. Filwaqt li jfakkru l-obbligi tal-Partijiet taħt il-Ftehim WTO, b'mod partikolari l-Ftehim TBT, u filwaqt li jirrikonoxxu l-importanza tal-iżvilupp sostenibbli u tal-kummerċ għal kull Parti, il-Partijiet jikkonfermaw l-għanijiet u l-prinċipji kondiviżi tagħhom dwar li:

   (a) jistabbilixxu kundizzjonijiet ta' suq kompetittiv ibbażati fuq il-prinċipji tal-ftuħ, in-nondiskriminazzjoni u t-trasparenza;

   (b) isaħħu l-kooperazzjoni sabiex jitkattar l-iżvilupp fil-kummerċ li jkun ta' ġid reċiproku;

   (c) jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni għas-saħħa pubblika u l-ambjent;

   (d) jippromwovu metodi alternattivi għall-valutazzjoni ta' perikli ta' sustanzi u sabiex jitnaqqas l-ittestjar fuq l-annimali;

   (e) jimplimentaw mekkaniżmi regolatorji xierqa u li tiġi protetta informazzjoni kunfidenzjali;

   (f) jikkontribwixxu sabiex jintlaħaq il-Metodu Strateġiku għall-Ġestjoni Internazzjonali ta' Sustanzi Kimiċi; u

   (g) jiżviluppaw u jippromwovu fuq livell internazzjonali l-aħjar prattiki dwar il-valutazzjoni u l-ġestjoni ta' sustanzi kimiċi.

2. Ibbażati fuq l-għanijiet u l-prinċipji previsti fil-paragrafu 1 u bil-ħsieb li jiffaċilitaw u jippromwovu l-kummerċ, il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza li:

   (a) jiżguraw it-trasparenza rigward il-kontenut tal-liġijiet u r-regolamenti tagħhom u miżuri oħra ta' applikazzjoni ġenerali fil-qasam tas-sustanzi kimiċi;

   (b) jipprovdu t-trasparenza u l-proċess dovut meta jiġu biex jirregolaw u joperaw is-sistemi tal-ġestjoni tas-sustanzi kimiċi tagħhom;

   (c) japplikaw, kull meta jkun possibbli, l-aħjar prattiki fir-rigward tal-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-liġijiet, il-valutazzjonijiet ta' riskju u r-reġistrazzjoni, l-awtorizzazzjoni, in-notifika u t-trattament ta' informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali; u

   (d) jikkooperaw fil-qasam tal-Prattiki Tajba tal-Laboratorju u tal-Linji ta' Gwida dwar it-Test sabiex jistabbilixxu metodu aktar armonizzat għall-valutazzjoni u l-ġestjoni ta' sustanzi kimiċi sabiex tinkiseb l-armonizzazzjoni internazzjonali tal-metodi għal dawn.

3. Il-Partijiet jaqblu li jiddiskutu *in bona fede* kull problema li tinqala' mill-applikazzjoni tar-regolamenti ta' Parti dwar is-sustanzi kimiċi li jkollhom effett sostanzjali fuq il-kummerċ tal-Parti l-oħra.

4. Bil-ħsieb li jippromwovu l-kooperazzjoni fl-oqsma koperti b'dan l-Anness u sabiex jipprovdu forum għad-diskussjonijiet previsti fil-paragrafu 3, qed jiġi stabbilit Grupp ta' Ħidma dwar is-Sustanzi Kimiċi skont l-Artikolu 15.3.1 (Gruppi ta' Ħidma). Dan għandu jiltaqa' minn ta' l-inqas darba kull sentejn, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor jew sakemm ma jinqalgħux il-problemi msemmija fil-paragrafu 3.

*ANNESS 3*

MIŻURI AGRIKOLI TA' SALVAGWARDJA

Skeda tal-Korea

Oġġetti Soġġetti, Livelli Kawżali u Dazji Massimi ta' Salvagwardja

1. Dan l-Anness jistabbilixxi dawk l-oġġetti ta' oriġini li jistgħu jkunu soġġetti għal miżuri agrikoli ta' salvagwardja skont l-Artikolu 3.6, il-livelli kawżali għall-applikazzjoni ta' dawn il-miżuri, u d-dazju massimu ta' salvagwardja li jista' jiġi applikat ta' kull sena għal kull oġġett tali.

2. Ebda miżura agrikola ta' salvagwardja ma tista' tiġi applikata jew miżmuma wara d-data meta d-dazji ta' salvagwardja stabbiliti taħt ikunu żero.

(a) Għal ċanga kif koperta hawn taħt:

Kopertura: Laħam ta' muskoli taċ-ċanga frisk, imkessaħ u ffriżat - Dispożizzjonijiet tal-HSK 0201.10.0000, 0201.20.0000, 0201.30.0000, 0202.10.0000, 0202.20.0000 u 0202.30.0000

| Sena | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Livell Kawżali (MT) | 9 900 | 9 900 | 10 098 | 10 299 | 10 505 | 10 716 |
| Dazju ta' Salvagwardja (%) | 40,0 | 40,0 | 40,0 | 40,0 | 40,0 | 40,0 |
| Sena | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 | 12 |
| Livell Kawżali (MT) | 10 930 | 11 149 | 11 371 | 11 599 | 11 831 | 12 068 |
| Dazju ta' Salvagwardja (%) | 30,0 | 30,0 | 30,0 | 30,0 | 30,0 | 24,0 |
| Sena | 13 | 14 | 15 | 16 | 17 | |
| Livell Kawżali (MT) | 12 309 | 12 555 | 12 806 | 13 062 | N/A | |
| Dazju ta' Salvagwardja (%) | 24,0 | 24,0 | 24,0 | 24,0 | 0 | |

(b) Għal laħam tal-majjal kif kopert hawn taħt:

Kopertura: Dispożizzjonijiet tal-HSK 0203.19.1000 u 0203.19.9000

| Sena | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Livell Kawżali (MT) | 163 | 163 | 166 | 169 | 172 | 176 |
| Dazju ta' Salvagwardja (%) | 22,5 | 22,5 | 22,5 | 22,5 | 22,5 | 22,5 |
| Sena | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 | 12 |
| Livell Kawżali (MT) | 179 | 183 | 187 | 190 | 194 | N/A |
| Dazju ta' Salvagwardja (%) | 15,8 | 14,6 | 13,5 | 12,4 | 11,3 | 0 |

(ċ) Għal tuffieħ kif kopert hawn taħt:

Kopertura: Dispożizzjoni tal-HSK 0808.10.0000

| Sena | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Livell Kawżali (MT) | 7 500 | 7 500 | 7 650 | 7 803 | 7 959 | 8 118 |
| Dazju ta' Salvagwardja (%) | 45,0 | 45,0 | 45,0 | 45,0 | 45,0 | 45,0 |

| Sena | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 | 12 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Livell Kawżali (MT) | 8 280 | 8 446 | 8 615 | 8 787 | 8 963 | 9 142 |
| Dazju ta' Salvagwardja (%) | 33,8 | 33,8 | 33,8 | 33,8 | 33,8 | 27 |
| Sena | 13 | 14 | 15 | 16 | 17 | 18 |
| Livell Kawżali (MT) | 9 325 | 9 511 | 9 702 | 9 896 | 10 094 | 10 295 |
| Dazju ta' Salvagwardja (%) | 27 | 27 | 27 | 27 | 22,5 | 22,5 |
| Sena | 19 | 20 | 21 | 22 | 23 | 24 |
| Livell Kawżali (MT) | 10 501 | 10 711 | 10 926 | 11 144 | 11 367 | 11 594 |
| Dazju ta' Salvagwardja (%) | 22,5 | 22,5 | 22,5 | 22,5 | 22,5 | 22,5 |
| Sena | 25 | | | | | |
| Livell Kawżali (MT) | N/A | | | | | |
| Dazju ta' Salvagwardja (%) | 0 | | | | | |

Il-livell kawżali jikkonċerna l-kwantità totali tal-varjetajiet kollha ta' tuffieħ importat.

Fis-sena 12 u kull sena minn hemm 'il quddiem sa sena 24, id-dazju ta' salvagwardja jista' jiġi applikat biss għal tuffieħ tat-tip Fuji.

(d) Għal xgħir u barli mgħaddas fl-ilma (malting barley) kif kopert hawn taħt:

Kopertura: Dispożizzjonijiet tal-HSK 1003.00.1000 u 1107.10.0000

| Sena | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Livell Kawżali (MT) | 14 000 | 14 000 | 14 280 | 14 565 | 14 856 | 15 154 |
| Dazju ta' Salvagwardja(%) | | | | | | |
| 1003.00.1000 | 502,0 | 502,0 | 479,0 | 455,0 | 432,0 | 408,0 |
| 1107.10.0000 | 263,0 | 263,0 | 258,0 | 252,0 | 246,0 | 240,0 |
| Sena | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 | 12 |
| Livell Kawżali (MT) | 15 457 | 15 766 | 16 081 | 16 403 | 16 731 | 17 065 |
| Dazju ta' Salvagwardja (%) | | | | | | |
| 1003.00.1000 | 385,0 | 361,0 | 338,0 | 315,0 | 291,0 | 268,0 |
| 1107.10.0000 | 216,0 | 207,0 | 199,0 | 190,0 | 181,0 | 139,0 |
| Sena | 13 | 14 | 15 | 16 | 17 | |
| Livell Kawżali (MT) | 17 407 | 17 755 | 18 110 | 18 472 | N/A | |
| Dazju ta' Salvagwardja (%) | | | | | | |
| 1003.00.1000 | 244,0 | 221,0 | 197,0 | 174,0 | 0 | |
| 1107.10.0000 | 127,0 | 115,0 | 103,0 | 91,5 | 0 | |

Għal kwantitajiet imdaħħla fil-livell kawżali jew taħtu, ara l-paragrafu 12 ta' Appendiċi 2-A-1.

(e) Għal lamtu tal-patata kif kopert hawn taħt:

Kopertura: Dispożizzjoni tal-HSK 1108.13.0000

| Sena | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Livell Kawżali (MT) | 37 900 | 37 900 | 38 658 | 39 431 | 40 219 | 41 024 |
| Dazju ta' Salvagwardja (%) | 455,0 | 455,0 | 436,0 | 426,0 | 416,0 | 406,0 |
| Sena | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 | 12 |
| Livell Kawżali (MT) | 41 844 | 42 681 | 43 535 | 44 405 | 45 294 | 46 199 |
| Dazju ta' Salvagwardja (%) | 366,0 | 351,0 | 336,0 | 321,0 | 306,0 | 235,0 |
| Sena | 13 | 14 | 15 | 16 | 17 | |
| Livell Kawżali (MT) | 47 123 | 48 066 | 49 027 | 50 008 | N/A | |
| Dazju ta' Salvagwardja (%) | 215,0 | 195,0 | 175,0 | 155,0 | 0 | |

(f) Għal ġinseng kif kopert hawn taħt:

Kopertura: Dispożizzjonijiet tal-HSK 1211.20.2210, 1211.20.2220, 1211.20.2290, 1302.19.1210, 1302.19.1220 u 1302.19.1290

| Sena | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Livell Kawżali (MT) | 300 | 300 | 306 | 312 | 318 | 324 |
| Dazju ta' Salvagwardja (%) | 754,3 | 754,3 | 754,3 | 754,3 | 754,3 | 754,3 |
| Sena | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 | 12 |
| Livell Kawżali (MT) | 331 | 337 | 344 | 351 | 358 | 365 |
| Dazju ta' Salvagwardja (%) | 754,3 | 754,3 | 754,3 | 754,3 | 754,3 | 754,3 |
| Sena | 13 | 14 | 15 | 16 | 17 | 18 |
| Livell Kawżali (MT) | 373 | 380 | 388 | 395 | 403 | 411 |
| Dazju ta' Salvagwardja (%) | 754,3 | 754,3 | 754,3 | 754,3 | 566,0 | 566,0 |
| Sena | 19 | 20 | | | | |
| Livell Kawżali (MT) | 420 | N/A | | | | |
| Dazju ta' Salvagwardja (%) | 566,0 | 0 | | | | |

(g) Għal zokkor kif kopert hawn taħt:

Kopertura: Dispożizzjonijiet tal-HSK 1701.99.0000

| Sena | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Livell Kawżali (MT) | 220 | 220 | 224 | 228 | 233 | 238 |
| Dazju ta' Salvagwardja (%) | 50,0 | 50,0 | 50,0 | 50,0 | 50,0 | 50,0 |

| Sena | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 | 12 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Livell Kawżali (MT) | 242 | 247 | 252 | 257 | 262 | 268 |
| Dazju ta' Salvagwardja (%) | 50,0 | 50,0 | 50,0 | 50,0 | 50,0 | 50,0 |
| Sena | 13 | 14 | 15 | 16 | 17 | 18 |
| Livell Kawżali (MT) | 273 | 279 | 284 | 290 | 296 | 302 |
| Dazju ta' Salvagwardja (%) | 50,0 | 50,0 | 50,0 | 50,0 | 37,5 | 37,5 |
| Sena | 19 | 20 | 21 | 22 | | |
| Livell Kawżali (MT) | 308 | 314 | 320 | N/A | | |
| Dazju ta' Salvagwardja (%) | 37,5 | 37,5 | 37,5 | 0 | | |

(h) Għal alkoħol kif kopert hawn taħt:

Kopertura: Dispożizzjoni tal-HSK 2207.10.9010

| Sena | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Livell Kawżali (MT) | 95 | 95 | 96 | 98 | 100 | 102 |
| Dazju ta' Salvagwardja (%) | 264,0 | 264,0 | 258,0 | 253,0 | 247,0 | 241,0 |
| Sena | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 | 12 |
| Livell Kawżali (MT) | 104 | 106 | 109 | 111 | 113 | 115 |
| Dazju ta' Salvagwardja (%) | 217,0 | 208,0 | 199,0 | 191,0 | 182,0 | 139,0 |
| Sena | 13 | 14 | 15 | 16 | 17 | |
| Livell Kawżali (MT) | 118 | 120 | 122 | 125 | N/A | |
| Dazju ta' Salvagwardja (%) | 127,0 | 116,0 | 104,0 | 91,8 | 0 | |

(i) Għal destrini kif koperti hawn taħt:

Kopertura: Dispożizzjonijiet tal-HSK 3505.10.4010, 3505.10.4090, 3505.10.5010 u 3505.10.5090

| Sena | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Livell Kawżali (MT) | 37 900 | 37 900 | 38 658 | 39 431 | 40 219 | 41 024 |
| Dazju ta' Salvagwardja (%) | 375,0 | 375,0 | 365,0 | 355,0 | 345,0 | 334,0 |
| Sena | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 | 12 |
| Livell Kawżali (MT) | 41 844 | 42 681 | 43 535 | 44 405 | 45 294 | 46 199 |
| Dazju ta' Salvagwardja (%) | 291,0 | 275,0 | 260,0 | 244,0 | 228,0 | 152,0 |
| Sena | 13 | 14 | | | | |
| Livell Kawżali (MT) | 47 123 | N/A | | | | |
| Dazju ta' Salvagwardja (%) | 131,0 | 0 | | | | |

Għal kwantitajiet imdaħħla fil-livell kawżali jew taħtu, ara l-paragrafu 15 tal-Appendiċi 2-A-1.

3. Għall-għanijiet ta' dan l-Anness:

(a) l-ewwel sena tfisser il-perjodu ta' 12-il xahar li jibda fid-data li fiha jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim;

(b) sena tnejn tfisser il-perjodu ta' 12-il xahar li jibda fl-ewwel anniversarju li fih jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim;

(ċ) sena tlieta tfisser il-perjodu ta' 12-il xahar li jibda fit-tieni anniversarju li fih jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim;

(d) sena erbgħa tfisser il-perijodu ta' 12-il xahar li jibda fit-tielet anniversarju li fih jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim;

(e) sena ħamsa tfisser il-perjodu ta' 12-il xahar li jibda fir-raba' anniversarju li fih jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim;

(f) sena sitta tfisser il-perjodu ta' 12-il xahar li jibda fil-ħames anniversarju li fih jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim;

(g) sena sebgħa tfisser il-perjodu ta' 12-il xahar li jibda fis-sitt anniversarju li fih jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim;

(h) sena tmienja tfisser il-perjodu ta' 12-il xahar li jibda fis-seba' anniversarju li fih jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim;

(i) sena disgħa tfisser il-perjodu ta' 12-il xahar li jibda fit-tmien anniversarju li fih jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim;

(j) sena 10 tfisser il-perjodu ta' 12-il xahar li jibda fid-disa' anniversarju li fih jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim;

(k) sena 11 tfisser il-perjodu ta' 12-il xahar li jibda fl-10 anniversarju li fih jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim;

(l) sena 12 tfisser il-perjodu ta' 12-il xahar li jibda fil-11-il anniversarju li fih jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim;

(m) sena 13 tfisser il-perjodu ta' 12-il xahar li jibda fit-12-il anniversarju li fih jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim;

(n) sena 14 tfisser il-perjodu ta' 12-il xahar li jibda fit-13-il anniversarju li fih jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim;

(o) sena 15 tfisser il-perjodu ta' 12-il xahar li jibda fl-14-il anniversarju li fih jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim;

(p) sena 16 tfisser il-perjodu ta' 12-il xahar li jibda fil-15-il anniversarju li fih jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim;

(q) sena 17 tfisser il-perjodu ta' 12-il xahar li jibda fis-16-il anniversarju li fih jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim;

(r) sena 18 tfisser il-perjodu ta' 12-il xahar li jibda fis-17-il anniversarju li fih jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim;

(s) sena 19 tfisser il-perjodu ta' 12-il xahar li jibda fit-18-il anniversarju li fih jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim;

(t) sena 20 tfisser il-perjodu ta' 12-il xahar li jibda fid-19-il anniversarju li fih jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim;

(u) sena 21 tfisser il-perjodu ta' 12-il xahar li jibda fl-20 anniversarju li fih jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim;

(v) sena 22 tfisser il-perjodu ta' 12-il xahar li jibda fil-21 anniversarju li fih jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim;

(w) sena 23 tfisser il-perjodu ta' 12-il xahar li jibda fit-22 anniversarju li fih jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim;

(x) sena 24 tfisser il-perjodu ta' 12-il xahar li jibda fit-23 anniversarju li fih jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim; u

(y) sena 25 tfisser il-perjodu ta' 12-il xahar li jibda fl-24 anniversarju li fih jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim.

*ANNESS 4*

**KOORDINATUR TAT-TBT**

1. Fil-każ tal-Korea, il-Koordinatur tat-TBT għandu jkun l-Aġenzija Koreana għat-Teknoloġija u l-Istandards jew is-suċċessur tagħha.
2. Fil-każ tal-Unjoni Ewropea, il-Koordinatur tat-TBT għandu jinħatar mill-Unjoni Ewropea u għandu jiġi nnotifikat lill-Korea mhux aktar tard minn xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

*ANNESS 5*

Intenzjonalment imħalli vojt

*ANNESS 6*

Intenzjonalment imħalli vojt

L 127/1164 MT Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea 14.5.2011

*ANNESS 7-A*

## LISTI TA' IMPENJI

Parti tal-UE

1. Lista ta' impenji b'mod konformi mal-Artikolu 7.7 (Forniment Transkonfinali)
2. Lista ta' impenji b'mod konformi mal-Artikolu 7.13 (Stabbiliment)
3. Lista ta' riżervi b'mod konformi mal-Artikoli 7.18 (Persunal Ewlieni u Apprendisti Gradwati) u 7.19 (Bejjiegħa tas-Servizzi lin-Negozju)

Il-Korea

4. SUEda ta' Impenji Speċifiċi b'mod Konformi mal-Artikoli 7.7, 7.13, 7.18 u 7.19

   A. Skeda ta' Impenji Speċifiċi fis-Setturi tas-Servizzi

   B. Skeda ta' Impenji Speċifiċi fl-Istabbiliment

*ANNESS 7-A-1*

**PARTI TAL-UE**

**LISTA TA' IMPENJI SKONT L-ARTIKOLU 7.7**

**(FORNIMENT TRANSKONFINALI TA' SERVIZZI)**

1. Il-lista ta' impenji li tinsab hawn taħt tindika s-setturi tas-servizzi li ġew liberalizzati skont l-Artikolu 7.7 u, permezz ta' riżervi, il-limitazzjonijiet għall-aċċess għas-suq u għat-trattament nazzjonali applikabbli għas-servizzi u l-fornituri tas-servizzi tal-Korea f'dawk is-setturi. Il-lista li tinsab hawn taħt tikkonsisti fl-elementi li ġejjin:

   (a) l-ewwel kolonna li tindika s-settur jew is-sottosettur li fih l-impenn jitwettaq mill-Parti tal-UE, u l-għan tal-liberalizzazzjoni li għalih japplikaw ir-riżervi; u

   (b) it-tieni kolonna li tiddeskrivi r-riżervi li japplikaw.

   Il-forniment transkonfinali ta' servizzi fis-setturi jew fis-sottosetturi koperti b'dan il-Ftehim u li mhumiex imsemmija fil-lista li tinsab hawn taħt mhuwiex soġġett għal impenji.

2. Fl-identifikazzjoni ta' setturi jew sottosetturi individwali:

   (a) CPC tfisser il-Klassifikazzjoni Ċentrali tal-Prodotti kif imsemmi fin-nota ta' qiegħ il-pagna 27 għall-Artikolu 7.25; u

   (b) CPC ver. 1.0 tfisser Central Products Classification (Klassifika Ċentrali tal-Prodotti) kif stabbilita fl-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, id-Dokumenti dwar l-Istatistika, Serje M, N° 77, CPC ver 1.0, 1998.

3. Il-lista li tinsab hawn taħt ma tinkludix miżuri relatati mar-rekwiżiti u mal-proċeduri tal-kwalifiki, standards tekniċi u rekwiżiti u proċeduri ta' liċenzji meta dawn ma jkunux jikkostitwixxu aċċess għas-suq jew limitazzjoni nazzjonali għat-trattament fit-tifsira tal-Artikoli 7.5 u 7.6. Dawk il-miżuri (pereżempju, il-ħtieġa li tinkiseb liċenzja, obbligi ta' servizz ġenerali, il-ħtieġa li jinkiseb għarfien tal-kwalifiki f'setturi rregolati u l-ħtieġa li wieħed jgħaddi minn eżamijiet speċifiċi, inklużi eżamijiet tal-lingwa), anke jekk mhumiex elenkati, japplikaw f'kull każ għas-servizzi u għall-fornituri tas-servizzi tal-Korea.

4. Il-lista li tinsab hawn taħt hija mingħajr preġudizzju għall-probabbiltà tal-forniment transkonfinali ta' servizz previst fl-Artikolu 7.4.3(i) f'ċerti setturi u sottosetturi tas-servizzi u mingħajr preġudizzju għall-eżistenza ta' monopolji pubbliċi u drittijiet esklużivi kif deskritt fil-lista ta' impenji dwar l-istabbiliment.

5. Skont l-Artikolu 7.1.3, il-lista li tinsab hawn taħt ma tinkludix miżuri li jikkonċernaw is-sussidji mogħtija minn Parti.

6. Id-drittijiet u l-obbligi li ġejjin mil-lista li tinsab hawn taħt m'għandu jkollhom l-ebda effett awtoeżekuttiv, u għal-daqstant ma jagħtu l-ebda dritt b'mod dirett lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi.

7. It-taqsiriet li ġejjin qed jintużaw fil-lista li tinsab hawn taħt:

   AT L-Awstrija

   BE Il-Belġju

   BG Il-Bulgarija

   CY Ċipru

   CZ Ir-Repubblika Ċeka

   DE Il-Ġermanja

   DK Id-Danimarka

   UE L-Unjoni Ewropea, inklużi l-Istati Membri tagħha

ES Spanja

EE L-Estonja

FI Il-Finlandja

FR Franza

EL Il-Greċja

HU L-Ungerija

IE L-Irlanda

IT L-Italja

LV Il-Latvja

LT Il-Litwanja

LU Il-Lussemburgu

MT Malta

NL il-Pajjiżi l-Baxxi

PL Il-Polonja

PT Il-Portugall

RO Ir-Rumanija

SK Is- Slovakkja

SI Is-Slovenja

SE L-Isvezja

UK Ir-Renju Unit

www.parlament.gv.at

| Settur jew sottosettur | Deskrizzjoni tar-riżervi |
|---|---|
| SETTURI KOLLHA | Proprjetà immobbli<br><br>Għall-Modalitajiet 1 u 2<br><br>L-Istati Membri kollha ħlief AT, BG, CY, CZ, DK, EL, FI, HU, IE, IT, LT, MT, PL, RO, SI, SK: Mingħajr restrizzjonijiet.<br><br>AT L-akkwist, ix-xiri kif ukoll il-kiri ta' proprjetà minn persuni fiżiċi u ġuridiċi barranin teħtieġ l-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet reġjonali kompetenti (*Länder*) li jikkunsidraw jekk interessi ekonomiċi, soċjali jew kulturali importanti ikunux affettwati jew le.<br><br>BG Persuni ġuridiċi u ċittadini barranin b'permess ta' residenza permanenti barra l-pajjiż jistgħu jakkwistaw il-proprjetà ta' bini u drittijiet ta' proprjetà limitati fuq l-art ([1]), soġġett għal permess mill-Ministeru tal-Finanzi. Ir-rekwiżit ta' permess ma japplikax għal persuni li investew fil-Bulgarija.<br><br>Ċittadini barranin li r-residenza permanenti tagħhom hija barra l-pajjiż, persuni ġuridiċi barranin u kumpaniji fejn il-parteċipazzjoni barranija tiżgura maġġoranza fl-adozzjoni jew iċ-ċaħda tad-deċiżjonijiet, jistgħu jakkwistaw drittijiet ta' proprjetà ta' art f'żoni ġeografiċi speċifiċi magħżula mill-Kunsill tal-Ministri, soġġett għal permess.<br><br>CY Mingħajr restrizzjonijiet.<br><br>CZ Limitazzjonijiet fuq l-akkwist ta' beni immobbli minn persuni fiżiċi u ġuridiċi barranin. Entitajiet barranin jistgħu jakkwistaw beni immobbli billi jistabbilixxu entitajiet legali Ċeki jew permezz tal-parteċipazzjoni f'impriżi. L-akkwist ta' art minn entitajiet barranin huwa soġġett għall-awtorizzazzjoni.<br><br>DK Limitazzjonijiet fuq xiri ta' proprjetà immobbli minn persuni fiżiċi u ġuridiċi mhux residenti. Limitazzjonijiet fuq ix-xiri ta' art agrikola minn persuni fiżiċi u ġuridiċi barranin.<br><br>EL Skont il-Liġi Nru 1892/90, permess mill-Ministru tad-Difiża huwa meħtieġ għal ċittadin biex jakkwista proprjetà immobbli f'żoni qrib il-fruntieri. Skont prattiki amministrattivi, permess għall-investiment dirett jingħata faċilment.<br><br>FI (Gżejjer Åland): Restrizzjonijiet fuq id-dritt ta' persuni fiżiċi, li ma jgawdux mic-Ċittadinanza reġjonali ta' Åland, u ta' persuni ġuridiċi, li jakkwistaw beni immobbli fil-Gżejjer Åland mingħajr il-permess tal-awtoritajiet kompetenti tal-Gżejjer. Jeżistu restrizzjonijiet fuq id-dritt tal-istabbiliment u d-dritt li jiġu pprovduti servizzi minn persuni fiżiċi li ma jgawdux Ċittadinanza reġjonali f'Åland, jew minn kwalunkwe persuna ġuridika, mingħajr il-permess tal-awtoritajiet kompetenti tal-Gżejjer Åland.<br><br>HU Restrizzjonijiet fuq l-akkwist ta' art u proprjetà immobbli minn investituri barranin. ([2])<br><br>IE: Hija meħtieġa awtorizzazzjoni bil-miktub minn qabel mill-Kummissjoni tal-Artijiet għal kwalunkwe interess f'art Irlandiża minn kumpaniji domestiċi jew barranin jew minn persuni barranin. Fejn tali art tkun għall-użu industrijali (iżda mhux l-industrija agrarja), din il-kundizzjoni ma tiġix applikata, soġġett għal ċertifikat li jikkonferma dan mill-Ministeru tal-Intrapriża u l-Impjieg. Din il-liġi ma tapplikax fejn l-art taqa' fil-limiti tal-ibliet.<br><br>IT Ix-xiri ta' proprjetà immobbli minn persuni fiżiċi u ġuridiċi barranin huwa soġġett għal kundizzjoni ta' reċiproċità.<br><br>LT: M'hemm l-ebda rbit għall-akkwist ta' art. ([3])<br><br>MT: Ir-rekwiżiti tal-liġi Maltija u r-regolamenti dwar l-akkwist ta' proprjetà immobbli għandhom ikomplu japplikaw. |

| Settur jew sottosettur | Deskrizzjoni tar-riżervi |
|---|---|
| | PL L-akkwist ta' proprjetà immobbli, b'mod dirett jew indirett, mill-barranin (persuna fiżika jew persuna ġuridika barranija) jeħtieġ awtorizzazzjoni. M'hemm l-ebda rbit għall-akkwist ta' proprjetà tal-Istat (jiġifieri r-regolamenti li jikkontrollaw il-proċess ta' privatizzazzjoni).<br><br>RO: Persuni fiżiċi li ma jkollhomx ċittadinanza Rumena u permess ta' residenza fir-Rumanija, kif ukoll il-persuni ġuridiċi li ma jkollhomx ċittadinanza Rumena u l-kwartieri ġenerali tagħhom fir-Rumanija, ma jistax ikollhom titolu fuq kwalunkwe tip ta' art, permezz ta' atti *inter vivos*.<br><br>SI Persuni ġuridiċi, stabbiliti fis-Slovenja b'parteċipazzjoni ta' kapital barrani, jistgħu jiksbu proprjetà immobbli fit-territorju tas-Slovenja. Fergħat ([4]) stabbiliti fis-Slovenja minn persuni barranin jistgħu jakkwistaw biss proprjetà immobbli, ħlief art, li tkun meħtieġa għat-twettiq ta' attivitajiet ekonomiċi li għalihom dawn ikunu ġew stabbiliti. Titolu fuq proprjetà immobbli f'reġjuni fil-limiti ta' 10 km mill-fruntieri minn kumpaniji li fihom il-maġġoranza tal-kapital jew id-drittijiet tal-vot jappartjenu direttament jew indirettament għall-persuni ġuridiċi jew liċ-ċittadini tal-Parti l-oħra huwa soġġett għal permess speċjali.<br><br>SK: Limitazzjoni fuq l-akkwist ta' proprjetà immobbli minn persuni fiżiċi u ġuridiċi barranin. Entitajiet barranin jistgħu jakkwistaw proprjetà immobbli permezz tal-istabbiliment ta' entitajiet legali Slovakki jew tal-parteċipazzjoni f'amalgamazzjonijiet. M'hemm l-ebda rbit għall-akkwist ta' art. |
| 1. SERVIZZI TAN-NEGOZJU | |
| A. Servizzi professjonali | |
| a) Servizzi legali<br><br>(CPC 861) ([5]) | Għall-Modalitajiet 1 u 2<br><br>AT, CY, ES, EL, LT, MT, SK: Pussess sħiħ tal-awtorizzazzjoni tal-prattika ta' avukat, meħtieġa għall-prattika tal-liġi domestika (UE u Stat Membru), hija soġġetta għall-kundizzjoni taċ-ċittadinanza. |
| Esklużi pariri legali u dokumenti legali u servizzi ta' awtentikar legali ipprovduti minn professjonisti legali b'funzjonijiet pubbliċi, bħal nutara, *"huissiers de justice"* jew *"officiers publics et ministériels"* oħrajn. | BE, FI: Awtorizzazzjoni sħiħa għall-prattika ta' avukat, meħtieġa għal servizzi tar-rappreżentanza legali, hija soġġetta għall-kundizzjoni taċ-ċittadinanza, flimkien mar-rekwiżit tar-residenza. Fil-BE, hemm kwoti li japplikaw għar-rappreżentanza quddiem il-"*Cour de cassation*" f'kazijiet mhux kriminali.<br><br>BG: Avukati Koreani jistgħu biss jipprovdu servizzi ta' rappreżentanza legali lil ċittadin Korean soġġett għar-reċiproċità u l-kooperazzjoni ma' avukat Bulgaru. Għal servizzi ta' medjazzjoni legali, ir-residenza permanenti hija meħtieġa.<br><br>FR: L-aċċess tal-avukati għall-professjoni ta' "avocat auprès de la Cour de Cassation" u "avocat auprès du Conseil d'Etat" huwa soġġett għall-kwoti u għall-kundizzjoni taċ-ċittadinanza.<br><br>HU: Awtorizzazzjoni sħiħa għall-prattika ta' avukat hija soġġetta għall-kundizzjoni taċ-ċittadinanza, flimkien mar-rekwiżit tar-residenza. Għal avukati barranin, l-ambitu tal-attivitajiet legali huwa limitat għall-forniment ta' konsulenza legali.<br><br>LV: Hija meħtieġa ic-ċittadinanza għal avukati liċenzjati, li għalihom tkun riżervata r-rappreżentanza legali fi proċeduri kriminali.<br><br>DK: It-tpoġġija fis-suq ta' servizzi ta' konsulenza legali hija riżervata għall-avukati b'liċenzja Daniża biex jipprattikaw u għal ditti ta' avukati reġistrati fid-Danimarka. Ir-rekwiżit tal-eżami legali Daniż sabiex tinkiseb liċenzja Daniża.<br><br>SE: Awtorizzazzjoni għall-prattika ta' avukat, meħtieġa biss għall-użu tat-titolu Svediż "advokat", hija soġġetta għar-rekwiżit tar-residenza. |

| Settur jew sottosettur | Deskrizzjoni tar-riżervi |
|---|---|
| b) 1. Servizzi ta' Kontabilità u Żamma tal-Kotba<br><br>(CPC 86212 minbarra "servizzi ta' verifika", CPC 86213, CPC 86219 u CPC 86220) | Għall-Modalità 1<br><br>FR, HU, IT, MT, RO, SI: Mingħajr restrizzjonijiet.<br><br>AT: Il-kundizzjoni taċ-ċittadinanza għar-rappreżentanza quddiem l-awtoritajiet kompetenti.<br><br>Għall-Modalità 2<br><br>Mingħajr restrizzjonijiet. |
| d) Kiri ta' ajruplani bl-ekwipaġġ<br><br>(CPC 734) | Għall-Modalità 1 u 2<br><br>UE: Ajruplani li jintużaw minn trasportatur tal-ajru tal-Unjoni Ewropea jridu jkunu rreġistrati fl-Istat Membru tal-Unjoni Ewropea li qiegħed jagħti l-liċenzja lit-trasportatur tal-ajru jew, jekk l-Istat Membru li qiegħed jagħti l-liċenzja jippermetti dan, xi mkien ieħor fl-Unjoni Ewropea.<br><br>Biex ikun reġistrat, ajruplan jista' jkun meħtieġ li jkun ta' persuni fiżiċi li jilħqu kriterji speċifiċi taċ-ċittadinanza jew ta' persuni ġuridiċi li jilħqu kriterji speċifiċi marbuta mal-pussess ta' kapital u kontroll.<br><br>Bħala eċċezzjoni, ajruplan reġistrat fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jista' jinkera minn trasportatur tal-ajru tal-Unjoni Ewropea lil trasportatur tal-ajru Korean f'ċirkostanzi speċifiċi għall-ħtiġijiet straordinarji tal-trasportatur tal-ajru Korean, għall-ħtiġijiet tal-kapaċità staġonali, jew sabiex jiġu megħluba diffikultajiet operattivi, li ma jkunux jistgħu jiġu sodisfatti b'mod raġonevoli permezz ta' kiri ta' ajruplan reġistrat fl-Unjoni Ewropa, u soġġett li dan jikseb l-approvazzjoni għal perjodu limitat mill-Istat Membru tal-Unjoni Ewropea li qiegħed jagħti l-liċenzja lit-trasportatur tal-ajru tal-Unjoni Ewropea. |
| e) Bejgħ u Marketing<br><br>f) Sistema ta' Riżervazzjoni permezz tal-Kompjuter | Għall-Modalitajiet 1 u 2<br><br>UE: Fejn trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni Ewropea ma jingħatawx trattament ekwivalenti (40) għal dak ipprovdut fl-Unjoni Ewropea mill-fornituri tas-servizzi CRS fil-Korea, jew fejn il-fornituri tas-servizzi CRS tal-Unjoni Ewropea ma jingħatawx trattament ekwivalenti għal dak ipprovdut fl-Unjoni Ewropea minn trasportaturi tal-ajru fil-Korea, jistgħu jittieħdu miżuri sabiex jingħata trattament ekwivalenti, rispettivament, għat-trasportaturi tal-ajru tal-Korea mill-fornituri tas-servizzi CRS fl-Unjoni Ewropea, jew lill-fornituri tas-servizzi CRS tal-Korea mit-trasportaturi tal-ajru fl-Unjoni Ewropea. |
| F. Servizzi awżiljari ta' trasport bil-pajpijiet ta' oġġetti minbarra l-fjuwil (41)<br><br>a) Servizzi ta' ħażna u mħażen ta' oġġetti minbarra l-karburant trasportat bil-pajpijiet<br><br>(parti minn CPC 742) | Għall-Modalità 1:<br><br>AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, FI, FR, EL, IE, IT, LT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SI, SE, UK: Mingħajr restrizzjonijiet.<br><br>Għall-Modalità 2<br><br>Mingħajr restrizzjonijiet. |

www.parlament.gv.at

| Settur jew sottosettur | Deskrizzjoni tar-riżervi |
|---|---|
| 13. SERVIZZI OĦRA TAT-TRASPORT | |
| Servizz ta' Forniment ta' Trasport Integrat | L-Istati Membri kollha minbarra AT, BG, CY, CZ, EE, HU, LT, LV, MT, PL, RO, SE, SI, SK: Mingħajr restrizzjonijiet, mingħajr preġudizzju għal-limitazzjonijiet li jaffettwaw kwalunkwe mod ta' trasport partikolari fil-Lista ta' Impenji.<br><br>AT, BG, CY, CZ, EE, HU, LT, LV, MT, PL, RO, SE, SI, SK: Mingħajr restrizzjonijiet. |
| 14. SERVIZZI TAL-ENERĠIJA | |
| A. Servizzi Anċillari għall-Minjieri<br><br>(CPC 883) ([42]) | Għall-Modalitajiet 1 u 2<br><br>Mingħajr restrizzjonijiet. |
| B. Trasport bil-Pajpijiet ta' fjuwils<br><br>(CPC 7131) | Għall-Modalità 1:<br><br>UE: Mingħajr restrizzjonijiet.<br><br>Għall-Modalità 2:<br><br>AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, EE, FI, FR, EL, IE, IT, LV, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SI, SE, UK: Mingħajr restrizzjonijiet. |
| C. Servizzi ta' ħażna u magazzinaġġ ta' karburanti li jiġu trasportati bil-pajpijiet<br><br>(parti minn CPC 742) | Għall-Modalità 1:<br><br>AT, BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, FI, FR, EL, IE, IT, LT, LU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SI, SE, UK: Mingħajr restrizzjonijiet.<br><br>Għall-Modalità 2<br><br>Mingħajr restrizzjonijiet. |
| D. Servizzi ta' kummerċ bl-ingrossa ta' karburanti solidi, likwidi u gassużi u prodotti relatati<br><br>(CPC 62271)<br><br>u servizzi ta' kummerċ bl-ingrossa ta' elettriku, fwar u misħun | Għall-Modalità 1:<br><br>UE: Mingħajr restrizzjonijiet għal servizzi ta' kummerċ bl-ingrossa ta' elettriku, fwar u misħun.<br><br>Għall-Modalità 2<br><br>Mingħajr restrizzjonijiet. |
| E. Servizzi ta' bejgħ bl-imnut ta' fjuwil tal-magni<br><br>(CPC 613) | Għall-Modalità 1:<br><br>UE: Mingħajr restrizzjonijiet.<br><br>Għall-Modalità 2<br><br>Mingħajr restrizzjonijiet. |

www.parlament.gv.at

| Settur jew sottosettur | Deskrizzjoni tar-riżervi |
|---|---|
| F. Bejgħ bl-imnut, ta' żejt għall-fjuwil, gass fil-fliexkenn, faħam u injam<br><br>(CPC 63297)<br><br>u servizzi ta' bejgħ bl-imnut ta' elettriku, gass (mhux fil-fliexkenn), fwar u misħun | Għall-Modalità 1:<br><br>UE: Mingħajr restrizzjonijiet għal servizzi ta' bejgħ bl-imnut ta' elettriku, gass (mhux fil-fliexen), fwar u misħun.<br><br>BE, BG, CY, CZ, DE, DK, ES, FR, EL, IE, IT, LU, MT, NL, PL, PT, SK, UK: Għall-bejgħ bl-imnut ta' żejt fjuwil, gass fil-fliexken, faħam u injam, mingħajr restrizzjoni ħlief għal ordnijiet bil-posta (xejn għal ordnijiet bil-posta).<br><br>Għall-Modalità 2<br><br>Mingħajr restrizzjonijiet. |
| G. Servizzi anċillari għad-distribuzzjoni tal-enerġija<br><br>(CPC 887) | Għall-Modalità 1:<br><br>UE: Mingħajr restrizzjonijiet ħlief għal servizzi ta' konsulenza (xejn għal servizzi ta' konsulenza).<br><br>Għall-Modalità 2<br><br>Mingħajr restrizzjonijiet. |
| 15. SERVIZZI OĦRA MHUX INKLUŻI MKIEN IEĦOR | |
| a) Servizzi ta' Ħasil, Tindif u Żebgħa tal-Ħwejjeġ<br><br>(CPC 9701) | Għall-Modalità 1:<br><br>UE: Mingħajr restrizzjonijiet.<br><br>Għall-Modalità 2<br><br>Mingħajr restrizzjonijiet. |
| b) Servizzi ta' qtugħ tax-xagħar<br><br>(CPC 97021) | Għall-Modalità 1:<br><br>UE: Mingħajr restrizzjonijiet.<br><br>Għall-Modalità 2<br><br>Mingħajr restrizzjonijiet. |
| c) Trattament kożmetiku, servizzi ta' manikura u pedikura<br><br>(CPC 97022) | Għall-Modalità 1:<br><br>UE: Mingħajr restrizzjonijiet.<br><br>Għall-Modalità 2<br><br>Mingħajr restrizzjonijiet. |

www.parlament.gv.at

| Settur jew sottosettur | Deskrizzjoni tar-riżervi |
|---|---|
| d) Servizzi oħra ta' trattamenti estetiċi n.e.c<br><br>(CPC 97029) | Għall-Modalità 1:<br><br>UE: Mingħajr restrizzjonijiet.<br><br>Għall-Modalità 2<br><br>Mingħajr restrizzjonijiet. |
| e) Servizzi ta' spa u massaġġi mhux terapewtiċi, sakemm jingħataw bħala servizzi ta' rilassament għall-benessri fiżiku u mhux għal skopijiet mediċi jew ta' rijabilitazzjoni ([43])<br><br>(CPC ver. 1.0 97230) | Għall-Modalità 1:<br><br>UE: Mingħajr restrizzjonijiet.<br><br>Għall-Modalità 2<br><br>Mingħajr restrizzjonijiet. |
| g) Servizzi ta' kollegament tat-telekomunikazzjonijiet<br><br>(CPC 7543) | Għall-Modalitajiet 1 u 2<br><br>Mingħajr restrizzjonijiet. |

([1]) Il-liġi Bulgara dwar il-proprjetà tirrikonoxxi d-drittijiet limitati ta' proprjetà li ġejjin: id-dritt ta' użu, id-dritt li wiehed jibni, id-dritt li tittella' superstruttura u servitujiet.
([2]) Rigward is-setturi tas-servizzi, dawn il-limitazzjonijiet ma jmorrux lil hinn mil-limitazzjonijiet riflessi fl-impenji eżistenti tal-GATS.
([3]) Rigward is-setturi tas-servizzi, dawn il-limitazzjonijiet ma jmorrux lil hinn mil-limitazzjonijiet riflessi fl-impenji eżistenti tal-GATS.
([4]) Skont il-Liġi dwar il-Kumpaniji Kummerċjali, fergħa stabbilita fis-Slovenja ma titqisx bħala persuna ġuridika, iżda fir-rigward tal-operat tagħha, it-trattament tagħha huwa ugwali għal dak ta' sussidjarja, li huwa konformi mal-Artikolu XXVIII paragrafu (g) tal-GATS.
([5]) Dan jinkludi servizzi ta' konsulenza legali, servizzi ta' rappreżentanza legali, servizzi ta' arbitraġġ u ta' konċiljazzjoni/medjazzjoni legali, kif ukoll servizzi ta' dokumenti legali u ċertifikazzjoni legali.Il-forniment ta' servizzi legali huwa awtorizzat biss fir-rigward tad-dritt internazzjonali pubbliku, il-liġi tal-UE u l-liġi ta' kwalunkwe ġuriżdizzjoni fejn il-fornitur tas-servizz jew l-impjegati tiegħu jkunu kkwalifikati biex jipprattikaw bħala avukati, u, bħall-forniment ta' servizzi oħra, ikun soġġett għar-rekwiżiti u l-proċeduri tal-liċenzja li japplikaw fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. Għall-avukati li jipprovdu servizzi legali fir-rigward tad-dritt internazzjonali pubbliku u l-liġi barranija, dawn ir-rekwiżiti u l-proċeduri ta' liċenzjar jistgħu, *inter alia*, jieħdu l-forma ta' konformità mal-kodiċi ta' etika lokali, l-użu ta' titolu lokali (sakemm ikun inkiseb ir-rikonoxximent mat-titolu lokali), rekwiżiti ta' assigurazzjoni, reġistrazzjoni sempliċi mal-awtoritajiet ġudizzjarji tal-pajjiż ospitanti jew ammissjoni simplifikata għall-prattika mill-awtoritajiet ġudizzjarji tal-pajjiż ospitanti permezz ta' test ta' attitudni u uffiċċju legali jew professjonali fil-pajjiż ospitanti. Is-servizzi legali fir-rigward tal-liġi tal-UE għandhom, fil-prinċipju, jitwettqu minn jew permezz ta' avukat ikkwalifikat mogħti l-awtorizzazzjoni tal-prattika ta' avukat fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea li jaġixxi fuq bażi personali, filwaqt li s-servizzi legali fir-rigward tal-liġi ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea għandhom, fil-prinċipju, jitwettqu minn jew permezz ta' avukat ikkwalifikat mogħti l-awtorizzazzjoni tal-prattika ta' avukat f'dak l-Istat Membru waqt li jaġixxi fuq bażi personali. L-awtorizzazzjoni sħiħa tal-prattika ta' avukat fl-Istat Membru rilevanti tal-Unjoni Ewropea tista', għalhekk, tkun meħtieġa għar-rappreżentanza quddiem il-qrati u awtoritajiet kompetenti oħra fil-Parti tal-UE peress li din tinvolvi l-prattika tal-liġi tal-UE u tal-liġi proċedurali nazzjonali. Madankollu, f'ċerti Stati Membri, avukati barranin li ma jkollhomx l-awtorizzazzjoni sħiħa tal-prattika ta' avukat huma awtorizzati li jirrappreżentaw parti fi proċeduri ċivili li tkun ċittadin ta' jew tappartjeni lil Stat li fih l-avukat ikun awtorizzat li jipprattika.
([6]) Ma jinkludix servizzi ta' konsulenza legali u servizzi ta' rappreżentanza legali dwar materji ta' taxxa, li jinsabu taħt 1.A.a) Servizzi Legali.
([7]) Il-forniment tal-farmaċewtiċi lill-pubbliku ġenerali, bħall-għoti ta' servizzi oħra, huwa soġġett għal rekwiżiti ta' liċenzji u kwalifiki u l-proċeduri applikabbli fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. Bħala regola ġenerali, din l-attività hija riżervata għall-ispiżjara. F'ċerti Stati Membri tal-Unjoni Ewropea, il-forniment ta' mediċini bi preskrizzjoni biss huwa riżervat għall-ispiżjara.
([8]) Parti minn CPC 85201, li tinstab taħt 1.A.h) Servizzi Mediċi u Dentali.
([9]) Is-servizz involut jikkonċerna l-professjoni tal-aġenti tal-proprjetà u ma jaffettwax id-drittijiet u/jew restrizzjonijiet dwar persuni fiżiċi u ġuridiċi li jixtru proprjetà.
([10]) Servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' apparat tat-trasport (CPC 6112, 6122, 8867 u CPC 8868) jinsabu taħt l. F. l) 1. sa 1. F. l) 4.
Servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' makkinarju u apparat tal-uffiċini inklużi kompjuters (CPC 845) jinsabu taħt 1.B. Servizzi bil-kompjuter u oħrajn relatati.
([11]) Ma jinkludix servizzi ta' stampar, li jaqgħu taħt CPC 88442 u jinsabu taħt 1.F. p).
([12]) "Immaniġġjar" tirreferi għal attivitajiet bħalma huma l-ħruġ mid-dwana, l-għażla, il-ġarr u t-tqassim.
([13]) "Oġġett postali" tirreferi għall-oġġetti mwassla minn kwalunkwe tip ta' operatur kummerċjali, sew pubbliku u sew privat.
([14]) Eż. ittri, kartolini.
([15]) Kotba u katalgi huma inklużi hawn taħt.
([16]) Ġurnali, gazzetti, u rivisti.
([17]) Servizzi ta' twassil express jistgħu jinkludu, flimkien ma' veloċità u responsabbiltà akbar, elementi ta' valur miżjud bħalma huma ġbir mill-punt tal-oriġini, tqassim personali lid-destinatarju, intraċċar u tiftix, possibbiltà ta' bdil tad-destinazzjoni u tad-destinatarju waqt it-tranżitu, konferma tal-wasla.

www.parlament.gv.at

(18) Provvista tal-mezzi, inkluzi l-provvista ta' bini *ad hoc* kif ukoll trasport minn parti terza, li tippermetti awtotwassil permezz ta' skambju reċiproku ta' oġġetti postali bejn utenti sottoskritti għal dan is-servizz. "Oġġett postali" tirreferi għall-oġġetti mwassla minn kwalunkwe tip ta' operatur kummerċjali, sew pubbliku u sew privat.
(19) "Oġġetti ta' korrispondenza" tfisser komunikazzjoni bil-miktub fuq kull tip ta' mezz fiżiku mibgħut u mwassal fl-indirizz indikat minn min jibagħtu fuq l-oġġett innifsu jew fuq it-tgeżwir tiegħu. Kotba, katalgi, gazzetti u rivisti perjodiċi ma jitqisux bħala oġġetti ta' korrispondenza.
(20) Il-ġarr ta' oġġetti postali u ta' kurrier għal rashom bi kwalunkwe mezz fuq l-art.
(21) Ġarr ta' oġġetti postali għal rashom bl-ajru.
(22) Dawn is-servizzi ma jinkludux informazzjoni onlajn u/jew proċessar ta' dejta (inkluż l-ipproċessar ta' tranżazzjonijiet) (parti minn CPC 843) li jinsabu taħt 1.B. Kompjuter u servizzi relatati.
(23) Ix-xandir huwa definit bħala l-katina mhux interrotta meħtieġa għad-distribuzzjoni ta' programmi televiżivi u tar-radju lill-pubbliku ġenerali, iżda ma jkoprix konnessjonijiet bejn l-operaturi.
(24) Dawn is-servizzi jkopru s-servizzi ta' telekomunikazzjonijiet li jikkonsistu fit-trażmissjoni u r-riċezzjoni ta' xandir bir-radju u t-televiżjoni bis-satellita (il-katina mhux interrotta ta' trażmissjoni permezz tas-satellita meħtieġa għad-distribuzzjoni ta' programmi televiżivi u tar-radju lill-pubbliku ġenerali). Dan ikopri l-bejgħ tal-użu tas-servizzi bis-satellita, iżda ma jinkludix il-bejgħ ta' pakUEtti ta' programmi televiżivi lill-familji. Dawn is-servizzi ma jinkludux kollegamenti lokali (it-trażmissjoni ta' dawk is-sinjali minn territorju lokali għal territorju lokali ieħor bis-satellita).
(25) Dawn is-servizzi, li jinkludu CPC 62271, jinsabu taħt is-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA taħt 14.D.
(26) Ma jinkludix manutenzjoni u tiswija, li jinsabu taħt is-SERVIZZI KUMMERĊJALI taħt 1.B. u 1.F.l). Ma jinkludix servizzi bl-imnut tal-prodotti tal-enerġija li jinsabu taħt is-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA taħt 14.E. u 14.F.
(27) Il-bejgħ bl-imnut ta' oġġetti farmaċewtiċi, mediċi u ortopediċi jinsabu taħt SERVIZZI PROFESSJONALI f'1.A.k).
(28) Tikkorrispondi għal servizzi tad-drenaġġ.
(29) Tikkorrispondi għal servizzi ta' tindif ta' gassijiet tal-egżost.
(30) Tikkorrispondi għall-partijiet ta' servizzi ta' protezzjoni tan-natura u l-pajżaġġ.
(31) Kejtering f'servizzi ta' trasport bl-ajru jinstab fSERVIZZI AWŻILJARJI GĦAT-TRASPORT taħt 12.E.a) Servizzi ta' maniġġjar fuq l-art.
(32) Bla ħsara għall-ambitu tal-attivitajiet li jistgħu jitqiesu bħala kabotaġġ taħt il-liġijiet nazzjonali rilevanti, din l-isUEda ma tinkludix trasport ta' kabotaġġ nazzjonali, li huwa preżunt li jkopri t-trasport ta' passiġġieri jew oġġetti bejn port jew punt li jinsab fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u port jew punt ieħor fl-istess Stat Membru, inkluż fuq l-ixkaffa kontinentali tiegħu kif previst fil-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar, u t-traffiku li joriġina u li jintemm fl-istess port jew punt li jinsab fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.
(33) Bla ħsara għall-ambitu tal-attivitajiet li jistgħu jitqiesu bħala kabotaġġ taħt il-liġijiet nazzjonali rilevanti, din l-isUEda ma tinkludix trasport ta' kabotaġġ nazzjonali, li huwa preżunt li jkopri t-trasport ta' passiġġieri jew oġġetti bejn port jew punt li jinsab fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u port jew punt ieħor fl-istess Stat Membru, inkluż fuq l-ixkaffa kontinentali tiegħu kif previst fil-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar, u t-traffiku li joriġina u li jintemm fl-istess port jew punt li jinsab fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.
(34) Bla ħsara għall-ambitu tal-attivitajiet li jistgħu jitqiesu bħala kabotaġġ taħt il-liġijiet nazzjonali rilevanti, din l-isUEda ma tinkludix trasport ta' kabotaġġ nazzjonali, li huwa preżunt li jkopri t-trasport ta' passiġġieri jew oġġetti bejn port jew punt li jinsab fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u port jew punt ieħor fl-istess Stat Membru, inkluż fuq l-ixkaffa kontinentali tiegħu kif previst fil-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar, u t-traffiku li joriġina u li jintemm fl-istess port jew punt li jinsab fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.
(35) Bla ħsara għall-ambitu tal-attivitajiet li jistgħu jitqiesu bħala kabotaġġ taħt il-liġijiet nazzjonali rilevanti, din l-isUEda ma tinkludix trasport ta' kabotaġġ nazzjonali, li huwa preżunt li jkopri t-trasport ta' passiġġieri jew oġġetti bejn port jew punt li jinsab fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u port jew punt ieħor fl-istess Stat Membru, inkluż fuq l-ixkaffa kontinentali tiegħu kif previst fil-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar, u t-traffiku li joriġina u li jintemm fl-istess port jew punt li jinsab fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.
(36) Parti minn CPC 71235, li tinstab fis-SERVIZZI TA' KOMUNIKAZZJONI taħt 2.A. Servizzi Postali u ta' Kurrier.
(37) It-trasport bil-pajpijiet ta' karburanti jinstab fis-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA taħt 14.B.
(38) Ma jinkludix servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' tagħmir tat-trasport, li jinsabu f'SERVIZZI TAN-NEGOZJU taħt 1.F.l) 1 sa 1.F.l) 4.
(*) Mingħajr restrizzjonijiet minħabba nuqqas ta' flessibbiltà teknika.
(40) "Trattament ekwivalenti" timplika trattament mhux diskriminatorju mit-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni Ewropea u l-fornituri tas-servizzi CRS tal-Unjoni Ewropea.
(41) Servizzi awżiljari għat-trasport bil-pajpijiet jinsabu fis-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA taħt 14.C.
(42) Tinkludi s-servizzi li ġejjin mogħtija fuq bażi ta' ħlas jew kuntratt: servizzi ta' forniment ta' pariri u ta' konsulenza dwar it-tħaffir, dwar it-tħejjija tas-siti fuq l-art, dwar l-installazzjoni tal-impjanti tat-tħaffir (rigs) fuq l-art, tħaffir, servizzi tal-golji tat-tħaffir, servizzi tal-UEjsing u tat-tubi tat-tħaffir, inġinerija tat-tajn u provvista, kontroll tas-solidi, operazzjonijiet ta' sajd u operazzjonijiet downhole specjali, ġeoloġija tas-siti tal-bjar u kontroll tat-tħaffir, teħid ta' kampjuni (cores) mill-art, ittestjar tal-bjar, servizzi wajerlajn, forniment u tħaddim tal-fluwidi tat-tlestija (salmuri), forniment u stallazzjoni tat-tagħmir tat-tlestija, simentar (ippumpjar taħt pressjoni), servizzi ta' stimulazzjoni (tixqiq, aċidifikar u ppumpjar taħt pressjoni), servizzi ta' workover u ta' tiswija tal-bjar, issiġillar u abbandunar tal-bjar.Ma tinkludix l-aċċess dirett għal jew l-isfruttar ta' riżorsi naturali.Ma tinkludix xogħol ta' preparazzjoni fuq is-sit għat-tħaffir ta' riżorsi minbarra ż-żejt u l-gass (CPC 5115), li jinstab taħt 3. KOSTRUZZJONI U SERVIZZI TA' INĠINERIJA RELATATI.
(43) Massaġġi terapewtiċi u servizzi ta' kura termali jinsabu taħt 1.A.h) Servizzi Mediċi u Dentali, 1.A.j) 2. Servizzi pprovduti minn Infirmiera, Fiżjoterapisti u Persunal Paramediku, u Servizzi tas-Saħħa (8.A u 8.C).

www.parlament.gv.at

*ANNESS 7-A-2*

**PARTI TAL-UE**

**LISTA TA' IMPENJI SKONT L-ARTIKOLU 7.13**

**(STABBILIMENT)**

1. Il-lista ta' impenji li tinsab hawn taħt tindika l-attivitajiet ekonomiċi li ġew liberalizzati skont l-Artikolu 7.13 u, permezz ta' riżervi, il-limitazzjonijiet għall-aċċess għas-suq u għat-trattament nazzjonali applikabbli għall-istabbilimenti u l-investituri tal-Korea f'dawk l-attivitajiet. Il-lista li tinsab hawn taħt tikkonsisti fl-elementi li ġejjin:

   (a) l-ewwel kolonna li tindika s-settur jew is-sottosettur li fih l-impenn jitwettaq mill-Parti tal-UE, u l-għan tal-liberalizzazzjoni li għalih japplikaw ir-riżervi; u

   (b) it-tieni kolonna li tiddeskrivi r-riżervi li japplikaw.

   L-istabbilimenti fis-setturi jew is-sottosetturi koperti b'dan il-Ftehim u li mhumiex imsemmija fil-lista li tinsab hawn taħt m'għandhomx impenji.

2. Fl-identifikazzjoni ta' setturi jew sottosetturi individwali:

   (a) ISIC rev 3.1 tfisser l-Istandard Internazzjonali ta' Klassifikazzjoni Industrijalital-Attivitajiet Ekonomiċi kollha kif stipulat fl-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, id-Dokumenti dwar l-Istatistika, Serje M, N° 4, ISIC REV 3.1, 2002;

   (b) CPC tfisser il-Klassifikazzjoni Ċentrali tal-Prodotti kif imsemmi fin-nota ta' qiegħ il-paġna 27 għall-Artikolu 7.25; u

   (c) CPC ver. 1.0 tfisser Central Products Classification (Klassifika Ċentrali tal-Prodotti) kif stabbilita fl-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, id-Dokumenti dwar l-Istatistika, Serje M, N° 77, CPC ver 1.0, 1998.

3. Il-lista li tinsab hawn taħt ma tinkludix miżuri relatati mar-rekwiżiti u mal-proċeduri tal-kwalifiki, standards tekniċi u rekwiżiti u proċeduri ta' liċenzji meta dawn ma jkunux jikkostitwixxu aċċess għas-suq jew limitazzjoni għat-trattament nazzjonali fit-tifsira tal-Artikoli 7.11 and 7.12. Dawk il-miżuri (pereżempju, il-ħtieġa li tinkiseb liċenzja, obbligi ta' servizz ġenerali, il-ħtieġa li jinkiseb għarfien tal-kwalifiki f'setturi rregolati u l-ħtieġa li wieħed jgħaddi minn eżamijiet speċifiċi, inklużi eżamijiet tal-lingwa, u r-rekwiżit mhux diskriminatorju li ċerti attivitajiet jistgħu ma jsirux f'żoni ambjentali li huma protetti jew f'żoni ta' interess storiku u artistiku partikolari), anke jekk mhumiex elenkati, japplikaw f'kull każ għall-istabbilimenti u għall-investituri tal-Korea.

4. Skont l-Artikolu 7.1.3, il-lista li tinsab hawn taħt ma tinkludix miżuri li jikkonċernaw is-sussidji mogħtija minn Parti.

5. Minkejja l-Artikolu 7.11, ir-rekwiżiti mhux diskriminatorji rigward it-tip ta' forma legali ta' stabbiliment m'hemmx għalfejn ikunu speċifikati fil-lista ta' impenji li tinsab hawn taħt dwar l-istabbilimenti sabiex jinżammu jew ikunu adotatti mill-Parti tal-UE.

6. Id-drittijiet u l-obbligi li ġejjin mil-lista li tinsab hawn taħt m'għandu jkollha l-ebda effett awtoeżekuttiv, u għalhekk ma tagħti l-ebda drittijiet direttament fuq persuni fiżiċi jew ġuridiċi.

7. It-taqsiriet li ġejjin qed jintużaw fil-lista li tinsab hawn taħt:

   AT L-Awstrija

   BE Il-Belġju

   BG Il-Bulgarija

   CY Ċipru

   CZ Ir-Repubblika Ċeka

DE Il-Ġermanja

DK Id-Danimarka

UE L-Unjoni Ewropea, inklużi l-Istati Membri tagħha

ES Spanja

EE L-Estonja

FI Il-Finlandja

FR Franza

EL Il-Greċja

HU L-Ungerija

IE L-Irlanda

IT L-Italja

LV Il-Latvja

LT Il-Litwanja

LU Il-Lussemburgu

MT Malta

NL Il-Pajjiżi Baxxi

PL Il-Polonja

PT Il-Portugall

RO Ir-Rumanija

SK Is-Slovakkja

SI Is-Slovenja

SE L-Isvezja

UK Ir-Renju Unit

| Settur jew sottosettur | Deskrizzjoni tar-riżervi |
|---|---|
| SETTURI KOLLHA | Proprjetà<br><br>L-Istati Membri kollha minbarra AT, BG, CY, CZ, DK, EE, EL, FI, HU, IE, IT, LV, LT, MT, PL, RO, SI, SK: Mingħajr restrizzjonijiet<br><br>AT L-akkwist, ix-xiri kif ukoll il-kiri ta' proprjetà minn persuni fiżiċi u ġuridiċi barranin teħtieġ l-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet reġjonali kompetenti (*Länder*) li jikkunsidraw jekk interessi ekonomiċi, soċjali jew kulturali importanti ikunux affettwati jew le.<br><br>BG Persuni fiżiċi u ġuridiċi barranin (ink. permezz ta' fergħa) ma jistgħux jiksbu t-titolu fuq art. Persuni ġuridiċi Bulgari b'parteċipazzjoni barranija ma jistgħux jiksbu t-titolu fuq art agrikola.<br><br>Persuni ġuridiċi u ċittadini barranin b'permess ta' residenza permanenti barra l-pajjiż jistgħu jakkwistaw il-proprjetà ta' bini u drittijiet ta' proprjetà limitati fuq l-art (1), soġġett għal permess mill-Ministeru tal-Finanzi. Ir-rekwiżit ta' permess ma japplikax għal persuni li investew fil-Bulgarija.<br><br>ċittadini barranin li r-residenza permanenti tagħhom hija barra l-pajjiż, persuni ġuridiċi barranin u kumpaniji fejn il-parteċipazzjoni barranija tiżgura maġġoranza fl-adozzjoni jew iċ-ċaħda tad-deċiżjonijiet, jistgħu jakkwistaw drittijiet ta' proprjetà ta' art f'żoni ġeografiċi speċifiċi magħżula mill-Kunsill tal-Ministri, soġġett għal permess.<br><br>CY Mingħajr restrizzjonijiet.<br><br>CZ Limitazzjonijiet fuq l-akkwist ta' beni immobbli minn persuni fiżiċi u ġuridiċi barranin. Entitajiet barranin jistgħu jakkwistaw beni immobbli permezz tal-istabbiliment ta' entitajiet ġuridiċi Ċeki jew permezz tal-parteċipazzjoni f'impriżi. L-akkwist ta' art minn entitajiet barranin huwa soġġett għall-awtorizzazzjoni.<br><br>DK Limitazzjonijiet fuq xiri ta' proprjetà immobbli minn persuni fiżiċi u ġuridiċi mhux residenti. Limitazzjonijiet fuq ix-xiri ta' art agrikola minn persuni fiżiċi u ġuridiċi barranin.<br><br>EE: Mingħajr restrizzjonijiet għall-akkwist ta' art agrikola u foresti. (2)<br><br>EL Skont il-Liġi Nru 1892/90, permess mill-Ministru tad-Difiża huwa meħtieġ għal ċittadin biex jakkwista proprjetà immobbli f'żoni qrib il-fruntieri. Skont prattiki amministrattivi, permess għall-investiment dirett jingħata faċilment.<br><br>FI (Gżejjer Åland): Restrizzjonijiet fuq id-dritt ta' persuni fiżiċi, li ma jgawdux mic-ċittadinanza reġjonali ta' Åland, u ta' persuni ġuridiċi, li jakkwistaw beni immobbli fil-Gżejjer Åland mingħajr il-permess tal-awtoritajiet kompetenti tal-Gżejjer. Jeżistu restrizzjonijiet fuq id-dritt tal-istabbiliment u d-dritt li jiġu pprovduti servizzi minn persuni fiżiċi li ma jgawdux ċittadinanza reġjonali f'Åland, jew minn kwalunkwe persuna ġuridika, mingħajr il-permess tal-awtoritajiet kompetenti tal-Gżejjer Åland.<br><br>HU: Restrizzjonijiet fuq l-akkwist ta' art u proprjetà immobbli minn investituri barranin. (3)<br><br>IE: Hija meħtieġa awtorizzazzjoni bil-miktub minn qabel mill-Kummissjoni tal-Artijiet għal kwalunkwe interess f'art Irlandiża minn kumpaniji domestiċi jew barranin jew minn persuni barranin. Fejn tali art tkun għall-użu industrijali (iżda mhux l-industrija agrarja), din il-kundizzjoni ma tiġix applikata, soġġett għal ċertifikat li jikkonferma dan mill-Ministeru tal-Intrapriża u l-Impjieg. Din il-liġi ma tapplikax fejn l-art taqa' fil-limiti tal-ibliet.<br><br>IT Ix-xiri ta' proprjetà immobbli minn persuni fiżiċi u ġuridiċi barranin huwa soġġett għal kundizzjoni ta' reċiproċità.<br><br>LV Mingħajr restrizzjonijiet fir-rigward ta' akkwist ta' art; kiri ta' art għal mhux aktar minn 99 sena huwa awtorizzat.<br><br>LT: M'hemm l-ebda rbit għall-akkwist ta' art. (4) |

www.parlament.gv.at

| Settur jew sottosettur | Deskrizzjoni tar-riżervi |
|---|---|
| | MT: Ir-rekwiżiti tal-liġi Maltija u r-regolamenti dwar l-akkwist ta' proprjetà immobbli għandhom ikomplu japplikaw.<br><br>PL: L-akkwist ta' proprjetà immobbli, b'mod dirett jew indirett, mill-barranin (persuna fiżika jew persuna ġuridika barranija) jeħtieġ l-awtorizzazzjoni<br><br>M'hemm l-ebda rbit għall-akkwist ta' proprjetà tal-Istat (jiġifieri r-regolamenti li jikkontrollaw il-proċess ta' privatizzazzjoni)<br><br>RO Persuni fiżiċi li ma jkollhomx ċittadinanza Rumena u permess ta' residenza fir-Rumanija, kif ukoll il-persuni ġuridiċi li ma jkollhomx ċittadinanza Rumena u l-kwartieri ġenerali tagħhom fir-Rumanija, ma jistax ikollhom titolu fuq kwalunkwe tip ta' art, permezz ta' atti *inter vivos*.<br><br>SI Persuni ġuridiċi, stabbiliti fis-Slovenja b'parteċipazzjoni ta' kapital barrani, jistgħu jiksbu proprjetà immobbli fit-territorju tas-Slovenja. Fergħat ([5]) stabbiliti fis-Slovenja minn persuni barranin jistgħu jakkwistaw biss proprjetà immobbli, ħlief art, li tkun meħtieġa għat-twettiq ta' attivitajiet ekonomiċi li għalihom dawn ikunu ġew stabbiliti. Titolu fuq proprjetà immobbli f'reġjuni fil-limiti ta' 10 km mill-fruntieri minn kumpaniji li fihom il-maġġoranza tal-kapital jew id-drittijiet tal-vot jappartjenu direttament jew indirettament lil persuni ġuridiċi jew lil ċittadini tal-Parti l-oħra huwa soġġett għal permess speċjali.<br><br>SK Limitazzjoni fuq l-akkwist ta' proprjetà immobbli minn persuni fiżiċi u ġuridiċi barranin. Entitajiet barranin jistgħu jakkwistaw proprjetà immobbli permezz tal-istabbiliment ta' entitajiet legali Slovakki jew tal-parteċipazzjoni f'amalgamazzjonijiet. M'hemm l-ebda rbit għall-akkwist ta' art. |
| SETTURI KOLLHA | Utilitajiet Pubbliċi<br><br>UE: Attivitajiet ekonomiċi kkunsidrati bħala utilitajiet pubbliċi fuq livell nazzjonali jew lokali jistgħu jkunu soġġetti għal monopolji pubbliċi jew drittijiet esklużivi mogħtija lil operaturi privati. ([6]) ([7]) |
| SETTURI KOLLHA | Tipi ta' stabbiliment<br><br>UE: It-trattament li jingħata lil kumpaniji sussidjarji (ta' kumpaniji Koreani) stabbiliti skont il-liġijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u li jkollhom l-uffiċċju reġistrat tagħhom, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju fl-Unjoni m'għandux jiġi estiż għall-fergħat jew aġenziji stabbiliti fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea minn kumpaniji Koreani. ([8])<br><br>BG: L-istabbiliment ta' fergħat huwa soġġett għall-awtorizzazzjoni.<br><br>EE: Minn tal-inqas nofs il-membri tal-bord ta' ġestjoni irid ikollhom ir-residenza tagħhom fl-Unjoni Ewropea.<br><br>FI: Korean li jkun qed imexxi negozju ma' sieħeb fi sħubija limitata jew ġenerali Finlandiża jeħtieġ permess kummerċjali u jrid ikun residenti permanenti fl-Unjoni Ewropea. Għas-setturi kollha minbarra s-servizzi tat-telekomunikazzjonijiet, iċ-ċittadinanza u r-residenza huma meħtieġa għal minn tal-inqas nofs il-membri ordinarji u deputati tal-bord tad-diretturi; madankollu, jistgħu jingħataw xi eżenzjonijiet lil ċerti kumpaniji. Għas-servizzi tat-telekomunikazzjonijiet, ir-residenza permanenti hija meħtieġa għal nofs il-partijiet fundaturi u għal nofs il-membri tal-bord tad-diretturi. Jekk il-parti fundatriċi tkun persuna ġuridika, dik il-persuna ġuridika tkun soġġetta wkoll għal rekwiżit tar-residenza. Jekk organizzazzjoni Koreana tkun beħsiebha twettaq negozju jew kummerċ billi tistabbilixxi fergħa fil-Finlandja, il-permess ta' negozju huwa meħtieġ. Permess biex taġixxi bħala parti fundatriċi ta' kumpanija limitata huwa meħtieġ għal organizzazzjoni Koreana jew għal persuna fiżika li ma tkunx ċittadin tal-Unjoni Ewropea.<br><br>IT: L-aċċess għal attivitajiet industrijali, kummerċjali u artiġjanali huwa soġġett għal permess ta' residenza u awtorizzazzjoni speċifika biex jitwettqu dawn l-attivitajiet. |

www.parlament.gv.at

| Settur jew sottosettur | Deskrizzjoni tar-riżervi |
|---|---|
| | BG, PL: L-ambitu tal-attivitajiet ta' uffiċċju rappreżentant jista' jinkludi biss ir-reklamar u l-promozzjoni tal-kumpanija prinċipali barranija rrappreżentata mill-uffiċċju.<br><br>PL: Ħlief għas-servizzi finanzjarji, mingħajr restrizzjonijiet għall-fergħat. Investituri Koreani jistgħu jassumu u jwettqu attivitajiet ekonomiċi fl-għamla ta' sħubija limitata, kumpanija azzjonarja limitata, u kumpanija b'responsabilità limitata biss (fil-każ ta' servizzi legali fl-għamla ta' sħubija reġistrata u sħubija limitata biss).<br><br>RO: L-amministrattur uniku jew il-President tal-Bord ta' Amministrazzjoni kif ukoll nofs l-għadd totali ta' amministratturi tal-kumpaniji kummerċjali għandhom ikunu ċittadini Rumeni sakemm mhux stipulat mod ieħor fil-kuntratt tal-kumpanija jew fl-istatuti tagħha. Il-maġġoranza tal-awdituri tal-kumpaniji kummerċjali u d-deputati tagħhom iridu jkunu ċittadini Rumeni.<br><br>SE: Kumpanija Koreana (li m'għandhiex entità legali stabbilita fl-Isvezja) għandha twettaq in-negozju tagħha permezz ta' fergħa, stabbilita fl-Isvezja b'maniġment indipendenti u kotba miżmumin separati. Proġetti ta' bini li jdumu inqas minn sena huma eżenti mir-rekwiżiti tal-eżistenza ta' fergħa jew il-ħatra ta' rappreżentant residenti. Kumpanija ta' responsabilità limitata (kumpanija azzjonarja) tista' tiġi stabbilita minn fundatur wieħed jew iktar. Parti fundatriċi għandha tkun residenti fl-Isvezja jew inkella tkun entità ġuridika Svediża. Sħubija tista' tkun parti fundatriċi biss jekk kull wieħed mill-imsieħba jkun residenti fl-Isvezja. Hemm kundizzjonijiet simili għall-istabbiliment tat-tipi l-oħrajn kollha ta' entitajiet legali. Mill-anqas 50 fil-mija mill-membri tal-bord għandhom ikunu residenti fl-Isvezja. ċittadini barranin jew Svediżi li mhumiex residenti fl-Isvezja, li jixtiequ jwettqu operazzjonijiet kummerċjali fl-Isvezja jridu jaħtru u jirreġistraw mal-awtorità lokali rappreżentant residenti responsabbli għal dawn l-attivitajiet. Il-kundizzjonijiet ta' residenza jistgħu jitneħħew jekk ikun jista' jiġi muri li mhumiex meħtieġa għal każ partikolari.<br><br>SI: L-istabbiliment ta' fergħat minn kumpaniji Koreani huwa kkundizzjonat mir-reġistrazzjoni tal-kumpanija prinċipali f'reġistru tal-qrati tal-pajjiż tal-oriġini għal tal-anqas sena.<br><br>SK: Persuna fiżika barranija li l-isem tagħha se jitniżżel fir-Reġistru Kummerċjali bħala persuna awtorizzata li taġixxi f'isem l-imprenditur, trid tipprovdi permess ta' residenza fis-Slovakkja. |
| SETTURI KOLLHA | Investiment<br><br>ES: L-investiment fi Spanja minn gvern barrani u entitajiet pubbliċi barranin [9], direttament jew permezz ta' kumpaniji jew entitajiet oħra kontrollati direttament jew indirettament minn gvernijiet barranin, jeħtieġ awtorizzazzjoni minn qabel mill-gvern.<br><br>BG: F'impriżi fejn is-sehem pubbliku (statali jew muniċipali) fil-kapital azzjonarju jaqbeż it-30 fil-mija, it-trasferiment ta' dawn l-ishma lill-partijiet terzi jeħtieġ awtorizzazzjoni. Ċerti attivitajiet ekonomiċi relatati mal-isfruttar jew l-użu ta' proprjetà tal-Istat jew pubblika huma soġġetti għal konċessjonijiet mogħtija skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Konċessjonijiet. L-investituri barranin ma jistgħux jipparteċipaw fil-privatizzazzjoni. L-investituri barranin u l-persuni ġuridiċi Bulgari b'parteċipazzjoni Koreana ta' kontroll jeħtieġu permess għal a) tiftix, żvilupp jew estrazzjoni ta' riżorsi naturali mill-ibħra territorjali, l-ixkaffa kontinentali jew iż-żona ekonomika esklużiva u b) l-akkwist ta' parteċipazzjoni ta' kontroll f'kumpaniji involuti fi kwalunkwe mill-attivitajiet speċifikati f'"a)".<br><br>FR: Akkwisti Koreani li jisbqu t-33,33 fil-mija tal-ishma ta' kapital jew tad-drittijiet għall-votazzjoni f'intrapriża Franċiża, jew 20 fil-mija f'kumpaniji Franċiżi kkwotati pubblikament, huma soġġetti għar-regolamenti li ġejjin:<br><br>— investimenti ta' anqas minn 7.6 miljun Euro f'impriżi Franċiżi li għandhom fatturat li ma jaqbiżx l-EUR 76 miljun huma ħielsa, wara tul ta' żmien ta' 15-il jum wara notifika minn qabel u verifika li dawn l-ammonti ntlaħqu;<br><br>— kif jgħaddi xahar min-notifika minn qabel, tingħata awtorizzazzjoni taċita lil investimenti oħra għajr jekk il-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi, f'ċirkustanzi eċċezzjonali, jeżerċita d-dritt tiegħu li jipposponi l-investiment. |

www.parlament.gv.at

| Settur jew sottosettur | Deskrizzjoni tar-riżervi |
|---|---|
| | Parteċipazzjoni barranija f'kumpanija li għadha kemm ġiet privatizzata tista' tiġi limitata għal ammont varjabbli tal-valur tal-ishma tal-kumpanija offrut lill-pubbliku, li jiġi determinat mill-gvern ta' Franza skont kull każ. Għall-istabbiliment ta' ċerti attivitajiet kummerċjali, industrijali jew artiġjanali, hija meħtieġa awtorizzazzjoni speċifika jekk id-direttur maniġerjali m'għandux permess ta' residenza permanenti.<br><br>FI: L-akkwist ta' ishma minn proprjetarji Koreani li jagħti terz tad-drittijiet tal-vot f'kumpanija prinċipali Finlandiża jew attività kummerċjali importanti, (b'iżjed minn 1 000 impjegat jew b'fatturat ta' iżjed minn EUR 168 miljunjew b'bilanċ totali ([10]) ta' iżjed minn EUR 168 miljun) huwa soġġett għall-konferma mill-awtoritajiet Finlandiżi. Il-konferma tista' ma tingħatax biss jekk interess nazzjonali importanti jkun mhedded. Dawn il-limitazzjonijiet ma japplikawx għas-servizzi tat-telekomunikazzjoni<br><br>HU: Mingħajr restrizzjonijiet għall-parteċipazzjoni Koreana f'kumpaniji li għadhom kemm ġew privatizzati.<br><br>IT: Jistgħu jingħataw jew jinżammu drittijiet esklużivi għand kumpaniji li għadhom kemm ġew privatizzati. F'xi każijiet id-drittijiet għall-vot f'kumpaniji li għadhom kemm ġew privatizzati jistgħu jkunu limitati. Għal perjodu ta' ħames snin, l-akkwist ta' ammonti kbar ta' interess f'kumpaniji li joperaw fil-qasam tad-difiża, is-servizzi tat-trasport, it-telekomunikazzjonijiet u l-enerġija jista' jkun soġġett għall-approvazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti. |
| SETTURI KOLLHA | Żoni ġeografiċi<br><br>FI: Fil-gżejjer Åland, limitazzjonijiet fuq id-dritt tal-istabbiliment ta' persuni fiżiċi li ma jgawdux minn ċittadinanza reġjonali f'Åland jew ta' persuni ġuridiċi mingħajr permess mill-awtoritajiet kompetenti tal-Gżejjer Åland. |
| 1. AGRIKOLTURA, KAĊĊA, FORESTERIJA | |
| A. Agrikoltura, kaċċa<br><br>(ISIC rev 3.1: 011, 012, 013, 014, 015) esklużi servizzi ta' pariri u konsulenza ([11]) | AT, HU, MT, RO: Mingħajr restrizzjonijiet għal attivitajiet agrikoli.<br><br>CY: Il-parteċipazzjoni ta' investituri Koreani hija permessa biss sa 49 %.<br><br>FR: L-istabbiliment ta' impriżi agrikoli minn ċittadini Koreani u l-akkwist ta' dwieli minn investituri Koreani huma soġġetti għall-awtorizz-azzjoni.<br><br>IE: L-istabbiliment minn residenti Koreani f'attivitajiet ta' tħin tad-dqiq huwa soġġett għall-awtorizzazzjoni. |
| B Foresterija u qtugħ u trasport ta' siġar għall-injam<br><br>(ISIC rev 3.1: 020) esklużi servizzi ta' pariri u konsulenza ([12]) | BG: Mingħajr restrizzjonijiet għal qtugħ u trasport ta' siġar għall-injam. |
| 2. SAJD U AKKWAKULTURA<br><br>(ISIC rev.3.1: 0501, 0502) esklużi servizzi ta' pariri u konsulenza ([13]) | Mingħajr restrizzjonijiet. |

www.parlament.gv.at

| Settur jew sottosettur | Deskrizzjoni tar-riżervi |
|---|---|
| 3. MINJIERI U BARRIERI [14]<br>A. Minjieri tal-faħam u l-lignite; estrazzjoni tal-pit<br>(ISIC rev 3.1: 10)<br>B. Estrazzjoni ta' żejt mhux raffinat u gass naturali [15]<br>(ISIC rev 3.1: 1110)<br>C. Minjieri ta' minerali metalliċi<br>(ISIC rev 3.1: 13)<br>D. Xogħlijiet oħrajn fil-minjieri u fil-barrieri<br>(ISIC rev 3.1: 14) | UE: Mingħajr restrizzjonijiet għal persuni ġuridiċi regolati [16] minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi ta' pajjiż mhux Komunitarju li jipposjedu iktar minn 5 % tal-importazzjonijiet ta' żejt u gass naturali tal-Unjoni Ewropea. Mingħajr restrizzjonijiet għal fergħat diretti (hija meħtieġa l-inkorporazzjoni). Mingħajr restrizzjonijiet għall-estrazzjoni ta' żejt mhux raffinat u gass naturali. |
| 4. MANIFATTURA [17] | |
| A. Manifattura ta' ikel u xorb<br>(ISIC rev 3.1: 15) | Mingħajr restrizzjonijiet |
| B. Manifattura ta' tabakk<br>(ISIC rev 3.1: 16) | Mingħajr restrizzjonijiet |
| C. Manifattura ta' tessuti<br>(ISIC rev 3.1: 17) | Mingħajr restrizzjonijiet |
| D. Manifattura tal-ħwejjeġ; preparazzjoni u tiżbigħ tal-fer<br>(ISIC rev 3.1: 18) | Mingħajr restrizzjonijiet |

www.parlament.gv.at

| Settur jew sottosettur | Deskrizzjoni tar-riżervi |
|---|---|
| E. Kunzatura u preparazzjoni tal-ġilda; manifattura ta' bagalji, basktijiet, prodotti tas-sruġ, xdud u żraben<br><br>(ISIC rev 3.1: 19) | Mingħajr restrizzjonijiet |
| F. Manifattura ta' injam u ta' prodotti tal-injam u s-sufra, għajr l-għamara; manifattura ta' oġġetti tat-tiben u ta' materjali tat-trizza<br><br>(ISIC rev 3.1: 20) | Mingħajr restrizzjonijiet |
| G. Manifattura ta' karta u prodotti tal-karti<br><br>(ISIC rev 3.1: 21) | Mingħajr restrizzjonijiet |
| H. Pubblikazzjoni, stampar u riproduzzjoni ta' midja rrekord-jata [18]<br><br>(ISIC rev 3.1: 22, esklużi l-pubblikazzjoni u l-istampar fuq bażi ta' ħlas jew kuntratt [19]) | IT: Kundizzjoni ta' ċittadinanza għal sid il-kumpanija tal-pubblikazzjoni u l-istampar. |
| I. Manifattura ta' prodotti tal-fran tal-kokk<br><br>(ISIC rev 3.1: 231) | Mingħajr restrizzjonijiet. |
| J. Manifattura ta' prodotti taż-żejt raffinat [20]<br><br>(ISIC rev 3.1: 232) | UE: Mingħajr restrizzjonijiet għal persuni ġuridiċi regolati [21] minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi ta' pajjiż mhux Komunitarju li jipposjedi iktar minn 5 % tal-importazzjonijiet ta' żejt u gass naturali tal-Unjoni Ewropea. Mingħajr restrizzjonijiet għal fergħat diretti (hija meħtieġa l-inkorporazzjoni). |
| K. Manifattura ta' kimiċi u prodotti kimiċi barra mill-isplussivi<br><br>(ISIC rev 3.1: 24 eskluż il-manifattura ta' splussivi) | Mingħajr restrizzjonijiet. |
| L. Manifattura ta' prodotti tal-gomma u tal-plastik<br><br>(ISIC rev 3.1: 25) | Mingħajr restrizzjonijiet. |

www.parlament.gv.at

| Settur jew sottosettur | Deskrizzjoni tar-riżervi |
|---|---|
| M. Manifattura ta' prodotti minerali mhux metalliċi<br><br>(ISIC rev 3.1: 26) | Mingħajr restrizzjonijiet. |
| N. Manifattura ta' metalli bażiċi<br><br>(ISIC rev 3.1: 27) | Mingħajr restrizzjonijiet. |
| O. Manifattura ta' prodotti tal-metall fabbrikat, minbarra makkinarju u apparat<br><br>(ISIC rev 3.1: 28) | Mingħajr restrizzjonijiet. |
| P. Manifattura ta' makkinarju | |
| a) Manifattura ta' makkinarju għal għanijiet ġenerali<br><br>(ISIC rev 3.1: 291) | Mingħajr restrizzjonijiet. |
| b) Manifattura ta' makkinarju bi skopijiet speċjali minbarra armi tan-nar u munizzjonijiet<br><br>(ISIC rev 3.1: 2921, 2922, 2923, 2924, 2925, 2926, 2929) | Mingħajr restrizzjonijiet. |
| c) Manifattura ta' apparat domestiku n.e.c.<br><br>(ISIC rev 3.1: 293) | Mingħajr restrizzjonijiet. |
| d) Manifattura ta' makkinarju għall-uffiċċju, għaż-żamma tal-kotba u għal xogħol tal-kompjuters<br><br>(ISIC rev 3.1: 30) | Mingħajr restrizzjonijiet. |
| e) Manifattura ta' makkinarju u apparat tal-elettriku n.e.c.<br><br>(ISIC rev 3.1: 31) | Mingħajr restrizzjonijiet. |

www.parlament.gv.at

| Settur jew sottosettur | Deskrizzjoni tar-riżervi |
|---|---|
| f) Manifattura ta' tagħmir u apparat għar-radju, it-televiżjoni u l-komunikazzjoni<br><br>(ISIC rev 3.1: 32) | Mingħajr restrizzjonijiet. |
| Q. Manifattura ta' strumenti mediċi, ta' preċiżjoni u ottiċi, arloġġi tal-idejn u arloġġi tal-ħajt<br><br>(ISIC rev 3.1: 33) | Mingħajr restrizzjonijiet. |
| R. Manifattura ta' vetturi bil-mutur, karrijiet u semikarrijiet<br><br>(ISIC rev 3.1: 34) | Mingħajr restrizzjonijiet. |
| S. Manifattura ta' tagħmir ieħor tat-trasport (mhux militari)<br><br>(ISIC rev 3.1: 35 eskluża l-manifattura ta' bastimenti tal-gwerra, ajruplani tal-gwerra u tagħmir ieħor ta' trasport għal użu militari) | Mingħajr restrizzjonijiet. |
| T. Manifattura tal-għamara; manifattura n.e.c.<br><br>(ISIC rev 3.1: 361, 369) | Mingħajr restrizzjonijiet. |
| U. Riċiklaġġ<br><br>(ISIC rev 3.1: 37) | Mingħajr restrizzjonijiet. |
| 5. PRODUZZJONI; TRAŻMISSJONI U DISTRIBUZZJONI GĦAL RASHOM TAL-ELETTRIKU, IL-GASS, Il-FWAR U L-MISĦUN [22]<br><br>(MINBARRA L-ĠENERAZZJONI NUKLEARI TAL-ELETTRIKU) | |
| A. Produzzjoni tal-elettriku trażmissjoni u distribuzzjoni tal-elettriku għal rashom<br><br>(parti minn ISIC rev 3.1: 4010) [23] | UE: Mingħajr restrizzjonijiet. |
| B. Manifattura tal- gass; distribuzzjoni ta' fjuwil fi stat ta' gass permezz tal-mejns għal rashom<br><br>(parti minn ISIC rev 3.1: 4020) [24] | UE: Mingħajr restrizzjonijiet. |

www.parlament.gv.at

| Settur jew sottosettur | Deskrizzjoni tar-riżervi |
|---|---|
| C. Produzzjoni tal-fwar u l-misħun; distribuzzjoni tal-fwar u l-misħun għal rashom<br><br>(parti minn ISIC rev 3.1: 4030) (25) | UE: Mingħajr restrizzjonijiet għal persuni ġuridiċi rregolati (26) minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi ta' pajjiż mhux Komunitarju li jkollhom aktar minn 5% tal-importazzjonijiet ta' żejt jew gass naturali. Mingħajr restrizzjonijiet għal fergħat diretti (hija meħtieġa l-inkorporazzjoni). |
| 6. SERVIZZI TAN-NEGOZJU | |
| A. Servizzi professjonali | |
| a) Servizzi Legali<br><br>(CPC 861) (27) | AT: Il-parteċipazzjoni ta' avukati Koreani (li għandhom ikunu kkwalifikati bis-sħiħ fil-Korea) fil-kapital azzjonarju u l-ishma fir-riżultati operattivi ta' kwalunkwe entità ġuridika ma tistax taqbeż il-25 fil-mija. Ma jistgħux ikollhom influwenza deċiżiva fit-teħid tad-deċiżjonijiet.<br><br>BE: Japplikaw kwoti biex jidhru quddiem il-"*Cour de cassation*" f'każijiet mhux kriminali.<br><br>FR: L-aċċess tal-avukati għall-professjoni ta' "*avocat auprès de la Cour de Cassation*" u "*avocat auprès du Conseil d'Etat*" huwa soġġett għal kwoti. |
| Esklużi pariri legali u dokumenti legali u servizzi ta' awtentikar legali ipprovduti minn professjonisti legali b'funzjonijiet pubbliċi, bħal nutara, "*huissiers de justice*" jew "*officiers publics et ministériels*" oħrajn. | DK: Huma biss l-avukati b'liċenzja Daniża li jipprattikaw u uffiċċji legali rreġistrati fid-Danimarka li jistgħu jkollhom ishma f'uffiċċju legali Daniż. Huma biss l-avukati b'liċenzja Daniża li jipprattikaw li jistgħu jkunu fuq il-bord jew ikunu parti mill-maniġment ta' ditta Daniża ta' avukati. Ir-rekwiżit tal-eżami legali Daniż sabiex tinkiseb liċenzja Daniża.<br><br>FR: Xi tipi ta' forom legali ("*association d'avocats*" u "*société en partiċipation d'avocat*") huma riżervati għal avukati ammessi bis-sħiħ fil-Qorti fi Franza. F'ditta ta' avukati li toffri servizzi fir-rigward tal-liġi Franċiża jew tal-UE, mill-inqas 75 fil-mija tal-imsieħba li jkollhom 75 fil-mija tal-ishma għandhom ikunu avukati ammessi bis-sħiħ fl-avukatura fi Franza.<br><br>HU: Il-preżenza kummerċjali trid tieħu s-sura ta' sħubija ma' *barrister* Ungeriż (*ügyvéd*) jew ma' uffiċċju ta' *barrister* (*ügyvédi iroda*), jew uffiċċju rappreżentant.<br><br>PL: Filwaqt li tipi oħra ta' forom legali huma disponibbli għal avukati tal-UE, avukati barranin għandhom aċċess biss għall-forom legali ta' soċjetajiet reġistrati u soċjetajiet limitati. |
| b) 1. Servizzi ta' Kontabilità u Żamma tal-Kotba<br><br>(CPC 86212 minbarra "servizzi ta' verifika", CPC 86213, CPC 86219 u CPC 86220) | AT: Il-parteċipazzjoni ta' accountants Koreani (li għandhom ikunu awtorizzati skont il-liġi tal-pajjiż tal-Korea) fil-kapital azzjonarju u l-ishma fir-riżultati operattivi ta' kwalunkwe entità ġuridika Awstrijaka ma tistax taqbeż il-25 fil-mija, jekk ma jkunux membri tal-Korp Professjonali Awstrijak.<br><br>CY: L-aċċess huwa soġġett għat-test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: is-sitwazzjoni tal-impjieg fis-sottosettur.<br><br>DK: Sabiex jidħlu fi sħubija ma' accountants awtorizzati Daniżi, l-accountants barranin għandhom jiksbu permess mill-Aġenzija Daniża tal-Kummerċ u tal-Kumpaniji. |

www.parlament.gv.at

| Settur jew sottosettur | Deskrizzjoni tar-riżervi |
|---|---|
| b) 2. Servizzi ta' verifika<br><br>(CPC 86211 u 86212 ħlief is-servizzi ta' kontabilità) | AT: Il-parteċipazzjoni ta' awdituri Koreani (li għandhom ikunu awtorizzati skont il-liġi tal-pajjiż tal-Korea) fil-kapital azzjonarju u l-ishma fir-riżultati operattivi ta' kwalunkwe entità ġuridika Awstrijaka ma tistax taqbeż il-25 fil-mija, jekk ma jkunux membri tal-Korp Professjonali Awstrijak.<br><br>CY: L-aċċess huwa soġġett għat-test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: is-sitwazzjoni tal-impjieg fis-sottosettur.<br><br>CZ u SK: Minn tal-inqas 60 fil-mija tal-ishma kapitali jew id-drittijiet tal-vot huma riżervati għaċ-ċittadini.<br><br>DK: Sabiex jidħlu fi sħubija ma' accountants awtorizzati Daniżi, l-accountants barranin għandhom jiksbu permess mill-Aġenzija Daniża tal-Kummerċ u tal-Kumpaniji.<br><br>FI: Rekwiżit ta' residenza għal mill-inqas wieħed mill-awdituri ta' kumpanija ta' responsabbiltà Finlandiża.<br><br>LV: F'kumpanija kummerċjali ta' awdituri bil-liċenzja iktar minn 50 fil-mija tal-ishma tal-kapital bid-dritt tal-vot għandu jkun proprjetà ta' awdituri bil-liċenzja jew kumpaniji kummerċjali ta' awdituri bil-liċenzja tal-Unjoni Ewropea.<br><br>LT: Mhux inqas minn 75 fil-mija tal-ishma għandhom ikunu ta' awdituri jew kumpaniji tal-verifika tal-Unjoni Ewropea.<br><br>SE: L-awdituri approvati fl-Isvezja biss jistgħu jwettqu servizzi legali ta' verifika f'ċerti entitajiet legali, *inter alia,* fil-kumpaniji limitati kollha. Dawn il-persuni biss jistgħu jkunu azzjonisti jew jiffurmaw soċjetajiet f'kumpaniji li jipprattikaw verifika kwalifikata (għal finijiet uffiċjali). Ir-residenza hija meħtieġa għall-approvazzjoni.<br><br>SI: Is-sehem ta' persuni barranin f'kumpaniji tal-verifika ma jistax jaqbeż id-49 fil-mija tal-kapital azzjonarju. |
| c) Servizzi ta' konsulenza dwar it-taxxa<br><br>(CPC 863) ([28]) | AT: Il-parteċipazzjoni ta' fondi proprji u ishma ta' konsulenti tat-taxxa Koreani (li jridu jkunu awtorizzati skont il-liġi tal-Korea) fir-riżultati operattivi ta' kwalunkwe uffiċċju legali Awstrijakk ma tistax taqbeż il-25 %; din tapplika biss għal persuni li mhumiex membri tal-Korp Professjonali Awstrijakk.<br><br>CY: L-aċċess huwa soġġett għat-test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: is-sitwazzjoni tal-impjieg fis-sottosettur. |
| d) Servizzi ta' arkitettura<br><br>u<br><br>e) Ippjanar Urban u Servizzi Arkitettoniċi ta' Pajżaġġar<br><br>(CPC 8671 and CPC 8674) | BG: Għal proġetti ta' importanza nazzjonali jew reġjonali, l-investituri Koreani għandhom jaġixxu fi sħubija ma' jew, bħala sottokuntratturi ta', investituri lokali.<br><br>LV: Għal servizzi arkitettoniċi, prattika ta' 3 snin fil-Latvja fil-qasam ta' proġettar u lawrea mill-università huma meħtieġa sabiex tingħata l-liċenzja li tippermetti li twettaq attività ta' negozju bil-firxa sħiħa ta' responsabilità legali u drittijiet għall-iffirmar tal-proġetti. |
| f) Servizzi ta' inġinerija<br><br>u<br><br>g) Servizzi ta' inġinerija integrata<br><br>(CPC 8672 u CPC 8673) | BG: Għal proġetti ta' importanza nazzjonali jew reġjonali, l-investituri Koreani għandhom jaġixxu fi sħubija ma' jew, bħala sottokuntratturi ta', investituri lokali. |

www.parlament.gv.at

| Settur jew sottosettur | Deskrizzjoni tar-riżervi |
|---|---|
| h) Servizzi Mediċi (inklużi psikologi) u Dentali<br><br>(CPC 9312 u parti minn CPC 85201) | CY, EE, FI, MT: Mingħajr restrizzjonijiet.<br><br>AT: Mingħajr restrizzjonijiet ħlief għal servizzi dentali u psikoterapewtiċi, u xejn għal servizzi dentali u ta' psikologi u psikoterapisti.<br><br>DE: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għal tobba mediċi u dentisti awtorizzati li jittrattaw membri ta' skemi pubbliċi ta' assigurazzjoni. Kriterji ewlenin: nuqqas ta' tobba u dentisti f'reġjun partikolari.<br><br>FR: Filwaqt li tipi oħra ta' forom legali huma disponibbli għal investituri tal-Unjoni Ewropea, investituri barranin għandhom biss aċċess għall-forom legali ta' *"société d'exercice liberal" u "société civile professionnelle"*.<br><br>LV: It-test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: nuqqas ta' tobba u dentisti f'reġjun partikolari.<br><br>BG, LT: Il-forniment tas-servizz huwa soġġett għall-awtorizzazzjoni li hija bbażata fuq pjan ta' servizzi tas-saħħa stabbilit skont il-ħtiġijiet, fid-dawl tal-popolazzjoni u s-servizzi dentali u mediċi diġà eżistenti.<br><br>SI: Mingħajr restrizzjonijiet għal mediċina soċjali, servizzi sanitarji, epidemjoloġiċi, mediċi/ekoloġiċi; il-forniment ta' demm, preparazzjonijiet tad-demm u trapjanti; awtopsji.<br><br>UK: Biex it-tobba jipprattikaw taħt is-Servizz tas-Saħħa Nazzjonali huwa soġġett għall-ippjanar tar-riżorsi umani fil-qasam mediku. |
(44) Servizzi ta' talja, UEjl u stħarriġ japplikaw biss għas-settur tat-trasport marittimu.

(45) Kif definit fl-Anness dwar is-Servizzi tat-Trasport bl-Ajru tal-GATS.

(46) Dan is-servizz huwa limitat għal servizz ta' kiri bl-ekwipaġġ.

(47) L-impenji dwar is-servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' ferroviji japplikaw biss għal faċilitajiet ta' ferroviji privati.

(48) L-impenji dwar servizzi awżiljarji għas-servizzi ta' trasport bil-ferrovija japplikaw biss għal faċilitajiet ta' ferroviji privati.

(49) It-trasport bil-pajpijiet ta' gass naturali jinstab taħt "Is-Setturi Kollha – L-Industrija tal-Gass" fl-IsUEda ta' Impenji Speċifiċi tal-Istabbiliment.

(50) "Dispaċċ ta' merkanzija għat-trasport bil-ferrovija" tfisser servizzi awżiljarji li jridu jsiru fil-punti tat-tmiem tat-trasport bil-ferrovija li jinkludu l-ġbir ta' merkanzija fil-kontejners, l-ikkuntrattar mal-Korporazzjoni tal-Ferroviji tal-Korea għat-trasport tal-merkanzija fuq il-ferroviji, u t-tagħbija/il-ħatt u t-tqassim tal-merkanzija.

www.parlament.gv.at

## DOKUMENT MEHMUŻ I

**(Servizzi ta' Edukazzjoni Ogħla)**

It-tipi ta' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla huma dawn li ġejjin:

1. Junior Colleges: istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla li joffru kurrikulu ta' sentejn jew tlieta u jagħtu gradi assoċjati, skont l-Att dwar l-Edukazzjoni Ogħla.

2. Universitajiet: istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla li joffru kurrikulu ta' bejn 4 u 6 snin u jagħtu gradi ta' baċellerat, skont l-Att dwar l-Edukazzjoni Ogħla.

3. Universitajiet Industrijali: istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla li joffru edukazzjoni dwar l-għerf u l-ħiliet għal soċjetà industrijali, u jagħtu gradi ta' baċellerat, skont l-Att dwar l-Edukazzjoni Ogħla.

4. Kulleġġi Tekniċi: istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla li joffru kurriklu ta' sentejn biex iħarrġu ħaddiema esperti, u jagħtu gradi assoċjati u gradi ta' baċellerat, skont l-Att dwar l-Edukazzjoni Ogħla.

5. Universitajiet Intra-kumpaniji: istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla li huma stabbiliti u operati minn sidien tax-xogħol sabiex jedukaw lill-impjegati, u jagħtu gradi u diplomi ekwivalenti għal dawk tal-Junior Colleges jew Universitajiet, skont l-Att dwar l-Edukazzjoni għal Tul il-Ħajja.

**DOKUMENT MEHMUŻ II**

**(Servizzi ta' Edukazzjoni għall-Adulti)**

It-tipi ta' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għall-adulti huma dawn li ġejjin:

1. Hag-won (istituti privati ta' tagħlim għall-adulti) huma faċilitajiet li jipprovdu servizzi ta' taħriġ fuq is-suġġetti li ġejjin li huma relatati mal-edukazzjoni tul il-ħajja jew dik vokazzjonali lil għaxar persuni jew aktar għal perjodu ta' 30 ġurnata jew iktar skont l-Att dwar l-Istabbiliment u l-Operat ta' Istituti ta' Tagħlim u Lezzjonijiet Ekstrakurrikulari. Esklużi huma skejjel, librerij, mużewijiet, faċilitajiet fuq il-post tax-xogħol li jipprovdu servizzi ta' edukazzjoni lill-impjegati, faċilitajiet ta' edukazzjoni għal tul il-ħajja skont l-Att dwar l-Edukazzjoni għal Tul il-Ħajja, u skejjel tas-sewqan.

   (a) Teknoloġija industrijali tal-infrastruttura: makkinarju, vetturi, metall, sustanzi kimiċi u ċeramika, elettriku, telekomunikazzjonijiet, elettronika, bini ta' bastimenti, avjazzjoni, inġinerija ċivili, tessuti u ħwejjeġ, riżorsi tal-minjieri, żvilupp tal-art, agrikultura u foresterija, industrija oċeanika, enerġija, snajja', ambjent, trasport, u ġestjoni tas-sigurtà

   (b) Teknoloġija industrijali applikata: disinn, xagħar u kożmetika, ikel u xorb, ippakkjar, stampar, fotografija, u ntunar tal-pjanu

   (c) Servizzi industrijali: stenografija, kontabilità bil-kompjuter, kummerċ elettroniku, konsulenza dwar l-impjiegi, stħarriġ soċjali, ippjanar ta' laqgħat u konferenzi, konsulenza lill-konsumaturi, u telebejgħ

   (d) Servizzi ġenerali: kura ta' annimali domestiċi, servizzi funerarji, ospizji, ekwipaġġ tal-ajruplani, u koordinazzjoni tal-isptarijiet

   (e) Kompjuter: kompjuters, logħob, robots, proċessar ta' dejta, tagħmir ta' telekomunikazzjonijiet, l-internet, u softwer

   (f) Kultura u turiżmu: pubblikazzjoni, immaġini u reġistrazzjoni, film, xandir, prodotti ta' karattru, u turiżmu

   (g) Assistent tal-kura: Assistent tal-kura

   (h) Ġestjoni u xogħol tal-uffiċċju: finanzi, assigurazzjoni, distribuzzjoni, proprjetà immobbli, servizz ta' segretarja, kontabilità, xogħol tal-kitba, żamma tal-kotba, abakus, aritmetika mentali, u qari b'veloċità

   (i) Internazzjonali: lingwi barranin għall-adulti, interpretazzjoni, u traduzzjoni

   (j) Studji umanistiċi: trasferiment minn kulleġġi, ġestjoni pubblika, ġestjoni ta' negozju, kontabilità, statistika, u eżamijiet tas-servizz pubbliku

   (k) Arti: mużika tradizzjonali Koreana, żfin tradizzjonali, kaligrafija, arranġament ta' fjuri, arti u snajja' tal-fjuri, kartuns, arti teatrali, mudellar, ħiliet ta' konversazzjoni, maġija, mużika applikata, mużika vokali, żfin modern, baduk, u taħdit

   (l) Kamra tal-qari ([1]): kmamar tal-qari li mhumiex relatati ma' istituti privati li jgħallmu suġġetti ta' kurrikula regolari

2. Il-faċilitajiet ta' edukazzjoni għal tul il-ħajja huma dawk li jkunu ġew approvati minn, irreġistrati ma' jew notifikati lill-Ministru tal-Edukazzjoni, ix-Xjenza u t-Teknoloġija skont l-Att dwar l-Edukazzjoni għal Tul il-Ħajja. Il-faċilitajiet ta' edukazzjoni għal tul il-ħajja għall-adulti jirreferu għall-faċilitajiet ta' edukazzjoni għal tul il-ħajja marbutin ma' postijiet tax-xogħol, NGOs, skejjel, u organizzazzjonijiet tal-midja, faċilitajiet ta' edukazzjoni għal tul il-ħajja relatati mal-iżvilupp ta' għerf u riżorsi umani, u faċilitajiet ta' edukazzjoni għal tul il-ħajja onlajn, li lkoll huma stabbiliti għall-adulti.

B. Skeda ta' Impenji Speċifiċi fl-Istabbiliment ([2])

NOTI TA' SPJEGAZZJONI

1. Il-lista ta' impenji li tinsab hawn taħt (minn hawn 'il quddiem imsejħa "din l-Iskeda") tindika l-attivitajiet ekonomiċi liberalizzati skont l-Artikolu 7.13 u, permezz ta' riżervi, il-limitazzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq u t-trattament nazzjonali li japplika għall-istabbilimenti u l-investituri tal-Parti tal-UE f'dawn l-attivitajiet. Din l-Iskeda tikkonsisti fl-elementi li ġejjin:

   (a) l-ewwel kolonna tindika s-settur jew is-sottosettur li fih l-impenn jitwettaq mill-Korea, kif ukoll l-ambitu tal-liberalizzazzjoni li għalih japplikaw ir-riżervi;

   (b) it-tieni kolonna tiddeskrivi r-riżervi applikabbli għall-Artikoli 7.11 fis-settur jew fis-sottosettur indikat fl-ewwel kolonna; u

([1]) Post fejn in-nies imorru biex jistudjaw.

([2]) Il-limitazzjonijiet fuq persunal ewlieni, apprendisti gradwati u bejjiegħa tas-servizzi tan-negozju, imniżżla f'"1. Impenji Orizzontali" tal-IsUEda ta' Impenji Speċifiċi fis-Setturi tas-Servizzi, japplikaw ukoll għall-IsUEda ta' Impenji Speċifiċi fl-Istabbiliment, fejn ikun rilevanti.

(c) it-tielet kolonna tiddeskrivi r-riżervi applikabbli għall-Artikoli 7.12 fis-settur jew fis-sottosettur indikat fl-ewwel kolonna.

Stabbiliment fis-setturi jew fis-sottosetturi koperti b'dan il-ftehim u mhux imsemmija f'din l-Iskeda m'għandhomx impenji.

2. Stabbiliment fis-setturi tas-servizzi, li diġà huwa kopert fl-Iskeda ta' Impenji Speċifiċi fis-Setturi tas-Servizzi tal-Korea, mhuwiex kopert f'din l-Iskeda.

3. Miżuri li mhumiex konsistenti mal-Artikoli 7.11 u 7.12 għandhom jitniżżlu fil-kolonna relatata mal-Artikolu 7.11. F'dan il-każ, l-inklużjoni għandha tiġi kkunsidrata li tipprovdi kundizzjoni jew kwalifika għall-Artikolu 7.12 ukoll. ([1])

4. Minkejja l-Artikolu 7.11, rekwiżiti mhux diskriminatorji fir-rigward tat-tipi ta' forom legali ta' stabbiliment m'hemmx għalfejn ikunu speċifikati f'din l-Iskeda sabiex jinżammu jew jiġu adottati mill-Korea.

5. Il-Korea ma tassumi l-ebda impenn skont l-Artikoli 7.18 u 7.19 fir-rigward ta' persunal ewlieni, apprendisti gradwati, u bejjiegħa tas-servizzi tan-negozju f'attivitajiet ekonomiċi li mhumiex liberalizzati skont l-Artikolu 7.13.

   L-impenji li l-Korea tassumi taħt l-Artikoli 7.18 u 7.19 dwar persunal ewlieni, apprendisti gradwati, u bejjiegħa tas-servizzi tan-negozju ma japplikawx f'każijiet fejn l-intenzjoni jew l-effett tal-preżenza temporanja tagħhom tikkawża interferenza ma', jew inkella taffettwa l-eżitu ta', kull kwistjoni jew negozjati relatati ma' impjieg/ġestjoni.

   Il-Korea tista' tieħu miżuri li jaffettwaw persuni fiżiċi li jkunu qed ifittxu aċċess għas-suq tax-xogħol tal-Korea u miżuri rigward iċ-ċittadinanza, ir-residenza jew l-impjieg fuq bażi permanenti.

   Persunal ewlieni, apprendisti gradwati, u bejjiegħa tas-servizzi tan-negozju li d-dħul u r-residenza temporanja tagħhom huma awtorizzati għandhom josservaw il-liġijiet tal-immigrazzjoni u tal-impjieg tal-Korea.

6. Fl-identifikazzjoni ta' setturi jew sottosetturi individwali: ISIC rev 3.1 tfisser il-Klassifika Industrijali Standard Internazzjonali tal-Attivitajiet Ekonomiċi kollha kif stipulat fl-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, id-Dokumenti dwar l-Istatistika, Serje M, N° 4, *ISIC REV 3.1*, 2002;

7. Din il-lista li tinsab hawn taħt ma tinkludix miżuri relatati mar-rekwiżiti u mal-proċeduri tal-kwalifiki, standards tekniċi u rekwiżiti u proċeduri ta' liċenzji meta dawn ma jkunux jikkostitwixxu aċċess għas-suq jew limitazzjoni tat-trattament nazzjonali fit-tifsira 7.11 u 7.12. Dawk il-miżuri (pereżempju, il-ħtieġa li tinkiseb liċenzja, obbligi ta' servizz ġenerali, il-ħtieġa li jinkiseb għarfien tal-kwalifiki f'setturi rregolati u l-ħtieġa li wieħed jgħaddi minn eżamijiet speċifiċi, inklużi eżamijiet tal-lingwa, u r-rekwiżiti mhux diskriminatorji li ċerti attivitajiet ma jistgħux isiru f'żoni ambjentali protetti jew f'żoni ta' interess storiku u artistiku partikolari), anke jekk mhumiex elenkati, japplikaw f'kull każ għall-istabbilimenti u l-investituri tal-Parti l-oħra.

8. Skont l-Artikolu 7.1, din l-Iskeda ma tinkludix miżuri li jikkonċernaw sussidji jew għotjiet provduti mill-Korea, inklużi self appoġġjat mill-gvern, garanziji u assigurazzjoni.

9. Id-drittijiet u l-obbligi li ġejjin mil-lista li tinsab hawn taħt m'għandu jkollhom l-ebda effett awtoeżekuttiv, u għalhekk ma tagħti l-ebda drittijiet direttament fuq persuni fiżiċi jew ġuridiċi.

([1]) Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, it-trattament fornut skont l-Artikolu 7.12 m'għandux ikun inqas favorevoli minn dak impenjat fi ftehimiet ta' kummerċ ħieles li għalihom il-Korea hija parti u li għandhom jidħlu fis-seħħ wara l-iffirmar ta' dan il-Ftehim.

| Settur jew Sottosettur | Limitazzjonijiet tal-Aċċess għas-Suq | Limitazzjonijiet tat-Trattament Nazzjonali |
|---|---|---|
| IS-SETTURI KOLLHA INKLUŻI F'DIN L-ISKEDA | Akkwist ta' art<br>Mingħajr restrizzjonijiet fir-rigward ta' akkwist ta' art minn persuni barranin, ħlief li persuna ġuridika għandha tkompli tiġi awtorizzata biex takkwista art fejn il-persuna ġuridika:<br>(1) ma tkunx kunsidrata barranija skont l-Artikolu 2 tal-*Att dwar l-Akkwist ta' Art mill-Barranin*, u<br>(2) tkun kunsidrata barranija skont *l-Att dwar l-Akkwist ta' Art mill-Barranin* jew tkun fergħa ta' persuna ġuridika barranija, soġġett għall-approvazzjoni jew in-notifikazzjoni skont *l-Att dwar l-Akkwist ta' Art mill-Barranin*, jekk l-art tkun se tintuża għal kwalunkwe wieħed mill-finijiet ta' negozju leġittimu li ġejjin:<br>(a) attivitajiet ta' negozju ordinarju;<br>(b) akkommodazzjoni għall-persunal anzjan tal-ġestjoni; jew<br>(c) li jkunu sodisfatti r-rekwiżiti ta' pussess ta' art stipulati fil-liġijiet pertinenti.<br>Mingħajr restrizzjonijiet fir-rigward ta' akkwist ta' art agrikola minn persuni barranin.<br>Investiment<br>Mingħajr restrizzjonijiet fir-rigward ta' trasferiment jew dispożizzjoni ta' interessi azzjonarji jew assi miżmuma minn impriżi tal-istat jew awtoritajiet governattivi. [1] [2]<br>Barrani li jkun beħsiebu jagħmel investiment dirett barrani għandu, bil-quddiem, jagħmel rapport lill-Ministru tal-Ekonomija tal-Għerf skont l-Ordinanza tal-Ministru tal-Ekonomija tal-Għerf. L-istess limitazzjoni għandha tapplika għal kwalunkwe modifika ta' materji, bħall-ammont ta' investiment dirett barrani u l-proporzjon ta' dan.<br>Mingħajr restrizzjonijiet għal miżuri rigward investimenti fl-industrija tad-difiża. Investituri barranin li jkunu beħsiebhom jakkwistaw l-ishma pendenti tal-industrija tad-difiża, minbarra dawk li jkunu għadhom kif ħarġu, għandhom jiksbu l-awtorizzazzjoni minn qabel mingħand il-Ministru tal-Ekonomija tal-Għerf. | |
| | Gruppi Żvantaġġati<br>Mingħajr restrizzjonijiet għal miżuri li jagħtu drittijiet jew preferenzi lil gruppi li huma żvantaġġati soċjalment jew ekonimikament, bħal persuni bi bżonnijiet speċjali, persuni li jkunu taw servizz distint lill-Istat, u minoranzi etniċi [3] | |
| | Sistema ta' Informazzjoni/Elettronika tal-Istat<br>Mingħajr restrizzjonijiet għal miżuri li jaffettwaw l-amministrazzjoni u l-operat ta' kull sistema ta' informazzjoni elettronika tal-Istat li jkun fiha informazzjoni li hija dominju pubbliku jew informazzjoni miġbura skont il-funzjonijiet regolatorji u s-setgħat tal-gvern. Din ir-riżerva ma tapplikax għall-ħlas u għas-sistemi ta' ħlas relatati ma' servizzi finanzjarji. | |
| | Armi tan-nar, Xwabel, Splussivi, Eċċ.<br>Mingħajr restrizzjonijiet fir-rigward tas-setturi tal-armi, tax-xwabel, u tal-isplussivi, inkluż il-manifattura, l-użu, il-bejgħ, il-ħażna, it-trasport, l-importazzjoni, l-esportazzjoni, u l-pussess ta' armi tan-nar, xwabel, jew splussivi. | |
| | Enerġija Atomika<br>Mingħajr restrizzjonijiet għal miżuri li jirrigwardaw l-industrija tal-enerġija atomika. | |
| | Industrija tal-Enerġija tal-Elettriku<br>Mingħajr restrizzjonijiet għal miżuri fir-rigward tal-ġenerazzjoni, it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni, u l-bejgħ tal-enerġija tal-elettriku. Kull miżura bħal din m'għandhiex tnaqqas il-livell ta' sjieda barranija aggregata awtorizzata fl-industrija tal-enerġija tal-elettriku kif elenkat taħt is-settur D (a) a) (ISIC rev 3.1: 401). | |



www.parlament.gv.at

| Settur jew Sottosettur | Limitazzjonijiet tal-Aċċess għas-Suq | Limitazzjonijiet tat-Trattament Nazzjonali |
|---|---|---|
| | Industrija tal-Gass<br>Mingħajr restrizzjonijiet għal miżuri fir-rigward tal-importazzjoni u d-distribuzzjoni bl-ingrossa ta' gass naturali u l-operat ta' terminals u n-netwerk nazzjonali tal-pajpijiet ta' pressjoni għolja. Kull miżura bħal din m'għandhiex tnaqqas il-livell ta' sjieda barranija aggregata awtorizzata fl-industrija tal-gass kif elenkat taħt is-settur D (a) b) (ISIC rev 3.1: 402). | |
| A. AGRIKOLTURA, KAĊĊA, FORESTERIJA | | |
| (a) Agrikultura, kaċċa u attivitajiet ta' servizzi relatati<br>(ISIC rev 3.1: 011,012,013,015) | Mingħajr restrizzjonijiet għall-kultivazzjoni tar-ross u x-xgħir.<br>Investituri barranin ma jistax ikollhom 50 fil-mija jew iktar tal-interessi azzjonarji ta' intrapriża involuta fit-trobbija tal-bhejjem taċ-ċanga. | Mingħajr restrizzjonijiet għall-kultivazzjoni tar-ross u x-xgħir. |
| (b) Forestrija u qtugħ u trasport ta' siġar għall-injam<br>(ISIC rev 3.1: 02) | Mingħajr restrizzjonijiet | Mingħajr restrizzjonijiet |
| B. MINIJIERI U BARRIERI | | |
| (a) Minjieri tal-faħam u l-lignite; estrazzjoni ta' pit<br>(ISIC rev 3.1: 10) | Mingħajr restrizzjonijiet | Mingħajr restrizzjonijiet |
| (b) Estrazzjoni ta' żejt mhux raffinat u gass naturali; attivitajiet ta' servizzi anċillari għall-estrazzjoni taż-żejt u l-gass, minbarra stħarriġ<br>(ISIC rev 3.1: 11) | Xejn, taħt il-kundizzjonijiet li ġejjin:<br>(a) Id-drittijiet għall-estrazzjoni ta' karburant taħt il-baħar (4) jistgħu jinżammu biss mill-gvern; u<br>(b) Dawn id-drittijiet jistgħu jiġu trasferiti lil persuna li lilha tingħata l-liċenzja għal perjodu ta' żmien limitat, sakemm l-applikant jissodisfa rekwiżiti ta' kwalifika evalwati b'mod mhux diskriminatorju u oġġettiv. | Mingħajr restrizzjonijiet |
| (d) Minjieri ta' minerali tal-metall<br>(ISIC rev 3.1: 13) | Mingħajr restrizzjonijiet | Mingħajr restrizzjonijiet |
| (e) Xogħol ieħor fil-minjieri u l-barrieri<br>(ISIC rev 3.1: 14) | Mingħajr restrizzjonijiet | Mingħajr restrizzjonijiet |
| C. MANIFATTURA | | |
| (a) Manifattura ta' prodotti tal-ikel u xorb<br>(ISIC rev 3.1: 15 minbarra raffinar ta' qamħ) | Mingħajr restrizzjonijiet | Mingħajr restrizzjonijiet |
| (b) Manifattura ta' prodotti tat-tabakk<br>(ISIC rev 3.1: 16) | Mingħajr restrizzjonijiet | Mingħajr restrizzjonijiet |
| (c) Manifattura tat-tessuti<br>(ISIC rev 3.1: 17) | Mingħajr restrizzjonijiet | Mingħajr restrizzjonijiet |

www.parlament.gv.at

| Settur jew Sottosettur | Limitazzjonijiet tal-Aċċess għas-Suq | Limitazzjonijiet tat-Trattament Nazzjonali |
|---|---|---|
| (d) Manifattura tal-ħwejjeġ; preparazzjoni u tiżbigħ tal-fer<br>(ISIC rev 3.1: 18) | Mingħajr restrizzjonijiet | Mingħajr restrizzjonijiet |
| (e) Kunzatura u preparazzjoni tal-ġilda; manifattura ta' bagalji, basktijiet, prodotti tas-sarġ, xdud u żraben<br>(ISIC rev 3.1: 19) | Mingħajr restrizzjonijiet | Mingħajr restrizzjonijiet |
| (f) Manifattura ta' injam u ta' prodotti tal-injam u s-sufra, għajr l-għamara; manifattura ta' oġġetti tat-tiben u ta' materjali tat-trizza<br>(ISIC rev 3.1: 20) | Mingħajr restrizzjonijiet | Mingħajr restrizzjonijiet |
| (g) Manifattura ta' karta u prodotti tal-karti<br>(ISIC rev 3.1: 21) | Mingħajr restrizzjonijiet | Mingħajr restrizzjonijiet |
| (h) Pubblikazzjoni, stampar u riproduzzjoni ta' midja rrekordjata<br>(ISIC rev3.1: 22, ħlief pubblikazzjoni u stampar fuq bażi ta' ħlas jew kuntratt) (5) | Mingħajr restrizzjonijiet | Mingħajr restrizzjonijiet |
| (i) Manifattura ta' prodotti tal-fran tal-kokk<br>(ISIC rev 3.1: 231) | Mingħajr restrizzjonijiet | Mingħajr restrizzjonijiet |
| (j) Manifattura ta' prodotti taż-żejt raffinat<br>(ISIC rev 3.1: 232) | Mingħajr restrizzjonijiet | Mingħajr restrizzjonijiet |
| (l) Manifattura ta' sustanzi kimiċi u prodotti kimiċi | | |
| a) Manifattura ta' sustanzi kimiċi bażiċi<br>(ISIC rev 3.1: 241 minbarra l-manifattura ta' radjoiżotopju) | Mingħajr restrizzjonijiet | Mingħajr restrizzjonijiet |
| b) Manifattura ta' prodotti kimiċi oħra (ISIC rev 3.1: 242)<br>(ISIC rev 3.1: 242) | Mingħajr restrizzjonijiet | Mingħajr restrizzjonijiet |
| c) Manifattura ta' fibri magħmulin mill-bniedem (ISIC rev 3.1: 243)<br>(ISIC rev 3.1: 243) | Mingħajr restrizzjonijiet | Mingħajr restrizzjonijiet |
| (m) Manifattura ta' prodotti tal-gomma u tal-plastik<br>(ISIC rev 3.1: 25) | Mingħajr restrizzjonijiet | Mingħajr restrizzjonijiet |
| (n) Manifattura ta' prodotti minerali mhux metalliċi<br>(ISIC rev 3.1: 26) | Mingħajr restrizzjonijiet | Mingħajr restrizzjonijiet |
| (o) Manifattura ta' metalli bażiċi<br>(ISIC rev 3.1: 27) | Mingħajr restrizzjonijiet | Mingħajr restrizzjonijiet |

www.parlament.gv.at

| Settur jew Sottosettur | Limitazzjonijiet tal-Aċċess għas-Suq | Limitazzjonijiet tat-Trattament Nazzjonali |
|---|---|---|
| (p) Manifattura ta' prodotti ta' metall fabbrikat, minbarra makkinarju u tagħmir<br>(ISIC rev 3.1: 28 minbarra l-manifattura ta' reatturi nukleari) | Mingħajr restrizzjonijiet | Mingħajr restrizzjonijiet |
| (q) Manifattura ta' makkinarju u tagħmir n.e.c. | | |
| a) Manifattura ta' makkinarju ta' użu ġenerali<br>(ISIC rev 3.1: 291) | Mingħajr restrizzjonijiet | Mingħajr restrizzjonijiet |
| b) Manifattura ta' makkinarju ta' użu speċjali minbarra armi u munizzjon<br>(ISIC rev 3.1: 2921, 2922, 2923, 2924, 2925, 2926, 2929) | Mingħajr restrizzjonijiet | Mingħajr restrizzjonijiet |
| c) Manifattura ta' apparat domestiku n.e.c.<br>(ISIC rev 3.1: 293) | Mingħajr restrizzjonijiet | Mingħajr restrizzjonijiet |
| (r) Manifattura ta' makkinarju tal-uffiċċju, kontabilità u kompjuters<br>(ISIC rev 3.1: 30) | Mingħajr restrizzjonijiet | Mingħajr restrizzjonijiet |
| (s) Manifattura ta' makkinarju u apparat tal-elettriku n.e.c.<br>(ISIC rev 3.1: 31) | Mingħajr restrizzjonijiet | Mingħajr restrizzjonijiet |
| (t) Manifattura ta' tagħmir u apparat tar-radju, tat-televiżjoni u tal-komunikazzjoni<br>(ISIC rev 3.1: 32) | Mingħajr restrizzjonijiet | Mingħajr restrizzjonijiet |
| (u) Manifattura ta' strumenti mediċi, ta' preċiżjoni u strumenti ottiċi, arloġġi u arloġġi tal-ħajt<br>(ISIC rev 3.1: 33 minbarra l-manifattura ta' faċilitajiet li jiġġeneraw ir-radjazzjoni) | Mingħajr restrizzjonijiet | Mingħajr restrizzjonijiet |
| (v) Manifattura ta' vetturi bil-mutur, karrijiet u semikarrijiet<br>(ISIC rev 3.1: 34) | Mingħajr restrizzjonijiet | Mingħajr restrizzjonijiet |
| (w) Manifattura ta' tagħmir ieħor ta' trasport (mhux militari)<br>(ISIC rev 3.1: 35 eskluża l-manifattura ta' bastimenti tal-gwerra, ajruplani tal-gwerra u tagħmir ieħor ta' trasport għal użu militari) | Mingħajr restrizzjonijiet | Mingħajr restrizzjonijiet |
| (x) Manufacture of furniture; manufacturing n.e.c.<br>(ISIC rev 3.1: 36) | Mingħajr restrizzjonijiet | Mingħajr restrizzjonijiet |
| (y) Riċiklaġġ<br>(ISIC rev 3.1: 37) | Mingħajr restrizzjonijiet | Mingħajr restrizzjonijiet |

www.parlament.gv.at

| Settur jew Sottosettur | Limitazzjonijiet tal-Aċċess għas-Suq | Limitazzjonijiet tat-Trattament Nazzjonali |
|---|---|---|
| D. PROVVISTA TA' ELETTRIKU, GASS U ILMA | | |
| (a) Provvista ta' elettriku, gass, fwar u misħun | Is-sehem barrani aggregat fl-ishma maħruġa tal-KEPCO ma jistax jaqbeż l-40 fil-mija. Persuna barranija ma tistax tkun l-azzjonista dominanti ta' KEPCO. | |
| a) Industrija tal-enerġija – ġenerazzjoni tal-enerġija elettrika minbarra l-ġenerazzjoni tal-enerġija nukleari; it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni u l-bejgħ tal-enerġija tal-elettriku<br>(ISIC rev 3.1: 401) | Is-sehem barrani aggregat fil-faċilitajiet tal-ġenerazzjoni tal-enerġija, inklużi l-faċilitajiet tal-koġenerazzjoni tas-sħana u l-enerġija (GHP) għas-sistema ta' tisħin distrettwali (DHS), ma jistax jaqbeż it-30 fil-mija tal-faċilitajiet kollha fit-territorju tal-Korea.<br>Is-sehem barrani aggregat tat-trażmissjoni, id-distribuzzjoni u tal-bejgħ tal-enerġija tal-elettriku għandu jkun inqas minn 50 fil-mija. Persuna barranija ma tistax tkun l-azzjonista dominanti.<br>Sehem wieħed ta' azzjonist fl-interessi azzjonarji tal-KEPCO ma jistax jaqbeż it-3 fil-mija. | |
| b) Manifattura ta' gass; distribuzzjoni ta' karburanti gassużi permezz tal-mejns<br>(ISIC rev 3.1: 402) | Persuni barranin, b'mod aggregat, ma jistax ikollhom iktar minn 30 fil-mija tal-interessi azzjonarji tal-KOGAS.<br>Sehem wieħed ta' azzjonist fl-interessi azzjonarji tal-KOGAS ma jistax jaqbeż il-15 fil-mija. | |
| c) Provvista ta' fwar u misħun (ISIC rev 3.1: 403) | Mingħajr restrizzjonijiet | Mingħajr restrizzjonijiet |

(1) Din ir-riżerva ma tapplikax għal impriżi li qabel kienu privati u li issa huma tal-Istat minħabba proċessi ta' riorganizzazzjoni fil-kumpanija.
(2) Għall-finijiet ta' din ir-riżerva, "impriża tal-istat" għandha tinkludi kwalunkwe impriża stabbilita għall-għan ewlieni li tbiegħ jew tiddisponi minn interessi jew assi azzjonarji ta' impriżi oħra tal-istat jew ta' awtoritajiet governattivi.
(3) Il-miżuri għall-kumpaniji li jimpjegaw gruppi żvantaġġati għandhom ikunu applikati b'mod mhux diskriminatorju.
(4) "Karburant" tinkludi żift naturali u gass naturali li ma jaqbadx bin-nar.
(5) Pubblikazzjoni u stampar fuq bażi ta' ħlas jew kuntratt tinstab fis-SERVIZZI TAN-NEGOZJU taħt Servizzi Oħra tan-Negozju. r).

www.parlament.gv.at

*ANNESS 7-B*

**EŻENZJONI MIT-TRATTAMENT MFN**

1. Għall-finijiet tal-Artikoli 7.8.2 u 7.14.2, sabiex ikunu ta' livell sostanzjalment ogħla, l-obbligi stipulati fi ftehim ta' integrazzjoni reġjonali ekonomika jew iridu joħolqu suq intern tas-servizzi u l-istabbiliment ([1]) jew inkella jinkludu kemm id-dritt tal-istabbiliment kif ukoll l-approssimazzjoni tal-liġijiet. Il-valutazzjoni tal-livell tal-obbligi għandha ssir fuq il-bażi ta' impenji settorjali jew orizzontali.

   (a) Id-dritt tal-istabbiliment imsemmi f'dan il-paragrafu jfisser obbligu li jitneħħew l-ostakli kollha għall-istabbiliment bejn il-partijiet tal-ftehim ta' integrazzjoni ekonomika reġjonali mid-dħul fis-seħħ ta' dak il-ftehim. Id-dritt tal-istabbiliment għandu jinkludi d-dritt taċ-ċittadini tal-partijiet tal-ftehim ta' integrazzjoni ekonomika reġjonali sabiex jistabbilixxu u jmexxu impriżi taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti għaċ-ċittadini skont il-liġijiet tal-pajjiż fejn stabbiliment bħal dan iseħħ.

   (b) L-approssimazzjoni tal-liġijiet imsemmija f'dan il-paragrafu tfisser:

      (i) L-allinjament tal-liġijiet ta' waħda mill-partijiet, jew aktar, għall-ftehim ta' integrazzjoni ekonomika reġjonali mal-liġijiet tal-parti jew il-partijiet l-oħra għal dak il-ftehim; jew

      (ii) l-inkorporazzjoni ta' liġi komuni fis-sistema legali tal-partijiet għall-ftehim ta' integrazzjoni ekonomika reġjonali. Allinjament jew inkorporazzjoni bħal dan irid isir, u qed jitqies li għandu jsir biss, minn mindu dan ikun ġie attwat fis-sistema legali lokali tal-parti jew il-partijiet għall-ftehim ta' integrazzjoni ekonomika reġjonali.

2. Il-Partijiet għandhom jinnotifikaw lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 7.3 ta' kwalunkwe ftehim ta' integrazzjoni ekonomika reġjonali li jissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikoli 7.8.2 u 7.14.2. Notifikazzjoni bħal din għandha ssir bil-miktub fi żmien 60 ġurnata mill-iffirmar tal-ftehim ta' integrazzjoni ekonomika reġjonali.

3. Fuq talba minn Parti, u flimkien man-notifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Anness, il-Partijiet għandhom jiddiskutu u jirrevedu, fil-Kumitat jew permezz ta' konsultazzjonijiet separati, il-konformità tal-ftehim ta' integrazzjoni ekonomika reġjonali mal-kundizzjonijiet tal-Artikoli 7.8.2 u 7.14.2 u dan l-Anness.

---

([1]) Suq intern tas-servizzi u l-istabbiliment tfisser żona mingħajr fruntieri interni li fiha l-moviment ħieles tas-servizzi, tal-kapital u ta' persuni jkun assigurat. Għal aktar ċertezza, iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) huwa l-uniku suq intern ma' pajjiżi terzi tal-Unjoni Ewropea meta jkun iffirmat dan il-Ftehim.

*ANNESS 7-C*

LISTA TA' EŻENZJONIJIET MFN

PARTI TAL-UE

| Settur jew sottosettur | Deskrizzjoni tal-miżura li tindika l-inkonsistenza tagħha mal-Artikoli 7.8 u 7.14 | Pajjiżi li għalihom il-miżura għandha tapplika | Perjodu ta' żmien intenzjonat | Kundizzjonijiet li joħolqu l-ħtieġa għall-eżenzjoni |
|---|---|---|---|---|
| 1. Setturi kollha | L-Unjoni Ewropea tirriżerva d-dritt li taddota jew iżżomm kull miżura li tagħti trattament differenzjali għal pajjiżi li ġejjin minn dispożizzjoni speċifika li tinstab fil-ftehimiet ta' integrazzjoni ekonomika li għalihom l-Unjoni Ewropea hija Parti u, li skont dawn, l-Unjoni Ewropea tista' temenda kwalunkwe miżura biss safejn l-emenda ma tnaqqasx il-konformità tal-miżura, minn kif kienet teżisti immedjatament qabel l-emenda, mal-obbligi dwar l-aċċess għas-suq, it-trattament nazzjonali u n-nazzjon l-aktar ivvantaġġjat f'dawn il-ftehimiet ta' integrazzjoni ekonomika. | Pajjiżi kollha | Indefinit | Biex ikun protett it-trattament differenzjali li jiġi minn klawżoli ta' impatt. |
| 2. Trasport fuq l-art | Fir-Rumanija, l-awtorizzazzjoni għal vetturi reġistrati fil-pajjiżi indikati fil-kolonna 3) għat-trasport ta' oġġetti u/jew passiġġieri hija skont il-ftehimiet bilaterali dwar it-trasport fit-triq. Il-kabotaġġ bit-triq huwa riżervat għal vetturi reġistrati lokalment. | L-Awstrija, l-Albanija, il-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, Ċipru, il-Kroazja, id-Danimarka, l-Isvizzera, il-Latvja, il-Litwanja, Franza, il-Finlandja, l-Italja, l-Iran, il-Ġermanja, il-Greċja, il-Lussemburgu, ir-Renju Unit, in-Norveġja, il-Pajjiżi Baxxi, il-Polonja, il-Portugall, Spanja, l-Isvezja, is-Slovakkja, is-Sirja, is-Slovenja, it-Turkija, l-Ungerija, u possibbilment pajjiżi oħra fil-futur. | Indefinit | Il-ħtieġa għall-eżenzjoni hija marbuta mal-ispeċifiċità reġjonali tal-forniment transkonfinali ta' servizzi tat-trasport fit-triq. |
| 3. Trasport bil-ferrovija<br>— Passiġġieri u merkanzija | Miżuri li jittieħdu taħt ftehimiet eżsitenti jew futuri, u li jirregolaw id-drittijiet tat-traffiku u l-kundizzjonijiet tal-operat, kif ukoll il-forniment ta' servizzi tat-trasport fit-territorju tal-Bulgarija, tar-Repubblika Ċeka u tas-Slovakkja u bejn il-pajjiżi kkonċernati. | Il-pajjiżi kollha li magħhom il-ftehimiet huma jew se jkunu fis-seħħ. | Indefinit | Biex ikunu protetti l-integrità tal-infrastruttura tat-trasport bil-ferrovija u l-ambjent, u sabiex jiġu regolati d-drittijiet tat-traffiku fit-territorju tar-Repubblika Ċeka u tar-Repubblika Slovakka u bejn il-pajjiżi kkonċernati. |
| 4. Trasport fuq l-art<br>— Passiġġieri u merkanzija | Dispożizzjonijiet fi ftehimiet eżistenti jew futuri dwar il-ġarr internazzjonali ta' merkanzija fit-toroq (inkluż trasport kombinat - triq/ferrovija) u trasport tal-passiġġieri, konklużi bejn il-Komunità jew l-Istati Membri u pajjiżi terzi, li:<br>(a) jirriżervaw jew jillimitaw il-forniment ta' servizzi tat-trasport bejn il-partijiet kontraenti, jew li jgħaddi mit-territorju ta' waħda mill-partijiet kontraenti jew aktar, għal vetturi reġistrati f'kull parti kontraenti [1]; jew<br>(b) jipprovdu eżenzjoni mit-taxxa fuq dawn il-vetturi. | L-Isvizzera, l-Istati fl-Ewropa Ċentrali, tal-Lvant u tax-Xlokk u l-membri kollha tal-Commonwealth tal-Istati Indipendenti, l-Albanija, it-Turkija, il-Libanu, l-Iżrael, is-Sirja, il-Ġordan, l-Eġittu, it-Tuneżija, l-Alġerija, il-Marokk, l-Iran, l-Afganistan, l-Iraq, u l-Kuwajt. | Indefinit | Il-ħtieġa għall-eżenzjoni hija marbuta mal-karatteristiċi reġjonali tal-forniment transkonfinali tas-servizzi tat-trasport fit-triq. |

www.parlament.gv.at

| Settur jew sottosettur | Deskrizzjoni tal-miżura li tindika l-inkonsistenza tagħha mal-Artikoli 7.8 u 7.14 | Pajjiżi li għalihom il-miżura għandha tapplika | Perjodu ta' żmien intenzjonat | Kundizzjonijiet li joħolqu l-ħtieġa għall-eżenzjoni |
|---|---|---|---|---|
| 5. Trasport fuq l-art — Passiġġieri u merkanzija | Miżuri li jittieħdu taħt ftehimiet eżistenti jew futuri, u li jirriżervaw jew jillimitaw il-forniment tas-servizzi tat-trasport u jispeċifikaw il-kundizzjonijiet tal-operat, inkluż permessi ta' tranżitu u/jew taxxi preferenzjali tat-triq għal servizzi tat-trasport lejn, fi u 'l barra mir-Repubblika Ċeka lejn il-partijiet kontraenti kkonċernati. | Il-pajjiżi kollha li magħhom il-ftehimiet huma jew se jkunu fis-seħħ. | Indefinit | Biex ikunu protetti l-integrità tal-infrastruttura tat-trasport fit-triq u l-ambjent, u sabiex ikunu regolati d-drittijiet tat-traffiku fit-territorju tar-Repubblika Ċeka u bejn il-pajjiżi kkonċernati. |
| 6. Trasport fuq l-art — Passiġġieri u merkanzija | Dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali jew plurilaterali eżistenti jew futuri dwar it-trasport internazzjonali fit-triq (inkluż trasport kombinat, triq u ferrovija) li jirriżervaw it-trasport tal-kabotaġġ għall-Finlandja. | Il-pajjiżi kollha li magħhom hemm fis-seħħ ftehimiet bilaterali jew plurilaterali. | Indefinit | Speċifiċità reġjonali tas-servizzi tat-trasport fit-triq. |
| 7. Trasport fuq l-art — Passiġġieri u merkanzija | L-eżenzjoni mill-VAT fl-Awstrija hija limitata għat-trasport internazzjonali tal-passiġġieri li jsir minn intraprendituri barranin permezz ta' vetturi bil-mutur reġistrati fil-pajjiżi indikati fil-kolonna 3). | L-Istati suċċessuri tal-ex Jugoslavja, l-Isvizzera, u l-Istati suċċessuri tal-ex Unjoni Sovjetika (minbarra l-Istati tal-Baltiku, l-Ażerbajġan, il-Ġeorġja, il-Moldova u l-Użbekistan). | Indefinit | Reċiproċità; u li jiġi faċilitat l-iżvilupp tat-turiżmu internazzjonali. |
| 8. Trasport fuq l-art — Passiġġieri u merkanzija | Eżenzjoni mit-taxxi tal-vetturi fl-Awstrija taħt ċerti kundizzjonijiet dwar ir-raġunijiet għal reċiproċità *de facto*, limitata għal vetturi reġistrati fil-pajjiżi indikati fil-kolonna 3). | L-Iżrael, il-Monaco, San Marino, it-Turkija, il-Belt tal-Vatikan, u l-Istati Uniti. | Indefinit | Reċiproċità; u li jkun faċilitat l-iżvilupp tat-turiżmu internazzjonali u/jew it-trasport internazzjonali tal-merkanzija. |
| 9. Trasport fuq l-art — Passiġġieri u merkanzija | Miżuri li jittieħdu taħt ftehimiet bilaterali u li jistabbilixxu d-dispożizzjonijiet għas-servizzi tat-trasport u jispeċifikaw il-kundizzjonijiet tal-operat, inkluż it-tranżitu bilaterali u permessi oħra ta' trasport għal servizzi oħra ta' trasport lejn, fi u 'l barra mit-territorju tal-Litwanja lejn il-partijiet kontraenti kkonċernati, kif ukoll it-taxxi u d-drittijiet tat-triq. | Il-pajjiżi kollha li magħhom il-ftehimiet huma jew se jkunu fis-seħħ. | Indefinit | Li jkunu protetti l-infrastruttura tat-trasport u l-ambjent, u li jkunu regolati d-drittijiet tat-traffiku fit-territorju tal-Litwanja u bejn il-pajjiżi kkonċernati. |
| 10. Trasport fuq l-art — Passiġġieri u merkanzija | Miżuri meħuda taħt ftehimiet eżistenti u futuri li jirriżervaw u/jew jillimitaw il-forniment ta' dawn it-tipi ta' servizzi ta' trasport u jispeċifikaw it-termini u l-kunduzzjonijiet ta' dan il-forniment, inkluż permessi ta' tranżitu u/jew taxxi preferenzjali tat-triq, fit-territorju tal-Bulgarija jew min-naħa għall-oħra tal-fruntieri tal-Bulgarija. | Il-pajjiżi kollha li magħhom il-ftehimiet huma jew se jkunu fis-seħħ. | Indefinit | Il-protezzjoni tal-integrità tal-infrastruttura, kif ukoll il-protezzjoni ambjentali, u l-kontroll tad-drittijiet tat-traffiku fit-territorju tal-Bulgarija u bejn il-pajjiżi kkonċernati. |
| 11. Is-servizzi kollha tat-trasport tal-passiġġieri u l-merkanzija minbarra t-trasport marittimu | Il-Polonja: rekwiżit tar-reċiproċità dwar il-forniment ta' servizzi tat-trasport minn fornituri tal-pajjiżi kkonċernati, fi, lejn, min-naħa għall-oħra tat-territorju ta' dawn il-pajjiżi. | Pajjiżi kollha | Indefinit | Sistema ta' ftehimiet reċiproċi eżistenti u futuri dwar il-kooperazzjoni fit-trasport (jew karattaru simili), kif ukoll dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni ta' investiment barranin li jimplimentaw, *inter alia*, kwoti tat-trasport li jirriżultaw minn sistema ta' permessi li dwarha jkun intlaħaq ftehim bilaterali. |

www.parlament.gv.at

| Settur jew sottosettur | Deskrizzjoni tal-miżura li tindika l-inkonsistenza tagħha mal-Artikoli 7.8 u 7.14 | Pajjiżi li għalihom il-miżura għandha tapplika | Perjodu ta' żmien intenzjonat | Kundizzjonijiet li joħolqu l-ħtieġa għall-eżenzjoni |
|---|---|---|---|---|
| 12. Trasport fuq l-art<br>— Passiġġieri u merkanzija | Miżuri li jittieħdu taħt ftehimiet eżistenti u futuri, u li jirriżervaw jew jillimitaw il-forniment tas-servizzi tat-trasport u li jispeċifikaw il-kundizzjonijiet tal-operat, inkluż il-permessi tat-tranżitu u/jew taxxi preferenzjali tat-triq għas-servizzi tat-trasport lejn, fi, min-naħa għall-oħra u 'l barra mis-Slovakkja lejn il-partijiet kontraenti kkonċernati. | Il-pajjiżi kollha li magħhom il-ftehimiet huma jew se jkunu fis-seħħ. | Indefinit | Biex ikunu protetti l-integrità tal-infrastruttura tat-trasport fit-triq u l-ambjent, u biex ikunu kkontrollati d-drittijiet tat-traffiku fit-territorju tas-Slovakkja u bejn il-pajjiżi kkonċernati. |
| 13. Trasport fuq l-art<br>— Merkanzija (CPC 7123) | Awtorizzazzjoni għall-istabbiliment ta' preżenza kummerċjali fi Spanja tista' tiġi rifjutata għall-fornituri tas-servizzi, li l-pajjiż tal-oriġini tagħhom ma jkunx ta' aċċess għas-suq effettiv lill-fornituri tas-servizzi Spanjoli. | Pajjiżi kollha | Indefinit | Ħtieġa li jiġi żgurat aċċess għas-suq effettiv u trattament ekwivalenti għall-fornituri tas-servizzi Spanjoli. |
| 14. Servizzi Awżiljari ta' Trasport bl-Ajru<br>(a) tiswija u manutenzjoni ta' ajruplani li matulhom ajruplan ikun tneħħa mis-servizz;<br>(b) il-bejgħ u t-tpoggija fis-suq ta' servizzi ta' trasport bl-ajru;<br>(c) sistemi ta' riżervazzjoni permezz tal-kompjuter (CRS); u<br>(d) servizzi awżiljari oħra għas-servizzi ta' trasport bl-ajru, bħal servizzi ta' ground handling, il-kiri ta' ajruplan bl-ekwipaġġ, u servizzi ta' ġestjoni fl-ajruporti | Id-dritt li tiġi adottata jew miżmuma kwalunkwe miżura li tagħti trattament differenzjali lill-pajjiżi taħt kwalunkwe ftehim fis-seħħ jew li għad irid jiġi ffirmat wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. | Pajjiżi kollha | Indefinit | Meħtieġa biex tipproteġi ftehimiet internazzjonali eżistenti u futuri. |
| 15. CRS u Bejgħ u Marketing ta' Servizzi tat-Trasport bl-Ajru | Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 tar-Regolament (KEE) Nru 2299/89, kif emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3089/93, li permezz tiegħu l-obbligi tal-bejjiegħa ta' sistemi CRS jew ta' trasportaturi tal-ajru prinċipali u parteċipanti m'għandhomx japplikaw għall-bejjiegħa ta' sistemi CRS, jew għat-trasportaturi tal-ajru prinċipali u parteċipanti, ta' pajjiżi fejn trattament ekwivalenti għal dak applikat taħt ir-Regolament ma jkunx ingħata lil bejjiegħa ta' sistemi CRS jew lil trasportaturi tal-ajru prinċipali u parteċipanti tal-Unjoni f'dawn il-pajjiżi. | Il-pajjiżi kollha fejn ikun hemm bejjiegħa ta' sistemi CRS jew trasportaturi tal-ajru *parent*. | Indefinit | Il-ħtieġa għall-eżenzjoni ġejja mill-iżvilupp mhux suffiċjenti ta' regoli miftiehma multilateralment għall-operat ta' CRS. |

www.parlament.gv.at

| Settur jew sottosettur | Deskrizzjoni tal-miżura li tindika l-inkonsistenza tagħha mal-Artikoli 7.8 u 7.14 | Pajjiżi li għalihom il-miżura għandha tapplika | Perjodu ta' żmien intenzjonat | Kundizzjonijiet li joħolqu l-ħtieġa għall-eżenzjoni |
|---|---|---|---|---|
| 16. Servizzi ta' Tagħbija u Ħatt ta' Merkanzija u Servizzi ta' Ħażna u Magazzinaġġ fil-Portijiet tal-Baħar u tax-Xmajjar, Inklużi Servizzi Relatati mal-Kontejners u l-Merkanzija fil-Kontejners | Id-dritt li jiġu pprovduti dawn it-tipi ta' servizzi għandu jingħata mill-Bulgarija fuq bażi ta' reċiproċità u taħt ftehimiet bilaterali mal-pajjiżi kkonċernati. | Pajjiżi kollha | Indefinit | L-għan tal-applikazzjoni ta' miżura bħal din huwa li l-fornituri Bulgari jkunu garantiti aċċess għas-suq li jkun l-istess bħal dak ta' pajjiżi oħra fir-rigward ta' dawn it-tipi ta' servizzi. |
| 17. Trasport fil-Mogħdijiet tal-Ilma Interni | Miżuri bbażati fuq ftehimiet eżistenti jew futuri dwar l-aċċess għall-mogħdijiet tal-ilma interni (inkluż il-ftehimiet wara l-konnessjoni Rhine-Main-Danubju), li jirriżervaw id-drittijiet tat-traffiku għall-operaturi bbażati fil-pajjiżi kkonċernati u li jilħqu kriterji taċ-ċittadinanza rigward il-pussess. | L-Isvizzera, l-Istati fl-Ewropa Ċentrali, tal-Lvant u tax-Xlokk u l-membri kollha tal-Commonwealth tal-Istati Indipendenti. | Indefinit. Eżenzjoni meħtieġa għal ċerti pajjiżi sakemm biss jint-laħaq jew jitlesta ftehim ta' integ-razzjoni ekonomika. | Sabiex tkun ikkontrollata l-kapaċità tat-trasport fil-mogħdijiet tal-ilma interni, filwaqt li tkun ikkunsidrata l-ispeċifiċità ġeografika. |
| 18. Trasport fil-Mogħdijiet tal-Ilma Interni | Regolamenti li jimplimentaw il-Konvenzjoni Mannheim dwar it-Tbaħħir fir-Rhine. (2) | L-Isvizzera | Indefinit | Sabiex tkun ikkontrollata l-kapacità tat-trasport fil-mogħdijiet tal-ilma interni, filwaqt li tkun ikkunsidrata l-ispeċifiċità ġeografika. |
| 19. Trasport fil-Mogħdijiet tal-Ilma Interni<br>— Passiġġieri u merkanzija | Fl-Awstrija:<br>(a) Ċerti drittijiet tat-traffiku huma riżervati għall-bastimenti tal-pajjiżi indikati fil-kolonna 3) (rekwiżiti taċ-ċittadinanza rigward il-pussess); u<br>(b) Ċertifikati u liċenzji tal-pajjiżi indikati fil-kolonna 3) huma rikonoxxuti. | L-Istati suċċessuri tal-ex Jugoslavja, u l-Istati suċċessuri tal-ex Unjoni Sovjetika. | Indefinit; u l-eżenzjoni tapplika għal miżuri eżistenti u ġodda. | Żvilupp storiku; u aspetti reġjonali speċifiċi |
| 20. Mogħdijiet tal-Ilma Interni<br>— Passiġġieri u merkanzija | Miżuri li jittieħdu taħt ftehimiet eżistenti jew futuri u li jirri-żervaw l-aċċess għal u d-drittijiet tat-traffiku fil-mogħdijiet tal-ilma interni tas-Slovakkja għall-operaturi barranin. | Il-pajjiżi kollha li magħhom il-ftehimiet huma jew se jkunu fis-seħħ. | Indefinit | Biex ikunu protetti l-integrità tal-infrastruttura u l-ambjent, u sabiex ikunu kontrollati d-drittijiet tat-traffiku fis-Slovakkja. |
| 21. Trasport bil-Baħar | Miżuri li jikkonċernaw l-istabbiliment, l-attivitajiet u l-operazzjo-nijiet ta' kumpaniji tat-tbaħħir lil hinn mill-impenn mogħti mill-Korea fl-Anness 7-A. | Mhux speċifikat | Indefinit | Ftehimiet internazzjonali fil-kuntest tar-relazzjonijiet kummerċjali ġenerali. |
| 22. Trasport bil-Baħar<br>— Kabotaġġ | Miżuri reċiproċi eżistenti jew futuri meħuda mill-Finlandja li jeżentaw bastiment reġistrati taħt bandiera barranija ta' pajjiż speċifikat iehor mill-projbizzjoni ġenerali li dawn joperaw tras-port ta' kabotaġġ fil-Finlandja. | Pajjiżi kollha | Indefinit | Speċifiċità reġjonali tat-trasport ta' kabotaġġ marittimu. |

| Settur jew sottosettur | Deskrizzjoni tal-miżura li tindika l-inkonsistenza tagħha mal-Artikoli 7.8 u 7.14 | Pajjiżi li għalihom il-miżura għandha tapplika | Perjodu ta' żmien intenzjonat | Kundizzjonijiet li joħolqu l-ħtieġa għall-eżenzjoni |
|---|---|---|---|---|
| 23. Trasport bil-Baħar | Miżuri reċiproċi meħuda mill-Isvezja bbażati fuq ftehimiet eżistenti jew futuri li jeżentaw bastimenti reġistrati taħt il-bandiera barranija tal-pajjiżi indikati fil-kolonna 3) mill-projbizzjoni ġenerali li dawn joperaw traffiku ta' kabotaġġ fl-Isvezja. | Il-pajjiżi kollha li magħhom hemm fis-seħħ ftehimiet bilaterali jew plurilaterali. | Indefinit | Sabiex ikun regolat it-traffiku ta' kabotaġġ ibbażat fuq ftehimiet reċiproċi. |
| 24. Servizzi ta' Kiri/leasing mingħajr Operaturi, relatati ma' bastimenti (CPC 83103) Kiri ta' Bastimenti bl-Ekwipaġġ (CPC 7213, 7223) | Il-kiri ta' bastimenti barranin minn klijenti residenti fil-Ġermanja jista' jkun soġġett għall-kundizzjoni tar-reċiproċità. | Pajjiżi kollha | Indefinit | Ħtieġa li jkun assigurat aċċess għas-suq effettiv u trattament ekwivalenti għall-fornituri tas-servizzi Ġermaniżi. |
| 25. Sajd | Il-Komunità tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura li tagħti trattament differenzjali lil pajjiżi taħt kwalunkwe ftehim internazzjonali bilaterali jew plurilaterali li jinvolvi s-sajd li huwa fis-seħħ jew li għad irid jiġi ffirmat wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. | Pajjiżi kollha | Indefinit | Meħtieġa sabiex ikunu protetti ftehimiet internazzjonali bilaterali u plurilaterali eżistenti u futuri. |
| 26. Sajd u Servizzi relatati mas-Sajd | Trattament preferenzjali – fiż-żona tas-sajd tal-pajjiżi involuti – għas-servizzi u l-fornituri tas-servizzi mill-pajjiżi li magħhom il-Polonja għandha relazzjonijiet tajba ta' sajd, skont il-prattiki u l-politiki ta' konservazzjoni internazzjonali jew ftehimiet dwar is-sajd, partikolarment fil-baċin tal-Baħar Baltiku. | Pajjiżi kollha | Indeterminat | Kooperazzjoni li tikkonċerna l-konservazzjoni tas-sajd u sajd ibbażat fuq il-prattika kif ukoll fuq ftehimiet eżistenti u futuri, partikolarment fil-baċin tal-Baħar Baltiku. |
| 27. Servizzi legali | Prokuraturi minn pajjiżi barranin jistgħu jaġixxu bħala avukati fil-qorti tal-Litwanja b'mod konformi biss ma' ftehimiet bilaterali dwar l-għajnuna legali. | Il-pajjiżi kollha li magħhom il-ftehimiet huma jew se jkunu fis-seħħ. | Indefinit | Ħtieġa li tkun assigurata l-kapaċità li tkun kontrollata l-legalità u r-responsabbiltà. |
| 28. Servizzi legali | Fil-Bulgarija, it-trattament nazzjonali sħiħ dwar l-istabbiliment u l-operat ta' kumpaniji, kif ukoll il-forniment tas-servizzi, jista' jiġi estiż biss għal kumpaniji stabbiliti fi, u għaċ-ċittadini ta', il-pajjiżi indikati fil-kolonna 3. | Pajjiżi li magħhom hemm jew se jkun hemm arranġamenti preferenzjali. | Indefinit | Obbligi taħt ftehimiet internazzjonali. |
| 29. Servizzi Marbuta mas-Saħħa tal-Bniedem | Dispożizzjoni ta' trattament mediku lil ċittadini Ċiprijotti, li mhumiex disponibbli f'Ċipru, f'pajjiżi magħżula li magħhom ġew iffirmati ftehimiet bilaterali jew se jiġu ffirmati fil-futur. | Il-pajjiżi kollha li magħhom hija mixtieqa kooperazzjoni medika. | Indefinit | Il-miżura hija meħtieġa minħabba l-eżistenza ta', jew l-iffirmar possibbli fil-futur ta' ftehimiet bilaterali ġodda bejn Ċipru u pajjiżi terzi li magħhom Ċipru għandu qrubija ġeografika jew rabtiet speċjali oħra. |

www.parlament.gv.at

| Settur jew sottosettur | Deskrizzjoni tal-miżura li tindika l-inkonsistenza tagħha mal-Artikoli 7.8 u 7.14 | Pajjiżi li għalihom il-miżura għandha tapplika | Perjodu ta' żmien intenzjonat | Kundizzjonijiet li joħolqu l-ħtieġa għall-eżenzjoni |
|---|---|---|---|---|
| 30. Servizzi Mediċi u Dentali | Assigurazzjoni medika pubblika, pjani u programmi ta' sussidju u kumpens, li jkopru l-infiq u l-ispejjeż relatati ma' servizzi mediċi u dentali ipprovduti lil ċittadini barranin fit-territorju tal-Bulgarija, jingħataw fuq il-bażi ta' reċiproċità fil-qafas ta' ftehimiet bilaterali. | Pajjiżi li magħhom ftehimiet bilaterali bħal dawn ġew jew se jiġu ffirmati. | Indefinit | Obbligi taħt ftehimiet internazzjonali. |
| 31. Servizzi ta' Sigurtà Soċjali Pubblika | Dispożizzjonijiet ta' ftehimiet bilaterali dwar is-sigurtà soċjali konklużi bejn Ċipru u ċerti pajjiżi. | L-Awstralja, l-Eġittu, il-Kanada, il-Provinċja ta' Quebec, u kwalunkwe pajjiż li miegħu ftehim jista' jiġi ffirmat fil-futur. | Indefinit | Biex persuni li huma jew li jsiru soġġetti għal-liġi dwar is-sigurtà soċjali tal-partijiet kontraenti jkunu jistgħu jżommu d-drittijiet tas-sigurtà soċjali tagħhom jekk dawn jiċċaqalqu minn pajjiż għall-ieħor, jew sabiex jiksbu drittijiet bħal dawn.<br>Dawn il-ftehimiet li jipprovdu, *inter alia*, għal perjodi totalizzaturi ta' assigurazzjoni jew ta' residenza fil-partijiet kontraenti għal finijiet ta' eliġibbiltà għall-benefiċċji, jiġu konklużi bejn Ċipru u pajjiżi li magħhom jeżisti l-moviment tal-impjiegi. |
| 32. Pubblikazzjoni (Part i minn CPC 88442) | Il-parteċipazzjoni barranija f'kumpaniji fl-Italja li taqbeż id-49% tal-kapital u tad-drittijiet tal-vot fil-kumpanija, hija soġġetta għal kundizzjoni ta' reċiproċità. | Pajjiżi kollha | Indefinit | Ħtieġa li jkunu assigurati l-aċċess għas-suq u trattament ekwivalenti għall-fornituri tas-servizzi Taljani. |
| 33. Servizzi ta' Aġenzija tal-Aħbarijiet (Part i minn CPC 962) | Il-parteċipazzjoni barranija f'kumpaniji fi Franza li jippubblikaw pubblikazzjonijiet bil-Franċiż u li jaqbżu l-20% tal-kapital jew tad-drittijiet tal-vot fil-kumpaniji, hija soġġetta għal kundizzjoni ta' reċiproċità. | Pajjiżi kollha | Indefinit | Jeħtieġ li jkun zgurat l-aċċess effettiv għas-suq kif ukoll it-trattament ugwali għall-forntiuri tas-servizz Francizi. |
| 34. Servizzi ta' Aġenzija tal-Istampa (Part i minn CPC 962) | L-aċċess għas-suq fi Franza. Soġġett għal kundizzjoni ta' reċiproċità. | Pajjiżi kollha | Indefinit | Jeħtieġ li jkun zgurat l-aċċess effettiv għas-suq kif ukoll it-trattament ugwali għall-forntiuri tas-servizz Francizi. |
| 35. Xiri ta' Art | Skont il-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Litwanja l-gvernijiet lokali (il-muniċipalitajiet), entitajiet nazzjonali oħra kif ukoll entitajiet barranin mill-pajjiżi indikati fil-kolonna 3), li jkunu qed iwettqu attivitajiet ekonomiċi fil-Litwanja li huma speċifikati bil-liġi kostituzzjonali b'mod konformi mal-kriterji tal-integrazzjoni Ewropea u integrazzjoni oħra, li l-Litwanja daħlet għalihom, huma awtorizzati li jiksbu, fil-pussess tagħhom, biċċiet ta' art mhux agrikola li jkunu meħtieġa għall-bini u l-operat ta' bini u faċilitajiet meħtieġa għall-attivitajiet diretti tagħhom. Il-proċedura, it-termini ta' u l-kundizzjonijiet għall-akkwist ta' art, kif ukoll ir-restrizzjonijiet għandhom ikunu stabbiliti bil-liġi kostituzzjonali. | Il-pajjiżi kollha stabbiliti bil-liġi kostituzzjonali: l-Istati Membri tal-OECD (3), in-NATO (3) u l-pajjiżi assoċjati tal-UE. | Indefinit | Ix-xewqa li jinħolqu kundizzjonijiet aktar favorevoli għal aktar kooperazzjoni ekonomika bejn il-Litwanja u l-pajjiżi kkonċernati. |

www.parlament.gv.at

| Settur jew sottosettur | Deskrizzjoni tal-miżura li tindika l-inkonsistenza tagħha mal-Artikoli 7.8 u 7.14 | Pajjiżi li għalihom il-miżura għandha tapplika | Perjodu ta' żmien intenzjonat | Kundizzjonijiet li joħolqu l-ħtieġa għall-eżenzjoni |
|---|---|---|---|---|
| 36. Servizzi ta' Gwidi Turistiċi | Fil-Litwanja, gwidi turistiċi minn pajjiżi barranin jistgħu jipprovdu servizzi ta' gwidi turistiċi biss skont ftehimiet (jew kuntratti) bilaterali dwar għajnuna għal servizzi ta' gwidi turistiċi fuq bażi ta' reċiproċità. | Il-pajjiżi kollha li magħhom daħlu jew se jidħlu fis-seħħ ftehimiet (jew kuntratti). | Indefinit | Il-preżervazzjoni u l-promozzjoni tal-identità kulturali. |
| 37. Setturi kollha | Ċipru:<br>L-eżenzjoni tal-limitazzjonijiet għall-aċċess għas-suq u t-trattament nazzjonali fil-qasam tal-preżenza kummerċjali, inkluż il-moviment tal-kapital, fir-rigward tal-pajjiżi indikati fil-kolonna 3). | Il-pajjiżi tal-EFTA | Indefinit | Liberalizzazzjoni gradwali tal-preżenza kummerċjali. Ftehimiet bilaterali rigward il-protezzjoni reċiproka u l-promozzjoni ta' investimenti ma' ċerti pajjiżi tal-EFTA għadhom qed isiru. |
| 38. Setturi kollha | Miżuri meħuda mid-Danimarka, l-Isvezja u l-Finlandja intenzjonati sabiex jippromwovu l-kooperazzjoni Nordika, bħal pereżempju:<br>(a) sostenn finanzjarju għal proġetti ta' R&D (il-Fond Industrijali Nordiku);<br>(b) il-finanzjament ta' studji ta' flessibbiltà għal proġetti internazzjonali (il-Fond Nordiku għall-Esportazzjonijiet ta' Proġetti); u<br>(c) għajnuna finanzjarja lil kumpaniji [4] li jużaw teknoloġija ambjentali (il-Korporazzjoni Nordika għall-Finanzjament Ambjentali). | L-Islanda u n-Norveġja | Indefinit | Sabiex tinżamm u tkun żviluppata l-kooperazzjoni Nordika. |
| 39. Setturi kollha | Il-Polonja:<br>Kunċetti ta' preżenza kummerċjali, li jmorru lil hinn mil-limitazzjonijiet għall-Polonja previsti fl-Anness 7-A, li jinsabu fi:<br>(a) trattati ta' kummerċ u navigazzjoni;<br>(b) trattati ta' negozju u relazzjonijiet ekonomiċi; u<br>(c) ftehimiet ta' promozzjoni u protezzjoni ta' investiment barrani. | Pajjiżi kollha | Indeterminat | Dispożizzjonijiet reċiproċi ta' ftehimiet eżistenti u futuri |
| 40. Setturi kollha | Il-Polonja taċċetta arbitraġġ mandatorju rigward kwistjonijiet ta' investiment bejn l-investitur u l-Istat li jitqajmu minn, jew li jirrigwardaw, forrnituri ta' pajjiżi li magħhom il-Polonja għandha jew se jkollha ftehimiet li jipprovdu għal proċedura bħal din. | Pajjiżi kollha | Indeterminat | Il-promozzjoni u l-protezzjoni tal-investiment barrani. |
| 41. Setturi kollha | Awtorizzazzjoni għax-xiri ta' proprjetà immobbli fl-Italja minn persuni fiżiċi u ġuridiċi barranin li tingħata fuq bażi ta' reċiproċità. | Pajjiżi kollha | Indefinit | Ir-rekwiżit tar-reċiproċità huwa meħtieġ sabiex ikun assigurat trattament ekwivalenti għal ċittadini Taljani f'pajjiżi oħra. |
| 42. Setturi kollha | Eżenzjoni tar-rekwiżiti taċ-ċittadinanza għall-eżerċizzju, fil-Portugall, ta' ċerti attivitajiet u professjonijiet minn persuni fiżiċi li jipprovdu servizzi mill-pajjiżi indikati fil-kolonna 3). | Il-pajjiżi li għandhom il-Portugiż bħala l-lingwa uffiċjali tagħhom (l-Angola, il-Brażil, Kap Verde, il-Ginea-Bissaw, il-Możambik u São Tomé u Principe). | Indefinit | Din il-miżura tirrifletti r-rabtiet storiċi bejn il-Portugall u dawn il-pajjiżi. |

www.parlament.gv.at

| Settur jew sottosettur | Deskrizzjoni tal-miżura li tindika l-inkonsistenza tagħha mal-Artikoli 7.8 u 7.14 | Pajjiżi li għalihom il-miżura għandha tapplika | Perjodu ta' żmien intenzjonat | Kundizzjonijiet li joħolqu l-ħtieġa għall-eżenzjoni |
|---|---|---|---|---|
| 43. Setturi kollha | Miżuri bbażati fuq ftehimiet bilaterali eżistenti jew futuri bejn ċerti Stati Membri tal-Unjoni Ewropea ([5]) u l-pajjiżi u l-prinċipalitajiet ikkonċernati, li jipprovdu għad-dritt tal-istabbiliment għal persuni fiżiċi u ġuridiċi. | San Marino, Monako, Andorra, u l-Istat tal-Belt tal-Vatikan. | Indefinit | Is-sitwazzjoni ġeografika u r-rabtiet storiċi, ekonomiċi u kulturali bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi u l-prinċipalitajiet ikkonċernati. |

([1]) Rigward l-Awstrija, il-parti tal-eżenzjoni MFN dwar id-drittijiet tat-traffiku tkopri l-pajjiżi kollha li magħhom jeżistu (jew huma mixtieqa) ftehimiet bilaterali dwar it-trasport fit-triq jew arranġamenti oħrajn rigward it-trasport fit-triq.
([2]) L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li ġejjin huma koperti b'din l-eżenzjoni MFN: il-Belġju, id-Danimarka, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu, il-Pajjiżi Baxxi, il-Portugall, Spanja u r-Renju Unit.
([3]) SaUEmm dawn il-pajjiżi kienu membri tal-OECD u n-NATO qabel l-20 ta' Ġunju 1996.
([4]) Japplika għall-kumpaniji tal-Ewropa tal-Lvant, li qed jikkooperaw ma' kumpanija Nordika waħda jew aktar.
([5]) L-Istati Membri li ġejjin huma koperti: il-Belġju, id-Danimarka, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu, il-Pajjiżi Baxxi, il-Portugall, Spanja u r-Renju Unit.

## IL-KOREA

| Settur jew sottosettur | Deskrizzjoni tal-Miżura li Tindika l-Inkonsistenza tagħha mal-MFN |
|---|---|
| 1. Is-setturi kollha | Il-Korea tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura li tagħti trattament differenzjali lil pajjiżi taħt kwalunkwe ftehim internazzjonali ffirmat wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, li jinvolvi:<br>(a) is-sajd; jew<br>(b) materji marittimi, inkluż is-salvataġġ. |
| 2. Is-setturi kollha | Il-Korea tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura li tagħti trattament differenzjali lil pajjiżi li ġej minn dispożizzjoni speċifika li tinstab fi ftehimiet ta' integrazzjoni ekonomika li għalihom il-Korea hija Parti u li skont dawn il-Korea tista' temenda kwalunkwe miżura biss safejn dik l-emenda ma tnaqqasx il-konformità tal-miżura, kif kienet teżisti immedjatament qabel l-emenda, mal-obbligi dwar l-aċċess għas-suq, it-trattament nazzjonali u n-nazzjon l-aktar vantaġġjat f'dawn il-ftehimiet ta' integrazzjoni ekonomika. |
| 3. Servizzi Awżiljari ta' Trasport bl-Ajru<br>(a) tiswija u manutenzjoni ta' ajruplani li matulhom ajruplan ikun tneħħa mis-servizz;<br>(b) il-bejgħ u t-tpoġġija fis-suq ta' servizzi ta' trasport bl-ajru;<br>(c) sistemi ta' riżervazzjoni permezz tal-kompjuter (CRS); u<br>(d) servizzi awżiljari oħra għas-servizzi ta' trasport bl-ajru, bħal servizzi ta' ground handling, il-kiri ta' ajruplan bl-ekwipaġġ, u servizzi ta' ġestjoni fl-ajruporti | Il-Korea tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura li tagħti trattament differenzjali lil pajjiżi taħt kwalunkwe ftehim internazzjonali li jinvolvi servizzi awżiljari ta' trasport bl-ajru li jiġu ffirmati wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. |
| 4. Gruppi Żvantaġġati | Il-Korea tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura li tagħti drittijiet jew preferenzi lil grupp ta' persuni żvantaġġjati soċjalment jew ekonomikament, bħal persuni bi bżonnijiet speċjali, persuni li taw servizz distint lill-Istat, u minoranzi etniċi. |
| 5. Servizzi Soċjali | Il-Korea tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura li tagħti trattament differenzjali lil persuni ta' pajjiżi oħra fir-rigward tal-infurzar tal-liġi u servizzi korrettivi, u s-servizzi li ġejjin safejn dawn ikunu servizzi soċjali stabbiliti jew miżmuma għal finijiet pubbliċi: sigurtà jew assigurazzjoni fuq id-dħul, sigurtà jew assigurazzjoni soċjali, ħarsien soċjali, taħriġ pubbliku, saħħa, u kura tat-tfal. |

www.parlament.gv.at

| Settur jew sottosettur | Deskrizzjoni tal-Miżura li Tindika l-Inkonsistenza tagħha mal-MFN |
|---|---|
| 6. Servizzi ta' Komunikazzjoni<br>— Servizzi ta' Xandir | Il-Korea tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura li tagħti trattament differenzjali lil persuni ta' pajjiżi oħra minħabba l-applikazzjoni ta' miżuri ta' reċiproċità jew permezz ta' ftehimiet internazzjonali li jinvolvu l-kondiviżjoni tal-ispettru tar-radju, li jiggarantixxu l-aċċess għas-suq, jew trattament nazzjonali fir-rigward ta' trażmissjoni bis-satellita f'direzzjoni waħda ta' servizzi televiżivi diretti lejn id-dar (direct-to-home - DTH) u xandir dirett bis-satellita (direct broadcasting satellite - DBS) u ta' servizzi awdjo diġitali. |
| 7. Servizzi ta' Trasport<br>— Trasport bil-Ferrovija | Il-Korea tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura li tagħti trattament differenzjali lil pajjiżi taħt kwalunkwe ftehim internazzjonali li jinvolvi t-trasport bil-ferrovija li jiġi ffirmat wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. |
| 8. Servizzi ta' Trasport<br>— Servizzi ta' Trasport tal-Passiġġieri fit-Triq<br><br>(Servizzi tat-Taxi u Servizzi ta' Trasport tal-Passiġġieri bi Skeda fit-Triq) | Il-Korea tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura li tagħti trattament differenzjali lil persuni ta' pajjiżi oħra fir-rigward tas-servizzi bit-taxi u servizzi ta' trasport tal-passiġġieri bi skeda fit-triq. |
| 9. Servizzi ta' Trasport<br>— Servizzi ta' Trasport tal-Merkanzija fit-Triq<br><br>(ma jinkludix Servizzi ta' Trasport fit-Triq Relatati ma' Servizzi tal-Kurrier) | Il-Korea tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura li tagħti trattament differenzjali lil persuni ta' pajjiżi oħra fir-rigward ta' servizzi ta' trasport tal-merkanzija fit-triq, li ma jinkludix it-trasport fit-triq ta' merkanzija fil-kontejners (minbarra l-kabotaġġ) minn kumpaniji internazzjonali tat-tbaħħir u servizzi ta' trasport fit-triq relatati ma' servizzi tal-kurrier. |
| 10. Servizzi ta' Trasport<br>— Servizzi ta' Trasport fil-Mogħdijiet tal-Ilma Interni u Servizzi ta' Trasport fl-Ispazju | Il-Korea tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura li tagħti trattament differenzjali lil persuni ta' pajjiżi oħra fir-rigward ta' servizzi ta' trasport fil-mogħdijiet tal-ilma interni u servizzi ta' trasport fl-ispazju. |
| 11. Servizzi Edukattivi<br>— *Kindergarten*, Primarja, Sekondarja, Post Sekondarja, u Edukazzjoni Oħra | Il-Korea tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura li tagħti trattament differenzjali lil persuni ta' pajjiżi oħra fir-rigward ta' edukazzjoni preprimarja, primarja, u sekondarja; edukazzjoni ogħla relatata mas-saħħa u l-mediċina; edukazzjoni ogħla għall-għalliema prospettivi tal-edukazzjoni preprimarja, primarja, u sekondarja; edukazzjoni professjonali fil-liġi għall-gradwati; edukazzjoni remota fil-livelli kollha (minbarra servizzi ta' edukazzjoni għall-adulti, sakemm dawn is-servizzi ma jagħtux ċertifikati, diplomi, jew gradi akkademiċi); u servizzi edukattivi oħra.<br>Dan il-punt ma japplikax għall-amministrazzjoni ta' ttestjar edukattiv għall-użu barrani. Għal aktar ċertezza, xejn f'dan il-Ftehim ma jaffettwa lill-awtorità tal-Korea milli tagħżel u tapplika testijiet edukattivi, jew milli tirregola l-kurrikulu tal-iskola skont il-politika dwar l-edukazzjoni lokali. |
| 12. Servizzi Soċjali<br>— Servizzi Relatati mas-Saħħa tal-Bniedem | Il-Korea tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura li tagħti trattament differenzjali lil persuni ta' pajjiżi oħra fir-rigward tas-servizzi relatati mas-saħħa tal-bniedem.<br>Dan il-punt ma japplikax għall-miżuri preferenzjali previsti fl-*Att dwar l-Istabbiliment u l-Ġestjoni ta' Żoni Ekonomiċi Ħielsa* (Att Nru. 9216, tas-26 ta' Diċembru, 2008), u l-*Att Speċjali dwar it-Twaqqif tal-Provinċja Speċjaliu Awtonoma ta' Jeju u l-Ħolqien ta' Belt Internazzjonali Ħielsa* (Att Nru. 9526, tal-25 ta' Marzu, 2009) li huma relatati mal-istabbiliment ta' faċilitajiet mediċi, spiżeriji, u faċilitajiet simili, u l-forniment ta' servizzi mediċi remoti għal dawk iż-żoni ġeografiċi speċifikati f'dawk l-Atti. |

www.parlament.gv.at

| Settur jew sottosettur | Deskrizzjoni tal-Miżura li Tindika l-Inkonsistenza tagħha mal-MFN |
|---|---|
| 13. Servizzi ta' Divertiment, Kulturali u Sportivi<br>— Produzzjoni ta' Films taċ-Ċinema, Reklamar, jew Servizzi ta' Wara l-Produzzjoni | Il-Korea tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura li tagħti trattament differenzjali lil persuni ta' pajjiżi oħra fir-rigward ta' produzzjoni ta' films taċ-ċinema, reklamar, jew servizzi ta' wara l-produzzjoni. |
| 14. Servizzi ta' Trasport<br>— Trasport Marittimu tal-Passiġġieri u Kabotaġġ Marittimu | Il-Korea tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kull miżura li tagħti trattament differenzjali lil persuni ta' pajjiżi oħra fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' trasport marittimu internazzjonali ta' passiġġieri, kabotaġġ marittimu, u l-operat ta' bastimenti Koreani, inkluż il-miżuri li ġejjin:<br>Persuna li tipprovdi servizzi ta' trasport marittimu internazzjonali tal-passiġġieri trid tikseb liċenzja mingħand il-Ministru tal-Art, it-Trasport u l-Affarijiet Marittimi, li hija soġġetta għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.<br>Il-kabotaġġ marittimu huwa riżervat għal bastimenti Koreani. Il-kabotaġġ marittimu jinkludi t-trasport marittimu bejn il-portijiet li jinstabu tul il-peniżola Koreana kollha u l-gżejjer fil-qrib. Bastiment Korean tfisser:<br>(a) bastiment li jkun proprjetà tal-gvern Korean, impriża tal-Istat, jew ta' istituzzjoni stabbilita taħt il-Ministeru tal-Art, it-Trasport u l-Affarijiet Marittimi;<br>(b) bastiment li jkun proprjetà ta' ċittadin Korean;<br>(c) bastiment li jkun proprjetà ta' impriża organizzata taħt il-Kodiċi Kummerċjali Korean;<br>bastiment li jkun proprjetà ta' impriża organizzata taħt liġi barranija li jkollha l-uffiċċju ewlieni tagħha fil-Korea u li d-*dae-pyo-ja* tagħha (pereżempju, il-kap eżekuttiv ewlieni, il-president, jew uffiċjal anzjan ewlieni ieħor) ikun ċittadin Korean. F'każ li jkun hemm iktar minn wieħed, id-*dae-pyo-ja* kollha jridu jkunu ċittadini Koreani. |

www.parlament.gv.at

*ANNESS 7-D*

**L-IMPENN ADDIZZJONALI FUQ IS-SERVIZZI FINANZJARJI**

Trasferiment ta' informazzjoni

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tat-trasferiment transkonfinali tal-informazzjoni mill-fornituri tas-servizzi finanzjarji. Il-Korea esprimiet l-intenzjoni tagħha li tagħmel xi modifiki fir-reġim regolatorju tagħha li għandhom iwasslu biex din tadotta metodi li jippermettu t-trasferiment transkonfinali ta' informazzjoni finanzjarja, filwaqt li jindirizzaw ċerti oqsma bħalma huma l-protezzjoni ta' informazzjoni sensittiva tal-konsumaturi, il-projbizzjonijiet fuq l-użu mill-ġdid mhux awtorizzat ta' informazzjoni sensittiva, il-kapaċità tar-regolaturi finanzjarji sabiex ikollhom aċċess għad-dejta tal-fornituri tas-servizzi finanzjarji relatati mal-ittrattar ta' informazzjoni bħal din, u rekwiżiti għall-okkażjoni ta' faċilitajiet tat-teknoloġija. (1)

Prestazzjoni tal-funzjonijiet

2. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-benefiċċji li fornitur tas-servizzi finanzjarji jkun awtorizzat fit-territorju ta' Parti biex iwettaq ċerti funzjonijiet fl-uffiċċju ewlieni tiegħu jew fil-fergħat li jkunu sitwati ġewwa jew barra mit-territorju tal-Parti. Safejn ikun prattiku, kull Parti għandha tippermetti uffiċċju jew fergħa bħal dan sabiex jitwettqu dawn il-funzjonijiet li ġeneralment jinkludu, iżda ma jkunux limitati għal:

(a) funzjonijiet kummerċjali u proċessar ta' tranżazzjonijiet, li jinkludu l-konferma u l-produzzjoni ta' dikjarazzjoni;

(b) funzjonijiet relatati mat-teknoloġija, bħall-ipproċessar ta' dejta (2), programmar u żvilupp ta' sistemi;

(c) servizzi amministrattivi, inkluż l-akkwist, arranġamenti ta' vjaġġar, servizzi ta' posta, sigurtà fiżika, ġestjoni ta' spazju ta' uffiċċju u servizzi segretarjali;

(d) attivitajiet ta' riżorsi umani, inklużi taħriġ u edukazzjoni;

(e) funzjonijiet ta' kontabilità, inklużi rikonċiljazzjoni bankarja, baġittjar, stipendji, taxxi, rikonċiljazzjoni ta' kontijiet u żamma ta' kontijiet ta' klijenti u kontijiet riżervati; u

(f) funzjonijiet legali, inklużi l-forniment ta' konsulenza u strateġija ta' litigazzjoni.

3. Xejn fil-paragrafu 2 ma jwaqqaf lil Parti milli teħtieġ lil fornitur tas-servizzi finanzjarji li jinsab fit-territorju tagħha biex iżomm ċerti funzjonijiet.

4. Għal aktar ċertezza, fornitur tas-servizzi finanzjarji li jinstab fit-territorju ta' Parti jkollu r-responsabbiltà aħharija sabiex ikun konformi mar-rekwiżiti applikabbli għal dawk il-funzjonijiet li jsiru mill-uffiċċju ewlieni jew mill-fergħat tiegħu.

Forniment ta' assigurazzjoni mis-servizzi postali lill-pubbliku

5. Il-kontroll tas-servizzi tal-assigurazzjoni ipprovduti minn fornitur tas-servizzi postali ta' Parti lill-pubbliku m'għandux jagħti lill-fornitur tas-servizzi postali ta' Parti vantaġġ kompetittiv fuq fornituri privati ta' servizzi ta' assigurazzjoni simili fit-territorju tal-Parti.

6. Għal dan il-għan, il-Korea għandha, safejn ikun prattiku, tipprovdi li l-Kummissjoni għas-Servizzi Finanzjarji (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"FSC") teżerċita sorveljanza regolatorja fuq is-servizzi ta' assigurazzjoni ipprovduti mill-Korea Post lill-pubbliku u li dawk is-servizzi jkunu soġġetti għall-istess regoli li japplikaw għall-fornituri privati li jipprovdu servizzi simili ta' assigurazzjoni fit-territorju tagħha. (3)

Kooperattivi settorjali li jbiegħu l-assigurazzjoni

7. Il-kontroll tas-servizzi tal-assigurazzjoni pprovduti minn kooperattiva settorjali m'għandux jagħti lill-kooperattiva vantaġġ ekonomiku fuq fornituri privati ta' servizzi ta' assigurazzjoni simili. Safejn ikun prattiku, Parti għandha tapplika l-istess regoli għas-servizzi li jiġu pprovduti minn dawn il-kooperattivi għal servizzi simili li jiġu pprovduti minn assiguraturi privati.

(1) Dan jinkludi, b'mod partikolari, it-trasferiment ta' informazzjoni għal finijiet ta' konformità mar-rekwiżiti ta' trasparenza u rappurtar tal-fornituri tas-servizzi finanzjarji fir-rigward tar-regolaturi finanzjarji ta' pajjiżhom.

(2) Safejn Parti hija obbligata taħt l-Artikolu 7.43 sabiex tippermetti t-trasferiment ta' informazzjoni barra t-territorju tagħha, dik il-Parti għandha tippermetti wkoll l-ipproċessar tad-dejta ta' dik l-informazzjoni wara t-trasferiment.

(3) Dan l-impenn għandu japplika wkoll għall-Komunità Ewropea f'każ li l-formitur tas-servizzi postali ta' kwalunkwe ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jkun involut f'servizzi ta' assigurazzjoni fit-territorju tiegħu.

8. Għal dan il-għan, l-FSC għandha teżerċita sorveljanza regolatorja fuq is-servizzi pprovduti mill-kooperattivi settorjali. Minn tal-inqas, il-Korea għandha tipprovdi li, sa mhux aktar tard minn tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, materji ta' solvenza relatati mal-bejgħ ta' assigurazzjoni mill-Federazzjoni Nazzjonali tal-Kooperattivi tal-Bdiewa, il-Federazzjoni Nazzjonali tal-Kooperattivi tas-Sajjieda, il-Federazzjoni Koreana tal-Kooperattivi tal-Kreditu tal-Unjoni, kif ukoll il-Federazzjoni Nazzjonali tal-Unjoni tal-Kreditu tal-Korea għandhom ikunu soġġetti għall-kontroll tal-FSC.

*Organizzazzjonijiet Awtoregolatorji*

9. L-Istitut tal-Iżvilupp tal-Assigurazzjoni tal-Korea huwa soġġett għad-dixxiplina tal-Artikolu 7.40. Din il-konferma hija mingħajr preġudizzju għall-istatus ta' kull organizzazzjoni oħra f'dan jew fi kwalunkwe sottosettur ieħor tas-servizzi finanzjarji.

10. Għal aktar ċertezza, jekk l-awtorità finanzjarja regolatorja ta' kull Parti tiddelega funzjoni relatata mal-assigurazzjoni lil organizzazzjoni awtoregolatorja jew lil korp mhux governattiv ieħor, l-awtorità għandha tieħu passi raġonevoli sabiex tassigura l-konformità mal-Artikolu 7.39 (Trasparenza) u l-Artikolu 7.23.2 (Kontroll Lokali) fir-rigward ta' kull azzjoni meħuda mill-organizzazzjoni jew minn korp mhux governattiv ieħor skont il-funzjoni li ġiet iddelegata lilha jew lilu.

*ANNESS 8*

Imħalli vojt intenzjonalment

*ANNESS 9*

**KUNTRATTI BOT U KONĊESSJONIJIET TA' XOGĦLIJIET PUBBLIĊI**

*Artikolu 1*

**Definizzjonijiet**

1. **Għall-Korea,**

kuntratt BOT ifisser kull arranġament kuntrattwali li l-għan primarju tiegħu huwa li jipprovdi għall-bini jew għar-riabilitazzjoni ta' infrastruttura fiżika, impjanti, bini, faċilitajiet, jew postijiet tax-xogħol oħrajn li jkunu proprjetà tal-gvern u li taħtu, biex il-fornitur iwettaq arranġament kuntrattwali, entità akkwirenti tagħti lill-fornitur, għal perjodu partikolari ta' żmien, il-pussess temporanju jew id-dritt sabiex dan jikkontrolla u jopera, u jitlob ħlas għall-użu ta', dawn il-postijiet tax-xogħol għall-perjodu kollu tal-kuntratt.

2. **Għall-Unjoni Ewropea,**

konċessjoni ta' xogħlijiet pubbliċi tfisser kuntratt tal-istess tip bħal kuntratt ta' xogħlijiet pubbliċi, ħlief għall-fatt li l-kunsiderazzjoni għax-xogħlijiet li jkunu jridu jsiru tikkonsisti biss jew fid-dritt li jiġi sfruttat ix-xogħol jew inkella f'dan id-dritt flimkien mal-ħlas;

kuntratt ta' xogħlijiet pubbliċi tfisser kuntratti pubbliċi li jkollhom bħala l-għan tagħhom jew it-twettiq, jew kemm id-disinn kif ukoll it-twettiq, ta' xogħlijiet relatati ma' waħda mill-attivitajiet skont it-tifsira tad-Diviżjoni 51 tas-CPC jew xogħol, jew it-twettiq, bi kwalunkwe mezz, ta' xogħol li jikkorrispondi mar-rekwiżiti speċifikati mill-awtorità kontraenti; u

xogħol tfisser ir-riżultat ta' xogħol ta' bini jew ta' inġinerija ċivili b'mod ġenerali li jkun awtosuffiċjenti sabiex jilħaq funzjoni ekonomika jew teknika.

*Artikolu 2*

**Regoli Applikabbli għall-Kuntratti BOT u Konċessjonijiet ta' Xogħlijiet Pubbliċi**

**Trattament Nazzjonali u Non-Diskriminazzjoni**

1. B'rispett għal-liġijiet, ir-regolamenti, il-proċeduri u l-prattiċi kollha rigward il-kuntratti BOT jew il-konċessjonijiet ta' xogħlijiet pubbliċi koperti bl-Artikolu 3 ta' dan l-Anness, kull Parti, inkluż l-entitajiet akkwirenti tagħha, għandha tagħti immedjatament u bla kundizzjoni fir-rigward ta' prodotti, servizzi u fornituri tal-Parti l-oħra, trattament xejn inqas favorevoli mit-trattament li l-Parti, inklużi l-entitajiet akkwirenti tagħha, tagħti għal prodotti, servizzi u fornituri domestiċi.

2. B'rispett għal-liġijiet, ir-regolamenti, il-proċeduri u l-prattiki kollha fir-rigward ta' kuntratti BOT jew konċessjonijiet ta' xogħlijiet pubbliċi koperti bl-Artikolu 3 ta' dan l-Anness, Parti, inkluż l-entitajiet akkwirenti tagħha, ma għandhiex tittratta fornitur stabbilit lokalment tal-Parti l-oħra b'mod inqas favorevoli minn fornitur ieħor stabbilit lokalment minħabba grad ta' affiljazzjoni jew pussess barrani.

**Avviż tal-Kuntratt Maħsub**

3. Kull Parti għandha tiżgura li entità akkwirenti tippubblika avviż tal-kuntratti BOT jew tal-konċessjonijiet ta' xogħlijiet pubbliċi maħsuba, koperti bl-Artikolu 3 ta' dan l-Anness, permezz ta' dokument uffiċjali jew permezz ta' mezz elettroniku xieraq elenkat fl-Artikolu 4 ta' dan l-Anness. L-avviżi għandhom ikunu aċċessibbli għall-fornituri interessati kollha mingħajr ħlas, jekk jista' jkun permezz ta' punt ta' aċċess wieħed, sabiex il-fornituri interessati jkunu jistgħu jitfgħu l-offerti tagħhom jew jagħmlu talba biex ikunu jistgħu jieħdu sehem f'dak il-kuntratt. Kull avviż ta' kuntratt maħsub għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem u l-indirizz tal-entità akkwirenti u kull informazzjoni oħra meħtieġa biex l-entità akkwirenti tkun tista' tiġi kkuntattjata u mingħandha jinkisbu d-dokumenti rilevanti kollha relatati mal-kuntratt;

(b) deskrizzjoni tal-kuntratt;

(ċ) l-indirizz u d-data finali għas-sottomissjoni tal-offerti jew talbiet għall-parteċipazzjoni;

(d) il-lingwa jew il-lingwi li biha/bihom jistgħu jiġu sottomessi l-offerti jew it-talbiet għall-parteċipazzjoni;

(e) lista u deskrizzjoni fil-qosor ta' kwalunkwe kundizzjoni għall-parteċipazzjoni tal-fornituri; u

(f) il-kriterji ewlenin li jridu jintużaw għall-għoti tal-kuntratt.

**Pubblikazzjoni tal-Għoti**

4. F'perjodu ta' żmien raġonevoli mill-għoti tal-kuntratt kopert bl-Artikolu 3 ta' dan l-Anness, kull Parti għandha tiżgura li l-għoti tal-kuntratt isir magħruf pubblikament permezz ta' dokument uffiċjali jew permezz ta' mezz elettroniku xieraq kif previst fl-Artikolu 4 ta' dan l-Anness, li jindika l-isem u l-indirizz tal-entità akkwirenti u tal-fornitur rebbieħ.

**Reviżjoni**

5. Kull Parti għandha tiżgura li jkun hemm sistema ta' reviżjoni effikaċi tad-deċiżjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti koperti b'dan l-Anness. Dan l-obbligu ma jeħtieġx l-istabbiliment ta' sistema ta' reviżjoni amministrattiva jew ġudizzjarja speċjali.

**Regoli u Proċeduri Oħrajn**

6. Soġġett għall-paragrafi 1 sa 5, dan l-Anness huwa bla preġudizzju għall-miżuri meħudin mill-Partijiet sabiex iheġġu lil negozji żgħar u ta' daqs medju sabiex jieħdu sehem f'kuntratti BOT jew f'konċessjonijiet ta' xogħlijiet pubbliċi skont il-liġijiet tagħhom.

**Sikurezza u Eċċezzjonijiet Ġenerali**

7. Xejn f'dan l-Anness ma għandu jiġi interpretat bħala li qed jipprevjeni lil kull Parti milli tieħu kwalunkwe azzjoni jew milli ma tiżvelax informazzjoni li din tikkunsidra bħala meħtieġa għall-protezzjoni tal-interessi essenzjali tas-sikurezza tagħha u li tkun relatata mal-akkwist ta' armi, munizzjon jew materjal tal-gwerra, jew mal-akkwist li jkun indispensabbli għas-sigurtà nazzjonali jew għal finijiet ta' difiża nazzjonali.

8. Soġġett għar-rekwiżit li dawn il-miżuri ma jkunux applikati b'mod li jkun jikkostitwixxi mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew mhux ġustifikabbli bejn il-Partijiet fejn hemm l-istess kundizzjonijiet, jew fejn hemm restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ internazzjonali, xejn f'dan l-Anness ma għandu jiġi interpretat li qed jipprevjeni lil xi Parti milli timponi jew tinforza miżuri li jkunu:

(a) meħtieġa sabiex jipproteġu l-morali, l-ordni jew is-sikurezza pubblika;

(b) meħtieġa sabiex jipproteġu l-ħajja jew is-saħħa tal-bnedmin, tal-annimali jew tal-pjanti;

(ċ) meħtieġa sabiex jipproteġu l-proprjetà intellettwali; jew

(d) relatati ma' prodotti jew servizzi ta' persuni b'diżabbiltajiet, istituzzjonijiet filantropiċi jew xogħol fil-ħabs.

L 127/1318 MT Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea 14.5.2011

*Artikolu 3*

**Ambitu u Firxa**

1. Dan l-Anness għandu japplika għal kuntratti BOT u għal konċessjonijiet ta' xogħlijiet pubbliċi li l-valur tagħhom ikun ta' iżjed minn 15 000 000 SDR.

2. Fir-rigward tal-Unjoni Ewropea, dan l-Anness ikopri konċessjonijiet ta' xogħlijiet pubbliċi tal-entitajiet elenkati fl-Annessi 1 u 2 tal-Appendiċi I tal-GPA 1994 tal-Unjoni Ewropea u fl-Annessi korrispondenti tagħhom, fi kwalunwe ftehim li jissostitwixxi jew li jemenda l-GPA 1994, fis-setturi stabbiliti fihom.

3. Fir-rigward tal-Korea, dan l-Anness ikopri kuntratti BOT tal-entitajiet elenkati fl-Annessi 1 u 2 tal-Appendiċi I tal-GPA 1994 tal-Korea u fl-Annessi li jikkorrispondu tagħhom, fi kwalunkwe ftehim li jissostitwixxi jew li jemenda l-GPA 1994, u, barra minn hekk, il-kuntratti BOT tal-gvernijiet lokali kollha (1) ta' Seoul, Busan, Incheon u Gyonggi-do.

*Artikolu 4*

**Mezzi ta' Pubblikazzjoni**

1. **Għall-Korea,**

Il-homepage tal-Internet ta' kull entità fl-Annessi 1 u 2 tal-GPA 1994 tal-Korea Appendiċi I u fl-Annessi korrespondenti tagħhom fi ftehim li jissostitwixxi jew li jemenda l-GPA 1994, u l-gvernijiet lokali kollha ta' Seoul, Busan, Incheon u Gyonggi-do u l-gazzetti ta' kuljum.

2. **Għall-Unjoni Ewropea,**

is-sistema ta' informazzjoni għall-akkwisti pubbliċi Ewropej:

http://simap.europa.eu/index_mt.html

Il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

(1) Għall-Korea, gvern lokali tfisser gvern lokali kif definit fl-*Att dwar l-Awtonomija Lokali.*

*ANNESS 10-A*

## INDIKAZZJONIJIET ĠEOGRAFIĊI GĦAL PRODOTTI AGRIKOLI U OĠĠETTI TAL-IKEL

PARTI A

**PRODOTTI AGRIKOLI U OĠĠETTI TAL-IKEL LI JORIĠINAW MILL-UNJONI EWROPEA** ([1]) ([2])

(kif hemm referenza għalihom fl-Artikolu 10.18.4)

L-AWSTRIJA

| Isem li għandu jiġi protett | Prodott | Traskrizzjoni fl-alfabett Korean |
|---|---|---|
| Tiroler Speck | Perżut | 티롤러 슈페크 |
| Steirischer Kren | Għeruq tal-mustarda (Horseradish) | 슈타이리셔 크렌 |

IR-REPUBBLIKA ĊEKA

| Isem li għandu jiġi protett | Prodott | Traskrizzjoni fl-alfabett Korean |
|---|---|---|
| České pivo | Birra | 체스께 삐보/체스케 피보 |
| Budějovické pivo | Birra | 부뎨요비츠께 삐보/부데요비츠케 피보 |
| Budějovický měšťanský var | Birra | 부뎨요비츠끼 므녜슈땬스키 바르/부데요비츠키 므네스탄스키바르 |
| Českobudějovické pivo | Birra | 체스꼬부뎨요비츠께 삐보/체스코부데요비츠케 피보 |
| Žatecký chmel | Ħops | 쟈떼츠끼 흐멜/자테츠키 흐멜 |

FRANZA

| Isem li għandu jiġi protett | Prodott | Traskrizzjoni fl-alfabett Korean |
|---|---|---|
| Comté | Ġobon | 꽁떼/콩테 |
| Reblochon | Ġobon | 르블로숑/레블로숑 |
| Roquefort | Ġobon | 로끄포르/로크포르 |
| Camembert de Normandie | Ġobon | 까망베르 드 노르망디/카망베르 드 노르망디 |
| Brie de Meaux | Ġobon | 브리 드 모 |

([1]) Kliem miktub bil-korsiv mhuwiex parti mill-GI.
([2]) Fejn GI tkun preżenti kif ġej: "Szegedi téliszalámi / Szegedi szalámi", dan ifisser li ż-żewġ termini jistgħu jintużaw flimkien, jew kull terminu jista' jintuża għalih waħdu.

| Isem li għandu jiġi protett | Prodott | Traskrizzjoni fl-alfabett Korean |
|---|---|---|
| Emmental de Savoie | Ġobon | 에멘탈 드 사부아/에멩딸 드 싸부아 |
| Pruneaux d'Agen / Pruneaux d'Agen mi-cuits | Għanbaqar imsajrin imnixxfin | 프뤼노 다장/프뤼노 다쟁<br>프뤼노 다장 미뀌이/프뤼노 다쟁 미뀌이 |
| Huîtres de Marennes-Oléron | Gajdri | 위트르 드 마렌느 올레롱 (마렌느 올레롱 굴) |
| Canards à foie gras du Sud-Ouest (Chalosse, Gascogne, Gers, Landes, Périgord, Quercy) | Fwied grass tal-papri | 꺄나르 아 푸아그라 뒤 쉬드우에스트 (샬로스, 가스콘/가스꼰뉴, 제르스, 랑드/렁드, 페리고르/뻬리고르, 케르시/꼐르시) (프랑스 남서부 푸아그라 오리) |
| Jambon de Bayonne | Perżut | 쟝봉 드 바이욘 (바이욘 햄) |
| Huile d'olive de Haute-Provence | Żejt taż-Żebbuġa | 윌돌리브 드 오뜨 프로방스 (오뜨 프로방스 올리브유) |
| Huile essentielle de lavande de Haute-Provence | Żejt essenzjali tal-lavanda | 윌 에쌍시엘 드 라벙드 드 오뜨 프로방스 (오뜨 프로방스 라벤더 에센스 오일) |

IL-ĠERMANJA

| Isem li għandu jiġi protett | Prodott | Traskrizzjoni fl-alfabett Korean |
|---|---|---|
| Bayerisches Bier | Birra | 바이어리쉐스 비어 |
| Münchener Bier | Birra | 뮌헤너 비어 |

IL-GREĊJA

| Isem li għandu jiġi protett | Prodott | Traskrizzjoni fl-alfabett Korean |
|---|---|---|
| Ελιά Καλαμάτας (*traskrizzjoni fl-alfabett Latin:* Elia Kalamatas) | Żebbuġ | 엘리아 깔라마따스 |
| Μαστίχα Χίου (*traskrizzjoni fl-alfabett Latin:* Masticha Chiou) | Gomma | 마스티하 히우 |
| Φέτα (*traskrizzjoni fl-alfabett Latin:* Feta) | Ġobon | 페따 |

L-UNGERIJA

| Isem li għandu jiġi protett | Prodott | Traskrizzjoni fl-alfabett Korean |
|---|---|---|
| Szegedi téliszalámi / Szegedi szalámi | Salami | 세게드 텔리살라미/세게드 살라미 |

L-ITALJA

| Isem li għandu jiġi protett | Prodott | Traskrizzjoni fl-alfabett Korean |
|---|---|---|
| Aceto balsamico Tradizionale di Modena | Zalza - kondiment | 아체토 발사미코 트라디치오날레 디 모데나 (모데나의 전통 발사믹 식초) |
| Cotechino Modena | Zalzett tal-laħam tal-majjal | 코테키노 모데나 (모데나의 코테키노 <소시지의 일종>) |
| Zampone Modena | Laħam tal-majjal | 잠포네 모데나 (모데나의 돼지 앞발) |
| Mortadella Bologna | Zalzett kbir tal-laħam tal-majjal | 모르타델라 볼로냐 (볼로냐의 모르타델라 <소시지의 일종>) |
| Prosciutto di Parma | Perżut | 프로슈토 디 파르마 (생햄) |
| Prosciutto di S. Daniele | Perżut | 프로슈토 디 산 다니엘레 (생햄) |
| Prosciutto Toscano | Perżut | 프로슈토 토스카노 (생햄) |
| Provolone Valpadana | Ġobon | 프로볼로네 발파다나 (치즈의 일종) |
| Taleggio | Ġobon | 탈레조 (베르가모 산 치즈의 일종) |
| Asiago | Ġobon | 아시아고 |
| Fontina | Ġobon | 폰티나 (발다오스타 지역의 치즈의 일종) |
| Gorgonzola | Ġobon | 고르곤졸라 (치즈의 일종) |

| | | |
|---|---|---|
| Grana Padano | Ġobon | 그라나 파다노 (치즈의 일종) |
| Mozzarella di Bufala Campana | Ġobon | 모차렐라 디 부팔라 캄파나 (물소젖 치즈의 일종) |
| Parmigiano Reggiano | Ġobon | 파르미자노 레자노 (치즈의 일종) |
| Pecorino Romano | Ġobon | 페코리노 로마노 (로마의 페코리노 <양젖 치즈의 일종>) |

IL-PORTUGALL

| Isem li għandu jiġi protett | Prodott | Traskrizzjoni fl-alfabett Korean |
|---|---|---|
| Queijo de São Jorge | Ġobon | 께이주 드 썽 조르쥐 |

SPANJA

| Isem li għandu jiġi protett | Prodott | Traskrizzjoni fl-alfabett Korean |
|---|---|---|
| Baena | Żejt taż-Żebbuġa | 바에나 |
| Sierra Mágina | Żejt taż-Żebbuġa | 씨에라 마히나 |
| Aceite del Baix-Ebre-Montsía / Oli del Baix Ebre-Montsià | Żejt taż-Żebbuġa | 아쎄이떼 델 바제브라몬시아/올리델 바제브라몬시아 (바제브라몬시아 오일) |
| Aceite del Bajo Aragón | Żejt taż-Żebbuġa | 아쎄이떼 델 바호 아라곤 (바호 아라곤산 기름) |
| Antequera | Żejt taż-Żebbuġa | 안테께라 |
| Priego de Córdoba | Żejt taż-Żebbuġa | 쁘리에고 데 꼬르도바 |
| Sierra de Cádiz | Żejt taż-Żebbuġa | 씨에라 데 까디스 |
| Sierra de Segura | Żejt taż-Żebbuġa | 씨에라 데 세구라 |
| Guijuelo | Perżut | 기후엘로 |

| Isem li għandu jiġi protett | Prodott | Traskrizzjoni fl-alfabett Korean |
|---|---|---|
| Jamón de Huelva | Perżut | 하몬 데 우엘바 (우엘바산 햄류) |
| Jamón de Teruel | Perżut | 하몬 데 떼루엘 (떼루엘산 햄류) |
| Salchichón de Vic / Llonganissa de Vic | Zalzett | 살치촌 데 빅 /룽가니싸 데 빅 (빅산 살치촌, 육가공품의 일종) |
| Mahón-Menorca | Ġobon | 마온-메노르까 |
| Queso Manchego | Ġobon | 께소 만체고 (라 만차산 치즈) |
| Cítricos Valencianos / Cítrics Valencians | Ċitru | 씨뜨리꼬스 발렌씨아노스 (발렌씨아산 감귤류) |
| Jijona | Qubbajt | 히호나 |
| Turrón de Alicante | Ħelu | 뚜론 데 알리깐떼 (알리깐떼산 설탕 과자류) |
| Azafrán de la Mancha | Żagħfran | 아싸프란 데 라 만차 (라 만차산 사프란) |

PARTI B

**PRODOTTI U OĠĠETTI TAL-IKEL LI JORIĠINAW FIL-KOREA**

(kif hemm referenza għal dan fl-Artikolu 10.18.3)

| Isem li għandu jiġi protett | Prodott | Traskrizzjoni fl-alfabett Latin |
|---|---|---|
| 보성녹차 (Te Aħdar ta' Boseong) | Te Aħdar | Boseong Nokcha |
| 하동녹차 (Te Aħdar ta' Hadong) | Te Aħdar | Hadong Nokcha |
| 고창복분자주 (Inbid tal-Lampun Iswed ta' Gochang) | Inbid tal-Lampun Iswed | Gochang Bokbunjaju |
| 서산마늘 (Tewm ta' Seosan) | Tewm | Seosan Maneul |

| Isem li ghandu jiġi protett | Prodott | Traskrizzjoni fl-alfabett Latin |
|---|---|---|
| 영양고춧가루<br>(Trab tal-Bżar Aħmar ta' Yeongyang) | Trab tal-Bżar Aħmar | Yeongyang Gochutgaru |
| 의성마늘<br>(Tewm ta' Uiseong) | Tewm | Uiseong Maneul |
| 괴산고추<br>(Bżar Aħmar Imnixxef ta' Goesan) | Bżar Aħmar | Goesan Gochu |
| 순창전통고추장<br>(Gochujang Tradizzjonali ta' Sunchang) | Gochujang | Sunchang Jeontong Gochujang |
| 괴산고춧가루<br>(Trab tal-Bżar Aħmar ta' Goesan) | Trab tal-Bżar Aħmar | Goesan Gochutgaru |
| 성주참외<br>(Chamoe ta' Seongju) | Bettieħ Orjentali | Seongju Chamoe |
| 해남겨울배추<br>(Bakku tax-Xitwa ta' Haenam) | Kaboċċa Ċiniża | Haenam Gyeoul Baechu |
| 이천쌀<br>(Ross ta' Icheon) | Ross | Icheon Ssal |
| 철원쌀<br>(Ross ta' Cheorwon) | Ross | Cheorwon Ssal |
| 고흥유자<br>(Yuja ta' Goheung ) | Tronġ | Goheung Yuja |
| 홍천찰옥수수<br>(Qamħirrun ta' Hongcheon) | Qamħirrun | Hongcheon Charoksusu |
| 강화약쑥<br>(Artemisja ta' Ganghwa) | Artemisja | Ganghwa Yakssuk |
| 횡성한우고기<br>(Ċanga ta' Hanwoo ta' Hoengseong) | Ċanga | Hoengseong Hanwoogogi |
| 횡성한우고기<br>(Majjal ta' Jeju) | Majjal | Jeju Dwaejigogi |
| 고려홍삼<br>(Ġinseng Aħmar Korean) | Ġinseng Aħmar | Goryeo Hongsam |
| 고려백삼<br>(Ġinseng Abjad Korean) | Ġinseng Abjad | Goryeo Baeksam |

| Isem li għandu jiġi protett | Prodott | Traskrizzjoni fl-alfabett Latin |
|---|---|---|
| 고려태극삼<br>(Ġinseng Taekuk Korean) | Ġinseng Taekuk | Goryeo Taekuksam |
| 충주사과<br>(Tuffieħ ta' Chungju) | Tuffieħ | Chungju Sagwa |
| 밀양얼음골사과<br>(Tuffieħ ta' Eoreumgol ta' Miryang) | Tuffieħ | Miryang Eoreumgol Sagwa |
| 정선황기<br>(Jeongseon Hwanggi) | Għeruq tal-kafè Messikan tal-ġenus Astragalus (Milk vetch) | Jeongseon Hwanggi |
| 남해마늘<br>(Tewm ta' Namhae) | Tewm | Namhae Maneul |
| 단양마늘<br>(Tewm ta' Danyang) | Tewm | Danyang Maneul |
| 창녕양파<br>(Basal ta' Changnyeong) | Basal | Changnyeong Yangpa |
| 무안양파<br>(Basal ta' Muan) | Basal | Muan Yangpa |
| 여주쌀<br>(Ross ta' Yeoju) | Ross | Yeoju Ssal |
| 무안백련차<br>(Te tal-Lotus Abjad ta' Muan) | Te tal-Lotus Abjad | Muan Baengnyeoncha |
| 청송사과<br>(Tuffieħ ta' Cheongsong) | Tuffieħ | Cheongsong Sagwa |
| 고창복분자<br>(Lanpur iswed ta' Gochang) | Lanpur iswed | Gochang Bokbunja |
| 광양매실<br>(Maesil ta' Gwangyang) | Berquq | Gwangyang Maesil |
| 정선찰옥수수<br>(Qamħirrun ta' Jeongseon) | Qamħirrun | Jeongseon Charoksusu |
| 진부당귀<br>(Chinbu Dangui) | Għerq tal-Angelica Gigas Nakai | Chinbu Dangui |
| 고려수삼<br>(Ġinseng frisk Korean) | Ġinseng frisk | Goryeo Susam |

| Isem li għandu jiġi protett | Prodott | Traskrizzjoni fl-alfabett Latin |
|---|---|---|
| 청양고추<br>(Bżar Aħmar ta' Cheongyang) | Bżar Aħmar | Cheongyang Gochu |
| 청양고춧가루<br>(Trab tal-Bżar Jaħraq ta' Cheongyang) | Trab tal-Bżar Aħmar | Cheongyang Gochutgaru |
| 해남고구마<br>(Patata Ħelwa ta' Haenam) | Patata Ħelwa | Haenam Goguma |
| 영암무화과<br>(Tin ta' Yeongam) | Tin | Yeongam Muhwagwa |
| 여주고구마<br>(Patata Ħelwa ta' Yeoju) | Patata Ħelwa | Yeoju Goguma |
| 함안수박<br>(Dulliegħ ta' Haman) | Dulliegħ | Haman Subak |
| 고려인삼제품<br>(Prodotti Koreani tal-Ġinseng) | Prodotti tal-Ġinseng Abjad jew tal-Ġinseng Taekuk | Goryeo Insamjepum |
| 고려홍삼제품<br>(Prodotti Koreani tal-Ġinseng Aħmar ) | Prodotti tal-Ġinseng Aħmar | Goryeo Hongsamjepum |
| 군산찰쌀보리쌀<br>(Barli Glutinuż ta' Gunsan) | Barli | Gunsan Chalssalborissal |
| 제주녹차<br>(Te Aħdar ta' Jeju) | Te Aħdar | Jeju Nokcha |
| 홍천한우<br>(Hanwoo ta' Hongcheon) | Ċanga | Hongcheon Hanwoo |
| 양양송이버섯<br>(Faqqiegħ tal-arżnu ta' Yangyang) | Faqqiegħ tal-arżnu | Yangyang Songibeoseot |
| 장흥표고버섯<br>(Faqqiegħ tal-ballut ta' Jangheung) | Faqqiegħ tal-ballut | Jangheung Pyogobeoseot |
| 산청곶감<br>(Kaki Mnixxef ta' Sancheong) | Kaki Mnixxef | Sancheong Gotgam |
| 정안밤<br>(Qastan ta' Jeongan) | Qastan | Jeongan Bam |
| 울릉도삼나물<br>(Samnamul ta' Ulleungdo) | Aruncus dioicus | Ulleungdo Samnamul |

| Isem li għandu jiġi protett | Prodott | Traskrizzjoni fl-alfabett Latin |
|---|---|---|
| 울릉도미역취<br>(Miyeokchwi ta' Ulleungdo) | Virga tad-deheb | Ulleungdo Miyeokchwi |
| 울릉도참고비<br>(Chamgobi ta' Ulleungdo) | Felċa | Ulleungdo Chamgobi |
| 울릉도부지갱이<br>(Bujigaengi ta' Ulleungdo) | Aster | Ulleungdo Bujigaengi |
| 경산대추<br>(Żinżel ta' Gyeongsan) | Żinżel (tamal) | Gyeongsan Daechu |
| 봉화송이<br>(Faqqiegħ tal-arżnu ta' Bonghwa) | Faqqiegħ tal-arżnu | Bonghwa Songi |
| 청양구기자<br>(Gugija ta' Cheongyang) | Boxthorn (Lycium) | Cheongyang Gugija |
| 상주곶감<br>(Kaki Mnixxef ta' Sangju) | Kaki Mnixxef | Sangju Gotgam |
| 남해창선고사리<br>(Felċa ta' Changsun ta' Namhae) | Felċa | Namhae Changsun Gosari |
| 영덕송이<br>(Faqqiegħ tal-arżnu ta' Yeongdeok) | Faqqiegħ tal-arżnu | Yeongdeok Songi |
| 구례산수유<br>(Corni fructus ta' Gurye) | Corni fructus | Gurye Sansuyu |
| 광양백운산<br>(Linfa ta' Acer mono ta' baekunsan ta' Gwangyang) | Linfa | Gwangyang baekunsan Gorosoe |

*ANNESS 10-B*

**INDIKAZZJONIJIET ĠEOGRAFIĊI GĦAL INBEJJED, INBEJJED AROMATIZZATI U SPIRTI**

PARTI A

**INBEJJED, INBEJJED AROMATIZZATI U SPIRTI LI JORIĠINAW FL-UNJONI EWROPEA** ([1])

(kif hemm referenza għalihom fl-Artikolu 10.19.1)

TAQSIMA 1.

**Inbejjed li joriġinaw fl-Unjoni Ewropea**

FRANZA

| Isem li għandu jiġi protett | Traskrizzjoni fl-alfabett Korean |
|---|---|
| Beaujolais | 보졸레 |
| Bordeaux | 보르도 |
| Bourgogne | 부르고뉴/버건디 |
| Chablis | 샤블리/샤블리스 |
| Champagne | 샹파뉴/샴페인/샹빠뉴 |
| Graves | 그라브 |
| Médoc | 메독/매독 |
| Moselle | 모젤 |
| Saint-Emilion | 쌩떼밀리옹/생테밀리옹 |
| Sauternes | 쏘떼른/소테른 |
| Haut-Médoc | 오메독/오매독 |
| Alsace | 알자스 |
| Côtes du Rhône | 꼬뜨 뒤 론/코트 뒤 론 |
| Languedoc | 랑그독 |
| Côtes du Roussillon | 꼬뜨 뒤 루시옹/코트 뒤 루시옹 |
| Châteauneuf-du-Pape | 샤또 네프 뒤 빠쁘/샤토 네프 뒤 파프 |
| Côtes de Provence | 꼬뜨 드 프로방스/코트 드 프로방스 |
| Margaux | 마르고/마고 |
| Touraine | 뚜렌느/투렌 |
| Anjou | 앙주/앙쥬 |
| Val de Loire | 발 드 루아르/발 드 르와르 |

([1]) Kliem miktub bil-*korsiv* mhuwiex parti mill-GI.

IL-ĠERMANJA

| Isem li għandu jiġi protett | Traskrizzjoni fl-alfabett Korean |
|---|---|
| Mittelrhein | 미텔라인 |
| Rheinhessen | 라인헤센 |
| Rheingau | 라인가우 |
| Mosel | 모젤 |

IL-GREĊJA

| Isem li għandu jiġi protett | Traskrizzjoni fl-alfabett Korean |
|---|---|
| Ρετσίνα (*traskrizzjoni fl-alfabett Latin*: Retsina) | 레찌나 |
| Σάμος (*traskrizzjoni fl-alfabett Latin*: Samos) | 사모스 |

L-UNGERIJA

| Isem li għandu jiġi protett | Traskrizzjoni fl-alfabett Korean |
|---|---|
| Tokaj | 토카이 |

L-ITALJA

| Isem li għandu jiġi protett | Traskrizzjoni fl-alfabett Korean |
|---|---|
| Chianti | 키안티 |
| Marsala | 마르살라 |
| Asti | 아스티 |
| Barbaresco | 바르바레스코 |
| Bardolino | 바르돌리노 |
| Barolo | 바롤로 |
| Brachetto d'Acqui | 브라케토 다퀴 |
| Brunello di Montalcino | 브루넬로 디 몬탈치노 |
| Vino nobile di Montepulciano | 비노 노빌레 디 몬테 풀치아노 |
| Bolgheri Sassicaia | 볼게리 사씨카이아 |
| Dolcetto d'Alba | 돌체토 달바 |
| Franciacorta | 프란차코르타 |
| Lambrusco di Sorbara | 람브루스코 디 소르바라 |
| Lambrusco Grasparossa di Castelvetro | 람브루스코 그라스파로사 디 카스텔 베트로 |
| Montepulciano d'Abruzzo | 몬테풀치아노 다브루초 |
| Soave | 소아베 |

| Isem li għandu jiġi protett | Traskrizzjoni fl-alfabett Korean |
|---|---|
| Campania | 캄파니아 |
| Sicilia | 시칠리아 |
| Toscana | 토스카나 |
| Veneto | 베네토 |
| Conegliano Valdobbiadene | 코넬리아노 발도삐아데네 |

IL-PORTUGALL

| Isem li għandu jiġi protett | Traskrizzjoni fl-alfabett Korean |
|---|---|
| Madeira | 마데이라 |
| Porto *jew* Port | 뽀르뚜 |
| Douro | 도우루 |
| Dão | 더옹 |
| Bairrada | 바이하다 |
| Vinho Verde | 비뉴 베르드 |
| Alentejo | 알렌떼쥬 |

IR-RUMANIJA

| Isem li għandu jiġi protett | Traskrizzjoni fl-alfabett Korean |
|---|---|
| Dealu Mare | 데알루 마레 |
| Murfatlar | 무르파트라르 |

IS-SLOVAKKJA

| Isem li għandu jiġi protett | Traskrizzjoni fl-alfabett Korean |
|---|---|
| Tokajská *jew* Tokajský *jew* Tokajské | 토카이스카/토카이스키/토카이스케 |

SPANJA

| Isem li għandu jiġi protett | Traskrizzjoni fl-alfabett Korean |
|---|---|
| Málaga | 말라가 |
| Rioja | 리오하 |
| Jerez – Xérès – Sherry *jew* Jerez *jew* Xérès *jew* Sherry | 헤레스 – 헤레스 – 쉐리, 헤레스, 헤레스 또는 쉐리 |
| Manzanilla - Sanlúcar de Barrameda | 만싸니야 – 산루까르 데 바라메다 |
| La Mancha | 라 만차 |
| Cava | 까바 |

| Isem li għandu jiġi protett | Traskrizzjoni fl-alfabett Korean |
|---|---|
| Navarra | 나바라 |
| Valencia | 발렌씨아 |
| Somontano | 소몬따노 |
| Ribera del Duero | 리베라 델 두에로 |
| Penedés | 뻬네데스 |
| Bierzo | 비에르쏘 |
| Ampurdán-Costa Brava | 암뿌르단 – 꼬스따 브라바 |
| Priorato *jew* Priorat | 쁘리오라또/쁘리오랕 |
| Rueda | 루에다 |
| Rías Baixas | 리아스 바이샤스 |
| Jumilla | 후미야 |
| Toro | 또로 |
| Valdepeñas | 발데뻬냐스 |
| Cataluña | 까딸루냐 |
| Alicante | 알리깐떼 |

TAQSIMA 2.

**Spirti li joriġinaw mill-Unjoni Ewropea** (1) (2)

L-AWSTRIJA

| Isem li għandu jiġi protett | Traskrizzjoni fl-alfabett Korean |
|---|---|
| Jägertee / Jagertee / Jagatee | 예거테 |
| Inländerrum | 인랜더룸 |
| Korn / Kornbrand (1) | 코언/코언브란드 |

(1) Prodott tal-Awstrija, tal-Belġju (Komunità li Titkellem bil-Ġermaniż), tal-Ġermanja.

IL-BELĠJU

| Isem li għandu jiġi protett | Traskrizzjoni fl-alfabett Korean |
|---|---|
| Korn / Kornbrand (1) | 코언/코언브란드 |

(1) Prodott tal-Awstrija, tal-Belġju (Komunità li Titkellem bil-Ġermaniż), tal-Ġermanja.

(1) Kliem miktub bil-korsiv mhuwiex parti mill-GI.
(2) Fejn GI tkun preżenti kif ġej: "Korn / Kornbrand", dan ifisser li ż-żewġ termini jistgħu jintużaw jew flimkien, jew kull terminu jista' jintuża għalih.

ĊIPRU

| Isem li għandu jiġi protett | Traskrizzjoni fl-alfabett Korean |
|---|---|
| Ouzo ([1]) | 우조 |

([1]) Prodott ta' Ċipru jew tal-Greċja.

IL-FINLANDJA

| Isem li għandu jiġi protett | Traskrizzjoni fl-alfabett Korean |
|---|---|
| Vodka of Finland | 보드카 오브 핀란드 |
| Finnish berry liqueur / Finnish fruit liqueur | 피니쉬 베리 리큐/피니쉬 프루트 리큐 |

FRANZA

| Isem li għandu jiġi protett | Traskrizzjoni fl-alfabett Korean |
|---|---|
| Cognac | 꼬냑/코냑 |
| Armagnac | 아르마냑 |
| Calvados | 깔바도스/칼바도스 |

IL-ĠERMANJA

| Isem li għandu jiġi protett | Traskrizzjoni fl-alfabett Korean |
|---|---|
| Korn / Kornbrand ([1]) | 코언/코언브란드 |

([1]) Prodott tal-Awstrija, tal-Belġju (Komunità li Titkellem bil-Ġermaniż), tal-Ġermanja.

IL-GREĊJA

| Isem li għandu jiġi protett | Traskrizzjoni fl-alfabett Korean |
|---|---|
| Ouzo ([1]) | 우조 |

([1]) Prodott ta' Ċipru jew tal-Greċja.

L-UNGERIJA

| Isem li għandu jiġi protett | Traskrizzjoni fl-alfabett Korean |
|---|---|
| Törkölypálinka | 퇴르쾨이팔린카 |
| Pálinka | 팔린카 |

L-IRLANDA

| Isem li għandu jiġi protett | Traskrizzjoni fl-alfabett Korean |
|---|---|
| Irish whiskey / Irish whisky | 아이리쉬 위스키 (양주의 일종) |

L-ITALJA

| Isem li għandu jiġi protett | Traskrizzjoni fl-alfabett Korean |
|---|---|
| Grappa | 그라파 |

IL-POLONJA

| Isem li għandu jiġi protett | Traskrizzjoni fl-alfabett Korean |
|---|---|
| Polska Wódka / Polish Vodka (Vodka Pollakka) | 폴스카 부드카/폴리쉬 보드카 |
| Wódka ziołowa z Niziny Północnopodlaskiej aromatyzowana ekstraktem z trawy żubrowej / Herbal vodka from the North Podlasie Lowland aromatised with an extract of bison gras (Vodka erbali mill-Art Baxxa ta' Podlasie ta' Fuq aromatizzat b'estratt ta' xaħam tal-bison) | 부드카 지오워바 즈 니지느 푸노쯔노포들라스키에이 아로마티조바나 에크스트라크템 즈 트라브 쥬브로베이/ 허발 보드카 프럼 더 놀스 포들라시에 로우랜드 아로마타이즈드 위드 언 익스트렉트 오브 바이슨 그라스 |
| Polska Wiśniówka / Polish Cherry (Cherry Pollakk) | 폴스카 비쉬니우브카/폴리쉬 체리 |

SPANJA

| Isem li għandu jiġi protett | Traskrizzjoni fl-alfabett Korean |
|---|---|
| Brandy de Jerez | 브랜디 데 헤레스 (헤레스산 브랜디) |
| Pacharán | 빠차란 |

L-ISVEZJA

| Isem li għandu jiġi protett | Traskrizzjoni fl-alfabett Korean |
|---|---|
| Swedish Vodka | 스웨디쉬 보드카 (스웨덴산 보드카) |
| Svensk Aquavit / Svensk Akvavit / Swedish Aquavit | 스웬스크 아쿠아비트/스웬스크 아쿠아비트/스웨디쉬 아쿠아비트 (스웨덴산 아쿠아비트) |
| Svensk Punsch / Swedish Punch | 스웬스크 푼쉬/스웨디쉬 펀치 |

IR-RENJU UNIT

| Isem li għandu jiġi protett | Traskrizzjoni fl-alfabett Korean |
|---|---|
| Scotch Whisky | 스카치 위스키 |

PARTI B

**INBEJJED, INBEJJED AROMATIZZATI U SPIRTI LI JORIĠINAW FIL-KOREA**

(kif hemm referenza għal dan fl-Artikolu 10.19.2)

SPIRTI

| Isem li għandu jiġi protett | Traskrizzjoni għall-alfabett Latin |
|---|---|
| 진도홍주<br>(Jindo Hongju) | Jindo Hongju |

*ANNESS 11*

Imħalli vojt intenzjonalment

*ANNESS 12*

Imħalli vojt intenzjonalment

*ANNESS 13*

**KOOPERAZZJONI DWAR IL-KUMMERĊ U L-IŻVILUPP SOSTENIBBLI**

1. Sabiex jippromwovu l-ilħuq tal-objettivi tal-Kapitolu 13 u biex jgħinu biex jiġu ssodisfati l-obbligi tagħhom skont dan, il-Partijiet stabbilixxew il-lista indikattiva ta' oqsma ta' kooperazzjoni li ġejja:

(a) skambju ta' opinjonijiet dwar l-impatti pożittivi u negattivi ta' dan il-Ftehim fuq l-iżvilupp sostenibbli u modi kif dawn jistgħu jitjiebu, jiġu evitati jew jitnaqqsu, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-valutazzjonijiet tal-impatt tas-sostenibbiltà mwettqa mill-Partijiet;

(b) kooperazzjoni fil-fora internazzjonali responsabbli għall-aspetti soċjali u ambjentali tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli, inkluż b'mod partikolari id-WTO, l-ILO, il-Programm Ambjentali tan-Nazzjonijiet Uniti u ftehimiet ambjentali multilaterali;

(c) kooperazzjoni bil-għan li tiġi promossa r-ratifika ta' Konvenzjonijiet fundamentali u oħrajn tal-ILO u ftehimiet ambjentali multilaterali b'impatt fuq il-kummerċ;

(d) skambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni dwar ir-responsabbiltà u l-kontabilità soċjali korporattiva, inkluż dwar l-implimentazzjoni effikaċi u s-segwitu ta' linji gwida li jkun sar qbil fuqhom f'livell internazzjonali, ta' kummerċ ġust u etiku, ċertifikazzjoni privata u pubblika u skemi ta' tikkettar inkluż l-ekotikkettar u l-akkwisti pubbliċi ekoloġiċi;

(e) skambju ta' opinjonijiet dwar l-impatt fuq il-kummerċ ta' regolamenti, normi u standards ambjentali;

(f) kooperazzjoni dwar aspetti relatati mal-kummerċ tar-reġim internazzjonali attwali u futur dwar it-tibdil fil-klima, inklużi kwistjonijiet dwar is-swieq globali tal-karbonju, modi kif jiġu indirizzati l-effetti negattivi tal-kummerċ fuq il-klima, kif ukoll mezzi għall-promozzjoni ta' teknoloġiji b'karbonju baxx u ta' enerġija effiċjenti;

(g) kooperazzjoni dwar aspetti relatati mal-kummerċ tal-bijodiversità anki fir-rigward tal-bijofjuwils;

(h) kooperazzjoni dwar miżuri relatati mal-kummerċ għall-promozzjoni ta' prattiki sostenibbli tas-sajd;

(i) kooperazzjoni dwar miżuri relatati mal-kummerċ sabiex tiġi indirizzata d-deforestazzjoni anki permezz tal-indirizzar ta' problemi li jirrigwardaw il-qtugħ illegali tas-siġar;

(j) kooperazzjoni dwar aspetti relatati mal-kummerċ ta' ftehimiet ambjentali multilaterali, inkluża l-kooperazzjoni doganali;

(k) kooperazzjoni dwar aspetti relatati mal-kummerċ tal-Aġenda tax-Xogħol Deċenti tal-ILO, inkluż dwar ir-rabtiet il-kummerċ u l-impjieg sħiħ u produttiv, l-aġġustament tas-suq tax-xogħol, standards fundamentali tax-xogħol, statistika tax-xogħol, l-iżvilupp tar-riżorsi umani u t-tagħlim tul il-ħajja, il-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali, id-djalogu soċjali u l-ugwaljanza bejn is-sessi;

(l) skambju ta' opinjonijiet dwar ir-relazzjoni bejn il-ftehimiet ambjentali multilaterali u r-regoli internazzjonali tal-kummerċ; jew

(m) forom oħrajn ta' kooperazzjoni ambjentali skont kif il-Partijiet jidhrilhom li huwa xieraq.

2. Il-Partijiet jaqblu li jkun tajjeb jekk l-attivitajiet kooperattivi żviluppati minnhom ikollhom l-aktar applikazzjoni u benefiċċju wisgħin possibbli.

*ANNESS 14-A*

## MEKKANIŻMU TA' MEDJAZZJONI GĦAL MIŻURI MHUX TARIFFARJI

*Artikolu 1*

**Objettiv**

L-objettiv ta' dan l-Anness huwa li jiffaċilita s-sejbien ta' soluzzjoni li jkun sar qbil fuqu reċiprokament għal miżuri mhux tariffarji li jaffettwaw b'mod negattiv il-kummerċ bejn il-Partijiet permezz ta' proċedura komprensiva u rapida bl-għajnuna ta' medjatur.

*Artikolu 2*

**Ambitu**

Il-mekkaniżmu ta' medjazzjoni għandu japplika għal kwalunkwe miżura, minbarra d-dazji doganali, li Parti jidhrilha li taffettwa b'mod negattiv il-kummerċ bejn il-Partijiet u li tkun tirrigwarda kwalunkwe kwistjoni li taqa' taħt l-aċċess għas-suq għall-merkanzija [1] inkluż taħt il-Kapitolu Tnejn (Trattament Nazzjonali u Aċċess għas-Suq għall-Merkanzija) u l-Annessi relatati.

TAQSIMA A

### PROĊEDURA TAĦT IL-MEKKANIŻMU TA' MEDJAZZJONI

*Artikolu 3*

**Bidu tal-Proċedura ta' Medjazzjoni**

1. Parti tista' titlob fi kwalunkwe waqt, li l-Parti l-oħra tidħol fi proċedura ta' medjazzjoni. Din it-talba għandha tkun indirizzata lill-Parti l-oħra bil-miktub. It-talba għandha tkun dettaljata biżżejjed li tippreżenta b'mod ċar it-tħassib tal-Parti li tkun qiegħda tagħmel it-talba u għandha:

(a) tidentifika l-miżura speċifika inkwistjoni;

(b) tipprovdi dikjarazzjoni tal-effetti negattivi allegati li l-Parti li tkun qiegħda tagħmel it-talba temmen li l-miżura għandha fuq il-kummerċ bejn il-Partijiet; u

(c) tispjega kif il-Parti li qiegħda tagħmel it-talba tqis li dawk l-effetti fuq il-kummerċ huma marbuta mal-miżura.

2. Il-Parti li lilha tiġi indirizzata din it-talba għandha tikkunsidra t-talba b'mod favorevoli u tipprovdi tweġiba bil-miktub fi żmien 15-il jum minn meta tirċeviha.

*Artikolu 4*

**Għażla tal-Medjatur**

1. Mat-tnedija tal-proċedura ta' medjazzjoni, il-Partijiet huma mħeġġa li jaqblu fuq medjatur mhux aktar tard minn 15-il jum wara li tasal it-tweġiba għat-talba. Jekk il-Partijiet ma jkunux jistgħu jaqblu fuq il-medjatur fil-limitu ta' żmien stabbilit, kwalunkwe Parti tista' titlob il-ħatra tal-medjatur bil-polza. Fi żmien ħamest ijiem mis-sottomissjoni tat-talba, kull Parti għandha tistabbilixxi lista ta' mill-inqas tliet persuni li ma jkunux ċittadini ta' dik il-Parti, li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-paragrafu 2 u li jistgħu jaġixxu bħala medjatur. Fi żmien ħamest ijiem mis-sottomissjoni tal-lista, kull Parti għandha tagħżel mill-inqas isem mil-lista tal-Parti l-oħra. Il-president tal-Kumitat għall-Kummerċ jew id-delegat tal-president imbagħad għandu jagħżel il-medjatur bil-polza minn fost l-ismijiet magħżula. L-għażla bil-polza għandha ssir fil-preżenza ta' rappreżentanti tal-Partijiet u fi żmien 15-il jum mis-sottomissjoni tat-talba għall-ħatra bil-polza.

2. Il-medjatur għandu jkun espert fuq is-suġġett li l-miżura inkwistjoni tkun relatata miegħu. [2] Il-medjatur għandu jassisti, b'mod imparzjali u trasparenti, lill-Partijiet f'li jiċċaraw il-miżura u l-effetti possibbli tal-kummerċ, u f'li jilħqu soluzzjoni li jkun sar qbil fuqha reċiprokament.

*Artikolu 5*

**Regoli tal-Proċedura ta' Medjazzjoni**

1. Fil-fażi inizjali tal-proċedura, fi żmien għaxart ijiem mill-ħatra tal-medjatur, il-Parti li tkun tat bidu għall-proċedura ta' medjazzjoni għandha tippreżenta, bil-miktub, deskrizzjoni dettaljata tal-problema lill-medjatur u lill-Parti l-oħra, b'mod partikolari tal-operazzjoni tal-miżura inkwistjoni u tal-effetti tagħha fuq il-kummerċ. Fi żmien 20 jum mid-data tal-kunsinna ta' din is-sottomissjoni, il-Parti l-oħra tista' tipprovdi, bil-miktub, il-kummenti tagħha għad-deskrizzjoni tal-problema. Kull Parti tista' tinkludi fid-deskrizzjoni jew fil-kummenti tagħha kwalunkwe informazzjoni li tqis rilevanti.

2. Il-medjatur jista' jiddeċiedi fuq l-aktar mod xieraq kif imexxi l-fażi inizjali, b'mod partikolari jekk jikkonsultax lill-Partijiet flimkien jew individwalment, ifittixx l-għajnuna ta' jew jikkonsultax ma' esperti u partijiet interessati rilevanti.

3. Wara l-fażi inizjali, il-medjatur jista' jipprovdi opinjoni konsultattiva u jipproponi soluzzjoni għall-kunsiderazzjoni tal-Partijiet. Fi kwalunkwe opinjoni bħal din, il-medjatur m'għandux jikkunsidra jekk il-miżura inkwistjoni hijiex konsistenti jew le ma' dan il-Ftehim; lanqas m'għandu l-medjatur ipoġġi f'dubju l-leġittimità tal-objettivi politiki tal-miżura. Il-medjatur jista' jiltaqa' mal-Partijiet b'mod individwali jew flimkien sabiex jiffaċilita soluzzjoni li jsir qbil fuqha reċiprokament. Dan l-istadju tal-proċedura għandu normalment jitlesta fi żmien 60 jum mid-data tal-ħatra tal-medjatur.

4. Il-proċedura għandha tkun kunfidenzjali u għandha ssir fit-territorju tal-Parti li lilha tkun ġiet indirizzata t-talba, jew bi ftehim reċiproku fi kwalunkwe post ieħor jew permezz ta' mezzi oħrajn.

5. Il-proċedura għandha tiġi mitmuma:

(a) bl-iffirmar ta' ftehim ta' soluzzjoni mill-Partijiet, fid-data ta' dik il-firma;

(b) permezz ta' ftehim reċiproku tal-Partijiet fi kwalunkwe stadju tal-proċedura, fid-data ta' dak il-ftehim;

(c) permezz ta' dikjarazzjoni bil-miktub tal-medjatur, wara konsultazzjoni mal-Partijiet, li sforzi ulterjuri ta' medjazzjoni mhumiex iġġustifikati aktar; jew

[1] Għall-finijiet ta' dan l-Anness, l-aċċess għas-suq għall-oġġetti jkopri l-aċċess għas-suq mhux agrikolu (NAMA) u r-regoli ta' kummerċ relatati tiegħu inklużi rimedji kummerċjali, ostakoli tekniċi għall-kummerċ, miżuri sanitarji u fitosanitarji, il-faċilitar tal-kummerċ, regoli dwar l-oriġini, salvagwardji u l-Annessi Settorjali għall-Kapitolu Tnejn (Trattament Nazzjonali u Aċċess għas-Suq għall-Oġġetti). Huwa jeskludi l-kummerċ tal-prodotti agrikoli, servizzi u stabbilimenti, kooperazzjoni kulturali, akkwisti governattivi, kompetizzjoni, drittijiet ta' proprjetà intellettwali, ħlasijiet u movimenti kapitali u kummerċ u żvilupp sostenibbli.

[2] Pereżempju, f'każijiet li jirrigwardaw standards u rekwiżiti tekniċi, il-medjatur għandu jkun espert fil-qasam ta' korpi internazzjonali rilevanti li jistabbilixxu l-istandards.

(d) permezz ta' dikjarazzjoni bil-miktub ta' Parti wara li jkunu ġew esplorati soluzzjonijiet li jkun sar qbil fuqhom reċiprokament skont il-proċedura ta' medjazzjoni u wara li jkunu kkunsidraw kwalunkwe opinjoni konsultattiva u l-proposti kollha li jkun għamel il-medjatur.

TAQSIMA B

## IMPLIMENTAZZJONI

*Artikolu 6*

### Implimentazzjoni ta' Soluzzjoni Li Jkun Sar Qbil Fuqha Reċiprokament

1. Fejn il-Partijiet ikunu ftiehmu fuq soluzzjoni, kull Parti għandha tieħu kwalunkwe miżura meħtieġa sabiex timplimenta s-soluzzjoni li jkun sar qbil fuqha reċiprokament mingħajr dewmien żejjed.

2. Il-Parti implimentattiva għandha tinforma lill-Parti l-oħra bil-miktub bi kwalunkwe pass jew miżura meħuda għall-implimentazzjoni tas-soluzzjoni li jkun sar qbil fuqha reċiprokament.

TAQSIMA C

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 7*

### Relazzjoni mas-Soluzzjoni ta' Tilwim

1. Il-proċedura taħt dan il-mekkaniżmu ta' medjazzjoni mhijiex maħsuba biex isservi bħala bażi għal proċeduri ta' soluzzjoni ta' tilwim skont dan il-Ftehim jew Ftehim ieħor. Parti m'għandhiex tibbaża fuq jew tintroduċi bħala evidenza fi proċeduri ta' soluzzjoni ta' tilwim bħal dawn:

(a) pożizzjonijiet meħuda mill-Parti l-oħra waqt il-proċedura ta' medjazzjoni;

(b) il-fatt li l-Parti l-oħra indikat ir-rieda tagħha li taċċetta soluzzjoni għall-miżura mhux tariffarja soġġetta għall-medjazzjoni; jew

(c) proposti magħmula mill-medjatur.

2. Il-mekkaniżmu ta' medjazzjoni huwa mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet skont il-Kapitolu Erbatax (Soluzzjoni ta' Tilwim).

*Artikolu 8*

### Limiti ta' Żmien

Kull limitu ta' żmien imsemmi f'dan l-Anness jista' jiġi estiż permezz ta' ftehim reċiproku tal-Partijiet.

*Artikolu 9*

### Spejjeż

1. Kull Parti għandha tbati l-ispejjeż kollha tagħha li jirriżultaw mill-parteċipazzjoni fil-proċedura ta' medjazzjoni.

2. Il-Partijiet għandhom jaqsmu l-ispejjeż kollha li jirriżultaw minn kwistjonijiet organizzattivi, inklużi l-ispejjeż tal-medjatur.

*Artikolu 10*

### Reviżjoni

1. Il-Partijiet jaqblu li kwalunkwe kwistjoni li ma taqax fl-ambitu definit fl-Artikolu 14.2 għandha ssir soġġetta għall-mekkaniżmu ta' medjazzjoni jekk il-Membri tad-WTO jaqblu fuq it-twaqqif ta' mekkaniżmu korrispondenti ([1]) li jkopri kwistjoni bħal din. L-estensjoni tal-ambitu tal-applikazzjoni għandha tkun mid-data tal-applikazzjoni ta' dan il-qbil. Dan għandu japplika wkoll għal kwalunkwe estensjoni oħra tal-ambitu tal-applikazzjoni tal-mekkaniżmu korrispondenti tad-WTO.

2. Ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin dwar il-ħtieġa li jibdlu l-mekkaniżmu ta' medjazzjoni fid-dawl tal-esperjenza miksuba u l-iżvilupp ta' mekkaniżmu korrispondenti fid-WTO.

---

([1]) Il-Partijiet jifhmu li "mekkaniżmu korrispondenti" ifisser il-mekkaniżmu propost mill-Grupp Afrikan, il-Kanada, l-Unjoni Ewropea, il-Grupp LDC, il-Grupp tal-Pajjiżi li Qegħdin Jiżviluppaw NAMA -11, New Zealand, in-Norveġja, il-Pakistan u l-Isvizzera fid-dokument TN/MA/W/88 tat-23 ta' Lulju 2007, "Ostakoli Mhux Tariffarji – Proposta dwar il-Proċeduri għall-Faċilitar ta' Soluzzjonijiet għall-NTBs", jew kwalunkwe mekkaniżmu simili ieħor propost f'dokumenti li jissostitwixxu d-dokument TN/MA/W/88 tat-23 ta' Lulju 2007.

*ANNESS 14-B*

**REGOLI GĦALL-PROĊEDURA TA' ARBITRAĠĠ**

*Artikolu 1*

**Dispożizzjonijiet Ġenerali**

1. Għall-finijiet tal-Kapitolu Erbatax u ta' dan l-Anness:

konsulent tfisser persuna magħżula minn Parti sabiex tagħti pariri jew tassisti lil dik il-Parti b'konnessjoni mal-proċediment tal-bord ta' arbitraġġ;

arbitru tfisser membru ta' bord ta' arbitraġġ stabbilit skont l-Artikolu 14.5;

assistent tfisser persuna li, skont it-termini ta' ħatra ta' arbitru, tagħmel riċerki jew tipprovdi assistenza;

rappreżentant ta' Parti tfisser persuna impjegata jew kwalunkwe persuna maħtura minn, gvern jew dipartiment tal-gvern ta' Parti skont il-liġi tagħha;

Parti kwerelanti tfisser kwalunkwe Parti li titlob it-twaqqif ta' bord ta' arbitraġġ taħt l-Artikolu 14.4;

Parti konvenuta tfisser il-Parti li jkun qiegħed jiġi allegat li tkun qiegħda tikser id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 14.2;

bord ta' arbitraġġ tfisser bord stabbilit skont l-Artikolu 14.5; u

jum tfisser jum tal-kalendarju.

2. Il-Parti konvenuta għandha tkun responsabbli mill-amministrazzjoni loġistika tal-proċedimenti għas-soluzzjoni tat-tilwim, b'mod partikolari l-organizzazzjoni ta' seduti ta' smigħ, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor. Il-Partijiet għandhom jaqsmu l-ispejjeż li jirriżultaw minn kwistjonijiet organizzattivi, inklużi l-ispejjeż tal-arbitri.

*Artikolu 2*

**Notifiki**

1. Il-Partijiet u l-bord ta' arbitraġġ għandhom jibagħtu kull talba, avviż, sottomissjoni bil-miktub jew kull dokument ieħor b'kunsinna b'irċevuta, posta reġistrata, kurrier, fax, telex, telegramma jew kwalunkwe mezz ieħor ta' telekomunikazzjoni li jipprovdi evidenza li dawn ikunu ntbagħtu.

2. Parti għandha tipprovdi kopja ta' kull waħda mis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha lill-Parti l-oħra u lil kull wieħed mill-arbitri. Għandha tiġi pprovduta wkoll kopja tad-dokument f'format elettroniku.

3. In-notifiki kollha għandhom ikunu indirizzati lill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u tal-Kummerċ tal-Korea, jew is-suċċessur tiegħu u lid-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ tal-Kummissjoni Ewropea, rispettivament.

4. Żbalji żgħar ta' natura klerikali fi kwalunkwe talba, avviż, sottomissjoni bil-miktub jew dokumenti oħrajn relatati mal-proċedura tal-bord ta' arbitraġġ jistgħu jiġu rranġati permezz tat-twassil ta' dokument ġdid li jindika b'mod ċar il-bidliet.

5. Jekk l-aħħar jum għall-kunsinna ta' dokument jaqa' f'jum ta' vaganza legali tal-Korea jew tal-Unjoni Ewropea, id-dokument jista' jitwassal fil-jum ta' negozju li jmiss.

*Artikolu 3*

**Il-bidu tal-Arbitraġġ**

1. (a) Jekk skont l-Artikolu 14.5, il-membri tal-bord ta' arbitraġġ jintgħażlu bil-polza, il-president tal-Kumitat għall-Kummerċ, jew id-delegat tal-president, għandu jagħżel lill-arbitri fi żmien ħamest ijiem mit-talba msemmija fl-Artikolu 14.5.3. L-għażla għandha ssir fil-preżenza ta' rappreżentat ta' kull Parti għajr jekk Parti tonqos li taħtar rappreżentant tagħha.

(b) Diment li l-Partijiet ma jiftiehmux mod ieħor, huma għandhom jiltaqgħu mal-bord ta' arbitraġġ fi żmien sebat ijiem mit-twaqqif tiegħu sabiex jiddeterminaw dawk il-kwistjonijiet li l-Partijiet jew li l-bord ta' arbitraġġ iqisu xierqa, inkluż ir-rimunerazzjoni u l-ispejjeż li għandhom jitħallsu lill-arbitri, li għandhom ikunu konformi mal-istandards tad-WTO.

2. (a) Diment li l-Partijiet ma jiftehmux mod ieħor, fi żmien ħamest ijiem mid-data tat-twaqqif tal-bord ta' arbitraġġ, it-termini ta' referenza tal-bord ta' arbitraġġ għandhom ikunu:

"li jeżamina, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan il-Ftehim, il-kwistjoni msemmija fit-talba għat-twaqqif tal-bord ta' arbitraġġ, sabiex jiddeċiedi dwar il-kompatibbiltà tal-miżura inkwistjoni mad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 14.2 u sabiex jieħu deċiżjoni skont l-Artikolu 14.7."

(b) Il-Partijiet għandhom jinnotifikaw it-termini ta' referenza li jkun sar qbil fuqhom lill-bord ta' arbitraġġ fi żmien jumejn mill-ftehim tagħhom.

*Artikolu 4*

**Sottomissjonijiet inizjali**

Il-Parti kwerelanti għandha tagħti s-sottomissjoni inizjali tagħha bil-miktub mhux aktar tard minn 20 jum wara d-data ta' twaqqif tal-bord tal-arbitraġġ. Il-Parti konvenuta għandha tgħaddi l-kontrosottomissjoni tagħha bil-miktub sa mhux aktar tard minn 20 jum wara d-data tal-kunsinna tas-sottomissjoni inizjali bil-miktub.

*Artikolu 5*

**Il-ħidma tal-Bordijiet tal-Arbitraġġ**

1. Il-president tal-bord tal-arbitraġġ għandu jippresjedi fil-laqgħat kollha tiegħu. Bord tal-arbitraġġ jista' jiddelega l-awtorità lill-president biex jieħu deċiżjonijiet amministrattivi u proċedurali.

2. Sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor f'dan il-Ftehim, il-bord tal-arbitraġġ jista' jwettaq l-attivitajiet tiegħu bi kwalunkwe mezz, inkluż bit-telefown, trasmissjonijiet bil-faks jew links bil-kompjuter.

3. L-arbitri biss jistgħu jieħdu sehem fid-deliberazzjonijiet tal-bord tal-arbitraġġ, iżda l-bord tal-arbitraġġ jista' jippermetti lill-assistenti tiegħu li jkunu preżenti waqt id-deliberazzjonijiet tiegħu.

4. It-tfassil ta' kwalunkwe deċiżjoni jibqa' r-responsabbiltà esklussiva tal-bord tal-arbitraġġ u ma jistax jiġi delegat.

5. Meta tinqala' kwistjoni proċedurali li ma tkunx koperta mid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, il-bord tal-arbitraġġ, jista' jadotta proċedura xierqa kompatibbli ma' dawk id-dispożizzjonijiet.

6. Meta l-bord tal-arbitraġġ jikkunsidra li hemm bżonn li jiġi modifikat kwalunkwe limitu ta' żmien applikabbli matul il-proċedimenti, jew li jwettaq kwalunkwe aġġustament proċedurali jew amministrattiv ieħor, huwa għandu jinforma lill-Partijiet bil-miktub u għandu jagħti r-raġunijiet għall-bidla jew il-modifika u jindika l-perjodu jew aġġustament meħtieġ. Il-limiti taż-żmien fl-Artikolu 14.7.2 m'għandhomx jiġu modifikati.

*Artikolu 6*

**Sostituzzjoni**

1. Jekk arbitru ma jkunx jista' jipparteċipa fil-proċediment, jirtira ruħu jew ikollu jinbidel, għandu jintgħażel sostitut b'konformità mal-Artikolu 14.5.3.

2. Meta Parti tqis li arbitru ma jikkonformax mar-rekwiżiti tal-Anness 14-C u minħabba f'hekk ikollu jinbidel, din il-Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra fi żmien 15-il jum minn meta tkun saret taf biċ-ċirkostanzi li kienu l-bażi tal-vjolazzjoni materjali tal-Anness 14-C mill-arbitru.

3. Meta Parti tqis li arbitru għajr għall-president ma jikkonformax mar-rekwiżiti tal-Anness 14-C, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw u, jekk jaqblu fuq hekk, ineħħu l-arbitru u jagħżlu sostitut billi jsegwu l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 14.5.3.

Jekk il-Partijiet jonqsu milli jaqblu dwar il-bżonn li jinbidel arbitru, kwalunkwe Parti tista' titlob li din il-kwistjoni tiġi riferuta lill-president tal-bord tal-arbitraġġ, u d-deċiżjoni tiegħu tkun waħda finali.

Jekk il-president isib li arbitru ma jikkonformax mar-rekwiżiti tal-Anness 14-C, huwa jew hija għandu/ha j/tagħżel arbitru ġdid bil-polza mil-lista ta' individwi msemmija fl-Artikolu 14.18.1 fejn kien hemm l-arbitru oriġinali. Jekk l-arbitru oriġinali ntgħażel mill-Partijiet skont l-Artikolu 14.5.2, is-sostitut għandu jintgħażel bil-polza mil-listi ta' individwi li ġew proposti mill-Parti kwerelanti u mill-Parti konvenuta skont l-Artikolu 14.18.1.

4. Meta Parti tqis li l-president tal-bord tal-arbitraġġ ma jikkonformax mar-rekwiżiti tal-Anness 14-C, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw u, jekk jaqblu fuq hekk, jibdlu lill-president u jagħżlu sostitut billi jsegwu l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 14.5.3.

Jekk il-Partijiet jonqsu milli jaqblu fuq il-bżonn li jinbidel il-president, kwalunkwe Parti tista' titlob li din il-kwistjoni tiġi riferuta lil wieħed mill-membri li jifdal fil-lista ta' individwi magħżula biex jaġixxu bħala presidenti skont l-Artikolu 14.18.1. Ismu jew isimha jrid jittella' bil-polza mill-president tal-Kumitat għall-Kummerċ, jew mid-delegat tal-president. Id-deċiżjoni minn din il-persuna dwar il-bżonn li jinbidel il-president għandha tkun finali.

Jekk din il-persuna tiddeċiedi li l-president oriġinali ma jikkonformax mar-rekwiżiti tal-Anness 14-C, hija għandha tagħżel president ġdid bil-polza minn fost il-bqija tal-individwi fil-lista msemmija fl-Artikolu 14.18.1 li jistgħu jaġixxu ta' presidenti.

5. Kull għażla bil-polza stipulata fil-paragrafi 1, 3 u 4 għandha ssir fil-preżenza ta' rappreżentant ta' kull Parti għajr jekk Parti tonqos milli taħtar rappreżentant tagħha, u fi żmien ħamest ijiem mid-data tas-sottomissjoni tat-talba.

6. Il-proċedimenti tal-bord tal-arbitraġġ għandhom ikunu sospiżi għall-perjodu li matulu jkunu qed jitwettqu l-proċeduri stipulati fil-paragrafi 1 sa 4.

*Artikolu 7*

**Seduti ta' smigħ**

1. Il-president għandu jistabbilixxi d-data u l-ħin għas-smigħ f'konsultazzjoni mal-Partijiet u l-membri l-oħra tal-bord tal-arbitraġġ, u jikkonferma dan bil-miktub lill-Partijiet. Din l-informazzjoni għandha tkun disponibbli pubblikament ukoll mill-Parti inkarigata mill-amministrazzjoni loġistika tal-proċedimenti meta s-smigħ ikun miftuħ għall-pubbliku. Sakemm ma jkunx hemm Parti li ma taqbilx, il-bord tal-arbitraġġ jista' jiddeċiedi li ma jlaqqax seduta.

2. Sakemm il-Partijiet ma jaqblux mod ieħor, is-smigħ għandu jsir fi Brussell jekk il-Parti kwerelanti tkun il-Korea u f'Seoul jekk il-Parti kwerelanti tkun il-Parti tal-UE.

3. Il-bord tal-arbitraġġ jista' jlaqqa' seduta addizzjonali jekk il-Partijiet jaqblu fuq dan.

4. L-arbitri kollha għandhom ikunu preżenti l-ħin kollu matul kwalunkwe seduta.

5. Il-persuni li ġejjin jistgħu jkunu preżenti għas-seduta, irrespettivament minn jekk il-proċedimenti jkunux miftuħa għall-pubbliku jew le:

(a) ir-rappreżentanti tal-Partijiet;

(b) il-konsulenti tal-Partijiet;

(c) il-persunal amministrattiv, interpreti, tradutturi u korrispondenti tal-qrati; u

(d) l-assistenti tal-arbitri.

Ir-rappreżentanti u l-konsulenti tal-Partijiet biss jistgħu jindirizzaw lill-bord tal-arbitraġġ.

6. Mhux aktar tard minn ħamest ijiem qabel id-data ta' seduta, kull Parti għandha tagħti lista lill-bord tal-arbitraġġ bl-ismijiet ta' dawk il-persuni li jkunu sejrin itellgħu l-argumenti orali jew jagħmlu preżentazzjonijiet matul is-seduta f'isem dik il-Parti, u ta' rappreżentanti jew konsulenti oħra li jkunu sejrin jattendu s-seduta.

7. Is-seduti tal-bordijiet tal-arbitraġġ għandhom ikunu miftuħin għall-pubbliku, sakemm il-Partijiet ma jiddeċidux li s-seduti għandhom ikunu parzjalment jew kompletament magħluqa għall-pubbliku. Il-bord tal-arbitraġġ għandu jiltaqa' f'sessjonijiet magħluqa meta s-sottomissjoni u l-argumenti ta' Parti jkun fihom informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali.

8. Il-bord tal-arbitraġġ għandu jmexxi s-seduta bil-mod kif ġej, filwaqt li jiżgura li l-Parti kwerelanti u l-Parti konvenuta jingħataw ħin ugwali:

argument

(a) argument tal-Parti kwerelanti; u

(b) argument tal-Parti konvenuta,

argument ta' konfutazzjoni

(a) argument tal-Parti kwerelanti; u

(b) kontroreplika tal-Parti konvenuta.

9. Il-bord tal-arbitraġġ jista' jindirizza mistoqsijiet liż-żewġ Partijiet fi kwalunkwe ħin matul is-seduta.

10. Il-bord tal-arbitraġġ għandu jagħmel arranġamenti, mill-aktar fis possibbli, għat-tlestija u l-kunsinna lill-Partijiet tat-traskrizzjoni ta' kull seduta.

11. Kull Parti tista' tibgħat sottomissjoni supplimentari bil-miktub li tikkonċerna kwalunkwe kwistjoni li setgħet qamet matul is-seduta fi żmien għaxart ijiem mid-data tas-seduta.

*Artikolu 8*

**Mistoqsijiet bil-miktub**

1. Il-bord tal-arbitraġġ jista' fi kwalunkwe ħin matul il-proċedimenti jindirizza mistoqsijiet bil-miktub lil waħda mill-Partijiet jew lit-tnejn li huma. Kull waħda mill-Partijiet għandha tirċievi kopja ta' kwalunkwe mistoqsija magħmula mill-bord tal-arbitraġġ.

2. Il-Parti għandha wkoll tipprovdi kopja tat-tweġiba tagħha bil-miktub għall-mistoqsijiet li l-bord tal-arbitraġġ ikun għamel lill-Parti l-oħra. Kull Parti għandha tingħata l-opportunità li tagħti l-kummenti tagħha bil-miktub għat-tweġibiet mogħtija mill-Parti l-oħra fi żmien ħamest ijiem mill-wasla tagħhom.

*Artikolu 9*

**Kunfidenzjalità**

Il-Partijiet u l-konsulenti tagħhom għandhom iżommu l-kunfidenzjalità tas-seduti tal-bord tal-arbitraġġ fejn is-seduti jinżammu f'sessjoni magħluqa, b'konformità mal-Artikolu 7.7 ta' dan l-Anness. Kull Parti u l-konsulenti tagħha għandhom jittrattaw bħala kunfidenzjali l-informazzjoni mressqa mill-Parti l-oħra lill-bord tal-arbitraġġ u li dik il-Parti tkun immarkatha bħala kunfidenzjali. Meta Parti tressaq verżjoni kunfidenzjali tas-sottomissjonijiet bil-miktub lill-bord tal-arbitraġġ, hija għandha wkoll, fuq talba tal-Parti l-oħra, tipprovdi sommarju mhux kunfidenzjali tal-informazzjoni li tinsab fis-sottomissjonijiet tagħha li tkun tista' titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, sa mhux aktar tard minn 15-il jum wara d-data tat-talba jew tas-sottomissjoni, skont liema minnhom tiġi l-aħħar. Ma hemm xejn f'dawn ir-regoli li jipprekludi Parti milli xxandar stqarrijiet biex turi l-pożizzjoni tagħha lill-pubbliku, diment li meta tirreferi għal informazzjoni mressqa mill-Parti l-oħra, ma tikxifx informazzjoni mmarkata mill-Parti l-oħra bħala kunfidenzjali.

*Artikolu 10*

**Kuntatti *ex parte***

1. Il-bord tal-arbitraġġ m'għandux jikkuntattja jew jiltaqa' ma' Parti fin-nuqqas tal-Parti l-oħra.

2. L-ebda membru tal-bord tal-arbitraġġ ma jista' jiddiskuti xi aspett tas-suġġett tal-proċedimenti ma' Parti waħda jew maż-żewġ Partijiet fin-nuqqas tal-arbitri l-oħra.

*Artikolu 11*

**Sottomissjonijiet *amicus curiae***

1. Sakemm il-Partijiet ma jiddeċidux mod ieħor fi żmien tlett ijiem mid-data tat-twaqqif tal-bord tal-arbitraġġ, il-bord tal-arbitraġġ jista' jirċievi sottomissjonijiet bil-miktub mingħajr ma jkun talab għalihom minn persuni naturali jew legali interessati tal-Partijiet, sakemm ikunu saru fi żmien għaxart ijiem mid-data tat-twaqqif tal-bord tal-arbitraġġ, u li jkunu konċiżi u fl-ebda każ ma jkunu itwal minn 15-il faċċata ttajpjata, inklużi kwalunkwe anness, u li jkunu direttament rilevanti għall-kwistjonijiet fattwali u legali li jkun qiegħed jikkunsidra l-bord tal-arbitraġġ.

2. Is-sottomissjoni għandha tinkludi deskrizzjoni tal-persuna li tkun qiegħda tagħmel is-sottomissjoni, sew naturali u sew legali, inkluż in-nazzjonalità u l-post ta' stabbiliment tagħha, n-natura tal-attivitajiet tagħha u s-sorsi tal-finanzjament tagħha, u tispeċifika n-natura tal-interess li dik l-istess persuna għandha fil-proċediment tal-arbitraġġ.

3. Fid-deċiżjonijiet tiegħu, il-bord tal-arbitraġġ għandu jelenka s-sottomissjonijiet kollha li jkun irċieva u li jkunu konformi mal-paragrafi 1 u 2. Il-bord tal-arbitraġġ ma għandux ikun obbligat jindirizza fid-deċiżjoni tiegħu l-argumenti fattwali jew legali li saru f'dawn is-sottomissjonijiet. Kwalunkwe sottomissjoni miksuba mill-bord tal-arbitraġġ skont dan l-Artikolu għandha titressaq lill-Partijiet għall-kummenti tagħhom.

*Artikolu 12*

**Każijiet Urġenti**

Fil-każijiet ta' emerġenza msemmija fl-Artikolu 14.7.2, il-bord tal-arbitraġġ għandu jaġġusta l-limiti taż-żmien imsemmija f'dan l-Anness kif xieraq.

*Artikolu 13*

**Traduzzjoni u interpretazzjoni**

1. Matul il-konsultazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 14.3, u mhux iktar tard mil-laqgħa li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 3.1(b) ta' dan l-Anness, il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jaqblu fuq lingwa tax-xogħol komuni għall-proċedimenti quddiem il-bord tal-arbitraġġ.

2. Jekk il-Partijiet ma jkunux jistgħu jaqblu fuq lingwa tax-xogħol komuni, kull Parti għandha tagħmel arranġamenti minnufih u ġġarrab l-ispejjeż tat-traduzzjoni tas-sottomissjonijiet tagħha bil-miktub fil-lingwa magħżula mill-Parti l-oħra u l-Parti konvenuta għandha tagħmel arranġamenti għall-interpretazzjoni ta' sottomissjonijiet orali fil-lingwi magħżula mill-Partijiet.

3. Id-deċiżjonijiet tal-bord tal-arbitraġġ għandhom jiġu nnotifikati bil-lingwa jew bil-lingwi magħżula mill-Partijiet.

4. L-ispejjeż li jirriżultaw mit-traduzzjoni ta' deċiżjoni tal-bord tal-arbitraġġ għandhom jinqasmu b'mod ugwali bejn il-Partijiet.

5. Kwalunkwe Parti tista' tipprovdi kummenti dwar kwalunkwe verżjoni tradotta ta' dokument imfassal skont dan l-Artikolu.

*Artikolu 14*

**Kalkolu tal-limiti taż-żmien**

Fejn, minħabba l-applikazzjoni tal-Artikolu 2.5 ta' dan l-Anness, Parti tirċievi dokument f'data differenti minn dik ta' meta l-Parti l-oħra tkun irċeviet l-istess dokument, kwalunkwe perjodu ta' żmien li jkun ikkalkulat fuq il-bażi tad-data meta jasal dak id-dokument għandu jkun ikkalkulat mill-aħħar jum tal-wasla ta' dak id-dokument.

*Artikolu 15*

**Proċeduri oħra**

Dan l-Anness huwa wkoll applikabbli għall-proċeduri stabbiliti skont l-Artikoli 14.9.2, 14.10.2, 14.11.3 u 14.12.2. Il-limiti taż-żmien stabbiliti f'dan l-Anness għandhom jiġu aġġustati b'konformità mal-limiti taż-żmien speċjali pprovduti għall-adozzjoni ta' deċiżjoni mill-bord tal-arbitraġġ f'dawk il-proċeduri l-oħrajn.

*ANNESS 14-C*

## KODIĊI TA' MĠIBA GĦALL-MEMBRI TAL-BORDIJIET TAL-ARBITRAĠĠ U L-MEDJATURI

*Artikolu 1*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan l-Anness:

(a) membru jew arbitru jfissru membru ta' bord tal-arbitraġġ stabbilit skont l-Artikolu 14.5;

(b) medjatur tfisser persuna li tmexxi proċedura ta' medjazzjoni f'konformità mal-Anness 14-A;

(c) kandidat tfisser individwu li ismu jkun fuq il-lista tal-arbitri msemmija fl-Artikolu 14.18 u li jkun ikkunsidrat għall-għażla bħala membru tal-bord tal-arbitraġġ skont l-Artikolu 14.5;

(d) assistent tfisser persuna li, skont it-termini tal-ħatra ta' membru, tmexxi r-riċerka jew tipprovdi assistenza lill-membru;

(e) proċediment, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, tfisser proċediment tal-bord tal-arbitraġġ skont il-Ftehim; u

(f) persunal, fir-rigward ta' membru, tfisser dawk il-persuni li jaqgħu taħt id-direzzjoni u l-kontroll tal-membru, ħlief l-assistenti.

*Artikolu 2*

**Responsabilitajiet lejn il-Proċess**

Kull kandidat u membru għandu jevita mġiba mhux xierqa u l-impressjoni ta' mġiba mhux xierqa, għandu jkun independenti u imparzjali, għandu jevita kunflitti ta' interess diretti jew indiretti u għandu josserva l-ogħla standards ta' mġiba sabiex l-integrità u l-imparzjalità tal-mekkaniżmu tas-soluzzjoni għat-tilwim ikun ippreservat. Il-membri preċedenti jridu josservaw l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 6 u 7 ta' dan l-Anness.

*Artikolu 3*

**Obbligi ta' żvelar**

1. Qabel ma tkun ikkonfermata l-għażla tiegħu bħala membru tal-bord tal-arbitraġġ skont dan il-Ftehim, kandidat għandu jiddikjara kwalunkwe interess, relazzjoni jew kwistjoni li x'aktarx li taffettwa l-indipendenza jew l-imparzjalità tiegħu, jew li tista' toħloq b'mod raġonevoli dehra ta' mġiba mhux xierqa jew preġudizzju fil-proċedura. Għalhekk, kandidat għandu jagħmel kull sforz raġonevoli biex isir konxju ta' kwalunkwe interess, relazzjonijiet u kwistjoni bħal din.

2. Kandidat jew membru għandu jikkomunika biss kwistjonijiet li jikkonċernaw vjolazzjonijiet reali jew potenzjali ta' dan l-Anness lill-Kumitat għall-Kummerċ biex ikunu kkunsidrati mill-Partijiet.

3. Ladarba jintgħażel, membru għandu jibqa' jagħmel kull sforz raġonevoli biex isir konxju ta' kwalunkwe interess, relazzjoni jew kwistjoni msemmija fil-paragrafu 1 u għandu jiddikjarahom. L-obbligu ta' żvelar huwa dmir permanenti li jitlob li membru jiżvela kwalunkwe interess, relazzjoni jew kwistjoni ta' dan it-tip li jistgħu jitfaċċaw fi kwalunkwe stadju tal-proċediment. Il-membru għandu jiżvela interessi, relazzjonijiet jew kwistjonijiet bħal dawn billi jinforma lill-Kumitat għall-Kummerċ, bil-miktub, biex ikunu kkunsidrati mill-Partijiet.

*Artikolu 4*

**Dmirijiet tal-Membri**

1. Malli jintgħażel, membru għandu jwettaq dmirijietu b'mod sħiħ u bla dewmien matul il-proċediment, u b'ġustizzja u diliġenza.

2. Membru għandu jikkunsidra biss dawk il-kwistjonijiet li jkunu tqajmu waqt il-proċediment u li jitqiesu neċessarji biex tittieħed deċiżjoni u dan id-dmir ma jistax jiġi delegat lil xi persuna oħra.

3. Membru għandu jieħu l-passi kollha xierqa sabiex jiżgura li l-assistent u l-persunal tiegħu jkunu konxji mill-Artikoli 2, 3 u 7 ta' dan l-Anness.

4. Membru ma jistax jagħmel kuntatti ex parte rigward il-proċediment.

*Artikolu 5*

**Indipendenza u Imparzjalità tal-Membri**

1. Membru għandu jkun indipendenti u imparzjali u jevita li joħloq dehra ta' mġiba mhux xierqa jew preġudizzju u m'għandux ikun influwenzat minn interess personali, pressjoni minn barra, kunsiderazzjonijiet politiċi, opinjoni pubblika, u lealtà lejn Parti jew minn biża' ta' kritika.

2. Membru ma għandux jidħol, direttament jew indirettament, għal obbligi jew jaċċetta kwalunkwe benefiċċju li jista' bi kwalunkwe mod ifixkel, jew jidher li jfixkel, fit-twettiq xieraq ta' dmirijietu.

3. Membru ma għandux juża l-pożizzjoni tiegħu fuq il-bord tal-arbitraġġ għall-aġevolament ta' kwalunkwe interess personali jew privat u għandu jevita azzjonijiet li jistgħu jagħtu l-impressjoni li oħrajn huma f'pożizzjoni speċjali biex jinfluwenzawh.

4. Membru ma jistax iħalli relazzjonijiet jew responsabilitajiet finanzjarji, tan-negozju, professjonali, familjari jew soċjali jinfluwenzaw il-kondotta jew il-ġudizzju tiegħu.

5. Membru jrid jevita li jidħol fi kwalunkwe relazzjoni jew li jakkwista kwalunkwe interess finanzjarju, li x'aktarx jaffettwa l-imparzjalità tiegħu jew li jista', b'mod raġonevoli, joħloq dehra ta' mġiba mhux xierqa jew ta' preġudizzju.

*Artikolu 6*

**Obbligi ta' Membri Preċedenti**

Il-membri preċedenti kollha għandhom jevitaw azzjonijiet li jistgħu jagħtu l-impressjoni li kellhom preġudizzji fit-twettiq ta' dmirijiethom jew vantaġġ derivat mid-deċiżjoni tal-bord tal-arbitraġġ.

*Artikolu 7*

**Kunfidenzjalità**

1. L-ebda membru jew membru preċedenti ma għandu, f'xi mument jiżvela jew juża informazzjoni mhux pubblika relatata ma' proċediment jew akkwistata waqt proċediment ħlief għall-finijiet ta' dak il-proċediment u ma għandu, fl-ebda każ, jiżvela jew juża xi informazzjoni bħal din biex jikseb vantaġġ personali jew vantaġġ għal ħaddieħor jew biex jaffettwa ħażin l-interessi ta' oħrajn.

2. Membru ma għandux jiżvela deċiżjoni ta' bord tal-arbitraġġ jew partijiet minnu qabel ma tiġi ppubblikata b'konformità ma' dan il-Ftehim.

3. Membru jew membru preċedenti ma għandu fl-ebda mument jiżvela d-deliberazzjonijiet tal-bord tal-arbitraġġ, jew il-fehma ta' kwalunkwe membru.

*Artikolu 8*

**Medjaturi**

Id-dixxiplini deskritti f'dan l-Anness bħala li japplikaw għall-membri jew għall-membri preċedenti għandhom japplikaw, *mutadis mutandis,* għall-medjaturi.

*ANNESS 15*

Imħalli vojt intenzjonalment

# PROTOKOLL

## dwar id-definizzjoni ta' "prodotti li joriġinaw" u metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva

WERREJ


TAQSIMA A

REGOLI TAL-ORIĠINI

TITOLU I DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1 Definizzjonijiet

TITOLU II DEFINIZZJONI TA' "PRODOTTI LI JORIĠINAW"

Artikolu 2 Prodotti li Joriġinaw

Artikolu 3 Kumulazzjoni tal-Oriġini

Artikolu 4 Prodotti Miksuba Kompletament

Artikolu 5 Prodotti Maħduma jew Ipproċessati b'Mod Suffiċjenti

Artikolu 6 Xogħol jew Ipproċessar Insuffiċjenti

Artikolu 7 Unità ta' Kwalifika

Artikolu 8 Aċċessorji, Spare Parts u Għodod

Artikolu 9 Settijiet ta' Oġġetti

Artikolu 10 Elementi Newtrali

Artikolu 11 Segregazzjoni ta' Kontabilità tal-Materjali

TITOLU III REKWIŻITI TERRITORJALI

Artikolu 12 Prinċipju tat-Territorjalità

Artikolu 13 Trasport Dirett

TAQSIMA B

PROĊEDURI TAL-ORIĠINI

TITOLU IV RIFUŻJONI JEW EŻENZJONI

Artikolu 14 Rifużjoni, jew Eżenzjoni mid-Dazji Doganali

TITOLU V PROVA TAL-ORIĠINI

Artikolu 15 Rekwiżiti Ġenerali

Artikolu 16 Kundizzjonijiet għall-Mili ta' Dikjarazzjoni ta' Oriġini

Artikolu 17 Esportatur Approvat

Artikolu 18 Validità tal-Prova tal-Oriġini

Artikolu 19 Talbiet għal Trattament ta' Tariffi Preferenzjali u Sottomissjoni tal-Prova tal- Oriġini

Artikolu 20 Importazzjoni gradwali

Artikolu 21 Eżenzjonijiet mill-Prova tal-Oriġini

Artikolu 22 Dokumenti ta' Sostenn

Artikolu 23 Preżervazzjoni tal-Prova tal-Oriġini u tad-Dokumenti ta' Sostenn

Artikolu 24 Diskrepanzi u Żbalji Formali

Artikolu 25 Ammonti f'Euro

TITOLU VI ARRANĠAMENTI GĦAL KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA

Artikolu 26 Skambju tal-Indirizzi

Artikolu 27 Verifika tal-Provi tal-Oriġini

Artikolu 28 Soluzzjoni tat-Tilwim

Artikolu 29 Penali

Artikolu 30 Żoni Ħielsa

TAQSIMA C

CEUTA U MELILLA

TITOLU VII CEUTA U MELILLA

Artikolu 31 Applikazzjoni tal-Protokoll

Artikolu 32 Kundizzjonijiet Speċjali

TAQSIMA D

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

TITOLU VIII DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 33 Emendi għall-Protokoll

Artikolu 34 Dispożizzjonijiet Tranżitorji għal Prodotti għal Merkanzija fi Tranżitu jew Ħażna

LISTA TA' ANNESSI

Anness I: Noti introduttorji għal-lista fl-Anness II

Anness II: Lista tax-xogħol jew tal-ipproċessar meħtieġ li jrid isir fuq materjali li ma joriġinawx sabiex il-prodott immanifatturat jista' jikseb status ta' oriġini

Anness II(a): Addendum għal-lista tax-xogħol jew tal-ipproċessar li jrid isir fuq materjali li ma joriġinawx sabiex il-prodott immanifatturat jista' jikseb status ta' oriġini

Anness III: It-test tad-dikjarazzjoni ta' oriġini

Anness IV: Il-Kumitat dwar iż-Żoni ta' Ipproċessar 'il Barra fuq il-Peniżola Koreana

DIKJARAZZJONIJIET KONĠUNTI

Dikjarazzjoni konġunta dwar il-Prinċipat tal-Andorra

Dikjarazzjoni konġunta dwar ir-Repubblika ta' San Marino

Dikjarazzjoni konġunta dwar ir-reviżjoni tar-regoli tal-oriġini li jinsabu f'dan il-Protokoll

Dikjarazzjoni konġunta dwar in-Noti ta' Spjegazzjoni

TAQSIMA A

**REGOLI TAL-ORIĠINI**

*TITOLU I*

***Dispożizzjonijiet ġenerali***

*Artikolu 1*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan il-Protokoll:

(a) manifattura tfisser kull xogħol jew ipproċessar fosthom it-tkabbir, is-sajd, it-trobbija, il-kaċċa, l-assemblaġġ jew proċessi speċifiċi;

(b) materjal ifisser kull ingredjent, materja prima, komponent jew parti, eċċ., użat fil-manifattura ta' prodott;

(c) prodott ifisser il-prodott li jiġi manifatturat, anki jekk ikun maħsub għal użu aktar tard f'xi proċess ieħor ta' manifattura;

(d) merkanzija tfisser materjali, prodotti jew oġġetti;

(e) valur doganali jfisser il-valur kif stabbilit skont il-Ftehim dwar l-Evalwazzjoni Doganali

(f) prezz ex fabbrika jfisser il-prezz imħallas jew li jrid jitħallas għall-prodott ex fabbrika lill-manifattur f'Parti li fl-impriża tagħha jitwettaq l-aħħar xogħol jew ipproċessar, bil-kundizzjoni li l-prezz jinkludi l-valur tal-materjali kollha użati, bit-tnaqqis ta' kull taxxa interna li tkun, jew li għandha tkun, imħallsa mill-ġdid meta l-prodott miksub jiġi esportat;

(g) valur tal-materjali li ma joriġinawx jfisser il-valur doganali fil-ħin tal-importazzjoni tal-materjali li ma joriġinawx jew, jekk dan ma jkunx magħruf u ma jistax jiġi aċċertat, l-ewwel prezz aċċertabbli mħallas għall-materjali fil-Parti tal-UE jew fil-Korea;

(h) valur ta' materjali li joriġinaw jfisser il-valur ta' tali materjali kif definit fis-subparagrafu (g) applikat *mutatis mutandis*;

(i) kapitoli, intestaturi, u subintestaturi jfissru l-kapitoli (kodiċijiet b'żewġ numri), l-intestaturi (kodiċijiet b'erba' numri) u s-subintestaturi (kodiċijiet b'sitt numri) użati fin-nomenklatura li jifformaw id-Deskrizzjoni Armonizzata tal-Komoditajiet u s-Sistema ta' Kodiċi; f'dan il-Protokoll imsejħa "is-Sistema Armonizzata" jew "SA";

(j) klassifikat jirreferi għall-klassifikazzjoni ta' prodott jew materjal taħt xi intestatura jew subintestatura partikolari;

(k) kunsinna tfisser il-prodotti li jintbagħtu jew simultanjament mingħand esportatur wieħed lejn kunsinnatarju wieħed jew inkella jkunu koperti b'dokument tat-trasport wieħed li jkopri l-ġarr tagħhom mingħand l-esportatur lejn il-kunsinnatarju jew, fin-nuqqas ta' dokument bħal dan, b'fattura waħda;

(l) SA tfisser is-Sistema Armonizzata li hemm fis-seħħ għad-Deskrizzjoni u l-Kodifikazzjoni ta' Komoditajiet, inklużi r-regoli ġenerali u n-noti legali tagħha; u

(m) territorji jinkludi l-baħar territorjali.

*TITOLU II*

***Definizzjoni ta' "prodotti li joriġinaw"***

*Artikolu 2*

**Prodotti li joriġinaw**

Għall-iskop ta' trattament tariffarju preferenzjali, il-prodotti li ġejjin għandhom jitqiesu li joriġinaw f'Parti:

(a) prodotti miksuba kompletament f'Parti fis-sens tal-Artikolu 4;

(b) prodotti miksuba f'Parti li jinkorporaw materjali li ma jkunux miksuba kompletament hemmhekk, bil-kundizzjoni li dawn il-materjali jkunu għaddew minn biżżejjed xogħol u pproċessar fil-Parti kkonċernata skont it-tifsira tal-Artikolu 5;

(c) prodotti miksuba f'Parti esklussivament minn materjali li jikkwalifikaw bħala li joriġinaw skont dan il-Protokoll.

*Artikolu 3*

**Kumulazzjoni tal-Oriġini**

Minkejja l-Artikolu 2, il-prodotti għandhom jitqiesu li oriġinaw f'Parti jekk tali prodotti jinkisbu hemm, jinkorporaw materjali li joriġinaw mill-Parti l-oħra, bil-kundizzjoni li x-xogħol jew l-ipproċessar li jsir imur lil hinn mill-proċessi msemmija fl-Artikolu 6. M'għandux ikun meħtieġ li tali materjali jkunu għaddew minn xogħol jew ipproċessar suffiċjenti.

*Artikolu 4*

**Prodotti Miksuba Kompletament**

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 2(a), dawn li ġejjin għandhom jitqiesu bħala miksuba kompletament f'Parti:

(a) prodotti minerali estratti mill-ħamrija jew minn qiegħ il-baħar tagħhom;

(b) prodotti veġetali mkabbra u maħsuda hemm;

(c) annimali ħajjin imwielda u mrobbija hemm;

(d) prodotti minn annimali ħajjin imrobbija hemm;

(e) (i) prodotti miksuba mill-kaċċa, l-insib fit-territorju tal-art jew is-sajd, li jsir fl-ilmijiet interni jew fil-baħar territorjali ta' Parti;

(ii) prodotti tal-akkwakultura, fejn il-ħut, il-krustaċji u l-molluski jitwieldu u jitrabbew hemm;

(f) prodotti tas-SAjd fil-baħar u prodotti oħra miksuba mill-baħar 'il barra mill-baħar territorjali ta' Parti mill-bastimenti tagħha;

(g) prodotti magħmula abbord il-bastimenti fabbriki tagħhom b'mod esklużiv mill-prodotti msemmija fis-subparagrafu (f);

(h) prodotti estratti mill-ħamrija jew mis-saff ta' taħt il-ħamrija marittima 'l barra mill-baħar territorjali ta' Parti, bil-kundizzjoni li Parti jkollha d-dritt li tuża dik il-ħamrija jew saff ta' taħt il-ħamrija;

(i) oġġetti użati miġbura hemmhekk li jkunu adatti biss għall-irkupru ta' materja prima jew għall-użu bħala skart;

(j) skart u rimi li jirriżulta minn operazzjonijiet ta' manifattura jew ipproċessar imwettqa hemmhekk; jew

(k) prodotti manifatturati ġewwa Parti esklussivament mill-prodotti msemmija f'dan il-paragrafu.

2. It-termini "il-bastimenti tagħha" u "il-bastimenti fabbriki tagħha" fil-paragrafu 1(f) u (g) għandhom japplikaw biss għal bastimenti u bastimenti fabbriki:

(a) li jkunu rreġistrati f'wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jew fil-Korea;

(b) li jbaħħru bil-bandiera ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jew tal-Korea; u

(c) li jissodisfaw waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

  (i) ikunu tal-anqas 50 fil-mija proprjetà ta' ċittadini ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jew tal-Korea; jew

  (ii) ikunu l-proprjetà ta' kumpaniji:

    (A) li jkollhom l-uffiċċju ewlieni tagħhom u l-post ewlieni tan-negozju tagħhom f'wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jew fil-Korea; u

    (B) li jkunu mill-anqas 50 fil-mija proprjetà ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jew tal-Korea, entitajiet pubbliċi ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew tal-Korea, ċittadini ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jew tal-Korea.

*Artikolu 5*

**Prodotti Maħdumin jew Ipproċessati Biżżejjed**

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 2(b), il-prodotti li ma jkunux kompletament miksuba huma kkunsidrati maħduma jew ipproċessati biżżejjed meta jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fil-lista fl-Anness II jew fl-Anness II(a). Dawk il-kundizzjonijiet jindikaw, għall-prodotti kollha koperti b'dan il-Ftehim, ix-xogħol jew l-ipproċessar li jrid isir fuq materjali li ma joriġinawx li jintużaw fil-manifattura, u japplikaw biss għal tali materjali. Għaldaqstant jekk:

(a) il-materjali li ma joriġinawx jgħaddu minn xogħol jew ipproċessar biżżejjed, li jirriżulta fi prodott li joriġina, u meta dak il-prodott jintuża fil-manifattura sussegwenti ta' prodott ieħor, ma għandha tittieħed l-ebda konsiderazzjoni tal-materjal li ma joriġinax li jinsab fihom; u

(b) il-materjali li ma joriġinawx u li joriġinaw jgħaddu minn ipproċessar, li jirriżulta fi prodott li ma joriġinax, u meta dak il-prodott jintuża fil-manifattura sussegwenti ta' prodott ieħor, għandu jiġi kkunsidrat biss il-materjal li ma joriġinax li jinsab fihom.

2. Minkejja l-paragrafu 1, materjali li ma joriġinawx li, skont il-kundizzjonijiet stipulati fil-lista fl-Anness II, m'għandhomx jintużaw fil-manifattura ta' prodott, jisgħu madankollu jintużaw, bil-kundizzjoni li:

(a) il-valur totali tagħhom ma jaqbiżx l-10 fil-mija tal-prezz ex fabbrika tal-prodott; u

(b) permezz tal-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu ma jinqabeż l-ebda wieħed mill-perċentwali mogħtija fil-lista fl-Anness II għall-valur massimu tal-materjali li ma joriġinawx.

3. Il-paragrafu 2 m'għandux japplika għal prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitoli 50 sa 63 tas-SA.

4. Il-paragrafi 1 sa 3 għandhom japplikaw suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6.

*Artikolu 6*

**Xogħol jew Ipproċessar Insuffiċjenti**

1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, il-proċessi li ġejjin għandhom jitqiesu bħala xogħol jew ipproċessar insuffiċjenti sabiex jingħata l-istatus ta' prodott li joriġina, kemm jekk ir-rekwiżiti tal-Artikolu 5 ikunu sodisfatti kif ukoll jekk le:

(a) proċessi ta' preżervazzjoni sabiex ikun żgurat li l-prodotti jibqgħu f'kundizzjoni tajba matul it-trasport u l-ħażna;

(b) bdil tal-imballaġġ, separazzjoni u mmuntar ta' pakketti;

(c) ħasil, tindif; tneħħija ta' trab, ossidu, żejt, żebgħa jew kisi ieħor;

(d) mogħdija jew pressa tat-tessuti;

(e) proċessi sempliċi ta' żebgħa u lostru;

(f) ħruġ mill-fosdqa, ibbliċjar parzjali jew totali, illustrar u gglejżjar ta' ċereali u ross;

(g) proċessi sabiex jingħata l-kulur jew it-togħma liz-zokkor jew biex ikunu ffurmati zokkriet; tħin parzjali jew totali ta' zokkor kristallizzat;

(h) tqaxxir, tneħħija tal-għadma jew tfesdiq ta' frott, ġewż u ħaxix;

(i) tisnin, tħin sempliċi jew qtugħ sempliċi;

(j) għarbil, skrining, għażla, klassifikar, għoti ta' grad jew tqabbil (fosthom il-kompożizzjoni ta' settijiet ta' oġġetti);

(k) tqegħid sempliċi fi fliexken, laned, flasks, boroż, bagalji jew kaxxi, twaħħil fuq kartun jew twavel u l-proċessi sempliċi l-oħra kollha ta' ppakkjar;

(l) twaħħil jew stampar ta' marki, tikketti, logos u sinjali oħra ta' distinzjoni fuq prodotti jew l-ippakkjar tagħhom;

(m) taħlit sempliċi ta' prodotti, kemm ta' tipi differenti u anki le; taħlit taz-zokkor ma' kwalunkwe materjal;

(n) l-immuntar sempliċi ta' partijiet ta' oġġetti sabiex jikkostitwixxu oġġett sħiħ jew iż-żarmar ta' prodotti f'partijiet;

(o) testijiet jew kalibrazzjonijiet;

(p) taħlita ta' żewġ proċessi jew aktar speċifikati fis-subparagrafi (a) sa (o); jew

(q) tbiċċir tal-annimali.

2. Il-proċessi kollha li jitwettqu ġewwa Parti fuq prodott partikolari għandhom jitqiesu flimkien meta jkun qed jiġi stabbilit jekk ix-xogħol jew l-ipproċessar li jkun għadda minnu l-prodott għandux jitqies bħala insuffiċjenti skont it-tifsira tal-paragrafu 1.

*Artikolu 7*

**Unità ta' Kwalifika**

1. L-unità ta' kwalifika għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll għandha tkun il-prodott li huwa kkunsidrat bħala l-unità bażika fid-determinazzjoni tan-nomenklatura tas-SA. Minn dan isegwi li:

(a) meta prodott kompost minn grupp jew assemblaġġ ta' oġġett jiġi kklassifikat taħt it-termini tas-SA f'intestatura waħda, il-prodott sħiħ jikkostitwixxi l-unità ta' kwalifika; u

(b) meta kunsinna tkun magħmula minn numru ta' prodotti identiċi kklassifikati taħt l-istess intestatura tas-SA, kull prodott għandu jitqies b'mod individwali fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll.

2. Meta, taħt ir-Regola Ġenerali 5 tas-SA, l-ippakkjar ikun inkluż mal-prodott għall-finijiet ta' klassifika, għandu jiġi inkluż għall-finijiet tal-istabbiliment tal-oriġini, u jitqies bħala li joriġina jekk il-prodott ikun joriġina.

*Artikolu 8*

**Aċċessorji, Spare Parts u Għodod**

L-aċċessorji, l-ispare parts u l-għodod mibgħuta ma' prodott, li jkunu parti mit-tagħmir normali u jkunu inklużi fil-prezz tiegħu jew li ma jkollhomx fattura separata, għandhom jitqiesu bħala ħaġa waħda mal-prodott inkwistjoni.

*Artikolu 9*

**Settijiet**

Is-settijiet, kif definiti fir-Regola Ġenerali 3 tas-SA, għandhom jitqiesu bħala li joriġinaw meta l-prodotti komponenti kollha jkunu joriġinaw, u kemm is-sett kif ukoll il-prodotti jissodisfaw ir-rekwiżiti applikabbli l-oħra kollha f'dan il-Protokoll. Madankollu, meta sett ikun magħmul minn prodotti li joriġinaw u prodotti li ma joriġinawx, is-sett kollu għandu jitqies bħala li joriġina, bil-kundizzjoni li l-valur tal-prodotti li ma joriġinawx ma jaqbiżx il-15 fil-mija tal-prezz ex fabbrika tas-sett.

*Artikolu 10*

**Elementi Newtrali**

Sabiex jiġi determinat jekk prodott joriġinax, mhuwiex meħtieġ li tiġi stabbilita l-oriġini tal-oġġetti li jistgħu jintużaw fil-manifattura tiegħu iżda li ma jidħlux u ma jkunux intenzjonati li jidħlu fil-kompożizzjoni finali tal-prodott.

*Artikolu 11*

**Segregazzjoni tal-Kontabilità tal-Materjali**

1. Meta fil-manifattura ta' prodott jintużaw materjali li joriġinaw u materjali li ma joriġinawx li jkunu identiċi u interkambjabbli, dawk il-materjali għandhom jiġu separati fiżikament, skont l-oriġini tagħhom, matul il-ħażna.

2. F'każijiet fejn jinqalgħu spejjeż konsiderevoli jew diffikultajiet materjali fiż-żamma ta' ħażniet separati ta' materjali li joriġinaw u materjali li ma joriġinawx identiċi jew interkambjabbli użati fil-manifattura ta' prodott, il-produttur jista' jużа l-metodu hekk imsejjaħ "segregazzjoni tal-kontabilità" għall-ġestjoni tal-ħażniet.

3. Dan il-metodu jiġi rreġistrat u applikat skont il-prinċipji ġeneralment aċċettati tal-kontabilità applikabbli fil-Parti fejn jiġi manifatturat il-prodott.

4. Dan il-metodu għandu jkun kapaċi jassigura li, għal perjodu ta' referenza speċifiku, in-numru ta' prodotti li joriġinaw li jirċievu status ta' oriġini ma jkunx akbar milli kien ikun kieku l-materjali ġew segregati fiżikament.

5. Parti tista' titlob li l-applikazzjoni tal-metodu għall-ġestjoni tal-ħażniet previst f'dan l-Artikolu jkun suġġett għal awtorizzazzjoni bil-quddiem mill-awtoritajiet doganali. Jekk dan ikun il-każ, l-awtoritajiet doganali jistgħu jagħtu tali awtorizzazzjoni suġġetta għal kwalunkwe kundizzjonijiet meqjusa xierqa u huma għandhom jimmonitorjaw l-użu tal-awtorizzazzjoni u jistgħu jirtirawha fi kwalunkwe ħin kull meta l-benefiċjarju jagħmel użu ħażin minnha b'xi mod jew jonqos milli jissodisfa xi waħda mill-kundizzjonijiet l-oħra stipulati f'dan il-Protokoll.

*TITOLU III*

***Rekwiżiti territorjali***

*Artikolu 12*

**Prinċipju tat-Territorjalità**

1. Ħlief kif ipprovdut fl-Artikolu 3 u fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, il-kundizzjonijiet għall-kisba ta' status ta' oriġini stipulati fit-Titolu II iridu jiġu sodisfatti mingħajr interruzzjoni ġewwa Parti.

2. Ħlief kif ipprovdut fl-Artikolu 3, meta prodotti li joriġinaw esportati minn Parti lejn non-parti jerġgħu lura, dawn għandhom jitqiesu bħala li ma joriġinawx, sakemm ma jkunx jista' jintwera għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet doganali li:

(a) il-prodotti li jerġgħu lura jkunu l-istess bħal dawk esportati; u

(b) ma jkunu għaddew mill-ebda proċess aktar milli jkun meħtieġ sabiex jippreżervahom f'kundizzjoni tajba waqt li kienu f'dik in-non-parti jew waqt li kienu qed jiġu esportati.

3. Minkejja l-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, il-Partijiet jaqblu li ċerti prodotti għandhom jitqiesu bħala li joriġinaw anki jekk ikunu għaddew minn xogħol jew ipproċessar barra mill-Korea, fuq materjali esportati mill-Korea u suċċessivament importati mill-ġdid hemmhekk, bil-kundizzjoni li x-xogħol jew l-ipproċessar isir fl-oqsma magħżula mill-Partijiet skont l-Anness IV.

*Artikolu 13*

**Trasport Dirett**

1. It-trattament preferenzjali previst taħt dan il-Ftehim japplika biss għall-prodotti, li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan il-Protokoll, li jiġu trasportati direttament bejn il-Partijiet. Madankollu, prodotti li jikkostitwixxu kunsinna waħda jistgħu jiġu trasportati minn ġewwa territorji oħra, jekk tinqala' l-okkażjoni, permezz ta' trasbord jew magazzinaġġ temporanju f'tali territorji, bil-kundizzjoni li dawn ma jiġux rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera fil-pajjiż tat-tranżitu u ma jgħaddu mill-ebda proċessi ħlief il-ħatt, it-tagħbija mill-ġdid jew kwalunkwe operazzjoni oħra maħsuba sabiex iżżommhom f'kundizzjoni tajba.

2. Għandha tiġi pprovduta evidenza lill-awtoritajiet doganali, skont il-proċeduri applikabbli fil-Parti importatriċi, li l-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1 ġew sodisfatti, billi jiġu ppreżentati:

(a) evidenza taċ-ċirkustanzi marbuta mat-trasbord jew il-ħażna tal-prodotti li joriġinaw f'pajjiżi terzi;

(b) dokument ta' trasport wieħed li jkopri l-passaġġ mill-Parti esportatriċi għall-pajjiż tat-tranżitu; jew

(c) ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tat-tranżitu:

(i) li jagħti deskrizzjoni eżatta tal-prodotti;

(ii) li jiddikjara d-dati tal-ħatt u tat-tagħbija mill-ġdid tal-prodotti u, fejn applikabbli, l-ismijiet tal-bastimenti jew il-mezzi l-oħra tat-trasport użati; kif ukoll

(iii) li jiċċertifika l-kundizzjonijiet li fihom il-prodotti baqgħu fil-pajjiż tat-tranżitu.

TAQSIMA B

**PROĊEDURI TAL-ORIĠINI**

*TITOLU IV*

***Rifużjoni jew eżenzjoni***

*Artikolu 14*

**Rifużjoni ta' Dazji Doganali jew Eżenzjoni Minnhom**

1. Wara ħames snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, fuq talba ta' xi Parti, il-Partijiet għandhom jeżaminaw flimkien l-iskemi tagħhom ta' rifużjoni tad-dazju u ta' ppro ċessar 'il ġewwa. Sena wara d-dħul fis-seħħ, u suċċessivament kull sena, il-Partijiet għandhom jiskambjaw l-informazzjoni disponibbli fuq bażi reċiproka dwar l-operat tal-iskemi tagħhom ta' rifużjoni tad-dazju u tal-ipproċessar 'il ġewwa, kif ukoll statistiċi dettaljati kif ġej:

1.1 L-istatistiċi tal-importazzjoni fil-livell ta' 8/10 figuri skont il-pajjiż li jibdew minn sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim għandhom jiġu pprovduti għall-importazzjonijiet ta' materjali kklassifikati taħt l-intestaturi 8407, 8408, 8522, 8527, 8529, 8706, 8707 u 8708 tas-SA 2007, kif ukoll l-istatistiċi tal-esportazzjoni għal 8703, 8519, 8521 u 8525 sa 8528. Meta jintalbu, għandhom jiġu pprovduti statistiċi dwar materjali jew prodotti oħra. Għandha tiġi skambjata informazzjoni regolari dwar il-miżuri meħuda sabiex jiġu implimentati l-limitazzjonijiet fuq l-iskemi ta' rifużjoni tad-dazju u tal-ipproċessar 'il ġewwa introdotti fuq il-bażi tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

2. Fi kwalunkwe ħin wara li jinbeda l-eżami msemmi hawn fuq, Parti tista' titlob konsultazzjonijiet mal-Parti l-oħra bil-għan li tiddiskuti limitazzjonijiet possibbli fuq l-iskemi ta' rifużjoni tad-dazju u tal-ipproċessar 'il ġewwa għal prodott partikolari f'każ li jkun hemm evidenza ta' bidla fil-mudelli ta' akkwist mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim li jistgħu jkollhom effett negattiv fuq il-kompetizzjoni għall-produtturi domestiċi ta' prodotti simili jew direttament kompetituri fil-Parti li tagħmel it-talba.

2.1 Il-kundizzjonijiet hawn fuq imsemmija għandhom jiġu stabbiliti fuq il-bażi ta' evidenza pprovduta mill-Parti li titlob il-konsultazzjonijiet li:

(a) ir-rata li biha jkunu qegħdin jiżdiedu ġewwa Parti l-importazzjonijiet li fuqhom jitħallas id-dazju, ta' materjali inkorporati fi prodotti partikolari minn pajjiżi li magħhom ma jkun fis-seħħ l-ebda ftehim ta' kummerċ ħieles, tkun ħafna akbar mir-rata li biha jkunu qegħdin jiżdiedu l-esportazzjonijiet tal-prodott li jinkorpora fih tali materjali lejn il-Parti l-oħra, sakemm il-Parti li lilha tiġi indirizzata t-talba għall-konsultazzjoni ma tistabbilixxix li, *inter alia*, tali żieda fl-importazzjonijiet ta' materjali tkun:

(i) essenzjalment dovuta għal żieda fil-konsum domestiku tal-prodott li jinkorpora fih dawk il-materjali tal-Parti;

(ii) essenzjalment dovuta għall-użu tal-materjali importati fi prodott ħlief dak kopert mill-paragrafu 2;

(iii) dovuta għal żieda fl-esportazzjonijiet lejn pajjiżi ħlief il-Parti tal-prodott li jinkorpora tali materjali; jew

(iv) limitata għall-importazzjonijiet ta' komponenti ta' valur/teknoloġija għolja, li ma jbaxxux il-prezz tal-prodott għall-esportazzjoni tal-Parti; u

(b) l-importazzjonijiet mill-Parti lejn il-Parti l-oħra, tal-prodott li jinkorpora tali materjali, żdiedu b'mod sinifikanti f'termini assoluti jew relattivi mal-produzzjoni domestika. Għandha tingħata konsiderazzjoni wkoll lil evidenza pertinenti rigward l-effett fuq il-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni għall-produtturi tal-prodotti simili jew direttament f'kompetizzjoni tal-Parti l-oħra. ([1])

3. F'każ ta' nuqqas ta' qbil dwar jekk ikunux sodisfatti l-kundizzjonijiet fil-paragrafu 2, il-kwistjoni għandha tiġi determinata permezz ta' arbitraġġ vinkolanti minn Bord stabbilit skont l-Artikolu 14.5 (Stabbiliment tal-Bord tal-Arbitraġġ) tal-Kapitolu Erbatax (Soluzzjoni tat-Tilwim) bħala każ ta' urġenza ([2]). Jekk il-Bord jiddeċiedi li l-kundizzjonijiet tal-paragrafu 2 ġew sodisfatti, sakemm ma jkunx maqbul mod ieħor, il-Partijiet għandhom, normalment fi żmien 90 jum u fl-ebda każ mhux aktar minn 150 jum mid-deċiżjoni, jillimitaw ir-rata massima ta' dazju doganali fuq materjal li ma joriġinax għal dak il-prodott li jista' jiġi rimborżat għal ħamsa fil-mija.

*TITOLU V*

***Prova tal-oriġini***

*Artikolu 15*

**Rekwiżiti ġenerali**

1. Il-prodotti li joriġinaw mill-Parti tal-UE għandhom, meta jiġu importati fil-Korea, u l-prodotti li joriġinaw mill-Korea għandhom, meta jiġu importati fil-Parti tal-UE, jibbenefikaw minn trattament tariffarju preferenzjali ta' dan il-Ftehim fuq il-bażi ta' dikjarazzjoni, iktar 'il quddiem imsejħa id-"dikjarazzjoni ta' oriġini", mogħtija mill-esportatur fuq fattura, nota ta' kunsinna jew kull dokument kummerċjali ieħor li jiddeskrivi l-prodotti kkonċernati f'dettall suffiċjenti sabiex ikunu jistgħu jiġu identifikati. It-testi tad-dikjarazzjonijiet ta' oriġini jidhru fl-Anness III.

2. Minkejja l-paragrafu 1, prodotti li joriġinaw fi ħdan it-tifsira ta' dan il-Protokoll għandhom, fil-każijiet speċifikati fl-Artikolu 21, jibbenefikaw mit-trattament tariffarju preferenzjali ta' dan il-Ftehim mingħajr ma jkun meħtieġ li jiġi ppreżentat xi wieħed mid-dokumenti msemmija fil-paragrafu 1.

*Artikolu 16*

**Kundizzjonijiet biex Issir Dikjarazzjoni ta' Oriġini**

1. Dikjarazzjoni ta' oriġini kif imsemmija fl-Artikolu 15.1 ta' dan il-Protokoll tista' ssir:

(a) minn esportatur approvat fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 17; jew

(b) minn kwalunkwe esportatur għal kwalunkwe kunsinna li tikkonsisti minn pakkett wieħed jew aktar li jkun fih/fihom prodotti li joriġinaw li l-valur totali tagħhom ma jaqbiżx is-6 000 euro.

2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3, dikjarazzjoni ta' oriġini tista' ssir jekk il-prodotti kkonċernati jkunu jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw mill-Parti tal-UE jew fil-Korea u jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħra ta' dan il-Protokoll.

3. L-esportatur li jagħmel id-dikjarazzjoni ta' oriġini għandu jkun ippreparat sabiex jissottometti fi kwalunkwe ħin, fuq talba tal-awtoritajiet doganali tal-parti esportatriċi, id-dokumenti xierqa kollha li jippruvaw li l-prodotti kkonċernati għandhom status ta' oriġini, fosthom dikjarazzjonijiet mill-fornituri jew mill-produtturi skont il-leġiżlazzjoni domestika kif ukoll li qegħdin jintlaħqu r-rekwiżiti l-oħra ta' dan il-Protokoll.

4. Dikjarazzjoni ta' oriġini għandha ssir mill-esportatur billi jittajpja, jittimbra jew jistampa fuq il-fattura, in-nota ta' kunsinna jew dokument kummerċjali ieħor, it-test li jidher fl-Anness III, billi juża waħda mill-verżjonijiet lingwistiċi stipulati f'dak l-Anness u skont il-leġiżlazzjoni tal-Parti esportatriċi.

5. Id-dikjarazzjonijiet ta' oriġini għandu jkollhom il-firma oriġinali tal-esportatur bl-idejn. Madankollu, esportatur approvat fit-tifsira tal-Artikolu 17 m'għandux ikun meħtieġ li jiffirma tali dikjarazzjonijiet, bil-kundizzjoni li huwa jagħti lill-awtoritajiet doganali tal-Parti esportatriċi, impenn bil-miktub li huwa jaċċetta r-responsabbiltà sħiħa għal kull dikjarazzjoni ta' oriġini li tidentifikah bħal li kieku ġiet iffirmata bl-idejn minnu.

6. Dikjarazzjoni ta' oriġini tista' ssir mill-esportatur meta l-prodotti li tirreferi għalihom jiġu esportati, jew wara l-esportazzjoni bil-kundizzjoni li tiġi ppreżentata fil-Parti importatriċi mhux aktar tard minn sentejn jew il-perjodu speċifikat fil-leġiżlazzjoni tal-Parti importatriċi wara l-importazzjoni tal-prodotti li għalihom tirreferi.

*Artikolu 17*

**Esportatur Approvat**

1. L-awtoritajiet doganali tal-Parti esportatriċi jistgħu jawtorizzaw lil kwalunkwe esportatur, (minn hawn 'il quddiem "esportatur approvat"), li jesporta prodotti taħt dan il-Ftehim, biex jagħmel dikjarazzjonijiet ta' oriġini irrispettivament mill-valur tal-prodotti kkonċernati skont il-kundizzjonijiet xierqa fil-liġijiet u r-regolamenti rispettivi tal-Parti esportatriċi. Kull esportatur li jfittex tali awtorizzazzjoni jrid joffri għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet doganali, il-garanziji kollha neċessarji sabiex jiġi vverifikat l-istatus ta' oriġini tal-prodotti kif ukoll li ssodisfaw ir-rekwiżiti l-oħra ta' dan il-Protokoll.

2. L-awtoritajiet doganali jistgħu jagħtu l-istatus ta' esportatur approvat suġġett għal kwalunkwe kundizzjonijiet li huma jikkunsidraw xierqa.

3. L-awtoritajiet doganali għandhom jagħtu lill-esportatur approvat numru tal-awtorizzazzjoni doganali li għandu jidher fuq id-dikjarazzjoni ta' oriġini.

([1]) Is-sena bażi għall-iskop li tiġi evalwata d-dejta statistika taħt dan l-Artikolu għandha tkun il-medja tal-aħħar tliet snin immedjatament qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, kull sena tkun is-sena fiskali ta' Jannar sa Diċembru. L-evidenza tista' tkun ibbażata fuq total tal-materjali kollha użati bħala materjal li ma joriġinax għall-prodott ikkonċernat jew subsett ta' dawn il-materjali. Fil-każ tal-aħħar, il-limitazzjonijiet fuq ir-rifużjoni tad-dazju u l-ipproċessar 'il ġewwa japplikaw biss għas-subsett.

([2]) Għal aktar ċarezza, mhumiex meħtieġa konsultazzjonijiet addizzjonali ħlief dawk previsti fil-paragrafu 2, li l-iskadenzi għalihom huma l-istess bħal dawk tal-Artikolu 14.3.4, qabel ma Parti tkun tista' titlob l-istabbiliment ta' Bord bħal dan. L-iskadenzi sabiex il-Bord joħroġ id-deċiżjoni tiegħu huma indikati fl-Artikolu 14.7.2.

4. L-awtoritajiet doganali għandhom jimmonitorjaw l-użu tal-awtorizzazzjoni mill-esportatur approvat.

5. L-awtoritajiet doganali jistgħu jirtiraw l-awtorizzazzjoni fi kwalunkwe ħin. Huma għandhom jagħmlu dan meta l-esportatur approvat ma joffrix iżjed il-garanziji msemmija fil-paragrafu 1, ma jissodisfax aktar il-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 jew inkella jagħmel użu skorrett mill-awtorizzazzjoni.

*Artikolu 18*

**Validità tal-Prova tal-Oriġini**

1. Prova tal-oriġini għandha tkun valida għal tnax-il xahar mid-data tal-ħruġ fil-Parti esportatriċi, u għandu jintalab trattament tariffarju preferenzjali matul il-perjodu msemmi lill-awtoritajiet doganali tal-Parti importatriċi.

2. Il-provi tal-oriġini li jiġu ppreżentati lill-awtoritajiet doganali tal-Parti importatriċi wara d-data finali għall-preżentazzjoni kif speċifikata fil-paragrafu 1 jistgħu jiġu aċċettati għall-iskop li jkun applikat trattament tariffarju preferenzjali skont il-liġijiet u r-regolamenti rispettivi tal-Parti importatriċi, fejn in-nuqqas ta' preżentazzjoni ta' dawn id-dokumenti sad-data finali stabbilita jkun seħħ minħabba ċirkustanzi eċċezzjonali.

3. F'każijiet ta' preżentazzjoni tardiva ħlief dawk tal-paragrafu 2, l-awtoritajiet doganali tal-Parti importatriċi jistgħu jaċċettaw il-provi tal-oriġini skont il-proċeduri tal-Partijiet fejn il-prodotti jkunu ġew ippreżentati qabel id-data finali msemmija.

*Artikolu 19*

**Talbiet għal Trattament Tariffarju Preferenzjali u Sottomissjoni tal-Prova tal-Oriġini**

Sabiex jintalab trattament tariffarju preferenzjali, il-provi tal-oriġini għandhom, jekk ikun meħtieġ mil-liġijiet u r-regolamenti tal-Parti importatriċi, jiġu ppreżentati lill-awtoritajiet doganali tal-Parti importatriċi. L-awtoritajiet imsemmija jistgħu jitolbu traduzzjoni ta' prova tal-oriġini u jistgħu jitolbu wkoll li d-dikjarazzjoni tal-importazzjoni tkun akkumpanjata bi stqarrija mill-importatur li l-prodotti jilħqu l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim.

*Artikolu 20*

**Importazzjoni Gradwali**

Meta, fuq talba tal-importatur u bil-kundizzjonijiet stipulati mill-awtoritajiet doganali tal-Parti importatriċi, jiġu importati b'mod gradwali prodotti żarmati jew mhux armati skont it-tifsira tar-Regola Ġenerali 2(a) tas-SA li jaqgħu taħt it-Taqsimiet XVI u XVII jew l-istestaturi 7308 u 9406 tas-SA, għandha tiġi ppreżentata prova waħda tal-oriġini għal tali prodotti lill-awtoritajiet doganali mal-importazzjoni tal-ewwel kunsinna.

*Artikolu 21*

**Eżenzjonijiet mill-Prova tal-Oriġini**

1. Il-prodotti mibgħuta bħala pakketti żgħar minn persuni privati lil persuni privati jew li jagħmlu parti mill-bagalji personali ta' vjaġġaturi għandhom jiġu ammessi bħala prodotti li joriġinaw mingħajr ma tkun meħtieġa l-preżentazzjoni ta' prova tal-oriġini, bil-kundizzjoni li tali prodotti ma jkunux importati permezz tal-kummerċ u jkunu ġew iddikjarati li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan il-Protokoll u meta ma jkun hemm l-ebda dubju dwar il-veraċità ta' tali dikjarazzjoni. Fil-każ ta' prodotti mibgħuta bil-posta, din id-dikjarazzjoni tista' ssir fuq dikjarazzjoni doganali postali jew fuq folja karta meħmuża ma' dak id-dokument.

2. L-importazzjonijiet li jkunu okkażjonali u li jkunu jikkonsistu biss minn prodotti għall-użu personali tar-riċevituri jew il-vjaġġaturi jew il-familji tagħhom m'għandhomx ikunu kkunsidrati bħala importazzjonijiet permezz ta' kummerċ jekk ikun evidenti min-natura u l-kwantità tal-prodotti li ma jkun hemm l-ebda skop kummerċjali.

3. Barra minn hekk, il-valur totali ta' dawn il-prodotti m'għandux jaqbeż:

(a) għal importazzjoni fil-Parti tal-UE, 500 euro fil-każ ta' pakketti żgħar jew 1 200 euro fil-każ ta' prodotti li jiffurmaw parti mill-bagalji personali ta' vjaġġaturi;

(b) għal importazzjoni fil-Korea, 1 000 dollaru Amerikan kemm fil-każ ta' pakketti żgħar kif ukoll fil-każ tal-prodotti li jiffurmaw parti mill-bagalji personali ta' vjaġġaturi.

4. Għall-iskop tal-paragrafu 3, f'każijiet fejn il-prodotti tinħarġilhom fattura f'munita li ma tkunx l-euro jew id-dollaru Amerikan, l-ammonti fil-muniti nazzjonali tal-Partijiet li jkunu ekwivalenti għall-ammonti f'euro jew fid-dollaru Amerikan għandhom jiġu stabbiliti skont ir-rata tal-kambju kurrenti applikabbli fil-Parti importatriċi.

*Artikolu 22*

**Dokumenti ta' Sostenn**

Id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 16.3 użati għall-iskop li jagħtu prova li l-prodotti koperti bi provi tal-oriġini, jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw mill-Parti tal-UE jew fil-Korea u li jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħra ta' dan il-Protokoll, jistgħu jinkludu, *inter alia*:

(a) prova diretta tal-proċessi mwettqa mill-esportatur, il-fornitur jew il-produttur sabiex jikseb l-oġġetti kkonċernati, li jinstabu, pereżempju, fil-kontijiet tiegħu jew fiż-żamma tal-kotba interni tiegħu;

(b) dokumenti li jagħtu prova tal-istatus ta' oriġini tal-materjali użati, maħruġa jew magħmula ġewwa Parti fejn dawn id-dokumenti jintużaw kif previst fil-liġi domestika tagħha;

(c) dokumenti li jagħtu prova li x-xogħol jew l-ipproċessar tal-materjali ġewwa Parti, maħruġa jew magħmula ġewwa Parti, meta dawn id-dokumenti jintużaw kif previst fil-liġi nazzjonali tagħha;

(d) provi tal-oriġini li jagħtu prova tal-istatus ta' oriġini tal-materjali użati maħruġa jew magħmula ġewwa Parti skont dan il-Protokoll; u

(e) evidenza xierqa dwar ix-xogħol jew l-ipproċessar magħmul barra t-territorji tal-Partijiet bl-applikazzjoni tal-Artikolu 12, li tikkonferma li r-rekwiżiti ta' dak l-Artikolu ġew sodisfatti.

*Artikolu 23*

**Preżervazzjoni tal-Prova tal-Oriġini u tad-Dokumenti ta' Sostenn**

1. L-esportatur li jagħmel dikjarazzjoni ta' oriġini għandu jżomm għal ħames snin kopja ta' din id-dikjarazzjoni ta' oriġini kif ukoll id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 16.3.

2. L-importatur għandu jżomm ir-rekords kollha relatati mal-importazzjoni skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-Parti importatriċi.

3. L-awtoritajiet doganali tal-Parti importatriċi għandhom iżommu għal ħames snin id-dikjarazzjonijiet ta' oriġini sottomessi lilhom.

4. Ir-rekords li għandhom jinżammu skont il-paragrafi 1 sa 3 jistgħu jinkludu rekords elettroniċi.

*Artikolu 24*

**Diskrepanzi u Żbalji Formali**

1. L-iskoperta ta' diskrepanzi żgħar bejn id-dikjarazzjonijiet magħmula fil-prova tal-oriġini u dawk magħmula fid-dokumenti ppreżentati lill-uffiċċju doganali bil-għan li jitwettqu l-formalitajiet għall-importazzjoni tal-prodotti ma għandhiex *ipso facto* tannulla l-prova tal-oriġini jekk ikun stabbilit sewwa li tali dokument ma jikkorrispondix mal-prodotti ppreżentati.

2. Żbalji formali ovvji bħalma huma żbalji tat-tajping fi prova tal-oriġini ma għandhomx iwasslu biex dan id-dokument jiġi rifjutat jekk dawn l-iżbalji ma jkunux tali li joħolqu dubji dwar il-korrettezza tad-dikjarazzjonijiet magħmula f'dan id-dokument.

*Artikolu 25*

**Ammonti f'Euro**

1. Għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 16.1(b) f'każijiet fejn il-prodotti jiġu fatturati f'munita li mhijiex l-euro, l-ammonti fil-munita nazzjonali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea ekwivalenti għall-ammonti f'euro għandhom jiġu ffissati kull sena mill-Parti tal-UE u ppreżentati lill-Korea.

2. Konsenja għandha tibbenefika mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 16.1(b) b'referenza għall-munita li biha tkun tfasslet il-fattura, skont l-ammont fiss mill-Parti tal-UE.

3. L-ammonti li għandhom jintużaw fi kwalunkwe munita nazzjonali partikolari tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għandhom ikunu ekwivalenti f'dik il-munita għall-ammonti f'euro hekk kif kienu fl-ewwel ġurnata tax-xogħol ta' Ottubru. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tinnotifika lill-Korea dwar dawn l-ammonti sal-15 ta' Ottubru u dawn l-ammonti għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara.

4. L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jistgħu jżidu jew inaqqsu l-ammont li jirriżulta mill-kambju għall-munita nazzjonali tagħhom ta' ammont f'euro, biex jagħtu ċifra għad-dritt. L-ammont mogħti għad-dritt ma jistax ivarja b'aktar minn ħamsa fi-mija mill-ammont li jirriżulta mill-kambju. L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jistgħu jżommu bla ma jibdlu l-ekwivalenti fil-munita nazzjonali tagħhom ta' ammont f'euro jekk, fiż-żmien tal-aġġustament annwali previst fil-paragrafu 3, il-qalba ta' dak l-ammont, qabel ma nġibed għad-dritt, tirriżulta f'żieda ta' inqas minn 15 fil-mija fl-ekwivalenti tal-munita nazzjonali. L-ekwivalenti tal-munita nazzjonali jista' jinżamm mhux mibdul jekk il-kambju jirriżulta fi tnaqqis f'dak il-valur ekwivalenti.

5. L-ammonti f'euro għandhom jiġu riveduti mill-Kumitat Doganali meta jintalab minn xi Parti. Meta jwettaq din ir-reviżjoni, il-Kumitat Doganali għandu jikkunsidra x-xewqa li jinżammu f'termini reali l-effetti tal-limiti kkonċernati. Għal dan il-għan, huwa jista' jiddeċiedi li jimmodifika l-ammonti f'euro.

*TITOLU VI*

***Arranġamenti għal kooperazzjoni amministrattiva***

*Artikolu 26*

**Skambju tal-Indirizzi**

L-awtoritajiet doganali tal-Partijiet għandhom jipprovdu lil xulxin, permezz tal-Kummissjoni Ewropea, l-indirizzi tal-awtoritajiet doganali responsabbli biex jivverifikaw il-provi tal-oriġini.

*Artikolu 27*

**Verifika tal-Provi tal-Oriġini**

1. Sabiex jassiguraw l-applikazzjoni korretta ta' dan il-Protokoll, il-Partijiet għandhom jassistu lil xulxin, permezz tal-awtoritajiet doganali, fl-ivverifikar tal-awtentiċità tal-provi tal-oriġini u l-korrettezza tal-informazzjoni mogħtija f'dawn id-dokumenti.

2. Il-verifiki sussegwenti tal-provi tal-oriġini għandhom jitwettqu b'mod każwali jew kull meta l-awtoritajiet doganali tal-Parti importatriċi jkollhom dubji raġonevoli fir-rigward tal-awtentiċità ta' dawn id-dokumenti, l-istatus ta' oriġini tal-prodotti kkonċernati jew it-twettiq tar-rekwiżiti l-oħra ta' dan il-Protokoll.

3. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet doganali tal-Parti importatriċi għandhom jagħtu lura l-provi tal-oriġini jew kopja ta' dawn id-dokumenti, lill-awtoritajiet doganali tal-Parti esportatriċi u jagħtu, fejn ikun xieraq, ir-raġunijiet għat-talba. Kwalunkwe dokument u informazzjoni miksuba, li jissuġġerixxu li l-informazzjoni mogħtija fi prova tal-oriġini hija żbaljata, għandha jintbagħtu b'sostenn għat-talba tal-verifika.

4. Il-verifika għandha titwettaq mill-awtoritajiet doganali tal-Parti esportatriċi. Għal dan il-għan, huma għandhom ikollhom id-dritt li jsejħu kwalunkwe evidenza u jwettqu kwalunkwe spezzjoni tal-kontijiet tal-esportatur jew kwalunkwe kontroll ieħor meqjus xieraq.

5. Jekk l-awtoritajiet doganali tal-Parti importatriċi jiddeċiedu li jissospendu l-għoti tat-trattament preferenzjali lill-prodotti kkonċernati waqt li jkunu qed jistennew ir-riżultati tal-verifika, ir-rilaxx tal-prodotti għandu jiġi offrut lill-importatur suġġett għal kwalunkwe miżura ta' prekawzjoni li tkun ikkunsidrata neċessarja.

6. L-awtoritajiet doganali li jitolbu l-verifika għandhom jiġu infurmati bir-riżultati ta' din il-verifika, fosthom is-sejbiet u l-fatti, malajr kemm jista' jkun. Dawn ir-riżultati għandhom jindikaw b'mod ċar jekk id-dokumenti humiex awtentiċi u jekk il-prodotti kkonċernati jistgħux jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw f'Parti u jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħra ta' dan il-Protokoll.

7. Jekk f'każijiet ta' dubju raġonevoli ma jkun hemm l-ebda risposta fi żmien 10 xhur mid-data tat-talba għall-verifika jew jekk ir-risposta ma jkunx fiha informazzjoni suffiċjenti biex tiġi determinata l-awtentiċità tad-dokument inkwistjoni jew l-oriġini vera tal-prodotti, l-awtoritajiet doganali li jagħmlu t-talba għandhom, ħlief f'ċirkustanzi eċċezzjonali, jirrifjutaw id-dritt għall-preferenza.

8. Minkejja l-Artikolu 2 tal-Protokoll dwar l-Assistenza Amministrattiva Reċiproka fi Kwistjonijiet Doganali, il-Partijiet għandhom jirreferu għall-Artikolu 7 ta' dak il-Protokoll għal talbiet konġunti relatati mal-provi tal-oriġini.

*Artikolu 28*

**Soluzzjoni tat-Tilwim**

1. Meta jinqalgħu kwistjonijiet relatati mal-proċeduri ta' verifika tal-Artikolu 27 li ma jkunux jistgħu jiġu solvuti bejn l-awtoritajiet doganali li jitolbu l-verifika u l-awtoritajiet doganali responsabbli sabiex iwettqu din il-verifika, jew meta tinqala' kwistjoni dwar l-interpretazzjoni ta' dan il-Protokoll, huma għandhom jiġu ppreżentati lill-Kumitat Doganali.

2. Fil-każijiet kollha, is-soluzzjoni tat-tilwim bejn l-importatur u l-awtoritajiet kompetenti tal-Parti importatriċi għandha taqa' taħt il-leġiżlazzjoni tal-Parti msemmija.

*Artikolu 29*

**Penali**

Għandhom jiġu imposti penali skont il-leġiżlazzjoni tal-Partijiet, fuq kwalunkwe persuna li tfassal, jew li tikkawża li jitfassal, dokument li jkun fih tagħrif żbaljat bil-għan li jinkiseb trattament preferenzjali għall-prodotti.

*Artikolu 30*

**Żoni Ħielsa**

1. Il-Partijiet għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa sabiex jassiguraw li l-prodotti nnegozjati taħt kopertura ta' prova tal-oriġini li waqt it-trasport jużaw żona ħielsa li tinsab fit-territorji tagħhom, ma jiġux mibdula bi prodotti oħra u ma jgħaddu mill-ebda tip ta' mmaniġġar ħlief operazzjonijiet normali maħsuba sabiex jimpedixxu d-deterjorament tagħhom.

2. Permezz ta' eżenzjoni mid-dispożizzjonijiet li jinsabu fil-paragrafu 1, meta prodotti li joriġinaw f'Parti jidħlu f'żona ħielsa taħt kopertura ta' prova tal-oriġini u jgħaddu minn trattament jew ipproċessar, tista' ssir prova oħra tal-oriġini jekk it-trattament jew l-ipproċessar li jkun sar ikun konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll.

TAQSIMA C

**CEUTA U MELILLA**

*TITOLU VII*

***Ceuta u Melilla***

*Artikolu 31*

**Applikazzjoni tal-Protokoll**

1. It-terminu "Parti tal-UE" ma jkoprix lil Ceuta u Melilla.

2. Il-prodotti li joriġinaw mill-Korea, meta jiġu importati f'Ceuta jew Melilla, għandhom igawdu f'kull aspett mill-istess sistema doganali bħal dik li applikata għall-prodotti li joriġinaw mit-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea skont il-Protokoll 2 tal-Att tal-Adeżjoni tar-Renju ta' Spanja u r-Repubblika Portugiża mal-Komunitajiet Ewropej. Il-Korea għandha tagħti lill-importazzjonijiet ta' prodotti koperti b'dan il-Ftehim u li joriġinaw minn Ceuta u Melilla, l-istess sistema doganali bħal dik mogħtija lil prodotti importati minn u li joriġinaw mill-UE.

3. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-paragrafu 2 fir-rigward ta' prodotti li joriġinaw minn Ceuta u Melilla, dan il-Protokoll għandu japplika *mutatis mutandis* suġġett għall-kundizzjonijiet speċjali stipulati fl-Artikolu 32.

*Artikolu 32*

**Kundizzjonijiet Speċjali**

1. Sakemm ikunu ġew ittrasportati direttament skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 13, dawn li ġejjin għandhom jitqiesu bħala:

(a) prodotti li joriġinaw minn 'Ceuta u Melilla:

(i) prodotti miksuba kompletament minn Ceuta u Melilla; jew

(ii) prodotti miksuba minn Ceuta u Melilla li fil-manifattura tagħhom jintużaw prodotti ħlief dawk imsemmija fis-subparagrafu (i), bil-kundizzjoni li l-prodotti msemmija:

(A) jkunu għaddew minn xogħol jew ipproċessar suffiċjenti skont it-tifsira tal-Artikolu 5; jew

(B) joriġinaw f'Parti, bil-kundizzjoni li jkunu ġew sottomessi għal xogħol jew ipproċessar li jmur lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6.

(b) prodotti li joriġinaw mill-Korea:

(i) prodotti miksuba kompletament mill-Korea; jew

(ii) prodotti miksuba mill-Korea, li fil-manifattura tagħhom jintużaw prodotti ħlief dawk imsemmija fis-subparagrafu (b)(i), bil-kundizzjoni li l-prodotti msemmija:

(A) jkunu għaddew minn xogħol jew ipproċessar suffiċjenti skont it-tifsira tal-Artikolu 5; jew

(B) joriġinaw minn Ceuta u Melilla jew mill-Parti tal-UE, bil-kundizzjoni li jkunu ġew sottomessi għal xogħol jew ipproċessar li jmur lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6.

2. Ceuta u Melilla għandhom jitqiesu bħala territorju wieħed.

3. L-esportatur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandu jniżżel "Il-Korea" jew "Ceuta u Melilla" fuq id-dikjarazzjonijiet ta' oriġini.

4. L-awtoritajiet doganali Spanjoli għandhom ikunu responsabbli għall-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll f'Ceuta u Melilla.

TAQSIMA D

## DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

*TITOLU VIII*

## ***Dispożizzjonijiet finali***

*Artikolu 33*

### Emendi għall-Protokoll

Il-Kumitat għall-Kummerċ jista' jiddeċiedi li jemenda d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll.

*Artikolu 34*

### Dispożizzjonijiet Tranżitorji għal Oġġetti fi Tranżitu jew f'Ħażna

Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim jistgħu jiġu applikati għal oġġetti li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll u li fil-jum tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim ikunu jew fi tranżitu, fil-Partijiet, f'ħażna temporanja f'imħażen doganali jew f'żoni ħielsa, suġġett għall-preżentazzjoni lill-awtoritajiet doganali tal-Parti importatriċi, fi żmien 12-il xahar minn dik id-data, ta' prova tal-oriġini maħruġa b'mod retrospettiv flimkien mad-dokumenti li juru li l-oġġetti ġew trasportati direttament skont l-Artikolu 13.

*ANNESS I*

**NOTI INTRODUTTORJI GĦAL-LISTA FL-ANNESS II**

Nota 1:

Il-lista tistabbilixxi l-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex il-prodotti kollha jitqiesu li huma maħduma jew ipproċessati biżżejjed fis-sens tal-Artikolu 5 ta' dan il-Protokoll.

Nota 2:

2.1. L-ewwel żewġ kolonni fil-lista jiddeskrivu l-prodott miksub. L-ewwel kolonna tagħti n-numru tas-subintestatura, in-numru tal-intestatura jew in-numru tal-kapitolu użat fis-Sistema Armonizzata u t-tieni kolonna tagħti d-deskrizzjoni tal-prodotti użati f'dik is-sistema għal dik is-subintestatura, intestatura jew kapitolu. Għal kull annotazzjoni fl-ewwel żewġ kolonni, tiġi speċifikata regola fil-kolonna 3 jew 4. Meta, f'xi każijiet, l-annotazzjoni fl-ewwel kolonna tkun preċeduta minn "ex", dan ikun ifisser li r-regoli fil-kolonna 3 jew 4 japplikaw biss għall-parti ta' dik is-subintestatura jew intestatura kif deskritt fil-kolonna 2.

2.2. Fejn diversi numri ta' subintestaturi jew intestaturi jkunu miġburin flimkien fil-kolonna 1 jew jingħata numru tal-Kapitolu u d-deskrizzjoni tal-prodotti fil-kolonna 2 għalhekk tingħata f'termini ġenerali, ir-regoli ta' maġenbhom fil-kolonna 3 jew 4 japplikaw għall-prodotti kollha li, taħt is-Sistema Armonizzata, ikunu kklassifikati f'subintestaturi jew intestaturi tal-kapitolu jew f'xi waħda mis-subintestaturi jew intestaturi miġburin flimkien fil-kolonna 1.

2.3. Fejn ikun hemm regoli differenti fil-lista li japplikaw għal prodotti differenti fi ħdan subintestatura jew intestatura, kull inċiż ikun jinkludi d-deskrizzjoni ta' dik il-parti tas-subintestatura jew tal-intestatura koperta mir-regoli ta' maġenbhom fil-kolonna 3 jew 4.

2.4. Meta, għal annotazzjoni fl-ewwel żewġ kolonni, tkun speċifikata regola kemm fil-kolonna 3 kif ukoll 4, l-esportatur jista' jagħżel, bħala alternattiva, li japplika jew ir-regola stabbilita fil-kolonna 3 jew dik stabbilita fil-kolonna 4. Jekk ma tingħata l-ebda regola tal-oriġini fil-kolonna 4, għandha tiġi applikata r-regola stabbilita fil-kolonna 3.

Nota 3:

3.1. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5 ta' dan il-Protokoll, li jirrigwardaw prodotti li jkunu kisbu status ta' oriġini li jintużaw fil-manifattura ta' prodotti oħra, għandhom japplikaw, irrispettivament minn jekk dan l-istatus ikunx inkiseb ġewwa l-fabbrika fejn jintużaw dawn il-prodotti jew ġewwa fabbrika oħra f'Parti.

Eżempju:

Magna tal-intestatura 8407, li għaliha r-regola tgħid li l-valur tal-materjal li ma joriġinax li jista' jiġi inkorporat ma jistax jaqbeż il-50 fil-mija tal-prezz tal-fabbrika, hija magħmula minn materjali tal-intestatura 7201, 7202, 7203, 7204, 7205, jew is-subintestatura 722410.

Jekk dan il-materjal ġie pproċessat fil-Parti tal-UE minn ingott li ma joriġinax, huwa diġà jkun kiseb status ta' oriġini bis-saħħa tar-regola għas-subintestatura 722490 fil-lista. Il-materjal imbagħad ikun jista' jgħodd bħala li joriġina fil-kalkolu tal-valur tal-magna, irrispettivament minn jekk ġiex prodott fl-istess fabbrika jew f'xi fabbrika oħra tal-Parti tal-UE. Il-valur tal-ingott li ma joriġinax għalhekk ma jitqiesx meta jiġi kkalkulat il-valur tal-materjal li ma joriġinax li jintuża.

3.2. Ir-regola fil-lista tirrappreżenta l-ammont minimu ta' xogħol jew ipproċessar li huwa meħtieġ, u t-twettiq ta' aktar xogħol jew ipproċessar ukoll jagħti status ta' oriġini; mill-banda l-oħra, it-twettiq ta' inqas xogħol jew ipproċessar ma jistax jagħti status ta' oriġini. Għaldaqstant, jekk regola tipprovdi li materjal li ma joriġinax, f'ċertu livell tal-manifattura, jista' jintuża, l-użu ta' materjal bħal dan fi stadju aktar bikri tal-manifattura huwa permess, l-użu ta' materjal bħal dan fi stadju aktar tard mhuwiex.

3.3. Mingħajr preġudizzju għan-Nota 3.2, meta regola tuża l-espressjoni "Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura", f'dak il-każ jista' jintuża materjal ta' kwalunkwe intestatura (anki materjali tal-istess deskrizzjoni u intestatura bħall-prodott), suġġett, madankollu, għal kwalunkwe limitazzjonijiet speċifiċi li jista' jkun hemm ukoll fir-regola.

Madankollu, l-espressjoni "Manifattura minn materjali taħt kwalunkwe intestatura, inklużi materjali taħt l-intestatura…" tfisser li jistgħu jintużaw materjali taħt kwalunkwe intestatura, ħlief dawk tal-istess deskrizzjoni bħall-prodott kif mogħtija fil-kolonna 2 tal-lista.

3.4. Meta regola fil-lista tispeċifika li prodott jista' jiġi mmanifatturat minn iżjed minn materjal wieħed, dan ifisser li jista' jintuża materjal wieħed jew aktar. Ma teħtieġx li jintużaw kollha.

Eżempju:

Ir-regola għat-tessuti taħt l-intestaturi 5208 sa 5212 tistipula li jistgħu jintużaw fibri naturali u li jistgħu jintużaw ukoll materjali kimiċi, fost materjali oħra. Dan ma jfissirx li jridu jintużaw it-tnejn li huma; huwa possibbli li jintuża wieħed jew l-ieħor, jew it-tnejn.

3.5. Meta regola fil-lista tispeċifika li prodott għandu jiġi mmanifatturat minn materjal partikolari, din il-kundizzjoni ovvjament ma timpedixxix l-użu ta' materjali oħra li, minħabba n-natura inerenti tagħhom, ma jistgħux jissodisfaw ir-regola (Ara wkoll in-Nota 6.2 hawn taħt fir-rigward tat-tessuti.)

Eżempju:

Ir-regola għall-ikel ippreparat taħt l-intestatura 1904, li teskludi b'mod speċifiku l-użu taċ-ċereali u d-derivati tagħhom, ma timpedixxix l-użu ta' melħ minerali, kimiċi u addittivi oħra li ma jkunux prodotti magħmula miċ-ċereali.

Madankollu, dan ma japplikax għal prodotti li, għalkemm ma jistgħux ikunu mmanifatturati mill-materjali partikolari speċifikati fil-lista, jistgħu jiġu prodotti minn materjal tal-istess natura fi stadju aktar bikri tal-manifattura.

Eżempju:

Fil-każ ta' oġġett ta' lbies tal-ex Kapitolu 62 magħmul minn materjal mhux minsuġ, jekk ikun permess biss l-użu ta' ħajt li ma joriġinax għal din il-klassi ta' oġġett, mhuwiex possibbli li wieħed jibda minn drapp mhux minsuġ – anki jekk id-drappijiet mhux minsuġa normalment ma jistgħux isiru mill-ħajt. F'każijiet bħal dawn, il-materjal tal-bidu normalment ikun fl-istadju ta' qabel ma jsir il-ħajt – jiġifieri, l-istadju tal-fibra.

3.6. Meta, f'regola fil-lista, jingħataw żewġ perċentwali għall-valur massimu ta' materjal li ma joriġinax li jista' jintuża, dawn il-perċentwali ma jistgħux jingħaddu flimkien. Fi kliem ieħor, il-valur massimu tal-materjal kollu li ma joriġinax użat qatt ma jista' jaqbeż l-ogħla waħda mill-perċentwali mogħtija. Barra minn hekk, il-perċentwali individwali m'għandhomx jinqabżu, fir-rigward tal-materjali partikolari li għalihom japplikaw.

Nota 4:

4.1. It-terminu "fibri naturali" jintuża fil-lista sabiex jirreferi għal fibri li mhumiex fibri artifiċjali jew sintetiċi. Huwa ristrett għall-istadji ta' qabel l-għażil, inkluż l-iskart, u, sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor, jinkludi fibri li jkunu ġew imqardxin, mimxuta jew ipproċessati mod ieħor, iżda mhux mibruma.

4.2. It-terminu "fibri naturali" jinkludi krin taħt l-intestatura 0503, għażel taħt l-intestatura 5002 u 5003, kif ukoll fibri tas-suf u xagħar fin jew aħrax tal-annimali taħt l-intestaturi 5101 sa 5105, fibri tal-qoton taħt l-intestaturi 5201 sa 5203, u fibri oħra veġetali taħt l-intestaturi 5301 sa 5305.

4.3. It-termini "polpa tat-tessuti", "materjal kimiku" u "materjal li minnu ssir il-karta" jintużaw fil-lista biex jiddeskrivu l-materjali, mhux ikklassifikati fil-Kapitoli 50 sa 63, li jistgħu jintużaw għall-manifattura ta' fibri artifiċjali, sintetiċi jew tal-karta jew ħjut.

4.4. It-terminu "fibri magħmula mill-bniedem" jintuża fil-lista biex jirreferi għal stoppa ta' filament sintetiku jew artifiċjali, fibri prinċipali jew skart, taħt l-intestaturi 5501 sa 5507.

Nota 5:

5.1. Fejn, għal xi prodott partikolari fil-lista, issir referenza għal din in-Nota, il-kundizzjonijiet stipulati fil-kolonna 3 ma għandhom jiġu applikati għall-ebda materjal bażiku tat-tessuti li jintuża fil-manifattura ta' dan il-prodott u li, meta jittieħdu kollha f'daqqa, jirrappreżentaw 10 fil-mija jew inqas tal-piż totali tal-materjal bażiku kollu tat-tessuti li jkun intuża (Ara wkoll in-Noti 5.3 u 5.4 hawn taħt.)

5.2. Madankollu, it-tolleranza msemmija fin-Nota 5.1 tista' tiġi applikata biss għal prodotti mħallta li jkunu saru minn żewġ tessuti bażiċi jew aktar.

Dawn li ġejjin huma t-tessuti bażiċi:

— l-għażel,

— is-suf,

— ix-xagħar aħrax tal-annimali,

— ix-xagħar fin tal-annimali,

— il-krin,

— il-qoton,

— il-materjal li minnu ssir il-karta u l-karta,

— il-kittien,

— il-qanneb veru,

— il-ġuta u fibri tessili oħrajn tat-tilju,

— is-sisal u fibri tessili oħrajn tal-familja Agave,

— il-fibri tal-ġewż tal-Indi, l-abaka u tessuti veġetali oħra,

— il-filamenti sintetiċi magħmula mill-bniedem,

— il-filamenti artifiċjali magħmula mill-bniedem,

— il-filamenti li minnhom jgħaddi l-kurrent,

— il-fibri prinċipali sintetiċi magħmula mill-bniedem,

— il-fibri prinċipali artifiċjali magħmula mill-bniedem,

— il-ħajt magħmul mill-polyurethane segmentat, b'segmenti flessibbli ta' polijetere, sew jekk gimped kif ukoll jekk le,

— il-ħajt magħmul mill-polyurethane segmentat, b'segmenti flessibbli ta' polyester, sew jekk gimped kif ukoll jekk le,

— il-prodotti tal-intestatura 5605 (ħajt metallizzat) li jinkorporaw strippa li tikkonsisti f'qalba ta' tertuqa tal-aluminju jew qalba ta' tertuqa tal-plastik sew jekk miksija bit-trab tal-aluminju kif ukoll jekk le, wiesgħa mhux aktar minn 5 mm, miżmuma permezz ta' kolla trasparenti jew kulurita bejn żewġ fillieri ta' tertuqa tal-plastik.

— il-prodotti l-oħra tal-intestatura 5605.

Eżempju:

Ħajta, tal-intestatura 5205, magħmula minn fibri tal-qoton tal-intestatura 5203 u fibri prinċipali sintetiċi tal-intestatura 5506, hija ħajta mħallta. Għalhekk, fibri prinċipali sintetiċi li ma joriġinawx li ma jissodisfawx ir-regoli tal-oriġini (li jeħtieġu manifattura minn materjal kimiku jew polpa tessili) jistgħu jintużaw, bil-kundizzjoni li l-piż totali tagħhom ma jaqbiżx 10 % tal-piż tal-ħajt.

Eżempju:

Drapp tas-suf, tal-intestatura 5112, magħmul minn ħajt tas-suf tal-intestatura 5107 u ħajt sintetiku ta' fibri prinċipali tal-intestatura 5509, huwa drapp imħallat. Għalhekk, il-ħajt sintetiku li ma jissodisfax ir-regoli tal-oriġini (li jeħtieġu manifattura minn materjal kimiku jew polpa tessili), jew ħajt tas-suf li ma jissodisfax ir-regoli tal-oriġini (li jeħtieġu manifattura minn fibri naturali, mhux imqardxa jew mimxuta jew ippreparati b'xi mod ieħor għall-għażil), jew taħlita tat-tnejn, jista' jintuża, bil-kundizzjoni li l-piż totali tagħhom ma jaqbiżx l-10 fil-mija tal-piż tad-drapp.

Eżempju:

Drapp ittaftjat, tal-intestatura 5802, magħmul minn ħajt tal-qoton tal-intestatura 5205 u drapp tal-qoton tal-intestatura 5210, ikun prodott imħallat biss jekk id-drapp tal-qoton ikun fih innifsu drapp imħallat magħmul minn ħjut ikklassifikati taħt żewġ intestaturi separati, jew jekk il-ħjut tal-qoton li jintużaw ikunu huma stess taħlitiet.

Eżempju:

Jekk id-drapp ittaftjat ikkonċernat ikun ġie magħmul minn ħajt tal-qoton tal-intestatura 5205 u drapp sintetiku tal-intestatura 5407, f'dak il-każ, ovvjament, il-ħjut użati huma żewġ materjali tessili bażiċi separati u d-drapp ittaftjat huwa, għalhekk, prodott imħallat.

5.3. Fil-każ ta' prodotti li fihom "ħajt magħmul mill-polyurethane segmentat b'segmenti flessibbli ta' polyether, sew jekk gimped kif ukoll jekk le, din it-tolleranza hija 20 fil-mija fir-rigward ta' dan il-ħajt.

5.4. Fil-każ ta' prodotti li fihom "strippa li tikkonsisti minn qalba ta' tertuqa tal-aluminju jew qalba ta' tertuqa tal-plastik sew jekk miksija bit-trab tal-aluminju kif ukoll jekk le, wiesgħa mhux aktar minn 5 mm, miżmuma permezz ta' kolla trasparenti jew kulurita bejn żewġ fillieri ta' tertuqa tal-plastik", din it-tolleranza hija 30 fil-mija fir-rigward ta' din l-istrippa.

Nota 6:

6.1. Fejn, fil-lista, issir referenza għal din in-Nota, jista' jintuża materjal tessili (ħlief inforri u drapp barrani miżjud bejn l-inforra u d-drapp), li ma jissodisfax ir-regola stabbilita fil-kolonna 3 għall-prodott ikkonċernat, bil-kundizzjoni li jkun ikklassifikat f'intestatura li ma tkunx dik tal-prodott u li l-valur tiegħu ma jaqbiżx it-tmienja fil-mija tal-prezz tal-fabbrika tal-prodott.

6.2. Mingħajr preġudizzju għan-Nota 6.3, materjal li ma jkunx ikklassifikat fi ħdan il-Kapitoli 50 sa 63, jista' jintuża liberament fil-manifattura ta' prodotti tessili, sew jekk ikun fih tessuti kif ukoll jekk le.

Eżempju:

Jekk xi regola fil-lista tistipula li, għal oġġett tessili partikolari (pereżempju qalziet), għandu jintuża l-ħajt, dan ma jfissirx li ma jistgħux jintużaw oġġetti tal-metall, bħal buttuni, minħabba li l-buttuni mhumiex ikklassifikati taħt il-Kapitoli 50 sa 63. Għall-istess raġuni, dan ma jimpedix l-użu ta' żippijiet, anki jekk iż-żippijiet normalment ikun fihom id-drapp.

6.3. Fejn tapplika regola dwar perċentwali, il-valur tal-materjal li mhuwiex ikklassifikat fi ħdan il-Kapitoli 50 sa 63 għandu jiġi kkunsidrat meta jiġi kkalkulat il-valur tal-materjal li ma joriġinax li jkun inkorporat.

*ANNESS II*

**LISTA TAX-XOGĦOL JEW PROĊESSI MEĦTIEĠA LI JSIRU FUQ MATERJALI LI MA JORIĠINAWX SABIEX IL-PRODOTT MANIFATTURAT IKUN JISTA' JIKSEB L-ISTATUS TA' ORIĠINI**

Jista' jkun li l-prodotti msemmija fil-lista ma jkunux kollha koperti b'dan il-Ftehim. Għaldaqstant huwa neċessarju li jiġu kkonsultati l-partijiet l-oħrajn ta' dan il-Ftehim.

| Intestatura ta' SA Nru. | Deskrizzjoni tal-prodott | Xogħol jew ipproċessar, magħmul fuq materjali li ma joriġinawx, li jagħti l-istatus ta' oriġini | |
|---|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) jew | (4) |
| Kapitolu 1 | Annimali ħajjin | L-annimali kollha tal-Kapitolu 1 użati għandhom ikunu miksuba għal kollox | |
| Kapitolu 2 | Laħam u ġewwieni li jittiekel | Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitoli 1 u 2 użati għandhom ikunu miksuba għal kollox | |
| Kapitolu 3 | Ħut u krustaċej, molluski u annimali invertebrati oħra li jgħixu fl-ilma. | Il-materjali kollha tal-Kapitolu 3 użati għandhom ikunu kollha miksuba għal kollox | |
| ex Kapitolu 4 | Prodotti tal-ħalib; bajd tat-tjur; għasel naturali; prodotti tajbin għall-ikel ġejjin minn annimali, li mhumiex imsemmijin jew inklużi band'oħra; għajr: | Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 4 użati għandhom ikunu miksuba għal kollox | |
| 0403 | Xorrox tal-butir, baqta u krema, jogurt, kefir u ħalib u krema oħra fermentati jew li saru aċidużi, kemm jekk konċentrati jew le jew biz-zokkor miżjud jew materjal ieħor li jagħmel ħelu jew imħawwrin jew miżjudin bil-frott, bil-ġewż jew bil-kawkaw | Manifattura li fiha:<br>– il-materjali kollha tal-Kapitolu 4 użati għandhom ikunu miksuba għal kollox;<br>– kwalunkwe tip ta' meraq tal-frott (għajr tal-pineapple, tal-lajm jew tat-tronġa) tal-intestatura Nru 2009 li jintuża jrid ikun diġà ta' oriġini;<br>– il-valur ta' kwalunkwe materjali tal-Kapitolu 17 użat ma jaqbiżx 30% tal-prezz ex fabbrika tal-prodott | |
| Kapitolu 5 | Prodotti li ġejjin minn annimali, li mhumiex imsemmijin jew inklużi band'oħra | Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 5 użati għandhom ikunu miksuba għal kollox | |
| Kapitolu 6 | Siġar ħajjin u pjanti oħrajn; basal, għeruq u bħalhom; fjuri maqtugħin u weraq ornamentali | Manifattura li fiha:<br>– il-materjali kollha tal-Kapitolu 6 użati għandhom ikunu miksuba għal kollox;<br>– il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx 50 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott | |
| Kapitolu 7 | Veġetali u ċerti għeruq u tuberi tajbin għall-ikel | Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 7 użati għandhom ikunu miksuba għal kollox | |
| Kapitolu 8 | Frott u ġewż tajbin għall-ikel; qoxra tal-frott taċ-ċitru jew bettieħ | Manifattura li fiha:<br>– il-frott u l-ġewż kollu użat għandu jinkiseb fis-sħiħ;<br>– il-valur ta' kwalunkwe materjali tal-Kapitolu 17 użati ma jaqbiżx 30 % tal-valur tal-prezz ex fabbrika tal-prodott | |
| ex Kapitolu 9 | Kafè, te, matè u ħwawar; għajr: | Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 9 użati għandhom ikunu miksuba għal kollox | |

| (1) | (2) | (3) jew | (4) |
|---|---|---|---|
| 0901 | Kafè, kemm jekk inkaljat jew bil-kaffeina mneħħija jew le; għajra u qxur tal-kafè; sostituti tal-kafè li fihom kafè f'xi proporzjon | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura | |
| ex 0902 | Te, kemm jekk imħawwar jew le, għajr: | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura | |
| 0902 10 | Te aħdar (mhux iffermentat) f'pakketti immedjati ta' kontenut mhux aktar minn 3kg | Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 9 użati huma miksuba għal kollox | |
| 0910 91 | Taħlitiet ta' ħwawar | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura | |
| Kapitolu 10 | Ċereali | Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 10 użati għandhom ikunu miksuba għal kollox | |
| ex Kapitolu 11 | Prodotti tal-industrija tat-tħin; malt; lamti; inulina; glutina tal-qamħ; għajr: | Manifattura fejn il-materjali kollha użati tal-Kapitoli 7, 8, 10, 11 u 23 huma miksuba għal kollox | |
| 1106 10 | Dqiqijiet, tħin oħxon u trab tal-ħxejjex leguminużi mnixxfin tal-intestatura Nru 0713 | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura | |
| Kapitolu 12 | Żrieragħ u frott żejtnin; diversi qmuħ, żrieragħ u frott; pjanti industrijali jew mediċinali; tiben u magħlef | Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 12 użati għandhom ikunu miksuba għal kollox | |
| 1301 | Gommalakka; gomom naturali, rażi, rażi tal-gomma u oleorężini (pereżempju, balzmi) | Manifattura fejn il-valur ta' kwalunkwe materjali tal-intestatura Nru 1301 użati ma jistgħux jaqbżu 50 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott | |
| ex 1302 | Likwidi tal-ħaxix u estratti; sustanzi pektiċi, pektinati u pektati; agar u muċilaġni u materjali li jħaxxnu, modifikati jew le, derivati minn prodotti veġetali, għajr: | Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz ex-works tal-prodott | |
| 1302 19 | Linfi u estratti tal-ħxejjex; oħrajn | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dawk tas-subintestatura 1211 20 | |
| 1302 31, 1302 32 u 1302 39 | Muċilaġni u sustanzi li jgħaqqdu, modifikati, li jinkisbu minn prodotti tal-ħxejjex | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura | |
| Kapitolu 14 | Materjali veġetali tat-trizza; prodotti veġetali li mhumiex imsemmijin jew inklużi band'oħra | Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 14 użati għandhom ikunu miksuba għal kollox | |
| ex Kapitolu 15 | Xaħam u żjut tal-annimali u tal-ħaxix u l-prodotti mifruqin tagħhom; xaħmijiet li jittieklu mħejjija; xama' ta' oriġini mill-annimali jew mill-ħaxix; għajr għal: | Manifattura li fiha l-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott | |
| 1501 | Xaħam tal-majjal (inkluż ix-xaħam) u xaħam tat-tjur, għajr dak tal-intestatura Nru 0209 jew 1503: | Il-manifattura minn laħam jew ġewwieni li jittiekel tal-ħnieżer tal-intestatura Nru 0203 jew 0206 jew ta' laħam u ġewwieni li jittiekel tat-tjur tal-intestatura Nru 0207. Madankollu għadam tal-intestatura 0506 ma jistax jintuża | |
| 1502 | Xaħam ta' annimali tal-frat, nagħaġ jew mogħoż, għajr dawk tal-intestatura Nru 1503 | Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 2 użati u għadam tal-intestatura 0506 użati għandhom ikunu miksuba għal kollox | |

| (1) | (2) | (3) jew | (4) |
|---|---|---|---|
| 1504 | Xaħmijiet u żjut u l-frazzjonijiet tagħhom, ta' ħut jew mammiferi tal-baħar, raffinati jew le, iżda mhux modifikati kimikament: | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura | |
| 1505 | Grass tas-suf u sustanzi tax-xaħam li ġejjin minnhom (li jinkludi l-lanolin) | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura | |
| 1506 | Xaħmijiet u żjut oħra ta' annimali u l-frazzjonijiet tagħhom, raffinati jew le, iżda mhux modifikati kimikament: | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura | |
| 1507 sa ex 1515 | Żjut veġetali u l-frazzjonijiet tagħhom: | Manifattura li fiha l-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott | |
| 1509 u 1510 | Żejt taż-żebbuġa u l-frazzjonijiet tiegħu, żjut oħrajn u l-frazzjonijiet tagħhom miksuba biss miż-żebbuġ | Manifattura li fiha l-materjali kollha tal-ħxejjex użati għandhom ikunu miksuba għal kollox | |
| 1515 50 | Żejt tal-ġulġlien u l-frazzjonijiet tiegħu | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, minbarra dawk tal-Kapitolu 12. | |
| 1516 | Xaħmijiet u żjut ta' annimali jew ta' veġetali u l-frazzjonijiet tagħhom, parzjalment jew kompletament idroġenati, inter-esterifikati, ri-esterifikati jew elajdinizzati, raffinati jew le, iżda mhux preparati aktar | Manifattura li fiha:<br>– il-materjali kollha tal-Kapitolu 2 użati għandhom ikunu miksuba għal kollox, u<br>– il-materjali veġetali użati fil-Kapitoli 7, 8, 10, 15, u 23 għandhom ikunu miksuba għal kollox. Madankollu, il-materjali tal-intestaturi 1507, 1508, 1511 u 1513 jistgħu jintużaw | |
| 1517 | Marġerina; taħlitiet jew preparazzjonijiet tajbin għall-ikel ta' xaħmijiet jew żjut ta' annimali jew veġetali jew ta' frazzjonijiet ta' xaħmijiet u żjut differenti ta' dan il-Kapitolu; oħrajn minbarra xaħmijiet u żjut tajbin għall-ikel jew il-frazzjonijiet tagħhom tal-intestatura Nru 1516 | Manifattura li fiha:<br>– il-materjali kollha tal-Kapitoli 2 u 4 użati għandhom ikunu miksuba għal kollox,<br>– il-materjali veġetali użati fil-Kapitoli 7, 8, 10, 15, u 23 għandhom ikunu miksuba għal kollox. Madankollu, il-materjali tal-intestaturi 1507, 1508, 1511 u 1513 jistgħu jintużaw | |
| Kapitolu 16 | Preparazzjonijiet ta' laħam, ta' ħut jew ta' krustaċji, molluski jew invertebrati akkwatiċi oħra | Manifattura:<br>– minn annimali tal-Kapitolu 1, u/jew,<br>– fejn il-materjali kollha użati tal-Kapitolu 3 għandhom ikunu miksuba għal kollox. | |
| ex Kapitolu 17 | Zokkor u ħelu taz-zokkor; għajr: | Manifattura li fiha l-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott | |
| 1701 91 | Zokkor tal-kannamieli jew tal-pitravi u sakkarożju kimikament pur, f'forma solida, mingħajr żieda ta' sustanzi tat-togħma jew koloranti | Manifattura fejn il-valur ta' kwalunkwe materjali tal-Kapitolu 17 użati ma jaqbiżx 30% tal-prezz ex fabbrika tal-prodott | |
| 1702 | Zokkrijiet oħrajn, inklużi lattożju kimikament pur, maltożju, glukożju u fruttożju, f'forma solida; ġulepp miz-zokkor mingħajr sustanzi miżjuda għat-togħma jew għall-kulur; għasel artifiċjali, imħallat jew le mal-għasel naturali; karamel: | | |

| (1) | (2) | (3) jew | (4) |
|---|---|---|---|
| | - Maltożju u fruttożju kimikament puri | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura inklużi materjali oħra tal-intestatura Nru 1702 | |
| | - Zokkrijiet oħra, f'forma solida, biż-żieda ta' sustanzi tat-togħma jew koloranti | Manifattura fejn il-valur ta' kwalunkwe materjali tal-Kapitolu 17 użati ma jaqbiżx 30% tal-prezz ex fabbrika tal-prodott | |
| | - Oħrajn | Manifattura li fiha l-materjali kollha użati jridu jkunu diġà oriġinarji | |
| ex 1703 | Molassa miksuba mill-estrazzjoni jew ir-raffinar taz-zokkor, mogħtija t-togħma jew il-kulur | Manifattura fejn il-valur ta' kwalunkwe materjali tal-Kapitolu 17 użati ma jaqbiżx 30% tal-prezz ex fabbrika tal-prodott | |
| 1704 | Ħelu (inkluża ċ-ċikkulata bajda), li ma fihx kawkaw | Manifattura li fiha:<br>– il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott,<br>– il-valur ta' kwalunkwe materjali tal-Kapitolu 17 użat ma jaqbiżx 30% tal-prezz ex fabbrika tal-prodott | |
| Kapitolu 18 | Kawkaw u preparati mill-kawkaw | Manifattura li fiha:<br>– il-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott,<br>– il-valur ta' kwalunkwe materjali tal-Kapitolu 17 użat ma jaqbiżx 30% tal-prezz ex fabbrika tal-prodott | |
| 1901 | Estratt tax-xgħir; preparati ta' ikel tad-dqiq, estratt tal-lamtu jew tax-xgħir li ma fihomx kawkaw jew għandhom inqas minn 40% tal-piż tal-kawkaw ikkalkulat fuq bażi bix-xaħam imneħħi totalment, għajr jekk speċifikati jew inklużi band'oħra; tħejjijiet tal-ikel ta' oġġetti li jidħru taħt l-intestatura Nri 0401 sa 0404, li ma fihomx kawkaw jew fihom anqas minn 5 % kawkaw bil-piż ikkalkulati fuq bażi bix-xaħam imneħħi kompletament, li ma humiex speċifikati jew inklużi xi mkien ieħor: | Manifattura:<br>– li fiha l-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott,<br>– Fejn il-materjali kollha tal-Kapitolu 4, intestatura 1006 u tal-Kapitolu 11 użati għandhom ikunu miksuba għal kollox,<br>– fejn il-valur ta' kwalunkwe materjali tal-Kapitolu 17 użat ma jaqbiżx 30% tal-prezz ex fabbrika tal-prodott | |
| ex 1902 | Għaġin, imsajjar jew le jew mimli (bil-laħam jew sustanzi oħrajn) jew preparat mod ieħor, bħal spagetti, imqarrun, taljarini (noodles), lażanji, injokki, ravjul, kannelloni; kuskus, kemm jekk ippreparati u kemm jekk le, għajr: | Manifattura li fiha:<br>– iċ-ċereali u d-derivattivi kollha (għajr qamħ tal-Awstralja u d-derivattivi tiegħu) tal-Kapitolu 10 u 11 użati għandhom ikunu miksuba għal kollox, u<br>– -il-materjali kollha tal-Kapitoli 2 u 3 użati għandhom ikunu miksuba għal kollox jekk jirrappreżentaw aktar minn 20% tal-piż tal-prodott | |
| ex 1902 19 | Noodles, nejjin, imnixxfa u mhux mimlija, miksuba mid-dqiq minbarra dak tas-'smid tal-qamħ tal-Awstralja' | Manifattura li fiha l-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott | |

| (1) | (2) | (3) jew | (4) |
|---|---|---|---|
| ex 1902 30 | Ramen, noodles li jsiru malajr, imsajrin fuq in-nar jew moqlijin, u ppakkjati bi ħwawar imħawdin, li jinkludu trab tal-bżar jaħraq, melħ, trab togħma ta' tewm u bażi tat-togħma | Manifattura li fiha l-materjali kollha użati huma klassifikati f'intestatura għajr dik tal-prodott | |
| 1903 | Tapjoka u sostituti tagħha ppreparati minn lamtu, f'forma ta' qxur, frak, granulat, marbul jew f'forom simili | Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura għajr lamtu tal-patata tal-intestatura Nru 1108 | |
| 1904 | Ikel ippreparat miksub min-nefħa jew mix-xiwi ta' ċereali jew prodotti taċ-ċereali (pereżempju, kornflejks); ċereali (għajr qamħirrun (qamħ)) f'forma ta' granulat, jew f'forma ta' biċċiet jew granulati oħra maħduma (għajr dqiq), imsajra minn qabel, jew ippreparati b'xi mod ieħor, għajr jekk speċifikati jew inklużi band'oħra | Manifattura:<br>– minn materjali mhux klassifikati taħt l-intestatura No 1806,<br>– fejn iċ-ċereali kollha u d-dqiq (għajr qamħ tal-Awstralja u d-derivattivi tiegħu u l-qamħirrun Zea indurata) tal-Kapitolu 10 u 11 użati għandhom ikunu miksuba għal kollox, u<br>– fejn il-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati ma jaqbiżx 30 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott | |
| ex 1905 | Ħobż, għaġina, kejkijiet, gallettini u prodotti oħra tal-furnara, kemm jekk jinkludu kawkaw jew le; ostji tat-tqarbin, kapsuli vojta tat-tip adattat għall-użu farmaċewtiku, sealing wejfers, karti tal-ostji u prodotti simili, għajr: | Manifattura li fiha l-prodotti kollha tal-Kapitolu 11 | |
3. Fuq talba tal-awtorità applikanti, l-awtorità li ssirilha t-talba għandha, fil-qafas tad-dispożizzjonijiet legali jew regolatorji tagħha, tieħu l-passi neċessarji sabiex tassigura s-sorveljanza speċjali ta':

(a) persuni fiżiċi jew ġuridiċi li fir-rigward tagħhom ikun hemm bażi raġonevoli biex wieħed jemmen li huma involuti jew kienu involuti f'operazzjonijiet bi ksur tal-leġiżlazzjoni doganali;

(b) postijiet fejn ħażniet ta' merkanzija jkunu ġew jew jistgħu jiġu armati b'mod li jkun hemm bażi raġonevoli biex wieħed jemmen li dik il-merkanzija tkun intenzjonata biex tintuża f'operazzjonijiet bi ksur tal-leġiżlazzjoni doganali;

(c) merkanzija li tkun jew tista' tiġi trasportata b'mod li jkun hemm bażi raġonevoli biex wieħed jemmen li din tkun intenzjonata sabiex tintuża f'operazzjonijiet bi ksur tal-leġiżlazzjoni doganali;

(d) mezzi ta' trasport li jkunu jew li jistgħu jintużaw b'mod li jkun hemm bażi raġonevoli biex wieħed jemmen li jkunu intenzjonati sabiex jintużaw f'operazzjonijiet bi ksur tal-leġiżlazzjoni doganali.

*Artikolu 4*

**Assistenza Spontanja**

Il-Partijiet għandhom jassistu lil xulxin, fuq inizjattiva tagħhom stess u skont id-dispożizzjonijiet legali jew regolatorji tagħhom, jekk iqisu li dan ikun meħtieġ għall-applikazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni doganali, b'mod partikolari billi jipprovdu informazzjoni miksuba fir-rigward ta':

(a) attivitajiet li jkunu jew li jidhru li huma operazzjonijiet bi ksur tal-leġiżlazzjoni doganali u li jistgħu jkunu ta' interess għall-Parti l-oħra;

(b) mezzi jew metodi ġodda użati sabiex jitwettqu operazzjonijiet bi ksur tal-leġiżlazzjoni doganali;

(c) merkanzija li jkun magħruf li hija soġġetta għal operazzjonijiet bi ksur tal-leġiżlazzjoni doganali;

(d) persuni fiżiċi jew ġuridiċi li fir-rigward tagħhom ikun hemm bażi raġonevoli sabiex wieħed jemmen li huma, jew kienu, involuti f'operazzjonijiet bi ksur tal-leġiżlazzjoni doganali;

(e) mezzi ta' trasport li fir-rigward tagħhom ikun hemm bażi raġonevoli sabiex wieħed jemmen li kienu jintużaw, qed jintużaw, jew jistgħu jintużaw f'operazzjonijiet bi ksur tal-leġiżlazzjoni doganali.

*Artikolu 5*

**Konsenja, Notifika**

Fuq talba tal-awtorità applikanti, l-awtorità li ssirilha t-talba għandha, skont id-dispożizzjonijiet legali jew regolatorji applikabbli għal din tal-aħħar, tieħu l-miżuri kollha neċessarji sabiex:

(a) tikkonsenja kwalunkwe dokument; jew

(b) tinnotifika kwalunkwe deċiżjoni,

maħruġa mill-awtorità applikanti u li jaqgħu fl-ambitu ta' dan il-Protokoll, lil destinatarju li jirrisjedi jew li jkun stabbilit fit-territorju tal-awtorità li ssirilha t-talba.

It-talbiet għall-konsenja tad-dokumenti jew għan-notifika tad-deċiżjonijiet għandhom isiru bil-miktub f'ilsien uffiċjali tal-awtorità li ssirilha t-talba jew f'ilsien aċċettabbli għal dik l-awtorità.

*Artikolu 6*

**Forma u Sustanza tat-Talbiet għall-Assistenza**

1. It-talbiet skont dan il-Protokoll għandhom isiru bil-miktub. Dawn għandhom ikunu akkumpanjati mid-dokumenti meħtieġa sabiex jippermettu konformità mat-talba. Meta jkun meħtieġ minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni, jistgħu jiġu aċċettati talbiet orali, iżda dawn iridu jiġu kkonfermati immedjatament bil-miktub.

2. It-talbiet skont il-paragrafu 1 għandhom jinkludu l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-awtorità applikanti;

(b) il-miżura mitluba;

(c) l-għan u r-raġuni għat-talba;

(d) id-dispożizzjonijiet legali jew regolatorji u elementi legali oħra involuti;

(e) indikazzjonijiet kemm jista' jkun eżatti u komprensivi dwar il-persuni fiżiċi u ġuridiċi li jkunu l-mira tal-investigazzjonijiet;

(f) sommarju tal-fatti relevanti u tal-istħarriġ li diġà jkun twettaq.

3. It-talbiet għandhom jitressqu f'ilsien uffiċjali tal-awtorità li ssirilha t-talba jew f'ilsien aċċettabbli għal dik l-awtorità.

4. Jekk talba ma tissodisfax ir-rekwiżiti formali stabbiliti aktar 'il fuq, jista' jintalab li tiġi korretta jew kompletata; sadanittant jistgħu jiġu ordnati miżuri kawtelatorji.

*Artikolu 7*

**Eżekuzzjoni tat-Talbiet**

1. Sabiex tikkonforma ma' talba għall-assistenza, l-awtorità li ssirilha t-talba għandha tipproċedi, fil-limiti tal-kompetenza tagħha u fil-limiti tar-riżorsi li jkollha għad-dispożizzjoni tagħha, bħallikieku kienet qiegħda taġixxi għaliha nnifisha jew fuq talba ta' awtoritajiet oħra tal-istess Parti, billi tagħti informazzjoni li diġà jkollha, billi twettaq stħarriġ xieraq jew billi tagħmel arranġamenti biex dawn jitwettqu. Din id-dispożizzjoni għandha tapplika wkoll għal kwalunkwe awtorità oħra li lilha tkun ġiet indirizzata t-talba mill-awtorità li ssirilha t-talba meta din tal-aħħar ma tkunx tista' taġixxi waħedha.

2. It-talbiet għall-assistenza għandhom jitwettqu skont id-dispożizzjonijiet legali jew regolatorji tal-Parti li ssirilha t-talba.

3. L-uffiċjali debitament awtorizzati ta' Parti jistgħu, bil-qbil tal-Parti l-oħra involuta u suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti minn tal-aħħar, ikunu preżenti fl-uffiċċji tal-awtorità li ssirilha t-talba jew kwalunkwe awtorità oħra kkonċernata skont il-paragrafu 1, biex jiksbu informazzjoni relatata ma' attivitajiet li jkunu jew li jistgħu jkunu operazzjonijiet bi ksur tal-leġiżlazzjoni doganali li l-awtorità applikanti jkollha bżonn għall-finijiet ta' dan il-Protokoll.

4. L-uffiċjali debitament awtorizzati ta' Parti jistgħu, bil-qbil tal-Parti l-oħra involuta u suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti minn din tal-aħħar, ikunu preżenti waqt stħarriġ imwettaq fit-territorju ta' din tal-aħħar.

*Artikolu 8*

**Forma li fiha għandha tkun Ikkomunikata l-Informazzjoni**

1. L-awtorità li ssirilha t-talba għandha tikkomunika r-riżultati tal-istħarriġ lill-awtorità applikanti bil-miktub flimkien mad-dokumenti relevanti, ma' kopji ċċertifikati jew ma' elementi oħra.

2. Din l-informazzjoni tista' tkun f'forma kompjuterizzata.

3. F'każijiet fejn il-kopji ċċertifikati ma jkunux suffiċjenti, id-dokumenti oriġinali għandhom jiġu trasmessi biss jekk jintalbu. Dawn l-oriġinali għandhom jintbagħtu lura mal-ewwel opportunità.

*Artikolu 9*

**Eċċezzjonijiet għall-Obbligu li Tingħata l-Assistenza**

1. L-assistenza tista' tiġi rrifjutata jew tista' tkun suġġetta għal ċerti kundizzjonijiet jew rekwiżiti, f'każijiet fejn Parti tkun tal-opinjoni li l-assistenza taħt dan il-Protokoll:

(a) aktarx li tippreġudika s-sovranità ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew dik tal-Korea li ntalbet tagħti assistenza taħt dan il-Protokoll; jew

(b) aktarx li tippreġudika l-politika pubblika, is-sigurtà jew interessi essenzjali oħra, b'mod partikolari fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 10.2; jew

(c) tikser sigriet industrijali, kummerċjali jew professjonali.

2. L-assistenza tista' tiġi posposta mill-awtorità li ssirilha t-talba minħabba li tinterferixxi ma' investigazzjoni, prosekuzzjoni jew proċedura li tkun għaddejja. F'każ bħal dan, l-awtorità li ssirilha t-talba għandha tikkonsulta lill-awtorità applikanti sabiex tiddetermina jekk tistax tingħata assistenza soġġetta għal tali termini u kundizzjonijiet kif tista' teħtieġ l-awtorità li ssirilha t-talba.

3. Fejn l-awtorità applikanti tfittex assistenza li hija stess ma tkunx tista' tipprovdi jekk tintalab tagħmel dan, hija għandha tiġbed l-attenzjoni għal dan il-fatt fit-talba tagħha. Imbagħad għandha tkun l-awtorità li ssirilha t-talba li tiddeċiedi kif twieġeb għal tali talba.

4. Għall-każijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, id-deċiżjoni tal-awtorità li ssirilha t-talba u r-raġunijiet għalhekk iridu jiġu kkomunikati lill-awtorità applikanti mingħajr dewmien.

*Artikolu 10*

**Skambju ta' Informazzjoni u Kunfidenzjalità**

1. Kull informazzjoni kkomunikata fi kwalunkwe forma skont dan il-Protokoll għandha tkun ta' natura kunfidenzjali jew ristretta, skont ir-regoli applikabbli f'kull Parti. Għandha tkun koperta mill-obbligu tas-segretezza uffiċjali u għandha tgawdi mill-protezzjoni estiża għal informazzjoni simili skont il-liġijiet relevanti tal-Parti li rċevietha u d-dispożizzjonijiet korrispondenti li japplikaw għall-awtoritajiet tal-Unjoni Ewropea.

2. Id-dejta personali tista' tiġi skambjata biss fejn il-Parti li tirċeviha tintrabat li tipproteġi dik l-informazzjoni b'mod tal-anqas ekwivalenti għal dak li japplika għal dak il-każ partikolari fil-Parti li tipprovdiha.

3. L-użu, fi proċeduri ġudizzjarji jew amministrattivi istitwiti fir-rigward ta' operazzjonijiet bi ksur tal-leġiżlazzjoni doganali, ta' informazzjoni miksuba skont dan il-Protokoll, jitqies li jkun għall-finijiet ta' dan il-Protokoll. Għaldaqstant, il-Partijiet jistgħu, fir-rekords tal-evidenza, fir-rapport u fix-xhieda u fil-proċeduri u fl-akkużi miġjuba quddiem il-qrati, jużaw bħala evidenza l-informazzjoni miksuba u d-dokumenti kkonsultati skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll. L-awtorità kompetenti li pprovdiet dik l-informazzjoni jew tat l-aċċess għal dawk id-dokumenti għandha tiġi infurmata b'dak l-użu.

4. L-informazzjoni miksuba għandha tintuża biss għall-finijiet ta' dan il-Protokoll. Fejn waħda mill-Partijiet tkun tixtieq tuża dik l-informazzjoni għal finijiet oħra, hija għandha tikseb il-kunsens bil-miktub minn qabel tal-awtorità li pprovdiet l-informazzjoni. Tali użu mbagħad għandu jkun suġġett għal kwalunkwe restrizzjoni stabbilita minn dik l-awtorità.

*Artikolu 11*

**Esperti u Xhieda**

Uffiċjal ta' awtorità li ssirilha t-talba jista' jkun awtorizzat sabiex jidher, fil-limiti tal-awtorizzazzjoni mogħtija, bħala espert jew xhud fi proċeduri ġudizzjarji jew amministrattivi rigward il-kwistjonijiet koperti minn dan il-Protokoll, u jippreżenta tali oġġetti, dokumenti jew kopji ċċertifikati tagħhom, kif jista' jkun meħtieġ għall-proċeduri. It-talbiet trid tindika speċifikament quddiem liema awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva se jkollu jidher l-uffiċjal, dwar liema kwistjonijiet u bis-saħħa ta' liema titolu jew kwalifika se jsiru mistoqsijiet lill-uffiċjal.

*Artikolu 12*

**Spejjeż tal-Assistenza**

Il-Partijiet għandhom jirrinunzjaw kwalunkwe pretensjoni kontra xulxin għar-rimborż tal-ispejjeż li jsiru skont dan il-Protokoll, ħlief, kif ikun xieraq, għall-ispejjeż tal-esperti u x-xhieda, u dawk tal-interpreti u tat-tradutturi li ma jkunux impjegati tas-servizz pubbliku.

*Artikolu 13*

**Implimentazzjoni**

1. L-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll għandha tkun fdata, minn naħa waħda, lill-awtoritajiet doganali tal-Korea u, min-naħa l-oħra, lis-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni Ewropea u l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, kif ikun xieraq. Huma għandhom jiddeċiedu dwar il-miżuri u l-arranġamenti prattiċi kollha li jkunu meħtieġa għall-applikazzjoni tiegħu, billi jitqiesu r-regoli fis-seħħ b'mod partikolari fil-qasam tal-protezzjoni tad-data. Huma jistgħu jirrakkomandaw lill-korpi kompetenti emendi li huma jqisu li għandhom isiru f'dan il-Protokoll.

2. Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin u sussegwentement iżommu lil xulxin infurmati dwar ir-regoli dettaljati tal-implimentazzjoni li jiġu adottati skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll.

*Artikolu 14*

**Ftehimiet Oħra**

1. Meta jitqiesu l-kompetenzi rispettivi tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll:

(a) m'għandhomx jaffettwaw l-obbligi tal-Partijiet taħt kwalunkwe ftehim jew konvenzjoni internazzjonali oħra;

(b) għandhom jitqiesu kumplimentari għal ftehimiet dwar assistenza reċiproka li jkunu ġew jew jistgħu jiġu konklużi bejn Stati Membri individwali tal-Unjoni Ewropea u l-Korea; u

(c) m'għandhomx jaffettwaw id-dispożizzjonijiet tal-Unjoni Ewropea li jirregolaw il-komunikazzjoni bejn is-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni Ewropea u l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea ta' kwalunkwe informazzjoni miksuba taħt dan il-Protokoll li tista' tkun ta' interess għall-Unjoni Ewropea.

2. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll għandhom jieħdu preċedenza fuq id-dispożizzjonijiet ta' kwalunkwe ftehim bilaterali dwar l-assistenza reċiproka li jkun ġie jew jista' jiġi konkluż bejn Stati Membri individwali tal-Unjoni Ewropea u l-Korea safejn id-dispożizzjonijiet tal-aħħar ikunu inkompatibbli ma' dawk ta' dan il-Protokoll.

3. Fir-rigward tal-kwistjonijiet relatati mal-applikabilità ta' dan il-Protokoll, il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin sabiex isolvu l-kwistjoni fil-qafas tal-Kumitat Doganali li twaqqaf taħt l-Artikolu 6.16 (Kumitat Doganali) ta' dan il-Ftehim.

# PROTOKOLL

## dwar il-kooperazzjoni kulturali

Il-Partijiet,

Wara li rratifikaw il-*Konvenzjoni tal-Unesco dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali* adottata f'Parigi fl-20 ta' Ottubru 2005 (il-"Konvenzjoni tal-Unesco"), li daħlet fis-seħħ fit-18 ta' Marzu 2007, skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 15.10.3 (Dħul fis-Seħħ), bl-intenzjoni li jimplimentaw effettivament il-Konvenzjoni tal-Unesco u jikkooperaw fil-qafas tal-implimentazzjoni tagħha, filwaqt li jibnu fuq il-prinċipji tal-Konvenzjoni u jiżviluppaw azzjonijiet skont id-dispożizzjonijiet tagħha;

Billi jagħrfu l-importanza tal-industriji kulturali u n-natura kumplessa tal-oġġetti u s-servizzi kulturali bħala attivitajiet ta' valur kulturali, ekonomiku u soċjali;

Billi jagħrfu li l-proċess appoġġjat minn dan il-Ftehim jagħmel parti minn strateġija globali mmirata lejn il-promozzjoni tat-tkabbir ekwu u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni ekonomika, kummerċjali u kulturali bejn il-Partijiet;

Billi jiftakru li l-għanijiet ta' dan il-Protokoll huma kkumplimentati u appoġġjati minn strumenti eżistenti u futuri ta' politika amministrati f'oqfsa oħra, bil-ħsieb li:

(a) isaħħu l-kapaċitajiet u l-indipendenza tal-industriji kulturali tal-Partijiet;

(b) jippromwovu l-kontenut kulturali lokali/reġjonali;

(c) jagħrfu, iħarsu u jippromwovu d-diversità kulturali bħala kundizzjoni għal djalogu bejn il-kulturi li jirnexxi; u

(d) jagħrfu, iħarsu u jippromwovu l-wirt kulturali, kif ukoll jippromwovu l-għarfien tiegħu mill-popolazzjonijiet lokali u jagħrfu s-siwi tiegħu bħala mezz għall-espressjoni tal-identitajiet kulturali;

Billi jenfasizzaw l-importanza tal-iffaċilitar tal-kooperazzjoni kulturali bejn il-Partijiet, u għal dak il-għan iqisu, fuq bażi ta' każ b'każ, *inter alia*, il-livell ta' żvilupp tal-industriji kulturali tagħhom, il-livell u l-iżbilanċi strutturali tal-iskambji kulturali u l-eżistenza ta' skemi għall-promozzjoni tal-kontenut kulturali lokali/reġjonali,

jaqblu kif ġej:

*Artikolu 1*

### Ambitu, Għanijiet u Definizzjonijiet

1. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan il-Ftehim, dan il-Protokoll jistabbilixxi l-qafas li fi ħdanu l-Partijiet għandhom jikkooperaw għall-iffaċilitar ta' skambji li jirrigwardaw attivitajiet, oġġetti u servizzi kulturali, inkluż inter alia, fis-settur awdjoviżiv.

2. L-esklużjoni tas-servizzi awdjoviżivi mill-ambitu tal-Kapitolu Sebgħa (Kummerċ fis-Servizzi, l-Istabbiliment u l-Kummerċ Elettroniku) hija mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi derivati minn dan il-Protokoll. Għal kwalunkwe kwistjoni relatata mal-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll, il-Partijiet għandhom jirrikorru għall-proċeduri pprovduti taħt l-Artikoli 3 u 3bis.

3. Filwaqt li jippreżervaw u jiżviluppaw aktar il-kapaċità tagħhom li jelaboraw u jimplimentaw il-linji politiċi kulturali tagħhom, bil-ħsieb li jipproteġu u jippromwovu d-diversità kulturali, il-Partijiet għandhom jikkollaboraw bl-iskop li jtejbu l-kundizzjonijiet li jirregolaw l-iskambji tagħhom ta' attivitajiet, oġġetti u servizzi kulturali u jirrimedjaw l-iżbilanċi strutturali u x-xejriet irregolari li jistgħu jeżistu fl-iskambji.

4. Għall-finijiet ta' dan il-Protokoll:

diversità kulturali, kontenut kulturali, espressjonijiet kulturali, attivitajiet, prodotti u servizzi kulturali, u industriji kulturali għandhom l-istess tifsira kif definita u użata fil-Konvenzjoni tal-Unesco; u

artisti u professjonisti u prattikanti kulturali oħra tfisser persuni fiżiċi li jwettqu attivitajiet kulturali, jipproduċu prodotti kulturali jew jipparteċipaw fil-forniment dirett ta' servizzi kulturali.

TAQSIMA A

### DISPOŻIZZJONIJIET ORIZZONTALI

*Artikolu 2*

### Skambji kulturali u djalogu

1. Il-Partijiet għandhom ifittxu li jrawmu l-kapaċitajiet tagħhom sabiex jiddeterminaw u jiżviluppaw il-politiki kulturali tagħhom, jiżviluppaw l-industriji kulturali tagħhom u jsaħħu l-opportunitajiet ta' skambju għall-oġġetti u s-servizzi kulturali tal-Partijiet, fosthom permezz tad-dritt li jibbenefikaw minn skemi għall-promozzjoni tal-kontenut kulturali lokali/reġjonali.

2. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw sabiex irawmu l-iżvilupp ta' fehim komuni u skambju msaħħaħ ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet kulturali u awdjoviżivi permezz ta' djalogu, kif ukoll dwar prattiċi tajba fil-qasam tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali. Dan id-djalogu għandu jseħħ fi ħdan il-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Kulturali kif ukoll ġewwa fora oħra relevanti kif u meta jkun xieraq.

*Artikolu 3*

### Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Kulturali

1. Mhux aktar tard minn sitt xhur wara li jiġi applikat dan il-Protokoll, għandu jiġi stabbilit Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Kulturali. Il-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Kulturali għandu jinkludi uffiċjali anzjani mill-amministrazzjoni ta' kull Parti li jkollhom għarfien espert u esperjenza fi kwistjonijiet u prattiċi kulturali.

2. Il-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Kulturali għandu jiltaqa' fi żmien l-ewwel sena wara li jiġi applikat dan il-Protokoll, u suċċessivament skont il-ħtieġa u tal-anqas darba fis-sena, biex jissorvelja l-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll.

3. B'deroga mid-dispożizzjonijiet istituzzjonali tal-Kapitolu Ħmistax (Dispożizzjonijiet Istituzzjonali, Ġenerali u Finali), il-Kumitat għall-Kummerċ ma għandu jkollu l-ebda ġuriżdizzjoni fuq dan il-Protokoll u l-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Kulturali għandu jwettaq il-funzjonijiet kollha tal-Kumitat għall-Kummerċ fir-rigward ta' dan il-Protokoll, fejn tali funzjonijiet ikunu rilevanti għall-finijiet tal-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll.

4. Kull Parti għandha taħtar uffiċċju fi ħdan l-amministrazzjoni tagħha li għandu jservi bħala Punt ta' Kuntatt Domestiku mal-Parti l-oħra għall-finijiet tal-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll.

5. Kull Parti għandha tistabbilixxi Grupp(i) Konsultattiv(i) Domestiku/Domestiċi dwar il-kooperazzjoni kulturali, magħmula minn rappreżentanti kulturali u awdjoviżivi attivi fl-oqsma koperti minn dan il-Protokoll, li għandhom jiġu kkonsultati dwar kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll.

6. Parti tista' titlob konsultazzjonijiet mal-Parti l-oħra fi ħdan il-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Kulturali rigward kwalunkwe kwistjoni ta' interess reċiproku li tinqala' taħt dan il-Protokoll. Il-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Kulturali għandu suċċessivament jiltaqa' malajr u jagħmel kull sforz sabiex jasal għal soluzzjoni tal-kwistjoni li tissodisfa liż-żewġ naħat. Biex jagħmel dan, il-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Kulturali jista' jitlob il-parir tal-Grupp(i) Konsultattiv(i) Domestiku/Domestiċi ta' xi waħda mill-Partijiet jew tat-tnejn u kull Parti tista' titlob il-parir tal-Grupp(i) Konsultattiv(i) Domestiku/Domestiċi.

*Artikolu 3bis:*

**Soluzzjoni tat-Tilwim**

Sakemm il-Partijiet ma jiftehmux mod ieħor, u fil-każ biss li l-kwistjoni msemmija fl-Artikolu 3.6 ta' dan il-Protokoll ma tkunx ġiet indirizzata b'mod sodisfaċenti permezz tal-proċess ta' konsultazzjoni stipulat fih, il-Kapitolu Erbatax (Soluzzjoni tat-Tilwim) għandu japplika għal dan il-Protokoll suġġett għall-modifiki li ġejjin:

(a) Kull referenza fil-Kapitolu Erbatax (Soluzzjoni tat-Tilwim) għall-Kumitat għall-Kummerċ għandha tinftiehem li tirreferi għall-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Kulturali;

(b) Għall-finijiet tal-Artikolu 14.5 (Stabbiliment tal-Bord tal-Arbitraġġ), il-Partijiet għandhom ifittxu li jaqblu fuq arbitri li jkollhom l-għarfien u l-esperjenza meħtieġa dwar il-materji ta' dan il-Protokoll. Jekk il-Partijiet ma jkunux jistgħu jaqblu fuq il-kompożizzjoni tal-bord tal-arbitraġġ, l-għażla bix-xorti, kif stipulat fl-Artikolu 14.5.3, għandha ssir mil-lista stabbilita skont is-subparagrafu (c) u mhux mil-lista stabbilita skont l-Artikolu 14.18 (Lista tal-Arbitri);

(c) Il-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Kulturali għandu, mingħajr dewmien wara l-istabbiliment tiegħu, jistabbilixxi lista ta' 15-il individwu li jkunu lesti u kapaċi jservu bħala arbitri. Kull Parti għandha tipproponi ħames individwi sabiex iservu bħala arbitri. Il-Partijiet għandhom jagħżlu wkoll ħames individwi li ma jkunux ċittadini ta' xi Parti u li għandhom iservu bħala president tal-bord tal-arbitraġġ. Il-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Kulturali għandu jassigura li l-lista tinżamm dejjem f'dan il-livell. L-arbitri għandhom ikollhom għarfien u esperjenza dwar is-suġġett ta' dan il-Protokoll. Fil-qadi ta' dmirijiethom bħala arbitri, huma għandhom ikunu indipendenti, iservu fil-kapaċità individwali tagħhom u ma jieħdu struzzjonijiet mingħand l-ebda organizzazzjoni jew gvern dwar kwistjonijiet relatati mat-tilwima, u għandhom jikkonformaw mal-Anness 14-C (Kodiċi ta' Mġiba għall-Membri tal-Bordijiet tal-Arbitraġġ u l-Medjaturi);

(d) Fl-għażla tal-obbligi li għandhom jiġu sospiżi skont l-Artikolu 14.11.2 (Rimedji Temporanji f'każ ta' Nuqqas ta' konformità) f'tilwima li tinqala' taħt dan il-Protokoll, il-Parti li tilmenta tista' tissospendi biss obbligi li joħorġu minn dan il-Protokoll; u

(e) Minkejja l-Artikolu 14.11.2, fl-għażla tal-obbligi li għandhom jiġu sospiżi f'tilwimiet differenti minn dawk li jinqalgħu taħt dan il-Protokoll, il-Parti li tilmenta ma tistax tissospendi obbligi li joħorġu minn dan il-Protokoll.

*Artikolu 4*

**Artisti u Professjonisti u Prattikanti Kulturali Oħra**

1. Il-Partijiet għandhom jaħdmu sabiex jiffaċilitaw, f'konformità mal-leġiżlazzjoni rispettiva tagħhom, id-dħul u l-waqfa temporanja fit-territorju tagħhom ta' artisti u ta' professjonisti u prattikanti kulturali oħra mill-Parti l-oħra, li ma jistgħux igawdu mill-impenji meħuda fuq il-bażi tal-Kapitolu Sebgħa (Kummerċ fis-Servizzi, l-Istabbiliment u l-Kummerċ Elettroniku) u li jkunu jew:

(a) artisti, atturi, persuni tekniċi u professjonisti u prattikanti kulturali oħra mill-Parti l-oħra involuti fil-ġbid ta' films ċinematografiċi jew ta' programmi televiżivi; jew

(b) artisti u professjonisti u prattikanti kulturali oħra bħalma huma artisti u għalliema viżwali, tal-plastika u performattivi, kompożituri, awturi, fornituri ta' servizzi ta' divertiment u professjonisti u prattikanti simili oħra mill-Parti l-oħra involuti f'attivitajiet kulturali bħalma huma, pereżempju, ir-reġistrazzjoni ta' mużika jew li jikkontribwixxu sehem attiv f'avvenimenti kulturali bħal fieri u festivals letterarji, fost attivitajiet oħra,

bil-kundizzjoni li ma jkunux involuti fil-bejgħ tas-servizzi tagħhom lill-pubbliku ġenerali jew fil-forniment tas-servizzi tagħhom huma stess, ma jirċievu f'isimhom l-ebda remunerazzjoni minn sors li jinsab fi ħdan il-Parti fejn ikunu qegħdin joqogħdu b'mod temporanju, u ma jkunux involuti fil-forniment ta' servizz fil-qafas ta' kuntratt konkluż bejn persuna legali li ma jkollha l-ebda preżenza kummerċjali fil-Parti fejn l-artist jew il-professjonist jew il-prattikant kulturali jkun qed joqgħod temporanjament u konsumatur f'dik il-Parti.

2. Id-dħul, u s-soġġorn temporanju fit-territorji tal-Partijiet skont il-paragrafu 1, meta permessi, għandhom ikunu għal perjodu li ma jaqbiżx id-90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 12-il xahar.

3. Il-Partijiet għandhom jaħdmu sabiex jiffaċilitaw, f'konformità mal-leġiżlazzjoni rispettiva tagħhom, it-taħriġ ta', u l-kuntatti miżjuda bejn artisti u professjonisti u prattikanti kulturali oħra bħal:

(a) produtturi teatrali, gruppi ta' kantanti, membri ta' baned u ta' orkestri;

(b) awturi, kompożituri, skulturi, artisti tal-ispettaklu u artisti individwali oħra;

(c) artisti u professjonisti u prattikanti kulturali oħra li jipparteċipaw fil-forniment dirett ta' ċirklu, park tad-divertiment u servizzi simili ta' attrazzjoni; u

(d) artisti u professjonisti u prattikanti kulturali oħra li jipparteċipaw fil-forniment diret ta' servizzi ta' żfin ballroom jew tad-diskoteki u għalliema taż-żfin.

TAQSIMA B

**DISPOŻIZZJONIJIET SETTORJALI**

*SUBTAQSIMA A*

***Dispożizzjonijiet relatati ma' xogħlijiet awdjoviżivi***

*Artikolu 5*

**Produzzjonijiet Awdjoviżivi Konġunti**

1. Għall-finijiet ta' dan il-Protokoll, produzzjoni konġunta tfisser xogħol awdjoviżiv magħmul minn produtturi kemm tal-Korea kif ukoll tal-Parti tal-UE li dawk il-produtturi jkunu investew fih skont it-termini ta' dan il-Protokoll ([1]).

2. Il-Partijiet għandhom iħeġġu n-negozjar ta' ftehimiet ġodda u l-implimentazzjoni ta' ftehimiet eżistenti dwar produzzjonijiet konġunti bejn Stat Membru wieħed jew diversi tal-Unjoni Ewropea u l-Korea. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid li l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-Korea jistgħu jagħtu benefiċċji finanzjarji lil xogħlijiet awdjoviżivi prodotti b'mod konġunt kif definit fi ftehimiet bilaterali relevanti eżistenti jew futuri jew produzzjonijiet konġunti li għalihom wieħed jew diversi Stati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-Korea jkunu partijiet.

3. Il-Partijiet, f'konformità mal-leġiżlazzjoni rispettiva tagħhom, għandhom jiffaċilitaw il-produzzjonijiet konġunti bejn produtturi mill-Parti tal-UE u l-Korea, fosthom permezz tad-dritt li l-produzzjonijiet konġunti jibbenefikaw mill-iskemi rispettivi għall-promozzjoni ta' kontenut kulturali lokali/reġjonali.

4. Xogħlijiet awdjoviżivi bi produzzjoni konġunta għandhom igawdu mill-iskema tal-Parti tal-UE għall-promozzjoni tal-kontenut kulturali lokali/reġjonali msemmi fil-paragrafu 3 fil-forma ta' kwalifika bħala xogħlijiet Ewropej skont l-Artikolu 1(n)(i) tad-Direttiva 89/552/KEE kif emendata permezz tad-Direttiva 2007/65/KE, jew permezz tal-emendi suċċessivi tagħha għall-iskopijiet tar-rekwiżiti għall-promozzjoni tax-xogħlijiet awdjoviżivi kif previsti mill-Artikoli 4.1 u 3i.1 tad-Direttiva 89/552/KEE kif emendata permezz tad-Direttiva 2007/65/KE, jew permezz tal-emendi suċċessivi tagħha. ([2])

5. Ix-xogħlijiet awdjoviżivi bi produzzjoni konġunta għandhom igawdu mill-iskemi Koreani għall-promozzjoni tal-kontenut kulturali lokali/reġjonali msemmi fil-paragrafu 3 fil-forma ta' kwalifika bħala xogħlijiet Koreani għall-finijiet tal-Artikolu 40 tal-Att dwar il-Promozzjoni tal-Films u Prodotti tal-Vidjo (Att Nru. 9676, Mejju 21, 2009), jew l-emendi suċċessivi tiegħu u tal-Artikolu 71 tal-Att dwar ix-Xandir (Att Nru. 9280, Diċ. 31, 2008), jew l-emendi suċċessivi tiegħu u l-Avviż dwar il-Proporzjon tal-Ipprogrammar (Avviż Nru. 2008-135, Diċ. 31, 2008 tal-Kummissjoni Koreana dwar il-Komunikazzjonijiet), jew l-emendi suċċessivi tiegħu.. ([3])

6. Id-dritt li l-produzzjonijiet konġunti jibbenefikaw mill-iskemi rispettivi għall-promozzjoni tal-kontenut kulturali lokali/reġjonali msemmi fil-paragrafi 4 u 5 għandu jingħata bil-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) Ix-xogħlijiet awdjoviżivi prodotti b'mod konġunt jitwettqu bejn impriżi li jkunu proprjetà jew li jibqgħu proprjetà, kemm jekk direttament kif ukoll jekk permezz ta' parteċipazzjoni maġġoritarja, ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew tal-Korea rispettivament u/jew ta' ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew ta' ċittadini tal-Korea rispettivament;

(b) Id-direttur(i) jew l-amministratur(i) rappreżentattiv(i) tal-impriżi li jipproduċu b'mod konġunt ikollu/ikollhom iċ-ċittadinanza ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u l-Korea rispettivament u jkun(u) jistgħu juru d-domiċilju tagħhom hemm;

(c) Il-parteċipazzjoni ta' produtturi minn żewġ Stati Membri tal-Unjoni Ewropea għandha tkun meħtieġa għal kull xogħol awdjoviżiv bi produzzjoni konġunta, ħlief ix-xogħlijiet ta' animazzjoni. Fir-rigward tax-xogħlijiet ta' animazzjoni se tkun meħtieġa l-parteċipazzjoni ta' produtturi minn tliet Stati Membri tal-Unjoni Ewropea. Il-proporzjon tal-kontribuzzjoni finanzjarja ta' produttur jew produtturi ta' kull Stat Membru tal-Unjoni Ewropea m'għandhiex tkun inqas minn 10 fil-mija;

([1]) Fil-każ tal-Korea, hemm proċedura ta' għarfien għal produzzjonijiet konġunti, immexxija mill-Kummissjoni Koreana tal-Komunikazzjonijiet għall-programmi tax-xandir, u l-Kunsill Korean tal-Films. Din il-proċedura ta' għarfien hija limitata għal kontroll tekniku mmirat sabiex jassigura li l-produzzjoni konġunta tissodisfa l-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 6. Jingħata għarfien lil kwalunkwe produzzjoni konġunta li tissodisfa dawn il-kriterji.

([2]) L-emendi fil-leġiżlazzjoni għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-paragrafu 10.

([3]) Ibidem.

(d) Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji minimi rispettivi għal xogħol awdjoviżiv bi produzzjoni konġunta ħlief ix-xogħlijiet ta' animazzjoni, tal-produtturi tal-Parti tal-UE (meħuda flimkien) ma jistgħux ikunu inqas minn 30 fil-mija tal-prezz totali tal-produzzjoni tax-xogħol awdjoviżiv. Fir-rigward tax-xogħlijiet ta' animazzjoni, din il-kontribuzzjoni ma tistax tkun inqas minn 35 fil-mija tal-prezz totali tal-produzzjoni;

(e) Il-kontribuzzjoni tal-produtturi ta' kull Parti (meħudin flimkien) tinkludi parteċipazzjoni teknika u artistika effettiva u huwa assigurat bilanċ bejn il-kontribuzzjonijiet taż-żewġ Partijiet. B'mod partikolari, f'xogħlijiet awdjoviżivi bi produzzjoni konġunta ħlief ix-xogħlijiet ta' animazzjoni, il-kontribuzzjoni teknika u artistika tal-produtturi ta' kull Parti (meħudin flimkien) m'għandhomx ivarjaw b'aktar minn 20 punt perċentwali meta mqabbel mal-kontribuzzjoni finanzjarja tagħhom u fl-ebda każ ma jistgħu jirrappreżentaw iżjed minn 70 fil-mija tal-kontribuzzjoni globali. Fir-rigward tax-xogħlijiet ta' animazzjoni, il-kontribuzzjoni teknika u artistika tal-produtturi ta' kull Parti (meħudin flimkien) m'għandhiex tvarja b'iżjed minn 10 punti perċentwali meta mqabbla mal-kontribuzzjoni finanzjarja tagħhom u fl-ebda każ ma tista' tirrappreżenta aktar minn 65 fil-mija tal-kontribuzzjoni globali;

(f) Il-parteċipazzjoni ta' produtturi minn pajjiżi terzi li jkunu rratifikaw il-Konvenzjoni tal-Unesco f'xogħol awdjoviżiv prodott b'mod konġunt hija aċċettata sa massimu ta' 20 fil-mija, fejn possibbli, tal-ispejjeż totali tal-produzzjoni u/jew il-kontribuzzjoni teknika u artistika għax-xogħol awdjoviżiv.

7. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid li d-dritt għall-produzzjonijiet konġunti li jibbenefikaw mill-iskemi rispettivi tagħhom għall-promozzjoni tal-kontenut kulturali lokali/reġjonali msemmi fil-paragrafi 4 u 5 jassigura benefiċċji reċiproċi, u li l-produzzjonijiet konġunti li jissodisfaw il-kriterji tal-paragrafu 6 jingħataw l-istatus ta' xogħlijiet Ewropej/Koreani msemmija fil-paragrafi 4 u 5 rispettivament mingħajr l-ebda kundizzjoni addizzjonali ma' dawk tal-paragrafu 6.

8. (a) Id-dritt għall-produzzjonijiet konġunti li jibbenefikaw mill-iskemi rispettivi għall-promozzjoni tal-kontenut kulturali lokali/reġjonali msemmi fil-paragrafi 4 u 5 huwa stabbilit għal perjodu ta' tliet snin wara l-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll. Fuq parir mill-Gruppi Konsultattivi Domestiċi, sitt xhur qabel l-iskadenza, il-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Kulturali għandu jikkoordina sabiex jevalwa r-riżultati tal-implimentazzjoni tad-dritt f'termini tat-tkabbir tad-diversità kulturali u l-kooperazzjoni ta' benefiċċju reċiproku fuq xogħlijiet bi produzzjoni konġunta.

(b) Id-dritt għandu jiġġedded għal perjodu ta' tliet snin u wara jiġġedded awtomatikament għal perjodi oħra suċċessivi tal-istess tul, sakemm Parti ma ttemmx id-dritt billi tagħti avviż bil-miktub mill-anqas tliet xhur qabel l-iskadenza tal-perjodu inizjali jew ta' kwalunkwe perjodu suċċessiv. Sitt xhur qabel l-iskadenza ta' kull perjodu mġedded, il-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Kulturali għandu jwettaq evalwazzjoni fuq termini simili kif deskritt fis-subparagrafu (a).

(c) Sakemm il-Partijiet ma jiddeċidux mod ieħor, it-tmiem ta' tali dritt m'għandux jimpedixxi lill-produzzjoni konġunti milli jibbenefikaw mill-iskemi rispettivi għall-promozzjoni tal-kontenut kulturali lokali/reġjonali msemmi fil-paragrafi 4 u 5 bil-kundizzjonijiet tal-paragrafu 6, jekk id-data tal-ewwel xandira jew projezzjoni ta' dawn il-produzzjonijiet konġunti fit-territorji rispettivi tkun qabel l-iskadenza ta' kwalunkwe perjodu relevanti.

9. Matul il-perjodu tad-dritt li l-produzzjonijiet konġunti jibbenefikaw mill-iskemi għall-promozzjoni tal-kontenut kulturali lokali/reġjonali msemmi fil-paragrafi 4 u 5, il-Partijiet, b'mod partikolari permezz tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi għandhom jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-paragrafu 6 u jirrappurtaw kwalunkwe problemi li tista' tinqala' f'dan ir-rigward lill-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Kulturali. Fuq talba ta' xi Parti, il-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Kulturali jista' jeżamina d-dritt ta' produzzjonijiet konġunti li jibbenefikaw mill-iskemi għall-promozzjoni tal-kontenut lokali/reġjonali msemmi fil-paragrafi 4 u 5 u/jew il-kriterji msemmija fil-paragrafu 6.

10. B'avviż bil-quddiem ta' xahrejn, Parti tista' tissospendi d-dritt ta' benefiċċju mill-iskema(i) tagħha għall-promozzjoni tal-kontenut kulturali lokali/reġjonali msemmi fil-paragrafi 4 jew 5, jekk id-drittijiet riżervati għal xogħlijiet bi produzzjoni konġunta skont dawn il-paragrafi jiġu affettwati ħażin b'riżultat tal-modifika tal-Parti l-oħra fil-leġiżlazzjoni relevanti msemmija f'dawn il-paragrafi. Qabel ma tipproċedi għal tali sospensjoni, il-Parti li tinnotifika għandha tiddiskuti u teżamina mal-Parti l-oħra fil-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Kulturali n-natura u l-impatt tal-bidliet leġiżlattivi.

*Artikolu 6*

**Kooperazzjoni Awdjoviżiva Oħra**

1. Il-Partijiet għandhom jaħdmu sabiex jippromwovu x-xogħlijiet awdjoviżivi tal-Parti l-oħra permezz tal-organizzazzjoni ta' festivals, seminars u inizjattivi simili.

2. Il-Partijiet għandhom jiffaċilitaw, minbarra d-djalogu msemmi fl-Artikolu 2.2 ta' dan il-Protokoll, il-kooperazzjoni fil-qasam tax-xandir bil-għan li jippromwovu skambju kulturali permezz ta' attivitajiet bħal:

(a) promozzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni u opinjonijiet dwar il-politika tax-xandir u qafas regolatorju bejn l-awtoritajiet kompetenti;

(b) inkoraġġiment tal-kooperazzjoni u skambju bejn l-industriji tax-xandir;

(c) inkoraġġiment tal-iskambju ta' xogħlijiet awdjoviżivi; u

(d) inkoraġġiment ta' żjarat u parteċipazzjoni f'avvenimenti internazzjonali tax-xandir li jsiru fit-territorju tal-Parti l-oħra.

3. Il-Partijiet għandhom jaħdmu sabiex jiffaċilitaw l-użu ta' standards internazzjonali u reġjonali sabiex jassiguraw l-kompatibilità u l-interoperabilità tat-teknoloġiji awdjoviżivi, u b'hekk jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-iskambji kulturali. Huma għandhom jikkooperaw lejn dan il-għan.

4. Il-Partijiet għandhom jaħdmu sabiex jiffaċilitaw il-kiri u l-kiri fit-tul tal-materjal u t-tagħmir tekniku, bħalma huwa t-tagħmir tar-radju u t-televiżjoni, l-istrumenti mużikali u t-tagħmir għar-reġistrazzjoni fl-istudjos, li jkunu meħtieġa sabiex jinħolqu u jiġu rreġistrati xogħlijiet awdjoviżivi.

5. Il-Partijiet għandhom jaħdmu sabiex jiffaċilitaw id-diġitalizzazzjoni tal-arkivji awdjoviżivi.

*Artikolu 7*

**Importazzjoni Temporanja ta' Materjal u Tagħmir għall-Iskop li Jinġibdu Xogħlijiet Awdjoviżivi**

1. Kull Parti għandha tħeġġeġ kif jixraq il-promozzjoni tat-territorju tagħha bħala lokalità għall-iskop ta' ġbid ta' films ċinematografiċi u programmi televiżivi.

2. Minkejja d-dispożizzjonijiet dwar il-kummerċ fi prodotti f'dan il-Ftehim, il-Partijiet għandhom, f'konformità mal-leġiżlazzjoni rispettiva tagħhom, iqisu u jippermettu l-importazzjoni temporanja tal-materjal u t-tagħmir tekniku meħtieġ sabiex jitwettaq il-ġbid ta' films ċinematografiċi u programmi televiżivi minn professjonisti u prattikanti kulturali mit-territorju ta' Parti fit-territorju tal-Parti l-oħra.

SUBTAQSIMA B

***Promozzjoni ta' setturi kulturali li mhumiex l-awdjoviżiv***

*Artikolu 8*

**Arti Performattivi**

1. Il-Partijiet, f'konformità mal-leġiżlazzjoni rispettiva tagħhom, għandhom jiffaċilitaw permezz ta' programmi xierqa, kuntatti akbar bejn dawk li jipprattikaw l-arti performattivi f'oqsma bħalma huma skambji u taħriġ professjonali, inkluż, inter alia, il-parteċipazzjoni fi provi, l-iżvilupp ta' netwerks u l-promozzjoni tan-netwerking.

2. Il-Partijiet għandhom jinkoraġġixxu produzzjonijiet konġunti fl-oqsma tal-arti performattivi bejn produtturi ta' Stat Membri wieħed jew diversi tal-Unjoni Ewropea u l-Korea.

3. Il-Partijiet għandhom iħeġġu l-iżvilupp ta' standards internazzjonali tat-teknoloġija teatrali u l-użu ta' sinjali tal-palk teatrali, fosthom permezz ta' korpi xierqa tal-istandardizzazzjoni. Huma għandhom jiffaċilitaw il-kooperazzjoni lejn dan il-għan.

*Artikolu 9*

**Pubblikazzjonijiet**

Il-Partijiet, f'konformità mal-leġiżlazzjoni rispettiva tagħhom, għandhom jiffaċilitaw l-iskambju u t-tixrid ta' pubblikazzjonijiet tal-Parti l-oħra permezz ta' programmi xierqa f'oqsma bħalma huma:

(a) l-organizzazzjoni ta' fieri, seminars, avvenimenti letterarji u avvenimenti oħra simili relatati mal-pubblikazzjonijiet, fosthom strutturi mobbli għall-qari pubbliku;

(b) l-iffaċilitar tal-kopubblikazzjonijiet u t-traduzzjonijiet; u

(c) l-iffaċilitar ta' skambji u taħriġ professjonali għal-librara, il-kittieba, it-tradutturi, il-bejjiegħa tal-kotba u l-pubblikaturi.

*Artikolu 10*

**Protezzjoni ta' Siti ta' Wirt Kulturali u ta' Monumenti Storiċi**

Il-Partijiet, f'konformità mal-leġiżlazzjoni rispettiva tagħhom u mingħajr preġudizzju għar-riżervi inklużi fl-impenji tagħhom fid-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan il-Ftehim, għandhom jinkoraġġixxu, fil-qafas ta' programmi xierqa, l-iskambji ta' għarfien espert u l-aħjar prattiċi fir-rigward tal-protezzjoni tas-siti ta' wirt kulturali u l-monumenti storiċi billi jikkunsidraw il-missjoni tal-Unesco dwar il-wirt dinji, fosthom billi jiffaċilitaw l-iskambju ta' esperti, kollaborazzjoni fuq taħriġ professjonali, għarfien tal-pubbliku lokali u għoti ta' pariri dwar il-ħarsien tal-monumenti storiċi u l-ispazji protetti u dwar il-leġiżlazzjoni u l-implimentazzjoni ta' miżuri relatati mal-wirt, b'mod partikolari l-integrazzjoni tiegħu fil-ħajja lokali.

**FEHIM DWAR IL-FORNIMENT TRANSKONFINALI TA' SERVIZZI TAL-ASSIGURAZZJONI KIF KOMMESS FIL-LISTI TA' IMPENJI FL-ANNESS 7-A (LISTA TA' IMPENJI)**

Fir-rigward tal-forniment transkonfinali ta' servizzi tal-assigurazzjoni kif kommess fil-listi ta' impenji fl-Anness 7-A (Listi ta' Impenji), jiġifieri l-assigurazzjoni ta' riskji relatati ma':

(a) traffiku marittimu u avjazzjoni kummerċjali, tlugħ fl-ispazju u trasport ta' merkanzija (inklużi s-satelliti), b'livell ta' assigurazzjoni li jkopri kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin jew kollha kemm huma: il-merkanzija trasportata, il-vettura użata għat-trasport tal-merkanzija u kwalunkwe responsabbiltà li tinqala': u

(b) merkanzija fi tranżitu internazzjonali,

il-Partijiet jikkonfermaw li fejn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jkun jeħtieġ li tali forniment isir minn fornituri stabbiliti fil-Unjoni Ewropea, fornitur ta' servizzi finanzjarji Korean jista' jipprovdi tali servizzi permezz tal-istabbiliment tiegħu lil kwalunkwe Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea mingħajr ma jkun stabbilit fl-Istat Membru tal-Unjoni Ewropea fejn jiġi pprovdut is-servizz. Għal aktar kjarifika, forniment bħal dan jinkludi l-produzzjoni, id-distribuzzjoni, it-tqegħid fis-suq, il-bejgħ u l-konsenja tas-servizzi finanzjarji.

Għandhom jissoktaw il-konsultazzjonijiet bejn il-Kummissjoni Ewropea u dawk l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li jżommu tali rekwiżit ta' stabbiliment fl-Unjoni Ewropea sabiex jittieħdu aktar passi għall-iffaċilitar tal-forniment ta' dawn is-servizzi fit-territorji tagħhom. Il-Parti tal-UE tilqa' l-proposta tal-Korea sabiex isiru konsultazzjonijiet fil-ġejjieni bil-għan li jintlaħaq ftehim dwarhom.

Dan il-Fehim għandu jikkostitwixxi parti integrali minn dan il-Ftehim.

**FEHIM DWAR IL-PJAN TAR-RIFORMA POSTALI KOREANA** ([1])

Matul in-negozjati ta’ dan il-Ftehim, id-delegazzjoni tal-Korea spjegat lid-delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea l-ħsieb tal-gvern Korean dwar il-pjan tar-riforma postali tagħha.

F’dan il-kuntest, il-Korea ġibdet l-attenzjoni tad-delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea għall-aspetti li ġejin tal-pjan tar-riforma postali tagħha:

Il-Korea beħsiebha tespandi gradwalment l-eċċezzjonijiet għall-monopolju tal-Awtorità Postali Koreana sabiex iżżid il-firxa tas-servizzi ta’ konsenja privati li jkunu permessi. Dan se jsir permezz ta’ emendi fl-*Att dwar is-Servizz Postali*, il-liġijiet relatati, jew ir-regolamenti sussidjarji tagħhom.

(a) Wara li jiġu approvati dawn l-emendi, l-ambitu tal-posta tal-ittri tal-Awtorità Postali Koreana se jkun iżjed ċar permezz tad-definizzjoni mill-ġdid tal-kunċett tagħha, u l-eċċezzjonijiet għall-monopolju tal-posta tal-ittri se jkunu estiżi fuq il-bażi ta’ standards oġġettivi bħalma huma l-piż, il-prezz jew kombinazzjoni tagħhom.

(b) Fl-istabbiliment tan-natura u l-firxa ta’ dawn l-emendi, il-Korea għandha tikkunsidra diversi fatturi, fosthom il-kundizzjonijiet tas-suq domestiku, l-esperjenza ta’ pajjiżi oħra bil-liberalizzazzjoni tal-posta, u l-ħtieġa li jkun assigurat servizz universali. Il-Korea beħsiebha timplimenta dawn l-emendi fit-tliet snin li ġejjin mid-data tal-iffirmar ta’ dan il-Ftehim.

Fl-applikazzjoni ta’ dawn il-kriterji riformati, il-Korea għandha tipprovdi opportunitajiet mhux diskriminatorji lill-fornituri kollha ta’ servizzi postali u tas-servizzi ta’ konsenja mgħaġġla fil-Korea.

Il-Korea għandha temenda wkoll l-Artikolu 3 tad-*Digriet ta’ Infurzar tal-Att dwar is-Servizzi Postali*, u b’hekk tespandi l-eċċezzjonijiet għall-monopolju tal-Awtorità Postali Koreana sabiex jinkludu s-servizzi ta’ konsenja malajr ta’ dokumenti internazzjonali sad-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim. Għal ċertezza akbar, is-servizzi ta’ kunsinna mgħaġġla internazzjonali u domestika tad-dokumenti kollha mhumiex soġġetti għall-monopolji tas-servizzi postali fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

---

([1]) Dan il-Fehim mhuwiex vinkolanti u mhuwiex suġġett għall-Kapitolu Erbatax (Soluzzjoni tat-Tilwim).

**FEHIM FIR-RIGWARD TA' IMPENJI SPEĊIFIĊI DWAR IS-SERVIZZI TAT-TELEKOMUNIKAZZJONI**

Il-fehim segwenti milħuq bejn id-delegazzjonijiet tal-Korea u l-Unjoni Ewropea matul in-negozjati rigward impenji speċifiċi dwar is-servizzi tat-telekomunikazzjoni f'dan il-Ftehim:

Jekk xi Parti tibbaża l-għoti ta' liċenzja għall-forniment ta' servizzi ta' telekomunikazzjoni pubblika lil persuna tal-Parti li persuna tal-Parti l-oħra jkollha interess azzjonarju fiha, fuq sejba li l-forniment ta' dawk is-servizzi jkun se jaqdi l-interess pubbliku, il-Parti għandha tassigura li hija: (i) tibbaża kwalunkwe sejba bħal din u l-proċedura sabiex issir tali sejba fuq kriterji oġġettivi u trasparenti; (ii) tuża suppożizzjoni favur sejba li l-għoti ta' liċenzja lil persuna tal-parti li fiha persuna tal-Parti l-oħra jkollha interess azzjonarju jkun ser jaqdi l-interess pubbliku; u (iii) tiżviluppa kwalunkwe proċedura bħal din b'mod konsistenti mal-Artikolu 7.22 (Trasparenza u Informazzjoni Kunfidenzjali), l-Artikolu 7.23 (Regolazzjoni Domestika) u l-Artikolu 7.36 (Soluzzjoni tat-Tilwim dwar it-Telekomunikazzjoni).

Dan il-Fehim għandu jikkostitwixxi parti integrali minn dan il-Ftehim.

**FEHIM DWAR IR-REGOLAMENTI RELATATI MAT-TQASSIM F'ŻONI, L-IPPJANAR URBAN U L-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT**

Matul in-negozjati dwar il-Kapitolu Sebgħa (Kummerċ fis-Servizzi, l-Istabbiliment u l-Kummerċ Elettroniku) ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet iddiskutew regolamenti relatati mat-tqassim f'żoni, l-ippjanar urban u l-protezzjoni tal-ambjent li huma applikabbli fil-Korea u fl-Unjoni Ewropea fiż-żmien tal-iffirmar ta' dan il-Ftehim.

Il-Partijiet jikkondividu l-fehim li, sakemm ir-regolamenti, inklużi r-regolamenti relatati mat-tqassim f'żoni, l-ippjanar urban u l-protezzjoni tal-ambjent, jikkostitwixxu miżuri mhux diskriminatorji u mhux kwantitattivi li jaffettwaw l-istabbiliment, huma mhumiex suġġetti għal skedar.

Fuq il-bażi tal-fehim komuni ta' hawn fuq, il-Partijiet jikkonfermaw li l-miżuri speċifiċi miżmuma mill-Korea fl-Atti li ġejjin mhumiex suġġetti għal skedar:

— Att dwar l-Ippjanar tal-Aġġustament mill-Ġdid taż-Żona Metropolitana ta' Seoul

— Att dwar l-Iżvilupp ta' Clusters Industrijali u l-Istabbiliment ta' Fabbriki

— Att Speċjali dwar it-Titjib tal-Ambjent tal-Arja fiż-Żona Metropolitana ta' Seoul

Il-Partijiet jikkonfermaw id-dritt tagħhom li jintroduċu regolamenti ġodda relatati mat-tqassim f'żoni, l-ippjanar urban u l-protezzjoni tal-ambjent.

Dan il-Fehim għandu jikkostitwixxi parti integrali minn dan il-Ftehim.

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2011 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 100 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 770 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 400 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 300 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | Eur 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT